



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 63

28 ta' Ottubru 2020

Werrej

I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-553 sessjoni plenarja (ibrida) tal-15 u s-16 ta' Lulju 2020

2020/C 364/01

Riżoluzzjoni dwar "Il-kontribut tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2021 ibbażat fuq il-ħidma tal-Grupp *ad hoc* 'Il-kontribut tal-KESE għall-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2021'"

1

OPINJONIJIET

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-553 sessjoni plenarja (ibrida) tal-15 u s-16 ta' Lulju 2020

2020/C 364/02

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-promozzjoni ta' Unjoni Bankarja aktar inklużiva u sostenibbli billi jittejjeb il-kontribut tal-banek tal-Komunità għall-iżvilupp lokali u għall-bini ta' sistema finanzjarja internazzjonali u Ewropea soċjalment responsabbli" — (opinjoni fuq inizjattiva proprja)

14

2020/C 364/03

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Mekkaniżmi ta' tassazzjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ — (Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

21

2020/C 364/04

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-titjib tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli madwar l-UE" — (opinjoni fuq inizjattiva proprja)

29

2020/C 364/05

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-trawwim tal-kompetittività, l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi billi jsir progress fil-kooperazzjoni regolatorja globali, billi tiġi appoġġjata skema mġedda ta' kummerċ multilaterali u billi jitnaqqsu s-sussidji li jgħolqu distorsjoni tas-suq" — (opinjoni fuq inizjattiva proprja)

37

2020/C 364/06	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Id-dimensjoni industrijali tal-Unjoni tas-Sigurtà” — (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	43
2020/C 364/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-introduzzjoni ta’ miżuri ta’ salvagwardja għall-prodotti agricoli fil-ftehimiet kummerċjali” — (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	49
2020/C 364/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Emerġenza wara l-COVID-19: it-tfassil ta’ Matriċi Multilaterali Ġdida” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	53
2020/C 364/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-tassazzjoni tal-ekonomija kollaborattiva — obbligi ta’ rappurtar” (opinjoni addizzjonali)	62
2020/C 364/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Patt Klimatiku Ewropew” (opinjoni esploratorja)	67

III Atti preparatorji

II-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

II-553 sessjoni plenarja (ibrida) tal-15 u s-16 ta’ Lulju 2020

2020/C 364/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Strateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri” (COM (2020) 152 final)	77
2020/C 364/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali — Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u għall-fiduċja” (COM(2020) 65 final)	87
2020/C 364/13	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni ‘Pjan ta’ Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva” (COM(2020) 98 final)	94
2020/C 364/14	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa” (COM(2020) 67 final)	101
2020/C 364/15	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa” (COM(2020) 102 final)	108
2020/C 364/16	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar (a) “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan ta’ azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku” (COM(2020) 94 final) u (b) “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — L-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli għas-Suq Uniku” (COM(2020) 93 final)	116

2020/C 364/17	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Thejjiġa għall-Ġenerazzjoni li Jmiss” (COM(2020) 456 final), “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Il-baġit tal-UE jmessi l-pjan ta’ rkupru għall-Ewropa” (COM(2020) 442 final); “Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument ta’ Rkupru tal-Unjoni Ewropea insostenn tal-irkupru wara l-pandemija tal-COVID-19” (COM(2020) 441 final/2 — 2020/0111 (NLE)); “Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027” (COM(2020) 443 final — 2018/0166 (APP)); “Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta’ Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea” (COM(2020) 445 final — 2018/0135 (CNS)); “Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE, EURATOM) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014–2020” (COM(2020) 446 final — 2020/0109 (APP)); “Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu, Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali, Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jtfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill” (COM(2020) 459 final — 2018/0224 COD)	124
2020/C 364/18	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u għar-Reżiljenza” (COM(2020) 408 final — 2020/0104 (COD)); “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument ta’ Appoġġ Tekniku” (COM(2020) 409 final — 2020/0103 (COD))	132
2020/C 364/19	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm InvestEU” (COM(2020) 403 final — 2020/0108 (COD)); “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 fir-rigward tal-ħolqien ta’ Strument ta’ Appoġġ għas-Solvenza” (COM(2020) 404 final — 2020/0106 (COD))	139
2020/C 364/20	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 (‘il-Liġi Ewropea dwar il-Klima’)” (COM(2020) 80 final — 2020/0036 (COD))	143
2020/C 364/21	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea tal-Ferroviji (2021)” (COM(2020) 78 final)	149
2020/C 364/22	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal suq ferrovjarju sostenibbli fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19” (COM(2020) 260 final — 2020/0127 (COD))	158
2020/C 364/23	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-Implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta’ Kummerċ Ħieles 1 ta’ Jannar 2018-31 ta’ Diċembru 2018” (COM(2019) 455 final)	160

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-553 SESSJONI PLENARJA (IBRIDA) TAL-15 U S-16 TA' LULJU 2020

Riżoluzzjoni dwar “Il-kontribut tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2021 ibbażat fuq il-ħidma tal-Grupp *ad hoc* ‘Il-kontribut tal-KESE għall-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2021’”

(2020/C 364/01)

Relaturi: **Petr ZAHRADNIK**

Stefano PALMIERI

Jan DIRX

Matul is-sessjoni plenarja tiegħu tal-15 u s-16 ta' Lulju 2020 (laqgħa tas-16 ta' Lulju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta r-Riżoluzzjoni li ġejja b'140 vot favur, 15-il vot kontra u 17-il astensjoni.

1. Introduzzjoni

1.1. Kif indika fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar “Proposti tal-KESE għar-rikostruzzjoni u l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19”⁽¹⁾, il-KESE jilqa' bi pjaċir u jappoġġja l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea: il-pjan Next Generation EU u l-baġit ġenerali tal-UE għall-2021-2027. Il-Kumitat jittama u jistenna li, minħabba l-ħtieġa għall-irkupru u r-rikostruzzjoni wara l-kriżi tal-coronavirus, il-linji stabbiliti mill-Kummissjoni f'dawn il-pjani jiġu estiżi bis-sħiħ u b'mod konkret fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2021.

1.2. Għall-KESE, il-programm ta' ħidma għandu jiffoka fuq ir-ristrutturar u t-titjib tal-ekonomija u s-soċjetà tagħna, abbażi tal-prinċipji li ġejjin: il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u dawk soċjali, il-valuri demokratiċi u l-istat tad-dritt, l-isfruttar tal-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku, it-tilħiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), il-ħolqien ta' ekonomija ċirkolari u l-kisba tan-newtralità klimatika fl-UE sa mhux aktar tard mill-2050, u l-iżgurar ta' governanza tajba u responsabbiltà demokratika.

1.3. Il-KESE jenfasizza li s-sitt ambizzjonijiet ewlenin magħżulin mill-Kummissjoni (Patt Ekoloġiku Ewropew, Ewropa lesta għall-era diġitali, Ekonomija għas-servizz tan-nies, Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja, Promozzjoni tal-istil ta' ħajja Ewropew tagħna, u Spinta ġdida għad-demokrazija Ewropea) jipprovdur qafas b'saħħtu biex jiġi żviluppat il-programm ta' ħidma għall-2021. Forsi jenħtieġ li ssir enfasi aktar espliċita fuq l-investimenti u l-ħtieġa li dawn jiġu aċċellerati, anke

⁽¹⁾ Riżoluzzjoni dwar il-perjodu wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU C 311, 18.9.2020, p. 1).

bis-saħħa tal-miżuri li qed jiġu adottati bħalissa. Xi dettalji għall-programm ta' ħidma futur jistgħu jinstabu fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Rkupru Ewropew ⁽²⁾ u proposti ġodda se jkunu riflessi fid-diskors mill-President tal-Kummissjoni von der Leyen dwar l-Istat tal-Unjoni f'Settembru u fl-Ittra ta' Intenzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-KESE japprezza wkoll il-programm aġġustat ta' ħidma għall-2020, li jirreaġixxi għall-kriżi tal-COVID-19 u jista' jindika l-iżvilupp fil-futur qrib.

1.4. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea aġġustat il-programm ta' ħidma tagħha għall-2020 bħala parti mill-irkupru tal-Ewropa sabiex tirrispondi għall-pandemija tal-coronavirus. Hija ffokat mill-ġdid il-ħidma tagħha u tat prijorità lill-azzjonijiet meħtieġa biex jixprunaw l-irkupru u r-reżiljenza tal-Ewropa, filwaqt li għadha qed timpenja ruħha li twettaq l-inizjattivi ewlenin tagħha, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija Diġitali, peress li dawn huma kruċjali għat-tnedija mill-ġdid tal-ekonomija Ewropea u għall-bini ta' Ewropa aktar reżiljenti, sostenibbli, ġusta u prospera. Huwa ħa nota li disa' inizjattivi ġew postposti għall-2021.

1.5. Speċjalment issa li qed nesperenzaw l-importanza tal-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi f'dawn iż-żminijiet ta' kriżi, il-KESE jittama li l-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa ser twassal għat-tisħiħ u l-approfondiment tal-istruttura istituzzjonali tal-UE u għat-tiġdid veru tal-proġett tal-UE, li jkun kapaċi jindirizza l-isfidi tad-deċennji li ġejjin. Il-Kummissjoni għalhekk tista' sserraħ fuq l-appoġġ sħiħ tal-Kumitat.

1.6. Il-KESE huwa konvint li l-proċess tal-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà se jkun possibbli biss bil-parteċipazzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-imsieħba soċjali.

1.7. Fil-kapitoli u l-paragrafi li ġejjin, il-Kumitat jifformula l-proposti konkreti tiegħu għall-programm ta' ħidma tal-2021 skont is-sitt ambizzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni.

2. Patt Ekoloġiku Ewropew

2.1. Il-Patt Ekoloġiku

2.1.1. Il-Patt Ekoloġiku tal-UE jista' jitqies ukoll bħala għodda effettiva għat-tnedija mill-ġdid tal-ekonomija b'mod sostenibbli permezz ta' investimenti kbar li jappoġġjaw il-bidliet strutturali meħtieġa li qed tiffaċċja l-Ewropa. Minn din il-perspettiva, il-Patt jista' jitqies bħala opportunità biex jingħata appoġġ għal irkupru ekonomiku aktar fit-tul. Dan jirrikjedi kunsens ġdid fl-Ewropa biex jiġu kkonċentri biżżejjed sorsi finanzjarji pubbliċi u privati għal dan il-għan u biex tiġi adottata governanza ġdida li timplimenta b'suċċess l-irkupru ekonomiku fil-prattika.

2.1.2. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ it-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari. Il-KESE minn dejjem kien jappoġġja politiki ambizzjużi fil-qasam permezz tal-impenn tiegħu lejn il-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari. It-talbiet li ilu jressaq quddiem il-Kummissjoni fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi jinkludu talba għal rieżami tal-leġislazzjoni tal-ekodisinn u l-leġislazzjoni rilevanti dwar il-politika tal-prodotti, għall-inklużjoni gradwali ta' rekwiżiti obligatorji ta' effiċjenza fir-riżorsi għad-disinn tal-prodotti, u għal proċeduri ġodda ta' akkwist pubbliku biex jiġu mħeġġa prodotti ċirkolari u mudelli ġodda ta' negozju, filwaqt li jiġu rispettati ċ-ċirkostanzi ekonomiċi fil-perjodu wara l-COVID-19 u fattibbiltà reali biex issir bidla.

2.1.3. Il-KESE jieħu nota li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-rappurtar mhux finanzjarju, bil-ħsieb li jitjiebu l-kwalità u l-ambitu tad-divulgazzjonijiet ta' informazzjoni mhux finanzjarja, inkluż dwar aspetti ambjentali bħall-bijodiversità, ġiet posposta għall-2021. Il-KESE jemmen li l-politiki tat-tassazzjoni b'mod ġenerali għandhom jiġu riformati biex ikunu konformi mal-ambizzjonijiet klimatiċi, u li s-sistemi tat-taxxa u l-ipprezzar għandhom jirriflettu l-ispejjeż ambjentali, inkluż it-telfien tal-bijodiversità. Dan għandu jinkoraġġixxi bidliet fis-sistemi fiskali nazzjonali biex il-piż tat-taxxa jiċċaqtaq minn fuq ix-xogħol għal fuq it-tniġġis, ir-riżorsi bi prezz baxx, u esternalitajiet ambjentali oħra. Il-prinċipji ta' "min juża jħallas" u "min iniegges iħallas" għandhom jiġu applikati għall-prevenzjoni u r-restawr mid-degradazzjoni ambjentali.

2.1.4. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-bijodiversità se tiġi integrata fl-oqsma kollha ta' politika kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030 ⁽³⁾. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-Kummissjoni se tistabbilixxi qafas ġdid ta' governanza tal-bijodiversità Ewropea. Dan se jgħin biex jiġu mmappjati l-obbligi u l-impenni u biex jiġi stabbilit pjan direzzjonali biex jiggwida l-implimentazzjoni. Se jkun ta' benefiċċju wkoll kemm għall-PAK kif ukoll għas-sistema alimentari Ewropea, u b'hekk jista' jkompli jagħmilhom aktar sostenibbli. Bħala parti minn din

⁽²⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1590732521013&uri=COM:2020:456:FIN>

⁽³⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1590574123338&uri=CELEX%3A52020DC0380>

l-implimentazzjoni, il-Kummissjoni se tistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u rieżami b'sett ċar ta' indikaturi maqbula, li se jippermetti valutazzjoni regolari tal-progress u jekk ikun meħtieġ jistabbilixxi azzjoni korrettiva. Dan il-mekkaniżmu għandu jikkontribwixxi għar-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali u jikkontribwixxi għas-Semestru Ewropew.

2.1.5. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, li tistabbilixxi mira komuni u legalment vinkolanti għall-UE kollha ta' emissjonijiet netti zero ta' gass b'effett ta' serra sal-2050 u tistabbilixxi qafas għall-kisba ta' dak l-oġġettiv. Il-KESE għalhekk iqis il-proposta għal Liġi Ewropea dwar il-Klima bħala waħda mill-istrumenti li jikkontribwixxu għall-bini mill-ġdid mixtieq u meħtieġ tal-ekonomija Ewropea ⁽⁴⁾. Sa Settembru 2020, il-Kummissjoni tippjana li tippreżenta r-ieżami tal-mira tal-Unjoni għall-2030 fir-rigward tal-klima, fid-dawl tal-oġġettiv tan-newtralità klimatika, u teżamina alternattivi għal mira ġdida għall-2030 ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' 50-55 % meta mqabbla mal-1990, kif ukoll biex tippreżenta proposti leġislattivi korrispondenti sa nofs l-2021. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħżel tnaqqis minimu ta' 55 % sal-2030, flimkien mal-proposti leġislattivi korrispondenti, sabiex twieġeb min-naħa tagħha għall-hteġa enormi ta' tnaqqis fl-emissjonijiet fil-livell globali ⁽⁵⁾.

2.1.6. Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini kollha, permezz tal-organizzazzjonijiet, l-assoċjazzjonijiet u n-networks tas-soċjetà ċivili, se tippermetti li l-proċess ta' riforma tal-ekonomija u tas-soċjetà jitwettaq tassew. L-Istati Membri u l-UE għandhom għalhekk jiżguraw li f'dan il-proċess kumpless ħadd ma jitħalla jibqa' lura, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli.

2.1.7. L-azzjoni klimatika u l-impenji tas-sostenibbiltà għandhom ikunu fuq quddiem fil-politika tal-irkupru u tar-rikostruzzjoni, li ma tistax tibqa' żżomm lill-UE bi kwantitajiet kbar ta' karbonju fil-futur.

2.1.8. Jeħtieġ li l-QFP jżid u jalloka biżżejjed finanzjament għall-ħtiġijiet ta' investiment, sabiex titwettaq tranżizzjoni ekoloġika ġenwina u profonda. Huwa importanti wkoll li tkompli tingħata prijorità lil kwistjonijiet ambjentali oħrajn bħall-protezzjoni tal-ħamrija, tal-art u tal-baħar li ma jistgħux jingħataw il-ġenb minħabba l-kriżi tal-COVID-19.

2.1.9. Jinħtieġ aktar titjib fis-sigurtà tal-enerġija fil-livelli kollha u fir-reżiljenza tas-soċjetà, pereżempju permezz ta' programmi ta' rinnovazzjoni tal-bini. Il-kooperazzjoni transfruntiera fl-enerġija u l-interkonnessjonijiet madwar l-UE għandhom importanti, l-istess bħall-hteġa li tiġi promossa diversifikazzjoni akbar tas-sorsi ta' provvista, pereżempju billi jkun hemm għażla usa' ta' enerġiji rinnovabbli u soluzzjonijiet ta' ħżin tal-enerġija disponibbli.

2.1.10. Tieqa ta' opportunità biex jitħaffef il-pass tal-progress lejn l-għan tal-UE dwar in-newtralità klimatika hija li jiżded l-użu tal-elettriku rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju permezz tal-elettrifikazzjoni tas-setturi li attwalment għadhom jiddependu minn sorsi tal-enerġija bbażati fuq il-fossili. Il-pjani nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima jikkostitwixxu pass importanti biex jiġu żgurati l-Unjoni tal-Enerġija u l-Patt Ekoloġiku Ewropew.

2.1.11. Fil-kuntest tal-oġġettiv stabbilit fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima li l-UE tkun newtrali għall-klima sal-2050, jeħtieġ tingħata attenzjoni speċjali għas-settur tat-trasport. Tabilħaqq, l-emissjonijiet tas-CO₂ minn dan is-settur għandhom qed jiżdedu, iżda sal-2050 se jkun hemm bżonn tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet tat-trasport biex tintlaħaq il-mira tan-newtralità klimatika.

2.1.12. Il-KESE talab Strateġija tal-UE aġġornata għall-Foresti wara l-2020, bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew. L-istrateġija l-ġdida tista' b'mod fattibbli tkun orjentata lejn l-2050. L-importanza li l-foresti, il-forestrija u l-industrija bbażati fuq il-foresti jilhqun dawn l-għanijiet għandha tiġi rikonnoxxuta fis-setturi kollha u twassal għal kooperazzjoni transsettorjali ottimizzata;

2.1.13. Il-KESE jemmen li l-azzjoni ta' adattament tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex tiżgura li t-tranżizzjoni sostenibbli u r-rikostruzzjoni wara l-COVID-19 jiġu implimentati b'mod aktar ġust. Il-komunitajiet u r-reġjuni li huma affettwati fl-livell ogħla mill-medja mill-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima għandhom jiġu meġġuna biex jindirizzaw l-impatti u r-riskji perċepiti. Dan jgħodd partikolarment għal komunitajiet u reġjuni li l-emissjonijiet attwali u storiċi tagħhom ta' gass b'effett ta' serra huma taħt il-medja.

⁽⁴⁾ NAT/784 – Liġi Ewropea dwar il-Klima (ara l-paġna 143 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁵⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 4.

2.1.14. Il-KESE japprezza lis-suġġett tal-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa kopert b'mod suffiċjenti fil-programm ta' ħidma aġġustat tal-Kummissjoni għall-2020, u huwa pjuttost mifrux b'mod bilanċjat fil-partijiet prinċipali tal-programm. Huwa jenfasizza b'mod speċjali l-attenzjoni prijoritarja mogħtija għall-finanzjament tat-tranżizzjoni sostenibbli, speċjalment għall-Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, u għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. Barra minn hekk, l-oqsma ta' interess l-oħrajn imsemmija fil-programm ta' ħidma aġġustat, pereżempju l-mobbiltà sostenibbli u intelliġenti, il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, is-sostenibbiltà tas-sistemi alimentari, u d-dekarbonizzazzjoni tal-enerġija, huma pjuttost rilevanti biex jitqiesu bħala prijoritajiet għal dan l-oġettiv. Il-KESE jemmen li, anke fil-każ tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2021, il-prijoritajiet tiegħu se jkunu ffukati fuq dawn l-inizjattivi.

2.2. Il-prijoritajiet ta' investiment

2.2.1. Il-flus pubbliċi investiti fi pjani ta' rkupru ma għandhomx jgħinu biss biex l-ekonomija u s-soċjetà Ewropej jergħu lura għan-normal, iżda wkoll jgħinu biex inaqqsu drastikament l-impatti ta' skossi ulterjuri billi jiġu investiti f'ekonomija reżiljenti, inklużiva u li ma tagħmilx ħsara lill-klima (l-hekk imsejħa "ekonomija tal-benesseri").

2.2.2. It-tassonomija tal-finanzi sostenibbli tal-UE għandha tiggwida l-investiment pubbliku u privat matul l-irkupru biex taċċellera t-tranżizzjoni minn setturi li jniġġsu għal setturi ekoloġiċi.

2.2.3. Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-QFP il-ġdid jalloka riżorsi sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-SDGs u l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, filwaqt li jitneħħa gradwalment il-finanzjament kontroproduttiv (eż. b'rabta mal-fjuwils fossili).

2.2.4. Fid-deċennju ta' wara l-kriżi, wara l-2009, l-ekonomija Ewropea ffunzjonat b'diskrepanza fl-investiment. Biex ikollha rekord tajjeb, l-irkupru tal-investiment huwa xi ħaġa ta' bilfors. Din hija r-raġuni għaliex il-KESE japprezza l-proposta għal Pjan ta' Rkupru, li huwa l-aktar irrappreżentat mill-Programm Next Generation EU u l-pilastru tiegħu, u mill-QFP 2021-2027 aġġustat. Il-Programm Next Generation EU jista' jitqies bħala pass straordinarju, iżda wkoll meħtieġ u urġenti biex jitjieb l-ambjent tal-investiment fl-UE. Dan huwa elaborat aktar, pereżempju, fl-Opinjoni tal-KESE ECO/523⁽⁶⁾.

2.2.5. Il-KESE jinnota li l-investimenti ma jirrappreżentawx oġettiv ta' politika tal-Kummissjoni għall-mandat tagħha sal-2024 u, anke fl-inizjattivi partikolari, mhumieq irrappreżentati b'mod adatt fil-programm aġġustat ta' ħidma għall-2020. Il-KESE għalhekk jirrakkomanda l-inklużjoni ta' inizjattivi bbażati fuq l-investiment fil-programm ta' ħidma għall-2021, inkluż l-isforz biex jiġu mmobilizzati investimenti privati favur l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli futur tal-UE.

3. Ewropa lesta għall-era diġitali

3.1. Il-kriżi tal-coronavirus turi li r-rivoluzzjoni diġitali hija komponent importanti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetajiet tagħna fil-kriżijiet. L-investiment fid-diġitalizzazzjoni ta' servizzi essenzjali u fiż-żieda tal-kapaċità tal-gvernijiet, tal-leġislaturi u tal-istituzzjonijiet pubbliċi biex jipprovdur s-servizzi tagħhom matul il-kriżijiet huwa tal-akbar importanza. Fl-istess ħin, irridu nirrealizzaw li t-teknoloġiji diġitali huma għodda u mhux għan aħħari. Jeħtieġ li jkollna sjieda pubblika tal-qafas li jiġbor fih it-teknoloġiji diġitali u nigġwidawh lejn standards ta' sostenibbiltà għolja, bl-inklużjoni ta' salvagwardji demokratiċi u teknoloġiċi b'saħħithom, u akkumpanjat minn miżuri ta' appoġġ fir-rigward tal-ispejjeż u l-għarfien li ma jħallu lil ħadd jibqa' lura. Dan jinvolvi l-ħtieġa li, f'konformità mal-Att tal-UE dwar l-Aċċessibbiltà, jiġi żgurat li r-rivoluzzjoni diġitali tiżgura l-aċċessibbiltà għall-100 miljun persuna b'diżabilità fl-UE.

3.2. Id-diġitalizzazzjoni hija kemm opportunità kif ukoll riskju għall-irkupru. Huwa l-qasam tal-innovazzjoni li jista' jpoġġi lill-UE fuq quddiem nett, bħal fil-qasam tal-blockchain, fejn l-UE tinsab fuq quddiem nett. Il-blockchain bħala teknoloġija (mhux bitcoin) għandha valuri demokratiċi, filwaqt li toffri trasparenza u titjib fl-istrutturi ta' governanza. Madankollu, ir-riskji bħalma huma aktar qgħad, marġinalizzazzjoni diġitali u esklużjoni soċjali, li huma inerenti fid-diġitalizzazzjoni, għandhom jiġu ġestiti. U għandhom jinstabu modi biex jittieħed vantaġġ mill-opportunitajiet u jiġu bbilanċjati r-riskji fl-istess ħin, f'xena globali fejn l-UE qed tfitteq li tibqa' globalment kompetittiva.

3.3. Huwa importanti li jiġi ppreservat il-mudell Ewropew tad-drittijiet, l-istandards u l-politiki tal-konsumatur. Dan huwa dak li jagħmel lill-UE unika. Pereżempju, fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni l-kodiċi etiku tal-UE dwar l-intelliġenza artifiċjali (IA) jiddistingwi l-perspettiva tal-UE dwar "human-in-command" minn dik ta' reġjuni oħrajn. Dan l-approċċ, ibbażat fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, huwa parti mill-mudell tal-UE u għandu jiġi ppreservat minkejja l-klima kompetittiva diffiċli li qed tfiggħ bħalissa.

⁽⁶⁾ Ara l-paġna 124 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

3.4. Il-KESE jenfasizza l-importanza tad-diġitalizzazzjoni fis-setturi kollha tas-soċjetà, b'mod partikolari permezz tat-telexogħol u s-servizzi diġitali, inklużi l-kummerċ elettroniku u s-saħħa elettronika.

3.5. Il-pandemija wriet li d-diġitalizzazzjoni fl-edukazzjoni mhijiex ugwalment aċċessibbli fis-soċjetà, u dan jista' jwassal għal aktar problemi fil-prestazzjonijiet akkademiċi u fl-opportunitajiet edukattivi. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu introdotti miżuri li jappoġġjaw gruppi żvantaġġati u b'hekk jgħinu fil-prevenzjoni tas-segregazzjoni.

3.6. Hemm bżonn ta' aġġornament kontinwu tal-qafas legali għall-intelliġenza artifiċjali u d-diġitalizzazzjoni: biex jinżamm il-pass mal-progress tekniku, u b'mod partikolari, b'rabta mal-kwistjoni tas-sigurtà tal-komunikazzjoni diġitali, kemm f'termini ta' networks kif ukoll ta' kontenut.

3.7. Il-KESE jieħu nota li l-Kummissjoni qed tipposponi sal-2021 il-proposta leġislattiva dwar l-impatt tal-intelliġenza artifiċjali, inkluż fuq is-sikurezza, ir-responsabbiltà, id-drittijiet fundamentali u d-data. Huwa jstieden lill-Kummissjoni biex: (i) trawwem il-multidixiplinarjetà fir-riċerka, billi tinvolvi dixiplini oħra bħal-liġi, l-etika, il-filosofija, il-psikoloġija, ix-xjenzi tax-xogħol, l-istudji umanistiċi, l-ekonomija, eċċ.; (ii) tinvolvi lill-partijiet interessati rilevanti (trade unions, organizzazzjonijiet professjonali, organizzazzjonijiet tan-negozji, organizzazzjonijiet tal-konsumatur, NGOs) fid-dibattitu dwar l-IA u bħala msieħba ndaqs fi proġetti ta' riċerka u fi proġetti oħrajn iffinanzjati mill-UE bħas-Sħubija Pubblika-Privata dwar l-IA, djalogi mas-settur, u l-programm għall-adozzjoni tal-IA fis-settur pubbliku u ċ-ċentru ta' referenza; u (iii) tibqa' teduka u tinforma lill-pubbliku ġenerali dwar l-opportunitajiet u l-isfidi tal-IA. Huwa jirrakkomanda wkoll li l-Kummissjoni tikkunsidra aktar fil-fond l-impatt tal-IA fuq l-ispettru sħiħ tad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet, inklużi, iżda mhux limitati għad-dritt ta' proċess ġust, ta' elezzjonijiet ġusti u miftuħa, u ta' għaqda u dimostrazzjoni, kif ukoll id-dritt ta' nondiskriminazzjoni. Il-KESE jibqa' jopponi l-introduzzjoni ta' kwalunkwe forma ta' personalità ġuridika għall-IA. Din iddghajef l-effett ta' rimedju preventiv tal-liġi dwar ir-responsabbiltà u tkun ta' riskju serju ta' periklu morali kemm fl-iżvilupp kif ukoll fl-użu tal-IA, meta toħloq opportunitajiet għall-abbuż (?).

3.8. Minħabba l-użu dejjem jikber tal-ismartphones u l-introduzzjoni tan-networks tal-5G, huwa relevanti ferm it-tħassib dwar l-interoperabbiltà bejn l-applikazzjonijiet u n-networks fl-Unjoni Ewropea, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

3.9. Minħabba l-iżviluppi ulterjuri fid-diġitalizzazzjoni u l-impatt dejjem jikber tagħha fuq il-ħajja privata, soċjali u tax-xogħol u fuq is-setturi kollha, għaċ-ċittadini huwa essenzjali li jingħata tagħlim dwar il-ħiliet diġitali u li tittieħed azzjoni kontra d-distakk diġitali.

3.10. Huwa tajjeb li t-tnejja tal-Ewropa għall-era diġitali hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin, kif jidher ċar ukoll fil-programm aġġustat ta' ħidma għall-2020. Il-KESE japprezza l-isforz qawwi tal-Kummissjoni Ewropea biex tipproċedi f'oqsma bħall-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi diġitali, iċ-ċibersigurtà, it-tagħmir diġitali u s-soluzzjonijiet għall-konsumaturi, iżda wkoll il-finanzi diġitali. Il-KESE jilqa' bi pjaċir b'mod partikolari l-enfasi qawwija dwar il-qasam diġitali fi ħdan il-proposta dwar Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa. Id-diġitalizzazzjoni hija viżibbli wkoll fil-Pakkett dwar is-Servizzi tal-Avjazzjoni. Il-KESE japprezza ħafna wkoll li d-diġitalizzazzjoni hija riflessa fl-oqsma ta' prijorità proposti taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

4. Ekonomija għas-servizz tan-nies

4.1. Għandna bżonn nibnu mill-ġdid il-governanza ekonomika tagħna abbażi ta' sistema ekonomika Ewropea reżiljenti, sostenibbli u inklużiva. L-għan tagħna huwa li nilħqu mhux biss irkupru ekonomiku mekkaniku, iżda pjuttost bidla kwalitattiva fil-ġestjoni u l-governanza tal-politika ekonomika.

4.2. L-impatt sħiħ tal-kriżi għad irid jiġi ddeterminat, u r-rikostruzzjoni u l-irkupru se jirrikjedu sforz konsiderevoli. Għalhekk hemm hteġġa urġenti għal implimentazzjoni rapida tal-proposti ta' Mejju 2020 għal strument ta' rkupru u għal QFP rinforzat. Irridu wkoll inkunu lesti għal aktar miżuri u emendi minbarra dawk li diġà ġew adottati, jekk dan ikun iġġustifikat mis-sitwazzjoni hekk kif tevolvi.

4.3. Il-Kummissjoni hija mistiedna tkompli tuża s-Semestru bħala xprun għall-irkupru abbażi tal-prijoritajiet ta' investiment u investiment identifikati bħala parti mis-Semestru Ewropew. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon l-enfasi reċenti fuq l-inklużjoni aħjar tal-kwistjonijiet soċjali u dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza permezz tas-Semestru. Fis-Semestru kollu, il-Kummissjoni għandha tappoġġja lill-Istati Membri taż-Żona tal-euro biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw aktar konverġenza u integrazzjoni fil-qasam ekonomiku. Dan jinkludi pożizzjoni fiskali pożittiva aggregata għaż-Żona tal-euro kollha kemm hi sabiex ikun possibbli toħroġ mill-kriżi attwali.

(?) INT/894 – Il-White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (ara l-paġna 87 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

4.4. Il-prijoritajiet u l-azzjonijiet kollha deskritti fil-qosma ta' politika oħrajn ser jinvolvu l-ħtieġa li jiġi fformulat qafas ġdid ta' governanza ekonomika li jkun kapaċi jindirizza l-isfidi tas-sitwazzjoni makroekonomika tal-lum u li jippermetti l-implimentazzjoni ta' politiki strateġiċi dwar l-industrija, il-kompetittività, is-soċjetà, l-ambjent u l-kummerċ mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Fil-bidu tal-2020, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika wiesgħa dwar dan is-suġġett, iżda il-proċess twaqqaf minħabba l-kriżi tal-coronavirus u l-applikazzjoni tal-klawsola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Ma jstax ikun naħsbu li fl-2021 nistgħu nerġġhu lura għal applikazzjoni awtomatika tal-patt. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha ssewwi b'inizjattivi ġodda biex tippromovi riforma tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir sabiex fl-istess ħin jiġu żgurati l-istabbiltà u t-tkabbir.

4.5. F'dan il-kuntest, il-KESE jappella għal aġġustament makroekonomiku aktar simmetriku, kondiviż kemm mill-Istati Membri b'defiċits kif ukoll minn dawk b'eċċessi. L-Istati Membri kollha jeħtieġ li jkunu jistgħu jinvestu aktar fis-servizzi pubbliċi minħabba li, bħalma wriet il-kriżi, is-servizzi pubbliċi jaqdu rwol kruċjali biex isalvaw ħajjet in-nies u biex jindirizzaw il-pandemija. Barra dan, il-mexxejja Ewropej għandhom jikkunsidraw l-hekk imsejħa "Regola tad-Deheb" meta jerġġhu japplikaw ir-regoli fiskali tal-UE, u jeżentaw ċertu investment pubbliku mill-kalkoli tad-defiċit u jikkunsidraw is-sostenibbiltà tal-livelli tad-dejn eżistenti.

4.6. Fl-aħħar nett, ilha tinħass il-ħtieġa għal mekkaniżmu permanenti ta' stabilizzazzjoni fiskali għaż-żona tal-euro, peress li dan ikun ta' appoġġ kbir għall-politiki kontroċikliċi tal-Unjoni f'każ ta' skossi oħrajn fil-futur. Tali mekkaniżmu jkun jikkontribwixxi għall-istabbiltà u s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi nazzjonali u jirrappreżenta l-pass li jmiss fl-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa.

4.7. L-irkupru wara l-COVID-19 se jiddependi b'mod kruċjali mill-kapaċità tas-swieq finanzjarji Ewropej li jiżguraw likwidità suffiċjenti. Il-funzjonament tajjeb tas-swieq finanzjarji u żieda fil-kapaċità ta' kondiviżjoni tar-riskji finanzjarji huma wkoll meħtieġa biex isaħħu r-reżiljenza tal-ekonomija Ewropea. Għalhekk jenħtieġ li l-armonizzazzjoni u l-integrazzjoni ulterjuri tas-swieq finanzjarji Ewropej jissoktaw mingħajr dewmien, inklużi l-ikkompletar tal-Unjoni Bankarja u t-tisħiħ tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Fir-reviżjoni tar-regoli prudenzjali bankarji sabiex jiġu implimentati l-ftehimiet li fadal tal-qafas ta' Basel, għandhom jitqiesu l-ispeċifitajiet tax-xenarju bankarju tal-UE. Barra minn hekk, huwa kruċjali li s-swieq finanzjarji jkunu kapaċi jappoġġjaw it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali. Il-KESE jħoss li huma meħtieġa aktar sforzi biex is-sostenibbiltà tiġi integrata fis-settur finanzjarju; għalhekk, il-Kumitat jilqa' bi pjaċir l-għan tal-Kummissjoni li ġġedded l-Istrateġija tagħha għall-Finanzi Sostenibbli.

4.8. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li, fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, kwalunkwe bidla fir-regoli għall-allokazzjoni tad-drittijiet ta' tassazzjoni tal-profitti fost il-pajjiżi għandha tiġi kkoordinata globalment, u għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-OECD/G20 biex jappoġġjaw l-iżvilupp ta' soluzzjoni internazzjonali. Madankollu, jekk ma tkunx tista' tinstab soluzzjoni internazzjonali, l-UE trid tikkunsidra li tipproċedi waħedha. Il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evazzjoni tat-taxxa kif ukoll kontra l-ħasil tal-flus għandha tibqa' l-ogħla prijorità fl-aġenda.

4.9. Il-politika ta' koeżjoni se jkollha rwol ewlieni biex jiġi żgurat irkupru bbilanċjat, titrawwem il-konverġenza u jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Il-flessibbiltà finanzjarja hija verament kruċjali għall-programmi ta' koeżjoni u se tagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jittrasferixxu l-fondi skont il-ħtiġijiet tagħhom biex jindirizzaw il-kriżi. Il-KESE jemmen li għandha tiġi stabbilita skeda ta' żmien realistika sabiex il-fondi jiġu allokat lill-Istati Membri malajr kemm jista' jkun. L-enfasi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE fl-2021-2027 għandha tibqa' fuq il-kompetittività ekonomika permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, it-tranżizzjoni diġitali kif ukoll l-aġenda tal-Patt Ekoloġiku Ewropea u l-iżvilupp sostenibbli.

4.10. Il-kriżi tas-saħħa u dik ekonomika kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19 aggravat l-inugwaljanzi eżistenti tal-ġid u tad-dħul u wriet b'mod ċar il-ħtieġa għal mudell soċjetali ġdid, li jikkontribwixxi aktar għall-koeżjoni ekonomika u soċjali, għall-produttività u għad-distribuzzjoni aktar ġusta tal-ġid. Il-Kummissjoni issa teħtieġ b'mod urġenti li taġixxi fuq il-proposti preċedenti tal-KESE li jgħinu biex titreġġa lura x-xejra ta' żieda fl-inugwaljanzi, li qed tikkawża diviżjoni bejn l-Istati Membri u l-gruppi soċjali differenti u kkontribwiet għaż-żieda fil-movimenti u l-partiti estremi. Għal dan il-għan, hija meħtieġa azzjoni deċiżiva tal-UE li tikkomplementa l-isforzi tal-Istati Membri biex tingħata spinta lill-investment fl-infrastruttura soċjali (l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja; is-saħħa, il-kura fit-tul, u l-kura soċjali; l-akkomodazzjoni affordabbli), biex jiġu żviluppati assi pubbliċi li jindirizzaw il-lakuni fis-sistema tas-suq, biex isseħħ it-tranżizzjoni gradwali tad-dħul fiskali minn tassazzjoni bbażata fuq ix-xogħol għal waħda bbażata aktar fuq il-ġid; biex jiġi żviluppat mekkaniżmu trasparenti għall-monitoraġġ u l-konsolidazzjoni tad-data dwar id-dħul u l-ġid kollu; biex jiġi stabbilit reġistru ta' azzjonisti korporattivi fil-livell Ewropew, eċċ.

4.11. Fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, il-Kummissjoni għandha wkoll tibni fuq inizjattivi aktar bikrija biex issaħħaħ u tippromovi r-rwol tal-Ewropa bħala attur ekonomiku globali. Għandha tkompli tanalizza u tippromovi metodi u mezzi aktar speċifiċi biex issaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro, biex tiddiversifika l-ktajjen tal-provvista u tippromovi r-regoli u l-istandards Ewropej f'ċerti setturi strateġiċi, biex tiżgura rispons Ewropew aktar reżiljenti għas-sanzjonijiet extraterritorjali minn pajjiżi terzi u biex gradwalment tersaq lejn rappreżentanza Ewropea unifikata fil-forums finanzjarji internazzjonali.

4.12. Il-prosperità ekonomika għandha tiġi diżakkoppjata mid-degradazzjoni ambjentali u l-eżawriment soċjali. Mudelli bħall-ekonomija ċirkolari, u l-ekonomija kooperattiva u kollaborattiva joffru opportunitajiet ġodda għall-impjeg, is-sjeda u l-innovazzjoni, u dawn jittrasformaw ir-relazzjonijiet bejn il-produtturi, id-distributuri u l-konsumaturi, u b'hekk l-atturi kollha jsiru aktar reżiljenti għall-kriżijiet meta jkunu regolati kif suppost. Minbarra l-implimentazzjoni adatta tal-Pjan ta' Azzjoni ġdid għal Ekonomija ċirkolari u l-kontinwazzjoni tal-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija ċirkolari tal-KESE/KE, il-prijoritajiet ewlenin jinkludu: il-promozzjoni ta' strateġija komprensiva dwar il-konsum sostenibbli, l-iżvilupp ta' indikaturi ġodda biex jissostitwixxu l-użu mhux adatt tal-PDG, u l-adattament tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir tal-UE biex jitqiesu s-sostenibbiltà u l-benesseri.

4.13. Hemm bżonn li tinbena mill-ġdid soċjetà b'servizzi ta' interess ġenerali iktar b'saħħithom, kif minquxa fl-Artikolu 14 tat-TFUE, li jitratta s-servizzi ta' interess ġenerali, il-Protokoll 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali anness mat-TFUE, u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari, kif ukoll is-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali, il-komunikazzjonijiet elettroniċi, it-trasport pubbliku, l-enerġija, l-ilma u l-ġbir tal-iskart, u programm ta' investiment ta' akkumpanjament.

4.14. Il-kunċetti moderni tal-iżvilupp ekonomiku huma bbażati mhux biss fuq il-kriterji tal-prosperità, il-profitabilità u l-effiċjenza, iżda wkoll fuq ir-rispett tar-rekwiżiti soċjali u ambjentali u l-eliminazzjoni tat-tipi kollha ta' esternalitajiet negattivi u fallimenti tas-suq. Bħala lezzjoni mill-kriżi l-aktar reċenti tal-COVID-19, l-ekonomija għandha wkoll tkun reżiljenti u b'saħħitha biżżejjed biex tiffaċċja skossi futuri. Għal dan il-għan, l-eliminazzjoni tal-iżbilanċi strutturali hija ferm rakkomandata.

4.15. L-ekonomija moderna teħtieġ ukoll funzjonament bla xkiel tas-suq fis-segmenti kollha tiegħu, inklużi dawk maħluqa reċentement (ekonomiji virtwali, kondiviżi, ċirkolari u diġitali). Għal din ir-raġuni, funzjonament aħjar tal-intermedjazzjoni finanzjarja huwa wkoll xieraq; fil-kuntest tal-UE, dan ifisser b'mod speċjali l-appfondiment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-ikkompletar tal-Unjoni Bankarja. Biex tiġi appoġġjata aktar il-bidla għal ekonomija aktar sostenibbli, is-sistema tat-tassazzjoni għandha tiġi aġġustata wkoll biex tkun involuta fil-bidla.

4.16. Is-Suq Uniku

4.16.1. Is-Suq Uniku huwa fil-qalba tal-binja Ewropea. Suq Uniku li jaħdem jistimola l-kompetizzjoni, itejjeb l-effiċjenza, iżid il-kwalità u jgħin biex jitnaqqsu l-prezzijiet. Is-Suq Uniku Ewropew huwa ċertament wieħed mill-akbar kisbiet tal-UE. Għalhekk huwa kruċjali li jiġi eżaminat kif il-funzjonament tas-suq intern jista' jistimola jew ifixkel l-irkupru ekonomiku wara l-kriżi tas-saħħa.

4.16.2. Il-koerenza u l-unità tas-Suq Uniku għadew minn prova diffiċli ħafna matul il-pandemija reċenti tal-COVID-19. Fxi oqsma, is-Suq Uniku kien serjament affettwat u paralizzat, speċjalment fil-moviment liberu tal-persuni. Il-kontinwità tal-ktajjen ta' konsenja transfruntiera ġiet influwenzata b'mod negattiv ukoll. Il-volum tal-kummerċ transfruntier fl-UE ddeterjora b'ammont li jilħaq ċifri b'żewġ numri abbażi ta' sena għall-oħra. Iżda l-qofol tiegħu baqa' u ssopraviva. L-isfida ewlenija għalih bħalissa hija li jiġu rkuprati l-flussi transfruntiera naturali kollha fl-UE u li jitneħħew l-ostakli eżistenti għas-Suq Uniku li saħansitra bdew jaċċelleraw dan l-aħħar b'xi strateġiji mmirati lejn il-livell nazzjonali u kunċetti implimentati wara l-kriżi preċedenti.

4.16.3. Hemm opportunità fil-promozzjoni tal-innovazzjoni soċjali bħala mudell għall-irkupru permezz tal-kokreazzjoni, il-kodisinn u l-koproduzzjoni. F'xenarju soċjali kumpless bi sfidi soċjetali kbar, l-uniku mod huwa li jiġu mobilizzati r-riżorsi kollha fis-soċjetà, filwaqt li ssir ħidma b'mod transsettorjali u multidixiplinari sabiex jiġu identifikati s-soluzzjonijiet. Is-soċjetà ċivili organizzata hija xprun għall-innovazzjoni soċjali, moviment li kkontribwixxa biex jifasslu sistemi ta' protezzjoni soċjali li rriżultaw f'politiki, strutturi, prodotti, servizzi u metodi ta' ħidma ġodda. Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili issa hija meħtieġa iktar minn qatt qabel – iżda l-innovazzjoni soċjali vera sseħħ biss meta s-soċjetà ċivili tkun involuta.

4.16.4. L-Istrateġija tas-Suq Uniku tinsab fil-qalba tal-proġett Ewropew, u tippermetti lin-nies, is-servizzi, il-prodotti u l-kapital jiċċaqalqu b'mod aktar liberu, u b'hekk toffri opportunitajiet għan-negozji, il-konsumaturi u l-ħaddiema Ewropej. Hemm bżonn ta' miżuri sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal kollu tagħha li tneħħi l-ostakli. Barra minn hekk, fiż-żmien ta' wara l-kriżi u fid-dawl ta' aspetti oħrajn ta' ambjent li qed jinbidel, bħad-diġitalizzazzjoni, is-Suq Uniku jeħtieġ li jadatta bis-sħiħ għal ideat u mudelli ta' negozju ġodda. Għalhekk, l-għan huwa li s-Suq Uniku li jintradd lura, jingħata nifs ġdid u jinbena mill-ġdid bħala strument ta' rkupru. Azzjonijiet fuq medda qasira ta' żmien jinkludu l-ftuħ immedjat tal-fruntieri. Barra minn hekk, għandna bżonn azzjonijiet fuq medda qasira ta' żmien fuq żewġ binarji: l-indirizzar tat-tensjonijiet u li tingħata spinta ġdida lill-ekonomija u l-produttività.

4.16.5. Is-sitwazzjoni ta' kundizzjonijiet mhux ekwi li qed tinħoloq hija ta' tħassib serju. Il-pakketti ta' stimolu tal-Istati Membri huma estremament varjati u (minkejja l-intenzjoni tajba li jassorbu parti mill-iskoss fid-domanda) irriżultaw f'kundizzjonijiet mhux ekwi bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-għajjnuna bħala appoġġ mill-Istat għandha tiġi indirizzata u analizzata minn perspettiva settorjali, billi wieħed iħares lejn kif fuq medda qasira u twil ta' żmien dawn l-azzjonijiet se jfixklu l-kompetizzjoni u l-kundizzjonijiet ekwi.

4.16.6. Neħtieġu produttività fl-ekonomija reali (dan ifisser impjegji, kapaċità tal-akkwist u prodotti u servizzi bażiċi). Din il-produttività tista' tkun f'forma differenti u tiġi pprovduta minn diversi mudelli ta' negozju, iżda għandna bżonn azzjoni f'dan il-qasam jekk irridu nevitaw li jkomplu jikbru d-diskrepanzi fl-inugwaljanza. Din l-attivazzjoni mill-ġdid tfisser pakketti ta' appoġġ u ambjent favorevoli għall-SMEs u l-industrija. Kif nafu sew, l-SMEs huma s-sinsla tal-ekonomija Ewropea u jeħtieġu appoġġ speċifiku, iżda mingħajr piżijiet żejda jew burokrazija żejda. L-irkupru jkun possibbli biss għall-SMEs jekk ikun disponibbli appoġġ finanzjarju nazzjonali u tal-UE. Hawnhekk se jkunu kruċjali s-sussidji, is-self, l-iżgurar tal-likwidità, l-inċentivi tat-taxxa, kundizzjonijiet favorevoli biex il-persunal jinżamm u jingħata x-xogħol, revizzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-falliment u appoġġ ieħor. Rigward il-liġijiet dwar il-falliment, l-UE għandha tieħu azzjoni legiſlattiva biex tippermetti li negozji żgħar li fallew minħabba l-COVID-19 ikunu f'pożizzjoni li jerġgħu jibdeu l-attività tagħhom malajr. Dawn l-azzjonijiet għandhom ikunu limitati fiż-żmien.

4.17. *Strateġija industrijali*

4.17.1. Ħafna mill-punti ta' qabel f'sens ġenerali huma wkoll kompletament validi għall-istrateġija industrijali. Iżda l-industrija Ewropea qed tiffaċċja mhux biss sfida għat-titjib tas-Suq Uniku, iżda, minflok is-servizzi, anke bidliet strutturali fundamentali, li huma rilevanti l-aktar għall-industrija tal-estrazzjoni tal-faħam u daww intensivi fl-użu tal-karbonju.

4.17.2. Is-sustanza tal-istrateġija industrijali l-ġdida għall-Ewropa tikkonsisti fis-sejba ta' koeżistenza bejn industrija Ewropea moderna u b'saħħitha, u l-isfidi li ġejjin mir-rekwiżiti ambjentali tal-klima. Il-KESE huwa konvint li din il-koeżistenza hija fattibbli u, jekk tirnexxi, tista' tagħti vantaġġ komparattiv globali lill-Ewropa. Min-naħa l-oħra, il-KESE jaf bis-sħiħ u jirrispetta l-ispejjeż enormi relatati ma' din it-tranżizzjoni u jappoġġja l-mitigazzjoni u l-kumpens għalihom b'mod adatt u billi jiġu rispettati l-possibiltajiet ekonomiċi.

4.18. *Is-sistemi tas-saħħa*

4.18.1. L-aktar importanti, waħda mit-tagħlimiet ewlenin tal-kriżi tal-coronavirus hija li s-sistemi tas-saħħa fi kważi kull pajjiż Ewropew jeħtieġ li jissaħħu, l-ewwel u qabel kollox billi ssir enfasi fuq il-prevenzjoni. L-impatt tal-coronavirus qiegħed ipoġġi lis-sistemi tas-saħħa fl-Ewropa taħt pressjoni enormi. Filwaqt li r-responsabbiltà għall-kura tas-saħħa hija responsabbiltà nazzjonali, it-tixrid tal-virus ma jagħraf fruntieri. Dan qed jaffettwa lill-Ewropa kollha, internament u li l-hinn mill-fruntieri tagħna, b'konsegwenzi sanitarji, soċjali u ekonomiċi li jirrikjedu reazzjonijiet komuni fil-livell Ewropew.

4.18.2. Il-kriżi tal-coronavirus żvelat id-dipendenza tal-UE mill-importazzjonijiet ta' prodotti mediċi minn pajjiżi li mhumiex fl-UE. Huma meħtieġa investimenti fil-protezzjoni tas-saħħa, fil-kura, u fis-servizzi tal-kura fit-tul, f'politiki tal-kura tas-saħħa preventiva u tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol — b'approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja — u għandhom jiġu appoġġjati mill-istituzzjonijiet tal-UE.

4.18.3. Il-kriżi tal-coronavirus tagħmilha ċara li l-kumpaniji multinazzjonali farmaċewtiċi għandhom ammont ta' poter kbir. Sabiex tiżdied l-indipendenza tal-industrija tal-farmaċewtika, irid jinħoloq ukoll fond Ewropew kbir tar-riċerka biex jiġu żviluppjati mediċini u vaċċini ġodda. L-istituzzjonijiet tal-UE għandu jkollhom l-awtorità meħtieġa biex jikkoordinaw il-provvista, id-distribuzzjoni u l-prezzijiet ta' tagħmir mediku u protettiv essenzjali fi ħdan is-Suq Uniku.

4.18.4. Il-KESE jappella għal strateġija dwar is-sustanzi kimiċi għas-sostenibbiltà li tiżgura l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, filwaqt li timminimizza l-esponiment għal sustanzi kimiċi perikolużi. L-istrateġija l-għdida se jkollha tkun kompletament koerenti mal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

4.18.5. Jeħtieġ li terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-passiġġieri fit-trasport, u għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-trasport pubbliku. Dan jinvolvi, fost miżuri oħra, li tiżdied is-sigurtà tas-saħħa tal-passiġġieri (eż. sistemi ta' arja kkondizzjonata, sistema ta' identifikazzjoni ta' persuni morda, miżuri ta' tindif u ta' disinfezzjoni, eċċ.). F'dan il-kuntest, id-drittijiet tal-passiġġieri jeħtieġ li jiġu kkunsidrati mill-għdid u saħansitra jissaħħu (eż. rimborż għal vjaġġi kkanċellati).

5. Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja

5.1. Jeħtieġ li l-UE ssaħħaħ u tappoġġja l-pożizzjoni globali tagħha f'termini ta' rwol aktar importanti u strateġiku fl-ekonomija dinjija kif ukoll fil-politika. Din il-pożizzjoni ddgħajfet matul l-aħħar għaxar snin. L-ekonomija tal-UE għandha potenzjal li tuża aħjar il-vantaġġi komparattivi tagħha fis-suq globali tal-kummerċ u tal-investiment, speċjalment fis-servizzi ta' manifattura u innovazzjoni avanzati, flimkien ma' ambizzjoni li tkun mexxej globali. Dan l-isforz għandu jkun akkumpanjat minn rappreżentanza aħjar u aktar effettiva tal-UE fl-organizzazzjonijiet globali ewlenin u l-hteġa li titkellem hemm b'vuċi waħda. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tagħmel sforz rilevanti biex tirrifletti b'mod aktar speċifiku l-hteġa li tissaħħaħ il-pożizzjoni globali tal-UE fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2021.

5.2. L-UE għandha tkompli tappoġġja l-approċċ multilaterali fil-kummerċ. L-inkorporazzjoni ta' standards soċjali, tax-xogħol u dwar l-iżvilupp sostenibbli⁽⁸⁾ fir-regoli tad-WTO u ta' aġenziji oħra relatati tan-NU tista' tikkontribwixxi sostanzjalment għall-kostruzzjoni ta' ordni ekonomika u kummerċjali għdida u ġusta u għal globalizzazzjoni ġusta u intelliġenti. Fl-istess waqt, għandha topponi l-isforz biex jiġu stabbiliti ostakli u restrizzjonijiet ġodda fl-ekonomija globali.

5.3. Bħala waħda mit-tagħlimiet konkreti mill-kriżi tal-COVID-19, l-UE għandha tikkunsidra aktar bir-reqqa l-protezzjoni tal-assi u l-investimenti strateġiċi tagħha u ssaħħaħ l-iskrinjar f'oqsma fejn hemm riskju ta' użu ħażin politiku ta' tranżazzjoni ta' investiment f'industrija ta' strateġija.

5.4. Wara l-Brexit, l-UE m'għandhiex tiffoka biss fuq it-tisħiħ tal-koerenza u l-unità tagħha, iżda f'każi rilevanti m'għandhiex tinsa tkompli l-proċess ta' tkabbir li reċentement kien xi f'it imdewwem, minkejja xi progress, speċjalment fir-rigward tal-adeżjoni ta' xi pajjiżi kandidati tal-Balkani tal-Punent. It-tkabbir jista' jikkontribwixxi b'mod qawwi biex jiġu eliminati l-inċertezzu politiki u ekonomiċi u tiżdied l-istabbiltà f'din il-parti tal-Ewropa.

5.5. Fl-aħħar deċennju, is-sitwazzjoni ġeopolitika marret għall-agħar, li tikkonċerna wkoll it-territorji eqreb lejn il-fruntiera esterna tal-UE. Biex tiġi appoġġjata l-istabbiltà u jitjiebu r-relazzjonijiet reċiproċi mal-UE, għandha titkompla l-inizjattiva ta' sħubija strateġika u politika tal-viċinat inklużiva. Għandha tirreaġixxi b'mod flessibbli għaċ-ċirkostanzi l-ġodda u tkun ibbażata fuq rispettt komuni u l-benefiċċji li ġġib għaż-żewġ naħat.

5.6. Is-sitwazzjoni ġeopolitika li qed tinbidel u l-konsegwenzi tal-kriżi reċenti tal-migrazzjoni kif ukoll id-deterjorament tar-relazzjonijiet esterni fid-dinja b'ħafna fenomeni riskjużi ġodda bidlu wkoll il-firxa tal-għajnuna għall-iżvilupp u l-assistenza tal-UE. Il-QFP li jmiss fih żieda enormi ta' riżorsi finanzjarji għal dan il-għan u jistenna l-inklużjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fil-qafas. Il-KESE jappoġġja din l-attività u jenfasisza l-hteġa li tingħata attenzjoni speċjali lill-Afrika, sabiex tgħin lil dak il-kontinent jegħleb sitwazzjoni politika, ekonomika, soċjali u ambjentali diffiċli.

5.7. Jeħtieġ li terġa' tingħata spinta lir-rwol ġeopolitiku strateġiku tal-UE fil-promozzjoni ta' proċessi ta' paċi globali, sabiex jiġu mmedija mill-għdid opportunitajiet għall-iżvilupp ekonomiku fil-viċinat tal-UE: fil-Balkani tal-Punent, l-imsieħba Ewro-Mediterranji u tal-Lvant, u f'żoni oħrajn mifnijin bil-kunflitti.

⁽⁸⁾ Ara, pereżempju, <https://www.ilo.org/global/standards/lang-en/index.htm>

6. Promozzjoni tal-istil ta' ħajja Ewropew tagħna

6.1. Il-miżuri soċjali

6.1.1. Lil hinn mill-kwistjonijiet ekonomiċi u ambjentali, il-programm ta' ħidma tal-UE għall-2021 għandu jkun xprunat mid-dimensjoni soċjali. Dan ifisser li l-impenn tiegħu lejn Ewropa soċjali u sostenibbli għandu jkun prijorità. F'dan ir-rigward, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jaqdu rwol importanti wkoll. Hemm opportunità fil-promozzjoni tal-innovazzjoni soċjali bħala mudell għall-irkupru permezz tal-kokreazzjoni, il-kodisinn u l-koproduzzjoni. F'xenarju soċjali kumpless bi sfidi soċjetali kbar, l-uniku mod huwa li jiġu mobilizzati r-riżorsi kollha fis-soċjetà, filwaqt li ssir ħidma b'mod transsettorjali u multidixiplinari sabiex jiġu identifikati s-soluzzjonijiet. Is-soċjetà ċivili organizzata hija xprun għall-innovazzjoni soċjali.

6.1.2. Jeħtieġ li jiġi żviluppat fehim usa' tat-"tranżizzjoni ġusta" (lil hinn mill-faħam) u li jiġi implimentat bis-sħiħ il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, filwaqt li jiġu xprunati riformi tas-sistemi redistributtivi, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

6.1.3. L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livell Ewropew u fl-Istati Membri kollha hija pass importanti ta' azzjoni proattiva biex jinbada proċess ta' konverġenza soċjali. Il-linji gwida ta' politika tal-Kummissjoni wiegħdu tranżizzjoni ġusta għal kulħadd lejn ekonomija soċjali tas-suq ekoloġika. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ppreżentat pjan direzzjonali dwar "Ewropa soċjali b'saħħitha għal tranżizzjonijiet ġusti", li nieda diskussjoni mal-pajjiżi, ir-reġjuni, u l-imsieħba tal-UE dwar impenji konkreti biex jiġi implimentat il-Pilastru biex isir progress fil-livell tal-UE, nazzjonali, regionali u lokali sa Novembru 2020⁽⁹⁾. Abbażi tal-kontributi li rċeviet, kmieni fl-2021 il-Kummissjoni se tippreżenta Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-pilastru soċjali. Fl-Anness tal-pjan direzzjonali jinsabu proposti addizzjonali għall-2021. Dawn jinkludu garanzija għat-tfal, pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali, strateġija għad-diżabilità u viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali⁽¹⁰⁾.

6.1.4. Fil-kuntest tal-pjan direzzjonali, il-Kummissjoni nediet l-ewwel u, imbagħad, it-tieni stadju tal-konsultazzjoni tal-imsieħba soċjali dwar pagi minimi ġusti⁽¹¹⁾. Il-KESE qed jistenna l-possibbiltà ta' inizjattiva legali futura tal-Kummissjoni dwar pagi minimi ġusti deċenti. L-objettiv għandu jkun l-iżgurar li l-pagi minimi fl-Istati Membri tal-UE kollha jipprovdu lill-ħaddiema kollha bi standard tal-għajxien deċenti. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ir-rikonoxximent tal-Kummissjoni li hemm lok għall-azzjoni min-naħa tal-UE sabiex trawwem ir-rwol ta' negozjar kollettiv fl-appoġġ tal-adeqwatezza u l-kopertura tal-paga minima, u li miżuri ta' appoġġ tan-negozjar kollettiv, b'mod partikolari fil-livell settorjali, għandhom ikunu inklużi fl-azzjoni tal-UE dwar pagi minimi⁽¹²⁾.

6.1.5. Minħabba l-kumplessità tad-dimensjoni soċjali tal-UE, it-tisħiħ tagħha jeħtieġ li l-mekkaniżmi ta' governanza fis-seħħ jippermettu li tinstab soluzzjoni kollettiva tal-problemi minn diversi atturi f'setturi differenti. Ir-rwol tad-djalogu soċjali huwa essenzjali. Irkupru soċjali qawwi jfisser ukoll aċċess aħjar għat-trade unions u protezzjoni aħjar. Għandhom jiġu appoġġjati n-negozjar kollettiv u d-demokrazija fuq il-post tax-xogħol. L-UE u l-Istati Membri jeħtieġ li jappoġġjaw lill-imsieħba soċjali biex iżidu l-kopertura tan-negozjar kollettiv b'mod sinifikanti. Hemm bżonn li jissaħħu r-rappreżentattività u l-awtonomija u r-rabtiet bejn il-livelli Ewropej u nazzjonali tad-djalogu soċjali. Barra minn hekk, hemm bżonn li jittejjbu aktar il-kapaċità u l-involvement tal-imsieħba soċjali fit-tfassil tal-politika, kif ukoll biex jiġi żgurat qafas stabbli u bbilanċjat tar-relazzjonijiet industrijali. Il-KESE jemmen li l-Kummissjoni Ewropea għandha tirrevedi l-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-Antiċipazzjoni tal-Bidla u r-Ristrutturar u tipproponi bażi legali għal kundizzjonijiet ta' qafas speċifiċi li jikkonċernaw il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema, mingħajr ma tinterferixxi fil-kompetenzi nazzjonali⁽¹³⁾, sabiex ittejjeb l-involvement tal-ħaddiema fil-ġestjoni tal-isfidi tal-Patt Ekoloġiku u tal-proċess ta' trasformazzjoni diġitali.

6.1.6. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirrifirma l-governanza ekonomika tal-Unjoni Ewropea. Il-KESE huwa konvint li huma meħtieġa xi bidliet: a) fil-governanza, jiġifieri hemm bżonn ta' mekkaniżmi ta' governanza ddedikati biex jiġu indirizzati l-problemi urġenti aktar malajr u jiġu indirizzati kwistjonijiet kumplessi. Ir-rwol ta' mekkaniżmi bħal dawn

⁽⁹⁾ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/qanda_20_20

⁽¹⁰⁾ Ewropa soċjali b'saħħitha għal tranżizzjonijiet ġusti

⁽¹¹⁾ <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=mt&catId=1226&furtherNews=yes&newsId=9696>

⁽¹²⁾ SOC/632 — Pagi minimi deċenti fl-Ewropa kollha.

⁽¹³⁾ CCM/124 — Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-Antiċipazzjoni tal-Bidla u r-Ristrutturar (ĠU C 19, 21.1.2015, p. 50).

ikun li ikkollegaw il-livell tal-UE mal-livell tal-Istati Membri, u mhux biex jieħdu post l-azzjoni fi kwalunkwe wieħed minn dawn il-livelli; b) fl-integrazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) fil-proċessi ekonomiċi u ta' monitoraġġ soċjali u bbaġitjar tal-UE. F'dan ir-rigward, is-Semestru Ewropew jista' jiġi mgħammar b'indikaturi soċjali, ekonomiċi u ambjentali ġodda, imtejba, li jistgħu jitkejlu u komplementari biex jimmonitorjaw u jseguw l-aspetti u l-prinċipji kollha tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, kif ukoll tas-17-il SDG ⁽¹⁴⁾.

6.1.7. Il-KESE jilqa' l-proposta mħabbra għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema tal-pjattaforma fl-2021. Madankollu, il-KESE jinnota b'dispijacer li l-isfida ferm usa' ta' tranżizzjoni inklużiva u ġusta mhijiex indirizzata b'mod dirett fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ⁽¹⁵⁾. Huwa jinsisti fuq il-ħtieġa ta' pjan ta' azzjoni ambizzjuż biex ihegġegħ lill-Istati Membri jwettqu l-wegħdiet tagħhom dwar il-proklamazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ⁽¹⁶⁾.

6.1.8. Fil-fażi ta' rkupru mill-kriżi tal-COVID-19 huwa ta' importanza kruċjali li tingħata perspettiva ġdida tax-xogħol. Kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku tas-saħħa u tal-kura, l-objettiv tal-produttività haċem kontra l-kwalità tas-servizz u kontra l-esperjenza tax-xogħol, b'konsegwenzi drammatiċi matul il-kriżi tas-saħħa fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE. It-tranżizzjoni lejn attivitajiet ibbażati fuq is-servizzi tista' twassal biex tinħoloq ekonomija li tirrikjedi aktar ħaddiema, u tikkumpensa għall-prekarjetà tal-impjegi f'dawn is-setturi, tappoġġja livelli oġhla ta' impjeg u ġġib lura l-impjegi fl-ekonomija reali. Għalhekk, il-politiki li jappoġġjaw ix-xogħol ta' kwalità f'setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema u li jipprovdu servizzi ta' kwalità għolja huma essenzjali.

6.1.9. Il-KESE għadu mħasseb li l-faqar inġenerali u l-faqar fost dawk li jaħdmu għadu problema sinifikanti f'ħafna Stati Membri. Minbarra t-titjib tal-livelli tal-pagi, jenħtieġ approċċ komprensiv fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, inkluża azzjoni biex jiġu żgurati skemi adegwati ta' introjtu minimu, standards minimi komuni fil-qasam tal-assigurazzjoni tal-qgħad u skemi effettivi ta' inklużjoni attiva, appoġġjati minn servizzi soċjali essenzjali u abilitanti. Huma meħtieġa wkoll swieq tax-xogħol li jiffunzjonaw tajjeb, u politiki attivi tas-suq tax-xogħol ⁽¹⁷⁾.

6.1.10. Il-KESE jappoġġja l-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 u jirrakkomanda li l-Kummissjoni tadotta strateġija għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-korpi kollha ta' programmazzjoni u ta' governanza, kif ukoll approċċ intersezzjonali għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-Istrateġija għandha tiġi implimentata flimkien mal-indirizzar tal-impatt tal-COVID-19, permezz ta' reazzjonijiet politiċi mfasslin apposta u mmirati. Il-Kumitat jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippromovi inizjattiva leġislattiva dwar miżuri ta' trasparenza vinkolanti fir-rigward tal-pagi. Fl-indirizzar tad-diskrepanzi fil-pagi u diskrepanzi oħrajn bejn il-ġeneri, jenħtieġ li jingħataw rikonossiment soċjali u valur ekonomiku akbar lill-impjegi u s-setturi li tradizzjonalment jimpjegaw ħafna nisa, u li ħafna drabi huma mħallsa inqas u sottovalutati.

6.1.11. Huwa importanti li jkomplu jiġu indirizzati u jittaffew il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija, li huma eċċezzjonalment sostanzjali fl-oqsma ewlenin tat-trasport, l-ivvjaġġar u t-turiżmu.

6.2. Il-migrazzjoni u l-era wara l-COVID-19

6.2.1. Bil-wasla tal-pandemija tal-COVID-19, it-traġedja kbira li nħolqot għas-sistemi tas-saħħa nazzjonali u bil-kollass tal-ekonomija fil-pajjiżi kollha, il-kwistjoni tal-migrazzjoni qisha sparixxiet mix-xenarju, b'ċerta indifferenza min-naħa tal-opinjoni pubblika. L-applikanti għall-ażil ma jistgħux jiġu abbandunati minħabba l-kriżi attwali. Id-drittijiet protettivi bażiċi huma l-qofol tal-valuri Ewropej u ma jistgħux jingħataw il-ġenb meta jkunu inkonvenjent.

7. Spinta ġdida għad-demokrazija Ewropea

7.1. L-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq valuri komuni Ewropej li m'għandhom qatt ikunu negozjabbli: ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt. Dawn il-valuri ma jistgħux jintesew anke meta l-UE u l-Istati Membri tagħha jiffaċċjaw emerġenza u l-konsegwenzi tagħha f'termini ta' sfidi

⁽¹⁴⁾ <https://www.eesc.europa.eu/mt/documents/resolution/european-economic-and-social-committees-contribution-2020-commissions-work-programme-and-beyond>

⁽¹⁵⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1600965538199&uri=CELEX:52020DC0102>

⁽¹⁶⁾ INT/897 — Strateġija industrijali (ara l-paġna 108 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽¹⁷⁾ Opinjoni SOC/632 tal-KESE li għaddejjha bħalissa dwar "Pagi minimi deċenti fl-Ewropa", u l-Opinjoni tal-KESE SOC/583: <https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/common-minimum-standards-field-unemployment-insurance-eu-member-states-concrete-step-towards-effective-implementation> (ĠU C 97, 24.3.2020, p. 32), u Opinjoni tal-KESE dwar "Lejn Direttiva Qafas Ewropea dwar l-introjtu minimu" (ĠU C 190, 5.6.2019, p. 1).

ekonomiċi u soċjali. Filwaqt li r-rispons għall-kriżi attwali jeħtieġ li jkun rapidu u jiġġustifika ċerti miżuri eċċezzjonali għal żmien limitat, dawn ma jistgħux imorru kontra l-istat tad-dritt u ma jistgħux jipperikolaw id-demokrazija, is-separazzjoni tas-setgħat u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Ewropej. Il-KESE jinsisti li l-miżuri kollha ta' politika f'dan ir-rigward jridu jkunu konformi għalkollox mal-valuri komuni tagħna kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

7.2. F'dan il-proċess ġdid ta' rkupru u rikostruzzjoni, il-KESE jittama li l-Konferenza li jmiss dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa tkun opportunità biex tissaħħaħ u tiġi approfondita l-istruttura istituzzjonali tal-UE u sabiex jitwettaq tiġdid reali tal-proġett tal-UE, li jkun kapaċi jiffaċċja l-isfidi tad-deċennji li ġejjin.

7.3. Il-kriżi tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher il-limiti istituzzjonali u n-nuqqasijiet tal-Unjoni Ewropea attwali, filwaqt li wriet li hemm hteiga urġenti għal Unjoni effiċjenti u effettiva. Hija meħtieġa struttura ġdida tal-Unjoni Ewropea li tmur lil hinn mis-suq uniku tal-UE biex twassal għal Ewropa aktar integrata b'kapaċità fiskali reali u li l-oġettiv ewlieni tagħha jkun li ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol taċ-ċittadini tagħha. Għal dawn ir-raġunijiet, il-KESE huwa tal-fehma li l-proċess tal-Konferenza għandu jqis l-istrumenti ta' rkupru eżistenti tal-UE u s-solidarjetà li diġà ġiet stabbilita, filwaqt li jiġu żgurati s-sostenibbiltà ekoloġika, l-iżvilupp ekonomiku, il-progress soċjali, is-sigurtà u d-demokrazija. Il-KESE jenfasizza li minkejja l-pandemija, l-involviment dirett tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u tal-imsieħba soċjali u tar-rappreżentanti eletti jrid jibqa' prijorità tal-Konferenza u jistenna bil-ħerqa li tibda l-Konferenza sabiex tinbena Unjoni aktar demokratika, aktar effettiva u aktar reżiljenti flimkien maċ-ċittadini kollha tal-UE. Il-KESE jemmen li l-Kummissjoni għandha żżomm l-ambitu tal-Konferenza miftuħ għall-eżiti kollha possibbli, inklużi proposti legiſlattivi, li jwittu t-triq għal tibdil fit-trattat jew tip ieħor ta' tibdil.

7.4. Fil-fehma tal-KESE, id-diżinformazzjoni tippreżenta theddida diretta mhux biss għall-kapaċità tan-nies li jiehdud deċiżjonijiet politiċi infurmati, iżda wkoll għall-proġett ta' integrazzjoni Ewropea u għalhekk għall-unità, il-prosperità u l-influwenza globali tal-Unjoni Ewropea. Li jiddgħajfu l-kapaċitajiet deċiżjonali demokratiċi tal-UE huwa fl-interess ta' firxa ta' setgħat barranin, kif ukoll ta' gruppi estremisti li jopponu l-kooperazzjoni Ewropea u koeżjoni aktar b'saħħitha. Il-KESE jesprimi l-appoġġ sod tiegħu għall-isforzi attwali tal-UE fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni – esterna u domestika – u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura konformità sħiħa u azzjoni regolatorja ta' segwitu fir-rigward tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni, aktar żvilupp ta' "sistema ta' twissija rapida" u unitajiet ta' intelligence STRATCOM li ġew stabbiliti reċentement, u l-espansjoni tal-azzjoni tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna kontra d-diżinformazzjoni, u fl-istess ħin espansjoni konsiderevoli tal-azzjoni tal-UE kontra d-diżinformazzjoni domestika ⁽¹⁸⁾.

7.5. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li jiġi żviluppat "Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea" li għandu jkun komprensiv u kontinwu, bil-kapaċità li jwettaq bidla, bis-saħħa ta' appoġġ finanzjarju u koordinazzjoni interistituzzjonali. Il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea u inizjattivi futuri relatati għandhom jirsistu ħafna aktar biex jiksibu mezzi tax-xandir ħielsa u pluralistiċi kif ukoll ġurnaliżmu indipendenti ta' kwalità tajba, ir-regolazzjoni effettiva tal-midja soċjali, b'mod partikolari biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni, inkluża r-regolaazzjoni tar-reklamar politiku online u r-responsabbiltà tal-kontenut, proċess elettorali modernizzat, l-inklużjoni ta' gruppi mhux emanċipati, primarjament persuni b'diżabilità, u edukazzjoni ċivika mifruxa dwar l-Unjoni Ewropea u l-proċess demokratiku tagħha fl-Istati Membri kollha. Il-KESE jfakkar fil-proposta tiegħu għal komunikazzjoni ambizzjuża tal-UE, strateġija ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni pubblika dwar id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt u d-demokrazija ⁽¹⁹⁾.

7.6. Hija meħtieġa aktar azzjoni sabiex jintlaħaq l-għan ta' midja ħielsa u pluralistika u ġurnaliżmu indipendenti ta' kwalità tajba, kif ukoll regolazzjoni effettiva tal-midja soċjali b'mod partikolari fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, inkluża r-regolazzjoni tar-reklamar politiku online u r-responsabbiltà tal-kontenut.

7.7. Regolamentazzjoni aħjar u prospettiva

7.7.1. Il-KESE jtenni s-sejħa għal Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar riveduta li tintegra "kontroll tas-sostenibbiltà" biex tiżgura li l-legiſlazzjoni u l-politiki kollha tal-UE jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-SDGs.

⁽¹⁸⁾ SOC/630 — L-effetti tal-kampanji fuq il-parteciċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi.

⁽¹⁹⁾ ĠU C 282, 20.8.2019, p. 39 u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar Aktar tisħiħ tal-Istat tad-Dritt fl-Unjoni – Sitwazzjoni attwali u l-passi possibbli li jmiss, it-3 ta' April 2019.

7.7.2. Il-KESE jimpenja ruħu li jikkontribwixxi għas-suċċess tal-Pjattaforma l-ġdida Fit For Future (F4F) li tiegħu post il-Pjattaforma REFIT u jilqa' l-aġġornament tar-rwol tal-KESE fil-F4F f'termini ta' parteċipazzjoni, rappreżentazzjoni u kontribut. Din il-pjattaforma ġdida ser tinvolvi lill-Istati Membri u lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili biex jaħdmu fuq is-semplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż regolatorju mhux neċessarju, u biex iħejju l-Ewropa għal sfidi ġodda fil-futur bħad-diġitalizzazzjoni. Il-kriżi tal-COVID-19 uriet l-importanza tat-tfassil ta' politiki u t-tiżi tal-kapaċitajiet b'tali mod li jkun adatti biex jindirizzaw l-inċertezzi tal-futur.

7.7.3. Il-KESE jfakkar li r-regolamentazzjoni aħjar ma tistax tiegħu post id-deċiżjonijiet politiki u m'għandha fl-ebda każ twassal għal deregolamentazzjoni u lanqas ikollha l-effett li tnaqqas il-livell tal-protezzjoni soċjali, il-protezzjoni tal-ambjent u tal-konsumaturi u d-drittijiet fundamentali. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-linji gwida u l-kriterji tas-sett ta' għodod għal "Regolamentazzjoni Aħjar" bil-għan li l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tal-Aġenda 2030 jiġu integrati fil-proċessi ta' evalwazzjoni. Għandu jiġi inkluż b'mod espliċitu "kontroll tas-sostenibbiltà" fl-istrumenti għal Regolamentazzjoni Aħjar. Il-KESE jtenni t-talba tiegħu biex l-ekosistema Ewropea fil-qasam tal-valutazzjoni tal-impatt tiżviluppa iżjed biex tissaħħaħ il-kwalità tagħha u tiġi promossa l-parteeipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili organizzata fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-leġislażzjoni ⁽²⁰⁾.

7.7.4. Il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tikkombina l-konsultazzjonijiet pubbliċi (minħabba l-limitazzjonijiet tagħha) ma' round tables ad hoc ta' partijiet interessati rilevanti, bħall-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili organizzata, sabiex tissaħħaħ id-demokrazija parteċipattiva.

7.7.5. L-involvement tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-valutazzjoni tal-impatt u l-prospettiva strateġika għandu jissaħħaħ sabiex jiġi żgurat li l-għarfien espert u l-għarfien tagħhom fuq il-post jitqies meta titfassal leġislażzjoni futura u politiki futuri fil-kuntest il-ġdid ta' wara l-COVID-19.

7.7.6. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili stess huma fost il-vittmi tal-inugwaljanzi u d-dgħufijiet fis-sistema. Il-kapaċità attwali u futura tagħhom li jirrispondu għall-ħtiġijiet hija mhedda minn riżorsi ta' spiss skarsi u mhux kostanti. Dan jeħtieġ li jiġi indirizzat billi jiġu żgurati mekkaniżmi ta' finanzjament għalihom. Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2021 wara l-kriżi huwa opportunità enormi biex jiġi rivedut l-impenn tal-UE lejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'termini ta' appoġġ finanzjarju aktar sostenibbli u strutturali vs finanzjament ibbażat fuq proġetti.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽²⁰⁾ INT/886 — Regolazzjoni aħjar: nagħtu rendikont u nżommu l-impenn tagħna (ĠU C 14, 15.1.2020, p. 72).

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-553 SESSJONI PLENARJA (IBRIDA) TAL-15 U S-16 TA' LULJU 2020

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-promozzjoni ta’ Unjoni Bankarja aktar inklużiva u sostenibbli billi jittejjeb il-kontribut tal-banek tal-Komunità għall-iżvilupp lokali u għall-bini ta’ sistema finanzjarja internazzjonali u Ewropea soċjalment responsabbli”

(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)

(2020/C 364/02)

Relatur: **Giuseppe GUERINI**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.2.2020
Bażi legali	Artikolu 32(2) tar-Regoli ta’ Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	24.6.2020
Data tal-adozzjoni fis-sessjoni plenarja	16.7.2020
Sessjoni tal-plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	205/6/6

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Ir-regoli approvati f’dawn l-aħħar snin fil-livell internazzjonali u dak Ewropew mhux dejjem ikkunsidraw bis-sħiħ il-mudelli differenti li jikkontribwixxu għad-diversità bankarja fl-Ewropa, u dan kellu impatt sinifikanti fuq banek iżgħar u nazzjonali, li ħafna drabi huma kooperattiva, speċjalment fi Stati Membri bħall-Italja u Spanja.

1.2. Il-mudelli differenti li jkkaratterizzaw il-pluraliżmu u d-diversità tas-sistema bankarja Ewropea ma ġewx milquta bl-istess mod mill-interventi regolatorji b’segwitu għall-kriżi finanzjarja li għaddiet. F’xi każijiet, il-banek li l-anqas ikkontribwew għall-kriżi tal-2008 kienu fil-fatt l-aktar milqutin riżultat tal-pressjoni mir-regoli adottati b’reazzjoni għall-kriżi nnifisha.

1.3. Filwaqt li jirrikonoxxi l-progress li għamlet il-Kummissjoni fil-kunsiderazzjoni tagħha tal-iżgħar istituzzjonijiet bankarji u l-inqas kumplessi fl-interventi regolatorji l-aktar reċenti tagħha, il-KESE jemmen li huwa utli li tiżdied aktar il-proporzjonalità tar-regoli bankarji fir-rigward tal-karatteristiċi tal-banek destinatari, mingħajr ma tiġi ssagrifikata l-effettività tar-regolamenti prudenzjali. Fl-istess ħin, il-prinċipji ġenerali u l-oġettivi li fuqhom huma bbażati l-miżuri li tteħdu minn mindu faqqgħet il-kriżi finanzjarja m’għandhomx jiġu pperikolati jew imdgħajfa, peress li dawn urew li huma bżonnjużi u effettivi. Is-sigurtà, l-istabbiltà u r-reżiljenza tas-sistema finanzjarja huma ta’ importanza kbira.

1.4. Il-KESE jilqa' l-posponiment tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' Basel III maqbula reċentement, filwaqt li jinkoraġġixxi, meta jkun il-waqt, it-traspożizzjoni tal-qafas il-ġdid dwar ir-rekwiżiti tal-kapital b'mod li tqis b'mod adegwat id-diversità tal-mudelli ta' negozju tal-banek fl-Ewropa u l-kontribut tagħhom għad-diversifikazzjoni u r-reżiljenza tal-Unjoni Bankarja.

1.5. Il-KESE jixtieq, b'mod partikolari, li jiġi valorizzat ir-rwol speċifiku li l-banek nazzjonali u tal-komunità għandhom, li ħafna drabi, fxi Stati Membri bħall-Italja u Spanja, huma organizzati f'forma ta' kooperattiva, favur l-SMEs u l-familji fuq skala lokali, u li fxi każijiet jikkostitwixxu s-sors ewlieni, jekk mhux l-uniku sors, ta' aċċess għall-kreditu għal eluf ta' ċittadini u negozji Ewropej.

1.6. Il-KESE jitlob ukoll rikonoxximent adatt tal-kontribut li l-banek kooperattivi ta' daqs ikbar fi Stati oħrajn bħall-Ġermanja, l-Awstrija, in-Netherlands u Franza jiġġeneraw għas-sistema bankarja Ewropea. Meta jikkontribwixxu għal riskju sistemiku, dan għandu jitqies kif dovut fir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni.

1.7. Jeħtieġ ukoll niftakru li huma għandhom rwol importanti fit-tħaddim tad-demokrazija ekonomika, li jiffavorixxi l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati tagħhom stess, li mhumiex sempliċement azzjonisti jew klijenti, iżda membri li jistgħu jipparteċipaw fuq bażi ta' vot dritt ta' vot wieħed biss għall-membri fil-linji gwida dwar il-governanza, li fil-fatt huma orjentati aktar lejn il-valur tal-partijiet interessati minflok lejn il-valur tal-azzjonisti.

1.8. Il-KESE jemmen li l-banek Ewropej, inklużi l-banek nazzjonali u kooperattivi, se jaqdu rwol fundamentali fl-irkupru ekonomiku wara l-emerġenza tal-COVID-19 b'appoġġ għall-ekonomija u l-impjiegi.

1.9. Sistema bankarja diversifikata, li fiha jipparteċipaw għadd ta' partijiet interessati li għandha għeruq fir-reġjuni u fil-komunitajiet lokali, hija wkoll garanzija importanti għaż-żamma ta' responsabbiltà soċjali kondiviża li fiha jipparteċipaw iċ-ċittadini, l-SMEs u l-operaturi ekonomiċi individwali b'involvement qawwi fl-ekonomija reali.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Din l-Opinjoni fuq inizzjattiva proprja hija mfassla bħala kontribut mill-KESE għal proġett ta' Unjoni Bankarja li taqdi l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli u inklużjoni soċjali meħtieġa biex tiġi żgurata l-kompetittività futura tal-Unjoni Ewropea f'kuntest ta' sfidi diversi fuq livell globali. F'dan ir-rigward, il-KESE jixtieq jippreżenta l-interessi tas-soċjetà ċivili fir-rigward tal-kisba ta' Unjoni Bankarja inklużiva, diversifikata u sostenibbli.

2.2. Dan il-kontribut isegwi numru ta' pożizzjonijiet oħrajn tal-KESE dwar ir-rwol tal-banek lokali u kooperattivi⁽¹⁾ u llum huwa meħtieġ aktar minn qatt qabel, minħabba x-xenarju l-ġdid riżultat tal-kriżi tas-saħħa, umanitarja, ekonomika, tal-impjiegi u soċjali globali kkawżata mill-emerġenza tal-COVID-19.

2.3. Iż-żieda kostanti tar-regoli bankarji fil-livell Ewropew u l-issikkar progressiv tagħhom matul is-snin mhux dejjem waslu biex iqisu l-mudelli differenti li jikkontribwixxu għad-diversità bankarja fl-Ewropa u għall-iżvilupp ta' regoli proporzjonali li huma adattati wkoll għal banek iżgħar u reġjonali.

2.4. L-argumenti li se jiġu żviluppanti hawn taħt jirreferu primarjament għall-banek tal-komunità, li spiss ikunu ta' dimensjonijiet iżgħar u jkollhom struttura ta' ġestjoni simplifikata. Dawn jirreferu wkoll għall-banek kooperattivi li jinsabu fl-Ewropa skont il-mudelli differenti tagħhom u d-daqsijiet differenti tagħhom. Fil-fatt dawn il-banek huma ta' daqs iżgħir, iżda jinsabu f'ammonti kbar u joperaw fuq livell lokali biss fxi pajjiżi bħall-Italja u Spanja. Min-naħa l-oħra, fi Stati Membri

(1) Il-KESE diġà kien ta l-fehma tiegħu bosta drabi permezz ta' Opinjonijiet dwar l-Unjoni Bankarja ("Ir-rwol tal-kooperattivi u tal-banek tat-tfaddil fil-koeżjoni territorjali", għalkemm r-rakkomandazzjonijiet tiegħu ma nġhatawx widen). Fl-2014, fir-rigward tal-Proposta għal Regolament dwar miżuri strutturali li jtejbu r-reżiljenza ta' istituzzjonijiet ta' kreditu tal-UE (COM(2014) 43 final – 2014/0020 (COD)), il-KESE ppropona rakkomandazzjonijiet relatati mal-appoġġ għall-ekonomija lokali u l-ħtieġa għal tfassil ta' regolamentazzjoni bankarja li tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. Fl-2018, il-KESE ppubblika l-istudju *Europe's cooperative banking models* (ISBN: 978-92-830-4024-8 Numru tal-katalogu: QE-01-18-233-EN-N) li jiddeskrivi s-sitwazzjoni u l-prospetti tas-sistema bankarja kooperattiva fil-kuntest Ewropew.

bħall-Ġermanja, l-Awstrija u n-Netherlands, dawn huma atturi rilevanti, iżda fir-rigward tal-operat tagħhom bħala kooperattiva, huma xorta waħda jikkondividu l-istess karatteristika distinta ta' banek kooperattivi oħra, jiġifieri li jfittxu l-valur tal-partijiet interessati aktar milli (b'mod predominanti) il-valur tal-azzjonisti. Meta jkunu organizzati fi grupp bankarju elenkat fis-suq tal-ishma, il-banek kooperattivi huma meħtieġa li jikkondividu diversi karatteristiċi ma' kumpaniji elenkati oħrajn.

2.5. L-indirizzar tal-kwistjoni tar-regolamentazzjoni bankarja jitlob impenn doppju, jiġifieri ħarsa lura kritika fir-rigward tal-avvenimenti li mas-snin influwenzaw il-qafas regolatorju Ewropew, kif ukoll viżjoni b'perspettiva ċara dwar fejn irridu naslu fil-ġejjieni.

2.6. B'referenza għall-passat, ta' min infakkru li l-qafas attwalment fis-seħħ huwa, fil-biċċa l-kbira tiegħu, reazzjoni għall-kriżi tal-2008. Il-leġislatur Ewropew kellu l-intenzjoni li jfassal mill-ġdid ir-regoli biex jirrimedja l-lakuni żvelati mill-kriżi u, fuq kollox, biex il-banek ikunu mgħammra aħjar u jkunu aktar b'saħħithom f'każ ta' kriżijiet futuri.

2.7. Filwaqt li l-għanijiet tar-riformi li seħħew kienu u jibqgħu rilevanti, huwa żgur li l-impatti u r-riżultati fuq id-diversi partijiet tas-sistema bankarja kienu asimmetriċi minħabba l-approċċ adottat s'issa mir-regolatur bankarju.

2.8. Il-mudelli differenti li jikkaratterizzaw il-pluraliżmu u d-diversità tas-sistema bankarja Ewropea ma ġewx milquta bl-istess mod mir-riformi li seħħew. F'xi każijiet, fil-fatt, il-mudelli ta' negozju li l-anqas li kkontribwew għall-kriżi tal-2008, bħala-banek lokali, li ħafna drabi huma ta' daqs żgħir sa medju u f'xi Stati huma kooperattiva, kienu soġġetti għal pressjoni akbar bħala riżultat ta' dawn ir-regoli.

2.9. Minħabba li r-regoli saru dejjem aktar diffiċli li jiġu sostnuti fuq numru ta' aspetti, il-banek lokali ta' daqs żgħir u medju ġew soġġetti għal pressjoni regolatorja progressiva biex jingħaqdu ma' gruppi akbar u jiġu inkorporati, biex ma jiġux mġiegħla jorġu mis-suq, u dan naqqas id-diversità fis-sistema bankarja Ewropea.

3. Il-banek reġjonali u r-regolazzjoni bankarja: kunsiderazzjonijiet ġenerali

3.1. Id-diversi liġijiet introdotti f'dawn l-aħħar snin, permezz tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali u regoli Ewropej, ippenalizzaw lil banek żgħar u medji, speċjalment dawk li huma kooperattivi, reġjonali u b'għan ta' mutwalizzazzjoni, għal tliet raġunijiet:

- a. l-ispejjeż ta' konformità riżultat ta' regolamentazzjoni sostanzjali, kumplessa, dettaljata wisq u li dejjem tinbidel;
- b. rikonoxximent fqir tal-impatt sistemiku li jvarja tal-banek lokali f'termini ta' riskju;
- c. il-vantaġġ f'termini ta' spejjeż ta' finanzjament li jgawdu minnhom banek sistemiċi kbar.

3.2. Għal dawn ir-raġunijiet, il-KESE jqis li l-leġislatur għandu jaġixxi malajr biex jiżgura li r-regoli bankarji huma **strutturalment aktar proporzjonati u adatti** għall-karatteristiċi tal-banek destinatarij. Il-leġislatur għandu jkollu l-għan li jilħaq tliet objettivi:

- a. it-tnaqqis tad-distorsjonijiet kompetittivi artifiċjali, ikkaġunati minn regoli mhux proporzjonati/adekwati fir-rigward tal-karatteristiċi differenti tal-banek destinatarij, inklużi l-għanijiet kummerċjali li jiddistingwuhom;
- b. iż-żamma ta' industrija bankarja Ewropea diversifikata u, għaldaqstant, aktar reżistenti għall-kriżijiet finanzjarji u ekonomiċi ġodda futuri;
- c. il-promozzjoni (u mhux it-tnaqqis) ta' appoġġ ta' kreditu għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, meqjusa bħala settur ewlieni tal-ekonomija fl-Ewropa.

3.3. Il-KESE jappoġġja l-posponiment tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' Basel III maqbula reċentement, filwaqt li jinkoraġġixxi, fil-mument opportun, it-traspożizzjoni fid-dritt tal-Unjoni b'mod li tqis adegwament id-diversità tal-mudelli ta' negozju tal-banek fl-Ewropa.

3.4. Fid-dawl tal-proċess ta' traspożizzjoni tar-riformi l-ġodda tal-ftehim ta' Basel, il-KESE jqis li huwa utli li jifakkru u jkun appoġġjati s-seba' prinċipji stabbiliti f'Ġunju 2019 mill-Kumitat Xjentifiku tal-BERS (Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku), li tfaslu qabel it-tneċċija finali tal-valutazzjoni konsultattiva tal-BERS innifsu ⁽²⁾.

- a. **Adattabbiltà:** ir-regolamentazzjoni finanzjarja għandha tkun tista' tevolvi flimkien mas-sistema finanzjarja u ma għandhiex issir ostaklu għall-innovazzjoni. Dan ifisser ukoll li ma jinħolqux ostakli materjali għad-dħul ta' banek ġodda fis-settur u li ma jiġux skoraġġuti l-ħolqien ta' mudelli kummerċjali ġodda jew is-salvagwardja ta' mudelli bankarji alternattivi stabbiliti fil-passat, bħal pereżempju dak kooperattiv.
- b. **Diversità:** id-diversità tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tal-prattiki kummerċjali għandha tiġi ppreservata, billi din id-diversità hija salvagwardja effiċjenti kontra l-instabbiltà sistemika. L-omoġenizzazzjoni eċċessiva ta' negozji u attivitajiet regolati għandha tiġi evitata: il-kapaċità li jiġu żviluppati "antikorpi" u forom differenti ta' reazzjoni/reżiljenza fir-rigward ta' ċikli ekonomiċi negattivi, pereżempju, billi tissaħħaħ l-istabbiltà ġenerali tal-industrija finanzjarja u, b'mod aktar ġenerali, tal-ekonomija.
- c. **Proporzjonalità:** il-piż tar-regolamentazzjoni għandu jkun proporzjonat mal-importanza li l-imperfezzjoni tas-suq tiġi kkoreġuta u mal-importanza sistemika ta' dawk affettwati mir-regolazzjoni.
- d. **Possibbiltà ta' riżoluzzjoni:** ir-regolamentazzjoni għandha tippermetti lill-istituzzjonijiet li mhumiex sostenibbli ekonomikament biex joħorġu mis-sistema mingħajr ma jikkompromettu l-istabbiltà sistemika. Madankollu, għandhom jiġu adottati politiki li jqisu l-istruttura interna u l-kumplessità tal-istituzzjonijiet ikkonċernati.
- e. **Perspettiva sistemika:** ir-regolamentazzjoni finanzjarja għandu jkollha l-għan li tiżgura li s-servizzi finanzjarji essenzjali jiġu pprovduti lis-soċjetà mingħajr interruzzjoni. Sistema regolatorja li tiffavorixxi l-konċentrazzjoni ta' attivitajiet lejn numru limitat ta' istituzzjonijiet finanzjarji tista' twassal għal vulnerabbiltà akbar minħabba li tiddependi fuq is-sopravivenza finanzjarja ta' dawn il-ftit istituzzjonijiet.
- f. **Disponibbiltà tal-informazzjoni:** il-fluss ta' informazzjoni mill-banek għall-awtoritajiet regolatorji, previst mir-regolamenti settorjali, għandu jippermetti l-identifikazzjoni rapida ta' kanali ta' "kontaġġu", kif ukoll l-lakuni vulnerabbli.
- g. **Leġislazzjoni mhux regolatorja:** il-preżenza ta' qafas regolatorju ma għandhiex twassal biex teskludi soluzzjonijiet stabbiliti barra minn oqsma regolatorji stretti.

4. Xi proposti konkreti għat-traspożizzjoni tar-regoli l-ġodda fil-qafas regolatorju tal-Unjoni Bankarja

4.1. Fil-leġislatura Ewropea 2019-2024, jingħata x'nifhemu li l-Kummissjoni Ewropea se tirrevedi l-programm leġislattiv tagħha bħala riżultat tal-emerġenza tal-COVID-19. Sakemm insiru nafu f'hiex se jkun jikkonsisti l-ippjanar il-ġdid, il-KESE jikkunsidra li huwa importanti li ssir ħidma fuq l-għanijiet ewlenin ta' adattament regolatorju tas-sistema bankarja Ewropea li ġejjin.

4.2. Huwa neċessarju li l-ftehimiet ta' Basel (konklużi f'Diċembru 2017) jiġu trasposti b'użu aħjar tal-marġnijiet ta' interpretazzjoni u diskrezzjoni disponibbli għall-UE, meta mqabbel ma' dak li ġara għal Basel II u Basel III. F'termini ġenerali, huwa ġust li wieħed jagħraf li l-Kummissjoni Ewropea ħadet xi passi fid-direzzjoni t-tajba biex tissimplifika r-regoli fir-rigward ta' istituzzjonijiet bankarji ta' daqs iżgħar, kif ukoll għamlithom inqas kumpleksi f'oqsma differenti bħal rekwiżiti ta' rappurtar, superviżjoni u ħtiġijiet tal-kapital (fattur ta' sostenn għall-SMEs). Madankollu, huwa meħtieġ li tkompli taħdem f'din id-direzzjoni billi tadatta, kemm jista' jkun, ir-regoli għad-diversi mudelli ta' negozju, mingħajr ma tiġi ssagrifikata l-effettività tar-regolazzjoni prudenzjali.

4.3. Il-KESE jirrikonoxxi, b'mod partikolari, ir-rwol speċifiku li l-banek reġjonali u tal-komunità, ħafna drabi f'forma ta' kooperattiva f'ċerti Stati Membri bħall-Italja u Spanja, għandhom għall-SMEs u l-familji. Il-KESE jirrikonoxxi wkoll il-kontribut li l-banek kooperattivi ta' daqs ikbar minn Stati oħrajn, bħall-Ġermanja, l-Awstrija u n-Netherlands, jiġġeneraw għas-sistema bankarja Ewropea. Meta jikkontribwixxu għal riskju sistemiku, dan għandu jitqies kif dovut fir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni.

⁽²⁾ Reports of the Advisory Scientific Committee Regulatory — Complexity and the Quest for Robust Regulation, No 8 / June 2019 [Rapporti tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv — Il-Kumplessità regolatorja u t-Tfittxija għal Regolamentazzjoni Robusta, Nru 8/Ġunju 2019].

4.4. Ikun ta' benefiċċju għan-nisġa ekonomika u bankarja Ewropea li navvanzaw lil hinn mill-ekwazzjoni (prevista mill-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽³⁾), li skontha l-banek li jagħmlu parti minn grupp bankarju "sinifikanti" jsiru huma stess "sinifikanti" minkejja li, fil-fatt, jibqgħu pjuttost zġhar f'termini ta' daqs, rwol u skopertura għall-hekk imsejja riskji sistemiċi, bil-għan li jiġu rikonossuti l-forom ta' proporzjonalità introdotti f'Mejju 2019 mis-CRDV u s-CRR II (l-hekk imsejjaħ "pakkett bankarju"). B'mod partikolari l-Artikolu 84(4), tas-CRD V u l-Artikolu 4(1)(145) tas-CRR II jintroduċu l-kunċett ta' "entità zġhira u mhux kumplessa", li konsegwenza tiegħu għandhom jiġu limitati ċerti rekwiżiti, partikolarment b'rabta mat-termi ta' obbligi ta' rappurtar.

4.5. Il-KESE jemmen li d-definizzjoni ta' "istituzzjoni zġhira u mhux kumplessa" issa tista' tippermetti approċċ sistematiku b'rabta mal-kwistjoni tal-proporzjonalità. Is-simplifikazzjoni tal-obbligi għal istituzzjoni zġhira u mhux kumplessa ma għandhiex tkun limitata għall-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi ta' rappurtar. Għandha tkun tista' tiġi estiża għal rekwiżiti prudenzjali u superviżorji oħra. Pereżempju, entità zġhira u mhux kumplessa ma għandhiex tkun sorveljata bħala entità "sinifikanti" jekk tkun affiljata ma' grupp "sinifikanti" li jkun jeħtieġ jiġi sorveljat skont id-dritt nazzjonali. Sitwazzjoni bħal din tista' fil-fatt tiskatta tip ta' superviżjoni doppja ta' banek minuri, superviżjoni li ssir fuq livelli differenti b'impatt negattiv sinifikanti f'termini kemm ta' spejjeż ta' konformità għall-banek kif ukoll ta' spejjeż regolatorji għall-awtoritajiet bankarji.

4.6. Il-KESE jappella wkoll għar-rieżami tar-regoli u l-mekkaniżmi li jirregolaw ir-riżoluzzjoni u l-likwidazzjoni tal-banek, il-metodi għall-kalkolu tal-MREL ⁽⁴⁾, l-interventi alternattivi li jistgħu jitwettqu permezz ta' "Fondi ta' garanzija tad-depożitanti" ⁽⁵⁾ stabbiliti minn xi sistemi ta' banek reġjonali jew kooperattivi, skont dak stabbilit fis-"sentenza Tercas" tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE tad-19 ta' Marzu 2019 ⁽⁶⁾.

4.7. Huwa meħtieġ li r-regolamenti primarji l-ġodda, kif ukoll ir-regoli superviżorji dwar il-finanzi sostenibbli, ma jinbidlhx f'faktar piżijiet ta' "konformità" u mudelli superviżorji "mhux sostenibbli" għal banek zġhar u li għandhom forma legali ta' soċjetà kooperattiva.

4.8. Il-KESE jappoġġja dak li l-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij kien ippropona fl-2019 fir-rigward tal-opportunità biex jiġi introdott "fattur ta' sostenn ekoloġiku u soċjali", li jippermetti li jitnaqqas l-assorbiment tal-kapital għal self maħruġ mill-banek lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u lil intrapriżi li huma involuti ġenwinament fi programmi ta' żvilupp sostenibbli u inklużivi. Għalhekk, fid-dawl tal-ħtieġa ta' reżiljenza u stabbiltà tas-settur finanzjarju, l-opportunità li jiġi żviluppat fattur ta' sostenn ekoloġiku u soċjali għandha tiġi eżaminata u vvalutata tajjeb.

4.9. Il-KESE jemmen li huwa importanti li l-miżuri regolatorji l-ġodda dwar l-Unjoni Bankarja jagħmlu disponibbli għodod konkreti biex jirikonossu li l-investimenti tal-banek fattivitajiet b'impatt soċjali u ambjentali pożittiv għandhom jiġu mħeġġa, anke permezz ta' trattament favorevoli mill-perspettiva tal-kontinġenzi prudenzjali mitlubin mill- Awtorità Bankarja Ewropea (EBA).

4.10. Din is-sensittività regolatorja hija appoġġjata wkoll mid-data li turi r-riskju aktar baxx ta' investimenti magħmula minn intrapriżi tal-ekonomija soċjali, li kkawżaw lis-sistema bankarja Ewropea inċidenza kważi insinifikanti ta' self improduttiv.

⁽³⁾ ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1.

⁽⁴⁾ Il-MREL (ir-Rekwiżit Minimu għal fondi proprji u Obbligazzjonijiet Eliġibbli) huwa rekwiżit introdott mid-Direttiva Ewropea dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD), li l-għan tagħha huwa li tiżgura l-funzjonament tajjeb tal-mekkaniżmu ta' rikapitalizzazzjoni interna, biex b'hekk iżżid il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf bankarju.

⁽⁵⁾ Wieħed minn dawn il-fondi li għandu l-għan li jissalvagwardja d-depożitanti huwa operat mill-konsorzju tal-Banek Kooperattivi Taljani (*Banche Cooperative Italiane consorziate* – BCC-CR). Huwa eżempju tajjeb ta' mekkaniżmu li ġie stabbilit biex jiproteġi d-depożitanti, u huwa kompletament awtofinanzjat mir-riżorsi proprji tal-banek, b'mekkaniżmu tat-tip mutwalistiku u kooperattiv. Il-Fond jintervjeni f'każ ta' **likwidazzjoni amministrattiva obbligatorja** tal-banek membri fil-konsorzju u, f'każ ta' fergħat ta' banek ta' kreditu kooperattivi komunitarji li huma membri u li joperaw fl-Italja, meta s-sistema ta' garanzija tal-pajjiż ta' oriġini tkun intervjeniet; fil-każ tar-**riżoluzzjoni** ta' banek membri; f'operazzjonijiet għad-**disponiment** tal-assi, obbligazzjonijiet, kumpaniji, fergħat ta' attivitá tal-kumpaniji, beni u tranżazzjonijiet ġuridiċi identifikabbli fi grupp; biex jingħeleb il-**falliment bankarju jew riskju ta' falliment bankarju** ta' membru fil-konsorzju.

⁽⁶⁾ Din is-sentenza effettivament tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni fejn intervent ta' appoġġ minn konsorzju irregolat mid-dritt privat favur wieħed mill-membri tiegħu kien jikkostitwixxi "għajjuna mill-Istat".

4.1.1. Il-koleġislaturi laħqu kompromess fir-rebbiegħa tal-2019, u wara li kkonsultaw mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) fdaw lill-EBA (l-Artikolu 501 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾), CRR) bil-kompitu li tevalwa, abbażi tad-data disponibbli u l-konklużjonijiet tal-grupp ta' esperti ta' livell għoli tal-Kummissjoni dwar il-finanzi sostenibbli, jekk trattament prudenzjali ddedikat għall-iskoperturi relatati ma' attivitajiet sostanzjalment assoċjati ma' għanijiet ambjentali u/jew soċjali huwiex ġustifikat. Il-KESE jittama li din l-evalwazzjoni tkun dettaljata u pożittiva.

5. Gruppi bankarji u superviżjoni

5.1. Fir-rigward tat-twaqqif ta' gruppi bankarji kooperattivi kif stipulat mir-regolamentazzjoni Ewropea, li permezz tagħhom il-banek komunitarji u reġjonali jingħaqdu flimkien fi gruppi, b'mod partikolari f'xi Stati bħall-Italja u Spanja, biex jilħqu massa kritika akbar għall-attività tagħhom, il-banek reġjonali għandhom ikunu jistgħu jimmaniġġjaw b'mod xieraq l-assorbiment tal-kapital tal-ishma fil-kapital tal-kumpaniji omm rispettivi, sabiex ma jikkompresawx eċċessivament il-kapital destinat għall-iżborż tal-kreditu.

5.2. Fil-preżent il-qafas legali previst mil-leġislazzjoni Ewropea dwar il-gruppi bankarji jsegwi tliet artikoli tas-CRR:

- a. l-Artikolu 10: gruppi bankarji magħmula minn banek affiljati b'mod permanenti ma' korp ċentrali, b'kontrogaranziji u b'poteri ta' ġestjoni u koordinazzjoni (l-Italja, in-Netherlands, il-Finlandja, il-Portugall, il-Lussemburgu);
- b. l-Artikolu 113.6: gruppi b'setgħat ta' ġestjoni u koordinazzjoni taħt il-kumpanija omm jew sistemi integrati ħafna (Franza);
- c. l-Artikolu 113.7: sistemi ta' protezzjoni istituzzjonali (IPS): il-Ġermanja, l-Awstrija, Spanja, il-Provinċja ta' Bolzano, l-Italja.

5.3. Dawn it-tliet faċilitajiet differenti, fil-fatt, mhumix kapaċi jirrikonoxxu xi speċifitajiet li pjuttost jikkaratterizzaw u jiddistingwu l-operazzjonijiet ta' dawk il-banek kooperattivi li kienu obbligati jissiehu fi gruppi bankarji kooperattivi jew sistemi ta' protezzjoni istituzzjonali wara l-ħolqien tal-Unjoni Bankarja.

5.4. L-obbligu għall-banek kooperattivi biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' mutwalizzazzjoni, biex jiżviluppaw operat limitat għar-reġjuni fejn ġew stabbiliti, il-governanza demokratika tagħhom, in-nuqqas ta' objettivi ta' ġenerazzjoni ta' profitti individwali, il-limiti stabbiliti għat-tqassim tal-profitti u l-indiviżibbiltà tal-assi ma jirrikonciljawx mal-qafas regolatorju attwali.

5.5. Dan iwassal għar-riskju li tiddgħajef l-effikaċja tradizzjonali tagħhom bħala banek ta' żvilupp reġjonali b'funzjoni kontroċiklika li tat prova li taħdem.

6. Il-qafas ta' wara l-COVID-19

6.1. L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 issa jidher b'mod drammatiku. Ser ikollna nidraw li ngħixu b'livelli ferm ogħla ta' dejn pubbliku u, sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi jaslu fejn għandhom jaslu fil-ħin, is-sistema finanzjarja kollha ser ikollha tiġi mobilizzata bħala parti minn sforz ġenerali komuni li jinvolvi l-awtoritajiet pubbliċi u l-atturi privati.

6.2. Meta tqiesu l-effetti ta' wara l-COVID-19, min-naħa tal-awtoritajiet ġie osservat li l-banek Ewropej ser ikollhom isiru "vettura għall-interventi pubbliċi" li jappoġġjaw l-ekonomija u l-impjiegi wara din l-kriżi tas-saħħa. B'konsegwenza ta' dan, "la r-regolamentazzjoni u lanqas ir-regoli dwar il-kollateral ma għandhom jostakolaw il-ħolqien tal-flessibbiltà kollha meħtieġa fil-karti tal-bilanċ tal-bank għal dan il-għan" ⁽⁸⁾.

⁽⁷⁾ ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

⁽⁸⁾ Ara, pereżempju, l-argumenti tal-president preċedenti tal-BĊE Mario Draghi fil-*Financial Times*, tas-26 ta' Marzu 2020.

6.3. Għadu mhux possibbli li nkunu nafu x'evoluzzjoni għall-ekonomija se ġgħib il-kriżi tal-COVID-19 u x'se jkun l-impatt aħħari tagħha fuq il-banek, iżda jeħtieġ li jsiru xi riflessjonijiet fid-dawl tal-qafas attwali u futur.

- a. Minn perspettiva regolatorja, l-oġjettiv ewlieni wara l-kriżi finanzjarja tal-2008 kien li jitnaqqas ir-riskju fil-karti tal-bilanċ tal-banek. Madankollu, wara t-tifqigħa tal-COVID-19 u għal tul ta' żmien li fil-preżent ħadd ma jista' jibassar, il-karti tal-bilanċ tal-banek se jimtlew bir-riskji tal-Istati u tal-ekonomija reali.
- b. L-SSM, l-EBA u l-ESMA adottaw serje ta' miżuri fl-ambitu tal-ispazji ta' flessibilità li l-qafas regolatorju attwali jippermettilhom, biex jisspendu xi obbligi jew jillimitaw xi rekwiżiti prudenzjali.
- c. Jekk l-effetti ekonomiċi u finanzjarji tal-kriżi jibqgħu viżibbli b'mod sinifikanti fil-karti bilanċjali tal-banek fil-futur, dan l-impatt se jkollu jitqies matul l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' Basel ta' Diċembru 2017 fl-UE.
- d. Id-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Basel dwar il-posponiment tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' Diċembru 2017 hija bla dubju adatta u neċessarja biex tippermetti lill-banek jiffaċċjaw il-konsegwenzi tal-pandemija, kemm biex jitqies l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-banek, kif ukoll biex tiġi kkunsidrata aħjar id-diversità bankarja fl-Ewropa.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Mekkaniżmi ta’ tassazzjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂**(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2020/C 364/03)

Relatur: **Krister ANDERSSON**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.2.2020
Bażi legali	Artikolu 32(2) tar-Regoli ta’ Proċedura
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	24 ta’ Ġunju 2020
Adottata fil-plenarja	16.7.2020
Sessjoni plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	209/1/6

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jemmen li hemm raġunijiet imsejsin fuq il-fatti biex jiġu stabbiliti regoli uniformi fl-UE għall-ġlieda kontra t-tisħin globali, u abbażi ta’ dawn biex jinbnew diskussjonijiet internazzjonali ma’ blokk kummerċjali oħrajn.

1.2. Id-diskussjonijiet s’issa ffokaw fuq ir-regolamenti u t-taxxi ambjentali, b’mod partikolari fuq it-taxxi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. Il-KESE jsostni li hemm bżonn li t-tisħin globali jiġi indirizzat b’mod globali, komprensiv u simmetriku, filwaqt li jitqies il-livell tas-CO₂ fl-atmosfera.

1.3. Fil-ħidma tagħha biex tnaqqas il-karbonju, il-Kummissjoni ffokat l-attenzjoni tagħha fuq is-sistema għall-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet (Emissions Trading System — ETS). Il-KESE jqis li, fil-futur, jista’ jkun utli u meħtieġ li jitfasslu wkoll miżuri ta’ tassazzjoni ġodda li jistgħu jissupplimentaw l-ETS attwali u t-taxxi nazzjonali fuq il-karbonju sabiex jinkiseb qafas ta’ politika effettiv u simmetriku biex jiġi indirizzat l-ammont dejjem jiżdied ta’ emissjonijiet ta’ CO₂.

1.4. Il-KESE jfaħħar l-approċċ tal-Kummissjoni peress li jidher pass tajjeb sabiex jiġu stabbiliti prezzijiet tal-karbonju aktar effettivi fl-ekonomija kollha kemm hi. Għodda bħal din għandha tkun ikkoordinata ma’ strumenti addizzjonali oħrajn, inkluż approċċ ġdid għat-tassazzjoni fis-suq intern tal-UE f’qafas ta’ politika koerenti, kif ukoll ma’ għodod simili oħrajn implimentati f’ġurisdizzjonijiet oħrajn fuq livell dinji.

1.5. Il-KESE jinkoraggja lill-Kummissjoni Ewropea biex twettaq inizjattivi konkreti biex jiġu stabbiliti taxxi simili fuq il-karbonju fl-Istati Membri sabiex jiġu armonizzati l-isforzi lejn tnaqqis effettiv tal-livell tas-CO₂. Eżitu ideali għandu joħloq kundizzjonijiet uniformi fis-suq uniku tal-UE fir-rigward tal-emissjonijiet/it-tnaqqis li għandhom jiġu ntaxxati, kif ukoll il-metodi speċifiċi u r-rati ta’ tassazzjoni għal impatt ugwali fuq il-livell tas-CO₂ fl-atmosfera.

1.6. Il-KESE jemmen li anke bit-taxxi l-ġodda u l-miżuri addizzjonali li qed jiġu implimentati, it-tisħin globali x’aktarx ikompli sakemm is-CO₂ diġà emess ma jkunx jista’ jinħareġ mill-atmosfera.

1.7. Il-KESE jinkoraġġixxi l-iżvilupp, permezz ta' investimenti ddedikati, ta' teknoloġiji ta' ġbir u ħżin tad-diossidu tal-karbonju (CCS) u ta' ġbir u użu tad-diossidu tal-karbonju (CCU), kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, peress li jikkontribwixxu għall-oġġettiv li jitnaqqas l-impatt tal-emissjonijiet tas-CO₂ u, b'mod aktar ġenerali, kemm għall-għanijiet ta' iżvilupp sostenibbli promossi min-NU kif ukoll għall-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima.

1.8. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jadottaw politika dwar it-taxxa ambjentali komprensiva u simmetrika għall-effett tas-CO₂ fuq it-tisħin globali. Hemm bżonn li jiġu introdotti taxxi b'rati kemm pożittivi, kif ukoll negattivi. Id-dħul iġġenerat mit-taxxi fuq is-CO₂ għandu jintuża biex jiffinanzja inċentivi għal tekniki ta' tnaqqis tas-CO₂ fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali.

1.9. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għal strumenti ta' politika oħrajn għat-tnaqqis tal-karbonju. Dawn ivarjaw minn teknoloġiji ġodda għal prattiki tal-immaniġġjar tal-art, li għandhom jiġu mħeġġa u appoġġjati kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali. L-ewwel u qabel kollox, il-foresti jneħħu d-diossidu tal-karbonju b'mod naturali, u s-siġar huma speċjalment tajbin biex jaħżnu l-karbonju li jitneħħa mill-atmosfera permezz tal-fotosinteżi. L-espansjoni, l-irkupru u l-immaniġġjar korrett tal-foresti jistgħu jsaħħu s-setgħa tal-fotosinteżi biex tindirizza s-CO₂.

1.10. Filwaqt li l-bejgħ ta' prodotti tal-foresti huwa ntaxxat bħala introjtu għas-sid, għandu jkun rikonoxxut li t-tħawwil ta' siġar u t-tkabbir tal-foresti jnaqqsu s-CO₂ fl-atmosfera u għalhekk għandhom, f'approċċ simmetriku ta' ntaxxar fuq it-tisħin globali, jitħeġġu permezz ta' taxxa negattiva fuq is-CO₂. Din tkun miżura importanti biex jintlaħqu oġġettivi relatati mal-klima.

1.11. Il-KESE jixtieq jenfasizza l-ħtieġa li jiġu implimentati miżuri effiċjenti b'mod soċjalment aċċettabbli għal kulħadd.

2. Kummenti ġenerali

2.1. It-tisħin globali huwa ta' tħassib għal kulħadd u l-gvernijiet qed ifittxu metodi effiċjenti biex jillimitaw iż-żieda globali fit-temperatura. Diversi fatturi jikkontribwixxu għat-tisħin globali iżda l-emissjoni tad-diossidu tal-karbonju (CO₂) hija ta' importanza partikolari.

2.2. Is-CO₂ huwa l-gass serra l-aktar komunement prodott mill-attivitajiet tal-bniedem, u jikkontribwixxi għal 64 % tat-tisħin globali magħmul mill-bniedem⁽¹⁾. Il-konċentrazzjoni ta' gass serra fl-atmosfera rat żieda sostanzjali fuq bosta għexieren ta' snin u bħalissa hija 40 % ogħla milli kienet meta bdiet l-industrijalizzazzjoni.

2.3. It-temperatura medja tal-wiċċ tad-dinja żdiedet b'0,9 gradi Celsius mill-aħħar tas-seklu 19⁽²⁾. Din il-bidla kienet xprunata miż-żieda fl-emissjoni fl-atmosfera ta' diossidu tal-karbonju u emissjonijiet oħrajn magħmula mill-bniedem, li ħafna riċerkaturi jiddikjaraw li huma responsabbli għaż-żieda kumplessiva fit-temperatura globali.

2.4. L-attivitajiet tal-bniedem qed ibiddu ċ-ċiklu tal-karbonju kemm billi jżidu aktar CO₂ fl-atmosfera, u b'hekk jinfluwenzaw il-kapaċità ta' bjar naturali, bħall-foresti, biex ineħħu s-CO₂ mill-atmosfera, kif ukoll billi jkollhom impatt fuq l-abbiltà tal-ħamrija biex taħżen il-karbonju. L-attività ewlenija tal-bniedem li tiġġenera CO₂ hija l-kombustjoni tal-fjuwils fossili — faħam, gass naturali, u żejt — għall-enerġija u t-trasport, segwita minn ċerti proċessi industrijali u prattiki tal-użu tal-art.

2.5. Fil-preżent l-Asja hija l-akbar emittent reġjonali fid-dinja, u tirrappreżenta 53 % tal-emissjonijiet globali, biċ-Ċina responsabbli għal 10 biljun tunnellata (b'hekk taqbeż kwart tat-total globali), filwaqt li l-Amerika ta' Fuq hija t-tieni l-akbar emittent (bi 18 % tal-emissjonijiet globali), segwita mill-qrib mill-Ewropa bi 17 %⁽³⁾.

2.6. L-impatt tal-emissjonijiet tas-CO₂ fuq it-temperatura tad-Dinja u fuq it-tibdil fil-klima qed isir progressivament rilevanti għall-opinjoni pubblika u s-soċjetà ċivili, kif ukoll għall-partiti politiċi kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali.

(1) Il-kawżi tat-tibdil fil-klima, il-Kummissjoni Ewropea (l-Enerġija, it-Tibdil fil-Klima, l-Ambjent) – https://ec.europa.eu/clima/change/causes_mt

(2) Global Climate Change (Tibdil fil-Klima Globali), NASA – <https://climate.nasa.gov/evidence/>

(3) Global Carbon Project, CO₂ emissions (Proġett Globali dwar il-Karbonju, emissjonijiet tas-CO₂) – <http://www.globalcarbonatlas.org/en/CO2-emissions>

2.7. Il-Kummissjoni Ewropea, min-naħa tagħha, qabel ma ġiet imġiegħla tiffoka fuq l-emerġenza tal-COVID-19 fl-ewwel xhur tal-2020, għamlet l-iżvilupp ta' inizjattivi konkreti kontra t-tibdil fil-klima bħala prijorità ewlenija fl-aġenda politika tagħha, pereżempju l-Patt Ekoloġiku ⁽⁴⁾.

2.8. Il-Patt Ekoloġiku ⁽⁵⁾ huwa pedament għall-aġenda politika l-ġdida tal-Kummissjoni Ewropea. Huwa jsegwi rispons effettiv għall-isfidi ambjentali li għaddejnin bħalissa u huwa strateġija ta' tkabbir immirat biex jinkisbu emissjonijiet ta' gassijiet serra b'newtralità karbonika fl-UE sal-2050.

2.9. Il-Patt Ekoloġiku jkopri setturi ewlenin tal-ekonomija Ewropea, inklużi t-trasport, l-enerġija, l-agrikoltura, il-bini, u industriji speċifiċi bħall-azzar, is-siment, l-ICT, it-tessuti u l-kimiċi. Il-Kummissjoni qed taħdem fuq l-ewwel "Liġi Ewropea dwar il-Klima" u fuq strateġiji u investimenti addizzjonali speċifiċi biex tiffavorixxi tkabbir ekonomiku ekoloġiku. Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta huwa importanti iżda jista' jkollu bżonn aktar riżorsi ⁽⁶⁾.

3. Strumenti ta' politika possibbli li għandhom jintużaw għat-tnaqqis tas-CO₂ ⁽⁷⁾

3.1. Ħafna attivitajiet jistgħu jikkawżaw tniġġis li jaffettwa atturi oħra fl-ekonomija, effetti li forsi ma jitqiesux meta tittieħed id-deċiżjoni biex jitwettqu dawn l-istess attivitajiet. Għalhekk attività titwettaq mingħajr ma jitqiesu l-esternalitajiet li toħloq. Fi kliem ieħor, mingħajr ma titqies l-ispiża soċjali vera tal-attività. Huwa importanti li tiġi inkluża l-ispiża soċjali tat-tniġġis meta jittieħdu d-deċiżjonijiet. Dan jista' jsir billi tiġi imposta taxxa fuq l-attività. L-esternalità mbagħad ser tkun internalizzata fid-deċiżjoni u t-tniġġis jitnaqqas skont l-ispejjeż li joħloq.

3.2. Madankollu, attività tista' toħloq ukoll tnaqqis fil-livelli ġenerali tat-tniġġis, u b'hekk toħloq esternalità pożittiva. Tali attivitajiet għandhom jiġu inċentivatisabiex jiżiedu sal-punt li l-benefiċċji jiġu kkompensati b'mod sħiħ. Dan jista' jsir billi jiġu imposti sussidju jew taxxa negattiva.

3.3. Minħabba li l-impatt tal-emissjonijiet tas-CO₂ għandu kamp ta' applikazzjoni globali, il-prezz għat-tniġġis għandu jkun l-istess kullimkien għal impatti negattivi ekwivalenti. Huwa biss wara dan li t-taxxa għandha tkun imposta b'mod kosteffiċjenti. Għalhekk hemm il-ħtieġa ta' approċċ globali ⁽⁸⁾.

3.4. Madankollu huwa diffiċli li tivvaluta eżattament kemm CO₂ toħloq kull attività u m'hemm l-ebda suq dinji fejn tista' tiġi imposta taxxa uniformi fuq attivitajiet li jipproduċu CO₂. Il-pajjiżi kellhom għalhekk jirrikorru għal miżuri frammentati. Huwa importanti li l-miżuri meħuda jitwessgħu għal reġjuni usa' u għal attivitajiet li jniġġsu aktar.

3.5. Il-KESE jemmen li hemm raġunijiet imsejsa fuq il-fatti biex jiġu stabbiliti regoli uniformi fl-UE u abbażi ta' dawn biex jinbdeu diskussjonijiet internazzjonali ma' blokk kummerċjali oħrajn.

3.6. L-użu tal-permessi tal-kummerċ fl-UE u bnadi oħrajn huwa metodu biex tiġi indirizzata l-ħtieġa li jiġi impost prezz uniformi għal kull tunnellata emessa ta' CO₂.

3.7. Madankollu, id-diskussjonijiet s'issa ffokaw fuq ir-regolamenti u t-taxxi ambjentali, b'mod partikolari fuq it-taxxi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. Il-KESE jsostni li hemm bżonn li jiġi indirizzat it-tisħin globali b'mod komprensiv u simmetriku, filwaqt li jitqies il-livell eżistenti tas-CO₂ fl-atmosfera.

⁽⁴⁾ Ara l-Komunikazzjoni tal-KE *Patt Ekoloġiku Ewropew – Nirsistu biex inkunu l-ewwel kontinent newtrali għall-klima*.

⁽⁵⁾ Jekk jogħġbok ara l-Opinjoni tal-KESE dwar *Pjan ta' Investiment tal-Patt Ekoloġiku Ewropew* (għadha għaddeja) u l-Opinjoni tal-KESE (ĠU C 282, 20.8.2019, p. 51).

⁽⁶⁾ Jekk jogħġbok ara l-Opinjoni tal-KESE *Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-emendi għar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni* (ĠU C 311, 18.9.2020, p. 55).

⁽⁷⁾ Jekk jogħġbok ara l-Emissions Gap Report 2019 (Rapport tal-2019 dwar id-Distakk fl-Emissjonijiet) tal-UNEP rigward l-isforzi globali.

⁽⁸⁾ Jekk ma tinstabx soluzzjoni verament globali, il-kwistjoni ta' kif jiġu ttrattati prodotti minn pajjiżi terzi ssir problema u jkun hemm bżonn li jiġi applikat mekkaniżmu ta' aġġustament tat-taxxa fuq il-fruntiera, bil-konsegwenzi li dan iġib miegħu.

3.8. Billi t-tnaqqis tal-livell tas-CO₂ fl-atmosfera jikkumbatti t-tisħin globali, huwa daqstant ta' benefiċċju li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ b'ċertu ammont jew li jitneħħa dak l-istess ammont ta' CO₂ mill-atmosfera. Għalhekk, iż-żieda jew it-tnaqqis tal-livell għandhom jiġu ttrattati b'mod simmetriku. Dan ifisser li l-attivitajiet li jżiedu s-CO₂ fl-atmosfera (it-tniġġis) għandhom jiffaċċjaw spiża żejda (taxxa) filwaqt li l-attivitajiet li jnaqqsu l-livell tas-CO₂ għandhom jingħataw sussidju (taxxa negattiva).

3.9. Madankollu, l-enfasi s'issa kważi esklussivament kienet fuq il-prevenzjoni ta' aktar emissjonijiet. Anke bit-taxxi l-ġodda u l-miżuri addizzjonali li qed jiġu implimentati, it-tisħin globali x'aktarx ikompli sakemm is-CO₂ diġà emess ikun jista' jinħareġ mill-atmosfera. Il-KESE għalhekk jemmen li l-Istati Membri għandhom jintroduċu miżuri simmetriċi.

3.10. L-iskop ta' taxxa fuq l-emissjonijiet tal-karbonju u ta' taxxa negattiva fuq it-tnaqqis ta' CO₂ fl-atmosfera huwa li jħallu impatt fuq l-imġiba, kif ukoll biex tiġi internalizzata l-esternalità tat-tisħin globali. Madankollu, it-taxxa/is-sussidju se jkollhom impatt fuq l-opportunitajiet ta' produzzjoni u impjegi fis-setturi kollha tal-ekonomija. A priori, mhuwiex ovvju li r-rata ta' taxxa pożittiva u dik negattiva għandhom ikunu indaqs⁽⁹⁾.

3.11. Huwa tal-akbar importanza li jiġu allinjati l-inċentivi differenti biex jstimulaw l-investment sostenibbli, dment li jiġu kkunsidrati l-esternalitajiet pożittivi assoċjati. Metodoloġija armonizzata għall-indiċijiet tal-livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha sservi bħala gwida għall-kalkolu ta' impatti oħrajn.

3.12. Sabiex it-tranżizzjoni għal ekonomija ħielsa mill-karbonju ssir aktar ekonomikament b'saħħitha u politikament aktar kredibbli, għandha tittieħed azzjoni mill-aktar fis possibbli biex jitnaqqsu s-sussidji diretti u indiretti għas-settur tal-fjuwils fossili, li huwa responsabbli għal spejjeż ambjentali kbar.

3.13. Peress li l-ħtieġa finanzjarja tal-Patt Ekoloġiku Ewropew hija enormi u r-riżorsi baġitarji komuni tal-UE huma pjuttost limitati, ir-rwol tas-settur privat huwa sostanzjali. Ftehim dwar il-qafas finanzjarju pluriennali għandu jqis dan. Madankollu, it-taxxi fuq is-CO₂ primarjament qegħdin hemm bħala riżultat tal-ħtieġa li tinbidel l-imġiba tal-unitajiet domestiċi, tad-ditti u tal-entitajiet pubbliċi u mhux bħala sors ta' dħul. Il-KESE jixtieq jenfasizza l-ħtieġa li jiġu implimentati miżuri effiċjenti b'mod soċjalment aċċettabbli għal kulħadd.

4. Sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet

4.1. Strument ta' politika possibbli biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ hija s-sistema Ewropea għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS)⁽¹⁰⁾. Din hija bbażata fuq il-prinċipju ta' "limitu u skambju". Skont tali prinċipju, huwa stabbilit limitu fuq l-ammont kumplessiv ta' ċerti gassijiet serra li jistgħu jiġu emessi minn installazzjonijiet soġġetti għas-sistema. Il-limitu jitnaqqas fuq perjodu ta' żmien, li jwassal biex l-emissjonijiet totali jiġu mġiegħla jonqsu. Sal-limitu massimu, il-kumpaniji soġġetti għas-sistema jirċievu jew jixtru kwoti tal-emissjonijiet, li huma negozjabbli skont il-bżonn⁽¹¹⁾.

4.2. Skont il-Komunikazzjoni dwar *Il-Patt Ekoloġiku Ewropew* — COM (2019) 640 — sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, il-Kummissjoni se tirrevedi bosta strumenti ta' politika relatati mal-klima rilevanti sa Ġunju 2021⁽¹²⁾. Fosthom se jkun hemm l-ETS attwali, inkluża l-estensjoni possibbli tas-sistema fis-seħħ għal setturi ġodda, kif ukoll interventi addizzjonali rigward: i) il-miri tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet fis-setturi barra mill-ETS; ii) ir-regolament dwar l-użu tal-art, il-bidla fl-użu tal-art u l-forestrija.

4.3. Il-KESE jfaħħar l-approċċ tal-Kummissjoni, peress li jidher pass tajjeb sabiex jiġu stabbiliti prezzijiet tal-karbonju aktar effettivi fl-ekonomija kollha kemm hi. Tali għodda għandha tkun ikkoordinata ma' strumenti addizzjonali oħrajn, inkluż approċċ ġdid għat-tassazzjoni fis-suq intern tal-UE f'qafas ta' politika koerenti, kif ukoll ma' għodod simili oħrajn implimentati f'għurisidizzjonijiet oħrajn fuq livell dinji.

⁽⁹⁾ Jista' jiġi argumentat li s-sussidju għal kull tunnellata ta' tnaqqis ta' CO₂ għandu jkun ogħla mir-rata tat-taxxa fuq l-emissjonijiet ta' CO₂ peress li l-effett fuq l-impjeg minn produzzjoni mnaqqsa ta' attivitajiet li jarmu s-CO₂ x'aktarx jikkawża xi qgħad persistenti. Barra minn hekk, probabbilment, huwa aktar faċli li jinkiseb appoġġ pubbliku għal bidla strutturali fl-ekonomija li twassal għall-iżvilupp ta' teknoloġija ġdida minflok ma jitnaqqsu l-metodi ta' produzzjoni eżistenti.

⁽¹⁰⁾ Jekk jogħġbok ara l-Opinjoni tal-KESE dwar *Reviżjoni tal-iskema tal-UE għan-negozjar tal-emissjonijiet* (ĠU C 71, 24.2.2016, p. 57).

⁽¹¹⁾ L-ETS u l-ipprezzar tal-permessi qajmu ħafna dibattiti. L-għadd ta' permessi u ċ-ċiklu tan-negozju ekonomiku għandhom tendenza li jinfluwenzaw b'mod qawwi l-prezz tal-permessi. Is-sitwazzjoni ekonomika attwali, fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19, x'aktarx twassal ukoll biex jerġa' jkun hemm diskussjonijiet dwar l-ETS.

⁽¹²⁾ Jekk jogħġbok ara l-Opinjoni tal-KESE *Pjan ta' Investment tal-Patt Ekoloġiku Ewropew* (ĠU C 311, 18.9.2020, p. 63).

4.4. Minn perspettiva internazzjonali, l-għadd ta' sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet madwar id-dinja żdied. Minbarra s-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (EU ETS), sistemi nazzjonali jew sottonazzjonali diġà qegħdin joperaw jew qegħdin jiġu żviluppati fil-Kanada, iċ-Ċina, il-Ġappun, New Zealand, il-Korea t'Isfel, l-Iżvizzera u l-Istati Uniti.

4.5. Il-KESE jilqa' l-inizjattivi reġionali li qed jaħdmu favur tnaqqis sostanzjali tas-CO₂, bħala passi meħtieġa sabiex ikun jista' jlaħħaq b'mod effettiv mat-tibdil fil-klima kkawżat mill-emissjonijiet tas-CO₂. F'dan ir-rigward, il-KESE jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tkompli u ttejjeb l-isforz tagħha biex tagħmel l-Ewropa reġjun ewlieni f'dan il-qasam.

5. It-taxxa fuq l-emissjonijiet tal-karbonju

5.1. Strument politiku ieħor possibbli huma t-taxxi fuq il-karbonju. Dawn inaqqsu l-emissjonijiet prinċipalment b'żewġ modi: i) iżidu l-ispiża tal-fjuwils u l-elettriku bbażati fuq il-karbonju; ii) b'konsegwenza, jimmotivaw lill-kumpaniji biex jaqilbu għal enerġija nadifa, bħal, pereżempju, l-enerġija idroelettrika, solari, jew mir-riħ.

5.2. It-taxxi fuq il-karbonju, jekk imfassla b'mod korrett, huma konsistenti mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", li skonthom min iniġġes għandu jħallas l-ispejjeż tal-miżuri biex jitnaqqas it-tniġġis f'konformità ma' kemm issir ħsara lis-soċjetà, kif iddikjarat fid-Dikjarazzjoni ta' Rio tan-NU⁽¹³⁾ (1992) u fid-Direttiva 2004/35/KE dwar *ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali*⁽¹⁴⁾.

5.3. Fil-ħidma tagħha ta' tnaqqis tal-karbonju l-Kummissjoni ffokat l-attenzjoni tagħha fuq l-ETS. Il-KESE jqis li, fil-futur, jista' jkun utli u meħtieġ li jtfasslu wkoll miżuri ta' tassazzjoni ġodda li jistgħu jissupplimentaw l-ETS attwali u t-taxxi nazzjonali fuq il-karbonju sabiex jinkiseb qafas ta' politika effettiv u simmetriku biex jiġi indirizzat l-ammont dejjem jiżdied ta' emissjonijiet ta' CO₂. Koordinazzjoni tal-isforz fil-livell globali hija tal-akbar importanza, kif spjegat kif xieraq mill-FMI⁽¹⁵⁾.

5.4. Fl-Ewropa, għadd ta' pajjiżi imponew taxxi fuq l-enerġija, jew taxxi fuq l-enerġija bbażati parzjalment fuq il-kontenut tal-karbonju. Dawn jinkludu l-Iżvezja, id-Danimarka, il-Finlandja, in-Netherlands, in-Norveġja, is-Slovenja, l-Iżvizzera u r-Renju Unit⁽¹⁶⁾.

5.5. L-Iżvezja tiġbor l-ogħla rata tat-taxxa fuq il-karbonju b'EUR 112,08 għal kull tunnellata ta' emissjonijiet tal-karbonju, b'riżultat ta' tnaqqas fl-emissjonijiet tagħha bi 23 % fl-aħħar 25 sena. It-taxxa Żvediża fuq il-karbonju ġiet introdotta fl-1991 b'rata li tikkorrispondi għal SEK 250 (EUR 23) għal kull tunnellata ta' diossidu tal-karbonju fossili emess, u żdiedet gradwalment għal SEK 1 190 (EUR 110) fl-2020; hija tibqa' l-pedament tal-politika Żvediża dwar il-klima⁽¹⁷⁾.

5.6. It-taxxa Żvediża fuq il-karbonju pprovdiet inċentivi biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija, tittejjeb l-effiċjenza fl-enerġija u jiżdied l-użu ta' sorsi alternattivi ta' enerġija rinnovabbli. Biż-żieda gradwali fil-livell tat-taxxa, il-partijiet interessati ngħataw iż-żmien biex jadattaw, u jtejbu l-aċċettazzjoni politika taż-żidiet fit-taxxa maż-żmien.

⁽¹³⁾ Ara r-Rapport tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp.

⁽¹⁴⁾ ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56.

⁽¹⁵⁾ Monitoraġġ Fiskali tal-FMI, *How to Mitigate Climate Change* (Kif ħandu Jiġi Mmitigat it-Tibdil fil-Klima), 2019. F'paġna IX tad-dokument jiġi enfaszżat li għodod ta' politika differenti għandhom il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħhom, iżda l-kriżi klimatika hija urġenti u eżistenzjali, u l-partijiet interessati ewlenin jintalbu jużaw il-miżuri ta' politika xierqa kollha. Il-ministri tal-Finanzi jistgħu jaffrontaw din il-kriżi billi jintaxxaw l-emissjonijiet tal-karbonju jew politiki simili, jagħmlu l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima aktar aċċettabbli permezz ta' miżuri komplementari tat-taxxa jew tan-nefqa, billi jiżguraw baġitjar adegwat għal investiment f'teknoloġija nadifa, u jikkordinaw strateġiji fuq livell internazzjonali.

⁽¹⁶⁾ L-introduzzjoni jew iż-żieda fit-taxxi tal-emissjonijiet tal-karbonju spiss jinvolvu compromessi diffiċli. It-taxxi jiskattaw il-ħtieġa għal riforma fit-tekniki ta' produzzjoni u mezzi ta' trasport. Dan jista' jwassal għal qgħad fxi setturi u l-ħtieġa għal tranżizzjoni lejn tipi oħra ta' xogħol. Għal dawk affettwati, l-ispejjeż soċjali jistgħu jkunu għoljin. Il-pajjiżi għandhom possibbiltajiet differenti meta jiġu biex jipprovdu protezzjoni soċjali u dan jeħtieġ li jitqies sabiex kwalunkwe implimentazzjoni tkun soċjalment aċċettabbli.

⁽¹⁷⁾ It-taxxa tal-Iżvezja fuq il-karbonju, Uffiċċji tal-Gvern tal-Iżvezja — <https://www.government.se/government-policy/taxes-and-tariffs/swedens-carbon-tax/>

5.7. B'mod ġenerali, l-esperjenza Żvediża turi li huwa possibbli li jitnaqqsu l-emissjonijiet, anke jekk din teħtieġ trasformazzjoni sostanzjali tal-ekonomija. Bejn l-1990 u l-2017, il-PDG żdied bi 78 %, filwaqt li l-emissjonijiet domestiċi ta' gassijiet serra naqsu b'26 % fl-istess medda ta' żmien, u b'hekk l-Iżvezja tinsab fit-tmien post fl-Indiċi Globali Kompetittiv.

5.8. Fl-1990, il-Finlandja kienet l-ewwel pajjiż fid-dinja li introduċiet taxxa fuq il-karbonju. It-taxxa kienet oriġinarjament ibbażata biss fuq il-kontenut tal-karbonju b'rabta mal-ġenerazzjoni tas-sħana u l-elettriku. Din ġiet estiża biex tintaxxa kemm il-karbonju kif ukoll l-enerġija u tinkludi wkoll il-fjuwils għat-trasport.

5.9. Fl-1992, id-Danimarka introduċiet taxxa fuq il-karbonju li kienet tkopri l-konsum kollu ta' fjuwils fossili (gass naturali, żejt mhux raffinat u faħam). Fin-Norveġja, sa 55 % tal-emissjonijiet kollha huma koperti mit-taxxa fuq il-karbonju; l-emissjonijiet li jifdal huma koperti mis-sistema domestika għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ⁽¹⁸⁾.

5.10. Il-KESE jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea biex twettaq inizzjattivi konkreti biex jiġu stabbiliti taxxi fuq il-karbonju simili fl-Istati Membri sabiex jiġu armonizzati l-isforzi lejn tnaqqis effettiv tal-livell tas-CO₂. Eżitu ideali għandu johlq kundizzjonijiet uniformi fis-suq uniku tal-UE fir-rigward tal-emissjonijiet/it-tnaqqis li għandhom jiġu ntaxxati, kif ukoll il-metodi speċifiċi u r-rati ta' tassazzjoni għal impatt ugwali fuq il-livell tas-CO₂ fl-atmosfera. Tali eżitu jista', madankollu, jieħu ż-żmien, minħabba l-ħtiġijiet speċifiċi għall-pajjiż.

5.11. L-adozzjoni ta' taxxi fuq is-CO₂ simili fost l-Istati Membri għandha tintuża biex tinfluwenza lill-imsieħba kummerċjali biex jieħdu passi simili, u b'hekk testendi l-isforzi fuq livell globali u tillimita l-impatt fuq il-kompetittività Ewropea. Hija meħtieġa soluzzjoni globali biex jiġu evitati regoli kompensatorji kkumplikati.

5.12. Barra minn hekk, jekk imfassla b'mod korrett, it-taxxi jistgħu jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku billi jiġġeneraw, fost oħrajn, investimenti produttivi f'teknoloġiji ġodda. Dan huwa partikolarment il-każ għall-iżvilupp ta' teknoloġiji biex inaqqsu l-livelli eżistenti ta' CO₂ fl-atmosfera.

6. Teknoloġiji għall-ġbir u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju u għall-ġbir u l-użu tad-diossidu tal-karbonju

6.1. Madankollu strument ieħor ta' politika possibbli huwa l-użu ta' tekniki li jnaqqsu l-livelli eżistenti ta' CO₂ fl-atmosfera. Tali tekniki x'aktarx ikunu meħtieġa flimkien mat-taxxi tal-ETS u tas-CO₂. Huwa meħtieġ approċċ simmetriku. Aktivitajiet li jnaqqsu l-livell tas-CO₂ li diġà hemm fl-atmosfera huma ta' benefiċċju sabiex jiġi limitat it-tisħin globali bħat-tnaqqis ta' attivitajiet li jarmu s-CO₂.

6.2. Iż-żewġ teknoloġiji ewlenin immirati lejn it-tnaqqis tal-livelli tas-CO₂ huma t-teknoloġija għall-ġbir u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju (carbon capture and storage — CCS) u għall-ġbir u l-użu tad-diossidu tal-karbonju (carbon capture and utilisation — CCU) ⁽¹⁹⁾. Iż-żewġ teknoloġiji jiġbdu s-CO₂ mill-atmosfera, jikkompessawh u jittrasportawh f'post tal-ħżin. It-teknoloġiji għandhom potenzjal sinifikanti biex jimmitigaw it-tibdil fil-klima ⁽²⁰⁾. Hemm ukoll teknoloġiji oħra u aktar huma mistennija li jiġu żviluppati fil-futur qrib.

6.3. Id-differenza bejn is-CCS u s-CCU tinsab fid-destinazzjoni finali tas-CO₂ maqbud. Fis-CCS, is-CO₂ maqbud huwa trasferit lejn sit adattat għall-ħżin fit-tul, filwaqt li fis-CCU s-CO₂ maqbud jiġi trasformat fi prodotti kummerċjali.

6.4. Is-CCU tirreferi għall-ġbir u l-użu tas-CO₂ bħala materja prima fil-produzzjoni ta' minerali, elementi kostitwenti kimiċi, fjuwils sintetiċi u materjali tal-bini. Tista' tintuża biex tillimita l-emissjonijiet ta' CO₂ billi tirriċikla s-CO₂ fi prodotti, taqbad b'mod permanenti s-CO₂ f'materjali tal-bini bħall-konkrit, kif ukoll tirriċikla mill-ġdid is-CO₂ bi għid dirett tal-arja. Tista' toffri wkoll għażliet ta' ħżin tal-elettriku permezz tal-produzzjoni ta' metan sintetiku.

⁽¹⁸⁾ Putting a Price on Carbon with a Tax (Nipprezzaw il-karbonju permezz ta' taxxa), Grupp tal-Bank Dinji – https://www.worldbank.org/content/dam/Worldbank/document/SDN/background-note_carbon-tax.pdf

⁽¹⁹⁾ Il-potenzjal għal CCS u CCU fl-Ewropa, il-Kummissjoni Ewropea https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/iogp_-_report_-_ccs_ccu.pdf

⁽²⁰⁾ Jekk jogħġbok ara l-Opinjoni tal-KESE (ĠU C 341, 21.11.2013, p. 82).

6.5. L-UE waqqfet qafas regolatorju biex tikkummerċjalizza u tissussidja din it-teknoloġija ġdida, minkejja li l-ispejjeż tal-ġbir u l-ħżin għadhom fattur negattiv sinifikanti. Bħalissa, il-komponent tal-ġbid huwa l-aktar parti għalja tal-proċess.

6.6. Illum, l-akbar faċilitajiet tas-CCS u s-CCU jinsabu fl-Istati Uniti.

6.7. Fl-Ewropa, in-Norveġja ilha mill-1996 tuża tekniki tas-CCS u s-CCU⁽²¹⁾. Miljuni ta' tunnelli ta' CO₂ fis-sena mill-produzzjoni tal-gass naturali f'bosta faċilitajiet iddedikati ġew miġbuda u maħżuna f'siti xierqa, u b'hekk ġiet stabbilita bħala l-aktar esperjenza Ewropea ta' suċċess fl-użu tas-CCS sal-lum. Fis-snin reċenti, forom addizzjonali oħrajn ta' teknoloġija tas-CCS u s-CCU ġew żviluppati fl-Iżvezja, fin-Netherlands, fil-Belġju, fi Franza, u fl-Irlanda⁽²²⁾.

6.8. Il-KESE jinkoraġġixxi l-iżvilupp, permezz ta' investimenti ddedikati, ta' teknoloġiji tas-CCS u s-CCU, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, peress li jikkontribwixxu għall-oġettiv li jitnaqqas l-impatt tal-emissjonijiet tas-CO₂ u, b'mod aktar ġenerali, kemm għall-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli promossi min-NU kif ukoll għall-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima.

6.9. Jekk it-tisħin globali għandu jitnaqqas b'mod effiċjenti u kosteffikaċi, hemm bżonn li jiġu promossi t-teknoloġiji tas-CCS u s-CCU⁽²³⁾. B'mod partikolari, il-baġits nazzjonali għandhom ikollhom rwol kruċjali lejn użu mtejjeb ta' tali teknoloġiji, li jippromovu investimenti pubbliċi kif ukoll inċentivi fiskali. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni Ewropea qed tikkunsidra tirrevedi l-linji gwida rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat inklużi l-linji gwida dwar l-ambjent u l-enerġija, li se jiġu emendati sal-2021 sabiex tkun tista' tagħti aktar flessibilità lill-Istati Membri.

6.10. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jadottaw politika dwar intaxxar ambjentali komprensiva u simmetrika għall-effett tas-CO₂ fuq it-tisħin globali. Hemm bżonn li jiġu introdotti taxxi b'rati kemm pożittivi, kif ukoll negattivi. Id-dħul iġġenerat mit-taxxi fuq is-CO₂ jista' preferibbilment jintuża biex jiffinanzja inċentivi għal tekniki ta' tnaqqis tas-CO₂.

6.11. Il-fondi Ewropej iddedikati għar-riċerka fil-qasam tas-CCS u s-CCU jistgħu jiġu msaħħa finanzjarjament u mmirati strateġikament biex jagħtu riżultati aħjar u konkreti f'termini ta' kapaċità ta' ġbid u alternattivi ta' ħżin tas-CO₂.

6.12. Ir-rwol tar-regoli tal-akkwist pubbliku m'għandux ikun sottovalutat⁽²⁴⁾. L-oġettivi ekoloġiċi u l-għodod ambjentali speċifiċi mnaqqxa fid-Direttiva 2014/24/UE⁽²⁵⁾, id-Direttiva 2014/25/UE⁽²⁶⁾ u d-Direttiva 2014/23/UE⁽²⁷⁾ dwar l-akkwist pubbliku u l-kuntratti ta' konċessjoni għandhom ikunu sfruttati aktar u aħjar mill-gvernijiet nazzjonali u mill-amministrazzjonijiet pubbliċi lokali. Għalhekk, l-investimenti nazzjonali u n-nefqa pubblika, minn naħa, jistgħu jaħdmu f'sinerġija mal-miżuri previsti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, min-naħa l-oħra.

⁽²¹⁾ CCS, Norwegian Petroleum – <https://www.norskpetroleum.no/en/environment-and-technology/carbon-capture-and-storage/>

⁽²²⁾ How European CO₂ Transport and Storage Infrastructure can enable an Innovative Industrial Transition (Kif l-Infrastruttura Ewropea tat-Transport u l-ħżin tas-CO₂ tista' tippermetti Tranżizzjoni Industrijali Innovattiva), il-Parlament Ewropew – <https://zeroemissionsplatform.eu/wp-content/uploads/ZEP-Conference-Presentations.pdf>

⁽²³⁾ Fl-2020, kumitat governattiv Żvediż ikkonkluda li l-Iżvezja tista' tikseb eżitu ta' newtralità karbonika sal-2045, jekk id-dħul mit-taxxi tas-CO₂ jintuża biex jissussidja t-tneħħija tas-CO₂ fl-atmosfera. Ir-rati ta' taxxa pożittivi u negattivi għandhom ikunu indaqs. Ara SOU 2020:4, Swedish government public investigations (Investigazzjonijiet pubbliċi mill-Gvern Żvediż).

⁽²⁴⁾ Dan ġie enfasizzat fil-pubblikazzjoni *Public Procurement for a Circular Economy* (Akkwist Pubbliku għal Ekonomija Ċirkolari) tal-Kummissjoni Ewropea, Ottubru 2017, https://ec.europa.eu/environment/gpp/circular_procurement_en.htm. Il-Bank Dinji enfasizza wkoll ir-rwol tar-regoli tal-akkwist pubbliku fl-akkwist tiegħu stess; <https://www.worldbank.org/en/about/corporate-procurement/vendors>

⁽²⁵⁾ ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

⁽²⁶⁾ ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.

⁽²⁷⁾ ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1.

7. Għodod addizzjonali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet

7.1. Fl-aħħar nett, il-KESE jgħbed l-attenzjoni għal strumenti ta' politika oħrajn għat-tnaqqis tal-karbonju. Dawn ivarjaw minn teknoloġiji ġodda għal prattiki tal-immaniġġjar tal-art, li għandhom jiġu mħeġġa u appoġġjati kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali. L-ewwel u qabel kollox, il-foresti jneħħu d-diossidu tal-karbonju b'mod naturali, u s-siġar huma speċjalment tajbin biex jaħżnu l-karbonju li jitneħħa mill-atmosfera permezz tal-fotosinteżi. L-espansjoni, l-irkupru u l-immaniġġjar korrett tal-foresti jistgħu jsaħħu s-setgħa tal-fotosinteżi biex tindirizza s-CO₂.

7.2. Filwaqt li l-bejgħ ta' prodotti tal-foresti huwa ntaxxat bħala dħul għas-sid, għandu jkun rikonoxxut li t-tħawwil ta' siġar u t-*tkabbir* tal-foresti jnaqqsu s-CO₂ fl-atmosfera u għalhekk għandhom, f'approċċ simmetriku ta' ntaxxar fuq it-tisħin globali, jitħeġġu permezz ta' taxa negattiva fuq is-CO₂. Din tkun miżura importanti biex jintlaħqu objettivi relatati mal-klima.

7.3. Barra minn hekk, il-ħamrija taħżen il-karbonju b'mod naturali. L-aħħar PAK introduċiet xi miżuri favur l-ambjent li għandhom l-għan li jżidu l-kontribut tal-agrikoltura Ewropea għat-*tkabbir* ekoloġiku fl-Ewropa. Miżuri bħal dawn għandhom jiġu mħeġġa sa fejn ikunu kompatibbli mal-ħtieġa dejjem tiżdied tal-produzzjoni tal-ikel u t-twettiq tal-objettivi ambjentali. L-ekonomija ċirkolari tista' wkoll tinvolvi żieda fil-possibbiltajiet biex jinkisbu l-objettivi ambjentali u klimatiċi.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwat "It-titjib tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli madwar l-UE"**(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2020/C 364/04)

Relatur: **Philip VON BROCKDORFF**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.2.2020
Bażi legali	Artikolu 32(2) tar-Regoli ta' Proċedura
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	24.6.2020
Adottata fil-plenarja	16.7.2020
Sessjoni plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	194/11/12

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt fuq l-Unjoni Ewropea, kif ukoll fuq pajjiżi oħra fid-dinja. Il-Kummissjoni Ewropea rreaġixxiet għal din il-kriżi b'pakkett wiesa' ta' strumenti li għandhom l-għan li jtaffu l-impatt tad-daqqa ta' ħarta minn dan ix-xokk eżoġenu. Dawn jinkludu strument ta' Appoġġ għall-Kriżi Pandemika permezz tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), self temporanju biex jiġu ffinanzjati skemi nazzjonali ta' xogħol għal żmien qasir u miżuri simili sabiex jiġu ssalvagwardjati l-impjegji fl-Istati Membri tal-UE bħala parti mill-inizjattiva SURE. Min-naħa tiegħu, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) ipprova appoġġ ta' likwidità lin-negozji. Aktar reċentement, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet strument ġdid ta' EUR 750 biljun imsejjaħ Next Generation EU, maħsub biex jgħin lill-Istati Membri jirkupraw mill-kriżi ekonomika.

1.2. Fuq dan l-isfond, il-KESE huwa tal-fehma li l-kriżi tal-COVID-19 m'għandhiex tidderieġi lill-UE 'l bogħod mill-oġġettivi tagħha fuq medda medja u twila ta' żmien, kif stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2020, u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Jekk xejn, dawn l-għanijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li terġa' tingħata spinta lill-ekonomija Ewropea biex ikun żgurat tkabbir sostenibbli fis-snin li ġejjin, mibni fuq il-pilastru tas-sostenibbiltà ambjentali, il-gwadani tal-produttività, il-ġustizzja u l-progress soċjali, u l-istabbiltà makroekonomika.

1.3. Biex ikunu żgurati l-ktajjen ta' provvista, li wrew li huma vulnerabbli matul il-kriżi, il-KESE jemmen li l-operaturi tal-UE jeħtieġ li jfasslu mill-ġdid strateġiji għall-ktajjen ta' provvista, inkluża d-diversifikazzjoni, kif ukoll l-allinjament mill-ġdid tal-ktajjen ta' provvista f'diversi setturi. Element daqstant ieħor importanti huwa li l-UE jeħtieġ li jkollha rwol aktar prominenti fil-kummerċ dinji, li huwa vitali għall-kumpaniji tal-UE u l-prospetti tan-negozju tagħhom. Il-KESE jemmen ukoll li għandhom japplikaw kundizzjonijiet ekwi ffirxa wiesgħa ta' aspetti (mhux l-inqas standards tax-xogħol internazzjonali, kompetizzjoni ġusta u konformità mal-miri dwar it-tibdil fil-klima) għall-kumpaniji globali li joperaw f'suq globali. Ma jistgħux jiġu esklużi kumpaniji tal-UE li jirrilokaw l-impjanti tal-manifattura tagħhom (tal-anqas għal prodotti essenzjali) fl-UE biex jevitaw problemi fil-ktajjen ta' provvista.

1.4. Il-globalizzazzjoni, bl-effetti sekondarji kollha tagħha, irriżultat f'investimenti fil-pajjiżi iżda dawn mhux dejjem neċessarjament qed isiru daqstant biex jibnu l-investment kapitali milli biex ifittxu pajjiżi bl-inqas taxxi. Il-KESE huwa tal-fehma li l-problemi ekonomiċi u konsegwenzi oħra maħluqa mill-kriżi tal-COVID-19 jissuġġerixxu li hija meħtieġa bidla fil-modus operandi ta' negozji fl-UE u fid-dinja. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-KESE biex jiġu aċċellerati l-iskedi ta' żmien biex jindirizzaw l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa issa assumew rilevanza akbar, u l-istess jgħodd għad-diskussjoni bejn l-Istati Membri dwar bidla gradwali għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata u l-proċedura leġiżlattiva ordinarja fi kwistjonijiet fil-qasam tat-tassazzjoni.

1.5. Il-politika u l-appoġġ tal-gvern saru iktar importanti matul il-kriżi. Il-politika fiskali, b'mod partikolari, hija kruċjali mhux biss għall-istabilità ekonomika iżda wkoll biex il-gvernijiet ikunu jistgħu jappoġġjaw in-negozji permezz ta' inċentivi, kif permess skont il-leġislazzjoni tal-UE. Għaldaqstant, il-KESE jemmen li kwalunkwe tentattiv biex jinkiseb u jissaħħaħ it-tkabbir sostenibbli jirrikjedi d-direzzjoni u r-regolamentazzjoni tal-gvern fl-oqsma kollha tal-attività ekonomika u l-protezzjoni tal-ambjent, b'enfasi fuq l-integrazzjoni tal-protezzjoni tal-ambjent fl-attività ekonomika. Naturalment, djalogu miftuħ mal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili jibqa' kruċjali għall-istabbiliment tad-direzzjoni ekonomika.

1.6. Il-ħtieġa kbira ta' self biex jiġi pprovdut appoġġ għall-introjt u garanziji ta' self għal negozji ffriżati minn restrizzjonijiet matul il-kriżi bla dubju se tillimita l-punt sa fejn il-gvernijiet jistgħu jipprovdu inċentivi biex jerġgħu qajmu l-attività ekonomika. Din tillimita wkoll l-ammont ta' finanzjament meħtieġ biex jiġu appoġġjati kemm il-protezzjoni tal-ambjent kif ukoll l-investment produttiv. Għalhekk il-gvernijiet se jkunu meħtieġa jsibu modi kreattivi biex jappoġġjaw in-nefqa mmirata lejn it-tkabbir ekonomiku sostenibbli, filwaqt li jiżguraw ukoll is-sostenibbiltà fiskali fit-tul.

1.7. It-tranżizzjoni lejn triq ekonomika aktar sostenibbli jeħtieġ li tinvolvi, sa fejn ikun possibbli, kemm l-iżvilupp ta' setturi ekoloġiċi kif ukoll l-"ekoloġizzazzjoni" ta' mudelli u setturi ta' negozji eżistenti lil hinn minn dawk "ekoloġiċi" tradizzjonali. Għaldaqstant, il-KESE jemmen li l-għajnuna offruta lin-negozji, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll tal-UE, trid tkun tiddependi fuq il-kisba tal-għanijiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2020, u abbażi ta' evidenza ta' progress soċjali.

1.8. Fid-determinazzjoni tal-istrateġiji meħtieġa għall-irkupru ekonomiku, l-investment u s-sostenibbiltà, l-attivazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li tippermetti lill-pajjiżi taż-żona tal-euro jissospendu temporanjament kwalunkwe aġġustament meħtieġ biex jintlaħqu l-miri fiskali fuq perjodu ta' żmien medju, hija pass fid-direzzjoni t-tajba. Madankollu, il-KESE jemmen li jista' jagħti l-każ li tkun meħtieġa reviżjoni tar-regoli eżistenti hekk kif nidħlu fil-fażi tal-irkupru ta' wara l-COVID.

1.9. Il-KESE huwa tal-fehma li pedament tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli fl-UE jrid ikun il-ħolqien u l-iżvilupp ta' ekonomija verament ċirkolari li timmassimizza u żżomm il-valur tul il-ktajjen kollha tal-valur, filwaqt li timminimizza l-iskart u tħabrek biex ikun hemm l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi. Il-mudelli ta' negozju tal-ekonomija ċirkolari joffru potenzjal sinifikanti għat-trawwim tal-kompetittività Ewropea, mhux biss f'termini tas-salvagwardja tal-ambjent naturali, iżda anke fil-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità għolja u l-iżvilupp ta' industriji anċillari.

1.10. Ma jistax jiġi enfasizzat biżżejjed ir-rwol tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni u l-investment kontinwu fil-kapital uman fl-iffaċilitar tat-tranżizzjoni lejn l-iżvilupp sostenibbli. Madankollu, il-pandemija attwali serviet ukoll biex tenfasizza mill-ġdid l-importanza li ssir enfasi fuq is-saħħa u l-benessri tal-individwu, mhux sempliċement fuq il-produttività u t-tkabbir ekonomiku. Il-produttività għandha rwol ewlieni fil-kisba tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Il-KESE jemmen li biex ekonomija tkompli tikber b'mod sostenibbli fil-futur, jeħtieġ li żżid il-kapaċità tagħha li tikber, iżda biss sal-punt fejn tali tkabbir iżid il-valur lill-ekonomija billi jżid kemm il-pagi kif ukoll il-bilanċi favorevoli, u b'hekk iżid id-domanda fis-Suq Uniku, u mingħajr ma jonqos milli jirrispetta d-drittijiet miksuba bħall-protezzjoni soċjali u n-negozjar kollettiv.

2. Reżiljenza għall-iskossi ekonomiċi (l-esperjenza tal-COVID-19)

2.1. Fil-konklużjonijiet tal-Opinjoni tiegħu dwar il-Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti ⁽¹⁾, il-KESE nnota li fil-każ ta' kriżi ekonomika li taffettwa diversi Stati Membri u meta jitqies id-daqs tal-fond, il-Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti (FESI), li għandha l-għan li tagħmel il-politiki fiskali nazzjonali aktar stabilizzanti fir-rigward ta' skossi ekonomiċi, ma tkunx effettiva biżżejjed. Għalkemm l-FESI kienet ikkunsidrata bħala pass lejn integrazzjoni aktar mill-qrib taż-żona tal-euro, il-KESE kkunsidra li skema ta' assigurazzjoni mfassla tajjeb madwar l-Unjoni kollha li aġixxiet bħala stabbilizzatur awtomatiku fost l-iskossi makroekonomiċi tkun aktar effettiva kontra l-FESI proposta.

2.2. F'dawn l-aħħar xhur, l-Unjoni Ewropea, flimkien ma' pajjiżi oħra fid-dinja, intlaqet b'mod negattiv mit-tifqigħa tal-COVID-19. Din il-kriżi żvelat dgħufijiet inerenti fl-UE: it-tmexxija tagħha, għall-inqas fil-bidu, dehret inkapaċi li tirreaġixxi b'mod effettiv u koordinat fil-konfront tal-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali serji li rriżultaw mill-kriżi tal-COVID-19. Is-sistemi tal-kura tas-saħħa, b'mod speċjali fl-Italja u fi Spanja, tħabtu biex ilaħħqu man-numru ta' persuni infettati u r-reazzjoni ġenerali ironikament irriflettiet ir-riċetta "kull nazzjon għalih innifsu" sostnuta mill-partiti tal-lemin estrem u n-nazzjonalisti.

⁽¹⁾ ĠU C 62, 15.02.2019, p.126.

2.3. Wieħed jista' jargumenta li l-kriżi reċenti kienet l-akbar test għall-proġett tal-UE, l-istituzzjonijiet tagħha u l-arkitettura proprja li tappoġġja l-euro. Lura fl-2008, is-settur bankarju kien iċ-ċentru tal-kriżi. Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ipprova likwidità lil swieq finanzjarji u appoġġja l-banek. L-għodod monetarji kienu kruċjali dak iż-żmien, iżda l-kriżi reċenti kienet sfida kompletament differenti, bl-oneru fuq miżuri fiskali biex tiġi żgurata r-robustezza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa pubblika, u fl-istess ħin jiġi pprovdut appoġġ għall-introjtu għal negozji vulnerabbli u l-impjegati tagħhom. Min-naħa tiegħu, il-BĊE ta appoġġ indirett lill-kapaċitajiet tal-gvernijiet li joħorġu dejn u jissellfu biex jiffinanzjaw l-infiq, inkluż infiq immirat lejn programmi ta' żvilupp soċjali u benefiċċji soċjali.

2.4. Il-konsegwenzi ekonomiċi tal-COVID-19 laqtu lill-membri kollha tal-blokk monetarju. Madankollu, ma jeżisti l-ebda mekkaniżmu li jippermetti lill-gvernijiet taż-żona tal-euro jirrispondu b'mod konġunt għal dan it-tip ta' skoss. Ir-risultat huwa li r-reazzjonijiet politiċi għall-pandemija kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom nazzjonali — u enfasizzaw differenzi aktar milli għab flimkien lill-Ewropa f'mument ta' kriżi. Fil-konfront ta' skoss simmetriku, iż-żona tal-euro rreaġixxiet b'mod asimetriku. Id-differenzi bejn il-kundizzjonijiet fiskali ta' kull Stat Membru kkawżaw differenzi kbar fir-reazzjonijiet politiċi. F'għadd mill-Opinjoni tiegħu l-KESE ddeskriva r-rilevanza ta' konverġenza akbar fil-politika ekonomika kif ukoll soċjali u approċċ koordinat fil-politika fiskali, inkluża t-tassazzjoni, iżda l-kriżi attwali wriet għal darb'oħra li hemm disparità sostanzjali fir-rispons tal-politika fiskali kkawżata minn differenzi fil-kundizzjoni fiskali ta' kull pajjiż. L-ekonomiji taż-żona tal-euro aktar b'saħħithom irreaġixxew b'mod qawwi għall-COVID-19 billi żiedu s-self biex jiffinanzjaw il-pakketti ta' salvataġġ. L-ekonomiji l-aktar vulnerabbli ma għandhomx l-istess flessibilità finanzjarja u rreaġixxew b'pakkett ta' salvataġġ aktar modest. Dan juri kemm hemm diverġenza bejn l-ekonomiji fiż-żona tal-euro. Aktar ma l-kriżi bdiet tiegħu fit-tul, aktar saru viżibbli dawn id-differenzi.

2.5. Bi tweġiba għall-kriżi, il-BĊE ħabbar programm straordinarju ġdid ta' xiri ta' assi biex jistabilizza s-swieq Ewropej. Ir-reazzjoni inizjali fil-bliet kapitali Ewropej kienet prevedibbli: ladarba s-swieq ikkalmaw u naqsu l-firxiet tal-bonds bejn il-pajjiżi, il-ħtieġa perċepita għal azzjoni fiskali konġunta evaporat. Kull pajjiż tefa' l-attenzjoni tiegħu lura fuq pakketti ta' salvataġġ nazzjonali. Madankollu, il-ħidma sussegwenti mill-Kummissjoni, il-Grupp tal-Euro u l-Kunsill Ewropew dwar il-pjan ta' rkupru tat spinta tant meħtieġa lill-Istati Membri. Iżda għad fadal ħafna xi jsir biex ikun hemm reazzjoni effettiva għal din il-kriżi, inkluż il-ħolqien ta' strument ta' dejn komuni li għandu l-għan li jiġbor fih l-investment meħtieġ biex l-ekonomija terġa' tqum fuq saqajha u biex jiġi evitat li miljuni ta' impjegati jintilfu fl-UE.

2.6. Dan iwassalna għall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) u l-kapaċità ta' self tiegħu ta' EUR 410 biljun. L-Istati Membri kienu tipikament pjuttost retiċenti biex jirrikorru għall-MES, minħabba li s-self kollu jġib miegħu kundizzjonijiet. It-tieni, anke meta dawn il-kundizzjonijiet ikunu rinunzjati jew aġġustati, kif kien l-eżitu tal-laqgħa tal-Grupp tal-Euro fid-9 ta' April 2020, il-bonds "sintetiċi" tal-MES jistgħu biss jipperpetwaw in-natura frammentata taż-żona tal-euro. Il-frammentazzjoni ma ġietx indirizzata mill-qafas attwali għas-sorveljanza ekonomika u fiskali, b'mod speċjali r-riformi tas-six pack u tat-two pack, u tikkostitwixxi r-raġuni ewlenija għal Komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni Ewropea (?). L-objettiv ta' dan ir-rieżami huwa essenzjalment iffokat fuq x'inhu meħtieġ biex jinkiseb it-tkabbir ekonomiku filwaqt li jinżammu finanzi tal-gvern sostenibbli u jiġu evitati żbilanċi makroekonomiċi permezz ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi u l-konverġenza fil-prestazzjoni ekonomika tal-Istati Membri. Dan jista' jkun pass importanti fid-direzzjoni t-tajba sakemm il-kawżi ewlenin għall-iżbilanċi jiġu identifikati permezz tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku jew permezz tas-Semestru Ewropew, b'enfasi fuq politiki aktar effettivi, inklużi dawk immirati lejn sistemi mtejba ta' protezzjoni soċjali.

2.7. Fid-9 ta' April 2020, il-Kummissjoni Ewropea ħabbret pakkett wiesa' ta' strumenti bil-għan li jittaffa l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19, li jammonta għal EUR 540 biljun. Dan jinkludi strument ġdid ta' Appoġġ għall-Kriżi Pandemika permezz tal-MES ta' mhux aktar minn EUR 240 biljun, immirat lejn l-appoġġ tal-Istati Membri taż-żona tal-euro fil-finanzjament domestiku ta' spejjeż diretti u indiretti relatati mal-kura tas-saħħa, il-fejqa u dawk relatati mal-prevenzjoni minħabba l-kriżi tal-COVID-19, li jkun limitat għal 2% tal-PDG tal-2019 ta' kull pajjiż. Il-pakkett jinkludi wkoll EUR 100 biljun f'self temporanju biex jiġu ffinanzjati skemi nazzjonali ta' xogħol għal żmien qasir u miżuri simili sabiex jiġu ssalvagwardjati l-impjegati fl-Istati Membri tal-UE bħala parti mill-inizjattiva SURE, b'garanzji pprovduti mill-pajjiżi tal-UE. Barra minn hekk, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) se jipprovi appoġġ ta' likwidità ta' mhux aktar minn EUR 200 biljun lil negozji madwar l-Ewropa, b'enfasi fuq l-SMEs. Barra minn hekk, fis-27 ta' April 2020, il-Kunsill Ewropew qabel fil-prinċipju mal-istabbiliment ta' fond għall-irkupru għall-UE, li jammonta għal mill-inqas EUR 1 triljun, u talab lill-Kummissjoni tiżviluppa proposta dwar kif se jiġi żviluppat u utilizzat fond bħal dan.

(?) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Rieżami tal-governanza ekonomika Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1173/2011, 1174/2011, 1175/2011, 1176/2011, 1177/2011, 472/2013 u 473/2013 dwar l-idoneità tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE.

2.8. Xahar wara, fis-27 ta' Meju 2020, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet strument ġdid ta' EUR 750 biljun imsejjaħ Next Generation EU, maħsub biex jgħin lill-Istati Membri jirkupraw mill-kriżi ekonomika kkawżata mill-kriżi tal-COVID-19. Il-pakkett il-ġdid, li huwa parti mill-baġit fit-tul li jmiss tal-UE għall-2021-2027, jinkludi EUR 500 biljun f'għotjiet u EUR 250 biljun f'self, u se jiġi ffinanzjat permezz ta' self fis-swieq finanzjarji, u dan jeħtieġ żieda temporanja fil-limitu massimu tar-riżorsi proprji tal-Kummissjoni għal 2 % tal-Introjt Nazzjonali Gross tal-UE. Il-programm ta' rkupru jinkludi EUR 560 biljun għall-appoġġ tal-investimenti u r-riformi mill-Istati Membri b'rabta mal-ekonomija ekoloġika, id-diġitalizzazzjoni u r-reżiljenza ekonomika (EUR 310 biljun f'għotjiet u EUR 250 biljun f'self), EUR 55 biljun addizzjonali biex tingħata spinta lill-programmi eżistenti tal-politika ta' koeżjoni u EUR 40 biljun supplimentari għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, kif ukoll investiment ulterjuri ta' EUR 15-il biljun fil-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Il-fond għandu wkoll l-għan li tingħata spinta mill-ġdid lill-investiment privat, bi Strument ta' Appoġġ għas-Solvenza ġdid għan-negozji Ewropej, ibbaġitjat għal EUR 31 biljun, flimkien ma' żieda ta' EUR 15,3-il biljun għall-programm ta' investiment tal-UE InvestEU kif ukoll EUR 15-il biljun addizzjonali għall-Faċilità ta' Investiment Strateġiku (parti mill-InvestEU) li għandhom l-għan li jiġġeneraw investiment f'setturi strateġiċi fi ħdan l-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-bini tar-reżiljenza, it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali u l-ktajjen ta' valur ewlenin.

2.9. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, il-kriżi reċenti tal-COVID-19 ma għandhiex tbiegħed lill-UE mill-oġġettivi fit-tul tagħha kif deskritti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2020. Jekk xejn, stranament, dawn l-għanijiet huma prexjenti, inkwantu jirrikonoxxu l-ħtieġa li terġa' tingħata spinta lill-ekonomija Ewropea biex ikun żgurat tkabbir sostenibbli fis-snin li ġejjin, mibni fuq il-pilastru tas-sostenibbiltà ambjentali, il-gwadanji tal-produttività, il-ġustizzja u l-progress soċjali, u l-istabilità makroekonomika.

3. L-interdipendenza globali, id-dimensjoni internazzjonali tal-UE u l-futur tal-globalizzazzjoni

3.1. Għalkemm il-globalizzazzjoni wasslet għal żieda fl-Investment Barrani Dirett (IBD), fejn l-IDB qed jiżdied b'rata medja annwali ta' madwar 10 % mill-1990⁽³⁾ 'l hawn, meta mqabbel maż-żieda medja ta' 5 % fil-kummerċ dinji⁽⁴⁾, wieħed irid jirrikonoxxi l-effetti sekondarji tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-kundizzjonijiet soċjali. Filwaqt li huwa minnu li l-globalizzazzjoni tat spinta lit-trasferiment tat-teknoloġija, ir-ristrutturar industrijali u t-tkabbir tal-kumpaniji globali, dan ta' spiss seħħ għad-detriment tad-drittijiet soċjali u n-negozjar kollettiv. Għal darb'oħra, għalkemm il-globalizzazzjoni ppermettiet li kumpaniji kbar iwettqu ekonomiji ta' skala li jnaqqsu l-ispejjeż u l-prezzijiet, dan għamel ħsara lil ħafna negozji żgħar tal-UE li jikkompetu domestikament.

3.2. Fir-rigward tal-kummerċ bejn in-nazzjonijiet, il-fatt li l-interdipendenza żdiedet ħalla għadd ta' effetti pożittivi, mhux l-inqas l-għarfien li l-kunflitti bejn in-nazzjonijiet ifissru l-aħħar tad-dinja kif nafuha aħna, bl-armamenti militari li jipposjedu nazzjonijiet bħaċ-Ċina, l-Istati Uniti tal-Amerka u r-Russja. Madankollu, din mhijiex l-istorja kollha. Il-konsegwenzi negattivi tal-globalizzazzjoni, bħat-tniġġis żejjed u kundizzjonijiet tax-xogħol iġusti, huma ħafna drabi injorati. Barra minn hekk, meta kriżi tolgot ekonomiji bħaċ-Ċina u l-Istati Uniti tal-Amerka, jiġu affettwati għadd kbir ta' pajjiżi, u jinħolqu instabbiltajiet kemm reġjonali kif ukoll globali. Hemm għadd ta' żvantaġġi oħra kkawżati mill-globalizzazzjoni, mhux l-inqas il-fatt li d-ditti multinazzjonali jew globali huma ħafna drabi meqjusa bħala theddida għas-sovranità tan-nazzjon minħabba l-influenza domestika tagħhom.

3.3. Il-mistoqsija rilevanti li wieħed irid isaqsi f'dan l-istadju hija l-punt sa fejn il-COVID-19 se tibdel il-modus operandi ta' kumpaniji li qed joperaw f'kummerċ jew servizzi transfruntiera ma' ċerti setturi — b'mod partikolari l-ivvjaġġar u t-turiżmu/l-avjazzjoni — li qed iġorru l-piż tal-kriżi ekonomika. L-implikazzjonijiet finanzjarji ta' din il-kriżi huma kbar ħafna, b'ħafna kumpaniji — inklużi dawk fis-settur tal-manifattura — affettwati minn restrizzjonijiet fil-katina ta' provvista u l-esportazzjoni kif ukoll il-waqfien tan-negozju tal-klijenti li jixpruna dak li jista' jissejjaħ bħala effett multiplikatur invertit, jew il-propagazzjoni ta' skossi (negattivi) fin-netwerks tal-produzzjoni. Il-kriżi serviet biex tfakkarna dwar ix-xibka ta' ftehimiet ta' provvista li fuqhom hija bbażata l-ekonomija globalizzata.

3.4. L-espansjoni tal-kummerċ globali fl-ewwel kwart tas-seklu 20 saret possibbli permezz ta' żewġ fatturi mhux relatati: iż-żieda fit-trasport intermodali tal-merkanzija (jiġifieri l-merkanzija f'kontejners) u l-abbandun mifrux ta' kontrolli kapitali fil-bidu tas-snin tmenin. Billi issa l-flussi tal-kapital huma aktar irregolati, jibqgħu l-iktar fattur importanti tal-flussi

⁽³⁾ UNCTAD (2019). World Investment Report 2019 (Rapport dwar l-Investment Dinji 2019).

⁽⁴⁾ Bank Dinji (2020). Exports of goods and services (annual % growth). World Development Indicators (Espertazzjoni ta' oġġetti u servizzi (% tkabbir annwali). Indikaturi Dinjija tal-Iżvilupp).

kummerċjali u ta' investiment fid-dinja. It-tielet raġuni wara l-espansjoni tal-kummerċ globali kienet il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u l-ftehimiet kummerċjali relatati, forsi b'mod partikolari l-fatt li ċ-Ċina ssieħbet fid-WTO. Il-kummerċ huwa importanti ħafna għall-UE fi kwalunkwe sforz immirat lejn it-tisħiħ tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli u hemm vantaġġi ovvji għaż-żieda fil-flussi kummerċjali bejn l-UE u l-imsieħba kummerċjali tagħha, iżda l-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat il-vulnerabbiltà tal-ktajjen ta' provvista globali. Tfixkil fil-kummerċ jista' jaffettwa t-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Fid-dawl ta' dan, hemm aktar x'isir min-naħa tal-UE permezz tal-ftehimiet internazzjonali tagħha biex tiżgura ktajjen ta' provvista biex jiġi mminimizzat it-tfixkil ikkawżat minn skossi ekonomiċi. Dan jinvolvi tfassil mill-ġdid ta' strateġiji tal-katina ta' provvista, inkluża d-diversifikazzjoni, iżda anke l-allinjament mill-ġdid tal-ktajjen ta' provvista madwar setturi multipli. Dan ikun ifisser ukoll xi forma ta' deglobalizzazzjoni settorjali, li jwassal biex ċerti kumpaniji tal-UE jirrilokaw l-impjanti tal-manifattura tagħhom (tal-anqas għal prodotti essenzjali) fi ħdan l-UE biex jiġu evitati problemi fil-ktajjen ta' provvista.

3.5. Id-dimensjoni internazzjonali tal-UE u r-relazzjonijiet tagħha mal-atturi globali, b'mod partikolari ċ-Ċina, l-Istati Uniti tal-Amerka u r-Russja huma ta' rilevanza għat-tema inkwistjoni. Billi d-diplomazija internazzjonali hija ta' importanza kritika għall-prospetti ekonomiċi futuri tal-UE u l-munita tagħha, l-UE jeħtieġ li jkollha rwol ħafna aktar prominenti u li jħares 'il quddiem fl-affarijiet internazzjonali, inklużi n-negozjati kummerċjali man-nazzjonijiet kompetituri. Il-KESE xorta waħda jippreferi negozjati kummerċjali multilaterali u għandu jibqa' jagħmel dan, iżda huwa evidenti li l-pożizzjoni tal-UE dwar il-kummerċ multilaterali qed tiġi injorata miċ-Ċina, l-Istati Uniti tal-Amerka u r-Russja. Jekk l-UE trid li jkollha rwol aktar prominenti fil-kummerċ dinji, li huwa vitali għall-kumpaniji tal-UE u l-prospetti kummerċjali tagħhom, allura hemm ħafna aktar x'isir min-naħa tagħha biex iġġib nazzjonijiet oħra lura madwar il-mejda tan-negozjati multilaterali, u jekk dan ma jseħħx, il-kummerċ bilaterali jkollu jassumi importanza akbar. Il-globalizzazzjoni ffutur wara l-kriżi għandu jkollha kundizzjonijiet ekwi f'firxa wiesgħa ta' aspetti (fosthom il-kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa, il-konformità mal-istandards tax-xogħol, u t-tilħiq tal-miri tat-tibdil fil-klima) għall-kumpaniji globali li joperaw f'suq globali. Jekk le, imbagħad l-UE tirriskja li ssir aktar u aktar vulnerabbli u dipendenti minn ġlidiet kummerċjali bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u ċ-Ċina.

3.6. Sa fejn huma kkonċernati l-investimenti transfruntiera, huwa pjuttost evidenti li l-investimenti mhux dejjem qed isiru daqstant biex jibnu l-investiment kapitali milli biex ifittxu pajjiżi bl-inqas taxxi (?). Xi forma ta' globalizzazzjoni tista' tkun inevitabbli wara li tkun għaddiet il-kriżi, iżda l-problemi ekonomiċi u konsegwenzi oħra maħluqa mill-kriżi jissuġġerixxu li hija meħtieġa bidla fil-*modus operandi* tan-negozji fl-UE u fid-dinja. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-KESE biex jiġu aċċellerati l-iskedi ta' żmien biex jindirizzaw l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa issa assumew rilevanza akbar, u l-istess jgħodd għall-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Fil-fatt, is-sena l-oħra l-KESE jappoġġja bis-sħiħ it-tnedija tad-diskussjonijiet dwar il-bidla gradwali lejn il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata u l-proċedura leġislattiva ordinarja fi kwistjonijiet ta' taxxa, filwaqt li jirrikonoxxi li l-Istati Membri kollha jeħtieġhom f'kull ħin ikollhom biżżejjed possibbiltajiet biex jipparteċipaw fil-proċess tat-teħid tad-deċizzjonijiet.

4. Nikkunsidraw mill-ġdid ir-rwol tal-gvern

4.1. M'hemm l-ebda dubju li l-kriżi tal-COVID-19 żvelat l-importanza tar-rwol tal-gvernijiet fl-indirizzar tal-kriżijiet tas-saħħa u ekonomiċi. Dan ukoll huwa partikolarment rilevanti għall-objettiv tal-kisba ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli. Issa, ħadd fl-UE ma għandu dubju dwar ir-rwol tal-gvernijiet fil-provvista ta' sistemi tas-saħħa effettivi u programmi li jappoġġjaw b'mod indirett l-attività ekonomika. Lanqas ma nitfgħu f'dubju r-rwol tal-gvernijiet fl-infurzar ta' regolamenti bankarji u finanzjarji wara l-kriżi finanzjarja fl-2008. Madankollu, huwa dejjem aktar evidenti li l-gvernijiet għad għandhom rwol ewlieni fl-istabbiliment ta' direzzjoni ekonomika, aktar u aktar fi kriżi. Dan għandu jkun il-każ ukoll fejn tapplika l-governanza f'diversi livelli, fejn l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-politika ekonomika tal-gvern ċentrali huwa ta' importanza kritika. Il-politika fiskali, kif spjegat qabel, hija vitali mhux biss għall-istabilità ekonomika iżda wkoll biex il-gvernijiet ikunu jistgħu jappoġġjaw in-negozji permezz ta' inċentivi, kif permess skont il-leġislazzjoni tal-UE. Kwalunkwe tentattiv biex jinkiseb u jissaħħa it-tkabbir sostenibbli jirrikjedi d-direzzjoni u r-regolamentazzjoni tal-gvern fl-oqsma kollha tal-attività ekonomika u l-protezzjoni tal-ambjent, b'enfasi fuq l-integrazzjoni tal-protezzjoni tal-ambjent fl-attività ekonomika. Naturalment, djalogu miftuħ mal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili jibqa' kruċjali għall-istabbiliment tad-direzzjoni ekonomika.

(?) Bénassy-Quéré, A., Fontagné, L., & Lahrière-Révil, A. (2005). How does FDI react to corporate taxation? *International Tax and Public Finance* (L-IDB kif jirreaġixxi għal tassazzjoni korporattiva? *Taxxa Internazzjonali u Finanzi Pubbliċi*), 12(5), 583-603.

4.2. F'xenarju ta' wara l-kriżi, il-politika fiskali tassumi importanza akbar, mhux l-inqas minħabba l-ammont massiv li ssellef li qabeż dak li kien ipproġettat qabel il-kriżi. Il-ħtieġa kbira ta' self biex jiġi pprovdut appoġġ għall-introjt u garanzji fuq is-self għal negozji ffriżati minn restrizzjonijiet matul il-pandemija tal-COVID-19 bla dubju se tillimita l-punt sa fejn il-gvernijiet jistgħu jipprovdu inċentivi biex jergġu jqajmu l-attività ekonomika. Din tillimita wkoll l-ammont ta' finanzjament meħtieġ biex jiġu appoġġjati kemm il-protezzjoni tal-ambjent kif ukoll l-investment produttiv. Għalhekk il-gvernijiet se jkunu meħtieġa jsibu modi kreattivi biex jappoġġjaw in-nefqa mmirata lejn it-tkabbir ekonomiku sostenibbli, filwaqt li jiżguraw ukoll is-sostenibbiltà fiskali fit-tul. Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni li l-irkupru għandu jkun allinjat mal-Patt Ekoloġiku hija pass fid-direzzjoni t-tajba billi tipprovi evidenza li r-reazzjoni għall-kriżi jeħtieġ li jkollha, fiha nnifisha, natura sostenibbli.

4.3. Eżempju ta' sors ekstrabaġitarju ta' finanzjament tal-infrastruttura jinvolvi istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u kumpaniji privati u huwa evidenti fl-hekk imsejħa sħubijiet pubbliċi-privati (PPPs). Jekk wieħed jassumi li dawn huma ġestiti b'mod trasparenti u li huma soġġetti għal skrutinju demokratiku, il-PPPs jistgħu jitqiesu f'xenarju ta' wara l-kriżi bħala għażla possibbli biex jappoġġjaw il-finanzjament ta' proġetti tal-infrastruttura u ambjentali, minħabba li joffru soluzzjonijiet għal problemi ta' finanzjament, tlestija tax-xogħol, u investment fi proġetti kbar, mingħajr ma jiġu ssagrifikati l-finanzi tal-gvern għal politiki ewlenin.

4.4. L-UE għandha tfittex ukoll implimentazzjoni aktar rapida tal-għodod u l-inizjattivi proposti skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, li jirrikonoxxi b'mod espliċitu r-rwol ċentrali li għandu jkollhom l-UE u l-gvernijiet nazzjonali, flimkien mas-settur privat, biex issir din it-trasformazzjoni f'Ewropa verament sostenibbli. Dawn jinkludu d-diversi għodod ta' finanzjament inklużi bħala parti mill-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, b'enfasi fuq l-SMEs u l-industriji vulnerabbli, sabiex jiġu assistiti fl-irkupru ekonomiku tagħhom kif ukoll biex tittejjeb is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tagħhom għal xokkijiet futuri, b'xi flessibbiltà permessa fuq bażi ta' każ b'każ f'termini ta' rekwiżiti ta' kollateral u finanzjament konġunt, minħabba ċ-ċirkostanzi attwali. Fid-dawl tal-kriżi attwali tal-COVID-19, dan is-sentiment jakkwista rizonanza ferm akbar, u jrid jidher bħala opportunità biex terġa' tingħata spinta lill-iżvilupp soċjali u ekonomiku filwaqt li jiġu kkunsidrati l-prinċipji tal-Patt Ekoloġiku. Fil-kuntest attwali, il-kunċett tas-solidarjetà pan-Ewropea qatt ma kien aktar rilevanti.

5. Strateġiji għall-irkupru ekonomiku, l-investment u s-sostenibbiltà

5.1. Dan iwassalna għall-identifikazzjoni tal-istrateġiji meħtieġa għall-irkupru ekonomiku, l-investment u s-sostenibbiltà. Meta jiġi kkunsidrat li l-ekonomija qed jiċkienu minħabba restrizzjonijiet tal-COVID-19, wieħed ikun qed jitlob wisq jekk jistenna li l-ekonomija jirkupraw għal-livelli ta' qabel il-COVID. Iridu jgħaddu diversi xhur biex nerġġu nkunu f'sitwazzjoni simili bħal dik li kienu fiha ż-żona tal-euro u l-ekonomija tal-UE qabel il-kriżi. Barra minn hekk, bil-gvernijiet jissellfu minn diversi sorsi biex ikopru ż-żieda mhux mistennija u monumentali fl-infiq pubbliku, x'aktarx inaqqsu l-infiq u possibbilment jintroduċu mill-ġdid miżuri ta' awsterità li jwasslu għal tnaqqis fil-konsum u l-produzzjoni. L-esperjenza tal-miżuri ta' awsterità fil-Greċja, pereżempju, gābet il-pajjiż għarkupptejh fejn kwart tal-prodott domestiku gross (PDG) tiegħu evapora fuq perjodu ta' tmien snin u l-qgħad żdiegħ għal aktar minn 27 %⁽⁶⁾. Ripetizzjoni tal-miżuri ta' awsterità tkun kontroproduktiva. L-attivazzjoni tal-Kummissjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST), li tippermetti lill-pajjiżi taż-żona tal-euro jissospendu temporanjament kwalunkwe aġġustament meħtieġ biex jintlaħqu l-miri fiskali fuq perjodu ta' żmien medju, hija pass fid-direzzjoni t-tajba. Madankollu, tista' tkun meħtieġa revizzjoni tar-regoli tal-PST hekk kif nidħlu fil-fażi tal-irkupru ta' wara l-COVID.

5.2. Billi l-oġġettivi ġenerali kif deskritti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropa fl-Istrateġija Annwali għall-Iżvilupp Sostenibbli⁽⁷⁾ tagħha huma kkunsidrati kruċjali biex jinkiseb tkabbir ekonomiku sostenibbli, dan ma jstax jinkiseb bl-applikazzjoni ta' miżuri ta' awsterità li jagħmlu ħsara lill-gruppi soċjoekonomiċi l-aktar vulnerabbli fil-komunitajiet tagħna.

5.3. Minflok, il-gvernijiet tal-UE jeħtieġ li jiżviluppaw strateġiji ta' rkupru ekonomiku li jappoġġjaw attivitajiet ekonomiċi aktar produttivi u sostenibbli. Ix-xenarju ta' wara l-COVID-19 jippreżenta opportunità biex jiġu kkunsidrati mill-ġdid setturi ekonomiċi ewlenin li taw prova li huma partikolarment mhux reżiljenti. L-ekonomija xorta waħda se tiddependi b'mod estensiv fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, iżda jista' jkun opportun li jkomplu jiġu inkoraġġiti negozji ġodda u jiġi kkunsidrat mill-ġdid ir-rwol tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali bħala parti rilevanti tal-ekonomija soċjali. Għalkemm il-profitti mhumx il-motivazzjoni primarja wara intrapriża soċjali, id-dħul xorta għandu rwol essenzjali fis-sostenibbiltà ta' proġett bħal dan. L-intrapriżi kollha tal-ekonomija soċjali xorta waħda jistgħu jagħmlu profitti kbar u waħda mill-prijoritajiet tagħhom hija l-investment mill-ġdid tal-profitti fl-intrapriża tagħhom aktar milli f'pagamenti lill-azzjonisti.

⁽⁶⁾ <https://www.theguardian.com/world/2018/aug/20/greece-emerges-from-eurozone-bailout-after-years-of-austerity>

⁽⁷⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment: L-Istrateġija Annwali għall-Iżvilupp Sostenibbli 2020.

Intrapriża tal-ekonomija soċjali tista' fuq kollox tibbilanċja t-tensjoni bejn l-appoġġ tal-missjoni soċjali tal-organizzazzjoni tagħha u l-massimizzazzjoni tal-produttività tal-proġett kummerċjali tagħha biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà. Għaldaqstant, dawn l-istrutturi huma idealment adattati għal ekonomija li għandha l-għan li tikseb u ssaħħa it-tkabbir ekonomiku sostenibbli.

5.4. Il-gvernijiet se jkunu qed ifittxu rkupru rapidu wara l-kriżi u xi setturi li wrew li huma reżiljenti se jkunu mistennija li jergġu fuq saqajhom, iżda t-tentazzjoni għall-gvernijiet se tkun li tinċentivizza setturi li qabel il-kriżi kienu meqjusa mhux sostenibbli jew li marru kontra l-oġettivi rigward it-tibdil fil-klima u dawk ambjentali, kif deskritti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew. Minflok, il-gvernijiet għandhom iħarsu lejn l-investment ulterjuri fi proġetti mmirati lejn l-użu effiċjenti tal-enerġija u l-enerġija alternattiva permezz tal-mudelli ta' finanzjament imsemmija qabel, u għaldaqstant lejn il-ħolqien ta' opportunitajiet kummerċjali għall-kumpaniji kbar, l-SMEs u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali. It-tranżizzjoni ekoloġika jeħtieġ li tinvolvi mhux biss l-iżvilupp ta' setturi ekoloġiċi iżda wkoll l-"ekoloġizzazzjoni" ta' mudelli u setturi ta' negozji eżistenti lil hinn minn dawk "ekoloġiċi" tradizzjonali safejn huwa possibbli. Għaldaqstant, l-għajnuna offruta lin-negozji, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll tal-UE, trid tkun tiddependi fuq il-kisba tal-għanijiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija għat-Tkabbir Sostenibbli 2020.

5.5. Pedament tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli fl-UE jrid ikun il-ħolqien u l-iżvilupp ta' ekonomija verament ċirkolari li timmassimizza u żżomm il-valur tul il-ktajjen kollha tal-valur, filwaqt li timminimizza l-iskart u ssegwi l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi. Il-mudelli ta' negozju tal-ekonomija ċirkolari joffru potenzjal sinifikanti għat-trawwim tal-kompetittività Ewropea, mhux biss f'termini tas-salvagwardja tal-ambjent naturali, iżda anke fil-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja u l-iżvilupp ta' industrijiet anċillari. Barra minn hekk, il-mudelli ta' negozju tal-ekonomija ċirkolari jassistu fl-iżvilupp ta' aktar reżiljenza għat-tip ta' xokkijiet tal-ktajjen ta' provvista esperjenzati bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li jimmitigaw kontra l-volatilità fil-prezzijiet tal-materja prima u d-disponibbiltà li tirriżulta mill-iżviluppi ambjentali u ġeopolitiċi, inkluż l-impatt tat-tibdil fil-klima u t-tilwim kummerċjali. Ir-rwol tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni u l-investment kontinwu fil-kapital uman fl-iffaċilitar ta' din it-tranżizzjoni ma jistax jiġi enfasiżzat biżżejjed, u jrid jiġi segwit b'impetu għdid permezz tal-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp u b'aktar enfasi fuq il-kummerċjalizzazzjoni. Madankollu, l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq is-suq tax-xogħol irid jiġi evalwat bis-sħiħ sabiex jiġi minimizzat kemm jista' jkun it-telf ta' impjiegi u biex dawk affettwati jiġu meġhuna f'termini ta' taħriġ mill-għdid u ta' riallokazzjoni.

5.6. Il-pandemija attwali serviet biex tenfasizza mill-għdid l-importanza li ssir enfasi fuq is-saħħa u l-benessri tal-individwu, għall-kuntrarju ta' sempliċità fuq it-tkabbir ekonomiku li, kif iddikjarat fl-Istrateġija għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2020, mhuwiex għan fih innifsu. It-tiġib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-sistemi tal-kura tas-saħħa pubbliċi madwar il-pajjiżi għandu jkun ta' priorità ewlenija għall-UE, filwaqt li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fl-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-infiq kbir mill-but li jservi biss biex jipperpetwa dawn id-disparitajiet. F'konformità ma' setturi oħra, l-investment fid-diġitalizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali għas-sistemi tal-kura tas-saħħa pubbliċi għandu jiġi segwit ukoll. Il-bidu ta' skossi ekonomiċi fuq skala kbira jissottolinja wkoll ir-rwol kruċjali tal-governanza tajba fil-bini ta' reżiljenza u l-formulazzjoni ta' reazzjonijiet xierqa biex jiġu indirizzati r-riperkussjonijiet ekonomiċi. Għaldaqstant, l-insewiment ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli u ekwitabbli jiddependi fuq il-kwalità tal-istituzzjonijiet nazzjonali u lokali fl-Istati Membri u hija r-responsabbiltà tal-UE li tiżgura b'mod attiv li l-pajjiżi jissalvagwardjaw u jrawmu l-prinċipji tad-demokrazija, it-tolleranza u r-rispett għall-istat tad-dritt. Huwa fatt pożittiv li wieħed jinnota li s-Semestru Ewropew issa jittratta l-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika u l-governanza b'mod ħafna aktar sistematiku.

5.7. Il-punt finali jikkonċerna r-rwol tal-produttività fil-kisba ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli. Biex ekonomija tikber b'mod sostenibbli fil-futur, din jeħtieġ li żżid il-kapaċità tagħha li tikber, iżda sal-punt fejn dan it-tkabbir iżid valur lill-ekonomija u lil niesha. Dan jinkludi tiġib fil-paġi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol speċjalment permezz tan-negozjar kollettiv, u ċertament mhux għad-detriment ta' distribuzzjoni aktar ekwa tal-introjt. Għalhekk jeħtieġ li jiġu żviluppati madwar il-produttività strateġiji mmirati lejn sostenibbiltà ekonomika msaħħa, iżda ma jstgħux jitħallew iseħħu għad-detriment tad-drittijiet tal-ħaddiema u l-iżvilupp soċjali. Il-produttività ogħla, għalhekk, mhijiex għan fiha nnifisha iżda l-mezz biex jitteġu l-paġi, tiżdied id-domanda globali fl-ekonomija tal-UE, u b'hekk jitteġu l-istandards tal-għajxien. Produttività ogħla twassal ukoll għall-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ġodda u aħjar, u b'hekk id-ditti jkunu jstgħu jimxu lejn ktajjen ta' valur ogħla ta' oġġetti u servizzi, u l-UE jkun jista' jkollha vantaġġ kompetittiv fis-suq globali. Għal darb'oħra, u kif iddikjarat hawn fuq, produttività ogħla għandha tkun strettament relatata mal-għan li jinkiseb tkabbir ekonomiku sostenibbli u ma tinkisibx għad-detriment tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-iżvilupp soċjali jew il-politiki ambjentali. Għall-kuntrarju, l-għanijiet globali kif iddikjarati fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), b'mod partikolari l-protezzjoni soċjali u t-tisħiħ tal-proċess tan-negozjar kollettiv, għandhom jiġu rrispettati. L-istess japplika fil-każ tal-oġettivi kif stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku u l-miri tal-UE dwar it-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, reazzjoni verament Ewropea għall-kriżi attwali tal-COVID-19 u kwalunkwe tentattiv unifikat biex jitravwem it-tkabbir sostenibbli madwar il-blokk għandhom jevitaw il-mentalità tal-"għirja lejn l-aktar livell baxx" tal-kompetizzjoni fiskali bejn il-pajjiżi, li sservi biss

biex tiskoraġġixxi l-kooperazzjoni madwar l-Istati Membri, u tqanqal tendenzi nazzjonalistiċi. Pjuttost, l-enfasi għandha tkun fuq l-ghajjnuna lill-pajjiżi biex jiżviluppaw il-kapital uman u tingħata spinta lill-produttività tagħhom, filwaqt li jiġu indirizzati d-disparitajiet reġjonali fl-opportunitajiet tat-tkabbir u l-impjiegi permezz ta' investiment immirat, dan kollu waqt li jiġu indirizzati nuqqasijiet strutturali ewlenin li joħlqu ostakli għan-negozju.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
al-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-trawwim tal-kompetittività, l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi billi jsir progress fil-kooperazzjoni regolatorja globali, billi tiġi appoġġjata skema mġedda ta’ kummerċ multilaterali u billi jitnaqqsu s-sussidji li jholqu distorsjoni tas-suq”

(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)

(2020/C 364/05)

Relatur: **Georgi STOEV**

Korelatur: **Thomas STUDENT**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.2.2020
Bażi legali	Artikolu 32(2) tar-Regoli ta’ Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	CCMI
Adottata fis-sezzjoni	26.6.2020
Adottata fil-plenarja	16.7.2020
Sessjoni plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	211/1/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Sitwazzjonijiet ta’ tfixkil bħall-coronavirus (COVID-19) jheddu li jwaqqfu ħesrem l-ekonomija dinjija u l-ħajja soċjali. L-impatti tagħhom jistgħu jinkludu riċessjonijiet fl-Istati Uniti, fl-UE, fil-Ġappun u f’reġjuni oħrajn tad-dinja, tkabbir bil-mod ħafna fiċ-Ċina u telf kbir f’termini ta’ produzzjoni. Il-gvernijiet għandhom jikkompensaw għall-ħsara ekonomika b’politiki fiskali u monetarji u jindirizzaw il-bidliet mistennija fil-paradigma ekonomika. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa ta’ mudelli kummerċjali u mekkaniżmi għad-difiża tal-kummerċ effiċjenti, b’mod partikolari fir-rigward tal-Asja, u jinnota li 36 miljun impjieg fl-UE jiddependu fuq il-potenzjal tal-esportazzjoni tal-UE, u li s-sehem tal-impjiegi tal-UE appoġġjati mill-bejgħ ta’ oġġetti u servizzi lejn il-bqija tad-dinja b’rabta mal-impjiegi totali żdied minn 10,1 % fl-2000 għal 15,3 % fl-2017⁽¹⁾. Ir-rispons fiskali, ekonomiku u soċjali għall-kriżi huwa meħtieġ biex jiġi evitat l-impatt negattiv tagħha fuq dawn is-setturi u setturi oħrajn.

1.2. Il-kriżi tal-coronavirus għandha twassal lill-UE, bħala parti mir-riformulazzjoni ġenerali tal-politika industrijali imposta mis-sostenibbiltà ambjentali u d-diġitalizzazzjoni, biex tagħti spinta lis-settur tat-tagħmir tas-saħħa u dak farmaċewtiku, bil-għan li jiġu żgurati s-sovranità kondiviża u l-awtosuffiċjenza f’dawn is-setturi. L-abbozzar ta’ din l-Opinjoni beda qabel ma faqqgħet kriżi tas-saħħa u ekonomika imprevedibbli li bla dubju se tbidel l-ekonomiji u l-mudelli tal-globalizzazzjoni tagħna fuq terminu qasir u fit-tul. Filwaqt li l-kriżi mhijiex is-suġġett ewlieni tal-Opinjoni, din għandha u se jkollha impatt kbir fuq is-setturi u s-suġġetti diskussi fil-punti li jmiss. Huwa diġà evidenti li din il-kriżi qed timbotta xi żoni tad-dinja lejn mewġa ġdida ta’ protezzjoniżmu u nazzjonaliżmu ekonomiku, kemm madwar id-dinja kif ukoll fl-UE. Dawn il-fatturi kollha qed jitqiesu f’din l-Opinjoni, kemm jista’ jkun sad-data preżenti, u b’mod orizzontali.

1.3. Il-KESE jikkondividi l-fehma li n-negozji u l-kummerċ internazzjonali għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għat-tkabbir globali, li jirriżulta minn grad ogħla ta’ speċjalizzazzjoni, ekonomiji ta’ skala, ktajjen tal-valur globali avvanzati u t-tixrid tar-riċerka u t-teknoloġiji. Għandha tiġi indikata wkoll il-bidla minn ktajjen ta’ valur għal networks tal-ħolqien tal-valur, minn lineari għal ċirkolari u minn tanġibbli għal intanġibbli, li se tkun teħtieġ aġilità mill-industrija biex tadatta.

⁽¹⁾ http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2018/november/tradoc_157516.pdf

1.4. Il-KESE jenfasizza li l-politika tal-UE għandha tiżgura li l-parteċipanti fl-iżvilupp industrijali u l-forza tax-xogħol ma jisfawx vittmi ta' dumping ekonomiku, soċjali u ambjentali iġust. Fir-rigward tal-politiki urġenti li għandhom jiġu implimentati, l-UE qed tiffaċċja dawn l-isfidi li ġejjin: is-suq tal-Istati Uniti għall-esportazzjonijiet tal-UE, kollaborazzjoni potenzjali bejn l-UE u l-Istati Uniti, ir-rwol futur taċ-Ċina, u l-ħtieġa li d-WTO tissawwar mill-ġdid. L-industriji għandhom isiru fattur li jiffaċilita soluzzjonijiet għall-isfidi soċjetali u ambjentali, u b'hekk joħlqu valur ġdid għas-soċjetà.

1.5. Il-KESE jaqbel li l-globalizzazzjoni mingħajr regolazzjoni twassal għal żieda fl-inugwaljanzi, pressjoni 'l isfel fuq il-kumpaniji, il-pagi u l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema u sigurtà soċjali mdgħajfa. Dan jista' jsir theddida reali għall-mudelli soċjali Ewropej. Globalizzazzjoni mhux regolata għandha wkoll effetti negattivi fuq l-istandards ambjentali. Il-KESE huwa mħasseb dwar il-fatt li l-kumpaniji u l-impjegati Ewropej qed isofru pressjoni minn prattiki kummerċjali iġusti mhux tas-suq li ma jirrispettawx il-ftehimiet soċjali u ambjentali internazzjonali. L-industrija tal-UE għandha tibni fuq il-vantaġġ uniku tagħha billi tikkombina l-valuri Ewropej, it-teknoloġiji ġodda u approċċ orjentat lejn il-futur. Is-Suq Uniku huwa kruċjali għall-industrija Ewropea u għat-tixrid tal-innovazzjoni – mhux biss fir-rigward tat-teknoloġiji diġitali, iżda wkoll ta' Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali oħrajn, bħall-bijoteknoloġija. Jista' jiġi enfasizzat ukoll ir-rwol tal-koeżjoni soċjali u reġjonali u tad-djalogu soċjali biex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni soċjali tat-trasformazzjoni industrijali.

1.6. L-istrateġija industrijali u l-politika kummerċjali tal-UE ma għandhomx jimminaw l-isforzi tagħha li ttiprovdi għajna għall-iżvilupp lill-pajjiżi terzi, u l-KESE jirrakkomanda li jiġi adottat approċċ ibbilanċjat, koordinazzjoni u kombinament aħjar tal-għajna nazzjonali għall-iżvilupp, b'rabta ma' ekonomiji aktar fraġli. Il-KESE huwa mħasseb dwar il-fatt li l-eskalazzjoni tal-miżuri tad-WTO għal nuqqas ta' konformità u l-arranġamenti mhux tariffarji diskriminatorji ġodda joħlqu r-riskju li jiġu imposti piżijiet regolatorji reċiproċi eċċessivi b'tali mod li qed isir il-prattika ġdida fil-kummerċ globali. Il-programmi ta' appoġġ u l-monitoraġġ tal-UE għandhom jiġu evalwati mill-ġdid, f'konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE, biex jappoġġjaw lill-Istati Membri tal-UE, lill-imsieħba, lill-kumpaniji u lill-impjegati li ntlaqtu ħażin mill-kriżi ekonomika u l-gwerer kummerċjali u biex jitnaqqas il-piż li dawn qed iġarrbu.

1.7. Il-KESE jemmen li sabiex jiġu indirizzati l-isfidi esterni, is-suq intern tal-UE għandu jsir "l-aħjar post biex isir investiment fih". L-istrateġija industrijali ġdida u l-ingranaġġi l-oħra kollha għandhom jiġu vvalutati fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jippromovu u jappoġġjaw investimenti fl-infrastruttura industrijali, tal-enerġija, tat-trasport u diġitali permezz ta' approċċ ta' konnettività mwessa'. Ir-rieżami tal-fużjonijiet u l-akkwisti u tar-regoli dwar l-għajna mill-Istat jista' jpoġġi lill-UE fuq bażi aktar ugwali fir-rigward tal-kompetizzjoni globali. Il-livelli kollha ta' governanza għandhom jiżguraw li l-benefiċċji tal-globalizzazzjoni jiġu ddistribwiti b'mod ġust, u li l-impatti negattivi fil-livell globali, reġjonali u lokali jitnaqqsu.

Skema komuni għall-investiment dirett barrani tgħin biex jiġi żgurat li l-interessi kollha jkunu jistgħu jinħatfu f'assi strateġiċi, bħal infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi u s-sigurtà tal-provvista ta' inputs kritiċi. L-użu tad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku, strumenti effettivi għad-difiża tal-kummerċ u network b'saħtu ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles huma meħtieġa aktar minn qatt qabel biex jiġu miġġielda l-prattiki illeċiti, japprofondixxu l-konverġenza regolatorja u jippromovu standards tas-sostenibbiltà, u b'hekk jitnaqqsu d-distorsjonijiet tas-suq.

1.8. Il-KESE huwa mħasseb dwar in-negattività reċenti fir-rigward tal-kummerċ internazzjonali u l-globalizzazzjoni, u ż-żieda ta' movimenti populistici li jitolbu nazzjonaliżmu akbar. Huwa jemmen li l-protezzjoniżmu u n-nazzjonaliżmu ma jistgħux jipprovdu t-tweġibiet it-tajba għall-problemi ekonomiċi u soċjali. Prijoritajiet ta' riforma u ta' investiment fuq medda medja ta' żmien huma meħtieġa biex l-ekonomiji jergħu lura fit-triq lejn tkabbir sostenibbli u inklużiv, filwaqt li jintegraw it-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali. L-UE għandha tieħu l-miżuri kollha possibbli biex tippreserva d-demokrazzija sħiħa minkejja ċ-ċirkostanzi tal-pandemija.

1.9. Il-KESE jemmen li l-Patt Ekoloġiku għandu jintegra l-istrateġija industrijali ġdida u l-politika kummerċjali flimkien mal-politika ekonomika, regolatorja u tal-kompetizzjoni fi sforz komprensiv biex jiġi meġġun l-ambjent, mingħajr ma tinħoloq theddida għas-suq uniku u l-kumpaniji u l-impjegati Ewropej, u għandu jistabbilixxi ambizzjonijiet ambjentali għolja għall-industrija kollha kemm hi.

1.10. Il-KESE jaqbel mal-fehma li wieħed mill-messaġġi ewlenin dwar l-istabbiltà ekonomika huwa li l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni xierqa lill-kwalità tal-finanzi pubbliċi, billi jippromovu investimenti meħtieġa u orjentati lejn il-futur.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Bis-sistema multilaterali taħt pressjoni kostanti, il-kumpaniji tal-UE li joperaw flivell globali jiffaċċjaw frizzjoni u inċertezza dejjem akbar flimkien ma' żieda fil-protezzjoniżmu u t-tensjonijiet kontinwi bejn l-imsieħba kummerċjali tal-UE. Il-ktajjen tal-valur globali qed jonqsu u madwar id-dinja hemm xejra ġeneralizzata lejn ritorn għar-reġjonalizzazzjoni. L-UE, flimkien mal-Istati Uniti u ċ-Ċina, tinsab fiċ-ċentru ta' tali dinamika u għadd ta' setturi tal-industrija ewlenin jinsabu taħt pressjoni konsiderevoli. Għandhom jittieħdu deċizzjonijiet fundamentali biex tiżdied il-possibbiltà li jiġi evitat ir-riskju ta' marġinalizzazzjoni, u biex jiġi ppreservat ir-rwol globali tal-UE. Hemm hteġa urġenti biex jiġu kkunsidrati mill-ġdid l-investimenti fit-territorju tal-UE u li tingħata attenzjoni lin-negozji, speċjalment lill-SMEs, biex jiġu żgurati l-forniment u l-istabbiltà tal-likwidità fis-settur finanzjarju, il-preservazzjoni tas-Suq Uniku u l-iżgurar tal-fluss ta' oġġetti kritiċi. Tali għan jista' jintlaħaq biss permezz ta' taħlita ta' miżuri, bħal: ir-regolamenti u l-politiki applikabbli wkoll għal kumpaniji ta' pajjiżi terzi meta joperaw fl-UE, l-infrastruttura, l-investment f'beni pubbliċi (jiġifieri s-saħħa, l-edukazzjoni, l-infrastruttura diġitali), ir-reċiproċità fl-akkwist pubbliku, politika kummerċjali effettiva, l-indipendenza diġitali.

2.2. Il-kompetittività globali tal-industrija tal-UE hija mxejkla mir-ritorn għall-unilateraliżmu u min-nuqqas ta' governanza globali effettiva fir-rigward ta' kwistjonijiet ekonomiċi u kummerċjali, kif ukoll asimmetriji u tfixkil tas-suq ikkawżati minn kompetituri sussidjati, b'mod partikolari intrapriżi tal-istat, u mill-kriżi. L-investimenti tal-kumpaniji tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom l-għan li jikkombinaw il-kompetittività u s-sostenibbiltà, iżda dawn l-investimenti u riskji kuraġġużi jistgħu jsiru ineffettivi mit-tnaqqis fl-aċċess għal swieq internazzjonali u minn kompetizzjoni inġusta. F'dan il-qafas, l-SMEs huma aktar vulnerabbli minn qatt qabel.

2.3. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-alleati li l-UE trawwem jistgħu jgħinu biex jippromovu l-interessi tagħha f'organizzazzjonijiet multilaterali, bħall-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u n-Nazzjonijiet Uniti (NU). Għalhekk, l-istrategġija industrijali li ġiet adottata reċentement, u r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-FTAs jirrappreżentaw tranżizzjoni lejn trasparenza akbar, iżda jipprovdu wkoll strument effettiv biex tiġi pprovduta informazzjoni ta' sfond oġġettiva lis-soċjetà ċivili dwar ftehimiet kummerċjali nnegozjati mill-UE.

Minkejja li fih xi elementi pożittivi, il-pakkett ġenerali tal-istrategġija industrijali li ġiet adottata reċentement għadu ma kkonvinċiex lil kulħadd li se jagħmel differenza perċettibbli għan-negozji, il-ħaddiema u s-soċjetà ċivili, li qed jagħmlu hilitom biex iżidu l-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku tal-Ewropa.

2.4. L-adozzjoni ta' politika industrijali Ewropea b'saħħitha u d-difiża tal-interessi kummerċjali tal-UE huma kompatibbli mal-għan ta' prijorità tal-politika barranija tagħha: it-tisħiħ tal-multilateraliżmu fl-istituzzjonijiet tas-sistema tan-NU. Ir-riformi li dawn jeħtieġu għandhom jagħmluha possibbli biex issir tranżizzjoni lejn dinja rregolata minn regoli ġusti bi prinċipji demokratiċi.

3. It-tweġġiq tal-potenzjal tal-perspettivi tan-negozju

3.1. Il-KESE jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li l-kumpaniji tal-UE jistgħu jibbenefikaw biss mill-istrategġija industrijali u l-ftehimiet kummerċjali tal-UE jekk ikollhom informazzjoni pertinenti dwar il-kontenut ta' dawn l-istrategġiji u l-ftehimiet u jifhmu kif dawn jiffunzjonaw fil-prattika.

3.2. Il-KESE jinnota bi tħassib li l-kumplessità tar-regoli tal-orijini u tal-formoli amministrattivi meħtieġa mill-imsieħba kummerċjali tal-UE biex jingħataw preferenzi lill-kumpaniji tal-UE, kif ukoll l-isforzi involuti biex tiġi ppruvata l-orijini preferenzjali, jidhru li huma sproporzjonati għall-SMEs tal-UE meta mqabbla mad-daqs tal-kuntratti konklużi minnhom.

3.3. Il-KESE jipproponi li fil-każ li l-pajjiżi jinvolvu ruħhom f'kompetizzjoni, kundizzjonijiet tal-ħaddiema jew standards tas-sostenibbiltà inġusti, għandhom jifasslu wkoll dispożizzjonijiet biex jiġu esplorati kwistjonijiet essenzjali dwar l-iżvilupp ta' mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim u l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi għas-soluzzjoni ta' tilwim online tan-NU. Il-KESE jilqa' l-Arranġament ta' Arbitraġġ Interim b'Diversi Partijiet li tħabbar reċentement mill-KE bħala soluzzjoni temporanja biex tinżamm funzjoni indipendenti u fuq żewġ stadji għas-soluzzjoni tat-tilwim.

3.4. Il-KESE jfakkar li l-parti l-kbira tal-attività kummerċjali tal-SMEs issir primarjament fis-Suq Uniku ^(?), b'madwar nofs l-SMEs biss ibiġu l-oġġetti tagħhom barra l-UE-28 ^(?) u jinnota wkoll li l-attività ta' esportazzjoni tal-SMEs hija kkonċentrata ħafna f'xi Stati Membri u reġjuni, b'sitt Stati Membri ⁽⁴⁾ jammontaw għal aktar minn żewġ terzi tan-negozju u l-kummerċ totali tal-SMEs fl-UE.

3.5. Il-KESE jilqa' l-ħidma avvanzata tal-Kummissjoni fuq il-portal online li se jintegra żewġ bażijiet tad-data, il-Bażi tad-Data dwar l-Access għas-Suq u l-Helpdesk tal-Kummerċ, u li qed jindirizza l-kumplessità u n-nuqqas ta' koerenza tar-regoli tal-oriġini u l-proċeduri doganali u jimplementa kalkulator tar-regoli tal-oriġini bla hłas u online biex jingħata appoġġ addizzjonali lill-SMEs tal-UE.

3.6. Il-KESE jemmen li l-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, kif ukoll ir-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Istati Membri, jista' jkollhom rwol importanti biex jippromovu l-istrateġija, is-servizzi u l-kummerċ tal-UE mal-pajjiżi terzi biex jiġu ffaċilitati kemm l-investment eżoġenu kif ukoll l-opportunitajiet ta' esportazzjoni għan-negozji u l-ħaddiema Ewropej.

3.7. Il-KESE jilqa' wkoll l-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea biex jiġu promossi u appoġġjati l-SMEs tal-UE fl-isforzi ta' internazzjonalizzazzjoni tagħhom sabiex dawn isiru aktar kompetittivi fil-livell globali, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurati li dawn l-inizjattivi ikunu wkoll axxendenti fl-applikazzjoni tagħhom. Flimkien ma' dawn l-inizjattivi, il-paradigma ġdida tista' għib aktar opportunitajiet għall-SMEs u atturi reġjonali oħra.

3.8. Il-KESE jqis bi tħassib il-kwistjonijiet pendenti mal-imsieħba kummerċjali tal-UE kif ippreżentati fir-rapport tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-fatt li l-prodotti tal-UE jibqgħu jiffaċċjaw ostakli biex jaċċessaw is-swieq fpajjiżi msieħba. Ir-rikonossiment reċiproku mingħajr burokrazija tal-istandards tekniċi għandu jingħata prijorità għolja.

3.9. Il-KESE jenfasizza li, kif ġie enfasizzat minn studju tal-EPRS ^(?) ibbażat fuq analiżi tal-flussi kummerċjali f'xi Stati Membri, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-UE hija marbuta b'mod pożittiv u b'saħħtu mal-PDG u li l-kummerċ huwa kkonċentrat ħafna fi ftit Stati Membri.

3.10. Il-KESE jfakkar li l-impatt mhux indaq tal-globalizzazzjoni mil-lat territorjali ġie rikonossut mill-Kummissjoni fid-Dokumenti ta' Riflessjoni tagħha dwar *L-isfruttar tal-Globalizzazzjoni u Il-Futur tal-Finanzi tal-UE*, fejn ġie enfasizzat li filwaqt li l-benefiċċji tal-globalizzazzjoni huma mifruxa, l-ispejjeż ta' spiss jiġu lokalizzati.

3.11. Il-KESE jpoġġi enfasi partikolari fuq ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni biex tittejjeb il-kompetittività tal-UE permezz ta' investimenti mmirati f'setturi ewlenin bħall-infrastrutturi tan-network, ir-riċerka u l-innovazzjoni, is-servizzi tal-IT, l-azzjoni ambjentali u klimatika, l-impjiegi ta' kwalità u l-inklużjoni soċjali.

3.12. Il-KESE jenfasizza r-rwol li l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) jista' jkollu biex jgħin lin-nies li huma qiegħda bħala riżultat ta' bidliet strutturali minħabba l-globalizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, il-migrazzjoni u t-tibdil fil-klima. Fid-dawl tal-iskala kbira ħafna tal-kriżi imminenti ekonomika u tal-impjiegi, il-FEG għandu jissaħħa mil-lat finanzjarju, ir-regoli tiegħu għandhom isiru aktar flessibbli biex ikunu xierqa għan-natura u d-daqs tal-kriżi, u għandu jintrabat mal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

3.13. Il-KESE jaqbel li l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli u t-telexogħol għandhom rwol importanti fil-preservazzjoni tal-impjiegi u l-produzzjoni, iżda minkejja l-isforzi biex jittaffa l-impatt soċjali tagħha, il-kriżi hija mistennija li żżid b'mod sinifikanti l-qgħad u l-inugwaljanzi fid-dħul. Il-politika riveduta tal-Patt Ekoloġiku jista' jkollha rwol importanti biex jiġi żgurati li l-globalizzazzjoni tirriżulta f'effetti ekonomiċi, soċjali, territorjali u ambjentali pożittivi għan-negozji, għall-ħaddiema, u għas-soċjetà ċivili u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-distorsjoni tas-suq.

^(?) EPRS, *CETA implementation: SMEs and regions in focus* (L-implimentazzjoni tas-CETA: l-SMEs u r-reġjuni fiċ-ċentru), studju mwettaq fuq talba tal-KtR, 18 ta' Novembru 2019, disponibbli f' https://www.europarl.europa.eu/thinktank/mt/document.html?reference=EPRS_IDA%282019%29644179 (mhux disponibbli bil-Malti).

^(?) L-Ewrobarometru Flash 42, *Internationalisation of Small and Medium-sized Enterprises* (L-Internazzjonalizzazzjoni tal-Intrapriżi ż-Żgħira u Daqs Medju), Ottubru 2015. (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁴⁾ Il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, l-Italja, in-Netherlands u r-Renju Unit.

^(?) EPRS, *Interactions between trade, investment and trends in EU industry: EU regions and international trade* (L-interazzjonijiet bejn il-kummerċ, l-investment u x-xejriet fl-industrija tal-UE: ir-reġjuni tal-UE u l-kummerċ internazzjonali), studju mwettaq fuq talba tal-KtR, 27 ta' Ottubru 2017, disponibbli f' [http://www.europarl.europa.eu/thinktank/en/document.html?reference=EPRS_STU\(2017\)608695](http://www.europarl.europa.eu/thinktank/en/document.html?reference=EPRS_STU(2017)608695) (mhux disponibbli bil-Malti).

3.14. Il-KESE jemmen li jista' jintuża mekkaniżmu li jindirizza l-“impronta tal-karbonju” fil-manifattura u l-isforzi biex l-industriji jiġu dekarbonizzati jistgħu jintużaw biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-kompetizzjoni; jinnota, madankollu, li tali miżura għandha tibbilanċja t-tħassib relatat mal-ambjent, il-kummerċ u l-ġustizzja biex jiġu evitati d-distorsjonijiet tas-suq, li joħlqu ritaljazzjoni kontra l-pajjiżi tal-UE, u b'hekk issir ħsara lill-industrija u l-impjiegi industrijali tal-UE.

3.15. Il-KESE jaqbel mal-fehma li huwa kruċjali li jitnaqqas id-distakk fil-prestazzjoni tal-produttività bejn ekonomiji, reġjuni u kumpaniji produttivi ħafna u l-bqija, u li istituzzjonijiet effettivi u sistemi effiċjenti ta' tassazzjoni jistgħu jappoġġjaw il-produttività.

3.16. Politika industrijali ġdida hija meħtieġa biex tiffoka fuq it-tisħiħ tal-attivajiet b'kontenut ta' innovazzjoni akbar u li tiġġenera valur miżjud akbar, li ma jistax jiġi sseparat mill-promozzjoni ta' impjiegi ta' kwalità u ġodda. Politika bħal din, jekk imfassla bir-reqqa u mwettqa sew, għandha tikkontribwixxi biex tiġi evitata l-influenza negattiva ta' tnaqqis ulterjuri fil-PDG, il-frammentazzjoni tas-Suq Uniku u t-tfixkil tal-ktajjen ta' valur.

4. It-tnaqqis tal-impatt negattiv ta' żviluppi uniċi

4.1. Il-KESE jappella lill-atturi istituzzjonali ewlenin kollha biex iqisu mill-ġdid ir-rabtiet bejn l-UE-27 u r-Renju Unit, li se jiddefinixxu bil-bosta l-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit fuq l-ekonomiji rispettivi tagħhom; għandhom jifasslu miżuri xierqa għas-setturi li se jsofru impatt negattiv partikolari.

4.2. Il-KESE jiddispijaċi dwar il-fatt li d-deċizzjoni tal-Istati Uniti li tintroduċi tariffi addizzjonali fuq il-prodotti Ewropej, bħala kontromiżura għall-għajnuna mogħtija mill-UE lill-manifattur tal-Airbus, se taffettwa l-aktar il-prodotti agrikoli u agroalimentari prodotti fl-Istati Membri tal-UE. L-effettività tal-miżuri ta' salvagwardja tal-UE fis-settur tal-azzar, li tradizzjonalment ikunu fil-qalba tal-attenzjoni tas-CCMI, għandha tiġi vvalutata mill-ġdid fid-dawl tal-ambjent ekonomiku tal-industrija tal-azzar li jinsab f'diffikultà, sabiex jiġi evitat li ssir aktar ħsara lill-kumpaniji domestiċi tal-azzar u jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għan-negozji u l-ħaddiema tal-UE.

Il-KESE jenfasizza li t-tariffi tal-azzar tal-Istati Uniti wasslu għal devjazzjoni serja tal-kummerċ tal-prodotti tal-azzar minn pajjiżi terzi, li qed jidħlu dejjem aktar fis-suq Ewropew, b'mod partikolari qed jintużaw f'kuntratti ta' bini ta' infrastruttura pubblika.

4.3. Il-KESE jinnota li għalkemm l-ebda pajjiż ma jista' jiżola lill-annunzjanti mill-globalizzazzjoni mingħajr ma jġarrab spejjeż enormi, ir-riskju ta' kollass tas-sistema kummerċjali multilaterali huwa reali u għalhekk l-UE għandha tirrifletti dwar dan. Huwa jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan ir-rigward, il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2020, li jstabbilixxi inizjattiva għar-riforma tad-WTO sal-aħħar tal-2020 kif ukoll il-Pjan ta' Rkupru propost.

4.4. KESE jikkondividi l-fehma li l-UE trid tinbidel għal approċċ aktar deċiżiv attiv biex tiżgura r-riċiproċità reali fil-prattika u tindirizza l-protezzjoniżmu fl-aċċess għas-swieq tal-akkwist fil-pajjiżi terzi.

Is-suq tal-akkwist pubbliku Ċiniż u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali huma notevoli għad-diverġenzi tagħhom minn standards internazzjonali u, minkejja li ssiebet mad-WTO, fil-parti l-kbira tagħha ċ-Ċina għadha suq protett. Barra minn hekk, iċ-Ċina għadha ma aderixxiet mal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi tad-WTO, minkejja l-wegħda tagħha meta ġiet aċċettata fid-WTO. Id-dibatittu dwar iċ-Ċina sar aktar sensitiv fl-UE. Programmi ambizzjużi bħall-Inizjattiva “Belt and Road”, Made in China 2025 u l-“Linji Gwida 16+1” (2017 Budapest, 2018 Sofija, 2019 Dubrovnik) (6) ġibdu l-attenzjoni ta' għadd ta' atturi privati u pubbliċi inklużi l-istituzzjonijiet tal-UE. Il-kwistjoni dwar il-5G għad is-sigurtà diġitali fl-istampa, filwaqt li pprovdiet bażi fertili biex isir progress lejn l-indipendenza diġitali tal-UE. It-tisħiħ tal-programmi tal-UE għal investment fir-riċerka u l-innovazzjoni jidher li huwa l-aktar approċċ razzjonali u ta' sodisfazzjon f'dan ir-rigward.

(6) 2017: https://www.fmprc.gov.cn/mfa_eng/wjdt_665385/2649_665393/t1514534.shtml;
2018: https://www.fmprc.gov.cn/mfa_eng/wjdt_665385/2649_665393/t1577455.shtml;
2019: https://www.fmprc.gov.cn/mfa_eng/wjdt_665385/2649_665393/t1655224.shtml.

4.5. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika u miżuri konkreti għandhom iqisu żewġ karatteristiċi strateġiċi. L-ewwel waħda hija li l-G20, li seta' jsir forum politiku globali, b'mod komplementari għas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, biex jindirizza wkoll l-iżbilanċi u l-inugwaljanzi globali ta' lef ħafna mill-importanza tiegħu. It-tieni, li hija marbuta mill-qrib, hija li l-UE ma għandhiex "politika ekonomika barranija" effettiva. Il-politika industrijali u politiki oħrajn tal-UE li jaffettwaw fatturi li huma relatati mal-produzzjoni, l-enerġija, is-suq intern, ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-trasport eċċ. qed jiġu esklużi mill-previżjoni esterna tas-servizzi kummerċjali u esterni tal-UE jew qed jiġu riflessi biss parzjalment fiha, kif ukoll l-aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni tal-Istati Membri li għandhom jikkombinaw il-forzi. Dan in-nuqqas jagħmilha aktar diffiċli biex jiġu ffaċċjati atturi internazzjonali ewlenin, u jnaqqas ir-rwol tal-UE fil-fora multilaterali u internazzjonali u fil-prevenzjoni tad-distorsjonijiet tas-suq.

5. L-impatt tal-kriżi ġġenerata mill-pandemija tal-coronavirus (COVID-19)

5.1. It-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt makroekonomiku u fiskali straordinarju, li għadu qed jiżvolġi. Il-KESE jikkondividi l-fehma li ma kien hemm l-ebda alternattiva għall-politiki monetarji espansivi u finanzjarji mħabbra reċentement fl-UE u madwar id-dinja. L-isfidi ewlenin jinkludu rkupru mhux komplut u irregolari u żieda fil-qgħad. Għalkemm il-miżuri ta' politika għandhom jillimitaw iż-żieda fil-qgħad, il-miżuri ta' politika meħtieġa se jikkawżaw defiċits pubbliċi u jżidu d-dejn pubbliku.

5.2. Il-KESE jenfasizza l-fatt li din il-kriżi għandha implikazzjonijiet serji fit-tul għall-UE. Minħabba l-fatt li l-politika dewmet l-impenn ikkoordinat tal-UE fil-ġlieda kontra l-pandemija, jista' jkun hemm telf ta' fiduċja fil-politika iġenerali.

5.3. Riskji oħra jinkludu pandemija li ddom iżjed milli kien maħsub, l-instabbiltà finanzjarja kemm globalment kif ukoll fl-UE, żieda fil-protezzjoniżmu, il-frammentazzjoni tas-Suq Uniku u diverġenzi strutturali profondi.

5.4. Il-KESE jemmen li l-Ewropa teħtieġ b'mod urġenti proġett ġdid għall-integrazzjoni interna, strateġija ekonomika, soċjali (inkluża l-koordinazzjoni tas-saħħa pubblika), fiskali, tal-enerġija u ambjentali komuni u politika kummerċjali koerenti. In-nuqqas ta' strateġija Ewropea effettiva kien allarmanti u għandu jiġi mreġġa' lura għal approċċ Ewropew kollettiv ġdid.

5.5. Huwa meħtieġ pakkett kbir ħafna ta' rkupru u ta' rikostruzzjoni għall-investiment biex tiġi appoġġjata l-ekonomija tal-UE wara l-kriżi bħala parti mill-qafas finanzjarju pluriennali, flimkien ma' dak li diġà qed iwettqu l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Bank Ċentrali Ewropew. Il-pjan ta' rkupru ta' investiment meħtieġ għandu jkun iffinanzjat aktar permezz tal-fondi, l-istrumenti finanzjarji u l-bonds ta' rkupru tal-UE, definiti b'mod ċar f'termini ta' problemi li jirriżultaw mill-kriżi tal-coronavirus, u ggarantiti mill-baġit tal-UE. F'dan il-kuntest, il-KESE jqis il-Pjan ta' Rkupru li ġie ppreżentat reċentement mill-Kummissjoni Ewropea bħala l-ewwel pass konkret f'din id-direzzjoni.

5.6. Il-KESE jenfasizza li l-kummerċ ibbażat fuq ir-regoli huwa essenzjali fi żminijiet ta' kriżi u bħala parti mill-istrateġija tal-UE biex toħroġ mill-kriżi. L-Istati Membri tal-UE għandhom jirrispettaw is-Suq Uniku u jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda ostaklu intern għall-kummerċ tal-UE billi jniedu negozjati aktar komprensivi dwar ftehim plurilaterali li jwassal għal kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni ekwi, inkluża l-liberalizzazzjoni permanenti possibbli tat-tariffi fuq it-tagħmir mediku u jgħinu biex jiġi żgurat li l-ktajjen tal-provvista globali jkunu jistgħu joperaw b'mod liberu f'dan is-settur kritiku. Flimkien ma' dawn il-miżuri, il-liberalizzazzjoni tat-tariffi u l-finanzi tal-esportazzjoni, ikkoordinati sew bejn il-korpi rispettivi tal-UE u tal-Istati Membri, jistgħu jtaffu l-pessjoni fuq in-negozji u jipprevjenu distorsjonijiet tas-suq.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Id-dimensjoni industrijali tal-Unjoni tas-Sigurtà”**(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2020/C 364/06)

Relatur: **José Custódio LEIRIÃO**Korelatur: **Jan PIE**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.2.2020
Bażi legali	Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI)
Adottat fis-CCMI	26.6.2020
Data tal-adozzjoni fis-sessjoni plenarja	16.7.2020
Sessjoni plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	209/3/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Aħna nilqgħu d-determinazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea l-ġdida li ssaħħa is-sovranità teknoloġika tal-Unjoni u nenfasizzaw l-importanza tas-settur tas-sigurtà f'dan ir-rigward. Mingħajr teknoloġija m'hemmx sigurtà u l-Ewropa għandha tħaddem b'ħila t-teknoloġiji li huma kruċjali għas-sigurtà tagħha.

1.2. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, aħna nistiednu lill-Kummissjoni Ewropea tnedi strategġija li ssaħħa il-kapaċitajiet industrijali u teknoloġiċi tal-Ewropa fil-qasam tas-sigurtà. Din hija meħtieġa ħafna b'mod partikolari f'oqsma sensitivi fejn id-dipendenza fuq fornituri mhux Ewropej tista' ssir riskju ta' sigurtà fiha nnifisha. L-istrategġija għandha tappoġġja l-għanijiet tal-Istrategġija l-ġdida ta' Sigurtà Interna u tikkomplementaha b'dimensjoni industrijali. Għandha tgħin jintlaħqu l-ħtiġijiet attwali u futuri ta' kapaċità tal-utenti finali Ewropej u għandha tindirizza l-isfidi ewlenin li s-settur jiffaċċja fl-Ewropa: il-frammentazzjoni tas-suq, in-nuqqas ta' kapaċità u ta' ppjanar tat-teknoloġija fit-tul, u l-inkoerenza tal-politiki u tal-istrumenti ta' finanzjament tal-UE.

1.3. L-istrategġija industrijali tas-sigurtà għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:

- l-eżistenza ta' industrija tas-sigurtà innovattiva hija kruċjali għas-sovranità teknoloġika u l-awtonomija strateġika tal-Ewropa;
- is-sigurtà hija kwistjoni ta' sovranità, li ma tistax titħalla għall-forzi tas-suq biss. Huma meħtieġa rieda u azzjoni politika biex tinżamm il-kapaċità li jiġu żviluppata soluzzjonijiet kumplessi ta' sigurtà teknoloġika avvanzata.
- fid-dawl tal-pandemija COVID-19, ir-reżiljenza għal diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem fuq skala kbira trid isir prijorità politika ewlenija għall-Unjoni u tista' tinkiseb biss bl-appoġġ tal-industrija Ewropea tas-sigurtà.

L-istrategġija għandha tiġi żviluppata bħala parti mill-Unjoni tas-Sigurtà u tagħmel il-politiki tal-UE relatati mas-sigurtà aktar effettivi. Għandha ssegwi approċċ olistiku u tinkludi l-objettivi li ġejjin:

— valutazzjoni tal-vulnerabilitajiet u d-dipendenza kritika tal-Ewropa minn sigurtà mhux militari;

- l-iskrinjar ta' teknoloġiji emerġenti għal implikazzjonijiet ta' sigurtà potenzjali;
- id-definizzjoni ta' teknoloġiji "essenzjali" kritiċi li għalihom l-Ewropa ma għandhiex tiddependi fuq il-fornituri ta' pajjiżi terzi, għal raġunijiet ta' sigurtà;
- l-identifikazzjoni ta' katini ta' valur strateġiċi fis-settur tas-sigurtà;
- l-użu tal-aġenziji tal-UE bħala xprunaturi għall-ippjanar tal-kapaċitajiet u l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti nazzjonali;
- l-użu ta' strumenti tal-UE relatati mas-sigurtà (ISF, IBMF, Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropa, RescEU) għal investiment immirat f'teknoloġiji u applikazzjonijiet ta' sigurtà kritiċi;
- l-użu ta' strumenti oħra tal-UE (Fondi Strutturali, InvestEU, eċċ.) għal investimenti rilevanti għas-sigurtà (infrastruttura), idealment permezz tal-ħolqien ta' Faċilità ta' Sigurtà Ewropea (simili għas-CEF);
- l-użu tal-akkwist Ewropew u l-koordinazzjoni tal-akkwist nazzjonali biex tiġi appoġġjata l-bażi industrijali rilevanti;
- l-użu ta' strumenti ta' finanzjament orjentati lejn il-kapaċità (bħall-ISF u l-IBMF) sabiex titrawwem l-adozzjoni tas-suq tar-riċerka dwar is-sigurtà tal-UE lil hinn minn Orizzont Ewropa;
- l-identifikazzjoni ta' inizjattivi legiſlattivi ġodda possibbli, bħal revizzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika jew strument possibbli dwar is-sigurtà urbana;
- il-koordinazzjoni ta' programmi rilevanti tal-UE (difiża, sigurtà, spazju, ċibernetika).

Introduzzjoni

1.4. L-ambjent ta' sigurtà tal-Ewropa huwa kumpless ħafna. It-theddid għas-sigurtà tal-lum il-ġurnata ta' spiss ikollhom ħafna aspetti, ikunu transnazzjonali, jevolvu malajr u diffiċli jkunu mbassra. Dawn jistgħu jolqtu varjetà wiesgħa ta' miri fl-Unjoni (eż. avvenimenti tal-massa, trasport, infrastrutturi kritiċi, istituzzjonijiet) u jiġu minn varjetà daqstant wiesgħa ta' atturi ta' theddid (eż. awturi individwali ta' reati, organizzazzjonijiet kriminali, gruppi terroristiċi, stati nazzjonali) li jista' jkollhom motivazzjonijiet differenti ħafna (bħall-ġeopolitika, l-estremiżmu reliġjuż jew politiku, l-interessi ekonomiċi jew finanzjarji, jew diżordni mentali) u jużaw kull tip ta' mezz biex iwettqu l-intenzjoni malizzjuża tagħhom (bħal armi tan-nar, tagħmir splużiv improvzzat, materjal kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari, attacchi ċibernetiċi jew diżinformazzjoni).

1.5. Minbarra t-theddid għas-sigurtà magħmul mill-bniedem, hemm diżastri naturali bħalma huma l-ġhargħar, in-nixfiet, il-maltempati jew il-pandemiji, li huma ta' riskju dejjem jikber minħabba t-tibdil fil-klima, it-ċniġġis ambjentali u l-isfruttament żejjed tar-riżorsi naturali. Id-diżastri naturali normalment huma saħansitra aktar devastanti minn diżastri kkawżati mill-bniedem u jheddu s-sigurtà direttament u indirettament.

1.6. It-theddid għas-sigurtà jvarja, u b'hekk anke l-forzi tas-sigurtà u l-ħtiġijiet tal-kapaċitajiet tagħhom. Fl-istess ħin, il-forzi tas-sigurtà ta' spiss jikkooperaw, pereżempju bħala dawk li jagħtu l-ewwel rispons matul diżastru, u jeħtieġu tagħmir interoperabbli li jilqa' l-isfida tat-theddid li jiffaċċjaw.

1.7. Minkejja d-diversità tagħhom, it-theddid għas-sigurtà tal-lum għandu ħaġa waħda komuni: ma jistgħux jiġu indirizzati mingħajr l-appoġġ tekniku. It-teknoloġija nniġħa ma tistax tipprovdni sigurtà, iżda fis-soċjetajiet kumplessi u konnessi tagħna, hija faċilitatur indispensabbli fl-oqsmha kollha tas-sigurtà u fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu tas-sigurtà (prevenzjoni, tħejjija, azzjoni u rkupru). L-evoluzzjoni u l-proliferazzjoni rapidi ta' teknoloġiji diġitali ġodda, bħall-intelliġenza artiċijali, il-computing kwantistiku u l-blockchain, se jsaħħu aktar l-importanza tat-teknoloġija għas-sigurtà, peress li dawn mhux biss joħlqu opportunitajiet ġodda, iżda wkoll jimmultiplikaw kemm il-vulnerabbiltajiet kif ukoll il-kapaċitajiet li ssir il-ħsara.

1.8. Mingħajr l-ġharfien espert ta' industrija tas-sigurtà speċjalizzata, huwa impossibbli li jiġu żviluppanti teknoloġiji avvanzati meħtieġa biex jiġi indirizzat t-theddid attwali u futur għas-sigurtà. L-industrija tas-sigurtà hija msieħba vitali, b'mod partikolari għal sistemi kumplessi ta' sigurtà u l-protezzjoni minn theddid sofistikat.

1.9. Il-bażi tas-sigurtà industrijali u teknoloġika fl-Ewropa hija varjata daqs il-ħtiġijiet tas-sigurtà tas-soċjetajiet u l-ekonomiji moderni. Din tinkludi kumpaniji ta' kull daqs mill-Unjoni kollha b'portafolli u speċjalizzazzjonijiet differenti. Ħafna minnhom għandhom ukoll attivitajiet fil-qasam tad-difiża jew l-ajruspazjali jew attivitajiet kummerċjali fis-settur tal-IT jew huma sussidjarji ta' gruppi akbar li jappartjenu għal dawn is-setturi. Kollha kemm huma jiżviluppaw u jipproduċu sistemi ta' teknoloġija avvanzata u jipprovdu servizzi li huma meħtieġa biex jipproteġu s-soċjetajiet, il-kumpaniji, l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini tagħna kontra kull tip ta' theddid u diżastri għas-sigurtà. L-iktar studju komprensiv reċenti jistma li l-industrija tas-sigurtà fl-UE tiġġenera fatturat ta' kważi EUR 200 biljun u toħloq impjeg għal 4,7 miljun ruħ⁽¹⁾.

2. Kummenti ġenerali

2.1. L-Unjoni għandha interess ekonomiku, iżda wkoll interess strateġiku fit-trawwim ta' bażi industrijali Ewropea vivaċi ta' sigurtà. Aktar ma żona ta' sigurtà tkun kritika, aktar ikun hemm dipendenza fuq fornituri minn pajjiżi terzi li tista' ssir hija stess riskju ta' sigurtà. Huwa kruċjali li jintużaw teknoloġiji, servizzi u tagħmir żviluppati minn sorsi affidabbli, b'mod partikolari meta l-infrastrutturi kritiċi u l-istituzzjonijiet tal-istat jeħtieġ li jkunu protetti kontra theddid minn atturi statali jew appoġġjati mill-istat.

2.2. L-andament tal-pandemija COVID-19 u l-konsegwenzi diretti u indiretti tagħha wrew ukoll il-ħtieġa għal industrija b'saħħitha ta' sigurtà bbażata fl-Ewropa. Ir-rikors enormi għal għodod diġitali, pereżempju, wassal għal żieda drammatika f'attakki ċibernetiċi kemm minn atturi mhux statali kif ukoll minn atturi statali kontra kumpaniji u operaturi ta' servizzi essenzjali. It-titjib tar-reżiljenza ċibernetika u ċ-ċibersigurtà fil-proċessi kollha bbażati fuq id-diġitalizzazzjoni ta' kumpaniji u istituzzjonijiet jenħtieġ għalhekk ikun lezzjoni ewlenija li għandha tinsilet mill-pandemija. Minn mindu faqqa' l-virus, għal darb'oħra rajna kampanji ta' diżinformazzjoni, li spiss jiġu sponsorjati minn gvernijiet barranin u ma jistgħux jiġu miġġielda b'mod effettiv mingħajr l-użu ta' għodod teknoloġiċi sofistikati. Il-COVID-19 żvela wkoll nuqqasijiet kbar fil-kapaċitajiet tal-UE fil-manijġar ta' kriżijiet, bħan-nuqqas ta' ġabra komuni ta' tagħmir kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari. Fil-qosor, huma meħtieġa diversi miżuri biex l-Ewropa ssir aktar reżiljenti għal diżastri fuq skala kbira. Minħabba s-sensittività ta' ħafna minn dawn il-miżuri, huwa essenzjali li dawn jiġu implimentati bl-appoġġ ta' fornituri li huma affidabbli u li jiżguraw is-sigurtà tal-provvista fi żminijiet ta' kriżi.

2.3. Għalhekk, l-Unjoni għandha interess strateġiku li fl-Ewropa ssostni l-kapaċitajiet industrijali li huma meħtieġa sabiex jiġi żgurat livell xieraq ta' awtonomija u ta' sovranità teknoloġika foqasma kritiċi ta' sigurtà. Fl-istess ħin, il-kundizzjonijiet attwali tas-suq sfortunatament jagħmluha diffiċli biex jiġi ssodisfat dan l-interess strateġiku. Għall-kuntrarju, il-karatteristiċi speċifiċi tas-suq tas-sigurtà fl-Ewropa ta' spiss jagħmluha diffiċli għall-kumpaniji biex jibnu mudelli ekonomiċi vijabbli għat-teknoloġiji kkonċernati.

2.4. Mil-lat kummerċjali, hemm biss domanda limitata għall-prodotti tas-sigurtà tal-ogħla livell li jiswew ħafna flus. Peress li l-operaturi privati tas-suq ifittxu kontinwament tnaqqis fl-ispejjeż, dawn normalment jillimitaw l-investimenti fis-sigurtà għal dak li huwa strettament meħtieġ u jagħtu preferenza lill-orħos prodott disponibbli fis-suq (ta' spiss minn fornituri ta' pajjiżi terzi).

2.5. Mil-lat tad-domanda pubblika tas-suq tas-sigurtà, hemm varjetà wiesgħa ta' xerreġja u utenti finali, ħafna minnhom b'baġits ta' akkwist limitati u ordnijiet żgħar, u li huma legalment marbuta biex jixtru bl-orħos prezz. Barra minn hekk, il-maġġoranza vasta tal-klijenti tas-sigurtà pubblika ma għandhom l-ebda ppjanar tal-iżvilupp tal-kapaċità. Huma jixtru l-prodotti disponibbli fis-suq biex jissodisfaw il-ħtiġijiet immedjati tagħhom, mingħajr l-ebda kunsiderazzjoni fit-tul dwar kif it-theddid u t-teknoloġiji jistgħu jevolvu fil-futur, wisq inqas kwalunkwe investment biex iħejju għal dan.

2.6. Minħabba l-ispeċifitajiet taż-żewġ naħat tad-domanda għas-sigurtà, hemm biss suq żgħir għal teknoloġiji u applikazzjonijiet kritiċi. Soluzzjonijiet kumplessi ta' sigurtà ta' spiss ikunu magħmula apposta għal klijent wieħed jew għal ftit klijenti, li jillimita l-volumi ta' produzzjoni u l-ekonomiji ta' skala għal minimu. Fl-aħjar xenarju, it-teknoloġiji użati għal

(1) Minħabba d-diversità tas-settur, bħalissa m'hemm l-ebda definizzjoni ċara tal-industrija tas-sigurtà u stimi approssimattivi biss tad-daqs tas-suq. Klassifikazzjoni metodoloġika ta' din l-industrija hija mxejjela minn numru ta' fatturi: 1) l-industrija tas-sigurtà mhix koperta bħala tali min-nomenklaturi statistiċi ewlenin (NACE, Prodcod, eċċ.); 2) il-produzzjoni ta' oġġetti relatati mas-sigurtà hija moħbija taħt firxa wiesgħa ta' intestaturi, u l-istatistika għal dawn l-intestaturi ma tidistingwixxi bejn attivitajiet relatati mas-sigurtà u dawk mhux relatati mas-sigurtà; 3) ma hemm l-ebda sors ta' data statistika disponibbli fil-livell Ewropew mill-industrija nnifisha. Ara l-istudju dwar l-iżvilupp ta' data statistika dwar il-bażi teknoloġika u industrijali Ewropea ta' sigurtà, Rapport Finali ta' Ecorys għall-Kummissjoni Ewropea, DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni, Ġunju 2015.

tali sistemi jistgħu jintużaw għal applikazzjonijiet oħra inqas sensittivi għal suq tal-klijenti kummerċjali aktar wiesa'. Għalhekk, il-kundizzjonijiet attwali tas-suq jagħmluha impossibbli li fl-UE tiġi sostnuta bażi teknoloġika u industrijali li tista' tiżviluppa l-kapaċitajiet ta' sigurtà li l-Ewropa teħtieġ biex tiproteġi l-fruntieri esterni, it-territorju u ċ-ċittadini tagħha. Dan idgħajfef il-kredibbiltà tal-Unjoni tas-Sigurtà u jitlob azzjoni tal-UE msaħħa.

Is-sitwazzjoni attwali tal-politiki ta' sigurtà tal-UE

2.7. Minn mindu tnediet l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà f'April 2015, l-UE stinkat għal Unjoni tas-Sigurtà ġenwina li tipprovdi l-ġhodod, l-infrastruttura u l-ambjent li fihom l-awtoritajiet nazzjonali u tal-UE jaħdmu flimkien b'mod effettiv biex jindirizzaw sfidi komuni, filwaqt li fl-istess ħin jiproteġu d-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini⁽²⁾. L-għadd biss ta' inizjattivi f'dan il-kuntest juri li bla dubju s-sigurtà saret waħda mill-prijoritajiet ta' politika ewlenin tal-Unjoni:

- id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu⁽³⁾
- ir-regoli riveduti dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus⁽⁴⁾
- il-ħolqien tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)⁽⁵⁾
- l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għas-sigurtà, il-fruntieri u l-migrazzjoni⁽⁶⁾
- il-ħolqien tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)⁽⁷⁾
- l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà⁽⁸⁾
- il-gwardja Ewropea tal-fruntiera u tal-kosta ("Frontex") imsaħħa⁽⁹⁾
- Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)⁽¹⁰⁾.

Dawn l-inizjattivi huma supplimentari għall-programmi u l-istrumenti ta' finanzjament diġà stabbiliti, bħall-Fond għas-Sigurtà Interna.

2.8. Il-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss inkludiet żieda konsiderevoli tal-linji baġitarji rilevanti ewlenin (eż. EUR 35,3 biljun għall-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, EUR 4 biljun għas-sigurtà interna, EUR 15,6 biljun għar-reżiljenza u r-rispons għall-kriżi) meta mqabbla mal-QFP preċedenti⁽¹¹⁾. L-Unjoni se tiffinanzja wkoll programm ieħor ta' riċerka dwar is-sigurtà taħt Orizzont Ewropa, li diġà ta kontribut importanti għat-tfassil u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' sigurtà futuri taħt Orizzont 2020.

⁽²⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill – Azzjoni fuq l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà biex jiġi miġġieled it-terroriżmu u titwitta t-triq lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina, Brussell, 20.4.2016, COM (2016) 230 final https://eur-lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar:9aeae420-0797-11e6-b713-01aa75ed71a1.0002.02/DOC_1&format=PDF

⁽³⁾ Id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14) u r-Regolament dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament dwar l-interoperabbiltà (fruntieri u viża) (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27) u r-Regolament dwar l-interoperabbiltà (il-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni) (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15).

⁽⁹⁾ Ir-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

⁽¹¹⁾ Skont il-prezzijiet attwali. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Il-baġit tal-UE jmexxi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa, Brussell, 27.5.2020 COM(2020) 442 final: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1601035899164&uri=CELEX%3A52020DC0442>

2.9. Fir-rigward tat-teknoloġġi diġitali, il-Kummissjoni Ewropea tipproponi wkoll li żżid l-infiq b'mod sinifikanti (eż. Orizzont Ewropa jew il-Programm Ewropa Diġitali) biex issaħħaħ is-sovranità teknoloġika tal-Ewropa foqasma ta' importanza strateġika. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ddikjarat ukoll l-intenzjoni tagħha li trawwem sinerġiji bejn is-setturi tal-ispazju, tad-difiża u tas-sigurtà.

2.10. Is-sovranità teknoloġika hija wkoll terminu ewlieni fl-*"Istrateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa"*, fejn il-Kummissjoni tenfasizza li *"it-trasformazzjoni diġitali, is-sigurtà u s-sovranità teknoloġika futura [tal-Ewropa] jiddependu fuq l-infrastrutturi diġitali strateġiċi tagħna"* u tħabbar li se *"tappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji abilitanti essenzjali li huma strateġikament importanti għall-futur industrijali tal-Ewropa"* ⁽¹²⁾.

Kummenti speċifiċi

2.11. Il-kompetenza tal-UE fil-qasam tas-sigurtà tibqa' limitata u ta' spiss ma tinvolvi xejn aktar ħlief rwol ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali. Għalhekk, il-politiki ta' sigurtà jibqgħu frammentati u ta' spiss ineffettivi. L-istess jgħodd għal setturi oħra rilevanti għas-sigurtà bħas-saħħa pubblika.

2.12. Is-sigurtà fl-UE hija prijorità politika mingħajr dimensjoni industrijali. Jeżisti għadd impressjonanti ta' politiki u ta' strumenti ta' finanzjament relatati mas-sigurtà b'baġits konsiderevoli. Madankollu, la hemm koordinazzjoni tal-ħtiġijiet tal-kapaċitajiet, u lanqas politika koerenti li tappoġġja l-bażi industrijali u teknoloġika rilevanti. Kunċetti bħall-kompetittività industrijali, l-awtonomija strateġika, l-ippjanar tal-kapaċità u t-teknoloġġi kritiċi ma kienux inklużi fid-dibattitu dwar l-Unjoni tas-Sigurtà u qatt ma tqiesu bħala objettivi ta' programmi ta' finanzjament relatati mas-sigurtà.

2.13. Il-*Pjan ta' Azzjoni għal Industrija tas-Sigurtà innovattiva u kompetittiva* tal-Kummissjoni tal-2012 ma kellux ambizzjoni, kien limitat fil-kamp ta' applikazzjoni u għalhekk baqa' mingħajr impatt notevoli.

2.14. Il-programm tal-UE ta' riċerka dwar is-sigurtà jimmobilizza diversi riżorsi, iżda jbati minn nuqqasijiet serji. L-adozzjoni mis-suq ta' riżultati tar-riċerka tibqa' sfida kbira peress li la hemm proċess komuni ta' ppjanar tal-kapaċitajiet għas-sigurtà, li jgħin jikkonsolida d-domanda għall-utenti finali pubbliċi, u lanqas użu sistematiku ta' strumenti oħra tal-UE ta' finanzjament orjentati lejn il-kapaċità bħala mezz biex jiġi appoġġjat l-iskjerament ta' soluzzjonijiet ta' sigurtà.

2.15. L-Istrateġija l-ġdida tas-Sigurtà Interna tiggwida l-politiki tas-sigurtà tal-UE u għalhekk għandha tfittex li ssolvi dawn in-nuqqasijiet. Għandha tindirizza l-evoluzzjoni rapida tat-teknoloġġa u l-implikazzjonijiet tagħha għas-sigurtà, tinsisti li jkun hemm definizzjoni komuni tal-ħtiġijiet ta' kapaċità ta' sigurtà u trawwem il-kooperazzjoni Ewropea biex tissodisfa dawn il-ħtiġijiet. Dan isaħħaħ l-Unjoni tas-Sigurtà, jikkontribwixxi b'mod konsiderevoli għall-ħolqien ta' suq intern ġenwin għas-sigurtà u jgħin biex tiġi sostnuta industrija tas-sigurtà kompetittiva fl-Ewropa.

2.16. L-industrija hija indispensabbli biex tbiddel it-teknoloġġi f'soluzzjonijiet. Għalhekk, politika industrijali ambizzjuża għal oqsma ewlenin ta' sovranità għandha tkun prijorità politika għall-Unjoni. L-iżvilupp ta' tali politika huwa partikolarment urġenti għas-settur tas-sigurtà, li attwalment qiegħed ibati minn fallimenti tas-suq serji li jagħmluha diffiċli ħafna biex jiġu sostnuti l-kapaċitajiet industrijali u teknoloġiċi kritiċi.

2.17. Għalhekk nappellaw lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżviluppa strateġija industrijali speċifika ta' sigurtà biex tappoġġja l-Istrateġija l-ġdida ta' Sigurtà Interna u tagħmel l-Unjoni tas-Sigurtà aktar effettiva. Din l-Istrateġija industrijali għandha tkun ambizzjuża u komprensiva, filwaqt li tiżgura li l-politiki u l-istrumenti pertinenti kollha jikkontribwixxu għas-sovranità teknoloġika tal-Unjoni foqasma ta' sigurtà kritiċi. Għandha tiżgura wkoll li l-istrumenti kollha tal-UE relatati mas-sigurtà (il-Fond għas-Sigurtà Interna, il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, ir-ResCEU) jinkludu dimensjoni industrijali, u l-programmi kollha relatati mat-teknoloġġa (Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropa) jinkludu dimensjoni ta' sigurtà. Dan jgħin biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-klijenti pubbliċi, joffri opportunitajiet ġodda għall-industrija Ewropea, u jagħmilha aktar faċli biex wieħed ilaħħaq f'ħin tajjeb mal-implikazzjonijiet tas-sigurtà tat-teknoloġġi emerġenti.

⁽¹²⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa, Brussell, 10.3.2020, COM (2020) 102 final <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020DC0102&from=MT>

2.18. Għal dan il-għan, il-kunċett ta' sovranià teknoloġika jeħtieġ li jkompli jiġi definit u jsir operattiv. Il-fokus attwali tal-Kummissjoni fuq it-teknoloġiji diġitali jintlaqa' tajjeb iżda ma għandux ikun esklussiv. Għandha tingħata prijorià lit-teknoloġiji kritiċi kollha f'oqsma ewlenin ta' sovranià, jiġifieri s-sigurtà, id-difiża u l-isparzju. Il-kunċett għandu jiġi rivedut ukoll fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 u jinkludi r-reżiljenza bħala objettiv strateġiku.

2.19. L-“Istrateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa” tal-Kummissjoni tinkludi elementi importanti għat-trawwim tas-sovranià teknoloġika f'oqsma kritiċi ta' sigurtà. Il-kunċett ta' katini tal-valur strateġiċi b'mod partikolari għandu jintuża bħala l-qafas għal approċċ komprensiv li jkopri ċ-ċiklu industrijali kollu mill-provvista ta' materjali kritiċi għall-industrijalizzazzjoni u l-manutenzjoni, u li jikkordina l-użu tal-istrumenti ta' politika xierqa kollha, inkluż il-kontroll tal-Investimenti Diretti Barranin.

2.20. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss se jkollu jiġi adattat għall-ħtiġijiet taż-żmien ta' (wara) l-COVID-19, u għalhekk anke il-politiki appoġġjati mill-QFP u l-programmi li jiffinanzja. Prijoritajiet u strumenti definiti qabel iridu jiġu riveduti u jqisu l-lezzjonijiet misluta mid-diffikultajiet tal-Ewropa biex tiġi indirizzata l-pandemija. Dan japplika wkoll għall-Unjoni tas-Sigurtà u għall-Istrateġija l-ġdida ta' Sigurtà Interna, li għandha tenfasizza l-ħtieġa għal aktar sovranià u reżiljenza teknoloġika.

2.21. Biex tingħeleb ir-reċessjoni kkawżata mill-pandemija, matul iċ-ċiklu baġitarju li jmiss, l-UE għandha tiffoka l-investimenti fuq setturi ta' teknoloġija avvanzata, peress li dawn għandhom l-akbar valur miżjud u effetti multiplikaturi għall-ekonomija kollha kemm hi ⁽¹³⁾. Strateġija tal-UE dwar is-sigurtà industrijali li tgħin biex l-Ewropa ssir aktar awtonoma u reżiljenti tkun taqbel perfettament ma' dan l-approċċ u għalhekk għandha tinbeda b'urġenza taħt il-pjan ta' rkupru tal-Unjoni wara l-COVID-19.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹³⁾ Ara pereżempju “Il ruolo dell’innovazione e dell’alta tecnologia in Italia nel confronto con il contesto internazionale” (Ir-rwol tal-innovazzjoni u t-teknoloġija avvanzata fl-Italja fir-rigward tal-kuntest internazzjonali), Centro economia digitale, Ruma, Ottubru 2019.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-introduzzjoni ta’ miżuri ta’ salvagwardja għall-prodotti agrikoli fil-ftehimiet kummerċjali”**(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2020/C 364/07)

Relatur: **Arnold PUECH D’ALISSAC**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.2.2020
Bażi legali	Artikolu 32(2) tar-Regoli ta’ Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	29.6.2020
Adottata fil-plenarja	16.7.2020
Sessjoni plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	204/2/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Kooperazzjoni internazzjonali b’saħħitha hija prerekwiżit għal klawżoli ta’ salvagwardja effettivi.

1.1.1. Il-KESE jenfasizza li l-provvista tal-ikel għall-umanità għadha u se tibqa’ sfida kbira mill-inqas sal-2050. Biex nitimgħu minn 9 sa 10 biljun ruħ, se jkollna bżonn l-agrikoltura kollha fid-dinja. L-FAO tistma li l-produzzjoni globali se jkollha tiżdied b’70 % bejn l-2007 u l-2050. Għalhekk, jeħtieġ li tiġi protetta l-kapaċità ta’ produzzjoni ta’ kull pajjiż, billi jiġu promossi politiki agrikoli u kummerċjali adatti, filwaqt li jiġi żgurat kummerċ internazzjonali organizzat, u b’hekk jiġu indirizzati kemm l-inċertezzi fil-produzzjoni kif ukoll l-iskarsezzi dejjiema f’ċerti żoni ġeografiċi.

1.1.2. Għall-KESE, l-armonizzazzjoni tal-istandards tal-produzzjoni sabiex jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u biex kull pajjiż ikun jista’ jipproduċi l-alimentazzjoni bażika hija essenzjali.

1.2. Jeħtieġ li tkompli titjeb it-trasparenza tas-swieq.

1.2.1. Is-Sistema ta’ Informazzjoni dwar is-Swieq Agrikoli, li tnediet fl-2011 mil-laqgħa tal-ministri tal-agrikoltura tal-G20, u li tlaqqa’ flimkien il-produtturi u l-importaturi globali ewlenin taċ-ċereali u ż-żrieragħ taż-żejt, tagħmilha possibbli li tiġi aċċertata s-sitwazzjoni reali fis-swieq u hija wkoll forum għal djalogu u koordinazzjoni bejn l-uffiċjali tal-gvern fi żminijiet ta’ volatilità qawwija fis-swieq agrikoli. Din l-inizzjattiva wriet is-siwi tagħha, iżda jeħtieġ li tiġi żviluppata aktar f’termini tal-għadd tal-pajjiżi parteċipanti u l-ambitu tagħha, sabiex tkopri wkoll prodotti oħra negozjati fis-swieq dinjija.

1.3. Jeħtieġ li l-klawżoli ta’ salvagwardja agrikoli tad-WTO, kemm dawk ġenerali kif ukoll dawk bilaterali, jittejjbu skont kriterji differenti li l-KESE jelenka f’din l-Opinjoni. L-għan huwa li jiġu żgurati kompetizzjoni ġusta u s-sostenibbiltà tal-industriji Ewropej, sabiex jggarantixxu s-sovranià tal-ikel għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha, kemm tal-produtturi kif ukoll tal-konsumaturi. Din il-ħtieġa għas-sovranià tal-ikel ġiet enfasizzata b’mod qawwi matul il-kriżi tal-COVID-19.

1.3.1. Reazzjoni rapida

Il-klawżoli attwali huma ineffettivi għax l-implimentazzjoni tiegħu żmien twil. Madankollu, bis-saħħa tad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, id-data tista’ tkun disponibbli fi ftehim sigħat. Il-monitoraġġ tal-volumi u tal-prezzijiet illum il-ġurnata huwa effettiv u jippermetti reazzjoni minnufih.

1.3.2. Reazzjoni awtomatika

Bl-ġharfien dettaljat dwar il-kummerċ, il-flussi kummerċjali jistgħu jiġu rregolati faċilment. Ladarba tkun għet rreġistrata żieda ta' 10 % fil-volum tal-kummerċ fuq perjodu ta' żmien definit, pereżempju sena, l-implimentazzjoni miftiehma bejn l-esportaturi u l-importaturi tista' ssir b'mod awtomatiku. Jekk iż-żieda tkun ġustifikata abbażi ta' skarsezza li tkun ikkawżat produzzjoni aktar baxxa, il-klawżola ma tiġix attivata. Min-naħa l-oħra, jekk iż-żieda ma tkunx ġustifikata, jiġi applikat dazju doganali addizzjonali biex tiġi limitata din iż-żieda.

1.3.3. Reazzjoni proporzjonata

Skont in-natura u l-orijini taż-żieda fil-flussi kummerċjali, ir-reazzjoni għandha tkun proporzjonata sabiex tnaqqas din iż-żieda jew tiżgura s-sospensjoni effettiva tal-flussi destabilizzanti għall-katini tal-provvista kkonċernati.

1.3.4. Reazzjoni komprensiva

Għandhom jitqiesu l-flussi kollha tal-importazzjoni, ikun x'ikun l-istatus tagħhom u mingħajr notifika minn qabel. Huwa proprju għall-prodotti hekk imsejħa sensitivi li fil-ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs) jingħataw l-kwoti ta' dazju mnaqqas, u dawn huma s-setturi li huma l-aktar destabilizzati malajr. Għalhekk għandhom ikunu soġġetti wkoll għall-klawżoli ta' salvagwardja.

1.3.5. Miżuri simmetriċi

L-introduzzjoni ta' miżuri simmetriċi fir-regoli tal-UE dwar l-importazzjonijiet trid, min-naħa waħda, tiżgura l-istess protezzjoni tal-konsumaturi irrispettivament mill-orijini tal-prodotti u, min-naħa l-oħra, tillimita d-distorsjonijiet ekonomiċi għall-operaturi Ewropej.

1.3.6. Jitqies il-qafas ta' implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi

L-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra huma sfida internazzjonali ewlenija. Jekk ċerti pajjiżi ma jirrispettawhomx, m'għandhomx jibbenefikaw minnhom f'termini ta' kummerċ. Jeħtieġ li jiġi implimentat mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera għas-settur agroalimentari. Minħabba l-kumplessità tal-Ftehim ta' Pariġi, u sakemm jiġi approvat, il-klawżoli ta' salvagwardja speċifiċi tiegħu jridu jinkisbu fid-WTO u għandhom jiġu inklużi fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles kollha nnegozjati mill-Kummissjoni Ewropea.

1.3.7. Jitqiesu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli

Bħal fil-każ tal-Ftehim ta' Pariġi, għandhom jinkisbu klawżoli ta' salvagwardja fid-WTO u jiġu inklużi fil-ftehimiet kollha ffirmati mill-Unjoni Ewropea.

2. Kunċett u storja tal-klawżoli ta' salvagwardja

2.1. Id-WTO tippredvi klawżoli speċifiċi għas-settur agrikolu, iżda tillimita l-użu tagħhom.

2.1.1. Il-miżuri ta' salvagwardja huma definiti bħala "miżuri ta' emerġenza" relatati maż-żieda fl-importazzjonijiet ta' prodotti partikolari, meta tali importazzjonijiet jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, dannu serju lill-industrija domestika tal-pajjiż importatur. Dawn il-miżuri, li huma b'mod ġenerali fil-forma ta' sospensjoni ta' konċessjonijiet jew ta' obbligi, jistgħu jikkonsistu fl-applikazzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni jew dazji doganali fuq l-importazzjoni.

2.1.2. Fil-qasam tal-agrikoltura, l-applikazzjoni ta' tariffi ta' salvagwardja oġhla tista' tiġi attivata awtomatikament meta l-volum tal-importazzjonijiet jaqbeż ċertu livell jew meta l-prezzijiet jaqgħu taħt ċertu livell mingħajr il-bżonn li jintwera dannu serju kkawżat lill-industrija domestika.

2.1.3. Madankollu, il-klawżola ta' salvagwardja speċjali għall-agrikoltura tista' tiġi invokata biss fir-rigward ta' prodotti li jkunu ġew stabbiliti rati għalihom u sakemm il-gvern ikun irriżerva d-dritt li jaġħmel hekk fl-iskeda ta' impenji tiegħu dwar l-agrikoltura. Barra minn hekk, ma tistax tiġi invokata għal importazzjonijiet taħt kwoti tariffarji.

2.2. Il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles bilaterali jaġħmluha possibbli li wieħed imur lil hinn.

2.2.1. Il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles għandhom ikopru l-biċċa l-kbira tal-flussi kummerċjali u jeħtieġ li jrawmu l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ bejn il-pajjiżi ffirmatarji mingħajr ostakli għall-kummerċ mal-bqija tad-dinja. Minħabba d-diffikultajiet fil-proċess ta' negozjati multilaterali fid-WTO, f'dawn l-aħħar snin ġew innegozjati ħafna ftehimiet ta' kummerċ ħieles.

2.2.2. L-Unjoni Ewropea tagħti preferenza lil din l-opzjoni biex tingħata spinta lil-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u biex jintlaħaq progress dwar kwistjonijiet li mhumiex kunsenswali, bħall-kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli. Madankollu, l-aħħar ftehimiet urew il-limitazzjonijiet ta' din is-sistema u d-diffikultajiet li jkun hemm approċċ komuni jew li jitqiesu bis-sħiħ ftehimiet internazzjonali oħrajn bħall-Ftehim ta' Pariġi.

2.3. Il-kummerċ internazzjonali agroalimentari għadu essenzjali.

2.3.1. Hemm għadd ta' ostakli għat-tentattivi ta' awtosuffiċjenza alimentari, l-ewwel nett l-espansjoni demografika, li ħafna drabi tagħmel l-użu tal-importazzjonijiet fattur essenzjali. Għalhekk, il-kummerċ jagħti kontribut kruċjali għas-sigurtà alimentari fid-dinja. L-isfida għall-pajjiżi hija li jinstab il-bilanċ it-tajeb bejn l-iżvilupp tal-produzzjoni agrikola tagħhom stess u l-ftuħ għall-kummerċ. Iżda jeħtieġ ukoll li jagħmlu mezz biex jiżguraw li, meta jkun possibbli, u f'kundizzjonijiet li ma jfixklux bla bżonn il-kompetizzjoni, l-agrikoltura tagħhom tkun tista' tindirizza d-domanda internazzjonali u li jespertaw l-ikel lejn pajjiżi li ma jkunux jistgħu jipproduċu l-kwantitajiet neċessarji għall-ħtiġijiet tagħhom.

2.3.2. Tabilħaqq, studju prospettiv mill-Istitut Nazżjonali ta' Riċerka għall-Agricoltura, l-Ikel u l-Ambjent (INRAE) juri li, sal-2050, il-konċentrazzjoni tal-esportazzjonijiet agrikoli madwar id-dinja tista' tiżdied aktar. Dan ikun ta' benefiċċju prinċipalment għal numru żgħir ta' pajjiżi jew reġjuni, fejn it-tibdil fil-klima jkollu impatt pożittiv fuq l-agrikoltura u b'hekk ikunu jistgħu jżidu ż-żona kkultivata tagħhom, kif ukoll ir-rendimenti tal-uċuħ tar-raba' tagħhom.

2.4. Il-kummerċ agrikolu jintuża ħażin fid-diplomazija. Is-settur agrikolu huwa vittma ta' negozjati politiċi li ma jikkonċernawhx: jekk hux fil-każ tal-kunflitt bejn l-Istati Uniti u ċ-Ċina, dak bejn Boeing u Airbus jew fil-fażi finali tan-negozjati kummerċjali, is-settur agrikolu jkun regolarment soġġett għal miżuri ta' rialjazżjoni jew offerti kompensatorji tan-negozjati.

3. Nuqqasijiet fil-klawżoli ta' salvagwardja attwali

3.1. Il-proċeduri ta' salvagwardja huma twal u onerużi żżejjed.

3.1.1. Fil-passat, l-introduzzjoni ta' klawżoli ta' salvagwardja kienet fit-tul u diffiċli, u b'hekk dawn ma kinux effiċjenti. Għalkemm l-Unjoni Ewropea hija waħda mill-membri tad-WTO li rriżervaw id-dritt li jinvokaw din il-klawżola fuq ħafna prodotti, fil-prattika kważi qatt ma tapplikaha. Għalhekk, fil-każ "tad-devjazżjoni" tal-laħam tat-tiġieġ fis-salmura ffrizāt (jekk ikun fis-salmura, ma jkollux bżonn jiġi ffrizāt) mill-Braziļ, id-dazju doganali aktar baxx applikat wassal għal żidiet sinifikanti sew fl-importazzjonijiet tal-laħam tat-tjur bejn l-1996 u l-2001, mingħajr l-applikazzjoni tal-klawżoli ta' salvagwardja.

3.2. Il-proċeduri attwali ma jiggarantixxux kompetizzjoni ġusta.

3.2.1. Il-vantaġġ kompetittiv tal-produtturi ta' pajjiżi terzi li mhumiex mitlubin jikkonformaw strettament mal-istandards Ewropej huwa importanti. Għalhekk, fl-aħħar ftehim iffirmat mal-Kanada, il-produtturi Kanadiżi għandhom il-possibbiltà li jużaw madwar erbgħin prodott għall-protezzjoni tal-pjanti pprojbti fl-UE, bħall-atrażina, li tnaqqas b'mod sinifikanti l-kost tal-produzzjoni tagħhom. Il-pajjiżi tal-Amerika qed jużaw żrieragħ modifikati ġenetikament li fl-UE huma awtorizzati għat-tqegħid fis-suq iżda mhux għall-produzzjoni, b'mod partikolari fil-każ tal-proteini veġetali bħas-soja.

3.2.2. Il-konsegwenza ta' dawn in-nuqqasijiet hija żieda fl-importazzjonijiet tal-prodotti agrikoli, inklużi prodotti agrikoli mhux ipproċessati. Dan jista' jqajjem dubji dwar is-sovranià alimentari Ewropea. Skont l-aktar pubblikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni Ewropea *Agri-food trade statistical factsheet* (Skeda informattiva bi statistika dwar il-kummerċ agroalimentari) ⁽¹⁾, id-defiċit fil-bilanċ kummerċjali tal-UE għall-prodotti agrikoli mhux ipproċessati kien jaqbeż l-EUR 20 biljun fl-2019.

3.3. Dawn in-nuqqasijiet jolqtu ħażin lill-konsumaturi wkoll. In-nuqqas ta' regolamentazzjoni jwassal għal volatilità ta' prezzijiet eċċessivi, li żdiedet f'dawn l-aħħar snin. L-ispekulazzjoni li nħolqot fis-swieq agrikoli tkompli taggrava din il-volatilità, u tagħmilha diffiċli għal ħafna konsumaturi bi dħul baxx biex ikollhom aċċess għall-ikel. Barra minn hekk, id-destabbilizzazzjoni tal-katini tal-provvista twassal għal tnaqqis fil-kapaċità tal-produzzjoni, li jżid l-inċertezza tal-provvista lill-konsumaturi.

⁽¹⁾ Kummissjoni Ewropea: *Agri-food trade statistical factsheet* (Skeda informattiva bi statistika dwar il-kummerċ agroalimentari)

3.4. B'xorti ħażina, il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat kemm il-ħtieġa għall-kummerċ agrikolu kif ukoll il-fatt li s-sovranità tal-ikel hi indispensabbli. Fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali, l-Unjoni Ewropea għalhekk irid ikollha l-għodod biex issaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE għall-iskossi ekonomiċi sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja, l-istabbiltà u l-prosperità kondiviża għall-Ewropej kollha.

Brussel, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Emerġenza wara l-COVID-19: it-tfassil ta’ Matriċi Multilaterali Ġdida”**(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2020/C 364/08)

Relatur: **Emmanuelle BUTAUD-STUBBS**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.2.2020
Bażi legali	Artikolu 32(2) tar-Regoli ta’ Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni
Adottata fis-sezzjoni	16.6.2020
Adottata fil-plenarja	16.7.2020
Sessjoni plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	213/3/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**Il-COVID-19 u l-multilateraliżmu**

1.1. L-impatt ekonomiku, soċjali u finanzjarju profund u mingħajr preċedent tal-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19 jirrikjedi rispons mingħajr preċedent, fit-tul u inekwivoku. L-UE jeħtieġ li tappoġġja l-ekonomija u l-kummerċ internazzjonali sabiex tipprevjeni li l-kummerċ dinji jgħaddi minn perjodu ta’ rpiljar, bħal fl-1929, u biex tiffinanzja l-irkupru, u fl-istess ħin tipproteġi lin-negozji, lill-ħaddiema kollha (fosthom il-persuni b’diżabbiltà), lill-gruppi vulnerabbli u liċ-ċittadini, fi spirtu ta’ solidarjetà u responsabbiltà, mingħajr ma tħalli lil ħadd jibqa’ lura. In-negozji kollha, inklużi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, bħala komponenti essenzjali tas-soluzzjoni, jeħtieġu aċċess sħiħ għall-miżuri ta’ rkupru.

1.2. L-irkupru wara l-“Lockdown il-Kbir” irid ikun ibbażat fuq is-sostenibbiltà, u t-ktabbir inklużiv u ambjentalment sostenibbli. Il-miżuri tal-Patt Ekoloġiku għalhekk huma aktar rilevanti minn qatt qabel (l-istrateġija industrijali, l-aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera u n-newtralità ftermini ta’ emissjonijiet tal-karbonju sal-2050).

1.3. Il-kriżi tal-COVID-19 tat daqqa ta’ hartta qawwija lill-multilateraliżmu, li diġà kien aggravat minn dgħufijiet strutturali bħal organizzazzjonijiet li jirkbu fuq xulxin, funzjonament li qed isir antikwat, u proċess unanimu tat-teħid tad-deċiżjonijiet b’għadd kbir ta’ membri, u dan kollu wassal għat-tmiem tal-Korp tal-Appell tal-mekkaniżmu tad-WTO għas-soluzzjoni ta’ tilwim u l-kontribuzzjoni finanzjarja ffriżata tal-Istati Uniti u t-tluq sussegwenti tagħhom mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Barra minn hekk, restrizzjonijiet nazzjonali fuq l-esportazzjoni ta’ provvisti mediċi essenzjali u tagħmir protettiv personali, inkluż mill-Istati Membri tal-UE, l-egoiżmu nazzjonali u xi nuqqasijiet fis-solidarjetà u l-kooperazzjoni internazzjonali jaffettwaw b’mod negattiv l-aktar pajjiżi vulnerabbli, u jdewmu l-irkupru tal-ekonomija globali.

Hija meħtieġa viżjoni aktar olistika

1.4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jixtieq jaqsam ir-riflessjonijiet tiegħu dwar “Matriċi Multilaterali Ġdida”, billi jibni fuq il-lista estensiva ta’ proposti preċedenti (dwar ir-riforma tad-WTO, ir-rwol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) ...), u jippreżenta soluzzjonijiet ġodda għall-era ta’ wara l-COVID-19 ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ L-opinjoni REX/509 — *Ir-riforma tad-WTO biex tadatta għal żviluppi fil-kummerċ dinji* (ĠU C 159, 10.5.2019), REX/486 — *Ir-rwol tal-politiki tal-UE dwar il-kummerċ u l-investiment fit-titjib tal-prestazzjoni ekonomika tal-UE* (ĠU C 47, 11.2.2020), REX/500 — *Kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli (TSD) fi Ftehimiet ta’ Kummerċ Fieles tal-UE (FTA)* (ĠU C 227, 28.6.2018), NAT/760 — *Dokument ta’ Riflessjoni Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030* (ĠU C 14, 15.1.2020).

1.5. Din ir-riflessjoni, li twettqet matul il-kriżi, għandha l-għan li tispira kooperazzjoni ġdida u aktar konsistenza fid-deċiżjonijiet meħuda minn organizzazzjonijiet internazzjonali, supranazzjonali u intergovernattivi, fi kwistjonijiet li jinvolvu l-kummerċ u l-investment, ix-xogħol deċenti, id-drittijiet soċjali u tal-bniedem, u t-tibdil fil-klima. Hija tteġġeg lill-pajjiżi josservaw il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali f'dawn l-organizzazzjonijiet u jagħtu spinta lis-sinerġiji, minflok jisfruttaw il-lakuni.

1.6. Wara kull Gwerra Dinjija, in-nies irrikorrew għal organizzazzjonijiet internazzjonali biex iżommu l-paċi u l-prosperità. Din il-kriżi sanitarja globali hija preċiżament il-mument biex jergġhu jiġu kkunsidrati r-regoli ta' governanza globali u biex tiġi inkorporata parti mill-ispirtu ta' innovazzjoni li toħroġ fid-dieher meta jfeġġu sitwazzjonijiet li qatt ma kien hemm bħalhom qabel.

Sett ta' proposti konkreti

1.7. Diversi partijiet interessati minn firxa wiesgħa ta' sfondi (ara l-Appendiċi 1) għenu lir-relatur jidentifika r-rakkomandazzjonijiet, filwaqt li tqiesu l-limitazzjonijiet legali, politiki u organizzattivi.

1.8. Dawn il-proposti għandhom l-għan li jiżguraw koordinazzjoni aħjar bejn:

— l-istandards soċjali globali u l-impnġi dwar it-tibdil fil-klima u l-ħarsien tal-ambjent;

— ir-regoli relatati mal-kummerċ u t-trattati dwar it-tibdil fil-klima u l-ħarsien tal-ambjent; u

— ir-regoli relatati mal-kummerċ u l-istandards soċjali globali.

1.9. Dawn jinkludu aċċess akbar għall-istatus ta' osservatur, il-finanzjament għall-promozzjoni tal-istudji, il-ħolqien ta' gruppi ta' ħidma ġodda, il-koordinazzjoni mtejbja bejn is-segretarjati, politiki komuni fil-qasam tar-riċerka, l-interpretazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet legali u impnġi politiki eżistenti.

1.10. Il-KESE huwa konxju li t-tibdil għandu jinbeda fil-livell politiku, u jemmen bis-sħiħ li l-UE, bħala waħda mill-ftit atturi globali bi dmir kostituzzjonali u mandat għal governanza globali tajba, għandha rwol kruċjali x'taqdi fit-tfassil ta' matriċi multilaterali aktar effiċjenti minn ġewwa.

2. Ir-riżultati timidi tas-sejħa dejjiema tagħna għall-koerenza fir-regoli multilaterali

2.1. Appell lill-atturi ewlenin tas-soċjetà ċivili

2.1.1. Bosta partijiet interessati talbu kemm-il darba għal aktar koerenza fit-tfassil tal-politika minn organizzazzjonijiet internazzjonali, sopranazzjonali u intergovernattivi.

2.1.2. Fir-rigward tal-komunità kummerċjali, il-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ (KIK) irrimarkat b'mod partikolari li wieħed mill-punti ta' tensjoni sottostanti fid-dibattitu attwali dwar il-globalizzazzjoni huwa d-dissonanza perċepita bejn il-kummerċ, ix-xogħol u l-istandards ambjentali (?).

2.1.3. Is-summit tal-G7-L7 fl-2019 iddikjara wkoll li l-governanza globali għandha tikkunsidra aħjar l-isfidi soċjali attwali, inkluża l-ħtieġa għal hilit ġodda, sabiex tiżgura xogħol deċenti f'konformità mal-istandards internazzjonali u l-kundizzjonijiet għan-negozji biex jappoġġjaw il-produttività, pagi oġhla, u jinħolqu impjġi tajbin (il-paragrafu 3).

(?) KIK, Rakkomandazzjonijiet dwar ir-riforma tad-WTO, Ottubru 2019.

2.2. *Ħarsa ġenerali lejn il-passi preċedenti*

2.2.1. *Nifhmu l-kumplessità tal-globalizzazzjoni*

2.2.1.1. In-Nazzjonijiet Uniti (NU) għandha rwol ewlieni bħala l-organizzazzjoni internazzjonali globali li kapaċi tipproduċi regoli u standards bl-akbar kopertura ġeografika. Din hija r-raġuni għala l-KESE jappoġġja r-riforma tan-NU li trid twassal għal approċċ iċċentrat fuq il-proċedura lejn approċċ ibbażat fuq ir-riżultati. F'Settembru tal-2015, in-Nazzjonijiet Uniti adottat 17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) li jirrapreżentaw l-isfidi l-aktar universali tal-umanità. Għalkemm l-SDGs mhumiex legalment vinkolanti, il-gvernijiet, inklużi l-istituzzjonijiet tal-UE, huma mistennija li jieħdu s-sjieda tagħhom u jistabbilixxu oqfsa domestiċi bil-għan li jintlaħqu.

2.2.1.2. Fl-2017, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) indikat li kellna bżonn nirranġaw il-globalizzazzjoni iżda ma konniex nafu kompletament kif nagħmlu dan⁽³⁾. Id-dokument ta' politika elenka l-politiki ta' akkumpanjament (is-suq soċjali u tax-xogħol, l-edukazzjoni u l-ħiliet, ir-responsabbiltà soċjali u ambjentali tal-azjendi), u rrefera għall-ħtieġa urġenti li jiżiedu l-konsultazzjoni pubblika u l-involvement tal-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili fl-attivitatiet ta' stabbiliment tal-istandards tal-organizzazzjonijiet internazzjonali.

2.2.2. *L-istandards soċjali globali u r-regoli tal-kummerċ multilaterali: l-istorja ta' opportunità mitlufa*

2.2.2.1. Eżatt wara t-tentattiv li ma rnexxiex biex iddaħħal klawsola soċjali fir-regoli tagħha, fl-1996,⁽⁴⁾ id-WTO ċċarat li l-ILO kienet il-korp kompetenti sabiex jistabbilixxi u jittratta l-istandards [ewlenin tax-xogħol]. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-ILO adottat diversi strumenti ewlenin. It-Taqsima 5 tad-Dikjarazzjoni tal-ILO tal-1998 tirrikonoxxi li l-istandards tax-xogħol ma għandhomx jintużaw għal finijiet ta' kummerċ protezzjonist, u li l-ebda parti tad-Dikjarazzjoni u s-segwitu tagħha ma għandu jiġi invokat jew użat b'xi mod ieħor għal dawn il-finijiet; barra minn hekk, il-vantaġġ komparattiv ta' kwalunkwe pajjiż ma għandu bl-ebda mod jiġi kkontestat bid-Dikjarazzjoni u s-segwitu tagħha.

2.2.2.2. Fid-dikjarazzjoni taċ-Ċentinarju tagħha tal-2019, l-ILO twitti t-triq, billi timpenja ruħha li ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha u tiżviluppa arranġamenti istituzzjonali ma' organizzazzjonijiet oħra biex tippromovi l-koerenza tal-politiki fl-insegwiment tal-approċċ tagħha ċċentrat fuq il-bniedem għall-ġejjieni tax-xogħol, filwaqt li tirrikonoxxi r-rabtiet b'saħħithom, kumplessi u kruċjali bejn il-politiki soċjali, kummerċjali, finanzjarji, ekonomiċi u ambjentali (Taqsima IV, il-paragrafu F).

2.2.2.3. Għalkemm għandhom għanijiet distinti minn xulxin, l-ILO u d-WTO xorta waħda jikkollaboraw f'għadd ta' oqsmi, u b'mod partikolari jipproduċu pubblikazzjonijiet konġunti interessanti dwar il-kummerċ u l-impjeg, il-kummerċ u l-impjeg informali, kif il-globalizzazzjoni tista' ssir soċjalment sostenibbli u l-importanza tal-politiki għall-iżvilupp tal-ħiliet biex il-ħaddiema u l-azjendi jisfruttaw il-benefiċċji tal-kummerċ.

2.2.2.4. Din il-politika ta' kooperazzjoni qatt ma qabżet il-limitu mhux negozjabbli stabbilit fid-Dikjarazzjoni Ministerjali tad-WTO ta' Singapore tal-1996 li tgħid li l-ministri jirrifjutaw l-użu tal-istandards tax-xogħol għall-finijiet ta' protezzjoniżmu, u jaqblu li l-vantaġġ komparattiv tal-pajjiżi, b'mod partikolari tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li għandhom pagi baxxi, ma għandu bl-ebda mod jiġi kkontestat. F'dan ir-rigward, jinnotaw li s-Segretarjati tad-WTO u tal-ILO se jkomplu l-kollaborazzjoni eżistenti tagħhom.

2.2.3. *L-integrazzjoni gradwali tal-impenji klimatiċi u ambjentali fil-panorama multilaterali*

2.2.3.1. Mill-1994 'l hawn, meta daħlet fis-seħħ il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), il-gvernijiet iltaqgħu regolarment biex jimmonitorjaw il-progress permezz ta' sistema b'saħħitha ta' trasparenza u responsabbiltà. Madankollu, kien biss lejn l-aħħar tal-2015 li ġie adottat il-Ftehim ta' Pariġi, l-ewwel ftehim universali, legalment vinkolanti, dwar it-tibdil fil-klima, li stabbilixxa sistema ta' kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali li għandhom jiġu mmonitorjati.

⁽³⁾ <http://www.oecd.org/about/sge/fixing-globalisation-time-to-make-it-work-for-all-9789264275096-en.htm>, p. 9.

⁽⁴⁾ Id-Dikjarazzjoni Ministerjali tad-WTO ta' Singapore 1996, il-paragrafu 4.

2.2.3.2. Bl-istatus tagħha ta' osservatur fil-UNFCCC u mandat biex tmexxi 'l quddiem xogħol deċenti u tranżizzjoni ġusta, l-ILO tat kontribut sostanzjali għall-ħidma tal-Forum Imtejjeb dwar l-impatti tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' rispons (2015-2018). Il-Forum investiga b'mod partikolari *l-effetti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' politiki, programmi u azzjonijiet ta' mitigazzjoni, "il-ġurisdizzjoni" u "barra mill-ġurisdizzjoni" jew l-impatti transfruntiera, meħuda mill-Partijiet skont il-Konvenzjoni, il-Protokoll ta' Kyoto u l-Ftehim ta' Pariġi biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima.*

2.2.3.3. Wara Memorandum ta' Qbil tal-2016, l-ILO ħadmet mill-qrib mal-persunal u l-esperti tal-UNFCCC biex iżżid il-fehim reċiproku: taħriġ dwar ir-rwol tal-atturi soċjali, bini tal-kapaċità sabiex jitkejjel l-impatt tal-miżuri dwar it-tibdil fil-klima, workshops reġjonali dwar it-Tranżizzjoni Ġusta u forum globali darbtejn fis-sena.

2.2.3.4. Il-mezz ewlieni ta' azzjoni tal-ILO dwar l-ambjent huwa konsorzju konġunt mal-UNEP, l-UNDP, l-UNIDO u l-UNITAR, imsejjaħ Sħubija għal Azzjoni dwar l-Ekonomija Ekoloġika (PAGE).

2.2.3.5. Ma' dawn, insibu wkoll firxa ta' Ftehimiet Ambjentali Multilaterali jżidu mal-istampa. Użati prinċipalment min-Nazzjonijiet Uniti, dawn ikopru firxa wiesgħa ta' temi ambjentali dwar il-Bijodiversità, l-Art, l-Ibħra, is-Sustanzi Kimiċi u l-Iskart Perikoluż jew l-Atmosfera. L-UE hija parti f'madwar 30 ftehim bħal dawn.

2.2.3.6. Minbarra n-netwerk tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat tad-WTO dwar il-Kummerċ u l-Klima jipprovdi forum għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni, avvenimenti u skambju ta' fehmiet dwar il-kummerċ u s-sostenibbiltà (jiġifieri l-ekonomija ċirkolari, l-inizjattivi volontarji fl-istandards, ir-riforma tas-sussidji fuq il-fjuwils fossili, il-plastik, eċċ.).

2.2.3.7. Skont il-ġurisprudenza tad-WTO, il-membri jstgħu jdaħħlu fis-seħħ miżuri biex itejbu s-saħħa taċ-ċittadini, il-protezzjoni tal-ambjent jew il-konservazzjoni tal-bijodiversità sakemm jikkonformaw ma' kriterji stabbiliti sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli u d-dixxiplini tad-WTO. Dawn id-derogi, ibbażati fuq l-Artikolu XX tal-GATT, jitqiesu bħala kompatibbli jekk ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji. L-applikazzjoni ta' tali miżuri ma tridx tikkostitwixxi "mezz ta' diskriminazzjoni arbitrara jew mhux ġustifikata" jew "restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ internazzjonali".

2.2.3.8. Renato Ruggiero, Direttur Ġenerali tad-WTO, f'konferenza li saret f'Bonn (9 ta' Diċembru 1997) iddikjara b'mod ċar ħafna l-limiti ta' dak li gvern jista' jew ma jistax jagħmel. Huwa qal li l-gvernijiet jstgħu jużaw kwalunkwe tip ta' restrizzjoni tal-kummerċ, inklużi kwoti u projbizzjonijiet tal-importazzjoni u l-esportazzjoni, jew l-impożizzjoni ta' taxxi jew imposti oħra fuq il-fruntiera, għall-iskop ta' protezzjoni tal-ambjent jew konservazzjoni tar-riżorsi fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom – sakemm jiġu ssodisfati r-rekwiżiti bażiċi relatati man-nondiskriminazzjoni u l-anqas restrizzjoni tal-kummerċ. Żied jgħid li dak li pajjiż ma jistax jagħmel skont ir-regoli tad-WTO, madankollu, huwa li japplika restrizzjonijiet tal-kummerċ biex jipprova jibdel il-metodi ta' proċess u produzzjoni – jew politiki oħra – tal-imsieħba kummerċjali tiegħu. Għaliex? Bażikament minħabba li l-kwistjoni tal-metodi ta' produzzjoni u proċess taq' fi ħdan il-ġurisdizzjoni sovrana ta' kull pajjiż.

2.2.3.9. Dan il-limitu, li jipprevjeni l-interferenza ma' metodi ta' proċess u ta' produzzjoni, huwa ostaklu ċar għall-istabbiliment ta' inċentivi għall-produzzjoni u l-kummerċ ta' oġġetti li jservu fit-tul.

2.2.4. Rimedji bilaterali għal koerenza akbar bejn ir-regoli ekonomiċi, soċjali u ambjentali

2.2.5. Il-merti u l-limiti tal-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli

2.2.5.1. L-UE ħolqot kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fi Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs) biex tiżgura li l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-investment ma twassalx għal deterjorament fil-kundizzjonijiet ambjentali u tax-xogħol.

2.2.5.2. Fl-2017, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QĠUE) irrikonoxxiet ir-"rwol essenzjali" tad-dispożizzjonijiet dwar l-iżvilupp sostenibbli fi ftehim (5).

(5) Opinjoni 2/15 tas-16 ta' Mejju 2017, EU:C:2017:376.

2.2.5.3. Fl-2018 ⁽⁶⁾, il-KESE sejjaħ għal ambizzjoni akbar u żieda fl-infurzabbiltà tal-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, li għandu jkollhom l-istess piż bħal dawk li jkopru kwistjonijiet kummerċjali, tekniċi jew tariffarji.

2.2.5.4. Fl-2016, l-ILO ⁽⁷⁾ rrapportat li 63 % tal-ftehimiet b'dispożizzjonijiet dwar ix-xogħol ġew adottati wara l-2008, li jindika aċċellerazzjoni, u 46,8 % tal-FTAs b'dispożizzjonijiet dwar ix-xogħol kienu jinvolvu lill-UE, l-Istati Uniti jew il-Kanada. It-testi ta' referenza huma, f'ordni dixxendenti, id-Dikjarazzjoni tal-1998 dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol, il-Konvenzjoni Nru 182 (l-Agħar Forom tax-Xogħol tat-Tfal), l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti, u d-Dikjarazzjoni dwar il-Ġustizzja Soċjali.

3. Mod ta' ħsieb ġdid għat-tfassil ta' Matriċi Multilaterali Ġdida

3.1. Premessi ġenerali

3.1.1. Kwalunkwe proposta ġdida għal koeżjoni akbar għandha tirrispetta erba' prinċipji:

- **speċjalizzazzjoni:** L-organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom kompetenzi biss sa fejn dawn ġew konferiti lilhom mill-Istati Membri tagħhom ⁽⁸⁾;
- **kapaċità ta' teħid ta' deċizzjonijiet:** L-organizzazzjonijiet għandhom regoli u proċessi interni ċari li jippermettu lill-korpi ta' governanza (kumitati tekniċi jew assembleji ġenerali) li jaġixxu;
- **trasparenza:** kwalunkwe bidla formali bħall-introduzzjoni ta' gruppi konġunti, statuti ġodda jew dikjarazzjonijiet komuni jridu jiġu kkomunikati b'mod trasparenti kemm internament kif ukoll esternament;
- **evalwazzjoni:** għandu jiġi inkoraġġit l-istabbiliment ta' kultura ta' evalwazzjoni dwar il-funzjonament intern.

3.1.2. Il-KESE jappoġġja intrinsikament komunikazzjoni u konsultazzjoni aktar miftuħa mas-soċjetà ċivili dwar il-politiki tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, u jsejjaħ għall-istabbiliment gradwali ta' proċessi ta' djalogu permanenti. Fid-dawl tal-esperjenza tiegħu, il-KESE huwa lest li jkollu rwol ewlieni bħala faċilitatur fl-istabbiliment ta' tali proċeduri. Bħall-UNFCCC u l-OECD li jrawmu djalogu rikk ma' firxa wiesgħa ta' msieħba, id-WTO reċentement tat spinta lill-involviment tagħha mas-soċjetà ċivili, lil hinn mill-forum pubbliku annwali tagħha. Dawn il-kuntatti jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal aktar effettività u demokrazija fis-sistema kummerċjali multilaterali. Il-KESE huwa grat għall-appoġġ tal-KE biex tiżdied il-vuċi tas-soċjetà ċivili fil-livell multilaterali, u jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni reċenti ta' 6 punti tal-Grupp ta' Ottawa ⁽⁹⁾.

3.1.3. Il-kapaċità ta' negozjar tal-imsieħba soċjali titlob ukoll rikonoxximent akbar. Id-dikjarazzjoni tripartita tal-imsieħba soċjali fil-livell internazzjonali u l-firxa ta' ftehimiet qafas multinazzjonali jinkludu regoli u għodod prattiċi utli (standards soċjali, ir-relazzjonijiet mal-fornituri, id-djalogu soċjali, il-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal u x-xogħol furzat).

3.2. Is-sett ta' strumenti multilaterali

Integrazzjoni tad-WTO fis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti minn perspettiva funzjonali

3.2.1. Is-sistema tan-NU hija l-pilastru tal-ordni internazzjonali bin-netwerk tagħha ta' aġenziji speċjalizzati bħall-ILO, il-UNESCO, id-WHO, l-FMI, il-Bank Dinji u l-banek għall-iżvilupp reġjonali. Filwaqt li r-regoli kummerċjali jridu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-SDGs, id-WTO twaqqfet bħala organizzazzjoni "indipendenti" u tibqa' barra mis-sistema tan-NU. Id-direttur ġenerali tad-WTO, madankollu, jieħu sehem fil-Bord tal-Kapijiet Eżekuttivi tan-NU flimkien mad-diretturi ġenerali kollha tal-aġenziji speċjalizzati u korpi ewlenin oħra tan-NU. Il-KESE jissuġġerixxi li d-WTO żżomm lill-Bord tal-Kapijiet Eżekuttivi tan-NU infurmat dwar kwalunkwe sistema ta' regoli tal-kummerċ li tista' tgħin biex jintlaħqu l-SDGs.

⁽⁶⁾ L-opinjoni tal-KESE REX 500 — Kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli (TSD) fi Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles tal-UE (FTA) (ĠU C 227, 28.6.2018), il-punt 2.4.

⁽⁷⁾ ILO *Labour-related provisions in trade agreements: Recent trends and relevance to the ILO* (Dispożizzjonijiet relatati max-xogħol fi ftehimiet kummerċjali: Xejriet reċenti u r-rilevanza għall-ILO), GB.328/POL/3, il-paragrafu 9.

⁽⁸⁾ Jan Wouters, Cedric Ryngaert, Tom Ruys and Geert De Baere, *International Law: A European Perspective* (Oxford, Hart Publishing, 2018), p. 259.

⁽⁹⁾ Il-Kanada tmexxi grupp ta' membri tad-WTO, magħruf bħala l-Grupp ta' Ottawa, bil-għan li jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi tas-sistema kummerċjali multilaterali. Sqarrija tal-20 ta' Ġunju tal-Grupp ta' Ottawa: Focusing Action on COVID-19, Ġunju 2020

3.2.2. Ir-referenza espliċita għall-“iżvilupp sostenibbli” fil-Preambolu tal-Ftehim tad-WTO tal-1994 trid tinftiehem li tkopri l-SDGs, li huma r-rappreżentazzjoni ġdida maqbula b'mod universali tas-sostenibbiltà fil-liġi internazzjonali. Id-WTO tidher li qed taċċettaha diġà minħabba li hija stess qed tipproklama fuq is-sit web tagħha bħala “ċentrali biex jintlaħqu l-SDGs”.

Konnessjoni ulterjuri ta' settijiet ta' regoli separati

3.2.3. Regoli soċjali u ambjentali aktar stretti

3.2.3.1. Fl-2018, l-ILO pproduċiet diversi studji dwar l-impatt potenzjali globali tal-Ftehim ta' Pariġi, dwar il-kwistjoni tat-tranżizzjoni u l-ħiliet ekoloġiċi ⁽¹⁰⁾ jew dwar il-ħiliet għal futur aktar ekoloġiku u l-impatt tat-tisħin fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol ⁽¹¹⁾.

3.2.3.2. Il-KESE jitlob disseminazzjoni aktar wiesgħa ta' dawn ir-rapporti u jiffavorixxi l-organizzazzjoni ta' workshops reġjonali ffinanzjati mill-KE fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, b'mod partikolari l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-ekonomiji insulari u vulnerabbli li huma l-aktar milquta soċjalment mill-effetti brutali tat-tisħin globali.

3.2.3.3. Fl-2015, l-ILO ppubblikat *Linji gwida għal tranżizzjoni ġusta lejn ekonomiji u soċjetajiet ambjentalment sostenibbli għal kulħadd*. Il-KESE jissuġġerixxi użu akbar ta' dawn il-Linji Gwida fis-servizzi tal-Kummissjoni fl-attivitatijiet tagħhom ta' stabbiliment tal-istandards. Barra minn hekk, l-aġġornament ta' dawn il-Linji Gwida għandu jkun fuq l-aġenda tal-Korp Governattiv tal-ILO.

3.2.4. Aktar rabtiet bejn ir-regoli kummerċjali u l-istandards soċjali

3.2.4.1. Bħala kwistjoni ta' reċiproċità, il-KESE jixtieq li d-WTO tagħti lill-ILO status formali ta' osservatur fil-laqgħat tal-korpi u l-kumitati ewlenin tagħha. Lil hinn mill-parteċipazzjoni uffiċjali tal-ILO fil-konferenzi ministerjali tad-WTO, dan jagħti spinta lill-involvement tal-ILO f'korpi interni tad-WTO u jista' jikkontribwixxi għall-integrazzjoni bħala parti mill-Mekkaniżmu ta' Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali tad-WTO (TPRM) dwar ir-rispett tal-istandards internazzjonali tax-xogħol. Il-KESE jissuġġerixxi li jiġi stabbilit grupp ta' ħidma temporanju ddedikat bejn is-segretarjati tad-WTO u tal-ILO biex jiżviluppa u jippreżenta linji gwida sa Ġunju 2021.

3.2.4.2. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Dinjija tal-ILO dwar id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni għandha terġa' tiġi msaħħa fid-dawl tal-impatt tal-COVID-19 fuq il-ktajjen ta' valur mondjali. Filwaqt li jibni fuq l-Opinjoni tiegħu dwar Trattat vinkolanti tan-NU ⁽¹²⁾, matul il-Presidenza Ġermaniża tal-UE, il-KESE jirrakkomanda qafas regolatorju effettiv li jiżgura r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u għal xogħol deċenti fi ktajjen ta' valur mondjali li jkun jinkludi Pjan ta' Azzjoni Ewropew bi strumenti legiŝlattivi u kisbiet tangiġbli, u azzjonijiet normattivi effettivi u ambizzjużi fil-livell globali. Kemm l-ILO kif ukoll id-WTO jeħtieġ li jikkontribwixxu fir-rwoli rispettivi tagħhom.

3.2.4.3. Fil-proċess tal-eżami tal-arranġamenti kummerċjali reġjonali u bilaterali, li n-numru u l-kopertura ġeografika tagħhom qed jiżdiedu b'mod kostanti, id-WTO għandu jkollha rwol ġdid fil-qasam tad-dispożizzjonijiet tax-xogħol. Minħabba li l-maġġoranza tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles il-ġodda fihom dispożizzjonijiet dwar ix-xogħol, is-segretarjat tad-WTO għandu jiġbor, iqabbel u jimmonitorja dan il-korpus ġdid. Tali ħidma ta' monitoraġġ tista' tiġi kondiviża mal-ILO, fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-ILO dwar xogħol deċenti fil-ktajjen tal-provvista globali, u tista' twassal għal aktar kooperazzjoni bejn l-ILO u d-WTO.

3.2.5. Aktar rabtiet bejn ir-regoli u l-politiki kummerċjali u klimatiċi

3.2.5.1. Eżenzjoni għall-klima tad-WTO, diġà diskussa f'ambjenti akkademiċi u tan-negozju, tista' tiddefinixxi l-“miżuri klimatiċi”: karatteristiċi, għanjiet ta' interess ġenerali u kriterji għall-kompatibbiltà mar-regoli tad-WTO. Eżenzjoni bħal din tippermetti lill-membri tad-WTO jintroduċu miżuri ta' rispons għat-tibdil fil-klima fil-livell domestiku (Skema għan-Negozjar tal-Emissjonijiet) jew fil-fruntieri tagħhom billi jiżguraw li dawn il-miżuri ma jikkositwixxux miżuri protezzjonisti moħbija.

⁽¹⁰⁾ World employment social outlook 2018 – Greening with jobs, ILO, Ġinevra, 2018.

⁽¹¹⁾ Working on a warmer planet: The impact of heat stress on labour productivity and decent work, ILO, Ġinevra, 2019.

⁽¹²⁾ L-opinjoni tal-KESE REX/518 — Trattat vinkolanti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem (ĠU C 97, 24.3.2020, p. 9) .

3.2.5.2. Dikjarazzjoni ministerjali tad-WTO dwar il-kummerċ u l-ambjent li tirrikonoxxi r-rwol tal-kummerċ, il-politika kummerċjali u s-sistema ta' kummerċ multilaterali b'appoġġ għall-isforzi tal-komunità internazzjonali sabiex jintlaħqu l-SDGs u impeni ambjentali internazzjonali oħra komuni bħall-Ftehim ta' Pariġi għandha tiġi ppreparata għall-MC 12 fl-2021 minn Grupp ta' Ħidma informali tad-WTO. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha f'dan ir-rigward.

3.2.5.3. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tiċċara l-pożizzjoni tagħha dwar it-tneħħija gradwali tas-sussidji fuq il-fjuwils fossili fl-UE u biex tappoġġja b'mod sħiħ kwalunkwe inizjattiva emerġenti fuq livell plurilaterali fi ħdan id-WTO.

3.2.5.4. Il-KESE jitlob tnedija mill-ġdid rapida tan-negozjati plurilaterali tad-WTO dwar Ftehim dwar il-Beni Ambjentali. Dan għandu jkun marbut aktar direttament mal-Ftehim ta' Pariġi, eż. il-proposta Ċiniża ta' Taipei tal-2019 għal Ftehim dwar Beni u Servizzi Ambjentali relatat mal-Ftehim ta' Pariġi li tibbaża fuq l-eliminazzjoni tat-tariffi fuq prodotti u servizzi relatati mat-tnaqqis tal-karbonju. Il-bidu ta' negozjar ġdid bħall-PAEGSA, bil-għan li jiġu indirizzati kwistjonijiet li bħalissa huma rilevanti bħat-tibdil fil-klima u l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ internazzjonali, se jkun kisba ewlenija għas-sistema ta' kummerċ multilaterali⁽¹³⁾.

3.2.5.5. Għal koerenza akbar, is-segretarjati tal-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali għandu jkollhom status ta' osservatur f'firxa wiesgħa ta' kumitati tad-WTO, mhux biss il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Ambjent (pereżempju l-kumitati li jittrattaw l-Ostakli Tekniċi u l-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji).

3.2.5.6. Il-KESE jirrakkomanda l-ħolqien ta' grupp ta' ħidma konġunt għall-Programm tan-NU dwar l-Ambjent, il-UNFCCC u d-WTO. Dan ikollu l-għan li jittratta l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ internazzjonali u jipprovdi metodoloġiji ta' kejl jew sistemi ta' kumpens fi ħdan l-FTAs (pereżempju, permezz tar-riforestazzjoni). Il-kontributi stabbilit fil-livell nazzjonali skont il-Ftehim ta' Pariġi għandhom jikkunsidraw tali sistemi ta' kumpens maqbula ma' pajjiżi terzi.

4. Il-kontribut tal-UE għal mudell ġdid ta' multilateraliżmu sostenibbli

4.1. Sabiex tiġi miġġielda r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, il-KESE jappoġġja mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri tal-UE li jkun kompatibbli mad-WTO, u li joħloq kundizzjonijiet ekwi għas-setturi intensivi fis-CO₂⁽¹⁴⁾. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea żżomm mal-iskeda oriġinali tagħha bi proposta leġiżlattiva fir-Rebbiegħa tal-2021. Il-valutazzjoni reċenti tal-impatt (pjan direzzjonali) uriet appoġġ, b'mod partikolari minn setturi bħall-azzar, is-siment, sustanzi kimiċi u l-elettriku.

4.2. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jkun hemm kundizzjonalità soċjali u ambjentali komprensiva għall-pajjiżi riċevituri fis-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (GSP) li jmiss (ir-Regolament (UE) Nru 978/2012⁽¹⁵⁾).

4.3. *Dispożizzjonijiet dwar l-iżvilupp sostenibbli aktar b'saħħithom fl-FTAs*

4.3.1. Il-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment tal-UE għandhom jissaħħu:

— Kif rakkomandat mill-Parlament Ewropew, il-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli għandhom jirrikjedu li ż-żewġ imsieħba jirratifikaw u jimplimentaw l-istrumenti internazzjonali ewlenin dwar id-drittijiet tal-bniedem (jiġifieri l-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem), il-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO, inkluża l-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali, u l-Ftehim ta' Pariġi u ftehimiet ambjentali internazzjonali oħra.

— Il-Kumitat ta' Segwitu tal-KESE dwar il-Kummerċ Internazzjonali jqis li l-Valutazzjonijiet tal-Impatt għas-Sostenibbiltà għandhom jirrieżaminaw il-*"mudell tal-ekwilibriju ġenerali komputabbli (CGE) [...] kontra mudelli alternattivi, u għandu jinkludi sett usa' ta' indikaturi li jkejjel l-impatti fuq id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, it-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, il-konsumaturi u l-IDB. Huwa meħtieġ sett usa' ta' indikaturi, b'ħarsa miftuħa lejn mudelli alternattivi"*.

⁽¹³⁾ Dokument Informali JOB/TE/19 19 ta' Jannar 2018.

⁽¹⁴⁾ L-opinjoni tal-KESE CCMI/167 — *Il-perspettiva industrijali settorjali ta' rikonċiljazzjoni tal-politiki dwar il-klima u l-enerġija* (ĠU C 353, 18.10.2019, p. 59).

⁽¹⁵⁾ ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1.

— Il-KESE jitlob tiġdid tal-mekkaniżmi tal-bord fejn l-avukati kummerċjali, iżda wkoll l-esperti tax-xogħol, tal-klima jew tad-drittijiet tal-bniedem, jistgħu jinvestigaw ilmenti taħt il-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. F'każ li tali bordijiet isibu ksur, dan għandu jiskatta mekkaniżmu ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn Stat u Stat skont it-trattat, bil-possibbiltà ta' penali jew sanzjonijiet finanzjarji, u rimedji għall-parti aggravata.

4.3.2. Il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles futuri tal-UE għandhom jinkludu referenza għall-Ftehim ta' Pariġi u jridu jipprovdu inċentivi bħal dazju zero għall-prodotti jew servizzi ambjentali. L-Artikolu 22(3) tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA), fejn il-partijiet jimpenjaw ruħhom li jippromovu flussi ekonomiċi u kummerċjali li jgħinu biex irawmu x-xogħol deċenti u l-protezzjoni tal-ambjent, għandu jintuża ma' msieħba kummerċjali oħra (New Zealand, l-Awstralja). L-FTAs futuri tal-UE għandhom jespandu wkoll ir-rwol ta' monitoraġġ tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi lil hinn mill-oqsma ambjentali, tal-impjeg u soċjali.

4.3.3. Kwalunkwe trattat ta' investiment innegożjat mill-UE, b'mod partikolari maċ-Ċina, irid jinkludi dispożizzjonijiet komprensivi dwar:

- l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali;
- l-approċċ tal-prinċipju tal-prekawżjoni għas-saħħa tal-bniedem, ir-riżorsi naturali u l-ekosistemi;
- il-prinċipju tal-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-informazzjoni u l-ġustizzja; u
- il-prinċipju tal-integrazzjoni u l-interrelazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-oġettivi soċjali, ekonomiċi u ambjentali.

4.3.4. Il-ħatra li jmiss ta' Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ tal-UE ser tgħin biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet kummerċjali, inklużi d-drittijiet tax-xogħol, l-impenji ambjentali u r-rwol tas-soċjetà ċivili.

4.4. **Rwol ewlieni għall-UE fit-tfassil ta' Matriċi Multilaterali Ġdida**

4.4.1. L-Unjoni hija waħda mill-ftit atturi globali bi dmir u mandat kostituzzjonali li "tippromwovi sistema internazzjonali bbażata fuq koperazzjoni multilaterali msaħħa u t-tmexxija globali tajba" (l-Artikolu 21(2)(h) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE)).

4.4.2. Bħala organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali, madankollu, l-UE ma setgħetx tipparteċipa bis-sħiħ fil-ħidma ta' ħafna korpi, organi u organizzazzjonijiet tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, minħabba li jeħtiġilha tiddependi mill-Istati Membri sabiex tiddefendi l-pożizzjonijiet u l-interessi tal-Unjoni. Aktar minn għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, li impenja lill-UE biex "tippromwovi soluzzjonijiet multilaterali għal problemi komuni, b'mod partikolari fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti" (l-Artikolu 21(1) TUE), wasal iż-żmien li l-Unjoni, flimkien mal-Istati Membri tagħha, tiżviluppa strateġija integrata biex tikseb pożizzjoni aktar imsaħħa fi ħdan is-sistema tan-NU.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

ANNEX

LAQGĦAT PREPARATORJI LI SARU

Isem	Organizzazzjoni	Rwol
Elina BARDRAM	KE	Kap tal-Unità Relazzjonijiet Internazzjonali (CLIMA.A.1)
Daniele BASSO	ETUC	Konsulent
John BRYAN	KESE	Membru tal-Grupp III
Cinzia DEL RIO	KESE	Membru tal-Grupp II
Dimitru FORNEA	KESE	Membru tal-Grupp II
Alan HERVÉ	Sciences Po Rennes	Professur fil-Liġi Pubblika Internazzjonali
Emmanuel JULIEN	ILO	Viċi Direttur Dipartiment tal-Intrapriżi
Bernd LANGE	PE	President tal-Komitat INTA
Jürgen MAIER	Forum Umwelt & Entwicklung	Direttur
Jean-Marie PAUGAM	Gvern Franċiż	Rappreżentant Permanenti Franċiż għad-WTO
Christophe PERRIN	ILO	Direttur Dipartiment tal-Kooperazzjoni Multilaterali
Denis REDONNET	KE	Direttur WTO, Affarijiet Legali u Kummerċ fi Prodotti (TRADE. DGA2.F)
Lutz RIBBE	KESE	Membru tal-Grupp III
Victor VAN VUUREN	ILO	Direttur Dipartiment tal-Intrapriżi
Lieve VERBOVEN	ILO	Direttur tal-Bureau tal-UE
Jan WOUTERS	Università ta' Leuven	Professur tal-Liġi Internazzjonali u l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-tassazzjoni tal-ekonomija kollaborattiva — obbligi ta’ rappurtar”**(opinjoni addizzjonali)**

(2020/C 364/09)

Relatur: **Ester VITALE**

Deċiżjoni tal-Bureau	18.6.2019
Bażi legali	Artikolu 29 tar-Regoli ta’ Implimentazzjoni (2010) Opinjoni addizzjonali
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	24.6.2020
Adottata fil-plenarja	16.7.2020
Sessjoni plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	210/1/6

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. It-tassazzjoni u l-politiki fiskali jeħtieġ li jadattaw għall-iżvilupp kontinwu tal-ekonomija kollaborattiva. F’dan ir-rigward, m’għandhomx jiġu żviluppati reġimi ta’ tassazzjoni ġodda jew speċjali, u l-KESE jqis li jkun aktar xieraq li r-regoli u l-mudelli fiskali eżistenti jiġu adattati għall-kuntesti ekonomiċi ġodda, sabiex tinżamm sitwazzjoni ta’ kundizzjonijiet ekwi fost l-operaturi differenti involuti.

1.2. Il-KESE jitlob li s-sistemi tat-taxxa nazzjonali jqisu l-fenomeni tal-ekonomija kollaborattiva u l-pjattaformi diġitali, filwaqt li f’dan il-qasam jiġu rrispettati l-prinċipji li jikkarakterizzaw sistema ta’ tassazzjoni ġusta, jiġifieri l-koerenza, il-prevedibbiltà u n-newtralità li jigarantixxu, fl-istess waqt, l-interess pubbliku fit-twettiq tal-obbligi tat-taxxa mill-partijiet interessati kollha.

1.3. Il-KESE huwa konvint li l-politiki fiskali li għandhom jiġu applikati għad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u għall-iżvilupp ta’ għodod u soluzzjonijiet operattivi għandhom jiġu kkoordinati fil-livell internazzjonali. Għalhekk, il-KESE jilqa’ b’sodisfazzjon il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-OECD/G20 filwaqt li jirrikonoxxi li l-forom ta’ kooperazzjoni li nbdew diġà wasslu għal xi riżultati tanġibbli u jaf ikollhom riżultati aktar rilevanti fil-futur.

1.4. Huwa importanti li l-istituzzjonijiet internazzjonali, Ewropej u nazzjonali jaġixxu b’mod effikaċi u rapidu biex jindirizzaw il-kwistjonijiet ġodda maħluqa mill-ekonomija diġitali u kollaborattiva permezz ta’ approċċ proattiv pjuttost milli jirreaġixxu għall-emerġenza ta’ sfidi speċifiċi.

1.5. Kwistjoni ewlenija fir-rigward tas-sistemi tat-tassazzjoni li għandha tiġi applikata għall-ekonomija kollaborattiva tikkonċerna l-obbligi imposti fuq il-pjattaformi diġitali għall-għbir, il-komunikazzjoni lill-awtoritajiet tat-taxxa u l-ħażna tal-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet imwettqa (obbligi ta’ rappurtar). Tali obbligi m’għandhomx jikkostitwixxu piż amministrattiv eċċessiv għall-pjattaformi.

1.6. Il-kondiviżjoni adegwata ta’ informazzjoni fi ħdan sistema funzjonali u proporzjonata għall-għbir u l-iskambju ta’ data tista’ tabilħaqq tiffaċilita l-ħidma tal-awtoritajiet tat-taxxa, minn naħa waħda, u min-naħa l-oħra tiżgura sistema sigura u prevedibbli għan-negozji, li tkun ta’ benefiċċju għall-ekonomija kollaborattiva kollha kemm hi.

1.7. Il-KESE jixtieq jara l-iżvilupp ta' standard Ewropew għall-ġbir tad-data u l-informazzjoni dwar l-utenti tal-pjattaformi diġitali, li għandhom jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet tat-taxxa u jinżammu maż-żmien. L-obbligi ta' rapportar għandhom ikunu ċari u armonizzati fl-Istati Membri kollha. Standard Ewropew jista' jillimita l-azzjonijiet unilaterali mill-Istati Membri sal-punt li jinħoloq nuqqas ta' omoġeneità regolatorja kontroproduttiva u applikazzjoni inċerta fis-suq intern.

1.8. Fir-rigward tal-prinċipji ġenerali li għandhom jiggwidaw l-azzjoni regolatorja fil-qasam tar-rapportar, il-KESE jqis li jeħtieġ li jiġi adottat approċċ li jirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, u li jippermetti li jintlaħaq l-għan regolatorju, jiġifieri l-ġbir ta' informazzjoni ċara li tkun utli għall-ħidma tal-awtoritajiet tat-taxxa, mingħajr saġrificju eċċessiv u bla bżonn tal-interessi privati tal-pjattaformi u tal-utenti aħħarin.

1.9. Il-KESE jqis li r-regoli tat-taxxa dwar l-ekonomija kollaborattiva, inklużi r-regoli dwar l-obbligi ta' rapportar, għandhom f'kull każ jadattaw għas-setturi differenti u l-attivitajiet differenti tal-ekonomija kollaborattiva, li ħafna drabi huma differenti minn xulxin.

1.10. Il-KESE jqis li huwa importanti li jiġi eżaminat jekk l-implimentazzjoni imminenti tad-Direttiva dwar ċerti rekwiżiti għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament fir-rigward ta' talbiet għal informazzjoni għad-detezzjoni ta' frodi tal-VAT tistax tintuża wkoll għal skopijiet ta' taxxa diretta fir-rigward tal-obbligi ta' rapportar.

1.11. L-iskambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet privati u l-awtoritajiet pubbliċi għandu jsir f'konformità mal-leġislazzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tal-privatezza u l-ipproċessar tad-data personali tal-individwi, skont il-kriterji fir-rigward tal-ħtieġa, il-proporzjonalità u l-interpretazzjoni stretta ta' eżenzjonijiet possibbli mill-prinċipji ġenerali ta' privatezza għal raġunijiet ta' infurzar tar-regoli tat-taxxa.

2. Introduzzjoni u prinċipji ġenerali

2.1. L-iżvilupp ta' politiki fiskali effettivi b'referenza għas-settur tal-ekonomija kollaborattiva huwa sfida kemm għall-istituzzjonijiet Ewropej u nazzjonali kif ukoll għall-operaturi f'dan is-settur. F'dan ir-rigward, huwa kruċjali li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-atturi differenti fl-ekonomija kollaborattiva u bejn dawk l-operaturi u l-operaturi tradizzjonali li joperaw fl-istess setturi.

2.2. Il-KESE jemmen li l-ekonomija kollaborattiva qed tikber b'mod kostanti u konsiderevoli f'dawn l-aħħar snin u hija opportunità għal aktar żvilupp għall-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, anke għall-futur, sa fejn tippermetti li jiġu mobilizzati riżorsi li għadhom ma ġewx sfruttati u tiġi implimentata l-inizjattiva taċ-ċittadini individwali. Fl-istess ħin, jirrikonoxxi l-ħtieġa għal regolamentazzjoni li tiżgura l-protezzjoni tal-konsumatur, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema, l-obbligi tat-taxxa u l-kompetizzjoni ġusta.

2.3. Id-definizzjoni tal-"ekonomija kollaborattiva" kif użata f'din l-Opinjoni tirreferi għall-mudelli kummerċjali fejn l-attivitajiet huma appoġġjati minn pjattaformi ta' kollaborazzjoni li jippermettu l-użu temporanju ta' oġġetti jew servizzi li sikwit jiġu pprovduti minn partijiet privati. F'dan ir-rigward, inkluż mil-lat metodoloġiku, ikun importanti li jintlaħaq kunsens minimu bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri dwar il-kunċett ta' "ekonomija kollaborattiva", sabiex tiġi evitata diskrepanza sinifikanti bejn id-definizzjonijiet differenti applikati fis-suq intern.

2.4. L-ekonomija kollaborattiva hija fenomenu ekonomiku kumpless li trid tiġi koperta b'mod globali għal finijiet regolatorji, billi tinvolvi aspetti differenti tas-soċjetà u għadd ta' entitajiet legali li tradizzjonalment jindirizzaw kwistjonijiet differenti u distinti. Pereżempju, l-iżvilupp kontinwu tal-ekonomija kollaborattiva jolqot ir-regoli dwar il-liġi tal-konsumatur, il-liġi tax-xogħol, is-sigurtà soċjali, id-dritt kuntrattwali, id-dritt għall-privatezza u l-liġi dwar is-servizzi pubbliċi.

2.5. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li s-sistemi tat-taxxa nazzjonali, li jikkoordinaw b'mod effikaċi fil-livell Ewropew, iqisu b'mod xieraq il-mudelli ta' attività marbuta mal-fenomenu tal-ekonomija kollaborattiva. Ir-rispett tal-prinċipji ta' sistema tat-taxxa ġusta (jiġifieri l-konsistenza, il-prevedibbiltà u n-newtralità) fir-rigward ta' dawn il-mudelli l-ġodda huwa neċessarju għal kull parti interessata: l-awtoritajiet pubbliċi, in-negozji u l-konsumaturi.

2.6. Ir-regoli tradizzjonali dwar it-taxxa, madankollu, qed jitħabtu biex jadattaw għall-evoluzzjoni kontinwa tat-teknoloġija, u r-regoli tat-taxxa ta' spiss qed jaqgħu lura meta mqabbel mal-ekonomija diġitali li qed tiżviluppa b'rata mgħaġġla ħafna. Għalhekk huwa opportun li l-adattament tar-regoli u l-prinċipji tradizzjonali għall-bidliet kontinwi jkun puntwali u adatt, filwaqt li tiġi kkoordinata l-azzjoni tal-leġislatur Ewropew u tal-leġislaturi nazzjonali differenti.

2.7. Huwa partikolarment importanti li l-istituzzjonijiet internazzjonali, Ewropej u nazzjonali jaġixxu b'mod rapidu, effikaċi u koordinat biex jindirizzaw il-kwistjonijiet ġodda maħluqa mill-ekonomija diġitali u kollaborattiva permezz ta' approċċ proattiv pjuttost milli jirreaġixxu għall-emerġenza ta' sfidi speċifiċi.

2.8. Il-KESE huwa konvint li, fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, il-politiki dwar it-taxxa u l-iżvilupp ta' għodod u soluzzjonijiet konkreti jridu jiġu kkoordinati fil-livell internazzjonali jew saħansitra globali. Għalhekk, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjoni il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-OECD/G20 filwaqt li jirrikonoxxi li din il-kollaborazzjoni diġà waslet għal xi riżultati tanġibbli u jaq' ikollha riżultati aktar rilevanti fil-futur.

3. L-obbligi ta' rappurtar

3.1. Kwistjoni ewlenija fir-rigward tas-sistemi tat-tassazzjoni tal-ekonomija kollaborattiva tikkonċerna l-obbligi imposti fuq il-pjattaformi diġitali għall-ġbir, il-komunikazzjoni lill-awtoritajiet tat-taxxa u l-ħżin tal-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet imwettqa. Il-kondiviżjoni adegwata ta' informazzjoni fi ħdan sistema funzjonali u proporzjonata għall-ġbir u l-iskambju ta' data tista' tabilħaqq tiffaċilita l-ħidma tal-awtoritajiet tat-taxxa li jistgħu jakkwistaw id-data b'mod rapidu u faċilment, minn naħa waħda, u min-naħa l-oħra tiżgura sistema prevedibbli għall-pjattaformi u għall-utenti tagħhom. L-obbligi ta' rappurtar m'għandhomx jikkostitwixxu piż amministrattiv eċċessiv għall-pjattaformi u l-operaturi tas-settur.

3.2. Diġà hemm diversi eżempji ta' kollaborazzjoni effettiva bejn il-pjattaformi u l-awtoritajiet tat-taxxa fis-settur tat-trasport, bħal fil-każ tal-Estonja fejn ġew adottati dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw il-mili tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa għas-sewwieqa li jappartjenu għall-pjattaformi ta' ċar-pooling. Eżempju ieħor ta' soluzzjoni innovattiva, ukoll fl-Estonja, huwa l-identifikazzjoni ta' ammont minimu u proporzjonat ta' data li għandu jiġi kkomunikat lill-awtoritajiet u l-possibbiltà, għall-operaturi tal-pjattaforma, li jużaw kont kurrenti speċifiku għall-konformità mat-taxxa. Dan il-kont kurrenti jiffaċilita relazzjoni diretta u rapida bejn l-operaturi, il-banek tagħhom u l-awtoritajiet tat-taxxa. Min-naħa l-oħra, f'xi reġjuni, il-pjattaformi diġitali f'it għandhom rieda li jikkoperaw mal-awtoritajiet finanzjarji.

3.3. Għaldaqstant, il-KESE jixtieq jara l-iżvilupp ta' standard Ewropew għall-ġbir tad-data u informazzjoni li l-pjattaformi għandhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet tat-taxxa u li jinżamm maż-żmien. Il-pluralità ta' azzjonijiet unilaterali mill-Istati Membri u l-ko-eżistenza ta' sistemi inugwali fis-suq intern – bħalma qed jiġri diġà parzjalment – fil-fatt huma maħsuba biex jiġġeneraw diffikultajiet operazzjonali u ineffiċjenzi għas-settur kollu tal-ekonomija kollaborattiva.

3.4. L-iżvilupp ta' mudell Ewropew armonizzat ta' rappurtar għandu jkun ibbażat fuq l-esperjenza u l-feedback miġbura sal-lum il-ġurnata fil-prattika. Fl-Istati Membri differenti llum il-ġurnata hemm diversi sistemi ta' rappurtar applikabbli li jvarjaw f'termini ta' dispożizzjonijiet organizzattivi u l-kwantità u t-tip ta' data li għandha tinġabar u tintbagħat. F'xi Stati Membri, is-sistemi ta' rappurtar jinvolvu ħafna burokrazzja u jirrikjedu sforz konsiderevoli min-naħa tal-pjattaformi diġitali, filwaqt li fi Stati Membri oħrajn is-sistemi huma aktar flessibbli u għandhom inqas impatt fuq l-operazzjonijiet ta' kuljum. L-esperjenzi ta' xi Stati Membri juru wkoll li sistemi ta' rappurtar fakultattivi u volontarji, barra minn obbligi legali speċifiċi, ma jiffunzjonawx b'mod effettiv.

3.5. Il-KESE jqis li l-frammentazzjoni attwali mhijiex sostenibbli fit-tul, peress li tista' toħloq spejjeż ta' konformità eċċessivi u ineffiċjenzi konnessi man-nuqqas ta' omoġeneità tar-regolamentazzjoni fl-oqsma differenti tas-suq intern. Għal din ir-raġuni, għandu jinstab approċċ ibbilanċjat u proporzjonat għall-kwistjoni tar-rappurtar, li jiżgura sistema simplifikata u funzjonali. Is-simplifikazzjoni tal-obbligi ta' rappurtar tista' tabilħaqq tippovdi inċentiv konkret biex il-pjattaformi diġitali jikkonformaw mar-regoli.

3.6. Fir-rigward tal-prinċipji ġenerali li għandhom jiġġwidaw l-azzjoni regolatorja fil-qasam tat-tassazzjoni tal-ekonomija kollaborattiva b'mod ġenerali u l-obbligi ta' rappurtar b'mod aktar speċifiku, il-KESE jemmen li jeħtieġ li jiġi adottat approċċ li jirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità kif żviluppat fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE. Għalhekk ser ikun meħtieġ li jkun jista' jintlaħaq l-għan regolatorju segwit, jiġifieri l-ġbir ta' informazzjoni ċara u utli għall-ħidma tal-awtoritajiet tat-taxxa fl-interess pubbliku, mingħajr saġrificju eċċessiv tal-interess privat tal-pjattaformi diġitali u tal-utenti aħħarin.

3.7. Dan l-approċċ għandu jiżgura regoli ċari u prevedibbli għall-operaturi tas-settur, sabiex ma jiġġenerawx spejjeż ta' konformità eċċessivi (pereżempju permezz ta' talbiet bla bżonn u sproporzjonati għal data), minn naħa waħda, u min-naħa l-oħra jiżgura l-għbir effettiv ta' informazzjoni mill-awtoritajiet tat-taxxa.

3.8. Barra minn hekk, sistema ta' rapportar proporzjonata u raġonevoli għandha tidentifika, mill-perspettiva kwalitattiva, liema data hija strettament meħtieġa u għandha tinġabar għall-finijiet ta' infurzar tar-regoli tat-taxxa, mingħajr ma jiġu imposti piżijiet eċċessivi fuq il-pjattaformi diġitali u l-utenti professjonali jew l-utenti aħħarin tagħhom. Approċċ proporzjonat għandu jiddistingwi wkoll bejn entitajiet professjonali attivi fl-ekonomija kollaborattiva u dawk mhux professjonali, u jaġġusta b'mod xieraq l-obbiligi ta' rapportar għaż-żewġ kategoriji differenti.

3.9. Aspetti oħrajn li għandhom ikunu soġġetti għal regolamentazzjoni armonizzata fil-livell Ewropew huma: i) il-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-legalità tal-ipproċessar mill-parti responsabbli għall-ipproċessar; ii) il-persuni kkonċernati mill-ipproċessar; iii) ir-raġunijiet u l-entitajiet li għalihom tista' tiġi żvelata d-data personali; iv) l-identifikazzjoni tal-metodi speċifiċi tal-ipproċessar; v) il-limitazzjoni tar-raġunijiet wara l-ipproċessar; vi) il-perjodi taż-żamma tad-data.

3.10. L-iskambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet privati u l-awtoritajiet pubbliċi għandu jsir f'konformità mal-leġislażżjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tal-privatezza u l-ipproċessar tad-data personali tal-individwi, skont il-kriterji fir-rigward tal-ħtieġa, il-proporzjonalità u l-interpretazzjoni stretta ta' eżenzjonijiet possibbli mill-prinċipji ġenerali ta' privatezza għal raġunijiet ta' infurzar tar-regoli tat-taxxa.

3.11. F'dan ir-rigward, jista' jkun utli li jittejjeb u jitħeġġeġ anke l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa differenti bil-għan li tiġi strutturata kooperazzjoni effettiva intiża biex jiġu evitati l-evitar tat-taxxa u l-frodi, kif ukoll sabiex jiġu armonizzati l-prattiki operattivi tal-awtoritajiet differenti.

3.12. Ir-regoli tat-taxxa fl-ekonomija kollaborattiva, inklużi s-sistemi ta' rappurtar, għandhom fi kwalunkwe każ jadattaw għas-setturi differenti tal-ekonomija kollaborattiva, peress li l-attivitajiet differenti f'dan is-settur ħafna drabi jkollhom karatteristiċi differenti u distintivi li jirrikjedu regoli speċifiċi u dedikati.

3.13. Il-KESE jirrakkomanda li fi kwalunkwe każ jiġu garantiti kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-finijiet tat-taxxa għal attivitajiet imwettqa permezz tal-ekonomija kollaborattiva u għal attivitajiet tradizzjonali simili, f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità fiskali, sabiex jiġu evitati distorsjonijiet fil-funzjonament ta' dawk is-swieq li jikkombinaw forum konvenzjonali ta' attivitajiet u dawk imwettqa permezz tal-ekonomija kollaborattiva.

3.14. Fl-aħħar nett, jista' jkun utli għall-inċentivar tat-tkabbir tal-ekonomija kollaborattiva li jiġu identifikati limiti minimi li taħthom ċerti attivitajiet jitqiesu bħala mhux professjonali jew mhux ekonomikament rilevanti u b'hekk jikkwalifikaw għal eżenzjonijiet fiskali speċifiċi. Madankollu, huwa importanti li dawn il-limiti jiġu determinati b'mod raġonevoli b'segwitu għal valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt regolatorju.

4. Il-VAT u l-ekonomija kollaborattiva

4.1. Għall-finijiet tal-VAT, huwa fundamentali li jiġi determinat b'mod preċiż il-kunċett ta' "persuna taxxabli" u li jiġi stabbilit jekk din il-persuna hijiex qed twettaq attività ekonomika. Barra minn hekk, huwa daqsxejn ikkumplikat li jiġi determinat kif għandhom jiġu intaxxati t-tranżazzjonijiet tal-ekonomija kollaborattiva li mhumiex soġġetti għal pagamenti fi flus kontanti, iżda xorta waħda jinvolvu xi forma ta' ritorn, pereżempju abbażi tal-użu tad-data personali tal-utenti u l-estrazzjoni ta' valur minn tali data.

4.2. F'termini aktar preċiżi, għall-finijiet tal-VAT, għandha ssir distinzjoni bejn sitwazzjonijiet differenti li jikkonċernaw il-ħlas għal servizzi: **(i)** sitwazzjonijiet fejn is-servizzi jingħataw bi ħlas ta' somma flus; **(ii)** sitwazzjonijiet li fihom il-ħlas ma jsirx bil-flus, iżda b'forma ta' servizz ieħor jew remunerazzjoni mhux monetarja; u **(iii)** sitwazzjonijiet li fihom is-servizz jingħata liberament mingħajr ebda ritorn ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Grupp ta' esperti dwar il-VAT, laqgħa tal-1 ta' April 2019 – taxud.c.1(2019)2026442 – EN, VAT Treatment of the sharing economy, VEG 081.

- 4.3. Fir-rigward ta' ċirkostanzi prattiċi li possibbilment jaqgħu taħt il-punt ii), il-KESE jitlob li ssir analiżi bir-reqqa ta' jekk l-attivitajiet tal-pjattaformi kollaborattivi humiex soġġetti għall-obbligi tal-VAT.
- 4.4. F'dan ir-rigward, il-KESE jikkunsidra li l-ħidma tal-grupp ta' esperti dwar il-VAT tal-Kummissjoni Ewropea dwar *It-trattament tal-VAT tal-ekonomija kollaborattiva* hija utli u jirrakkomanda li din il-kwistjoni tiġi analizzata b'aktar reqqa.
- 4.5. Ikun xieraq ukoll li l-Kummissjoni Ewropea u l-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa jippromovu kooperazzjoni u koordinazzjoni reċiproċi fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli tal-VAT għas-settur tal-ekonomija kollaborattiva, kemm bil-għan li jinbnew prattiki operattivi armonizzati, kif ukoll bil-ħsieb li tiġi skambjata informazzjoni utli għall-finijiet ta' infurzar u sabiex jiġu evitati l-frodi u l-evitar tat-taxxa.
- 4.6. Il-KESE jqis li huwa importanti li jiġi eżaminat jekk l-implimentazzjoni imminenti tad-Direttiva rigward ċerti rekwiżiti għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament dwar l-identifikazzjoni ta' frodi tal-VAT tistax tintuża fir-rigward tal-obbligi ta' rappurtar, inkluż għal finijiet ta' taxxa diretta, kemm fir-rigward ta' pagamenti fuq l-Internet b'karta ta' kreditu, kif ukoll fir-rigward ta' pagamenti magħmula permezz ta' trasferimenti bankarji diretti u metodi oħra ta' pagament rapidu.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Patt Klimatiku Ewropew”**(opinjoni esploratorja)**

(2020/C 364/10)

Relatur: **Dimitris DIMITRIADIS**Korelatur: **Peter SCHMIDT**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 11.3.2020
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	29.6.2020
Adottata fil-plenarja	16.7.2020
Sessjoni plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	206/4/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Ninsabu f'emerġenza klimatika. Fi żmien il-kriżijiet tas-saħħa globali, u dawk ekonomiċi imminenti, ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19, l-impenn tal-UE għat-tranżizzjoni lejn ekonomija tal-benesseri sostenibbli, reżiljenti, newtrali għall-klima u effiċjenti fir-riżorsi jrid jiġi affermat mill-ġdid. Li għandna bżonn issa huma bidliet trasformazzjonali fil-kultura, fl-infrastruttura, fl-imġiba, fil-parteċipazzjoni u fl-għajxien li se jħallu impatt fuq iċ-ċittadini, iżda li jsaħħu wkoll il-pożizzjoni tagħhom b'diversi modi.

1.2. It-tibdil fil-klima jhedidna lkoll, iżda, bħall-pandemija, għandu l-akbar effett ta' dannu fuq il-persuni l-aktar vulnerabbli u marġinalizzati. Huwa essenzjali li t-tranżizzjoni ma tħalli lil ħadd jibqa' lura.

1.3. Il-KESE jissottolinja li l-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet kollha tas-soċjetà — l-intrapriżi, il-ħaddiema, ir-riċerkaturi, il-konsumaturi, il-komunitajiet u ċ-ċittadini u l-organizzazzjoni tagħhom — hija kruċjali għall-mobilizzazzjoni tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika.

1.4. B'hekk, il-KESE jappoġġja s-sejħa biex l-Unjoni Ewropea timpenja ruħha li tikseb in-newtralità karbonika sal-2050 u, għaldaqstant, iżżid il-mira tagħha għat-tnaqqis tal-gassijiet serra għall-2030. Ir-Rapport dwar id-Diskrepanza fl-Emissjonijiet 2019 tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), jindika li l-emissjonijiet globali jeħtieġ li jitnaqqsu b'7,6 % fis-sena, li mil-lum, sabiex it-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C. Skont il-kalkoli, dan ifisser mira għat-tnaqqis ta' mill-inqas 68 % sal-2030.

1.5. Hija meħtieġa bidla għal mudell parteċipattiv fil-livelli kollha ta' skala u, fl-implimentazzjoni tal-Patt Klimatiku, il-Kummissjoni għandha opportunità importanti u obbligati biex turi approċċ innovattiv li se jirrifletti, jappoġġja u jspira azzjoni li diġà qed issir fis-soċjetà ċivili, fil-komunitajiet, il-bliet u r-reġjuni.

1.6. Mudelli parteċipattivi li huma ffukati b'mod limitat wisq, jew li huma mfassla b'modi li jillimitaw l-iskala tat-tibdil eżaminat, jew li jistgħu jiġu injorati mill-istituzzjoni li stabbilixxiethom, se jservu biss biex ixekklu u jiddiżappuntaw lil dawk li jinvolvu ruħhom.

1.7. L-Ewropa teħtieġ tixpruna bidla sistematika għall-azzjoni klimatika permezz tal-innovazzjoni (teknoloġika u soċjali) billi tgħaqqad il-provvista tal-innovazzjoni mal-atturi fuq in-naħa tad-domanda, kull min huwa kkonċernat mill-problemi (problem owners) u dawk b'ambizzjoni kbira għal bidla. It-trasformazzjoni diġitali għandha tkun iggwidata mill-SDGs biex jiġu evitati r-riskji, inklużi dawk relatati mad-drittijiet tal-ħaddiema⁽¹⁾. L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, flimkien mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jipprovdut opportunità biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta ffukata fuq l-oġġettivi ta' impjiegi ta' kwalità għal kulħadd.

1.8. L-isfidi globali identifikati l-aktar mill-atturi tas-soċjetà ċivili involuti fl-azzjoni klimatika huma nuqqas ta' aċċess għall-finanzjament, nuqqas ta' għarfien espert, nuqqas ta' persunal u nuqqas ta' rikonoxximent, kif ukoll in-nuqqas ta' narrattiva konsistenti mill-UE u l-gvernijiet nazzjonali.

1.9. Il-kisba tal-għanijiet klimatiċi tal-UE u dawk internazzjonali se teħtieġ riżorsi finanzjarji sinifikanti. Il-baġit tal-Patt Ekoloġiku Ewropew (fondi pubbliċi u privati), il-fond ta' rkupru ta' EUR 750 biljun, inkluża l-allokkazzjoni ta' fondi għall-proċess tas-Semestru tal-UE, għandhom ikunu ffukati fuq l-irkupru sostenibbli, inkluża l-azzjoni klimatika.

1.10. Il-kundizzjonalità tal-finanzjament fuq Prattiki Sostenibbli fis-setturi kollha għandha tkun in-norma għat-tfassil ta' pjani ta' rkupru għal wara l-COVID-19 immirati lejn l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU u l-Ftehim ta' Pariġi. Ir-rispons għall-irkupru wara l-COVID-19 ma għandux ikun wieħed li "joħodna lura" fejn konna qabel, iżda li "jmexxina" għal xi ħaġa għda u aħjar.

1.11. Il-bini tal-kapaċitajiet u l-appoġġ tekniku huma meħtieġa biex il-partijiet interessati kollha jagħmlu t-tranżizzjoni għal futur aktar reżiljenti u sostenibbli. It-twaqqif ta' Forum tal-UE dwar il-Finanzjament għall-Klima tal-UE għandu jstimula l-aċċess għall-finanzi u jneħħi l-ostakli.

1.12. Il-KESE jipproponi Pjattaforma tal-Partijiet Interessati tal-Patt Klimatiku Ewropew ibbażata fuq il-prinċipji tal-inklużività, it-trasparenza u l-parteeċipazzjoni ġenwina u s-sjieda minn atturi klimatiċi fil-livelli kollha.

1.13. Il-Patt Klimatiku għandu jkun iffukat fuq ir-responsabbilizzazzjoni tan-nies biex jibdlu s-sistemi — permezz tal-esplorazzjoni, l-esperimentazzjoni u d-dimostrazzjoni. Il-perspettivi ta' diversi livelli, il-ħolqien ta' viżjoni, ir-rakkontar tal-istejjer u l-ippjanar billi jiġi definit il-futur mixtieq kollha se jkunu kruċjali. Għandha tiġi mrawma u ffaċilitata varjeta wiesgħa ta' inizjattivi klimatiċi.

2. Introduzzjoni

2.1. L-indirizzar tal-isfidi klimatiċi u ambjentali sar komplitu li dejjem qed isir aktar urġenti u jeħtieġ revizzjoni drastika tal-approċċi soċjoekonomiċi attwali mhux sostenibbli. Il-pandemija globali tal-COVID-19 uriet li aġġustamenti sempliċi fl-istili ta' ħajja u s-sistemi tagħna mhux se jkunu biżżejjed. Qabel il-pandemija, diġà kienu qed iseħħu bidliet fundamentali fil-metodi ta' produzzjoni, li jaffettwaw in-negozji, il-ħaddiema u l-organizzazzjoni tax-xogħol, u jistgħu jiġu aċċellerati bħala riżultat. Il-Kummissjoni Ewropea adottat il-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala l-istrateġija l-ġdida għall-mudelli soċjoekonomiċi u finanzjarji tal-UE li huma sostenibbli, aktar nodfa, aktar sikuri u aktar tajbin għas-saħħa.

2.2. Fid-dawl tal-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, l-azzjoni klimatika u l-impenji tas-sostenibbiltà jridu jkunu fuq quddiem fil-politika tal-irkupru u r-rikostruzzjoni, u tal-baġits korrispondenti, sabiex ma jkunux jistgħu jżommu lill-UE aktar f'futur bi kwantitajiet kbar ta' karbonju. Il-miżuri ta' wara l-kriżi għandhom jifasslu b'mod li joħloqu reżiljenza tas-sistema, jipproteġu u jirrestawraw il-bijodiversità, jagħtu prijorità lis-saħħa pubblika, filwaqt li ma jħallu lil ħadd jibqà lura u jwittu t-triq għal ekonomija tal-benesseri. F'dan il-kuntest, il-Patt Ekoloġiku Ewropew ma għandux jiġi abbandunat jew ittardjat, iżda għandu jissaħħaħ.

2.3. Is-suċċess tal-Patt Ekoloġiku Ewropew se jiddependi ħafna mill-kapaċità tal-UE li tinvolvi liċ-ċittadini tagħha. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni qed tħejji Patt Klimatiku Ewropew biex ilaqqa' flimkien diversi atturi, inklużi r-reġjuni, l-awtoritajiet lokali, il-komunitajiet lokali, is-soċjetà ċivili, l-iskejjel, in-negozji u l-individwi.

⁽¹⁾ Network ta' Soluzzjonijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, Six Transformations to achieve the Sustainable Development Goals (Sitt trasformazzjonijiet biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli — mhux disponibbli bil-Malti)

3. Il-ħtieġa li s-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini jiġu involuti fi kwistjonijiet marbuta mal-klima

3.1. Qegħdin niffaċċjaw emerġenza klimatika globali. Ir-rispons tal-gvernijiet għall-kriżi klimatika s'issa ma kienx biżżejjed u d-dinja għadha mhix fit-triq it-tajba biex tissodisfa l-oġettiv tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). L-istrajks għall-klima miż-żgħażaġh u oħrajn mis-soċjetà ċivili ilhom jappellaw bil-qawwa għal azzjoni klimatika aktar ambizzjuża u urġenti. Il-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet, li ntrabtu bl-Aġenda 2030 u l-Ftehim ta' Pariġi, għandhom ir-responsabbiltà li jindirizzaw b'mod urġenti dawn id-domandi, jieħdu deċiżjonijiet ta' politika deċiżivi u ambizzjużi u jimxu lejn mudell ġdid ta' azzjoni klimatika inklużiva, fejn il-partijiet interessati kollha jkunu involuti b'mod attiv.

3.2. B'hekk, il-KESE jappoġġja s-sejħa biex l-Unjoni Ewropea timpenja ruħha li tikseb in-newtralità karbonika sal-2050 u, għaldaqstant, iżżid il-mira tagħha għat-tnaqqis tal-gassijiet serra għall-2030⁽²⁾. Il-KESE jistenna li l-mira l-ġdida tal-emissjonijiet għall-2030 se tkun ibbażata fuq rieżami wiesja u valutazzjoni tal-impatt adegwata. Il-KESE jsostni wkoll li hemm argumenti deċiżivi għall-mira għal tnaqqis minimu ta' 55 % sal-2030, sabiex l-UE twieġeb min-naħa tagħha għall-ħtieġa enormi fil-livell globali għal tnaqqis fl-emissjonijiet. Pereżempju, ir-Rapport dwar id-Diskrepanza fl-Emissjonijiet 2019 tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP)⁽³⁾, jindika li mira aktar ambizzjuża ta' tnaqqis fl-emissjonijiet 2030 hija meħtieġa fil-livell globali sabiex tintlaħaq il-mira ta' 1,5 °C stabbilita fil-Ftehim ta' Pariġi⁽⁴⁾.

3.3. Mill-Ewrobarometru tal-2019 joħroġ li 93 % taċ-ċittadini tal-UE jqisu t-tibdil fil-klima bħala problema serja; 79 % iquisu bħala problema serja ħafna. Il-maġġoranza vasta ta' dawk li wiegħbu jaħsbu li huwa importanti li l-gvern nazzjonali tagħhom jistabbilixxi miri ambizzjużi biex tiżdied l-enerġija rinnovabbli (92 %) u titjieb l-effiċjenza fl-enerġija (89 %).

3.4. Il-Patt Klimatiku jeħtieġ li jaffettwa s-setgħa tal-Ewropej biex tinkiseb il-viżjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ta' soċjetà għanja, inklużiva, reżiljenti għall-klima b'ekonomija ċirkolari ta' emissjonijiet żero netti sal-2050. Ir-rapport tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) jirreferi b'mod espliċitu għall-ħtieġa għal bidliet rapidi, estensivi u mhux preċedenti fl-aspetti kollha tas-soċjetà. Bidliet inkrementali mhux se jkunu biżżejjed. Fokus limitat fuq it-tnaqqis tas-CO₂ huwa kontroproduttiv fil-livell lokali, billi jllimita l-involviment u l-ħsieb u billi jllimita b'mod konsiderevoli l-bidliet li jiġu immaġinati u implimentati. Fil-preżent hija meħtieġa trasformazzjoni fundamentali tas-sistemi ekonomiċi, soċjali u finanzjarji li tiskatta bidla esponenzjali fir-rati ta' dekarbonizzazzjoni u ssaħħa ir-reżiljenza għall-klima. Biex dan iseħħ, hemm bżonn ta' narrativi ispiranti wiesgħa u diversi, li jikkommunikaw għalfejn id-dinja jeħtiġilha tinbidel.

3.5. Il-kriżi globali attwali kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 uriet il-ħila tal-gvernijiet li jieħdu miżuri drammatiċi biex inaqqsu theddida eżistenzjali, kif ukoll il-ħila tan-nies, almenu għal żmien qasir, li jadattaw għal stili ta' ħajja ristretti ġodda imposti minn dawn il-miżuri. B'mod importanti, il-komunitajiet, l-intrapriżi, l-imsieħba soċjali u atturi oħra mhux statali qed jaqdu rwol importanti fir-rispons għall-pandemija, ta' spiss billi jidentifikaw il-ħtiġijiet, ifasslu u jimplementaw interventi adatti għall-kuntest b'mod aktar rapidu, effettiv u kreattiv milli ntweru li kien possibbli permezz ta' direzzjoni minn fuq għal isfel.

3.6. Hemm opportunità kbira u riskju kbir hekk kif nersqu għall-fażi li jmiss ta' rispons għall-COVID-19. Il-miżuri ekonomiċi u l-pakketti fiskali li qed jifasslu biex isostnu u jerġgħu jagħtu bidu lill-ekonomija Ewropea jridu jħaddnu t-tassonomija tal-UE għal investimenti sostenibbli u finanzjamenti diretti għal dawk li huma sostenibbli jew li għandhom il-potenzjal li jsiru sostenibbli u li se jimpenjaw ruħhom, soġġetti għal monitoraġġ, biex jidentifikaw u jagħmlu l-bidliet meħtieġa b'urġenza.

(2) Ir-rapporteur tal-Parlament Ewropew dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima (COM(2020)0080), Jytte Guteland, qed tipproponi li l-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 tiżdied għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' 65 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990. Konsegwentement, il-Kummissjoni, sat-30 ta' Ġunju 2021, għandha tivvaluta kif il-leġislazzjoni tal-Unjoni li timplimenta l-mira ogħla tkun teħtieġ tiġi emendata kif imiss.

(3) Rapport dwar id-Diskrepanza fl-Emissjonijiet 2019

(4) Ir-Rapport dwar id-Diskrepanza fl-Emissjonijiet tal-2019 tal-UNEP, jindika li l-emissjonijiet globali jeħtieġ li jitnaqqsu b'7,6 % fis-sena, mil-lum, sabiex it-tiħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C. Skont il-kalkoli għall-UE, dan ifisser tnaqqis ta' 68 % sal-2030 meta mqabbel mal-livelli tal-2030.

3.7. Ix-xkiel traġiku kkawżat mill-COVID-19, li wassal għas-sospensjoni tar-regoli fiskali, wera li hija possibbli viżjoni oħra meta l-ħajjiet tal-persuni, l-ekonomiji tagħna u s-sopravivenza għall-ħajja fid-Dinja kif nafuha jkunu f'periklu. Viżjoni tal-progress soċjali li tiddependi biss mill-insewiment ta' tkabbir fil-Prodott Domestiku Gross (PDG) tinjora elementi fundamentali għall-benesseri individwali u soċjali u ma tqisx kif imiss kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali. Għalhekk, jeħtieġ li ssir il-qabża minn ekonomija bbażata fuq il-prodott domestiku gross (PDG) għal ekonomija tal-benesseri⁽⁵⁾ (6).

3.8. Mod ta' kif insaħħu l-ambizzjoni klimatika huwa li noħolqu ambjenti abilitanti għal aktar azzjoni minn atturi mhux statali, li jinkludu diversi tipi ta' negozji, inklużi l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju u l-mikrointrapriżi; l-investituri; l-imsieħba soċjali; il-kooperattivi; il-bliet u r-reġjuni, it-trade unions; il-komunitajiet lokali u gruppi ta' ċittadini; il-bdiewa; l-iskejjel; l-organizzazzjonijiet ta' ispirazzjoni reliġjuża; gruppi taż-żgħażaġh u organizzazzjonijiet mhux governattivi oħra.

3.9. Ambjent abilitanti jeħtieġ bidla ewlenija minn konsultazzjoni u involviment minn fuq għal isfel għal kodisinn, kokreazzjoni u awtonomizzazzjoni. Il-mudelli ta' konsultazzjoni standard rari jilhqnu lil hinn minn setturi tas-soċjetà limitati ħafna u b'ħafna riżorsi. L-individwi, l-organizzazzjonijiet u l-intrapriżi li għandhom l-aktar x'jiggrwadanjaw mill-bidla trasformattiva u x'jikkontribwixxu għaliha jeħtieġ li jiġu offruti opportunitajiet ġenwini biex jipparteċipaw fit-tehdid tad-deċiżjonijiet jekk se jimpenjaw ħin u enerġija għall-proċess.

3.10. Fl-2018, il-KESE appella għal "Djalogu Ewropew dwar Azzjoni Klimatika Mhux Statali"⁽⁷⁾. L-għan tad-djalogu ma għandux ikun biss li jenfazizza u juri l-azzjonijiet, iżda wkoll li jwiegebe għall-ħtiġijiet tal-atturi mhux statali billi jispira sħubijiet ġodda bejniethom u livelli differenti ta' gvern; billi jiffaċilita t-tagħlim bejn il-pari, it-taħriġ u l-kondiviżjoni ta' pariri, u jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament.

3.11. Il-KESE ppropona⁽⁸⁾ li jiġi stabbilit djalogu maċ-ċittadini permanenti bħala element preparatorju obbligatorju għad-deċiżjonijiet politiċi ewlenin kollha u l-inizjattivi kollha pertinenti fil-livelli kollha.

3.12. S'issa, il-Kummissjoni ma segwietx dawn ir-rakkomandazzjonijiet⁽⁹⁾. Il-Patt Klimatiku jipprovdi opportunità biex l-istituzzjonijiet jaħdmu mill-qrib flimkien għal qafas ta' abilitazzjoni għall-involviment tas-soċjetà ċivili u taċ-ċittadini, li jibni fuq il-proċessi ta' konsultazzjoni eżistenti iżda li jmur lil hinn minnhom.

4. It-tagħlim minn Prattiki eżistenti dwar is-soċjetà ċivili u l-involviment taċ-ċittadini

4.1. Eżempji eżistenti fil-livell nazzjonali, reġjonali u muniċipali tal-assembleji taċ-ċittadini, id-djalogi maċ-ċittadini u proċessi ta' involviment deliberattivi⁽¹⁰⁾ simili juru l-kapaċità u x-xewqa taċ-ċittadini li jieħdu r-responsabbiltà għas-soluzzjonijiet tal-kriżi klimatika. Ta' sikwit, l-approċċi parteċipattivi usa', meta dawn jifasslu b'attenzjoni, jiġġeneraw kisbiet sinifikanti għas-sostenibbiltà mingħajr ma jkunu ffukati b'mod espliċitu fuq il-kriżi klimatika. Dawn huma xhieda mhux biss tal-ħtieġa u x-xewqa qawwija għal demokrazija parteċipattiva, iżda wkoll għall-ħila tal-gvernijiet li joħolqu spazji bħala dawn u biex jagħtu segwitu għall-proposti tagħhom b'mod politiku.

4.1.1. Fl-2019, 150 ċittadin Franċiż magħżula b'mod każwali bdew jiddeberaw fuq il-mistoqsija "kif nistgħu nnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'tal-inqas 40 % sal-2030, fi spirtu ta' ġustizzja soċjali?". Is-sessjonijiet ta' din il-Konvenzjoni taċ-ċittadini jsiru fil-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Franċiż. Il-Gvern għandu wkoll il-pjan li jindirizza b'mod pubbliku l-proposti u se jippubblika skeda ta' żmien provviżorja għall-implimentazzjoni tagħhom⁽¹¹⁾.

4.1.2. L-Assemblea taċ-ċittadini Irlandiżi stabbilita fl-2016, kienet tikkonsisti f'100 ċittadin, magħżula b'mod aleatorju biex jirrappreżentaw l-elettorat Irlandiż. Dawn ingħataw il-kompitu li jiddeberaw dwar suġġetti li jvarjaw mill-projbizzjoni kostituzzjonali fuq l-abort sal-idea li l-Irlanda tkun il-mexxejja fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima. Il-kumitat parlamentari stabbilit biex imexxi r-rakkomandazzjonijiet tal-Assemblea dwar it-tibdil fil-klima sawwar b'mod sinifikanti l-Pjan ta' Azzjoni Klimatika ferm importanti tal-Irlanda li ġie ppubblikat f'Ġunju 2019.

⁽⁵⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *L-ekonomija sostenibbli li neħtieġu* (ĠU C 106, 31.03.2020, p. 1).

⁽⁶⁾ L-ekonomija għall-benesseri — fergħa tal-ekonomija li tfittex li tevalwa l-politiki ekonomiċi f'termini tal-effetti tagħhom fuq il-benesseri tal-komunità. Matul is-seklu 20, ġiet stabbilita bħala fergħa definita sew tat-teorija ekonomika.

⁽⁷⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *Il-promozzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi minn atturi mhux statali* (ĠU C 227, 28.6.2018, p. 35).

⁽⁸⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *Strateġija għat-tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet ta' gass serra tal-UE* (ĠU C 282, 20.8.2019, p. 51).

⁽⁹⁾ Proposti diġà fl-Opinjoni tal-KESE dwar *Il-ħolqien ta' koalizzjoni tas-soċjetà ċivili u tal-awtoritajiet lokali sottonazzjonali biex jiġu ssodisfati l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi* (ĠU C 389, 21.10.2016, p. 20).

⁽¹⁰⁾ <https://www.thersa.org/discover/publications-and-articles/rsa-blogs/2018/07/our-call-for-action-on-deliberative-democracy>.

⁽¹¹⁾ <https://www.conventioncitoyennepourleclimat.fr/en/>.

4.1.3. Fiż-żewġ bliet ewlenin ta' Spanja, ġew stabbiliti djalogi maċ-ċittadini u forums lokali biex jippromovu parteċipazzjoni usa' taċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-teħid tad-deċizzjonijiet dwar partijiet tal-baġit lokali u brainstorming dwar il-futur tal-belt.

4.1.4. Il-Kunsill taż-Żgħażaġħ dwar il-Klima fil-Ministeru tal-Enerġija, il-Provvista u l-Klima fid-Danimarka għandu l-għan li jwassal mod ta' ħsieb ġdid fil-politika dwar it-tibdil fil-klima u jipprovdi input lill-ministru dwar soluzzjonijiet futuri għall-klima.

4.1.5. Il-belt ta' Gdańsk fil-Polonja organizza tliet assembleji taċ-ċittadini dwar l-adattament għal avvenimenti tat-temp estremi, it-tnaqqis fit-tniġġis tal-arja u t-titjib fl-involviment ċiviku.

4.1.6. Fil-Finlandja, l-ewwel Panel taċ-ċittadini dwar l-iżvilupp sostenibbli laqqa' flimkien madwar 500 Finlandiż biex jivvalutaw l-istat tal-iżvilupp sostenibbli. Ir-riżultati se jintużaw biex jippromovu x-xogħol fuq l-iżvilupp sostenibbli mill-Gvern u l-Parlament Finlandiż.

4.1.7. Fl-Italja, wara l-COP 25, saret proposta leġiżlattiva mir-rappreżentati tas-soċjetà ċivili biex tiġi stabbilita Assemblée taċ-ċittadini fuq il-mudell Franċiż. Fir-Renju Unit tnieda proċess simili, bl-“Assemblée dwar il-Klima tar-Renju Unit: it-triq għan-newtralità”.

4.1.8. F'Bolonja, l-Italja, il-municipalitè ħolqot “Uffiċċju tal-Immaġinazzjoni Ċivika” bħala parti mill-ħidma usa' tagħha biex terġa' tinvolvi liċ-ċittadini. Din ħolqot sitt “laboratorji” li jorganizzaw avvenimenti regolari bil-għan li tinħoloq viżjoni, li jużaw Open Space u għodod oħra. Meta joħorġu ideat tajbin ħafna għal proġett, il-municipalitè toħloq “patti” mal-komunità biex tiżgura li dawn isiru realtà. Matul l-aħħar ħames snin sar qbil dwar aktar minn 500 patt, li jvarjaw minn bankijiet ġodda fit-toroq sa proġetti ħafna akbar u aktar ambizzjużi. Dan sar ukoll il-mezz li permezz tiegħu jiġi organizza tal-baġit għall-parteeċipazzjoni.

4.2. Bosta inizjattivi oħra mmexxija mill-komunità jimmobilizzaw l-azzjoni lokali biex jinħoloq futur aktar sostenibbli b'suċċessi notevoli u ta' ispirazzjoni. Fost oħrajn, “Viċinati Sostenibbli” fi Brussell; in-Network ta' Azzjoni Klimatika tal-Komunitajiet Skoċċiżi, li huwa network fil-livell lokali ta' madwar 120 grupp tal-komunità; Coopérnico — kooperattiva dwar l-enerġija rinnovabbli (RESCoop) fil-Portugall; u l-movement Transition, li issa huwa attiv fi sforzi biex tinbena reżiljenza fl-iskala tal-komunità faktar minn 50 pajjiż, li jispira lin-nies biex jibdli l-mod ta' kif jaħsbu, jaġixxu u jgħixu fid-dinja. Il-Programm ta' Azzjoni “Komunitajiet għall-Futur”, li se jitnieda dan is-sajf, jista' jgħin biex jipprovdi l-ambjent istituzzjonali għall-parteeċipazzjoni pubblika.

4.3. Fil-livell Ewropew, l-involviment strutturat tas-soċjetà ċivili huwa meħtieġ u għandu jingħata mandat ċar għall-parteeċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki u l-istrateġija li għandhom l-għan li jiksbu n-newtralità klimatika.

4.3.1. Il-pjattaforma ta' diversi partijiet ikkonċernati dwar l-SDGs kellha rwol importanti, iżda ħalliet ukoll lok għal titjib f'termini ta' għoti ta' riżorsi, il-frekwenza tal-laqgħat, is-sjieda tal-ippjanar tal-aġenda, l-opportunitajiet għal dibattitu estiż u involviment u ffaċilitar ta' konsultazzjonijiet aktar regolari, trasparenti u aċċessibbli.

4.3.2. Il-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari, li hija mmexxija b'mod konġunt mill-KESE u l-Kummissjoni, tipprovdi spazju għal grupp ta' varjetà kbira ta' partijiet interessati biex jiskambjaw prattiki u ideat tajbin, u joħolqu networks siewja. L-għoti tas-sjieda tal-pjattaforma lill-partijiet interessati jirrappreżenta d-differenza ewlenija tal-pjattaforma ta' diversi partijiet ikkonċernati dwar l-SDGs u hija prattika tajba li wieħed għandu jseġwi.

4.4. L-oġġettivi ta' Pariġi mhux se jintlaħqu mingħajr l-involviment qawwi tal-imsieħba soċjali fil-livelli kollha, u b'mod partikolari fl-industriji u s-setturi li huma affettwati b'mod qawwi mid-dekarbonizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni. L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, flimkien mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jipprovdu opportunità biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta li tiffoka fuq l-oġġettiv ta' impjiegi ta' kwalità tajba għal kulħadd. Id-djalogo soċjali mmexxi mit-trade unions u mill-impjegaturi huwa wieħed mill-aħjar forums biex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar il-kriżi klimatika. Huma l-protagonisti ewlenin jekk irridu niksbru trasformazzjoni soċjalment ġusta, produttiva u kummerċjali li jgħib miegħu l-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dawn ix-xenarji jvarjaw minn Summits ta' Djalogo Soċjali fil-livell Ewropew, sad-djalogo transkonfinali, li huwa essenzjali biex isir aktar sforz għall-integrazzjoni soċjali Ewropea, kif ukoll ftehimiet kollettivi settorjali u fil-livell tal-kumpaniji. L-involviment tal-ħaddiema jiffirma parti integrali mid-demokrazija fil-post tax-xogħol u jaġhti l-opportunità lill-ħaddiema biex jieħdu sehem attiv f'deċizzjonijiet li jittieħdu fil-post tax-xogħol li jistgħu jaġhtu kontribut pożittiv għall-azzjoni klimatika.

4.5. Il-komunità ta' konozzenza u innovazzjoni dwar il-klima (Climate-KIC) tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) jiffoka fuq id-disinn, it-twettiq u l-konnessjoni ta' esperimenti intraprenditorjali u effetti ta' dimostrazzjoni fil-fond fuq il-lievi tal-bidla sistemika. Il-Climate-KIC tal-EIT għandu portafoll magħmul minn esperimenti bil-għan li jstimulaw modi ġodda ta' ħsieb, li jixprunaw l-effetti esponenzjali tat-teknoloġiji, networks u forzi tal-komunità ġodda u li jfittxu li wieħed jitgħallem b'mod aktar mgħaġġel mill-pass tal-bidla ⁽¹²⁾.

5. It-tagħlim mir-risponsi tan-negozju

5.1. L-innovazzjoni tirreferi għaż-żieda ta' passi addizzjonali fl-iżvilupp ta' servizzi u prodotti ġodda fis-suq jew fil-pubbliku li jissodisfaw il-ħtiġijiet mhux issodisfati jew isolvu l-problemi li ma kienx hemm fil-passat. L-innovazzjoni teknoloġika tiffoka fuq l-aspetti teknoloġiċi ta' prodott jew servizz. L-innovazzjoni soċjali tirreferi għal Prattiki soċjali ġodda li jimmiraw biex jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali b'mod aħjar mis-soluzzjonijiet eżistenti, li jirriżultaw minn, pereżempju, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-edukazzjoni, l-iżvilupp tal-komunità jew is-saħħa. It-teknoloġija diġitali għandha rwol importanti x'taqdi fl-innovazzjoni soċjali permezz tal-użu tal-ICT bħal networks online u għodod diġitali oħrajn.

5.2. Il-proċess tal-innovazzjoni sistematika għandu jkun disponibbli bi prezz affordabbli għall-partijiet interessati kollha li jeħtieġ li jkunu involuti fil-kodisinn tas-soluzzjonijiet li se jixprunaw it-tranżizzjoni għas-sostenibbiltà meħtieġa. Il-vijabbiltà finanzjarja hija prerekwiżit għall-koeżjoni soċjali u l-punt ta' li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" fil-proċess tal-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Għal din ir-raġuni, aspetti tal-bidla sistemika li għandhom karatteristiċi pubbliċi tajbin għandhom jiġu ffinanzjati jew issussidjati minn sorsi pubbliċi li jippermettu ingranaġġ ulterjuri tal-fondi privati għal investimenti marbuta mat-tibdil fil-klima.

5.3. Il-komunitajiet li jirnexxu fit-twassil ta' innovazzjoni tas-sistemi huma dawk li jeċċellaw fil-fehim tal-problema, li jiġbru soluzzjonijiet, li jallokaw is-soluzzjonijiet skont il-ħtiġijiet speċifiċi u r-riżorsi ta' postijiet u kuntesti differenti. Jeħtieġ li nsaħħu l-pożizzjoni tal-komunitajiet Ewropej permezz ta' dawn il-ħiliet u noħolqu l-ambjenti abilitanti rilevanti għal aktar azzjoni mill-atturi mhux statali.

5.4. Hemm ħtieġa urġenti għal mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi li jirrikonoxxu u jwieġbu għall-potenzjal tas-sistema mmexxija mill-komunità u l-isfidi tagħha, li teħtieġ appoġġ flessibbli u ċentrali sabiex tiġi stabbilita u sostnuta, u kapital għan-negozji ġodda friskju għal proġetti ikbar, kif ukoll mentoraġġ u appoġġ professjonali. Il-Patt Klimatiku jista' johlq rotta siewja ħafna għall-innovaturi soċjali sabiex ikunu jistgħu jipprovdu feedback dwar l-ostakli ta' politika u dawk ekonomiċi, li jimblokkawhom u jpoġġuhom fi żvantaġġ u li ta' sikwit jistgħu jirrendu mhux vijabbli proġetti ta' trasformazzjoni b'żonnjużi ferm.

5.5. Ir-risponsi tal-kumpaniji huma referenza importanti ħafna, kif muri minn dawn l-eżempji:

- Kumpaniji multinazzjonali li jipproduċu l-ħwejjeġ li jintlibsu u jintremew, li jippromovu linja ta' bejgħ ta' ħwejjeġ użati, bħala strateġija ta' riċiklaġġ;
- Il-mentoraġġ ta' produtturi kbar taż-żejt u kumpaniji tal-assigurazzjoni, li se jkollhom jorjentaw mill-ġdid in-negozji tagħhom.

5.6. Eżempji ta' risponsi sinifikanti mis-settur finanzjarju jinkludu:

- Id-deċizzjoni tal-fondi ta' investiment li ma jinvestux fi proġetti li ma jikkunsidrawx il-parametru tal-klima;
- In-Network għall-Ekoloġizzazzjoni tas-Sistema Finanzjarja, imwaqqaf minn tmien banek ċentrali u superviżuri, għal finanzjament ekoloġiku.

⁽¹²⁾ Il-programm "Deep Demonstrations" tal-Climate-KIC tal-EIT jirrappreżenta "vantaġġ fit-tkabbir" ekonomiku potenzjali mill-aktar "sidien ta' sfidi" ambizzjużi tal-Ewropa biex jifhmu l-"ispazju tal-problema" tagħhom u d-"disinjaturi" biex ifasslu s-sistema u joħlqu portafoll ta' pożizzjonijiet ta' intervent.

6. Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-fehim pubbliku tal-azzjoni klimatika

6.1. Huma meħtieġa djalogi diretti maċ-ċittadini biex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar l-importanza ta' tranżizzjoni għal soċjetajiet aktar sostenibbli u komunitajiet lokali aktar b'saħħithom. Tali djalogi għandhom l-aktar valur miżjud meta jiġu organizzati fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali. Madankollu, gwida, koordinazzjoni u appoġġ mil-livell tal-UE jkunu essenzjali.

6.2. Primarjament, għandha tkun ir-responsabbiltà tal-pajjiżi individwali li jiżviluppaw sistema ta' regolamentazzjoni ambjentali li tkun ibbażata fuq l-ambjent lokali tagħhom u l-ħtiġijiet tiegħu, u li tkun aġġustata għall-iżvilupp sostenibbli ta' dak il-pajjiż. Ir-rikonoxximent tad-drittijiet tan-natura jkun element importanti ta' dan ⁽¹³⁾.

6.3. Kwalunkwe intervent fil-livell tal-UE għandu jiffassal b'mod konġunt mal-utenti, li jitgħallmu minn, jimmudellaw u jispiraw l-approċċ parteċipattiv meħtieġ fil-livelli l-oħra tal-iskala. Jeħtieġ li jinġiebu għarfien espert u riżorsi bil-għan li jappoġġjaw id-disinn u l-iffaċilitar ta' spazji kollaborattivi innovattivi, ir-rakkontar ta' stejjer interessanti u l-użu ta' teknoloġija innovattiva. Aspett fundamentali għas-suċċess tal-Patt Klimatiku se tkun il-ħila tal-komunitajiet involuti li jsiru l-aħjar rakkontaturi tal-istejjer possibbli, li jagħtu l-ħajja lill-futur mibdul li qed jippromovu, jesploraw u u jingħaqdu ma' ħtiġijiet u x-xewqat eżistenti, u jirresponsabilizzaw lin-nies biex jaġixxu.

6.4. Ambjent tan-network li jwassal għat-tħeġġiġ u l-appoġġ tal-azzjoni klimatika jeħtieġ pjattaforma online għall-iskambju tal-prattiki u l-lezzjonijiet meħuda mill-proġetti u l-approċċi. Tali pjattaforma parteċipattiva tista' tiffaċilita t-tagħlim bejn il-pari u l-kondiviżjoni tal-pariri fost l-atturi billi tgħinhom jegħlbu l-ostakli regolatorji. Din tista' tistimula l-edukazzjoni u l-innovazzjoni billi tipprovdri korsijiet online, webinars u sessjonijiet ta' ħidma.

6.5. Ir-rikonoxximent u l-komunikazzjoni kredibbli tal-azzjonijiet eżistenti jistgħu jkunu stimuli b'saħħithom biex tittieħed azzjoni klimatika. Il-finanzjament u riżorsi oħra, appoġġ tal-ispeċjalisti u s-setgħa li jissawru deċiżjonijiet li jħallu impatt fuq ix-xogħol tagħhom se jippermettu l-applikazzjoni usa' ta' approċċi li taw xhieda tal-effettività tagħhom.

6.6. L-ambaxxaturi għall-azzjoni klimatika jistgħu jingħataw il-kompitu li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn bosta atturi; jistabbilixxu priyoritajiet strateġiċi/tematiċi; jorganizzaw avvenimenti; u jinċentivaw azzjonijiet klimatiċi ġodda.

6.7. Tali Ambaxxaturi tal-Patt Klimatiku jistgħu jservu bħala punti fokali għal setturi differenti tal-ekonomija. Għandhom jinħatru wkoll ambaxxaturi speċifiċi għaż-żgħażagħ, il-komunitajiet lokali, il-bliet u r-reġjuni. L-ambaxxaturi fil-livell tal-UE jkollhom rwol differenti mill-ambaxxaturi fil-livell nazzjonali/reġjonali/lokali. Ikun hemm bżonn li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn id-diversi livelli.

6.8. Il-ħatra ta' membri tal-KESE u l-KtR bħala ambaxxaturi fil-livell tal-UE għall-kostitwenzi li jirrappreżentaw tkun ibbażata fuq in-networks estensivi tagħhom fost is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-korpi konsultattivi u l-Kummissjoni.

6.9. Pereżempju, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tan-negozju għandhom perspettiva reali, u jirrappreżentaw b'mod demokratiku l-ħaddiema f'diversi setturi. Dawn huma kruċjali fit-tiswir tal-miżuri differenti sabiex jakkomodaw il-ħtiġijiet tal-ħaddiema u n-negozji u jidentifikaw l-isfidi. L-ambaxxaturi tal-klima fil-livelli differenti fl-ambjent tat-trade unions u tan-negozji jistgħu jibbażaw fuq il-punti pożittivi tad-djalogu soċjali, jagħtu spinta lill-kondiviżjoni tal-informazzjoni b'mod effettiv u jstimulaw l-azzjoni klimatika. Din il-ħidma tat-trade unions teħtieġ ambjent istituzzjonali favorevoli għad-drittijiet fuq il-post tax-xogħol.

6.10. It-trasformazzjoni diġitali tibdel l-organizzazzjoni u l-mod tal-produzzjoni tal-kumpaniji, u bosta SMEs qed ibatu minħabba nuqqasijiet serji ħafna fid-diġitalizzazzjoni. It-tħassib ta' bosta ħaddiema huwa dwar l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq l-impjegji tagħhom, li jista' jwassal għal żieda fil-qgħad u l-inugwaljanzi.

⁽¹³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *Dokument ta' Riflessjoni "Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030"*; Opinjoni tal-KESE dwar *Il-ġustizzja klimatika* (ĠU C 81, 2.3.2018, p. 22).

6.1.1. Sabiex “jiġi promoss il-finanzjament u l-investiment ekoloġiku u tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta” fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni żviluppat tassonomija biex tinċentiva l-investimenti fi 8 gruppi ekonomiċi kbar u 70 settur tal-attività, li se jibdli drastikament il-produzzjoni tagħhom u l-kwantità u l-kwalità tal-impjegi tagħhom. F’dan id-dokument, il-pedament tal-Pjan ta’ Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, hemm biss referenza waħda għad-drittijiet tax-xogħol tal-istandards fundamentali tal-ILO.

7. Il-ħolqien ta’ spazji reali u virtwali għall-iskambju dwar il-klima

7.1. Il-Patt Klimatiku għandu jkun iffukat fuq ir-responsabbilizzazzjoni tan-nies biex jibdli s-sistemi — permezz tal-esplorazzjoni, l-esperimentazzjoni u d-dimostrazzjoni. Huma meħtieġa programmi ta’ edukazzjoni u taħriġ li jkopru l-ispettru kollu tas-soċjetà ċivili, u atturi mhux statali oħra. It-titjib fl-għarfien u l-fehim tal-isfida tal-klima billi wieħed juża approċċ aktar fil-fond u miftuħ, u billi titjeb il-kwalità tad-diskussjonijiet u l-konversazzjonijiet dwar il-problema fost il-partijiet interessati huwa kruċjali.

7.2. Se jkunu meħtieġa għodod lesti għall-implimentazzjoni biex jistrutturaw u jimmaniġġaw l-isfidi u jisfruttaw l-opportunitajiet ta’ innovazzjonijiet u tranżizzjonijiet tas-sostenibbiltà. Il-programm Orizzont 2020 tal-KE pproduċa u mexxa ħafna minn dawn l-għodod. F’ambjenti multidixxiplinari, għandu jiġi segwit l-approċċ “tagħlim permezz tal-azzjoni, bl-applikazzjoni tal-għodod għall-każijiet tal-utenti”.

7.3. L-immaniġġjar tal-partijiet interessati, il-perspettiva ta’ diversi livelli, il-ħolqien ta’ viżjoni u l-ippjanar billi jiġi ddefinit il-futur mixtieq u l-immaniġġjar tan-nieċ se jkunu kruċjali fil-mobilizzazzjoni tal-Patt Klimatiku. Din l-istruttura għandha l-għan li tiffaċilita l-proċess tas-soluzzjoni tal-problemi billi tistabbilixxi perkors għall-innovazzjoni tas-sistema għat-tibdil fil-klima u l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

7.4. Is-suċċess tal-Patt Klimatiku se jkun parzjalment definit bil-ħila tal-intraprenditorija u n-negozji li jattiraw finanzjament b’għotjiet minn sorsi pubbliċi, filantropiċi u privati. Tali finanzjament għandu l-ambizzjoni li jindirizza l-fallimenti tas-suq li kkawżaw it-tibdil fil-klima, għandu r-rieda għal bidla li tfixkel u jista’ jilħaq skala sinifikanti. Il-Qafas ta’ Finanzjament Multilaterali tal-UE, fondi pubbliċi u privati Ewropej u internazzjonali xprunati mill-missjoni b’rieda li jixprunaw bidla sistemika fl-oqsma tal-mitigazzjoni u l-adattament tal-klima jistgħu jintużaw biex jimmobilizzaw biljuni ta’ azzjonijiet klimatiki innovattivi. L-għan globali għandu jkun li jiġu ġġenerati r-riżorsi, l-esperjenza u l-kapaċità b’reazzjoni għal eżiti utli għat-tnaqqis fl-emissjonijiet u reżiljenza klimatika akbar li jistgħu jiġu mmultiplikati biex jaċċelleraw il-bidla u jiġġeneraw it-tama. Il-Patt Klimatiku għandu jilqa’ l-involviment tas-settur finanzjarju nazzjonali u internazzjonali, billi jinkludi l-fondi multilaterali u privati rilevanti. Barra minn hekk, is-sistema tat-taxxa għandha tirrifletti l-prinċipju tal-massimizzazzjoni u s-sostenn tal-ekonomija tal-benesseri.

7.5. L-inkorporazzjoni ta’ spazji fiżiċi u virtwali għall-iskambji tal-klima f’assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili eżistenti, li jinteraġixxu permezz tal-Pjattaforma tal-Partijiet Interessati tal-Patt Klimatiku, għandha tiġi kkunsidrata wkoll.

7.5.1. Fil-qasam tax-xogħol, ikun tajjeb li jitwaqqfu Osservatorji tal-Prospettiva, l-Analiżi u l-Interpretazzjoni tax-xogħol, il-bidliet organizzattivi u teknoloġiċi, li jkopru t-tmien gruppi tat-tassonomija, bil-parteċipazzjoni tat-trade unions, l-impjegaturi u l-amministrazzjonijiet, fil-livell Ewropew u tal-Istati Membri, b’appoġġ materjali mill-Kummissjoni.

8. Il-bini tal-kapaċitajiet għall-iffaċilitar ta’ inizjattivi fil-livell lokali

8.1. Il-qafas ġenerali għandu jiġi ddefinit b’mod ċar, sabiex jiġi evitati inkonsistenzi mal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

8.2. L-isfidi globali identifikati l-aktar mill-atturi tas-soċjetà ċivili għall-involviment fl-azzjoni klimatika huma nuqqas ta’ aċċess għall-finanzjamenti; nuqqas ta’ għarfien espert; nuqqas ta’ persunal; u nuqqas ta’ rikonossiment⁽¹⁴⁾, kif ukoll in-nuqqas ta’ narrattiva konsistenti mill-UE u l-gvernijiet nazzjonali.

⁽¹⁴⁾ Studju tal-KESE.

8.3. Diversi partijiet interessati ilhom jindikaw ambjenti regolatorji u amministrattivi kumplessi bħala ostakli għal azzjoni klimatika mhux statali. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u inizjattivi mmexxija mill-komunità jistgħu jibbenefikaw minn sforzi fil-bini tal-kapaċitajiet li jgħinuhom jorjentaw ruħhom fl-ambjenti regolatorji u amministrattivi.

8.4. L-għoti ta' appoġġ kemm materjali (assistenza teknika, bini tal-kapaċitajiet, finanzjament, eċċ.) u mhux materjali (rikonoxximent, viżibbiltà akbar, eċċ.), kif ukoll l-iffaċilitar tan-networking u l-konnessjonijiet ma' oqsma u proċessi tal-politika speċifiċi, għandhom ikunu elementi essenzjali ta' *Pjattaforma tal-Partijiet Interessati tal-Patt Klimatiku Ewropew* li għandha l-għan li tistimula l-azzjoni klimatika fil-prattika.

8.5. L-atturi mhux statali jistgħu jiffaċċjaw diversi sfidi fil-valutazzjoni tal-finanzjament għall-inizjattivi klimatiċi tagħhom, li jinkludu: rekwiżiti tad-daqs tal-proġett projbittivi, nuqqas ta' rieda mill-investituri privati biex jiffinanzjaw il-proġetti, proċessi u rekwiżiti kkumplikati għall-applikazzjoni u l-aċċess għall-fondi⁽¹⁵⁾. Ostakli oħra jinkludu nuqqas ta' għarfien dwar l-għażliet ta' finanzjament għall-klima, kapaċità amministrattiva u għarfien tekniku insuffiċjenti biex jiġu żgurati l-limitazzjonijiet ta' finanzjament, baġitarji u regolatorji, l-iżgurar tal-bankabbiltà tal-investimenti potenzjali, il-limitazzjonijiet politiċi u d-diffikultajiet biex jiġu ssodisfati kriterji ta' eleġibbiltà preskrittivi żżejjed għall-fondi tal-UE u dawk internazzjonali⁽¹⁶⁾.

8.6. Il-KESE ppropona l-istabbiliment ta' Forum dwar il-Finanzjament għall-Klima, li jlaqqa' flimkien lil partijiet interessati prinċipali biex jindirizzaw il-kwistjonijiet ewlenin, jidentifikaw l-ostakli, jiddisinnaw soluzzjonijiet u jidentifikaw l-aktar mekkaniżmi effiċjenti għal titjib fid-distribuzzjoni tal-finanzjament f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Għaddejj studju⁽¹⁷⁾ biex jiġi propost pjan ta' azzjoni u biex, fl-aħħar mill-aħħar, jittejjeb l-aċċess tal-atturi klimatiċi mhux statali għall-finanzjament.

9. Lejn Pjattaforma tal-Partijiet Interessati tal-Patt Klimatiku Ewropew

9.1. Fid-dawl tal-esperjenzi pożittivi bil-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari, il-KESE jipponi li tiġi stabbilita Pjattaforma tal-Partijiet Interessati tal-Patt Klimatiku Ewropew simili.

9.2. L-inklużività, it-trasparenza u l-parteċipazzjoni ġenwina u s-sjeda mill-atturi klimatiċi lokali għandhom ikunu l-prinċipji ta' gwida għall-Pjattaforma.

9.3. Il-KESE talab biex it-tranżizzjoni għal ekonomija sostenibbli, newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, u effiċjenti fir-riżorsi tkun ġusta u ma tħalli l-ebda unità domestika, komunità, reġjun, settur u minoranza tibqa' lura⁽¹⁸⁾. Il-Pjattaforma tal-Partijiet Interessati tal-Patt Klimatiku Ewropew għandha tinkludi Osservatorju tat-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika biex jimmonitorja l-implimentazzjoni ta' politika dwar it-tibdil fil-klima tal-UE fil-livell nazzjonali u reġjonali u biex jiġbor data bħala appoġġ għall-iżvilupp tal-politika fil-livell kollha.

9.4. Il-KESE jappoġġja l-organizzazzjoni ta' Assembleji taċ-Ċittadini fl-Istati Membri biex jinfurmaw, jispiraw u jrawmu l-fehim u biex jingħataw pariri lil-livelli kollha ta' governanza fir-rigward tal-politiki dwar it-tibdil fil-klima. Il-Pjattaforma tal-Partijiet Interessati tal-Patt Klimatiku Ewropew tista' tippromovi l-esperjenzi ta' suċċess eżistenti u xxerred gwida u l-aħjar Prattiki lill-pajjiżi, ir-reġjuni u l-bliet interessati li jospitaw assembleji simili.

9.5. Il-Pjattaforma tal-Partijiet Interessati tal-Patt Klimatiku Ewropew tista' tingħata l-kompitu li torganizza Assemblea taċ-Ċittadini fil-livell tal-UE ospitata b'mod konġunt mill-KESE, il-KtR u l-PE bl-appoġġ tal-Kummissjoni.

9.6. Element essenzjali tal-Pjattaforma huwa li tkun ċentru li jibni l-kapaċitajiet u ċentru ta' finanzjament, li jipprovdi gwida, informazzjoni u edukazzjoni dwar il-politiki u l-istrateġiji dwar il-klima kif ukoll jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament għal proġetti fuq skala żgħira. Iċ-ċentru tal-UE kif ukoll iċ-ċentri nazzjonali jistgħu jiġu stabbiliti f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

⁽¹⁵⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *L-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għall-klima għal atturi mhux statali* (ĠU C 110, 22.03.2019, p. 14).

⁽¹⁶⁾ Rossi, L., Gancheva, M. and O'Brien, S., 2017.

⁽¹⁷⁾ Climate Finance Forum — modalities and first tasks (Forum dwar il-Finanzjament għall-Klima — modalitajiet u l-ewwek kompiti), Studju għall-KESE minn Milieu Consulting SPRL.

⁽¹⁸⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *Ħadd ma jitħalla jibqa' lura meta tiġi implimentata l-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli 2030* (ĠU C 47, 11.2.2020, p. 30).

9.7. Il-pjattaforma online tal-Partijiet Interessati tal-Patt Klimatiku Ewropew isservi biex toħloq spazji għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-għarfien, billi tiffaċilita n-networking u l-bini ta' impenji.

9.8. Il-Pjattaforma tal-Partijiet Interessati tal-Patt Klimatiku Ewropew tkun teħtieġ l-istabbiliment ta' grupp ta' koordinazzjoni magħmul minn rappreżentanti ta' diversi atturi. L-għażla tal-membri tal-grupp ta' koordinazzjoni se teħtieġ kriterji trasparenti u ċari sabiex tiġi żgurata l-inklużività u r-rappreżentanza, filwaqt li tinżamm governanza effiċjenti tal-istruttura. Għandhom jiġu rrappreżentati l-partijiet interessati li ġejjin: l-istituzzjonijiet tal-UE, is-soċjetà ċivili, inklużi n-negozju, it-trade unions, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-komunità tax-xjenza, il-komunità ta' finanzjament u ż-żgħażaġh. Il-partijiet interessati mill-istituzzjonijiet u s-setturi b'inqas riżorsi għandhom jingħataw biżżejjed riżorsi biex jipparteċipaw u jkollhom rwol fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĠJALI EWROPEW

IL-553 SESSJONI PLENARJA (IBRIDA) TAL-15 U S-16 TA' LULJU 2020

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Strateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri”**(COM (2020) 152 final)**

(2020/C 364/11)

Relatur: **Giulia BARBUCCI**Korelatur: **Indrė VAREIKYTė**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 22.4.2020
Bażi legali	L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċiżjoni tal-Bureau	18.2.2020
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	17.6.2020
Adottata fil-plenarja	16.7.2020
Sessjoni tal-plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	171/38/7

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE huwa konxju li l-pandemija tal-COVID-19 qed ikollha impatt fuq il-ġeneru, u ħarġet fid-dieher b'mod qawwi d-dimensjoni tal-ġeneru fl-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi. Din il-kwistjoni għandha titqies b'mod sħiħ fl-Istrateġija l-ġdida dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri. Il-Kummissjoni Ewropea għandha timplimenta l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri hija u tindirizza l-impatt tal-COVID-19, permezz ta' risponsi ta' politika mfasslin apposta u mmirati.

1.2. Il-KESE jirrakkomanda li jiġu adottati strateġiji għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-korpi u l-infrastrutturi kollha ta' programmazzjoni u ta' governanza, u jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati Membri biex jadottaw l-istess approċċ. Barra minn hekk, il-Kumitat jirrakkomanda l-adozzjoni ta' approċċ intersezzjonali għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, anke meta jiġu indirizzati diversi forum ta' diskriminazzjoni.

1.3. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw parteċipazzjoni bbilanċjata mil-lat tal-ġeneru fil-korpi konsultattivi u tekniċi stabbiliti biex jiddiskutu miżuri ta' politika għat-tnedija mill-ġdid tal-ekonomija u għall-prevenzjoni tal-emarġinazzjoni soċjali u ekonomika, fil-kuntest tal-COVID-19.

1.4. Barra minn hekk, il-KESE jhegġegħ lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-perspettiva tal-ġeneri tiġi integrata b'mod sħiħ fil-miżuri ta' rkupru tal-COVID-19, biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fit-tul bejn il-ġeneri permezz ta' approċċ strateġiku u strutturali, u biex tiġi promossa u tittejjeb il-parteċipazzjoni tan-nisa f'kull livell tas-suq tax-xogħol.

1.5. Il-KESE jappella għal impenn aktar b'saħħtu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss 2021-2027. Dan l-approċċ jeħtieġ ukoll li jiġi integrat fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u tas-sitt prijoritajiet tal-Kummissjoni għall-2019-2024, kif ukoll fir-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew.

1.6. Il-KESE jappoġġja l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri mfassla mill-Kummissjoni, u jistedinha tistabilixxi mekkaniżmu ta' koordinazzjoni li jinvolvi lill-Istati Membri kollha, lill-imsieħba soċjali u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

1.7. Il-KESE jappella lill-Istati Membri biex jadottaw miżuri speċifiċi biex itejbu l-gwida edukattiva u dwar il-karrieri bħala mezz biex tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet tal-ġeneru u biex jipprovdu riżorsi u għodod adegwati, li jwasslu għal approċċ aktar sensitiv għal kwistjonijiet relatati mal-ġeneru u għal tnaqqis fis-segregazzjoni fl-edukazzjoni u l-impjiegi abbażi tal-ġeneru.

1.8. Il-KESE jitlob azzjoni biex titneħħa d-differenza diġitali bejn il-ġeneri u biex tiġi inkorporata bis-sħiħ il-perspettiva tal-ġeneri fl-aġenda diġitali u fl-aġenda tal-intelliġenza artifiċjali (IA), fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, billi tiġi stabbilita aġenda speċifika flimkien ma' mekkaniżmu ta' monitoraġġ sensitiv għal-kwistjonijiet relatati mal-ġeneru appoġġjat minn indikaturi u ġbir ta' data diżaggregata skont il-ġeneru.

1.9. Id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa għadha waħda mill-forom ewlenin ta' inugwaljanza u diskriminazzjoni bejn il-ġeneri, kif ġie enfasizzat aktar mill-kriżi tal-COVID-19. Il-KESE jstieden lill-Kummissjoni tipproċedi bil-proposta għall-introduzzjoni ta' miżuri vinkolanti dwar it-trasparenza fil-pagi bejn il-ġeneri, u jinsab lest jaqdi rwol ewlieni fil-promozzjoni ta' strateġija għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri favur paga ugwali.

1.10. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromovu approċċ effettiv biex jevitaw kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa u biex in-nisa jingħataw protezzjoni. Il-KESE jirrakkomanda miżuri li jappoġġjaw u jadottaw inizzjattivi internazzjonali u Ewropej biex jeliminaw il-vjolenza fuq in-nisa. Il-KESE jista' jaħdem mal-imsieħba soċjali u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiżgura implimentazzjoni rapida ta' tali inizzjattivi.

1.11. Il-KESE jaqdi rwol ewlieni ta' sensibilizzazzjoni billi jiġbor u jxerred prattika tajba fost l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-rigward tal-għodod u l-infrastruttura organizzattiva biex jipprevjenu u jipprovdu protezzjoni minn fastidju sesswali fid-dar u fuq il-post tax-xogħol.

1.12. Il-KESE jirrakkomanda approċċ sistematiku għall-politiki tal-kura, li jinkludu diversi dimensjonijiet oħra ta' politika (it-trasparenza fil-pagi, is-servizzi pubbliċi, l-infrastruttura, it-tassazzjoni, it-trasport, l-aġenda diġitali u l-aġenda tal-intelliġenza artifiċjali u l-fondi tal-UE). L-Istati Membri tal-UE għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom biex iżidu l-provvista, l-affordabbiltà u l-kwalità ta' postijiet fl-edukazzjoni bikrija u fil-kura bikrija tat-tfal.

1.13. Il-KESE jstieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fil-ħidma biex itejbu l-parteċipazzjoni tan-nisa b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol, u b'hekk jimplementaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD), kif ukoll il-parteċipazzjoni ta' kull grupp ta' nisa vulnerabbli ieħor (inklużi n-nisa Rom u migranti).

1.14. L-opportunitajiet indaqs fil-parteċipazzjoni huma essenzjali għal demokrazija rappreżentattiva fil-livelli kollha — Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali. Il-KESE jappoġġja l-parteċipazzjoni ugwali u l-bilanċ bejn il-ġeneri fit-teħid tad-deċiżjonijiet, u fil-ħajja politika, ekonomika u soċjali, inkluż fl-istrutturi tad-djalogu soċjali u ċiviku. Huma mehteieġa azzjonijiet pożittivi bbażati fuq miżuri leġislattivi, baġitarji, volontarji, organizzattivi u kulturali sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-livell baxx ta' rappreżentanza u parteċipazzjoni tan-nisa fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

1.15. Għal darb'oħra, il-KESE jistieden lill-Kunsill jipproċedi bid-diskussjoni dwar id-direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet korporattivi.

1.16. Il-KESE jhegġegħ lill-midja u lis-settur tar-reklamar biex jappoġġjaw parteċipazzjoni aktar bbilanċjata tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċizzjonijiet u biex jikkontribwixxu biex jeliminaw l-isterjotipi tal-ġeneri fil-kontenut tal-midja, billi jadottaw kodiċijiet ta' kondotta u mekkaniżmi li jiżguraw bilanċ bejn il-ġeneri fil-korpi tat-teħid ta' deċizzjonijiet.

1.17. Il-KESE jistieden lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (EIGE) biex fl-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri jinkludi fokus tematiku dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-midja, biex jiġu enfasizzati l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri.

2. Introduzzjoni

2.1. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri mhijiex biss valur ċentrali tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, iżda hija wkoll mandat vinkolanti biex tittieħed azzjoni ⁽²⁾. Il-Kummissjoni għamlet l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel prinċipju ta' gwida kif ukoll wieħed mill-għanijiet tal-mandat tagħha, iżda l-evidenza ⁽³⁾, ⁽⁴⁾, ⁽⁵⁾ turi li l-progress fil-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-UE miexi bil-mod ħafna. Din l-Opinjoni tal-KESE tħejjiet b'reazzjoni għall-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 li tnediet mill-Kummissjoni f'Marzu 2020, qabel infirxet il-pandemija tal-COVID-19. Il-KESE huwa konxju li l-pandemija tal-COVID-19 qed ikollha impatt fuq il-ġeneru, li għandu jitqies fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li din l-emerġenza qed taggrava l-inugwaljanzi relatati mal-ġeneru li diġà kienu jeżistu qabel il-kriżi. In-nisa huma dejjem aktar friskju ta' vjolenza, faqar, forom multipli ta' diskriminazzjoni u dipendenza ekonomika, b'hekk nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tieħu azzjoni minnufih biex timplimenta l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri hija u tindirizza l-impatt tal-COVID-19 fuq in-nisa u l-bniet, permezz ta' risponsi ta' politika mfaslin apposta u mmirati. L-istrateġija tirreferi għall-oqsma ta' intervent tagħha kif ġej:

2.1.1. **Il-vjolenza fuq in-nisa** tirrappreżenta waħda mill-aġhar forom ta' diskriminazzjoni abbażi tas-sess.

2.1.2. Il-Kummissjoni tappella għal **analisi sistematika**, għal miżuri aktar b'saħħithom biex jeliminaw l-isterjotipi u jeradikaw il-vjolenza sessista, il-fastidju, il-bullying u l-fastidju morali, u għall-introduzzjoni ta' miżuri biex jiġu protetti l-vittmi u biex l-awturi jinżammu responsabbli. L-abbuż domestiku żdied matul il-kriżi tal-COVID-19, bin-nisa jkunu aktar esposti għall-vjolenza mill-partner tagħhom f'pajjiżhom.

2.1.3. **L-impjeg tan-nisa** L-evidenza turi li d-differenzi bejn il-ġeneri fl-ekonomija — u l-iżbilanċ persistenti f'termini ta' responsabbiltajiet ta' kura — jillimitaw bil-qawwa l-emanċipazzjoni soċjali u ekonomika sħiħa tan-nisa, kif ukoll l-aċċess għal paga, introjtu u pensjoni ġusti. Ir-riskju ta' marġinalizzazzjoni ekonomika huwa ddeterminat ukoll minn sterjotipi persistenti kif ukoll minn forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni. In-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol huwa konsegwenza ta' diversi fatturi strutturali, b'mod ġenerali relatati mal-kwistjoni tal-ġeneri. Dawn il-fatturi mhux biss jillimitaw l-impatt tal-politiki ekonomiċi, iżda wkoll iċaħħdu lis-soċjetajiet u lill-ekonomiji tagħna mir-riżorsi eżistenti ta' ħiliet u talent femminili.

2.1.4. **Il-parteeipazzjoni bbilanċjata mil-lat tal-ġeneru fit-teħid tad-deċizzjonijiet** hija għan ewlieni, kif ukoll nuqqas li jidher b'mod persistenti. Sabiex tiġi indirizzata l-kumplessità tal-isfidi ekonomiċi u soċjali, jeħtieġ li tiddied il-parteeipazzjoni tan-nisa fil-pożizzjonijiet ta' tmexxija. Miżuri legiſlattivi huma alternattiva waħda biex jiġu indirizzati d-differenzi bejn il-ġeneri fuq medda qasira ta' żmien.

⁽¹⁾ L-Artikolu 2 tat-TUE.

⁽²⁾ L-Artikolu 8 tat-TFUE jiddikjara li: "Fl-azzjonijiet kollha tagħha l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u li tinkoraġġixxi ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa."

⁽³⁾ EIGE (2019) Gender Equality Index 2019 in brief: Still far from the finish line (Indiċi tal-EIGE (2019) dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2019 fil-qosor: għadna 'l bogħod minn fejn irridu naslu (Mhux disponibbli bil-Malti)).

⁽⁴⁾ European Commission (2019) New vision for Gender Equality (Viżjoni ġdida għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (Mhux disponibbli bil-Malti)).

⁽⁵⁾ Eurofound (2020) Gender equality at work (Ugwaljanza bejn il-ġeneri fuq il-post tax-xogħol (Mhux disponibbli bil-Malti)).

2.1.5. **L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri** hija l-istrategġija biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri permezz tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-istadji kollha tat-tfassil tal-politika. Fl-Istati Membri kollha tal-UE, l-infrastruttura ddedikata għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri⁽⁶⁾ hija responsabbli biex timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u tappoġġja l-integrazzjoni tal-istess perspettiva fl-aġenda politika. Tali mekkaniżmi istituzzjonali għandhom ikunu mgħammra aħjar b'mandat politiku aktar b'saħħtu u b'ħiliet imtejba biex iniedu l-għodod rilevanti (analiżi bbażata fuq l-evidenza, ġbir sistematiku ta' data diżaggregata skont il-ġeneru, ibbaġitjar skont il-ġeneru⁽⁷⁾, monitoraġġ u evalwazzjoni sensitivi għall-ġeneru).

2.1.6. **Il-fondi tal-UE għall-2021-2027** jirrappreżentaw opportunità biex tiġi appoġġjata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-KESE ħareġ Opinjoni⁽⁸⁾ li fiha jappella lill-Parlament u lill-Kunsill biex jintroduċu indikaturi ġodda u adegwati biex jimmonitorjaw aħjar il-kontribut finanzjarju tal-UE sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-għan huwa li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol (b'mod partikolari dawk li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli⁽⁹⁾), bħan-nisa b'diżabilità⁽¹⁰⁾ u n-nisa soġġetti għal forom multipli ta' diskriminazzjoni) u li jittejbu l-miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-kura tat-tfal u s-servizzi ta' kura fit-tul u l-infrastruttura. Il-kriżi tal-COVID-19 tenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati miżuri favur il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, li jsir investiment f'servizzi pubbliċi tal-kura ta' kwalità u aċċessibbli, u li jinżammu l-livelli tal-impjiegi kif ukoll l-appoġġ għall-introjt.

2.1.7. Il-KESE huwa tal-fehma wkoll li **l-finanzjament tal-UE għandu jiġi allokat b'mod aktar sensitiv għall-ġeneru**, li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha tkun għan separat, aktar milli tkun amalgamata ma' objettivi kontra d-diskriminazzjoni, u li l-perspettiva tal-ġeneri għandha tkun integrata aħjar fost l-objettivi speċifiċi l-oħrajn kollha, skont approċċ multidixxiplinari u trasversali.

3. Kummenti ġenerali dwar l-Istrategġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 u proposti għall-implimentazzjoni

3.1. Il-KESE jappoġġja l-approċċ tal-Kummissjoni biex terġa' tniedi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri bħala l-istrategġija għall-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jitlob li jitqies l-impatt speċifiku tal-pandemija tal-COVID-19 fuq in-nisa. L-approċċ doppju — azzjonijiet pożittivi u integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri — jeħtieġ li jkun inkorporat bis-siħh fil-governanza tal-mekkaniżmi tal-ipprogrammar finanzjarju. Dan l-approċċ jeħtieġ ukoll li jiġi integrat fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fis-sitt prijoritajiet tal-Kummissjoni għall-2019–2024⁽¹¹⁾, kif ukoll fir-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew.

3.2. L-infrastruttura istituzzjonali eżistenti għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livell tal-UE (DG JUST, EIGE, il-Parlament Ewropew u l-istituzzjonijiet tal-UE, kif ukoll il-korpi konsultattivi⁽¹²⁾ u t-Task Force għall-Ugwaljanza⁽¹³⁾), flimkien mad-data pprovduta mill-Eurofound u mill-EUROSTAT) għandha tkun integrata aħjar fil-proċess ta' governanza tal-politika tal-UE. Lil hinn mill-konfini speċifiċi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, din l-infrastruttura istituzzjonali għandha tkun parti integrali tal-mekkaniżmu ta' politiki li jindirizza d-dossiers ewlenin attwali (Aġenda Diġitali, Aġenda għall-Ħiliet, Patt Ekoloġiku Ewropew, Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ⁽¹⁴⁾), fost oħrajn).

⁽⁶⁾ EIGE (2019) Beijing +25 policy brief: Area H — Institutional mechanisms for the advancement of women: reduced efforts from Member States. (EIGE (2019) Beijing + 25 sommarju ta' politika: Qasam H — Mekkaniżmi istituzzjonali għall-avvanz tan-nisa: tnaqqis ta' sforzi mill-Istati Membri (Mhux disponibbli bil-Malti)).

⁽⁷⁾ <https://eige.europa.eu/gender-mainstreaming/toolkits/gender-budgeting>

⁽⁸⁾ ĠU C 110, 22.3.2019, p. 26, punt 1.8.

⁽⁹⁾ ĠU C 110, 22.3.2019, p. 26, punt 1.6.

⁽¹⁰⁾ EIGE, 2017, The European Pillar of Social Rights as an Opportunity for Gender Equality in the EU, p. 6 (Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali bħala Opportunità għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-UE (Mhux disponibbli bil-Malti)).

⁽¹¹⁾ https://ec.europa.eu/info/priorities_en

⁽¹²⁾ L-Artikolu 300 tat-TFUE.

⁽¹³⁾ Il-Kummissjoni waqfiet Task Force għall-Ugwaljanza magħmula minn rappreżentanti tas-servizzi kollha tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex tiżgura l-implimentazzjoni konkreta tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livell operazzjonali u tekniku, flimkien mal-azzjonijiet ewlenin elenkati fl-Istrategġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri. https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/qanda_20_357

⁽¹⁴⁾ <https://youthforeurope.eu/european-youth-goals-2019-2027/>

3.3. Il-KESE jikkondividi l-fehma li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri teħtieġ' approċċ ta' politika multidixxiplinari u trasversali, fejn issir enfasi fuq il-fatturi ta' attrazzjoni soċjali u ekonomiċi li jwasslu għal inugwaljanza bejn il-ġeneri, u fejn isir investiment f'fatturi abilitanti li jtejbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-KESE⁽¹⁵⁾ jappella għal approċċ strateġiku għall-monitoraġġ tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oġġettivi tematiċi kollha stabbiliti fil-qafas finanzjarju regolatorju l-ġdid 2021-2027.

3.4. Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-tnaqqis fir-ritmu tat-tkabbir ekonomiku fl-UE diġà huwa fatt, minħabba l-virus tal-COVID-19. Huwa importanti li l-effetti tal-politiki makroekonomiċi fuq il-ġeneri jiġu vvalutati bis-sħiħ u jitqiesu meta tiġi implimentata l-Istrateġija, biex jiġi evitat li l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri jiġu aggravati aktar⁽¹⁶⁾.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tindirizza l-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni eżistenti dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istrateġija, bil-għan li jsir rappurtar dwar il-kisbiet mill-perspettiva tal-ġeneri. Il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni jista' jindirizza wkoll kunsiderazzjonijiet speċifiċi għall-ġeneri fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fir-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew.

4.2. Il-KESE diġà stieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tirrakkomanda li l-pajjiżi tal-UE jistabbilixxu miri u indikaturi nazzjonali biex jimmonitorjaw is-sitwazzjoni permezz ta' tabella ta' valutazzjoni annwali.

4.3. Eliminazzjoni tal-vjolenza abbażi ta' sess

4.3.1. Fid-dar kif ukoll fl-ambjent tax-xogħol, in-nisa xorta huma aktar probabbli li jirrapportaw l-esponiment għal imġiba soċjali avversa u għall-vjolenza⁽¹⁷⁾. Il-KESE jista' jaqdi rwol ewlieni fil-promozzjoni ta' għarfien usa' dwar dan il-fenomeni għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe forma ta' vjolenza kontra n-nisa. L-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jappoġġjaw il-prevenzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-promozzjoni ta' kultura sensitiva għall-kwistjonijiet relatati mal-ġeneru, billi jissensibilizzaw u jiġbru u jiskambjaw Prattiki tajba.

4.3.2. Il-Ftehim qafas Ewropew tal-2007 tal-imsieħba soċjali dwar il-fastidju u l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol jirrappreżenta strument li jiggarantixxi post tax-xogħol ħieles mill-fastidju u l-vjolenza, li għandu jiġi applikat kullimkien fl-Ewropa u fi kwalunkwe post tax-xogħol irrispettivament mid-daqs tal-kumpanija.

4.3.3. L-inizjattivi internazzjonali u Ewropej biex jeliminaw il-vjolenza fuq in-nisa għandhom jiġu appoġġjati u adottati. Il-KESE jista' jipprovdi appoġġ konkret fir-rigward tal-Konvenzjoni tal-ILO dwar il-vjolenza u l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Il-Konvenzjoni 190 tal-2019 tal-ILO dwar il-vjolenza u l-fastidju għandha tiġi ratifikata u infurzata mill-gvernijiet kollha fil-livell internazzjonali u Ewropew kif ukoll mill-Unjoni Ewropea. Il-KESE jilqa' bi pjaċir ukoll l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex fl-2021 tipproponi miżuri sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul.

4.3.4. Wieħed mill-ostakli li jiffaċċjaw in-nisa biex jipparteċipaw f'attivitajiet online u f'networks soċjali huwa l-bullying ċibernetiku⁽¹⁸⁾. Il-KESE stieden lill-Kummissjoni Ewropea ssaħħaħ it-Task Force preċedenti dwar "Women in Digital" u s-segwitu tal-inizjattiva Digital4her⁽¹⁹⁾. Il-Kummissjoni Ewropea jeħtiġilha tallinja dawn il-miżuri volontarji ma' oqfsa leġislattivi dwar il-vjolenza fuq in-nisa.

4.3.5. Il-KESE ripetutament stieden lill-Kummissjoni taġġorna r-Rakkomandazzjoni dwar miżuri li jindirizzaw b'mod effettiv il-kontenut illegali online u l-kodiċi ta' kondotta dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda illegali online, li ġie miftiehem mill-Kummissjoni Ewropea u minn kumpaniji tal-IT globali, billi żżid il-fastidju u l-fastidju morali online fil-konfront tan-nisa mad-definizzjoni tad-diskors ta' mibegħda illegali⁽²⁰⁾.

⁽¹⁵⁾ ĠU C 240, 16.7.2019, p. 3.

⁽¹⁶⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 15.

⁽¹⁷⁾ Eurofound (2020), Gender equality at work, European Working Conditions Survey 2015 series, (L-ugwaljanza bejn il-ġeneri fuq il-post tax-xogħol, Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol serje 2015), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Luussemburgu (Mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹⁸⁾ EIGE, (2017) Gender equality and youth: opportunities and risks of digitalisation — Main report (L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u ż-żgħażaġh: l-oportunitajiet u r-riskji tad-diġitalizzazzjoni – Rapport ewlieni, (Mhux disponibbli bil-Malti)).

⁽¹⁹⁾ ĠU C 440, 6.12.2018, p. 37.

⁽²⁰⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 15.

4.3.6. Il-KESE jipproponi li jiġi stabbilit fond ġuridiku ta' emerġenza fil-livell tal-UE, li jkun jista' jipprovdi appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jikkontestaw leġislazzjoni nazzjonali jew lokali li tikser id-drittijiet tan-nisa fil-qrati ⁽²¹⁾.

4.4. L-eliminazzjoni tad-distakk bejn il-ġeneri

4.4.1. **L-edukazzjoni.** Għad hemm diskrepanzi bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni li jwasslu għal segregazzjoni abbażi tal-ġeneru fis-suq tax-xogħol, fl-impjiegi u fl-introjtu kif ukoll fl-ispariġġ fil-ħiliet ⁽²²⁾, ⁽²³⁾. Il-miżuri speċifiċi għandhom jindirizzaw is-sistema ta' gwida fl-edukazzjoni ⁽²⁴⁾. L-edukazzjoni għandha rwol importanti fl-eliminazzjoni tal-isterjotipi u l-preġudizzju, li jibda mill-iskola primarja.

4.4.2. It-teknoloġiji u l-ħiliet diġitali u tal-intelliġenza artifiċjali jridu jkunu aċċessibbli għal kulħadd, irrispettivament mill-ġeneru, l-età jew l-isfond soċjoekonomiku. Huwa importanti li jiżied in-numru ta' nisa u bniet fis-setturi tas-STEM u tal-ICT, li jitneħħa d-distakk diġitali li hu l-kawża tar-rappreżentazzjoni baxxa tagħhom, u li jiġu pprovduti aktar mudelli ta' rwol diġitali femminili biex jingħelbu l-isterjotipi, b'mod partikolari fid-dawl tal-impatt tal-kriżi attwali tal-COVID-19.

4.4.3. Il-promozzjoni tal-preżenza tan-nisa u l-bniet fl-impjiegi tal-iżviluppaturi tal-ICT tista' tgħin sabiex jingħeleb il-preġudizzju bbażat fuq il-ġeneri li jista' jkun hemm fit-tfassil ta' teknoloġija partikolari. Għalhekk huwa kruċjali li jiġi żgurat aċċess universali għal titjib tal-ħiliet fl-oqsma tas-STEM, tal-ICT u tal-intelliġenza artifiċjali, kif ukoll tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ħaddiema nisa friskju li jitilfu l-impjieg tagħhom minħabba li jkollhom livell baxx ta' profiċjenza fl-ICT.

4.4.4. Għandha tingħata attenzjoni speċifika u għandu jkun hemm miżuri speċifiċi biex jindirizzaw il-perspettiva tal-ġeneri fl-edukazzjoni finanzjarja.

4.4.5. **L-impjieg.** Id-disparitajiet bejn il-ġeneri fl-impjiegi wasslu għal lakuni fit-tul fl-introjtu, fl-aċċess għall-kreditu, fil-pagi u fil-pensjonijiet, u dawn jaggravaw ukoll ir-riskju ta' faqar, esklużjoni soċjali u/jew nuqqas ta' akkomodazzjoni. Irrispettivament mil-leġislazzjoni fil-livell tal-UE dwar it-trattament ugwali fl-impjiegi, id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa għadha waħda mill-forom l-aktar mifruxin ta' inugwaljanza u diskriminazzjoni bejn il-ġeneri.

4.4.6. In-negozjar kollettiv jista' jaqdi rwol importanti f'dan ir-rigward. Il-miżuri kollha għandhom jindirizzaw id-disparitajiet bejn il-ġeneri sabiex itejbu l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, itejbu l-kwalità tax-xogħol u jiżidu r-reżiljenza tas-suq tax-xogħol.

4.4.7. Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar miżuri vinkolanti dwar it-trasparenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel, li għandhom jiġu introdotti malajr kemm jista' jkun u jista' jkollhom rwol ewlieni biex jippromovu strateġija ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri favur pagi ndaqs. In-nisa jirrappreżentaw 70 % tal-ħaddiema kollha fis-settur tas-saħħa u l-kura soċjali f'104 pajjiżi (WHO) u 58,6 % madwar id-dinja fl-għadd ta' ħaddiema fis-settur tas-servizzi (ILO), xi ħaġa li hija ta' riskju għas-saħħa tagħhom minħabba l-pandemija. Il-preponderanza tas-segregazzjoni tan-nisa f'setturi b'paga baxxa u f'impjiegi prekarji tpoġġihom fuq quddiem f'termini ta' riskju ta' telf ta' impjiegi u problemi ta' saħħa.

4.4.8. L-impjiegi u l-kompiti mwettqa fis-setturi tal-kura, tat-tindif, tal-kummerċ u tas-saħħa jagħtu kontribut kbir lis-soċjetà u lill-ekonomija, kif enfasizzat ukoll matul il-kriżi tal-COVID-19. Dawn l-impjiegi u s-setturi, li tradizzjonalment jimpjegaw ħafna nisa, ta' spiss huma mħallsa inqas, sottovalutati u karatterizzati minn kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji. Huwa, għalhekk, essenzjali li jingħataw rikonossiment soċjali u valur ekonomiku korrispondenti akbar għal dawn l-okkupazzjonijiet, peress li dan se jikkontribwixxi biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-pagi u diskrepanzi oħrajn bejn il-ġeneri, u biex jitjieb il-valur ekonomiku u soċjali assenjat lil dawk l-impjiegi.

⁽²¹⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 15.

⁽²²⁾ Sors: Eurostat; Early leavers from education and training (code:SDG_04_10); Adult participation in learning (code: sdg_04_60); Tertiary educational attainment (code: sdg_04_20).

⁽²³⁾ Cedefop (2020) 2020 European Skills Index (Indiċi Ewropew tal-Ħiliet (Mhux disponibbli bil-Malti)).

⁽²⁴⁾ Cedefop (2019) Briefing Note, Not just new jobs: digital innovation supports careers (Nota ta' informazzjoni, Mhux biss impjiegi ġodda: l-innovazzjoni diġitali tappoġġja l-karrieri (Mhux disponibbli bil-Malti)).

4.4.9. Aktar investiment fid-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku ikun jippermetti parteċipazzjoni akbar u aħjar tan-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol u jista' jgħin lil dawk b'responsabbiltajiet ta' kura jew lil dawk b'zonn l-għajnuna biex jegħlbu l-ostakli relatati mal-burokrazija u l-aċċess għas-servizzi pubbliċi ⁽²⁵⁾.

4.4.10. L-intraprendituri nisa għadhom jirrappreżentaw biss proporzjon żgħir tan-numru totali ta' imprendituri fl-UE. L-intraprenditorija tan-nisa kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jiġu appoġġjati meta jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kapital ta' investiment għal imprendituri nisa u jiġi promoss il-bilanċ bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċizzjonijiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji, fejn jittieħdu deċizzjonijiet dwar l-investimenti ⁽²⁶⁾.

4.4.11. **Il-kura u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata** In-nisa għadhom iwettqu sehem akbar ta' xogħol bla ħlas, għall-kura tat-tfal, għall-anzjani jew ix-xogħol tad-dar ⁽²⁷⁾. Il-miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, jew permezz ta' leġislazzjoni jew b'negozjar kollettiv, jistgħu jirrikonċiljaw aħjar il-ħtiġijiet kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel, kif ukoll tal-ħaddiema li jaġixxu wkoll bħala persuni li jipprovdu kura. Il-pandemija żiedet il-piż tax-xogħol tal-kura bla ħlas, speċjalment fi żminijiet meta l-iskejjel, l-iskejjel preprimarji u l-postijiet tax-xogħol jinsabu magħluqin minħabba l-kwarantina.

4.4.12. Il-KESE jappella għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata partikolarment fir-rigward ta' liv imħallas, biex jiġi żgurat li kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel jistgħu jibbenefikaw mid-dritt tagħhom għal kura. Barra minn hekk, il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu aktar sforzi biex jilhq u l-mira, li s'issa ma ntlahqtix, li 33 % tat-tfal taħt it-tliet snin ikunu f'arranġamenti ta' kura formali u biex iżidu mira għal indukrar tat-tfal wara l-ħin tal-iskola sabiex il-ġenituri jkunu jistgħu jaħdmu full-time jekk ikunu jixtiequ. Il-Kummissjoni għandha taħdem flimkien mal-Istati Membri biex tiżgura li l-miri jintlaħqu bis-sħiħ.

4.4.13. Il-KESE jappella lill-Istati Membri jużaw il-fondi tal-UE biex iżidu l-provvista, l-affordabbiltà u l-kwalità tas-servizzi u l-infrastruttura għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal.

4.4.14. Huwa meħtieġ ukoll li tittejjeb il-parteċipazzjoni tan-nisa b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol, billi tiġi implimentata l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD).

4.4.15. Minħabba t-tixjij tal-popolazzjoni, għandu jkun hemm enfasi aktar b'saħħitha fuq il-kura tal-anzjani meta jifasslu miżuri biex jiġu rikonċiljati l-bżonnijiet u biex jintlaħqu bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

4.4.16. Hemm b'zonn approċċ sistematiku għall-politiki tal-kura, kwistjoni li tinkludi diversi dimensjonijiet oħrajn ta' politika (l-infrastruttura, it-tassazzjoni, it-trasport, l-aġenda diġitali, is-saħħa u l-ħiliet, l-intelliġenza artifiċjali u l-fondi tal-UE), fejn id-djalogu soċjali, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jista' jkollhom rwol ewlieni.

4.5. Tintlaħaq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-teħid tad-deċizzjonijiet

4.5.1. L-opportunitajiet indaqs fil-parteċipazzjoni huma essenzjali għal demokrazija rappreżentattiva fil-livelli kollha — Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali. Il-KESE jappoġġja l-parteċipazzjoni ugwali u l-bilanċ bejn il-ġeneri fit-teħid tad-deċizzjonijiet, u fil-ħajja politika, ekonomika u soċjali, inkluż fl-istrutturi tad-djalogu soċjali u ċiviku. Huma meħtieġa azzjonijiet pożittivi bbażati fuq miżuri leġislattivi, baġitarji, volontarji, organizzattivi u kulturali sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-livell baxx ta' rappreżentanza u parteċipazzjoni tan-nisa fil-korpi tat-teħid tad-deċizzjonijiet.

4.5.2. Id-differenzi bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol ukoll joħlqu żbilanċ bejn il-ġeneri fit-teħid tad-deċizzjonijiet. Hemm id-doppju ta' rġiel milli nisa f'pożizzjonijiet maniġerjali fl-UE. In-nisa huma sottorappreżentati bħala maniġers kważi fis-setturi ekonomiċi kollha. Il-maniġment huwa l-aktar ibbilanċjat bejn il-ġeneri fis-settur pubbliku ⁽²⁸⁾.

⁽²⁵⁾ ĠU C 440, 6.12.2018, p. 37, punt 1.12.

⁽²⁶⁾ Eurofound (2019), Female entrepreneurship: Public and private funding, (Intraprenditorija tan-nisa: finanzjament pubbliku u privat) Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Lussemburgu (Mhux disponibbli bil-Malti).

⁽²⁷⁾ EIGE, 2017, The European Pillar of Social Rights as an Opportunity for Gender Equality in the EU, p. 8 (Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali bhala Opportunità għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-UE (Mhux disponibbli bil-Malti)).

⁽²⁸⁾ Eurofound (2018), Women in management: Underrepresented and overstretched?, (Nisa f'pożizzjonijiet maniġerjali: sottorappreżentati u ma jistgħux ilaħħqu?) Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Lussemburgu (Mhux disponibbli bil-Malti) .

4.5.3. Il-legislażzjoni tista' tgħin, iżda waħidha x'aktarx mhux se tinfluwenza l-mekkaniżmi tal-kultura u l-organizzazzjoni. Il-bilanċ bejn il-ġeneri fit-teħid ta' deċiżjonijiet, fil-ħajja politika, ekonomika u soċjali, jista' wkoll jintlaħaq bl-adozzjoni ta' approċċ ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, li għandu l-għan li jiżgura kundizzjonijiet pożittivi u sensibilizzazzjoni akbar dwar il-ġeneri sabiex tiżdied il-parteeipazzjoni tan-nisa fl-livell ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

4.5.4. Il-KESE jistieden lill-Kunsill jgħaddi għad-diskussjoni dwar id-Direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet korporattivi⁽²⁹⁾. Il-Kumitat jappella wkoll lin-negozji biex jassumu rwol ewlieni u jżidu b'mod sinifikanti l-parteeipazzjoni tan-nisa f'pożizzjonijiet għoljin tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

4.5.5. Il-Kumitat irrakkomanda⁽³⁰⁾ li tingħata kunsiderazzjoni għal strateġiji u għodod effettivi (eż. miżuri legali, baġitarji u volontarji, kwoti tal-ġeneru) biex jintlaħaq bilanċ bejn il-ġeneri f'karigi eletti u nominati fi strutturi politiċi ewlenin, u jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tkompli tappoġġja lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni f'dan il-qasam. Għalhekk, il-Kumitat jistieden għal darb'oħra⁽³¹⁾ lill-Kunsill jirrevedi l-linji gwida tiegħu għall-ħatra ta' membri tal-KESE sabiex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u demografiċi fi ħdan l-Unjoni.

4.6. L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri

4.6.1. L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri hija l-aħjar approċċ għall-integrazzjoni fost l-atturi kollha u fil-livelli kollha, iżda d-dimensjoni operattiva tagħha u kif tiġi implimentata jeħtieġ li jitjiebu.

4.6.2. Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, il-KESE jappella għal impenn aktar b'saħħtu favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-kundizzjonijiet abilitanti għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri maħsubin biex jiżguraw ir-rilevanza u l-koerenza tal-programmi, il-proġetti u l-fondi jridu jiġu implimentati u vvalutati b'mod effettiv.

4.6.3. Il-KESE jappoġġja l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri mfassla mill-Kummissjoni, u jistedinha tindirizza l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni eżistenti (Kumitat Konsultattiv dwar l-opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel, il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Integrazzjoni ta' Kwistjonijiet ta' Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u t-Task Force għall-Ugwaljanza) biex tissorvelja l-implimentazzjoni tajba tal-Istrateġija, tirrapporta dwar il-kisbiet u tiffaċilita l-iskambju ta' approċċi u esperjenza fil-livell tal-UE.

4.7. Il-ġeneru fil-midja

4.7.1. L-impatt tal-midja fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ilu jiġi sottovalutat, minkejja li dan għandu rwol kruċjali biex isawwar is-soċjetà. L-industrija tal-midja għandha taqdi rwol ewlieni biex tiżgura li r-reklamar ikollu impatt pożittiv aktar milli negattiv f'termini ta' rappreżentazzjoni u promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-soċjetà.

4.7.2. Biex titjeb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-industrija tal-midja, huwa kruċjali li tissaħħaħ il-parteeipazzjoni tan-nisa f'pożizzjonijiet għolja ta' teħid ta' deċiżjonijiet⁽³²⁾,⁽³³⁾, u li jiġu adottati kodiċijiet ta' kondotta u miżuri oħrajn⁽³⁴⁾⁽³⁵⁾ li jipprojbixxu s-sessiżmu u l-isterjotipi u li jappoġġjaw l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fit-trasformazzjoni organizzattiva tas-settur tal-midja u l-kontenut li tipprovdi.

4.7.3. Huwa importanti li jiġi rikonoxxut l-impatt tal-isterjotipi tal-ġeneru fil-kontenut tal-midja. Il-KESE jappella sabiex fl-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-EIGE li jmiss jiġi inkluż fokus tematiku għid — Midja u Reklamar.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽²⁹⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 15.

⁽³⁰⁾ ĠU C 240, 16.7.2019, p. 1.

⁽³¹⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 30.

⁽³²⁾ Gender Equality Index, EIGE (2019) (Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (Mhux disponibbli bil-Malti)).

⁽³³⁾ Gender Statistics Database, EIGE (2020) (Bażi tad-data ta' Statistika dwar il-Ġeneri (Mhux disponibbli bil-Malti)).

⁽³⁴⁾ <https://eige.europa.eu/gender-mainstreaming/good-practices/denmark/kvinfo-expert-database>

⁽³⁵⁾ [http://www.womeninnews.org/ckfinder/userfiles/files/Gender%20Balance%20Guidebook_FINAL_RGB%20\(1\).pdf](http://www.womeninnews.org/ckfinder/userfiles/files/Gender%20Balance%20Guidebook_FINAL_RGB%20(1).pdf)

ANNEX

L-emendi li ġejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċevew aktar minn kwart tal-voti (Artikolu 59(3) tar-Regoli ta' Proċedura):

1. Punt 1.9

Ibdel it-test kif ġej:

1.9. *Id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa għadha waħda mill-forom ewlenin ta' inugwaljanza u diskriminazzjoni bejn is-sessi, kif ġie enfasizzat aktar mill-kriżi tal-COVID-19. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tqis il-konsegwenzi drammatiki tal-kriżi tal-COVID-19 għall-kumpaniji u b'mod partikolari l-SMEs, tikkunsidra li tipposponi l-proposta legali u vinkolanti u tuża ż-żmien disponibbli biex twettaq konsultazzjoni adegwata mal-imsieħba soċjali, ~~tipproċedi bil-proposta għall-introduzzjoni ta' miżuri vinkolanti dwar it-trasparenza fil-pagi bejn is-sessi, u jinsab~~ Il-KESE jinsab lest jaqdi rwol ewlieni fil-promozzjoni ta' strateġija għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri favur paga ugwali.*

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 70

Kontra: 120

Astensjonijiet: 13

2. Punt 4.4.7

Ibdel it-test kif ġej:

4.4.7. *Il-KESE jinnota jilqa' bi pjaċir l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar miżuri vinkolanti dwar it-trasparenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel, li għandhom jiġu introdotti malajr kemm jista' jkun u jista' jkollhom rwol ewlieni biex jippromovu strateġija ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri favur pagi ndaqs. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tqis il-konsegwenzi drammatiki tal-kriżi tal-COVID-19 għall-kumpaniji u b'mod partikolari l-SMEs, tikkunsidra li tipposponi l-proposta legali u vinkolanti u tuża ż-żmien disponibbli biex twettaq konsultazzjoni adegwata mal-imsieħba soċjali. In-nisa jirrappreżentaw 70 % tal-ħaddiema kollha fis-settur tas-saħħa u l-kura soċjali f'104 pajjiżi (WHO) u 58,6 % madwar id-dinja fl-għadd ta' ħaddiema fis-settur tas-servizzi (ILO), xi ħaġa li hija ta' riskju għas-saħħa tagħhom minħabba l-pandemija. Il-preponderanza tas-segregazzjoni tan-nisa f'setturi b'paga baxxa u f'impjiegi prekarji tpoġġihom fuq quddiem f'termini ta' riskju ta' telf ta' impjiegi u problemi ta' saħħa.*

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 70

Kontra: 121

Astensjonijiet: 12

3. Punt 4.4.8

Ibdel it-test kif ġej:

4.4.8. *L-impjiegi u l-kompiti mwettqa fis-setturi tal-kura, tat-tindif, tal-kummerċ u tas-saħħa jagħtu kontribut kbir lis-soċjetà u lill-ekonomija, kif enfasizzat ukoll matul il-kriżi tal-COVID-19. F'dawn l-impjiegi u s-setturi, li tradizzjonalment jimpegaw ħafna nisa, il-kriżi tal-COVID-19 potenzjalment tista' tinfluwenza l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom b'mod negattiv ta' spiss huma mħallsa inqas, sottovalutati u karatterizzati minn kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji. Huwa, għalhekk, essenzjali li jingħataw rikonoxximent soċjali u valur ekonomiku korrispondenti akbar għal dawn l-okkupazzjonijiet, peress li dan se jikkontribwixxi biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-pagi u diskrepanzi oħrajn bejn is-sessi, u biex jitjieb il-valur ekonomiku u soċjali assenjat lil dawk l-impjiegi.*

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 68

Kontra: 121

Astensjonijiet: 13

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali — Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u għall-fiduċja”

(COM(2020) 65 final)

(2020/C 364/12)

Relatur: **Catelijne MULLER**

Konsultazzjoni	Kummissjoni, 9.3.2020
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	25.6.2020
Adottata fil-plenarja	16.7.2020
Sessjoni plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	207/0/6

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jifraħ lill-Kummissjoni għall-istrateġija tagħha stabbilita fil-White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (IA), biex tiġi mħeġġa l-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-IA filwaqt li tiġi żgurata wkoll il-konformità tagħhom man-normi etiċi, ir-rekwiżiti legali u l-valuri soċjali Ewropej.

1.2. Il-KESE jilqa' wkoll l-għan li jiġu sfruttati l-punti ta' saħħa Ewropej fis-swieq industrijali u professjonali u jenfasizza l-importanza li jissaħħu **l-investment, l-infrastruttura, l-innovazzjoni u l-ħiliet** sabiex in-negozji, inklużi l-SMEs, u s-soċjetà kollha kemm hi jkunu jistgħu jaħtfu l-opportunitajiet tal-IA. L-innovazzjoni tal-IA jenhntieg li titrawwem biex jiġu massimizzati l-benefiċċji tas-sistemi tal-IA, filwaqt li fl-istess ħin jiġu evitati u minimizzati r-riskji tagħhom.

1.3. Madankollu, huwa jqis li l-attenzjoni fuq sempliċi IA mmexxija mid-data hija wisq stretta biex l-UE ssir il-veru mexxej fl-IA avvanzata, affidabbli u kompetittiva. **Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromovi wkoll ġenerazzjoni ġdida ta' sistemi tal-IA li huma mmexxija mill-għarfien u bbażati fuq ir-raġunament, u li jirrispettaw il-valuri u l-prinċipji tal-bniedem.**

1.4. Il-KESE jstieden lill-Kummissjoni biex: (i) **trawwem il-multidixxiplinarjetà fir-riċerka**, billi tinvolvi dixxiplini oħra bħal-liġi, l-etika, il-filosofija, il-psikoloġija, ix-xjenzi tax-xogħol, l-istudji umanistiċi, l-ekonomija, eċċ.; (ii) **tinvolvi lill-partijiet interessati rilevanti** (trade unions, organizzazzjonijiet professjonali, organizzazzjonijiet tan-negozji, organizzazzjonijiet tal-konsumatur, NGOs) fid-dibattitu dwar l-IA u bħala msieħba indaqg fi proġetti ta' riċerka u fi proġetti oħrajn iffinanzjati mill-UE bħas-Sħubija Pubblika-Privata dwar l-IA, djalogi mas-settur, u l-programm għall-adozzjoni tal-IA fis-settur pubbliku u ċ-ċentru ta' referenza; u (iii) tibqa' **teduka u tinforma lill-pubbliku ġenerali** dwar l-opportunitajiet u l-isfidi tal-IA.

1.5. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra aktar fil-fond **l-impatt tal-IA fuq l-ispettru sħiħ tad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet**, inklużi, iżda mhux limitati għad-dritt ta' proċess ġust, ta' elezzjonijiet ġusti u miftuħa, u ta' għaqda u dimostrazzjoni, kif ukoll id-dritt ta' nondiskriminazzjoni.

1.6. Il-KESE jibqa' **jopponi li tiġi introdotta kwalunkwe forma ta' personalità ġuridika għall-IA**. Din iddghajef l-effett ta' rimedju preventiv tal-liġi dwar ir-responsabbiltà u tkun ta' riskju serju ta' periklu morali kemm fl-iżvilupp kif ukoll fl-użu tal-IA, meta toħloq opportunitajiet għall-abbuż.

1.7. Il-KESE jappella għal **approċċ soċjotekniku kontinwu u sistematiku**, li jqis it-teknoloġija mill-perspettivi kollha u minn angoli diversi, minflok valutazzjoni tal-konformità minn qabel ta' darba (jew saħansitra waħda ripetuta b'mod regolari) tal-IA b'riskju għoli.

1.8. Il-KESE jwissi li r-rekwiżit tas-settur ta' "riskju għoli" jista' jeskludi ħafna applikazzjonijiet u użi tal-IA li b'mod intrinsiku huma ta' riskju għoli, flimkien mar-rikonoxximent bijometriku u l-IA użata fir-reklutaġġ. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni theggi lista ta' **karatteristiċi komuni ta' applikazzjonijiet jew użi tal-IA li huma meqjusa intrinsikament ta' riskju għoli**, irrISPettivament mis-settur.

1.9. Il-KESE jissuġġerixxi bil-qawwa li kwalunkwe użu tar-rikonoxximent bijometriku jkun permess biss: (i) jekk ikun hemm effett ippruvat b'mod xjentifiku, (ii) f'ambjenti kkontrollati, u (iii) taħt kundizzjonijiet stretti. **L-użu mifruq tar-rikonoxximent bijometriku bbażat fuq l-IA għas-sorveljanza jew għat-traċċar, il-valutazzjoni jew il-kategorizzazzjoni tal-bnedmin jew tal-imġiba jew l-emozzjonijiet tal-bnedmin għandu jiġi pprojbit.**

1.10. Il-KESE jirrakkomanda **involvement bikri u mill-qrib tal-imsieħba soċjali** meta jiġu introdotti sistemi tal-IA fuq il-postijiet tax-xogħol, f'konformità mar-regoli u l-prattiki nazzjonali applikabbli, sabiex jiġi żgurat li s-sistemi jistgħu jintużaw u jikkonformaw mad-drittijiet tal-ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

1.11. Il-KESE jirrakkomanda wkoll l-involvement bikri u mill-qrib ta' dawk tal-impjegati li fl-aħħar mill-aħħar se jkunu qegħdin jaħdmu b'sistema tal-IA, kif ukoll tal-ħaddiema li għandhom għarfien espert legali, dwar l-etika u fix-xjenzi umanistiċi, meta jintroduċu sistemi tal-IA, sabiex jiġi żgurat li s-sistemi jkunu allinjati mar-rekwiżiti legali u etiċi, kif ukoll mal-ħtiġijiet tal-ħaddiema, sabiex il-ħaddiema jżommu l-awtonomija fuq xogħolhom u li s-sistemi tal-IA jkunu tali li jtejbu l-ħiliet tal-ħaddiema u s-sodisfazzjon tax-xogħol.

1.12. **It-tekniki u l-approċċi tal-IA użati fil-ġlieda kontra l-pandemija tal-coronavirus għandhom ikunu robusti, effettivi, trasparenti u spjegabbli. Barra minn hekk, dawn għandhom jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji etiċi u l-leġislazzjoni eżistenti, u jkunu ġusti, inklużivi u volontarji.**

1.13. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tassumi rwol ta' tmexxija sabiex tiżgura koordinazzjoni aħjar fl-Ewropa tas-soluzzjonijiet u l-approċċi tal-IA użati fil-ġlieda kontra l-pandemija tal-coronavirus.

2. Il-White Paper tal-UE dwar l-IA

2.1. Il-KESE jinnota bi pjaċir li l-Kummissjoni Ewropea adottat ħafna mir-rakkomandazzjonijiet minn Opinjonijiet preċedenti tal-KESE u l-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-IA, jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-IA filwaqt li tiġi żgurata wkoll il-konformità tagħhom man-normi etiċi, ir-rekwiżiti legali u l-valuri soċjali Ewropej, sostnuti minn dik li ssejnhilha "ekosistema ta' eċċellenza u ta' fiduċja".

2.2. Il-KESE jilqa' l-proposti mmirati lejn in-negozji, inklużi l-SMEs, u s-soċjetà kollha kemm hi biex jinħatfu l-opportunitajiet tal-iżvilupp u l-użi tal-IA. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jissaħħu l-investment, l-infrastruttura, l-innovazzjoni u l-ħiliet biex jittejjeb is-suċċess kompetittiv tal-UE fil-livell globali.

L-approċċ human-in-command

2.3. Madankollu, il-White Paper hija wkoll xi ftit "fatalistika" fit-ton tagħha, u tissuġġerixxi li l-IA "hija dominanti fuqna", u b'hekk ma tħallilna l-ebda għażla oħra ħlief li nirregolaw l-użu tagħha. Il-KESE jemmen tassew fl-impenn tal-UE biex tiżgura li l-Ewropa taċċetta biss l-IA li tkun affidabbli u li għalhekk għandha tieħu pożizzjoni ferm aktar b'saħħitha dwar din il-kwistjoni. Għalhekk, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex dejjem iżżomm l-għażla miftuħa f'kull ħin li ma taċċettatax ċerti tipi ta' (użi ta') IA. Dan huwa dak li l-KESE ilu jappella għalih u li għandna bżonn nrawmu — approċċ "**human-in-command**" fir-rigward tal-IA.

Nisfruttaw l-IA fl-Ewropa — definizzjoni li tħares 'il quddiem

2.4. Id-definizzjoni ta' ħidma ta' IA fil-White Paper hija “ġabra ta' teknoloġiji li jgħaqqdu flimkien id-data, l-algoritmi u l-qawwa komputazzjonali”. Aktar 'l isfel fit-test, **data** u **algoritmi** huma ddefiniti bħala l-elementi ewlenin tal-IA. Madankollu, dik id-definizzjoni tkopri kwalunkwe software li qatt inkiteb, mhux biss l-IA. Għad ma hemm l-ebda definizzjoni ta' IA, li hija terminu ġeneriku għal firxa ta' applikazzjonijiet tal-kompjuter, li hija aċċettata b'mod universali.

2.5. **Is-sempliċi attenzjoni tal-White Paper fuq IA mmexxija mid-data hija wisq stretta biex l-UE ssir il-veru mexxej fl-IA avvanzata, affidabbli u kompetittiva.** Il-White Paper ma tqisx ħafna sistemi promettenti tal-IA, u għalhekk teskludi t-tmexxija u r-regolamentazzjoni tagħhom. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippromovi wkoll ġenerazzjoni ġdida ta' sistemi tal-IA li jintegraw approċċi mmexxija mid-data ma' **approċċi mmexxija mill-għarfien u bbażati fuq ir-raġunament**, l-hekk imsejħa sistemi ibridi. Filwaqt li l-White Paper tirrikonoxxi l-bżonn ta' sistemi ibridi għall-finijiet ta' **spjegabbiltà**, il-vantaġġi ta' sistemi ibridi madankollu jmorru lil hinn mill-ispejgabbiltà: jistgħu jżidu r-ritmu tat-tagħlim u/jew iżommuh lura, u jivvalidaw u jivverifikaw il-mudell tal-apprendiment awtomatiku.

2.6. Il-White Paper tiffoka biss fuq il-preġudizzju f'rabta mad-data, iżda mhux il-preġudizzji kollha jirriżultaw minn data ta' kwalità baxxa jew limitata. **Id-disinn ta' kwalunkwe artifatt huwa fih innifsu ġabra ta' għażliet ippreġudikati**, li jvarjaw mill-inputs ikkunsidrati sal-għanijiet stabbiliti li għalihom issir l-ottimizzazzjoni. Dawn l-għażliet kollha, b'xi mod jew ieħor, huma xprunati mill-preġudizzji inerenti tal-persuna/persuni li jagħmluhom.

2.7. Madankollu, aktar importanti minn hekk, is-sistemi tal-IA huma aktar mis-sempliċi total tal-komponenti tas-software tagħhom. **Is-sistemi tal-AI jikkonsistu wkoll fis-sistema soċjoteknika ta' madwarhom.** Għalhekk, meta wieħed jikkunsidra l-governanza u r-regolamentazzjoni tal-IA, l-attenzjoni għandha tkun fuq l-istrutturi soċjali u ambjentali ta' madwarha: l-organizzazzjonijiet u l-intrapriżi, il-professjonijiet varji, u n-nies u l-istituzzjonijiet li joħlqu, jiżviluppaw, jimmobilizzaw, jużaw u jikkontrollaw l-IA, u fuq in-nies affettwati minnha, bħaċ-ċittadini fir-relazzjonijiet tagħhom mal-gvernijiet, in-negozji, il-konsumaturi, il-ħaddiema, u anke s-soċjetà fl-intier tagħha.

2.8. Għandu jiġi nnotat ukoll li d-definizzjonijiet legali (**għall-fini tal-governanza u r-regolamentazzjoni**) huma **differenti mid-definizzjonijiet purament xjentifiċi**, filwaqt li għadd ta' rekwiżiti differenti jridu jiġu sodisfatti, bħall-inklużività, il-preċiżjoni, il-permanenza, il-komprensività, u l-prattikabbiltà. Uħud minn dawn huma rekwiżiti legalment vinkolanti u wħud jitqiesu Prattika regolatorja tajba.

Niġbru flimkien il-forzi kollha

2.9. Il-KESE jilqa' l-isforz biex jiġi indirizzat ix-xenarju frammentat tal-IA fl-Ewropa, li jinġbor flimkien ir-riċerkaturi tal-IA, jiffoka fuq l-SMEs u jstabbilixxi sħubijiet mas-setturi privati u pubbliċi. Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda: (i) trawwim tal-multidixxiplinarjetà fir-riċerka, billi jiġu involuti dixxiplini oħra bħal-liġi, l-etika, il-filosofija, il-psikoloġija, ix-xjenzi tax-xogħol, l-istudji umanistiċi, l-ekonomija, eċċ.; (ii) involviment tal-partijiet interessati rilevanti (trade unions, organizzazzjonijiet tan-negozju, organizzazzjonijiet tal-konsumatur, NGOs) fid-dibattitu dwar l-IA, iżda wkoll bħala msieħba indaq fi proġetti ta' riċerka u fi proġetti oħrajn iffinanzjati mill-UE bħas-Sħubija Pubblika-Privata dwar l-IA, id-djalogi mas-settur, u l-programm għall-adozzjoni tal-IA fis-settur pubbliku u ċ-ċentru ta' referenza; u (iii) li l-pubbliku ġenerali jibqa' jiġi edukat u informat dwar l-opportunitajiet u l-isfidi tal-IA.

L-IA u l-liġi

2.10. Il-White Paper tirrikonoxxi l-fatt li **l-IA ma toperax f'dinja mingħajr liġi**. B'mod partikolari, il-KESE jilqa l-enfasi fuq l-implikazzjonijiet tal-IA għad-drittijiet fundamentali u jirrakkomanda li l-Kummissjoni tqis f'aktar dettall l-impatti tal-IA fuq sett wiesa' ta' drittijiet fundamentali u libertajiet bħal-libertà tal-kelma u l-espressjoni, u d-dritt tar-rispett tal-ħajja privata (li jmur ferm 'il hinn mis-sempliċi protezzjoni tad-data tan-nies), ta' proċess ġust, ta' elezzjonijiet ġusti u miftuħa, ta' għaqda u dimostrazzjoni, u ta' nondiskriminazzjoni.

2.11. Il-KESE jilqa' l-pożizzjoni ċara meħuda fil-White Paper dwar l-applikabbiltà tas-sistemi ta' responsabbiltà eżistenti għall-IA u l-isforz biex titkompla l-ħidma fuq dawk is-sistemi sabiex jiġu indirizzati r-riskji l-ġodda li tista' toħloq l-IA, jiġu indirizzati l-lakuni marbuta mal-infurzar fejn ikun diffiċli li jiġi ddeterminat l-operatur ekonomiku reali responsabbli, u r-reġimi jsiru adattabbli għat-tibdil tal-funzjonalità tas-sistemi tal-IA.

2.12. Il-Kummissjoni għandha tirrikonoxxi wkoll li l-IA ma għandhiex frontieri u li l-isforzi ma jistgħux u m'għandhomx ikunu limitati għall-Ewropa. Għandu jintlaħaq kunsens ġenerali fid-dinja kollha, li jagħmel użu mid-diskussjonijiet u r-riċerka tal-esperti legali, fi sforz biex jiġi stabbilit qafas legali internazzjonali komuni.

2.13. Fi kwalunkwe każ, il-KESE **jibqa' jopponi bil-qawwa l-introduzzjoni ta' kwalunkwe forma ta' personalità ġuridika għall-IA**. Din iddgħajjed l-effett ta' rimedju preventiv tal-liġi dwar ir-responsabbiltà u tkun ta' riskju serju ta' periklu morali kemm fl-iżvilupp kif ukoll fl-użu tal-IA, meta toħloq opportunitajiet għall-abbuż.

Ir-regolamentazzjoni tal-IA b'riskju għoli

2.14. Il-KESE jilqa' l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-kontroll tal-impatti tal-IA. Il-Kummissjoni ħabbret qafas regolatorju għall-“IA b'riskju għoli”, li jkollu jikkonforma mar-rekwiżiti dwar ir-robustezza, il-preċiżjoni, ir-riproduċibbiltà, it-trasparenza, is-sorveljanza umana, u l-governanza tad-data. Skont il-White Paper, hemm żewġ elementi kumulattivi li jikkonstitwixxu l-IA b'riskju għoli: (i) settur b'riskju għoli u (ii) użu b'riskju għoli ta' applikazzjoni tal-IA. Il-White Paper iżżid żewġ eżempji ta' applikazzjonijiet jew użi tal-IA li jistgħu jitqiesu li b'mod intrinsiku huma ta' riskju għoli, jiġifieri irrispettivament mis-settur. Barra minn hekk, din tikkwalifika r-rikonoxximent bijometriku bħala applikazzjoni intrinsikament ta' riskju għoli. Il-lista eżawrjenti ta' setturi b'riskju għoli (filwaqt li tiġi rieżaminata minn żmien għal żmien) issa tinkludi s-setturi li ġejjin bħala potenzjalment ta' riskju għoli: il-kura tas-saħħa, it-trasport, l-enerġija u partijiet mis-settur pubbliku.

2.15. It-tieni kriterju, li l-applikazzjoni tal-IA tintuża b'mod riskjuż, hija inqas stretta, u tissuġġerixxi li jistgħu jiġu kkunsidrati livelli ta' riskju differenti. Il-KESE jissuġġerixxi li s-soċjeta' u l-ambjent jiżiedu hawnhekk bħala oqsma ta' impatt.

2.16. Skont il-loġika tal-White Paper, applikazzjoni tal-IA **b'riskju għoli** li tintuża f'settur **b'riskju baxx** fil-prinċipju ma tkunx soġġetta għall-qafas regolatorju. Il-KESE jenfasizza li effetti negattivi mhux mixtieqa tal-IA b'riskju għoli f'settur b'riskju baxx jistgħu jeskludu mir-regolamentazzjoni applikazzjonijiet jew użi tal-IA, u b'hekk jipprovdu “opportunità” biex jiġu evitati r-regoli: bħall-eżempju tar-reklamar immirat (settur b'riskju baxx), li ntwera li għandu effetti potenzjalment ta' segregazzjoni, diskriminazzjoni u diviżivi, pereżempju matul l-elezzjonijiet jew bi pprezzar personalizzat (użu jew effett b'riskju għoli). **Il-KESE jirrakkomanda li tiffassal lista tal-karatteristiċi komuni ta' applikazzjonijiet jew użi tal-IA li għandhom jitqiesu li huma ta' riskju għoli “kif inhuma”,** irrispettivament mis-settur li qed jintużaw fih.

2.17. Filwaqt li l-KESE jirrikonoxxi l-bżonn għall-ittestjar tal-konformità tal-IA, jibża' li **valutazzjoni tal-konformità minn qabel ta' darba** (jew anki waħda ripetuta b'mod regolari) mhix se tkun biżżejjed biex jiġi ggarantit l-iżvilupp affidabbli u ċentrat fuq il-bniedem, il-mobilizzazzjoni u l-użu tal-IA b'mod sostenibbli. **IA affidabbli teħtieġ approċċ soċjotekniku kontinwu u sistematiku**, li jħares lejn it-teknoloġija mill-perspettivi kollha u minn diversi angoli. Għat-tfassil tal-politika, dan jeħtieġ approċċ multidixxiplinari fejn dawk li jfasslu l-politika, akkademiċi minn varjetà ta' oqsma, l-imsieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet professjonali, il-professionisti, in-negozji u l-NGOs jaħdmu kontinwament flimkien. Speċjalment fdak li għandu x'jaqsam ma' servizzi ta' interess pubbliku b'rabta mas-saħħa, is-sikurezza u l-benesseri tan-nies u abbażi tal-fiducia, irid jiġi ggarantit li s-sistemi tal-IA huma adattati għal rekwiżiti prattiċi u ma jistgħux jieħdu preċedenza fuq ir-responsabbiltà tal-bniedem.

Rikonoxximent bijometriku

2.18. Il-KESE jilqa' l-istedina tal-Kummissjoni biex jagħti bidu għal dibattitu pubbliku dwar l-użu tar-rikonoxximent bijometriku mmexxi mill-IA. Ir-rikonoxximent bijometriku tal-mikroespressjonijiet, il-mod ta' kif wieħed jimxi, il-vuċi (it-ton tagħha), ir-rata tat-taħbit tal-qalb, it-temperatura, eċċ. diġà qed jintuża biex jiġu vvalutati jew saħansitra mbassra l-imġiba, l-istat mentali u l-emozzjonijiet tagħna, inkluż fil-proċessi ta' rekrutaġġ. Biex inkunu ċari ħafna, **ma teżisti l-ebda evidenza xjentifika soda li tissuġġerixxi li l-emozzjonijiet li persuna tħoss ġo fiha jew l-istat mentali tagħha jistgħu "jinqraw" b'mod preċiż mill-espressjoni tal-wieċ, mill-mod ta' kif wieħed jimxi, mir-rata tat-taħbit tal-qalb, mit-ton tal-vuċi jew mit-temperatura, wisq inqas li permezz tagħhom tista' titbassar l-imġiba futura tagħhom.**

2.19. **Għandu jiġu nnutat ukoll li r-regolament ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data jillimita biss sa ċertu punt l-ipproċessar tad-data bijometrika.** Ir-regolament ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data jiddefinixxi d-data bijometrika bħala "data personali li tirriżulta mill-ipproċessar tekniku speċifiku relatat mal-karatteristiċi fiżiċi, fiżjoloġiċi jew tal-imġiba ta' persuna fiżika, li tippermetti jew tikkonferma l-identifikazzjoni unika ta' dik il-persuna fiżika". Madankollu, ħafna teknoloġiji ta' rikonoxximent bijometriku, mhumiex iddisinjati biex jidentifikaw persuna b'mod uniku, iżda biss biex jivvalutaw l-imġiba jew l-emozzjonijiet tagħha. Jista' jkun li dawn l-użi ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' data bijometrika (ipproċessar) skont ir-r-regolament ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data.

2.20. Ir-rikonoxximent bijometriku mmexxi mill-IA jaffettwa wkoll id-dritt usa' tagħna tar-rispett tal-ħajja privata, l-identità, l-awtonomija u l-integrità psikoloġika billi joħloq sitwazzjoni fejn (b'mod kostanti) niġu osservati, segwiti u identifikati. **Dan jista' jkollu "effett disważiv" psikoloġiku, fejn in-nies jistgħu jħossuhom inklinati li jadattaw l-imġiba tagħhom għal norma partikolari.** Dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tagħna għall-privatezza (integrità morali u psikoloġika). Barra minn hekk, ir-rikonoxximent bijometriku mmexxi mill-IA jista' jaffettwa drittijiet fundamentali u libertajiet oħra, bħal-liberta tal-għaqda u d-dritt ta' nondiskriminazzjoni.

2.21. Il-KESE jirrakkomanda li kwalunkwe użu tar-rikonoxximent bijometriku **jkun permess biss jekk ikun hemm effett ippruvat b'mod xjentifiku, f'ambjenti kkontrollati u taħt kundizzjonijiet stretti.** L-użu mifrux tar-rikonoxximent bijometriku abbażi tal-IA biex isiru sorveljanza, traċċar, valutazzjoni jew kategorizzazzjoni tal-bnedmin jew tal-imġiba jew l-emozzjonijiet tal-bnedmin m'għandux ikun permess.

L-impatt tal-IA fuq ix-xogħol u l-ħiliet

2.22. Il-KESE jinnota li l-White Paper ma tinkludix strateġija dwar kif għandu jiġi indirizzat l-impatt tal-IA fuq ix-xogħol, filwaqt li dan kien element espliċitu tal-Istrateġija Ewropea dwar l-Intelliġenja Artifiċjali tal-2018.

2.23. Il-KESE jirrakkomanda **l-involvement bikri u mill-qrib ta' ħaddiema, u fornituri tas-servizzi, ta' kull xorta, inklużi l-ħaddiema freelance, ħaddiema għal rashom u ħaddiema temporanji** – mhux biss nies li jiddisinjaw jew jiżviluppaw l-IA, iżda wkoll dawk li jixtru, jimplementaw, jaħdmu b'sistemi tal-IA jew huma affettwati minnhom. **Id-djalogu soċjali għandu jsir qabel** l-introduzzjoni tat-teknoloġiji tal-IA fuq il-post tax-xogħol, f'konformità mar-regoli u l-prattiki nazzjonali applikabbli. Fuq il-post tax-xogħol, l-aċċess għad-data tal-ħaddiema u l-ġestjoni tagħha għandhom ikunu għwidi minn prinċipji u regolamenti nnegozjati mill-imsieħba soċjali.

2.24. Il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni b'mod speċjali għall-IA **użata fil-proċessi tar-rekrutaġġ, tat-tkeċċija, u tal-valutazzjoni u l-evalwazzjoni tal-ħaddiema.** Il-White Paper issemmi l-IA użata fir-rekrutaġġ bħala eżempju ta' applikazzjoni b'riskju għoli li tkun soġġetta għal regolamentazzjoni irrispettivament mis-settur. Il-KESE jirrakkomanda li dan il-kamp ta' applikazzjoni jiġi estiż biex jinkludi l-IA li tintuża għas-sensji u għall-proċessi ta' valutazzjoni u evalwazzjoni tal-ħaddiema, iżda wkoll biex ikunu esplorati l-karatteristiċi komuni tal-applikazzjonijiet tal-IA li jistgħu jinkludu użu b'riskju għoli fuq il-post tax-xogħol, irrispettivament mis-settur. Applikazzjonijiet tal-IA li m'għandhomx bażi xjentifika, bħall-identifikazzjoni tal-emozzjonijiet permezz ta' rikonoxximent bijometriku, m'għandhomx ikunu permessi fl-ambjenti tal-postijiet tax-xogħol.

2.25. Iż-żamma jew il-kisba ta' ħiliet tal-IA huma meħtieġa biex in-nies ikunu jistgħu jadattaw għall-iżviluppi rapidi fil-qasam tal-IA. Iżda l-politika u r-riżorsi finanzjarji jeħtieġ li jkunu **diretti wkoll lejn l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet** f'oqsma li mhumiex se jiġu mhedda mis-sistemi tal-IA (jiġifieri kompiti fejn hija vitali l-interazzjoni tal-bniedem, bħas-servizzi ta' interess pubbliku relatati mas-saħħa, is-sikurezza u l-benesseri tan-nies u abbażi tal-fiduċja, fejn in-nies u l-magni jikkooperaw, jew kompiti li nixtiequ li jitkomplew jitwettqu min-nies).

3. L-IA u l-coronavirus

3.1. L-IA tista' tikkontribwixxi biex jinkiseb fehim aħjar tal-coronavirus u tal-COVID-19, kif ukoll biex tipproteġi lin-nies mill-esponiment, tgħin biex jinstab vaċċin u tesplora l-għażliet għall-kura. Iżda xorta huwa importanti li nkunu miftuħa u ċari dwar x'tista' u ma tistax tagħmel l-IA.

3.2. **Robustezza u effettività:** IA mmexxija mid-data biex tbassar ir-tixrid tal-coronavirus hija potenzjalment problematika, peress li d-data dwar il-coronavirus hija ftit wisq biex l-IA tagħti riżultati affidabbli. Barra minn hekk, il-ftit data li hemm disponibbli mhijiex kompluta u hija preġudikata. L-użu ta' din id-data għal approċċi ta' apprendiment awtomatiku jista' jwassal għal għadd kbir ta' negattivi foloz u pożittivi foloz.

3.3. **It-trasparenza** dwar id-data u l-mudelli użati, kif ukoll **l-ispjegabbiltà** tar-riżultati, huma essenzjali. F'dan il-mument partikolari, id-dinja ma tistax tirriska li tieħu deċiżjonijiet mingħajr bażi soda.

3.4. Fl-użu tal-IA fil-ġlieda kontra din il-pandemija, **ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji etiċi u l-legislażzjoni eżistenti** huma importanti aktar minn qatt qabel. B'mod partikolari meta l-għodod tal-IA potenzjalment jiksru d-drittijiet tal-bniedem, irid ikun hemm interess leġittimu għall-użu tagħhom, li jrid ikun strettament neċessarju, proporzjonat u, fuq kollox, bi żmien limitat.

3.5. Fl-aħħar nett, irridu nassiguraw il-**ġustizzja u l-inklużjoni**. Is-sistemi tal-IA li qed jiġu żviluppati biex tiġi miġġielda l-pandemija għandhom ikunu mingħajr preġudizzju u ma jiddiskriminawx. Barra minn hekk, dawn għandhom ikunu disponibbli għal kulħadd u jikkunsidraw id-differenzi soċjali u kulturali tal-pajjiżi differenti milquta.

Applikazzjonijiet ta' traċċar u rintraċċar u ta' sorveljanza tas-saħħa

3.6. Skont il-virologi u l-epidemjologi, il-ftuħ tas-soċjetà u l-ekonomija wara l-lockdown jeħtieġ traċċar, monitoraġġ u protezzjoni effiċjenti tas-saħħa tan-nies. Attwalment, qed jiġu żviluppati ħafna **apps** għall-monitoraġġ, it-traċċar u t-tweqqi ta' kontrolli tas-saħħa, attivitajiet li normalment (u storikament) twettqu minn professjonisti. Fid-dinja kollha, ħafna gvernijiet fdaw ħafna fl-applikazzjonijiet ta' traċċar u rintraċċar bħala mezz għall-ftuħ mill-ġdid tas-soċjetajiet.

3.7. L-użu ta' dawn it-tipi ta' applikazzjonijiet huwa pass radikali ħafna. Għalhekk huwa importanti li jiġu eżaminati b'mod kritiku **l-utilità, in-neċessità u l-effettività** tal-applikazzjonijiet, kif ukoll l-impatt soċjali u legali tagħhom, qabel tittieħed deċiżjoni biex jintużaw. L-għażla li wieħed ma jużax l-applikazzjonijiet trid tibqa' hemm, u għandha tingħata prijorità lis-soluzzjonijiet inqas invażivi.

3.8. **L-effettività u l-affidabbiltà** tal-applikazzjonijiet ta' traċċar u rintraċċar hija importanti ħafna, peress li l-ineffettività u n-nuqqas ta' affidabbiltà jistgħu jwasslu għal ħafna pożittivi foloz u negattivi foloz, għal sens falz ta' sigurtà, u għalhekk għal riskju akbar ta' kontaminazzjoni. Simulazzjonijiet xjentifiċi inizzjali jqajmu dubji serji dwar jekk l-applikazzjoni ta' traċċar hux se jkollha xi effett pożittiv fuq ir-tixrid tal-virus, anke jekk tintuża minn 80 % jew 90 % tan-nies. Barra minn hekk, applikazzjoni ma tistax tirreġistra ċirkostanzi speċifiċi, bħall-preżenza tal-plexiglass u twieqi jew li wieħed ikun liebes it-tagħmir ta' protezzjoni personali.

3.9. Barra minn hekk, **dawn l-applikazzjonijiet iwasslu biex jitwarrbu (parzjalment) diversi libertajiet u drittijiet tal-bniedem**, peress li jmissu l-libertà tagħna ta' assoċjazzjoni, id-dritt għas-sigurtà, ta' nondiskriminazzjoni u għall-privatezza.

3.10. Filwaqt li hija importanti ħafna, il-privatezza tinvolvi ħafna aktar mid-data personali u l-anonimità tagħna. Il-privatezza tinvolvi wkoll id-dritt li wieħed ma jkunx segwit, traċċat, u mqiegħed taħt sorveljanza. Ġie ppruvat, b'mod xjentifiku, li meta n-nies ikunu jafu li qed jiġu segwiti jibdeu jaġixxu b'mod differenti. Skont il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, dan l-"effett disważiv" huwa ksur tal-privatezza tagħna. L-istess kunċett wiesa' ta' privatezza għandu jiġi inkluż fid-dibattitu dwar l-IA.

3.11. Hemm riskju li d-data miġbura (issa jew fil-futur) ma tintużax biss fil-ġlieda kontra l-pandemija attwali, iżda wkoll biex jitfassal il-profil tan-nies u biex jiġu kkategorizzati u jingħataw punteġġ għal skopijiet differenti. Fil-futur aktar imbiegħed se jkun saħansitra possibbli li nimmaġinaw li **l-estensjoni indebita tal-użu tad-data** tista' twassal għal tip ta' tfassil ta' profili mhux mixtieq fis-superviżjoni u s-sorveljanza, aċċettazzjoni għall-assigurazzjoni jew il-benefiċċji soċjali, ir-reklutaġġ jew it-tkeċċija, eċċ. Għalhekk, id-data miġbura permezz ta' applikazzjonijiet bħal dawn fl-ebda ċirkostanza ma tista' tintuża għat-tfassil tal-profil, l-għoti ta' punteġġ tar-riskju, il-klassifikazzjoni, jew it-tbassir.

3.12. Barra minn hekk, **kwalunkwe soluzzjoni tal-IA użata f'dawn iċ-ċirkostanzi straordinarji, anke bl-aħjar intenzjonijiet, se toħloq preċedent**, irridu jew ma rridux. Kriżijiet preċedenti wrew li, minkejja kull intenzjoni tajba, miżuri bħal dawn fil-prattika qatt ma jitneħħew.

3.13. Għalhekk, l-użu tal-IA matul din il-pandemija għandu dejjem jitkejjel u jitqabbel ma' diversi kunsiderazzjonijiet, bħal: (i) hija effettiva u affidabbli? (ii) jeżistu soluzzjonijiet inqas invażivi? (iii) il-benefiċċji huma akbar mit-tħassib dwar is-soċjetà, l-etika u d-drittijiet fundamentali? u (iv) jista' jinkiseb kompromess responsabbli bejn drittijiet fundamentali u libertajiet konfliġġenti? Barra minn hekk, dawn it-tipi ta' sistemi **ma jistgħux jintużaw taħt l-ebda forma ta' obbligu jew sfurzar**.

3.14. Il-KESE jhegġegħ lil dawk li jfasslu l-politika **biex ma jirrikorru malajr wisq għal soluzzjonijiet b'rabta teknoloġika**. Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni, nirrakkomandaw li applikazzjonijiet b'rabta ma' proġetti mfassla biex jgħinu fil-kontroll tal-pandemija għandhom ikunu bbażati fuq riċerka soda fl-epidemjoloġija, is-soċjoloġija, il-psikoloġija, il-liġi, l-etika u x-xjenzi tas-sistemi. Qabel tittieħed deċiżjoni dwar l-użu ta' dawn is-sistemi, jeħtieġ li jsiru analiżijiet u simulazzjonijiet tal-effikaċja, in-neċessità u s-sensittività.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni ‘Pjan ta’ Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva”

(COM(2020) 98 final)

(2020/C 364/13)

Relatur: **Antonello PEZZINI**

Korelatur: **Cillian LOHAN**

Konsultazzjoni	Kummissjoni, 22.4.2020
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	25.6.2020
Adottata fil-plenarja	16.7.2020
Sessjoni plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	215/2/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) huwa konvint li s-sostenibbiltà hija wieħed mill-pilastru tal-iżvilupp tal-Ewropa tal-ġejjieni, permezz ta' tranżizzjoni għaqlija u parteċipattiva, appoġġjata mill-kultura tal-ekonomija ċirkolari.

1.2. It-tranżizzjoni lejn modi ċirkolari tal-ekonomija Ewropea ma tistax tiġi eparata mill-kuntest soċjoekonomiku li qed ikollha tiżviluppa fih bħalissa, iżda l-isfidi tal-kriżi tas-saħħa għandhom jinbidlu f'opportunità ta' bidu mill-ġdid, fuq pedamenti ġodda, bil-prerekwiżiti biex titħaffef il-preparazzjoni tal-modi ċirkolari l-ġodda.

1.3. Il-kultura l-ġdida li tinfed l-ekonomija ċirkolari għandha tkun opportunità biex jitħaffef il-kunċett tal-kejl tal-ġid tal-entitajiet territorjali, permezz ta' kriterji ġodda, jiġifieri lil hinn mill-PDG⁽¹⁾.

1.4. Għandha ssir enfasi akbar fuq it-tixrid ta' "kultura ċirkolari", permezz tal-edukazzjoni, il-bini tal-kapaċitajiet u aktar responsabbiltà, b'mod li l-persuni jiġu mħeġġa jadattaw u jibdli d-drawwiet u l-imġiba tagħhom ta' kuljum.

1.5. Il-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari (ECESP) jistħoqqilha tiġi msaħħa u tista' tappoġġja inizzjattivi ta' politika differenti li jkunu ta' għajnuma biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn iċ-ċirkolarità.

1.6. Il-Kumitat jilqa' l-proposti tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari (CEAP) u jqis li l-miżuri ta' tranżizzjoni għandhom jitqiesu sew meta jiġu mfassla l-pjani għar-rikostruzzjoni ekonomika u soċjali wara s-sitwazzjoni devastanti kkawżata mill-COVID-19.

⁽¹⁾ ĠU C 100, 30.4.2009, p. 53.

1.7. Huwa essenzjali li tiġi rikonoxxuta l-komplementarjetà li teżisti bejn it-tibdil fil-klima, il-politiki tal-ekonomija ċirkolari u r-responsabbiltà soċjali korporattiva, li jiġu enfasizzati l-karatteristiċi ċirkolari tal-enerġija fis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, speċjalment fis-setturi tal-bini u tat-trasport, mingħajr ma nħallu barra l-appoġġ għall-proċessi agrikoli u għas-sistema tal-ikel, li huma meħtieġa biex titnaqqas il-ħela.

1.8. Il-KESE jemmen li l-patt propost għall-ħiliet u x-xogħol fil-Fond Soċjali Ewropew Plus huwa opportunità eċċellenti biex jitwettqu l-programmi ppjanati.

1.9. Il-prattika tal-ekodisinn għandha tkompli tespandi, u b'hekk tiffaċilita d-durabbiltà tal-prodotti u l-irkupru ppjanat tal-komponenti, bħala stimolu għal suq dinamiku tal-materja prima sekondarja, appoġġjat minn interventi legalment vinkolanti, b'kontenut irriċiklat obbligatorju u rintraċċar diġitali.

1.10. Il-Kummissjoni, bħal fil-każ tal-“prodotti li jużaw l-enerġija”, għandha, bi ftehim mas-setturi kkonċernati, tippubblika atti delegati li jiddeterminaw il-karatteristiċi ta' prodotti ġodda li jistgħu jsiru nutrijenti ta' prodotti oħrajn.

1.11. Il-proċess tal-istandardizzazzjoni teknika tal-prodotti sostenibbli, qabel kollox mis-setturi li jużaw ħafna riżorsi, għandu jingħata importanza partikolari fil-kuntest tas-sistema ta' “kwalità u konformità”, billi jinvolvi l-valutazzjoni tal-konformità, bħall-użu usa' tal-akkwisti ekoloġiċi u tal-klassifikazzjoni tal-materja prima u tal-materjal sekondarju.

1.11.1. Il-korpi tal-istandardizzazzjoni nazzjonali, f'kooperazzjoni mal-korpi Ewropej⁽²⁾, għandhom jiżviluppaw malajr kemm jista' jkun rakkomandazzjonijiet⁽³⁾ u standards armonizzati, sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn ekonomija funzjonali ġdida.

1.12. L-implimentazzjoni Prattika tal-ekonomija ċirkolari se teħtieġ kollaborazzjoni kbira mill-partijiet interessati, u l-KESE jitlob li jkun hemm politiki ċari u appoġġ finanzjarju, speċjalment fir-rigward tar-reklamar, sabiex dan ma jibqax b'karatterizzazzjoni qawwija fuq il-konsum u, filwaqt li jiġu osservati r-regoli tas-suq ħieles, jiffavorixxi l-aspetti tad-durabbiltà tal-prodotti u tal-possibbiltà tal-użu mill-ġdid.

1.13. Il-KESE jqis li huwa fundamentali li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni u data aħjar dwar il-ġestjoni tal-prodotti, it-traċċabbiltà u t-trasparenza, permezz ta' speċifikazzjonijiet tal-prodotti u ta' teknoloġiji diġitali, li jippermettu l-fluss ta' informazzjoni dwar il-kompożizzjoni u dwar il-possibbiltà ta' tiswija.

1.14. Il-KESE jqis li huwa opportun li jiġi promoss, permezz ta' programmi Ewropej, l-ittestjar konkret ta' proċessi ta' ekonomija ċirkolari f'setturi differenti, f'numru sinifikanti ta' bliet Ewropej, ċentri agroalimentari u żoni rurali, sabiex jiġu kapitalizzati esperjenzi sinifikanti, fi ktajjen ta' produzzjoni u ta' konsum, li jistgħu jintużaw bħala Prattiki tajbin.

1.15. Il-KESE jemmen li għandu jiġi riservat spazju wiesa' għall-atturi pubbliċi u privati, fil-livell tal-prossimità territorjali, li jistgħu jaqdu rwol kruċjali biex jiġu ffaċċjati l-opportunitajiet ġodda, billi jiżviluppaw sħubijiet pubbliċi-privati, li jipproduċu eżempji ta' “responsabbiltà soċjali territorjali”⁽⁴⁾ u ta' responsabbiltà soċjali korporattiva, immirati lejn il-prinċipji taċ-ċirkolarità kollaborattiva.

1.16. Fl-aħħar nett, il-KESE jitlob li l-azzjonijiet kollha proposti jkunu soġġetti għal valutazzjonijiet tal-impatt xierqa li jqisu l-implikazzjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi.

2. Kuntest soċjoekonomiku — lejn ekonomija ċirkolari Ewropea

2.1. L-intrapriżi u l-konsumaturi qegħdin jirrikonoxxu dejjem aktar il-ħsara għall-iżvilupp sostenibbli kkawżata mill-mudelli ekonomiċi lineari adottati s'issa, ikkaratterizzati minn konsum għoli ta' materjali u riżorsi, bl-użu ta' tekniki ta' obsolescenza programmata u bl-inċentivi għax-xiri ta' prodotti dejjem ġodda.

⁽²⁾ CEN, CENELEC u ETSI.

⁽³⁾ Ara UNI, il-korp tal-istandardizzazzjoni tal-Italja, Regolament (UE) 1025/2012.

⁽⁴⁾ ĠU C 175, 28.7.2009, p. 63.

2.2. Fl-2019, aktar minn 92 biljun tunnellata ta' materjal ġew estratti u pproċessati, dawn ikkontribwew għal madwar nofs l-emissjonijiet globali ta' CO₂ (°), kif ukoll ħolqu problemi sinifikanti fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem.

2.2.1. L-estrazzjoni u l-ipproċessar tar-riżorsi jikkawżaw aktar minn 90 % tat-telfien globali tal-bijodiversità (°).

2.2.2. Madwar 20 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra huwa kkawżat mill-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' metalli u minerali mhux metalliċi (°).

2.2.3. Barra minn hekk, l-UE jkollha timporta, bi spiża konsiderevoli, il-parti l-kbira tal-ħtiġijiet tagħha ta' materja prima.

2.3. L-ekonomija ċirkolari, li tippromovi:

- responsabbiltà soċjali u ambjentali korporattiva;
- impjiegi ġodda lokali u ta' kwalità għolja;
- l-eliminazzjoni tal-iskart;
- l-użu kontinwu u sikur tar-riżorsi naturali;
- ċiklu ċirkolari tas-sistema ta' disinn-produzzjoni-distribuzzjoni-konsum;
- il-kwalifikazzjoni mill-ġdid u l-użu mill-ġdid tar-residwi fi tmiem ta' ħajjithom;

li tista' tiżviluppa ekonomija funzjonali, li tista' ggħib benefiċċji konsiderevoli għas-soċjetà.

2.4. Fil-preżent, 8,6 % biss tal-attività dinjija timxi fuq il-mudell ċirkolari. Madankollu, it-tranżizzjoni lejn tali dimensjoni teħtieġ kooperazzjoni kbira mill-pubbliku u mill-privat.

2.5. It-tranżizzjoni tal-ekonomija Ewropea lejn il-modi ċirkolari ma tistax tiġi sseparata mill-kuntest soċjoekonomiku li qed ikollha tiżviluppa fih bħalissa, f'mument fejn il-pandemija tal-coronavirus ikkawżat l-aġar reċessjoni ekonomika minn wara d-Depressjoni l-Kbira tal-1929.

2.5.1. Minħabba l-COVID-19, il-kumpaniji qegħdin jiffaċċjaw telf ta' dħul u ġew interrotti l-ktajjen ta' provvista, filwaqt li l-ġheluq ta' fabbriki u l-qgħad qegħdin jinfixxu ma' kullimkien.

2.6. It-tliet tipi ta' riskji ta' bħalissa — pandemiji mhux ikkontrollati, proġetti ta' politika ekonomika insuffiċjenti, u "iċ-ċinju iswed" ġeopolitiku (avveniment assolutament mhux mistenni) — jistgħu jifgħu lill-ekonomija globali f'depressjoni kontinwa, proprju waqt li l-komponenti kollha tas-soċjetà Ewropea qegħdin isiru konxji tal-fatt li għal żvilupp ekonomiku sostenibbli huwa meħtieġ li jintużaw modi li jqisu fl-istess ħin l-aspett teknoloġiku, iż-żieda fil-produttività u użu aktar effiċjenti tar-riżorsi.

2.7. Min-naħa l-oħra, l-isfidi li qiegħda tiffaċċja d-dinja jistgħu jinbidlu f'opportunità kbira, biex nerġgħu nibdew b'entużjażmu għal żvilupp sostenibbli, fuq pedamenti ġodda, li jkunu kapaċi jsibu l-kundizzjonijiet biex iħaffu l-ippjanar tal-modi ċirkolari.

2.8. Il-KESE esprima ruħu kemm-il darba dwar il-ħtieġa ta' tkabbir sostenibbli u inklużiv. Flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, nieda l-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari (ECESP) (°), fejn enfasizza li "minkejja s-suċċessi li nkisbu s'issa, hemm ostakli ċari għall-kisba tal-ekonomija ċirkolari".

2.9. Kif tenna l-grupp ta' koordinazzjoni tal-ECESP, it-tranżizzjoni lejn ekonomija inklużiva, newtrali għall-klima u ċirkolari għandha tibda mil-lum (°).

(°) Ara *Forum Ekonomiku Dinji, Circular Economy and Material Value Chains* (Economija Ċirkolari u Katini tal-Valur tal-Materjali – mhux disponibbli bil-Malti) 2020.

(°) Ara *Il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), Natural Resources for the Future We Want* (Riżorsi Naturali għall-Ġejjieni li Nixtiequ – mhux disponibbli bil-Malti), 2019.

(°) Ara *Il-Kummissjoni għat-Tranżizzjonijiet Enerġetiċi, Mission Possible: Reaching Net-Zero Carbon Emissions* (Missjoni Possibbli: Nilħqu n-Newtralità Karbonika – mhux disponibbli bil-Malti), 2018.

(°) EESC-2017-02666-05-00-decbur — Mandat tal-grupp ta' koordinazzjoni.

(°) *Joint statement on the new Circular Economy Action Plan (CEAP) by members of the Coordination Group (CG) of the European Circular Economy Stakeholder Platform – March 2020*. (Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid għal Ekonomija Ċirkolari (CEAP) mill-membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari – Marzu 2020).

2.10. Fis-6 ta' April 2020, il-KESE adotta dikjarazzjoni konġunta fejn jenfasizza li "fdawn iż-żminijiet ta' inċertezza kbira — pjan Ewropew komprensiv ta' rkupru ekonomiku biss jippermetti li jiġu indirizzati bl-aħjar mod il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 u tinbena mill-ġdid ekonomija Ewropea aktar sostenibbli u reżiljenti".

3. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea

3.1. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari l-ġdid (CEAP) jistabbilixxi għadd ta' inizjattivi ġodda li jkopru ċ-ċiklu sħiħ tad-disinn u tal-ħajja tal-prodotti, li jippermettu li-ċittadini u lin-negozji jipparteċipaw bis-sħiħ fl-ekonomija ċirkolari.

3.2. Bħala parti mill-istrateġija industrijali tal-UE, qegħdin jiġu proposti miżuri sabiex:

- **jiġi żgurati li l-prodotti sostenibbli jsiru r-regola fl-Unjoni**, b'att leġislattiv dwar l-istrateġija għall-prodotti sostenibbli, biex ikun żgurati li l-prodotti li jitqiegħdu fis-suq tal-UE jkunu ddisinjati biex idumu aktar;
- **il-konsumaturi jingħataw is-setgħa**, b'aċċess għal informazzjoni affidabbli bi "dritt għal tiswija" reali;
- **tiġi ffukata l-attenzjoni fuq is-setturi li l-aktar jużaw riżorsi u li għandhom potenzjal għoli ta' ċirkolarità**, bħal pereżempju:
 - **l-elettronika u l-ICT**: "Inizjattiva dwar l-Elettronika Ċirkolari";
 - **il-batteriji u l-vetturi**: qafas regolatorju għall-batteriji;
 - **l-imballaġġ**: rekwiżiti obbligatorji ġodda li jiddefinixxu dak li huwa permess fis-suq tal-UE;
 - **il-plastik**: rekwiżiti obbligatorji ġodda dwar il-kontenut irriċiklat;
 - **it-tessuti**: strateġija għda tal-UE biex jissaħħu l-kompetittività u l-innovazzjoni fis-settur;
 - **il-kostruzzjoni u l-bini**: strateġija ġenerali għal Ambjent Mibni Sostenibbli;
 - **l-ikel**: inizjattiva leġislattiva għda dwar prodotti li jstgħu jerġgħu jintużaw mill-ġdid sabiex jissostitwixxu l-imballaġġ u l-oġġetti ta' fuq il-mejda fir-ristoranti li jintużaw darba;
- **it-tnaqqis tal-iskart**: tiġi evitata l-ġenerazzjoni tal-iskart u li dan jinbidel friżorsa sekondarja ta' kwalità;
- **iċ-ċirkolarità tibda taħdem għan-nies, għar-reġjuni u għall-bliet**;
- **jissaħħaħ ir-rwol tal-istandardizzazzjoni**;
- **azzjonijiet trasversali**: iċ-ċirkolarità bħala prerekwiżit għan-newtralità klimatika;
- **azzjonijiet fuq livell globali**;
- **monitoraġġ tal-progress**.

Il-pjan jinkludi madwar 35 azzjoni matul il-perjodu ta' tliet snin, min-nofs l-2020 sa nofs l-2023, b'inizjattivi fl-oqsma tal-elettronika, tal-iskart, u fis-servizzi għan-nies u l-ambjent.

4. Kummenti ġenerali

4.1. Il-KESE jinsab konvint li s-sostenibbiltà hija waħda mill-pilastru tal-iżvilupp tal-Ewropa tal-ġejjieni u li, permezz ta' tranżizzjoni għajja u parteċipattiva lejn l-ekonomija ċirkolari, iċ-ċittadini, il-konsumaturi, l-intrapriżi u l-ħaddiema jkunu jistgħu, permezz ta' investimenti qawwija, jilqgħu għall-isfida u jikkontribwixxu mhux biss għar-rispett tal-ambjent, iżda wkoll għall-iżvilupp ta' idea ta' soċjetà miftuħa u inklużiva, li tissalvagwardja r-riżorsi għall-ġenerazzjonijiet futuri.

4.1.1. B'mod partikolari, il-proċessi agrikoli u s-sistema tal-ikel jistgħu jibbenefikaw ħafna mill-ekonomija ċirkolari sabiex tonqos il-ħela u jiġi żgurati benesseri taċ-ċittadini aħjar.

4.1.2. Se jkun hemm bżonn ta' investimenti qawwija biex jiġu żviluppati teknoloġiji ekoloġiċi, fertilizzanti organiċi ġodda u l-bijometan.

4.2. Il-Kumitat jilqa' s-sensjela ta' miżuri legiſlattivi u ta' politika proposti fis-CEAP u jqis li l-miżuri ta' tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari għandhom jitqiesu sew, speċjalment wara s-sitwazzjoni devastanti kkawżata mill-COVID-19.

5. Koerenza fil-livell Ewropew

5.1. Aħna nemmnu li huwa essenzjali li nirrikonoxxu l-komplementarjetà li teżisti bejn it-tibdil fil-klima u l-politiki tal-ekonomija ċirkolari. Huwa essenzjali wkoll li l-input tal-enerġija jkun ġej minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u ma jkunx lineari bħall-fjuwils fossili.

5.1.1. Iċ-ċirkolarità fl-użu tal-enerġija tista' sseħħ ukoll meta tingħata attenzjoni għall-iffrankar u għall-effiċjenza fl-enerġija, li qed issir dejjem aktar urġenti fis-settur tat-trasport.

5.2. L-iżvilupp tal-kapaċitajiet li huma meħtieġa għall-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari għandu jiġi mħeġġeġ fil-livelli kollha. Il-patt propost għall-ħiliet u x-xogħol fil-Fond Soċjali Ewropew Plus, huwa opportunità eċċellenti biex jitwettqu l-programmi pplanati.

5.3. Ir-rwol tal-akkwist pubbliku m'għandux jiġi sottovalutat biex tinkiseb din it-tranżizzjoni. Il-kriterji ambjentali minimi, li diġà huma inklużi fid-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku⁽¹⁰⁾, għandhom isiru obbligatorji, bi speċifikazzjonijiet tekniċi adegwati⁽¹¹⁾. Għandu jiġi offrut taħriġ speċifiku lill-kuntratturi sabiex ikun żgurat li jiġu offruti l-opportunitajiet ċirkolari kollha u biex jiġi evitat li l-ostakli eventwali ma jtellfux l-akkwisti ċirkolari.

5.4. Il-Kumitat iqis li huwa essenzjali li l-ħafna inizjattivi li jridu jitwettqu fix-xhur li ġejjin għandhom iqisu, b'mod espliċitu, kif jistgħu jtejbju ċ-ċirkolarità u s-sostenibbiltà tal-investimenti, speċjalment fil-pajjiżi strutturalment u finanzjarjament aktar vulnerabbli.

5.4.1. Dawn l-inizjattivi għandhom ikunu promossi f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet lokali u mal-forzi soċjali, b'attenzjoni partikolari għall-ħolqien ta' impjiegi aħjar u impjiegi ġodda.

5.5. Il-KESE jappoġġja l-opportunità li jiġu adottati rekwiżiti legalment vinkolanti biex jissaħħaħ is-suq tal-materja prima sekondarja, b'mod partikolari għall-imballaġġ, il-vetturi, il-materjali tal-kostruzzjoni u l-batteriji.

5.6. Element fundamentali biex jiġu implimentati l-proċessi ċirkolari huwa d-disinn ekoloġiku tal-prodotti. L-ambitu tal-ekodisinn għandu jkompli jespandi, sabiex isir parti integrali ta' kull fażi tal-produzzjoni, u b'hekk jiffaċilita l-irkupru tal-komponenti bħala mutur għal suq dinamiku tal-materja prima sekondarja.

5.6.1. Fid-dawl ta' dan, kif diġà ġara bil-"prodotti li jużaw l-enerġija"⁽¹²⁾, il-Kummissjoni għandha tippubblika atti delegati li jiddeterminaw il-karatteristiċi ta' diversi prodotti ta' użu komuni li, wara li jintużaw, jistgħu jsiru nutrijenti ta' prodotti oħrajn.

5.7. L-istandardizzazzjoni teknika fil-qasam tal-ekonomija ċirkolari hija partikolarment importanti. Minħabba t-trasversalità u l-kumplessità tas-suġġett, huwa essenzjali li jkun hemm koordinazzjoni b'saħħitha bejn id-diversi partijiet interessati, il-korpi ta' standardizzazzjoni differenti u l-attività tal-legiſlatur.

5.8. Il-proċess ta' standardizzazzjoni teknika tal-prodotti sostenibbli, speċjalment fis-setturi li jużaw ħafna riżorsi, huwa partikolarment importanti, speċjalment fil-proċessi tal-għoti ta' akkwisti pubbliċi ekoloġiċi u fil-klassifikazzjoni tal-materja prima u tal-materja sekondarja.

5.9. Il-KESE jitlob li l-azzjonijiet kollha proposti jkunu soġġetti għal valutazzjonijiet tal-impatt xierqa li jqisu l-implikazzjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi.

⁽¹⁰⁾ Id-Direttivi 2014/23/UE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1), 2014/24/UE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65), 2014/25/UE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

⁽¹¹⁾ Ara UNI/prassi di riferimento: 2019 Linee guida per la modalità di verifica del contenuto di riciclato e/o recuperato e/o sottoprodotto presente nei prodotti regolati da CAM (Criteri Ambientali Minimi) (Linji Gwida għall-verifika tal-kontenut riċiklat u/jew irkuprat u/jew prodott sekondarju soġġett għall-kriterji ambjentali minimi – mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹²⁾ Ara d-Direttiva 2005/32/KE (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29) kif riformulata mid-Direttiva 2009/125/KE (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

5.10. Id-dibattitu li għaddej dwar il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u kemm huma utli u meħtieġa biex tiġi indirizzata l-kwistjoni, li ġiet diskussa diversi drabi, li mmorru lil hinn mill-PDG, jiġifieri li jiġu inklużi elementi ġodda oħra minbarra dawk li jirrigwardaw il-prestazzjoni ekonomika li jintużaw bħalissa fit-tliet sistemi tal-kalkolu tal-PDG ⁽¹³⁾, bħal pereżempju il-ħolqien ta' sistemi ta' solidarjetà għal soċjetà inklużiva; l-għajxien fil-limiti tal-pjaneta tagħna; u distribuzzjoni ġusta tar-riżorsi.

6. Edukazzjoni u kultura

6.1. Skont il-KESE, huwa kruċjali li ssir enfasi akbar fuq it-tixrid ta' "kultura ċirkolari", permezz tal-edukazzjoni, il-bini tal-kapaċitajiet u aktar responsabilizzazzjoni, u fuq l-intensifikazzjoni tad-dialogu mas-soċjetà ċivili, b'mod li l-persuni jiġu mħeġġa jadattaw u jibdlu d-drawwiet u l-imġiba ta' kuljum tagħhom. Il-kooperazzjoni transettorjali b'saħħitha hija wkoll essenzjali.

6.1.1. Ir-responsabbiltà soċjali korporattiva bħala element konkret ta' ekonomija funzjonali tikkombina perfettament mal-kultura tal-ekonomija ċirkolari, peress li tippermetti sinerġija straordinarja bejn l-interessi tal-intraprendituri u dawk tal-impjegati, kif ukoll l-iżvilupp sostenibbli, li jkun immirat lejn it-tnaqqis tal-ħela u l-ħela bla bżonn.

6.2. Ikun xieraq li jsiru proposti għall-integrazzjoni ta' prinċipji tal-ekonomija ċirkolari fil-kurrikuli tal-iskejjel u programmi ta' edukazzjoni għolja, kif ukoll għall-finanzjament tal-edukazzjoni teknika b'ħiliet għolja u l-appoġġ għall-ħiliet kreattivi.

6.3. Il-programm Erasmus+ kien utli ħafna sabiex jiġi promoss l-iskambju ta' għarfien dwar l-ekonomija ċirkolari fost id-diversi pajjiżi Ewropej.

6.4. L-istudju kkummissjonat mill-KESE ⁽¹⁴⁾ u l-Opinjoni relatata NAT/764 dwar l-iżvilupp ta' sinerġiji fost id-diversi pjani direzzjonali tal-ekonomija ċirkolari, flimkien man-netwerk attiv fil-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari, jipprovdu bażi soda għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u għall-ħolqien ta' għarfien tal-partijiet interessati.

6.5. L-operaturi ekonomiċi u s-soċjetà ċivili jistgħu jibdew testjar konkret ta' proċessi ta' ekonomija ċirkolari f'setturi differenti, f'għadd sinifikanti ta' muniċipalitajiet Ewropej adatti, permezz ukoll tal-użu ta' fondi adegwati, bħall-Fond "Missjonijiet" tal-programm Orizzont Ewropa.

6.6. Madankollu, l-element fundamentali biex jiġu implimentati l-proċessi ċirkolari huwa d-disinn ekoloġiku tal-prodotti.

7. Il-konsumaturi bħala protagonisti tal-implimentazzjoni

7.1. L-implimentazzjoni Prattika tal-ekonomija ċirkolari se teħtieġ netwerk b'saħħtu ta' partijiet interessati li jkunu informati, involuti u konnessi. Il-politiki ewlenin u l-appoġġ strutturali għad-diversi gruppi interessati għandhom jiġu identifikati, riveduti b'mod regolari u kkomunikati b'mod effettiv.

7.2. Ir-rwol tar-reklamar għandu jiġi indirizzat ukoll, sabiex tonqos in-natura konsumista qawwiya tiegħu u, waqt li josserva r-regoli tas-suq ħieles, jiffavorixxi l-aspetti tad-durabbiltà tal-prodotti u l-possibbiltà ta' użu għdid mingħajr ma jaq' fir-reklamar qarrieqi.

7.2.1. Huwa importanti li r-reklamar ikun aktar iffukat fuq il-prinċipji tar-realiżmu, ix-xejriet u l-karatteristiċi tipiċi, fejn eżempji konkreti, l-approċċ lejn l-iżvilupp sostenibbli, u l-karatteristiċi pożittivi tad-durabbiltà tal-oġġetti jidhru li huma ta' valur għall-konsumatur u għas-soċjetà.

7.3. Id-dritt għal tiswija tal-prodotti bi prezzijiet ġusti u proporzjonati għandu jkun rikonoxxut u inkorporat fil-garanziji tal-prodott, inkluż permezz ta' miżuri fiskali u networks ta' tiswijiet lokali u aċċess iffaċilitat ⁽¹⁵⁾. F'dan ir-rigward, il-ġlieda kontra l-obsolenza ppjanata għandha ssir parti integrali tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u standards ġodda tal-prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, li jistgħu jissewewwew faċilment u jiġu rkuprati.

⁽¹³⁾ Ara ESA 2010 UE.

⁽¹⁴⁾ <https://www.eesc.europa.eu/en/our-work/publications-other-work/publications/circular-economy-strategies-and-roadmaps-europe-executive-summary>

⁽¹⁵⁾ Ara d-Direttiva 1999/85/KE tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 1999 dwar il-possibbiltà li tiġi introdotta rata ta' VAT imnaqqsa fuq servizzi li jinvolvu xogħol intensiv (ĠU L 277, 28.10.1999, p. 34): servizzi ta' tiswijiet fuq skala żgħira għar-roti, żraben u oġġetti tal-ġilda, ħwejjeġ, lożor u purtieri tad-dar, tiswijiet u rinnovazzjoni ta' djar privati, u s-servizzi ta' għajjnuna fid-dar.

7.4. Il-KESE jirrikonoxxi s-suċċess tas-sħubija bejnu u l-Kummissjoni Ewropea għall-iżvilupp ta' pjattaforma innovattiva interistituzzjonali (ECESP), u jistenna bil-ħerqa li jestendi l-mandat tagħha fil-futur.

7.4.1. Il-KESE jemmen li għandha tingħata kunsiderazzjoni lil distribuzzjoni differenti tat-tassazzjoni, li tnaqqas il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol sabiex tiżdied dik fuq ir-riżorsi u, b'mod partikolari, fuq prodotti inqas sostenibbli u dawk li għandhom obsolenza ċara.

7.4.2. Il-prinċipju ta' tassazzjoni aktar stretta għandu jiġi applikat fuq il-prodotti importati fl-UE li jidhru li ma jikkonformawx mal-kriterji tal-ekonomija ċirkolari.

7.5. Għandu jkun hemm rikonoxximent u appoġġ espliċitu għar-rwol tal-intrapriżi soċjali fl-ekonomija ċirkolari, b'mod li n-negozji b'esperjenza fl-użu mill-ġdid, fit-tiswijiet u fir-riġenerazzjoni jkunu jistgħu jibbenefikaw minn valur soċjali akbar, peress li huma impenjati favur l-iżvilupp tal-ħiliet tal-persuni l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà.

7.6. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li l-konsumaturi Ewropej jingħataw informazzjoni aħjar dwar il-ġestjoni tal-prodotti, li tinkludi l-vantaġġi ta' disinji u manifattura ċirkolari, kif ukoll dwar it-traċċabbiltà u t-trasparenza, billi jintużaw ukoll passaporti tal-prodotti u ta' teknoloġiji diġitali, bħall-blockchain, li jippermettu l-fluss ta' informazzjoni dwar il-kompożizzjoni, dwar il-possibbiltà ta' tiswija u dwar tmiem il-ħajja tal-prodotti.

7.7. L-informazzjoni affidabbli, komparabbli u verifikabbli hija importanti biex tippermetti lix-xerrejja jieħdu deċiżjonijiet aktar sostenibbli u b'hekk tnaqqas ir-riskju ta' kummerċjalizzazzjoni ambjentali qarrieqa ("green washing").

7.8. L-awtoritajiet lokali huma atturi ewlenin fil-ġestjoni tal-ilma, tal-iskart u tal-hubs sekondarji tal-materja prima. Jistgħu jvaraw sħubiji sperimentali, li huma essenzjali għall-iżvilupp tal-innovazzjoni ċirkolari.

7.9. Il-KESE jappoġġja l-iżvilupp tal-prinċipji tar-"responsabbiltà soċjali territorjali" diġà enfasizzata f'opinjonijiet preċedenti, li jiżguraw ir-responsabbiltà pubblika u privata tas-sostenibbiltà ċirkolari tat-territorju.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa”

(COM(2020) 67 final)

(2020/C 364/14)

Relatur: **Ulrich SAMM**

Korelatur: **Jakob Krištof POČIVAVŠEK**

Konsultazzjoni	Kummissjoni, 9.3.2020
Bażi legali	L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottat fis-sezzjoni	25.6.2020
Data tal-adozzjoni fis-sessjoni plenarja	16.7.2020
Sessjoni tal-plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	216/1/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) diġà laqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi tal-Kummissjoni biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ekonomija u soċjetà diġitali u issa jinsab kuntent li dan il-momentum qed jissaħħaħ permezz ta' pakkett ta' inizjattivi ġodda f'firxa wiesgħa ta' oqsma.

1.2. Il-KESE jirrakkomanda triq Ewropea għad-diġitalizzazzjoni billi jiġu sfruttati l-opportunitajiet għall-ekonomija flimkien mal-protezzjoni tad-data tagħna biex jiġu żgurati l-privatezza u l-awtodeterminazzjoni. L-approċċ li jqiegħed il-bniedem fiċ-ċentru tal-inizjattivi kollha tal-Kummissjoni huwa milqugħ tajjeb ħafna.

1.3. Il-KESE jemmen li l-Ewropa tinsab fit-triq it-tajba, iżda l-istorja għadha 'l bogħod mit-tmiem tagħha. Id-diġitalizzazzjoni qed tiżviluppa b'mod rapidu u l-leġislazzjoni Ewropea għadha żżomm il-pass. Dan jitlob qafas regolatorju sod u ambizzjuż, inklużi regoli etiċi vinkolanti legalment u regoli ċari dwar ir-responsabbiltà. Il-KESE huwa konvint li żvilupp dinamiku bħal dan jeħtieġ ukoll proċessi flessibbli u adattabbli li jirrikjedu djalogu kostanti bejn il-partijiet involuti — b'mod partikolari għandu jkun obbligatorju li l-impjegati jkunu jistgħu jesprimu l-fehma tagħhom. Il-KESE, bħala rappreżentant tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, huwa lest li jagħmel il-parti tiegħu f'dan ir-rigward.

1.4. Huwa importanti li jsir investiment fit-teknoloġiji futuri t-tajbin, li jiġi promoss it-taħriġ tal-persuni u li tinholq fiduċja fost iċ-ċittadini, filwaqt li jithegħgu jieħdu sehem attiv fit-trasformazzjoni. It-tranżizzjoni diġitali jeħtieġ li tkun għusta, sostenibbli u soċjalment aċċettabbli.

1.5. Il-KESE jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li għandna bżonn nibnu suq uniku Ewropew ġenwin għad-data — spazju Ewropew tad-data bbażat fuq ir-regoli u l-valuri Ewropej. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva għal strateġija industrijali għada tal-UE li se tistabbilixxi azzjonijiet li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn industrija tal-UE aktar diġitali, nadifa, ċirkolari u kompetittiva globalment b'kumpaniji sostenibbli, inkluża strateġija għall-SMEs.

1.6. Il-KESE jenfasizza li s-sovranità teknoloġika Ewropea m'għandhiex tiġi definita b'oppożizzjoni għal oħrajn u m'għandhiex telimina l-benefiċċji tal-kooperazzjoni globali. Madankollu, għandhom jitqiesu wkoll il-ħtiġijiet taċ-ċittadini Ewropej u tal-mudell soċjali Ewropew, bil-pilastru tal-UE tad-drittijiet soċjali bħala r-referenza tiegħu.

1.7. L-edukazzjoni u t-taħriġ li jipprovdu ħiliet diġitali huma essenzjali biex nitħejjew għal ħajja diġitali. Il-KESE jilqa' l-enfasi tal-Kummissjoni fuq il-kompetenzi u l-ħiliet diġitali, iżda jstieden lill-Kummissjoni biex tagħmel distinzjoni aħjar bejn il-kompetenzi tekniċi u soċjali, għalkemm it-tnejn huma ta' importanza vitali. Għandhom isiru sforzi addizzjonali u jridu jiġu pprovduti l-mezzi għat-taħriġ diġitali tal-membri ta' gruppi soċjalment vulnerabbli.

1.8. Il-futur diġitali tal-Ewropa bbażat fuq approċċ iċċentrat fuq il-bniedem se jkun ta' suċċess biss jekk in-nies jista' jkollhom fiduċja. Il-KESE jinnota li l-Kummissjoni beħsiebha tagħmel distinzjoni ċara bejn applikazzjonijiet b'riskju għoli, li għandhom ikunu soġġetti għal regolamentazzjoni stretta, u applikazzjonijiet b'riskju baxx, fejn ikun biżżejjed li wieħed joqgħod fuq l-awtoregolazzjoni u l-mekkaniżmi tas-suq. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon dan l-approċċ ġenerali, iżda jenfasizza wkoll li hemm bżonn ta' analiżi dettaljata u bir-reqqa tad-diversi applikazzjonijiet.

1.9. Il-KESE jilqa' wkoll l-approċċ iċċentrat fuq il-bniedem fir-rigward tal-isfidi li jirriżultaw mill-pjattaformi online għall-ħaddiema. Qafas legali msaħħa li jipprevjeni kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji u jiżgura d-drittijiet tal-ħaddiema online, inkluż in-negozjar kollettiv, huwa wieħed mill-aspetti importanti ta' dak l-approċċ.

1.10. Il-KESE jħoss li l-iżvilupp tas-servizzi pubbliċi diġitali għall-futur diġitali ma ġiex kopert, speċjalment peress li s-servizzi tal-gvern elettroniku transkonfinali jistgħu jsaħħu s-suq uniku (diġitali) u jtejbju r-regolamentazzjoni u l-koordinazzjoni pubbliċi.

1.11. Minħabba l-pandemija reċenti — u li għadha għaddejja — tal-coronavirus COVID-19, is-soċjetà qed taffaċċja verifika fil-prattika fir-rigward tal-użu tat-teknoloġija diġitali u dan ħoloq ħafna sfidi ġodda. Il-ħtieġa li wieħed jikkomunika, jistudja u jaħdem mill-bogħod uriet li ħafna nies mhumiex ippreparati b'mod adegwat għall-użu effettiv ta' teknoloġiji diġitali aġġornati, u l-infrastruttura diġitali lanqas ma tista' tiżgura aċċess ugwali u parteċipazzjoni inklużiva permezz ta' teknoloġiji diġitali.

1.12. Il-ħtieġa li jinbidlu d-drawwiet minħabba l-miżuri li hađu l-gvernijiet nazzjonali kontra t-tixrid tal-COVID-19 jista' jkollha effetti fit-tul fuq il-prattiki tal-konsumatur u fuq ir-relazzjonijiet tax-xogħol fit-tul. L-effetti pożittivi u negattivi ta' din il-bidla jridu jitqiesu meta jkunu qed jiġu żviluppati politiki ġodda f'dak ir-rigward. It-trasformazzjoni diġitali għandha tkun immonitorjata permezz ta' inizjattiva ta' riċerka komprensiva u orjentata lejn ix-xogħol iffinanzjata mill-UE dwar id-"diġitalizzazzjoni għal xogħol deċenti". Il-KESE huwa konvint li huwa biss b'disinn effiċjenti u faċli biex jintuża mill-impjegati tas-sistemi tal-Industrija 4.0 li d-diġitalizzazzjoni tista' tirnexxi fit-tul⁽¹⁾.

2. Introduzzjoni u kontenut essenzjali tal-Komunikazzjoni

2.1. B'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni l-ġdida tippreżenta dokument komprensiv li jiddeskrivi sensiela ta' inizjattivi li jgħinu biex jissawwar il-futur diġitali tal-Ewropa. Il-ħtieġa li l-Ewropa tmexxi t-tranżizzjoni ġusta lejn pjaneta b'saħħitha u dinja diġitali ġdida tirrikjedi li l-isfidi tat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali jimxu id f'id, sabiex it-teknoloġiji diġitali jappoġġjaw il-Patt Ekoloġiku fir-rigward tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

2.2. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni ħabbret pakkett ta' inizjattivi. Id-diversi inizjattivi ppreżentati u mħabbra għal din is-sena u li jmiss huma maqsuma fi tliet pilastru ewlenin:

Teknoloġija għas-servizz tan-nies:

- White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (COM(2020) 65 final/ara INT/894);
- Strateġija għal teknoloġiji tal-kwantum, blockchain u supercomputing;
- Pjan ta' Azzjoni għall-5G u s-6G (ippreżentat bħala COM(2020) 50 final/ara TEN/704);
- Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali u Aġenda għall-Ħiliet imsaħħa;
- Inizjattivi biex jittejbju l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tal-pjattaformi;
- Standards għal flussi u servizzi ta' data tas-settur pubbliku li huma siguri u mingħajr fruntieri.

⁽¹⁾ ĠU C 190, 5.6.2019, p. 17.

Ekonomija ġusta u kompetittiva:

- Strateġija Ewropea għad-Data (ippreżentata bħala COM(2020) 66 final/ara TEN/708);
- Rieżami tal-idoneità tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE;
- Pakkett dwar l-Istrateġija Industrijali;
- Komunikazzjoni dwar it-Tassazzjoni tan-Negozji għas-seklu 21;
- Aġenda tal-Konsumatur ġdida.

Soċjetà miftuħa, demokratika u sostenibbli:

- Regoli ġodda u riveduti għall-approfondiment tas-Suq Intern għas-Servizzi Diġitali;
- Revizzjoni tar-Regolament eIDAS;
- Pjan ta' Azzjoni tal-Media u dak Awdjoviżiv;
- Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija;
- Strateġija taċ-Ċibersigurtà Ewropea;
- Inizjattiva biex jiġi żviluppat mudell diġitali ta' preċiżjoni għolja tad-Dinja;
- Inizjattiva għall-Elettronika Ċirkolari;
- Promozzjoni ta' rekords elettroniċi tas-saħħa.

2.3. Sabiex jiġu affermati l-interessi tal-Ewropa bħala attur globali, tħabbru wkoll strateġija globali għall-kooperazzjoni diġitali u strateġija ta' standardizzazzjoni.

3. Il-mod Ewropew — it-tqegħid tal-persuni fil-qalba tad-diġitalizzazzjoni

3.1. Id-diġitalizzazzjoni tiftaħ għadd kbir ta' għażliet ġodda ta' teħid ta' deċiżjonijiet biex in-nies jgħixu ħajja aħjar b'mod li qatt ma kien hemm bħalu qabel. Madankollu, aktar ma d-diġitalizzazzjoni taffettwalna ħajjitna u aktar ma nkunu interkonnessi, aktar inkunu vulnerabbli għal attivitá ċibernetika malizzjuża, il-manipulazzjoni u t-teknoloġji li jdgħajfu l-awtonomija tagħna.

3.2. Il-KESE, għalhekk, jirrakkomanda triq Ewropea għad-diġitalizzazzjoni, ibbażata fuq valuri Ewropej, billi jiġu sfruttati l-opportunitajiet għall-ekonomija flimkien mal-protezzjoni tad-data tagħna biex jiġu żgurati l-privatezza u l-awtodeterminazzjoni. L-approċċ li jqiegħed il-bniedem fiċ-ċentru tal-inizjattivi kollha tal-Kummissjoni huwa milqugħ tajjeb ħafna.

3.3. Il-KESE jilqa' wkoll l-approċċ iċċentrat fuq il-bniedem fir-rigward tal-isfidi li jirriżultaw mill-pjattaformi online għall-ħaddiema. Qafas imsaħħaħ li jipprevjeni kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji u jiżgura d-drittijiet online tal-ħaddiema, inkluż in-negozjar kollettiv, huwa wieħed mill-aspetti importanti ta' dak l-approċċ. Il-KESE jenfasizza li x-xogħol fuq il-pjattaformi huwa pprovdut minn persuni li jaħdmu għal rashom kif ukoll minn ħaddiema. Il-persuni li jaħdmu għal rashom għandhom relazzjoni B2B jew B2C. Il-kodiċijiet ta' kondotta u t-termini ta' kummerċ għar-relazzjonijiet B2B, imfassla fil-livell Ewropew, għandhom jipprovdu kompetizzjoni ġusta bejn l-intrapriżi ta' kull daqs u jipprevjenu l-impjeg indipendenti fittizju.

3.4. Il-KESE jenfasizza wkoll l-importanza ta' soluzzjonijiet diġitali għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku, speċjalment fir-rigward tal-ekonomija ċirkolari. Il-konsum tal-enerġija, il-materja prima għall-ICT u r-riċiklabbiltà tat-tagħmir tal-ICT, madankollu, huma fost sfidi oħra li jeħtieġ li jiġu indirizzati matul il-perjodu.

3.5. L-Ewropa tinsab fit-triq it-tajba, iżda l-istorja għadha 'l bogħod mit-tmiem tagħha. Il-GDPR u l-linji gwida etiċi għall-IA, pereżempju, kienu pass importanti. Iżda d-diġitalizzazzjoni qed tiżviluppa b'mod rapidu u l-leġislażjoni Ewropea għandha żżomm il-pass. Dan jitlob qafas regolatorju sod u ambizzjuż, inklużi regoli etiċi vinkolanti legalment u regoli ċari dwar ir-responsabbiltà. Il-KESE huwa konvint li dan l-iżvilupp dinamiku jeħtieġ ukoll proċessi flessibbli u adattabbli li jirrikjedu djalogu kostanti bejn il-partijiet involuti. Il-KESE, bħala r-rappreżentant tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetá ċivili, huwa lest li jagħmel il-parti tiegħu f'dan ir-rigward.

3.6. Il-KESE huwa tal-fehma li hemm nuqqas ta' enfasi ċara fuq il-ħtieġa ta' strutturi demokratiċi sostenibbli għall-bini tal-kapaċità u l-ħolqien ta' fiduċja fir-relazzjonijiet tax-xogħol. Il-KESE huwa konvint li l-bidliet fundamentali fil-kumpaniji permezz tad-diġitalizzazzjoni jistgħu jirnexxu biss jekk ikun hemm relazzjoni ta' fiduċja bejn il-maniġment ta' kumpanija u r-rappreżentanti tal-impjegati. Madankollu, iż-żieda fil-movimenti populistici fis-seklu 21 qed tqajjem dubji dwar il-forom tradizzjonali ta' bini ta' fiduċja permezz ta' promozzjoni soċjali. Għalhekk għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi appoġġjat id-djalogu soċjali fil-livell tal-UE. Dan jirrigwarda r-regolamentazzjoni soċjali fil-kumpanija, il-prestazzjoni ekonomika tagħha u t-tisħiħ tal-bidla demokratika b'mod ġenerali.

4. Ekonomija ġusta u kompetittiva

4.1. Id-data saret fattur ewlieni fl-ekonomija tagħna. Il-KESE jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li għandna bżonn nibnu suq uniku Ewropew ġenwin għad-data — spazju Ewropew tad-data bbażat fuq ir-regoli u l-valuri Ewropej. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva għal strateġija industrijali ġdida tal-UE li se tistabbilixxi azzjonijiet li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn industrija tal-UE aktar diġitali, nadifa, ċirkolari u kompetittiva globalment, inkluża strateġija għall-SMEs.

4.2. Il-KESE jemmen ukoll li sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, ir-regoli li japplikaw offlajn — mir-regoli tal-kompetizzjoni u tas-suq uniku u l-protezzjoni tal-konsumatur għad-drittijiet, tal-proprietà intellettwali, it-tassazzjoni u d-drittijiet tal-ħaddiema — għandhom japplikaw ukoll onlajn.

4.3. Il-KESE huwa konvint li ser tkun meħtieġa żieda sostanzjali fl-investiment (fl-Istati Membri tal-UE) flimkien ma' programm ta' riċerka u innovazzjoni Ewropew b'saħħtu biex jinżamm livell ta' klassi dinjija fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u li approċċ industrijali għall-iżvilupp tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' mikroċipep b'enerġija baxxa fl-Ewropa se jaġġmel lill-UE inqas dipendenti fuq l-importazzjonijiet.

4.4. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-innovazzjoni u l-investiment, speċjalment dawk pubbliċi, jistgħu jgħinu wkoll biex jiġu indirizzati d-disparitajiet reġjonali fl-iżvilupp jekk l-aċċess għall-infrastruttura diġitali, u għalhekk għas-suq diġitali, ikun disponibbli f'żoni remoti wkoll. Din hija *conditio sine qua non* jekk ħadd ma għandu jitħalla lura fit-tranżizzjoni diġitali.

4.5. Il-KESE jenfasizza li s-sovranità teknoloġika Ewropea m'għandhiex tiġi definita b'opożizzjoni għal oħrajn u m'għandhiex telimina l-benefiċċji tal-kooperazzjoni globali. Madankollu, il-ħtiġijiet tal-Ewropej u tal-mudell soċjali Ewropew għandhom jitqiesu wkoll b'mod adegwat, billi jittieħdu bħala punt ta' referenza l-miżuri tal-Kummissjoni tal-UE biex issaħħaħ il-pilastru tal-UE tad-drittijiet soċjali. L-applikazzjoni tal-valuri Ewropej (il-protezzjoni tad-data, il-privatezza, il-protezzjoni soċjali, is-sostenibbiltà) tista' ssir vantaġġ kompetittiv jekk ikun hemm għarfien dejjem jikber min-naħa tal-pubbliku u tan-negozji tal-metodi tad-data użati minn partijiet terzi (l-Istati Uniti) u l-potenzjal ta' sorveljanza tas-sistemi diġitali (iċ-Ċina).

4.6. Il-Kummissjoni tgħid tajjeb li għandna niżguraw li r-rwol sistemiku ta' ċerti pjattaformi onlajn u s-saħħa fis-suq li jiksbu ma jipperikolawx il-ġustizzja u l-ftuħ tas-suq tagħna. Għal dak il-għan u anke biex jiġi stimolat l-iżvilupp ta' pjattaformi online fl-UE, ir-regoli fil-livell tal-UE għandhom jiżguraw kundizzjonijiet ekwi u aċċess għall-ixpruni ewlenin tal-innovazzjoni diġitali⁽²⁾ (b'mod partikolari d-data) u għall-ekosistema tal-prodotti użati mill-konsumaturi.

4.7. Il-Kummissjoni tiddikjara li l-iżguraw ta' ekwità fl-ekonomija diġitali hija sfida ewlenija. Madankollu, l-iżguraw li dan isir huwa tal-akbar importanza. Għal dak il-għan, il-KESE jappoġġja l-intenzjoni li jiġu stabbiliti regoli addizzjonali meta jkunu meħtieġa biex jiġu żgurati l-istabbiltà, il-ġustizzja u l-innovazzjoni u l-possibbiltà ta' dħul fis-suq, kif ukoll interessi pubbliċi li jmorru lil hinn mill-kompetizzjoni jew minn kunsiderazzjonijiet ekonomiċi. Il-KESE jinnota li t-tassazzjoni fl-ekonomija diġitali se jkollha impatt importanti f'dan ir-rigward. Soluzzjonijiet internazzjonali u Ewropej fir-rigward tat-tassazzjoni diġitali se jkunu importanti u l-UE għandha tirsisti għal tassazzjoni diġitali li hija ġusta u li tipprevjeni l-frammentazzjoni u miżuri unilaterali.

(2) De STREEL, A., *Contribution to Growth: European Digital Single Market. Delivering improved rights for European citizens and businesses*, Il-Parlament Ewropew, il-Lussemburgu, 2019.

4.8. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva, li għandha l-għan ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema tal-pjattaformi, b'mod partikolari billi tiffoka fuq il-ħiliet u l-edukazzjoni; madankollu, għandhom jiġu indirizzati tul il-proċess l-isfidi li jinkludu l-istatus tal-impjeg, ir-rappreżentazzjoni u l-passi biex tiżdied il-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema tal-pjattaformi, kif ukoll ir-risoluzzjoni tat-tilwim u l-infurzar tad-drittijiet. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-ħaddiema transkonfinali. Wara talba mill-Presidenza Ġermaniża li jmiss tal-Kunsill, il-KESE ser jaħdem fuq Opinjoni esploratorja dwar xogħol deċenti fl-ekonomija tal-pjattaformi.

4.9. Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, il-KESE jħoss li l-iżvilupp tas-servizzi pubbliċi diġitali għall-futur diġitali ma ġiex kopert, speċjalment peress li s-servizzi tal-gvern elettroniku transkonfinali jistgħu jsaħħu s-suq uniku (diġitali) u jtejbu r-regolamentazzjoni u l-koordinazzjoni pubbliċi.

5. L-edukazzjoni bħala preparazzjoni għal ħajja diġitali

5.1. L-edukazzjoni u t-taħriġ li jipprovdu ħiliet diġitali huma essenzjali biex nitħejjew għal ħajja diġitali. Il-KESE jilqa' l-enfasi tal-Kummissjoni fuq il-kompetenzi u l-ħiliet diġitali, iżda jstieden lill-Kummissjoni biex tagħmel distinzjoni aħjar bejn il-kompetenzi tekniċi u soċjali, għalkemm it-tnejn huma ta' importanza vitali. Il-ħolqien ta' "kapaċità għax-xogħol" — minflok ma tiġi aġġustata biss l-"impjegabilità" — jeħtieġ miżuri biex jitkompla l-appoġġ għat-tagħlim tul il-ħajja.

5.2. Il-ħiliet tekniċi (programmar f'livelli differenti) ser ikunu meħtieġa għal ħafna professjonisti fil-futur. Din hija sfida għas-sistemi edukattivi u għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ vokazzjonali fl-Istati Membri. Il-professjonisti jeħtieġ li jitħarrġu f'għodod ġodda u jeħtieġ li jkun konxji tal-karatteristiċi, il-limiti u r-riskji, minħabba li fl-aħħar mill-aħħar huma responsabbli. Madankollu, mill-inqas il-ħiliet tekniċi bażiċi ser ikollhom jiġu akkwistati minn kemm jista' jkun ċittadini sabiex jifhmu, jużaw u jinvolvu ruħhom fit-teknoloġiji u l-għodod diġitali b'mod produttiv, inklużiv u sikur. Il-ħiliet tekniċi bażiċi huma meħtieġa biex jiġu appoġġjati persuni ta' kull età, iżda speċjalment l-anzjani, sabiex ikunu jistgħu jifhmu u jużaw b'mod sikur it-teknoloġiji u l-għodod diġitali.

5.3. Il-ħiliet soċjali ma jeħtiġux għarfien tekniċu partikolari, iżda għandhom jiġu mgħallma mill-aktar età bikrija possibbli. Il-ħiliet soċjali jippermettu lit-tfal, lill-konsumaturi u liċ-ċittadini jifhmu l-isfond tas-sistemi diġitali u jaġhmlu l-aħjar użu minnhom. Dawn jgħinu biex jidentifikaw theddid possibbli minn manipolazzjoni jew kriminalità u biex jivvalutaw l-ammont kbir ta' informazzjoni li jirċievu. Il-KESE jfakkur li l-edukazzjoni ġenerali għadha l-aħjar tħejjija għal żviluppi futuri.

5.4. Ħiliet, għarfien u konnoxxenza speċjali huma meħtieġa biex wieħed juża u jaħdem bl-intelliġenza artifiċjali. Għal dan il-għan, il-KESE jixtieq juża l-esperjenza tal-Finlandja, li ttipponi li jitħarrġu kemm jista' jkun nies fil-qasam tal-IA permezz ta' kors online.

5.5. Kif il-KESE enfasizza preċedentement, fiż-żminijiet li qed jinbidlu malajr fl-era diġitali mhux biżżejjed li l-individwi jiġu meħjuna biss biex jakkwistaw sett minimu tal-ħiliet, u huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-Garanzija ta' Ħiliet tkun twitti t-triq b'mod garantit li tgħin lin-nies javvanzaw aktar u thegħiġhom jilhq u l-ogħla livell tal-ħiliet li jista' jinkiseb⁽³⁾.

5.6. Il-KESE jtenni r-rwol tal-imsieħba soċjali fil-kisba ta' tranżizzjoni ekwa u ġusta. Huwa essenzjali li l-istrategġija tanticiġa l-ħtiġijiet tal-ħiliet u b'hekk tappoġġja wkoll it-taħriġ mill-ġdid f'waqt u xieraq kif ukoll it-titjib tal-ħiliet. Ir-rwol tal-imsieħba soċjali u l-involviment tagħhom huwa tal-akbar importanza f'dan ir-rigward, peress li qed isiru wkoll diskussjonijiet dwar l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda.

6. Fiduċja u responsabbiltà — fiduċja fil-ħajja diġitali

6.1. Il-futur diġitali tal-Ewropa bbażat fuq approċċ li jqiegħed il-bniedem fiċ-ċentru se jkun ta' suċċess biss jekk in-nies jista' jkollhom fiduċja. Il-KESE jappella għal salvagwardji adegwati dwar il-privatezza, is-sikurezza u l-governanza tad-data, u fl-aħħar nett, it-trasparenza tal-algoritmi tal-IA, li jistgħu jgħinu biex tinkiseb dik il-fiduċja.

⁽³⁾ ĠU C 173, 31.5.2017, p. 45.

6.2. Il-KESE jinnota li l-Kummissjoni beħsiebha tagħmel distinzjoni ċara bejn applikazzjonijiet b'riskju għoli, li għandhom ikunu soġġetti għal regolamentazzjoni stretta, u applikazzjonijiet b'riskju baxx, fejn ikun biżżejjed li wieħed joqgħod fuq l-awtoregolazzjoni u l-mekkaniżmi tas-suq. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon dan l-approċċ ġenerali, iżda jenfasizza wkoll li analiżi dettaljata u bir-reqqa tal-applikazzjonijiet varji hija meħtieġa llum, u li fir-rigward ta' żviluppi futuri u meta jkun hemm dubju, l-applikazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala ta' riskju għoli. Il-KESE jappoġġja b'mod partikolari d-deċiżjoni li jiġu kklassifikati bħala applikazzjonijiet b'riskju għoli dawk li għandhom impatt fuq id-drittijiet tal-ħaddiema u tal-applikanti għax-xogħol u jipproponi li din id-deċiżjoni tiġi delimitata sabiex jissaħħu d-drittijiet diġitali tal-impjegati.

6.3. Il-KESE diġà appella għall-iżvilupp ta' proċeduri ta' ttestjar standard biex tiġi vvalutata l-funzjonalità u l-limitazzjonijiet ta' sistemi diġitali (eż. preferenza, preġudizzju, diskriminazzjoni, reżiljenza, robustezza, sigurtà, eċċ.). Skont il-livell ta' riskju, dawn it-testijiet jistgħu jitwettqu mill-iżviluppaturi u l-kumpaniji nfushom jew minn proċeduri ta' ttestjar minn istituzzjonijiet indipendenti. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-idea tal-Kummissjoni li tipprovi sistema ta' tikkettar volontarju, simili għal dak li l-KESE diġà ppropona fir-rigward ta' ċertifikat Ewropew għal IA affidabbli.

6.4. Il-KESE jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tniedi dibattitu wiesa' dwar l-eċċezzjonijiet li bihom ir-rikonoxximent tal-wiċċ għall-identifikazzjoni remota bijometrika jista' jkun permess. Ir-regolamenti għandhom jipprojbixxu wkoll sorveljanza sproporzjonata fuq il-post tax-xogħol u diskriminazzjoni bbażata fuq algoritmi ppreġudikati.

6.5. Il-KESE jenfasizza li l-fiduċja waħedha mhijiex biżżejjed; il-ħsieb kritiku bbażat fuq l-edukazzjoni ġenerali jibqa' essenzjali. Dan huwa partikolarment importanti fil-kuntest tat-trattament tad-diżinformazzjoni, li hija theddida għad-demokrazija tagħna.

6.6. Il-KESE jenfasizza li l-fiduċja tinkludi wkoll il-konformità mad-drittijiet tal-impjegati li jkunu infurmati u kkonsultati. Drittijiet ta' informazzjoni u konsultazzjoni fil-każ ta' bidliet fil-post tax-xogħol, kif garantiti mit-trattati tal-UE, jitransformaw "impjegati" f"ċittadini fuq il-post tax-xogħol".

6.7. Il-KESE jenfasizza li l-leġislażzjoni tal-UE hija partikolarment importanti għall-protezzjoni tal-konsumaturi u l-impjegati li m'għandhomx ħiliet diġitali professjonali.

7. L-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq it-trasformazzjoni diġitali

7.1. Minħabba l-pandemija reċenti — u li għadha għaddejja — tal-coronavirus COVID-19, is-soċjetà qed taffaċċja verifika fil-prattika fir-rigward tal-użu tat-teknoloġija diġitali u dan ħoloq ħafna sfidi ġodda. Il-ħtieġa li wieħed jikkomunika, jistudja u jaħdem mill-bogħod uriet li ħafna nies mhumiex ippreparati b'mod adegwat għall-użu effettiv ta' teknoloġiji diġitali aġġornati, u l-infrastruttura diġitali lanqas ma tista' tiżgura aċċess ugwali u parteċipazzjoni inklużiva permezz ta' teknoloġiji diġitali. In-netwerks diġitali ma żdiedux biex ilaħħqu mat-tagħbija miżjuda, u se jkollhom isiru investimenti suffiċjenti biex il-komunikazzjoni b'veloċità għolja u effiċjenti tkun aċċessibbli mhux biss għal skopijiet kummerċjali iżda wkoll għall-ħajja privata, anki f'żoni remoti.

7.2. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-gruppi vulnerabbli. Speċjalment l-anzjani li m'għandhomx biżżejjed ħiliet, esperjenza jew anke hardwer biex jużaw il-pjattaformi tal-internet, tħallew mingħajr mezz konvenjenti għall-komunikazzjoni. Dan għamel il-kuntatti soċjali bejn il-membri tal-familja u oħrajn aktar diffiċli u servizzi soċjali u servizzi pubbliċi oħra mhumiex disponibbli, jew għallinqas, inqas faċilment disponibbli għalihom. Għandhom isiru sforzi addizzjonali u jridu jiġu pprovduti l-mezzi għat-taħriġ diġitali tal-membri ta' gruppi soċjalment vulnerabbli.

7.3. Barra minn hekk, il-kwarantina u l-għeluq temporanju tal-fruntieri bejn l-Istati Membri wrew li hemm xi implikazzjonijiet u nuqqasijiet oħra relatati mal-qagħda attwali fis-suq uniku diġitali f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħaddiema tal-fruntiera u t-telexogħol. Il-kriżi COVID-19 wasslet ukoll għal żieda enormi fil-kummerċ elettroniku u f'pagamenti mingħajr flus kontanti, flimkien ma' żieda ta' Prattiki inġusti u frodulenti. Il-ħtieġa li jinbidlu d-drawwiet minħabba l-miżuri li hađu l-gvernijiet nazzjonali kontra t-tixrid ta' COVID-19 jista' jkollha effetti fit-tul fuq il-prattiki tal-konsumatur u fuq ir-relazzjonijiet tax-xogħol fit-tul. L-effetti pożittivi u negattivi ta' din il-bidla jridu jitqiesu meta jkunu qed jiġu żviluppatti politiki ġodda f'dak ir-rigward.

7.4. Id-dinja diġitali ġiet mobilizzata bis-sħiħ biex tipprovdi għarfien espert fil-ġlieda kontra l-COVID-19. Il-kwistjoni ta' applikazzjonijiet ta' traċċar diġitali (traċċar tal-kuntatt) sabiex jiġu infurmati n-nies li fl-aħħar f'itjem kienu f'kuntatt ma' persuna djanjostikata bil-COVID-19 kienet is-suġġett ta' ħafna diskussjoni. Il-KESE jiddisputa li l-inizjattiva Ewropea għall-monitoraġġ diġitali ta' dawn il-kuntatti, magħrufa bħala PEPP-PT (Pan-European Privacy Protecting Proximity Tracing – Traċċar ta' Prossimità li Jipproteġi l-Privatezza Pan-Ewropew), ma wasslitx għal kunsens li kien jippermetti li l-applikazzjonijiet standardizzati jiġu inklużi fl-istrateġiji nazzjonali tas-saħħa.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa”

(COM(2020) 102 final)

(2020/C 364/15)

Relatur: **Mihai IVAȘCU**

Korelatur: **Dirk BERGRATH**

Konsultazzjoni	Kummissjoni, 22.4.2020
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottat fis-sezzjoni	25.6.2020
Data tal-adozzjoni fis-sessjoni plenarja	16.7.2020
Sessjoni plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	207/4/7

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom jibqgħu magħqudin biex jiproteġu s-sovranità tagħhom. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li jekk l-Ewropa trid iżżomm ir-rwol ewlieni tagħha fid-dinja, teħtieġ bażi industrijali b'saħħitha u kompetittiva.

1.2. Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza kruċjali tal-bidla lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju u t-treġġiġh lura tal-kurva attwali tal-kollass tal-bijodiversità. Mingħajr strateġija industrijali ekoloġika bħala l-pedament tal-Patt Ekoloġiku, l-UE qatt ma se tirnexxi fl-ilħuq ta' ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju fi żmien ġenerazzjoni waħda.

1.3. L-istrateġija industrijali l-ġdida għandha tiżgura l-bilanċ it-tajjeb bejn l-appoġġ lin-negozji Ewropej, ir-rispett tal-oġġettiv tagħna ta' newtralità klimatika għall-2050 u l-forniment ta' inċentivi lill-konsumaturi biex jibdlu l-konsum tagħhom għal prodotti u servizzi sostenibbli.

1.4. Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza li l-Kummissjoni tat lill-imsieħba soċjali u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-ġejjieni tal-industrija Ewropea. Il-KESE huwa konvint li djalogu soċjali u ċiviku kostruttiv fil-livelli kollha se jikkontribwixxi għal implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġija.

1.5. L-ekonomija ċirkolari hija essenzjali għall-iżvilupp tal-mudell ekonomiku futur tal-Ewropa. Din għandha tfittex alternattivi vijabbli u ekonomiċi għall-fjuwil fossili u tagħti importanza lil soluzzjonijiet ta' enerġija nadifa deċentralizzati u kooperattivi. L-ekonomija ċirkolari se ttejjeb ħafna wkoll l-effiċjenza fir-riżorsi tal-attivitajiet ekonomiċi kif ukoll tnaqqas id-dipendenza tagħna fuq l-importazzjonijiet ta' materja prima kritika.

1.6. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-politika industrijali trid timxi id f'id ma' politika kummerċjali u barranija soda li min-naħa tagħha trid tiżviluppa strateġiji biex jiżguraw aċċess għall-materja prima.

1.7. Il-KESE jemmen li huwa kruċjali li l-Ewropa tnaqqas id-distakk mal-Istati Uniti, iċ-Ċina u pajjiżi oħra f'ċerti teknoloġiji. Biex l-Ewropa tkun minn ta' quddiem nett fid-dinja huwa essenzjali li tkompli tibni fuq il-vantaġġi kompetittivi tagħha filwaqt li tiffinanzja r-R&Ż. Il-bini ta' suq tal-kapital Ewropew unifikat, inkluż suq ta' kapital ta' riskju Ewropew, huwa vitali.

1.8. L-industrija tal-Ewropa għandha tiġi diġitalizzata nkella toġhsfor. Investiment f'setturi tal-ICT bħall-ekonomija tad-data, l-internet tal-oġġetti, il-cloud computing, l-intelliġenza artifiċjali u l-manifattura avvanzata jrid jilħaq ir-reġjuni u l-Istati Membri kollha.

1.9. Is-suq intern jirrappreżenta l-pedament għall-kompetittività globali tagħna. Ir-Regolament dwar l-iskrinjar tal-investiment dirett barrani (FDI) għandu jiġi applikat mill-Istati Membri kollha, u jekk meħtieġ, imsaħħa u aġġornat. Kull min irid ikun parti mis-suq uniku għandu jikkonforma mar-regoli tiegħu, inklużi l-prinċipji b'impatt newtrali fuq il-klima.

1.10. Hija meħtieġa aktar intraprenditorija fl-Unjoni Ewropea biex jergġu jinħolqu l-impjiegi, it-tkabbir u l-fiduċja. L-UE għandha tippromovi u tiffinanzja programmi ta' edukazzjoni mfassla bil-għan li jagħtu spinta lill-ħolqien ta' ambjent ekonomiku u soċjali sostenibbli ġdid.

1.11. Il-politika industrijali għandu jkollha dimensjoni soċjali b'saħħitha. Impjiegi ta' kwalità, protezzjoni soċjali u servizzi pubbliċi li jiffunzjonaw tajjeb jgħoddu l-ambjent it-tajjeb għal attivitajiet industrijali li jiffjorixxu. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali f'dan ir-rigward huwa xprun importanti għal tkabbir ekonomiku inklużiv.

1.12. Il-KESE jitlob l-implimentazzjoni rapida tal-Privattiva Unitarja Ewropea. Din tista' tippermetti lill-industriji jiżviluppaw, jinnovaw u jiproteġu l-għarfien tagħhom fil-livell Ewropew u internazzjonali bi spiża raġonevoli.

1.13. Sabiex jiġu ttrattati d-differenzi internazzjonali fil-prezzijiet tal-karbonju, il-KESE jikkunsidra li dawn li ġejjin huma meħtieġa: l-introduzzjoni ta' miżuri ta' aġġustament fil-fruntieri, standards ambjentali li l-importaturi għandhom jikkonformaw magħhom, sussidji għal esportazzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, użu robust ta' strumenti għad-difiża kummerċjali, kif ukoll passi li jindirizzaw id-differenzi fil-prezzijiet tal-karbonju fi ftehimiet ta' kummerċ ħieles. L-għan aħħari għandu jkun li jiġi stabbilit prezz globali għall-karbonju.

1.14. Il-KESE jemmen li l-UEM għandha tiġi kkompletata sabiex jiġi żgurat li jkun disponibbli l-għodod ekonomiċi kollha biex jittaffa l-iskoss ekonomiku negattiv maħluq mill-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19.

1.15. Il-KESE jindika li l-unika possibbiltà għall-Istati Membri biex jegħlbu din il-kriżi hija billi jaġixxu b'mod koordinat, ma jħallu lil ħadd jibqa' lura u billi tiġi restawrata l-kapaċità tal-kumpaniji li jiġġeneraw valur miżjud, li jinvestu f'ġejjieni sostenibbli u li jżommu/jgħoddu impjiegi ta' kwalità. Il-Pjan ta' Rkupru tal-UE, il-Patt Ekoloġiku u l-istrateġija industrijali l-ġdida, skjerati b'mod integrat, jipprovdu pakkett ta' politika kuraġġjuż u ambizzjuż għall-ħruġ mill-kriżi pandemika u t-tħejjija tal-futur komuni tagħna.

1.16. L-SMEs probabbilment se jkun l-aktar milquta minn din il-kriżi. Il-KESE japprova l-intenzjoni li l-SMEs jiġu meġhuna jespandu, jiżviluppaw mudelli ta' negozju ġodda u jattiraw forza tax-xogħol kwalifikata, pereżempju bl-introduzzjoni ta' opzjonijiet ta' stokk għall-impjegati.

1.17. L-istrutturi intermedji bħan-networks tal-SMEs, l-aġenziji tal-iżvilupp reġjonali u r-raggruppamenti għandhom jappoġġjaw u jsaħħu l-ktajjen tal-valur strateġiċi u jgħaqqdu l-forzi dinamiċi kollha biex isaħħu l-ekosistemi ekonomiċi.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Il-KESE jilqa' din il-Komunikazzjoni dwar strateġija industrijali ġdida għall-Ewropa, iżda jinnota b'dispjaċir li din tistabbilixxi biss lista ta' proġetti u miżuri futuri minflok ma tippreżenta strateġija ċara, konkreta u komprensiva għal żmien qasir, medju u twil għall-industrija Ewropea. Għalhekk, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex toħroġ pjan ta' azzjoni konkret b'miri u proċeduri ta' monitoraġġ annwali ċari, li jinvolvu kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

2.2. Madankollu, il-KESE jinnota għadd ta' differenzi meta mqabbel ma' komunikazzjonijiet preċedenti:

- għandha approċċ strateġiku minħabba li tpoġġi enfasi ferm akbar fuq it-tranżizzjonijiet "ġemellati" fl-oqsma diġitali u newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju;
- tirrakkomanda approċċ aktar kooperattiv għall-politika industrijali, eż. billi tenfasizza l-ħtieġa għall-bini ta' ekosistemi industrijali b'saħħithom jew il-promozzjoni ta' alleanzi industrijali;

- għandha t-tendenza li tippermetti aktar finanzjament mill-Istat għal proġetti industrijali strateġiċi minħabba illaxkar tal-liġijiet normali dwar is-sussidju tal-UE jew minħabba twaqqif ta' proġetti kbar ta' interess Ewropew komuni;
- tadotta pożizzjoni aktar b'saħħha dwar ir-relazzjonijiet esterni, peress li ttipponi li għandu jintuża l-poter regolatorju tal-UE biex tiġi difiża l-awtonomija strateġika tal-Ewropa;
- tiffoka fuq id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-Ewropa intensivi fl-enerġija.

2.3. F'dan l-ambjent internazzjonali ta' turbulenza, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom jibqgħu magħqudin biex jiproteġu s-sovranità tagħhom. Il-KESE jemmen bis-siġħ li jekk l-Ewropa għandha żżomm ir-rwol ewlieni tagħha fid-dinja, din teħtieġ bażi industrijali kompetittiva u b'saħħha li tikkontribwixxi għall-isforzi tal-UE biex tikseb l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, biex tikkonforma mal-Ftehim ta' Pariġi u biex terġa' lura għal impronta ekoloġika ⁽¹⁾ ta' anqas minn dinja waħda fis-sena mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-2040.

2.4. Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza kruċjali tal-bidla lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju u t-treġġigħ lura tal-kurva attwali tal-kollass tal-bijodiversità. Strateġija industrijali komuni tista' tirnexxi biss permezz tal-involvement u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-partijiet interessati kollha u permezz ta' pjanar strateġiku integrat, u l-għbir flimkien tar-riżorsi tal-atturi Ewropej, l-istituzzjonijiet reġjonali u lokali, ir-raggruppamenti industrijali, il-kumpaniji, l-imsieħba soċjali, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, l-universitajiet u l-gruppi ta' riċerka, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

2.5. L-istrateġija industrijali l-għdida għandha tiżgura l-bilanċ it-tajeb bejn l-appoġġ tan-negozji Ewropej sabiex jiżviluppaw b'mod favur l-ambjent, ir-rispett tal-oġġettiv tagħna ta' newtralità klimatika għall-2050 u l-forniment ta' inċentivi lill-konsumaturi biex jibdlu l-konsum tagħhom għal prodotti u servizzi sostenibbli. Għal dan il-għan, neħtieġu li niżviluppaw aktar is-sett ta' għodod għal politika industrijali sostenibbli, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-SMEs.

2.6. Barra minn hekk, il-KESE huwa konvint li tranżizzjoni ġestita tajeb lejn ekonomija diġitali u newtrali għall-klima għandha l-potenzjal li tagħti ħaġġa għdida lill-industrija tal-Ewropa u toħloq opportunitajiet ġodda ta' impjeg fi ktajjen tal-valur sostenibbli ġodda. L-istruttura ta' governanza proposta għandha għalhekk issaħħaħ is-sjeda tal-istrateġija industrijali fil-livelli kollha u tinvolvi lill-partijiet interessati rilevanti kollha.

2.7. L-iżvilupp tal-industrija Ewropea jista' jinkiseb biss billi jiġi promoss programm kbir ta' investiment privat u pubbliku. Strateġija industrijali Ewropea għdida, li tirrispondi għall-bżonnijiet ġodda tal-Ewropej, li żżid it-tkabbir tal-PDG, li tippromovi l-koeżjoni interreġjonali, li tnaqqas id-differenzi fl-introjt u li ttejjeb il-kwalità tal-ħaġġa permezz tal-investiment u l-innovazzjoni, tista' tgħin biex toħloq identità Ewropea komuni, tistimula s-solidarjetà, issaħħaħ l-istituzzjonijiet Ewropej u b'hekk tirrappreżenta "l-valur miżjud Ewropew".

2.8. Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza li l-Kummissjoni tat lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-gejġieni tal-industrija Ewropea. Il-KESE jemmen li hija biss kooperazzjoni konġunta bejn l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tas-soċjetà ċivili li tista' toħloq l-ambjent xieraq biex l-industrija Ewropea tikber. F'dan ir-rigward djalogu soċjali u ċiviku kostruttiv fil-livelli kollha huwa garanzija importanti għal implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġija.

2.9. Il-KESE ilu li rrikonoxxa li "fil-komunità tan-negozju hemm mexxejja fil-qasam tal-integrazzjoni tas-sostenibbiltà. Ħafna negozji huma fil-fatt aktar avvanzati mill-politiki. Il-politika trid toħloq ambjent stabbli u ċertezza biex tiżgura li l-aħjar prassi ssir prattika komuni. Dan se jagħmel in-negozji kapaċi li jipprovdu soluzzjonijiet sostenibbli" u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis dawn il-fatturi meta tkun qed tfassal il-politiki futuri ⁽²⁾. Għandu jiġi nnutat li l-ekonomija soċjali għandha tradizzjoni twila fil-qasam tas-sostenibbiltà.

2.10. Fl-2019, il-produzzjoni industrijali reġġet għet lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi (ta' qabel l-2007). L-industrija għadha s-sinsla tal-ekonomija tagħna, u għandha ttipprovi s-soluzzjonijiet għall-ħafna sfidi li s-soċjetà tagħna qed tiffaċċja. L-industrija għandha wkoll rwol soċjali importanti x'taqdi minħabba l-attivitajiet ta' valur miżjud għoli tagħha, l-impjegji ta'

⁽¹⁾ Kif definit mill-*Global Footprint Network* (<https://www.footprintnetwork.org/>).

⁽²⁾ ĠU C 14, 15.1.2020, p. 95.

kwalità u l-ħolqien ta' impjegi indiretti fis-servizzi relatati. Għalhekk, il-KESE jilqa' s-sett komprensiv ta' proposti stabbiliti fil-Komunikazzjoni u jittama li dawn jiġu mfassla u implimentati minnufih. Madankollu, it-tnaqqis drammatiku fil-produzzjoni industrijali minħabba l-kriżi tal-coronavirus jirrikjedi li l-miżuri ta' emerġenza, meħuda mill-gvernijiet u appoġġjati mill-Kummissjoni biex jgħinu lill-kumpaniji vijabbli jibqgħu attivi u biex jiproteġu d-dħul tal-impjegati, jittkomplew sakemm ikunu meħtieġa.

2.11. Il-KESE ilu li rrikonoxxa l-importanza tan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu għall-bini ta' settur industrijali kompetittiv u innovattiv. Għalhekk ikompli jsejjaħ "għal approċċ ta' politika koordinat għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu li jqis id-diversità talmudelli tal-intrapriża, u jilqa' l-azzjonijiet speċifiċi għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali" ⁽³⁾.

2.12. Il-KESE jilqa' l-proposta mħabbra għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema tal-pjattaforma. Madankollu, il-KESE jinnota b'dispijacer li l-isfida ferm usa' ta' tranżizzjoni inklużiva u ġusta mhijiex indirizzata b'mod dirett fil-Komunikazzjoni. Huwa jinsisti fuq il-ħtieġa ta' pjan ta' azzjoni ambizzjuż biex iħeġġeġ lill-Istati Membri jwettqu l-wegħdiet tagħhom dwar il-proklamazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

3. Ewropa Ekoloġika

3.1. L-Ewropa teħtieġ politika industrijali sostenibbli li tippromovi tranżizzjoni ġusta għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Din tirrikjedi qafas finanzjarju pluriennali b'saħħtu, bi rwol vitali għall-finanzjament ta' tali tranżizzjoni li għandu jiġi żvolt mill-Bank Ewropew tal-Investment. L-investment għandu jappoġġja kemm il-kwalità ambjentali kif ukoll it-titjib fil-kwalità tal-ħajja għall-Ewropej.

3.2. Ħafna mill-għanijiet li stabbilixxejna aħna stess għall-2030 jistgħu jiġu estiżi sal-2050 u sat-tranżizzjoni tagħna għal kontinent ħieles mill-karbonju. Għalhekk, il-KESE jemmen li l-istrateġija industrijali, bħall-Istrateġija għal Żvilupp Sostenibbli għandha "tkopri kemm l-azzjoni interna kif ukoll dik esterna tal-UE u tippromovi koerenza massima bejniethom. [...] Il-pedamenti tal-implimentazzjoni għandhom ikunu l-innovazzjoni, il-kooperazzjoni internazzjonali u l-ftehimiet kummerċjali orjentati lejn is-sostenibbiltà, u l-mobilizzazzjoni tan-negozju u tas-soċjetà ċivili" ⁽⁴⁾.

3.3. Kemm is-setturi industrijali tradizzjonali kif ukoll dawk emerġenti se jkollhom jiżviluppaw approċċ proattiv filwaqt li jantiċipaw, jadattaw u jimmaniġġjaw il-bidla b'teknoloġiji sostenibbli ġodda, impjegi u taħriġ mill-ġdid li jikkorrespondu mal-isfidi tal-ġejjieni, b'konformità mat-tabella ta' valutazzjoni soċjali tas-Semestru Ewropew. Għandhom jiffasslu politiki ġodda dwar il-ħiliet bl-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali sabiex jitħaffef l-adattament tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex ikun hemm tqabbil mad-domanda għal impjegi ġodda.

3.4. L-UE għandha tkun fuq quddiem nett fl-ekonomija ċirkolari u t-teknoloġiji nodfa. Hija għandha taħdem biex tiddekarbonizza l-industriji intensivi fl-enerġija. L-ekonomija ċirkolari hija essenzjali għall-iżvilupp tal-mudell ekonomiku futur tal-Ewropa. Il-KESE jemmen li "prodotti jew servizzi li jsegwu l-prinċipji taċ-ċirkolarità għandhom ikunu differenzjati fil-prezz" b'mod ċar u li "rati mnaqsa jew eżenzjoni fuq il-VAT għal prodotti riċklati kif ukoll attivitajiet ta' użu mill-ġdid u tiswija jistgħu jkunu ta' inċentiv għall-intraprendituri biex ikunu attivi f'dan l-ispazju, u joffru lill-konsumaturi prodott bi prezz kompetittiv [...]". ⁽⁵⁾

3.5. It-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju tirrikjedi sorsi ta' enerġija nodfa siguri. Riforma fir-regolamentazzjoni tal-enerġija u kooperazzjoni fl-Ewropa kollha dwar il-prosumaturi u l-interkonnnessjoni ulterjuri fil-grilja huma ta' importanza fundamentali. Barra minn hekk, irridu nesploraw alternattivi vijabbli u ekonomiċi għall-fjuwil fossili u naġħtu piż lil soluzzjonijiet ta' enerġija nadifa deċentralizzati u kooperattivi, bħal kooperattivi ta' enerġija rinnovabbli, prosumaturi u grilji intelliġenti.

3.6. It-tneġġja ta' Unjoni tal-Enerġija 2.0 għandha titqies bħala l-bażi ta' programm li jinvesti f'żieda kbira fil-provvista ta' enerġija (b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju inkluż l-idroġenu), jintegra l-portaturi tal-enerġija differenti, joħloq grilja elettrika fl-Ewropa kollha biex jindirizza n-natura intermittenti tal-enerġija mir-riħ u x-xemx u jiżviluppa teknoloġiji għall-ħażna tal-enerġija.

3.7. Mingħajr strateġija industrijali ekoloġika bħala l-pedament tal-Patt Ekoloġiku, l-UE qatt ma se tirnexxi fl-ilħuq ta' ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju fi żmien ġenerazzjoni waħda. Il-Patt Ekoloġiku se jiddefinixxi u jsawwar it-tfassil tal-politika industrijali mhux biss matul il-mandat tal-Kummissjoni li għadu kemm jibda, iżda wkoll għal żmien twil wara.

⁽³⁾ ĠU C 288, 31.8.2017, p. 20.

⁽⁴⁾ ĠU C 14, 15.1.2020, p. 95.

⁽⁵⁾ ĠU C 264, 20.7.2016, p. 98.

3.8. Il-pannelli solari, il-parks eoliċi u l-batteriji huma kruċjali għall-paradigma industrijali l-ġdida tagħna. Madankollu, dawn jirrikjedu wkoll materja prima li hija kkontrollata mill-kompetituri bejn il-pari tagħna fix-xena internazzjonali. Il-politika industrijali trid timxi id f'id ma' politika kummerċjali u barranija soda li min-naħa tagħha trid tiżgura aċċess għal dawn ir-riżorsi.

3.9. Sabiex jinkiseb il-livell it-tajjeb tal-investment meħtieġ għall-finanzjament tal-Patt Ekoloġiku, għandu jkun previst ukoll rieżami tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal investment fi prodotti u proċessi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Barra minn hekk, il-Fondi ta' Innovazzjoni u ta' Modernizzazzjoni maħluqa ġodda, kif ukoll id-dħul mill-irkanti tal-ETS, (jistgħu) jipprovdu riżorsi addizzjonali biex jappoġġjaw politika industrijali sostenibbli u jittrattaw l-impatt soċjali tat-tranżizzjoni.

4. Ewropa Diġitali

4.1. It-teknoloġiji ġodda qed ibiddu l-mod kif ngħixu, nikkunsmaw u nagħmlu n-negozju. Qed nitkellmu dwar strateġija għan-networks 5G, filwaqt li setgħat ekonomiċi oħra qed jinvestu f'teknoloġiji 6G. Biex l-Ewropa tkun minn ta' quddiem nett fid-dinja huwa essenzjali li tkompli tibni fuq il-vantaġġi kompetittivi tagħha filwaqt li tiffinanzja r-R&Ż. Sal-lum, f'ċerti teknoloġiji, waqajna lura meta mqabbel mal-Istati Uniti, iċ-Ċina u pajjiżi oħrajn. Din it-teknoloġija diġitali hija l-pedament għal kwalunkwe sforz lejn l-Industrija 4.0. Il-KESE jemmen li huwa kruċjali li l-Ewropa tnaqqas id-distakk. Dan għandu jsir b'tali mod li jibbilanċja t-tassib dwar is-sigurtà mal-bżonnijiet ekonomiċi.

4.2. L-investment fl-intelliġenza artifiċjali u l-użu intelliġenti tad-data, filwaqt li tkun protetta l-privatezza tan-negozji u l-konsumaturi Ewropej huma kruċjali, u dan jista' jinkiseb biss billi l-fondi Ewropej jiġu direzzjonati lejn l-innovazzjoni fit-teknoloġiji diġitali ġodda. L-SMEs għandhom rwol vitali x'jaqdu fil-proċess, u l-iżgurar ta' finanzjament xieraq biex dawn jikbru u jinnovaw huwa vitali. Il-KESE diġà qal li "l-Kummissjoni trid tanalizza u tikkomplementa (mingħajr ma tissostitwixxi) l-inizjattivi privati li għandhom l-għan li jipromovu l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-esperjenzi bejn l-innovaturi" u li "l-UE għandha tistabbilixxi qafas politiku, fiskali u regolatorju sabiex tappoġġja l-iskjerament ta' dawn il-mudelli sostenibbli ġodda fuq skala kbira" ⁽⁶⁾.

4.3. It-teknoloġiji żviluppati fl-Ewropa sikwit wisq huma ikkummerċjalizzati x'imkien ieħor. L-UE ma kinitx kapaċi toħloq ġganti tat-teknoloġija. Huma ftit wisq il-kumpaniji innovattivi ewlenin ġodda li jikbru u jsiru kumpaniji kbar intensivi fl-użu tar-R&Ż. Biex jitqarreb l-aħħar pass minn negozju ġdid għal kumpanija fuq skala sħiħa, huwa importanti li jintemm il-ħolqien ta' suq tal-kapital Ewropew unifikat, inkluż suq ta' kapital ta' riskju Ewropew.

4.4. L-industrija tal-Ewropa se tiġi diġitalizzata nkella toġhsfor, billi tiġi superata minn kompetituri aktar effiċjenti u aktar veloċi. Dan jirrikjedi wkoll li jitħaffef il-pass tal-investment biex jiżdied il-poter ta' tkabbir ta' setturi ġodda tal-ICT bħall-ekonomija tad-data, l-internet tal-oġġetti, il-cloud computing, l-intelliġenza artifiċjali u l-manifattura avvanzata. L-investment fl-infrastruttura diġitali għandu jilħaq ir-reġjuni u l-Istati Membri kollha.

4.5. Huwa vitali li l-forza tax-xoġhol Ewropea tiġi mġhamra b'ħiliet diġitali għall-fażi l-ġdida tal-industrijalizzazzjoni. It-tħaddin tal-era diġitali jista' jinkiseb biss b'ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati u mħejjija sew. Il-KESE diġà stqarr li "l-ħaddiema Ewropej għandhom jiġu pprovdu b'taħriġ, taħriġ mill-ġdid, titjib tal-ħiliet u programmi ta' tagħlim tul il-ħajja, sabiex jibbenefikaw bis-sħiħ mill-bidla teknoloġika" ⁽⁷⁾. Dan jeħtieġ strumenti attivi tas-suq tax-xoġhol kif ukoll sistemi ta' sigurtà soċjali effettivi bbażati fuq is-solidarjetà, li jippreservaw il-mudell soċjali Ewropew.

4.6. L-istrateġija tad-data tal-Kummissjoni teħtieġ li tkun ikkomplementata minn regolament dwar kompetizzjoni ġusta fl-ekonomija diġitali, is-sorveljat minn awtorità tal-kompetizzjoni diġitali. F'dan ir-rigward l-isparzi tad-data għas-setturi strateġiċi proposti mill-Kummissjoni se jirrikjedu wkoll regolamenti dwar l-aċċess, il-fluss ħieles u l-protezzjoni tad-data u l-użu ta' algoritmi speċifiċi, l-organizzazzjoni ta' aċċess għad-data industrijali skont il-kundizzjonijiet FRAND (ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji). Barra minn hekk, l-avvanzi fid-diġitalizzazzjoni ta' settijiet tad-data u teknoloġiji innovattivi għandhom ikunu konformi bis-sħiħ mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) u d-Direttiva dwar il-PSI.

⁽⁶⁾ ĠU C 81, 2.3.2018, p. 57.

⁽⁷⁾ ĠU C 228, 5.7.2019, p. 58.

5. UE kompetittività b'mod globali

5.1. Il-kompetittività futura tal-industrija Ewropea hija ta' importanza fundamentali għall-ekonomija Ewropea biex tagħmel progress f'ekonomija globali dejjem aktar multipolari b'tensjonijiet ġeopolitiċi dejjem jiżdiedu. L-approfondiment tas-suq uniku huwa t-triq 'il quddiem, b'kundizzjonijiet aktar ekwi fir-rigward tal-kumpaniji ta' pajjiżi terzi. Suq intern funzjonali għandu jkun meġġun minn politika kummerċjali b'saħħitha biex jiġu affrontati l-ostakli internazzjonali u l-prattiki mhux kompetittivi. Ir-Regolament dwar l-iskrinjar tal-FDI⁽⁸⁾, li jidħol fis-seħħ f'Ottubru 2020, huwa pass importanti biex jiġu protetti l-assi ewlenin tal-UE, iżda l-KESE jirrimarka li huwa essenzjali li jkun issorveljat b'mod kostanti u, jekk meħtieġ, aġġornat u modifikat.

5.2. Is-suq intern jipprovdi l-vantaġġ kompetittiv tal-Ewropa u huwa ċ-ċentru tal-kooperazzjoni tagħna. Huwa jirrappreżenta l-pedament għall-kompetittività globali tagħna. Il-ħarsien u l-iżvilupp tas-suq intern għandhom ikunu fil-qalba tal-politika industrijali l-ġdida, flimkien mal-implimentazzjoni ta' miżuri li jtejjbu l-iżvilupp u l-effiċjenza tagħha u dik tal-erba' libertajiet.

5.3. Il-KESE jsostni l-opinjoni tiegħu li "piżijiet amministrattivi u l-burokrazzja għandhom ostakolu ewlieni għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu". Għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex tevita li żżid dan il-piż amministrattiv b'regolamentazzjoni żejda u biex tħares lejn modi biex tissemplifikah u tnaqqsu⁽⁹⁾, esklużivament f'każijiet fejn dan ma jipperikolax id-drittijiet soċjali u ambjentali.

5.4. Fir-rigward tar-riċerka u l-iżvilupp, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex:

- iżżomm u twettaq l-ambizzjoni li 3 % tal-PDG tal-UE jiġi investit fir-R&Ż sabiex jingħalaq id-distakk mal-kompetituri ewlenin tagħna bħall-Istati Uniti u l-Ġappun;
- tkompli tibni suq fl-Ewropa kollha għall-kapital ta' riskju li se jtejjeb il-finanzjament għal proġetti innovattivi, b'riskju għoli, b'potenzjal għoli;
- tiżgura li l-ewwel applikazzjoni industrijali tar-R&Ż iffinanzjati pubblikament għandha ssir ġewwa l-Unjoni Ewropea;
- issaħħaħ is-sistemi ta' innovazzjoni f'reġjuni fil-periferija jew f'dawk li qed iħabbtu wiċċhom ma' bidla strutturali.

5.5. Hija meħtieġa aktar intraprenditorija fl-Unjoni Ewropea biex jerġgħu jinħolqu l-impjegi, it-tkabbir u l-fiduċja. L-UE għandha tippromovi u tiffinanzja programmi ta' edukazzjoni mfassla bil-għan li jagħtu spinta lill-ħolqien ta' negozji ġodda fil-futur. L-edukazzjoni hija t-triq 'il quddiem u t-tagħlim tal-intraprenditorija lil ġenerazzjonijiet iżgħar jista' jfisser aktar negozji u ambjent ekonomiku u soċjali ferm aktar sostenibbli.

5.6. Meta jkunu qed ifittxu li jsaħħu l-innovazzjoni, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jrid ikollhom l-għan li joħolqu mill-ġdid l-ambjent ta' raggruppamenti ta' innovazzjoni ta' suċċess bħal Silicon Valley. Regolamentazzjoni favorevoli, inċentivi fiskali, forza tax-xogħol kwalifikata u aċċess faċli għall-finanzjamenti jippermettu lill-innovaturi Ewropej jibqgħu fl-Ewropa u jespandu l-ideat tagħhom.

5.7. L-UE ma tistax iżżomm il-pożizzjoni minn ta' quddiem nett tagħha fl-innovazzjoni mingħajr politiki intelliġenti dwar il-proprjetà intellettwali. Irridu niżguraw li l-innovazzjoni u l-privattivi Ewropej jiġu protetti sew minn intenzjonijiet ostili u spjunaġġ ekonomiku. Għaldaqstant, l-implimentazzjoni tal-Privattiva Unitarja Ewropea hija indispensabbli!

5.8. L-Ewropa m'għandhiex tibqa' inġenwa fil-konfront tal-kompetizzjoni inġusta. Il-ħarsien tal-konsumaturi, in-negozji u s-suq uniku Ewropej huwa fundamentali biex l-ekonomija tagħna tiffjorixxi. Kull min irid ikun parti mis-suq uniku għandu jikkonforma ma' dawn ir-regoli u jirrispettahom bis-sħiħ, inklużi l-prinċipji b'impatt newtrali għall-klima.

5.9. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tħaffef l-adozzjoni tal-White Paper dwar Strument dwar Sussidji Barranin, li se tindirizza l-effetti tad-distorsjoni kkawżati minn sussidji barranin fis-suq uniku.

⁽⁸⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/452 (ĠU L 79 I, 21.3.2019, p. 1).

⁽⁹⁾ ĠU C 288, 31.8.2017, p. 20.

5.10. Il-KESE diġà talab “politika industrijali orjentata lejn il-valur tal-użu għall-Ewropa, bl-ispazju aġġustat skont il-karatteristiċi lokali u l-promozzjoni ta’ raggruppamenti u kooperazzjoni, fejn il-preservazzjoni tal-varjetà taqbel mal-benefiċċji tal-iskala skont il-prinċipji tas-simbjożi industrijali u l-ekonomija ċirkolari” ⁽¹⁰⁾.

5.11. Ir-riforma tant mistennija tal-qafas tal-kompetizzjoni hija ferm meħtieġa. Madankollu, il-KESE jinsab iddiżappuntat li r-reviżjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni tal-UE ġiet posposta għall-2021. M’hemmx lok għal manuvri politiċi meta tkun qed tiġi mfassla r-riforma; l-approċċ għandu jkun ibbażat fuq żviluppi globali u mhux biss fuq is-suq uniku, kif kien il-każ sa issa.

5.12. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni u l-interazzjoni bejn id-diversi livelli tal-gvern lokali u dak nazzjonali u l-Unjoni Ewropea għandhom jiżdiedu. Il-KESE talab ripetutamente biex ikun hemm sinerġiji akbar, filwaqt li “l-pjattaformi ta’ komunikazzjoni u ta’ kooperazzjoni għandhom jiġu promossi u għandhom jinkludu lill-Istati Membri kollha. Dak li jirnexxi fi Stat Membru wieħed jista’ jirnexxi f’ieħor, u r-riċerka li jkun wettaq Stat Membru wieħed tista’ tintuża jew tittejjeb minn ieħor. [...] L-ebda Stat Membru ma jista’ jaqdi rwol prominenti fix-xena globali waħdu” ⁽¹¹⁾.

5.13. Sabiex jiġu ttrattati d-differenzi internazzjonali fil-prezzijiet tal-karbonju, għandhom jiġu kkunsidrati għadd ta’ miżuri: l-introduzzjoni ta’ miżuri ta’ aġġustament fil-fruntieri, standards ambjentali li l-importaturi għandhom jikkonformaw magħhom, sussidji għal esportazzjonijiet b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju, użu ta’ strumenti għad-difiża kummerċjali u l-passi biex jiġu indirizzati d-differenzi fil-prezzijiet tal-karbonju fi ftehimiet ta’ kummerċ ħieles. L-għan aħħari għandu jkun li jiġi stabbilit prezz globali għall-karbonju.

5.14. Huwa kruċjali li tiġi lliberata l-qawwa tas-swieq kapitali Ewropej. L-ikkompletar tal-Unjoni tas-Swieq tal-Kapital u l-ħolqien tal-kundizzjonijiet tas-suq it-tajba biex il-kumpaniji jiffinanzjaw lilhom innifishom permezz tas-swieq se jippermettu lil-kumpaniji tagħna jkollhom aċċess għall-istrumenti t-tajba biex jiffinanzjaw kull stadju tal-iżvilupp tagħhom.

5.15. Il-KESE jiddispaċiħ li d-dimensjoni reġjonali tat-tranżizzjoni doppja ġiet ġeneralment injorata fil-Komunikazzjoni. Madankollu, jilqa’ l-proposta li (bħala parti mill-pjan ta’ rkupru tal-UE) ir-riżorsi għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jiżdiedu sew, minn EUR 7,5 biljun għal EUR 40 biljun. Il-KESE jittama li dan ikopri l-ħtiġijiet tar-reġjuni kollha li qed jiffaċċjaw trasformazzjoni industrijali profonda.

5.16. Integrazzjoni u koordinazzjoni aħjar tas-sett ta’ għodod għall-politika industrijali flimkien ma’ strutturi ta’ governanza xierqa għandhom jiżguraw li l-Ewropa twestaq l-ambizzjonijiet tagħha li ssir ekonomija ekoloġika, diġitali u ċirkolari, filwaqt li fl-istess ħin iżżid l-awtonomija strateġika u r-reżiljenza ekonomika tagħha.

5.17. Strutturi intermedji bħal networks ta’ SMEs, aġenziji għall-iżvilupp reġjonali, raggruppamenti, alleanzi industrijali u sħubijiet pubbliċi-privati għandhom jappoġġjaw u jsaħħu l-ktajjen tal-valur strateġiċi u jgħaqqdu l-forzi dinamiċi kollha (SMEs innovattivi, kumpaniji kbar, istituti ta’ riċerka, intrapriżi tal-ekonomija soċjali u awtoritajiet pubbliċi) biex isaħħu l-ekosistemi ekonomiċi.

6. Il-Coronavirus

6.1. Il-pandemija tal-COVID-19 ħolqot reċessjoni ekonomika kbira ħafna (il-BĊE jipprevedi tnaqqis ekonomiku ta’ 8,7 % għal dis-sena! ⁽¹²⁾) li, kuntrarjament għal kriżijiet oħra fil-passat, tinvolvi xokkijiet kemm fil-provvista kif ukoll fid-domanda. Iridu jintużaw il-mezzi kollha biex jiġi evitat li t-telf temporanju tal-produzzjoni industrijali jsir wieħed permanenti u/jew li problema ta’ likwidità ssir kriżi ta’ solvenza.

6.2. Għalhekk, il-KESE jilqa’ l-proposta tal-Kummissjoni dwar Pjan ta’ Rkupru tal-UE (inkluż il-fond ta’ rkupru Next Generation EU). Tabilħaqq dan il-pjan:

— se jagħti spinta lill-istrateġija industrijali l-ġdida permezz tal-irduppar tal-InvestEU, il-ħolqien ta’ Faċilità ta’ Investiment Strateġiku u l-Istrument il-ġdid ta’ Appoġġ għas-Solvenza;

⁽¹⁰⁾ ĠU C 97, 24.3.2020, p. 31.

⁽¹¹⁾ ĠU C 228, 5.7.2019, p. 67.

⁽¹²⁾ https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/economic-performance-and-forecasts/economic-forecasts/spring-2020-economic-forecast-deep-and-uneven-recession-uncertain-recovery_mt

- jipprovdi tweġiba tasew Ewropea għall-kriżi pandemika li hija ambizzjuża u li se jkollha impatt makroekonomiku sinifikanti. Dan se jgħin biex tiġi evitata aktar qerda tal-kapital (inkluż dak uman), jirristawra l-fiduċja u jiġġenera effetti multiplikaturi importanti;
 - jikkontribwixxi biex jiġi evitat irkupru asimmetriku u jsaħħaħ il-koeżjoni interna u s-solidarjetà;
 - iżid sostanzjalment ir-riżorsi tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta;
 - javvanza l-prijoritajiet ekonomiċi u tas-soċjetà kondiviżi tagħna: li l-industrija terġa' tiġi għan-normal, il-promozzjoni tal-investimenti pubbliċi u privati fit-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika, l-iżvilupp ta' programmi komuni għar-rikostruzzjoni industrijali, l-appoġġ għall-impjeg f'attivitajiet immirati lejn il-futur.
- 6.3. Il-KESE jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet biex jilhqqu ftehim rapidu sabiex jibdeu jimplementaw il-pjan malajr kemm jista' jkun. Il-kombinazzjoni tal-Patt Ekoloġiku, il-Pjan ta' Rkupru u l-Istrateġija Industrijali l-ġdida jipprovdu sett ta' għodod b'saħħtu u koerenti biex tiġi miġġielda r-reċessjoni u jitħejja l-futur komuni tagħna.
- 6.4. B'daqstant setturi industrijali li jinsabu f'lockdown, il-KESE jqis li huwa:
- urġenti li jiġi identifikat kemm huwa kbir l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq is-setturi industrijali u l-ktajjen tal-valur sabiex jiġu identifikati u indirizzati l-bżonnijiet speċifiċi ta' kull settur bil-għan li jerġgħu jiġu stabbiliti l-produzzjoni/l-impjeg;
 - neċċessarju li jinbnew (mill-ġdid) il-ktajjen tal-valur industrijali integrati fl-UE sabiex tingħata spinta lill-awtonomija strateġika u r-reżiljenza ekonomika tal-Ewropa; ir-rilokazzjoni ta' attivitajiet strateġiċi għandu jiġi appoġġjat u s-sigurtà tal-provvista għandha tkun garantita f'setturi bħall-enerġija, il-kura tas-saħħa u l-ingredjenti farmaċewtiċi attivi.
- 6.5. Huwa ċar ħafna li l-Unjoni Ewropea trid turi s-saħħa u l-poter tagħha f'dawn iż-żminijiet diffiċli. Il-KESE jindika li l-unika possibbiltà għall-Istati Membri biex jegħlbu din il-kriżi hija billi jaġixxu b'mod koordinat, billi ħadd ma jitħalla jibqa' lura. M'hemmx lok għal ideat populistu u pjanar nazzjonali. Is-solidarjetà, il-kooperazzjoni u r-rispett lejn xulxin huma essenzjali għal irkupru rapidu, li, jekk irid ikun sostenibbli, irid jislet it-tagħlimiet kollha possibbli mill-passat dwar in-nuqqas ta' rispett tal-ekosistemi.
- 6.6. Ir-rilassament tar-regoli fiskali se jkun ta' appoġġ għall-investment produttiv biss jekk wieħed mill-għanijiet ikun il-konverġenza 'l fuq tal-Istati Membri b'introjtu baxx. Wasal iż-żmien li jiġu proposti miżuri konkreti biex jiġi provat li s-solidarjetà Ewropea tasew teżisti bil-fatti u mhux biss bil-kliem.
- 6.7. L-SMEs probabbilment se jkunu l-aktar milquta minn din il-kriżi, peress li ġeneralment jiddependu fuq kumpaniji kbar u minħabba nuqqas ta' likwidità. Li nsibu l-aħjar għodda biex jiġu appoġġjati l-SMEs kollha tal-Ewropa huwa ta' importanza fundamentali u l-KESE japprova l-intenzjoni li l-SMEs jiġu meġġjuna jespandu u jattiraw forza tax-xogħol ikkwalifikata eż. permezz tal-introduzzjoni ta' opzjonijiet ta' stokk għall-impjegati⁽¹³⁾.
- 6.8. Industrijali u setturi ewlenin, mir-riżorsi umani sar-riċerka, għandhom jiġu identifikati u appoġġjati biex iwasslu għal politika industrijali Ewropea li tiproteġi dawn is-setturi strateġiċi mis-suq u tiżgura s-sigurtà tal-provvista ta' elementi ewlenin, bħalma huma r-respiraturi, il-maskri u oġġetti oħra. Dan jimplika li jiġu appoġġjati l-korporazzjonijiet li jirrilokaw il-kapaċità ta' produzzjoni lejn l-Ewropa, biex jippermettu li l-UE terġa' tikseb kontroll fuq il-produzzjoni u tiżgura l-awtonomija fir-rigward tas-suq dinji, dejjem f'konformità ma' tranżizzjoni ambjentali ġusta. Id-dipendenza dejjem tikber tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-mediċini u l-ingredjenti farmaċewtiċi attivi tista' toħloq problemi sistemiċi minħabba nuqqas ta' mediċini u riskji għas-saħħa. Dan iqajjem tħassib serju għall-awtonomija strateġika tal-UE.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹³⁾ COM/2020/103 final.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar (a) “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Pjan ta’ azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku”

(COM(2020) 94 final)

u (b) “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — L-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli għas-Suq Uniku”

(COM(2020) 93 final)

(2020/C 364/16)

Relatur: **Gerardo LARGHI**

Korelatur: **Gonçalo LOBO XAVIER**

Konsultazzjoni	(a) Kummissjoni Ewropea, 22.4.2020 (b) Kummissjoni Ewropea, 22.4.2020
Bażi legali	(a) u (b) Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Is-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	25.6.2020
Data tal-adozzjoni fis-sessjoni plenarja	16.7.2020
Sessjoni plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	212/2/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jappoġġja l-Pjan ta’ azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku ⁽¹⁾ tal-Kummissjoni.

1.2. Il-KESE lest jappoġġja u japprova l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *L-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli għas-Suq Uniku* ⁽²⁾.

1.3. Il-KESE jemmen li għal wisq żmien, l-applikazzjoni insuffiċjenti jew inadegwata tar-regoli tal-UE kienet il-punt debboli tad-dritt tal-Unjoni, u li għalhekk ħafna każijiet ta’ frodi u mgħiba illegali ma ġewx indirizzati. L-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni hija essenzjali sabiex tinbena l-fiducia tan-negozji u tal-konsumaturi u biex jiġi żgurat li s-suq uniku joffri l-potenzjal sħiħ tiegħu lin-negozji, lill-impjegati u lill-konsumaturi.

1.4. Il-KESE jemmen li biex tkun effettiva, strateġija ta’ implimentazzjoni trid: 1) tkun ibbażata fuq sħubija b’saħħitha li tinvolvi lill-partijiet interessati rilevanti kollha; 2) tippermetti kooperazzjoni akbar fil-livell Ewropew bejn in-networks ta’ infurzar eżistenti sabiex tiżgura li jiġu indirizzati l-problemi li jaffettwaw diversi setturi fl-istess ħin; 3) tiżviluppa strateġiji u mezzi sabiex jindirizzaw ksur wiesa’ fl-UE, fejn tkun tista’ tittieħed azzjoni unika, effettiva u trasparenti ta’ infurzar biex jiġu protetti l-partijiet interessati kollha u jiġi żgurat infurzar transnazzjonali tal-liġi; 4) tuża l-potenzjal tat-teknoloġiji l-ġodda.

⁽¹⁾ COM(2020) 94 final.

⁽²⁾ COM(2020) 93 final.

1.5. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex fil-pjan ta' azzjoni tinkludi rwol definit ċar għall-atturi tas-soċjetà ċivili, l-imprendituri, il-ħaddiema, u l-konsumaturi.

1.6. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-idea tal-Kummissjoni Ewropea li tittrasforma s-SOLVIT f'għodda awtomatika effettiva għall-ostakli mhux ġustifikati fis-suq uniku, iżda huwa importanti li s-SOLVIT ikun attrezzat bi proċedura aktar strutturata biex każijiet importanti jiġu riferuti lill-Kummissjoni u jaħdem fis-setturi u l-oqsma kollha tal-politika.

1.7. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva ffukata biex **jittejbu l-valutazzjonijiet ex ante tar-regolamentazzjoni restrittiva fil-kuntest tad-Direttiva dwar it-Test tal-Proporzjonalità** ⁽³⁾. L-involvement tal-partijiet interessati waqt "l-itestjar tal-proporzjonalità" għandu jkun in-norma aktar milli l-eċċezzjoni.

1.8. **Il-Gateway Diġitali Unika** huwa mod wieħed kif jiġu akkomodati b'mod diġitali l-ħtiġijiet tan-negozji u l-konsumaturi għal informazzjoni online. Il-punti uniċi ta' kuntatt ser jiġu integrati malajr fil-Gateway Diġitali Unika, biex b'hekk il-kumpaniji u l-konsumaturi jkunu jistgħu jirreferu għal post wieħed biss għall-assistenza u l-informazzjoni.

1.9. Il-KESE jappoġġja s-sejħa tal-Kummissjoni biex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw il-proposta dwar l-infurzar tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, li tistabbilixxi l-proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti relatati ma' servizzi ⁽⁴⁾.

1.10. Il-Kumitat jenfasizza li l-kriżi marbuta mat-tixrid tal-COVID-19 tinvolvi riskji serji għas-suq uniku, jiġifieri li d-differenzi bejn il-pajjiżi tal-UE f'termini ta' żvilupp ekonomiku, garanziji soċjali u livelli ta' prosperità jistgħu jiżdiedu wara li tintemm il-pandemija.

1.11. Il-Kumitat jinnota li minkejja l-kisbiet reali tas-suq uniku, in-negozji u l-konsumaturi għadhom jirrapportaw li għad fadal wisq ostakli.

1.12. Il-KESE jaqbel mal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni, li jgħid li "biex jingħelbu l-ostakli eżistenti tas-suq uniku, se jkun essenzjali li jkun hemm sħubija reali bejn l-atturi differenti responsabbli għall-implimentazzjoni u għall-infurzar fil-livell Ewropew u f'dak tal-Istati Membri".

1.13. Il-KESE għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tuża l-Istrateġija l-għdida għall-Infurzar tas-Suq Uniku biex tibni qafas kollaborattiv b'saħħtu li jinkludi lill-partijiet interessati kollha attivi fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Fost affarijiet oħra, l-organizzazzjonijiet għandhom ikunu involuti b'mod sħiħ fil-ħidma tat-Task Force mħabbra għall-Infurzar fis-Suq Uniku, li għandha sservi bħala forum biex jiġu diskussi kwistjonijiet ta' infurzar orizzontali.

1.14. Il-KESE jemmen li l-infurzar huwa essenzjalment problema orizzontali u għalhekk m'għandux jiġi indirizzat b'mod kompartmentalizzat. Huwa essenzjali li jiġi organizzat u ssemplifikat aħjar il-fluss tax-xogħol bejn in-networks differenti tal-infurzar u li jiġi ffaċilitat l-iskambju tagħhom ta' informazzjoni u ta' prattiki tajba.

1.15. Ir-Regolament dwar Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi għen biex jinbena pont bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi permezz ta' rikonnoxximent aħjar tal-kooperazzjoni tagħhom. Madankollu, filwaqt li huwa pożittiv, dan il-qafas għadu inkomplet u jirrikjedi aktar titjib, pereżempju fil-ħeffa tar-rispons għat-twissijiet miċ-ċittadini.

1.16. Il-KESE jemmen li d-data u l-intelliġenża artifiċjali jistgħu jintużaw biex jgħinu fil-monitoraġġ tas-swieq. Għalhekk huwa jqis li dawn l-għodod diġitali għandhom jiġu żviluppati fil-livell tal-UE u jiġu kondiviżi mill-partijiet interessati kollha.

1.17. L-awtoritajiet tal-infurzar illum qegħdin jiffaċċjaw proliferazzjoni ta' prattiki diżonesti fis-suq uniku, filwaqt li l-ħidma tagħhom ta' spiss hija soġġetta għal limitazzjonijiet baġitarji stretti. F'dan il-kuntest, il-Kumitat jitlob użu aħjar tar-riżorsi skarsi, koordinazzjoni aħjar bejn in-networks eżistenti, l-iżvilupp ta' sinerġiji ġodda bejn l-atturi kollha, u għodod ġodda bbażati fuq teknoloġiji ġodda li jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni.

⁽³⁾ ĠU L 173, 9.7.2018, p. 25.

⁽⁴⁾ COM(2016) 821 final.

2. Rigward il-Komunikazzjoni — Pjan ta' azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku (COM (2020) 94 final) — INT/899

2.1. L-isfidi għas-suq uniku

2.1.1. Is-suq uniku huwa fil-qalba tal-proġett Ewropew u għamel il-ħajja tal-konsumaturi u tan-negozji Ewropej aktar faċli. Suq uniku effiċjenti għandu jippermetti liċ-ċittadini tal-UE jgawdu minn għażla aktar wiesgħa ta' servizzi u prodotti u minn opportunitajiet aħjar ta' impjieg. Is-suq uniku għandu jstimula l-kummerċ u l-kompetizzjoni u huwa fundamentali biex jinkisbu t-trasformazzjonijiet ekoloġiċi, industrijali u diġitali tal-UE.

2.1.2. Sabiex jinkiseb dan, l-Ewropa jeħtieġ li tistabbilixxi prijoritajiet ibbażati fuq kriterji u tipproċedi fuq il-bażi ta' kriterji stabbiliti sewwa lejn gwida politika ċara, li tagħti prijorità assoluta lin-nies.

2.1.3. Biex issaħħaħ il-kooperazzjoni fl-infurzar tar-regoli tas-suq uniku, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tħabbar l-istabbiliment ta' Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku (SMET), li r-rwol tagħha huwa li tivvaluta l-istat ta' konformità tal-liġi nazzjonali mar-regoli tas-suq uniku, billi tagħti prijorità lill-ostakli l-aktar urġenti, tindirizza r-regolamentazzjoni eċċessiva, tiddiskuti kwistjonijiet ta' infurzar orizzontali, u timmonitorja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni propost. F'dan ir-rigward, is-SMET għandha tistabbilixxi kriterji ċari biex jiġi deċiż liema huma l-aktar ostakli urġenti skont il-valur ekonomiku tagħhom.

2.1.4. Il-Kummissjoni beħsiebha wkoll tuża mekkaniżmi ta' prevenzjoni biex: tevita ostakli ġodda għall-forniment ta' servizzi fis-suq uniku; ittejjeb il-kapaċità ta' sejbien ta' nuqqas ta' konformità; tistabbilixxi pjattaforma għall-infurzar onlajn (laboratorju ta' infurzar elettroniku) biex taqşam informazzjoni dwar prodotti industrijali u tal-konsumatur illegali u mhux konformi; tistabbilixxi punt ta' dħul ta' informazzjoni uniku Ewropew għall-awtoritajiet għall-kontrolli fuq prodotti mhux alimentari u t-Tieqa Unika Doganali li jmiss; tiżgura li s-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) issir l-istrument prestabbilit; toħloq għodda li tippermetti lill-individwi u lin-negozji jirrapportaw b'mod anonimu dwar l-ostakli regolatorji li jiltaqgħu magħhom fl-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom tas-suq intern; ittejjeb l-infurzar fir-rigward tal-leġislazzjoni agroalimentari tal-UE (inkluża s-saħħa tal-annimali u tal-pjanti); tivvaluta l-integrazzjoni tal-istrutturi eżistenti (bħan-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur, in-Network tal-UE għall-Konformità tal-Prodotti jew l-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali) u laboratorju ffinanzjat taħt il-Programm għas-Suq Uniku jew il-Programm Ewropa Diġitali biex jittestja u japplika soluzzjonijiet avvanzati tal-IT; issaħħaħ il-għieda kontra l-prodotti foloz u illegali, inklużi l-prodotti illeċiti magħmula jew assemblati fl-UE minn komponenti impurtati, u testendi l-mandat attwali tal-OLAF; issaħħaħ l-infurzar fil-katina agroalimentari; tiżviluppa sistemi ta' tikkettar u traċċabilità billi tippromovi l-użu ta' għodod diġitali biex tippermetti kontrolli aktar immirati fil-fruntieri esterni u fl-UE; tagħmel SOLVIT l-għodda prestabbilita għas-soluzzjoni tat-tilwim tas-suq uniku; tissemplifika l-proċess għall-immaniġġar tal-każijiet, twettaq rieżami preliminari tal-ilmenti fi żmien xahrejn sabiex jiġu stabbiliti l-passi li jmiss; u tuża s-sistema tal-EU Pilot skont kundizzjonijiet u skedi ta' żmien ċari għall-każijiet fejn tkun tidher li tista' tintlaħaq soluzzjoni rapida fi żmien qasir.

2.2. Kummenti ġenerali

2.2.1. Il-KESE jqis li t-tlestija u l-infurzar effettiv tas-suq uniku huma tal-akbar importanza, billi huwa mezz biex jintlaħaq l-oġettivi politiċi mnaqqxa fid-dokumenti fundaturi tal-Unjoni Ewropea, pjuttost milli tmiem fih innifsu.

2.2.2. L-ostakli prinċipali identifikati fil-Komunikazzjoni huma: l-għażliet regolatorji fil-livell nazzjonali u tal-UE; it-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni; il-kapaċità u l-prattika amministrattiva fl-Istati Membri; l-ambjent ġenerali tan-negozju u tal-konsumatur; u kawżi sottostanti mhux relatati mal-ordni pubbliku, bħal-lingwa jew il-kultura.

2.2.3. Is-SOLVIT isir l-għodda awtomatika: il-KESE jappoġġja l-għan li jiġi żgurat li l-proċeduri tas-SOLVIT isiru l-għodda awtomatika għal ostakli mhux ġustifikati fis-suq uniku. Madankollu, għandha biss id-djalogu u s-setgħa ta' persważjoni għad-dispożizzjoni tagħha; barra minn hekk ma tistax tintuża b'mod parallel mal-litigazzjonijiet. Is-sistema tas-SOLVIT teħtieġ proċedura aktar strutturata biex tirreferi każijiet importanti lill-Kummissjoni. Fl-istess ħin, huwa importanti li s-SOLVIT taħdem fis-setturi u l-oqsma ta' politika kollha.

2.2.4. Tintlaqa' tajjeb il-miżura biex jittejbu l-valutazzjonijiet ex ante tar-regolamentazzjoni restrittiva fil-kuntest tad-Direttiva dwar it-Test tal-Proporzjonalità⁽⁵⁾. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tippovdi assistenza strutturata u toħroġ gwida lill-Istati Membri dwar kif għandhom iwettqu l-valutazzjonijiet ex ante tal-proporzjonalità tar-regolamentazzjoni nazzjonali l-għdida tal-professionijiet skont id-Direttiva dwar it-Test tal-Proporzjonalità. Barra minn hekk, l-involvement tal-partijiet interessati waqt "l-ittestjar tal-proporzjonalità" għandu jkun in-norma aktar milli l-eċċezzjoni.

2.2.5. Il-ksib tal-informazzjoni u l-proċeduri amministrattivi: il-Gateway Diġitali Unika hija mod kif b'mod diġitali jiġu akkomodati l-ħtiġijiet tan-negozji u tal-konsumaturi għal informazzjoni online, iżda skont il-leġislazzjoni eżistenti tas-suq uniku, l-Istati Membri jridu jinfurmaw ukoll lill-kumpaniji permezz ta' punti uniċi ta' kuntatt. Diversi biċċiet tal-leġislazzjoni tal-UE jipprevedu ċ-ċentralizzazzjoni tal-punti uniċi ta' kuntatt. Dawn ser jiġu integrati malajr fil-Gateway Diġitali Unika, biex b'hekk il-kumpaniji u l-konsumaturi jkunu jistgħu jirreferu għal post wieħed biss għall-assistenza u l-informazzjoni. In-negozji għandhom jirċievu biss tweġiba waħda u kkoordinata.

2.2.6. L-UE attwalment qed tiġi mheżża kemm minn fatturi esterni bħall-pandemija li għaddeja bħalissa, li kkawżat bosta mwiet u żerġhet il-paniku, u xeħtet lill-ekonomija kollha tal-UE f'reċessjoni, kif ukoll minn fatturi interni bħan-nuqqas ta' dik iż-żieda fis-solidarjetà li wasslet għat-twelid tal-Unjoni. Għalhekk qegħdin nistaqsu lilna nfusna x'inhu meħtieġ biex jiġi stabbilit suq uniku li ma jkunx biss eżerċizzju tekniku u leġislattiv, b'kunsiderazzjoni mill-għdid tal-mudell sħiħ tal-proġett Ewropew. Huwa assolutament raġonevoli li nistaqsu jekk Ewropa magħquda — kif xi wħud immaġinaw, bosta tħabtu biex jibnu u oħrajn impenjaw ruħhom biex jeqirdu biċċa biċċa, tal-anqas mir-rifjut tal-kostituzzjoni tal-UE — hix se tkun għadha teżisti fl-2050 u lil hinn bħala mudell ta' libertà, xempju ta' kultura, promotur tal-paċi, tappoġġja r-rieda tajba bejn il-popli u tiddefendi l-opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa f'dinja mingħajr diskriminazzjoni jew ostakli.

2.2.7. Dan ta' hawn fuq huwa aktar minnu f'dan iż-żmien partikolarment diffiċli, meta l-Ewropa qed tiġi ffaċċjata minn kriżi fit-tul li hija sistemika pjuttost milli sempliċement ikkawżata mill-istat attwali tal-ekonomija: din mhijiex biss kriżi ekonomika u finanzjarja, iżda wkoll kriżi tal-valuri soċjali u kulturali. Għadd tajjeb ta' ċittadini jemmnu li l-unika soluzzjoni kredibbli hija li jitwarrab l-approċċ purament monetarju u ekonomiku favur Unjoni ġenwinament politika.

2.2.8. Il-KESE jemmen li l-kriżi tal-COVID-19, li affettwat lill-pajjiżi Ewropej kollha, tappella biex terġa' tiġi kkunsidrata s-sistema kollha, mhux biss fsens organizzattiv iżda wkoll sabiex jiġu ġġenerati ideat ġodda u jtfasslu mudelli ġodda ta' negozju.

2.2.9. Is-sistemi tal-protezzjoni ċivili ma ħadmux f'kull pajjiż biex jindirizzaw il-kriżi. Għall-kuntrarju, f'ħafna postijiet dawk is-sistemi f'fall: la l-gvernijiet ċentrali, la l-muniċipalitajiet u lanqas iċ-ċittadini ma wrew li kienu lesti għal emerġenza, u r-risposti ħafna drabi kienu bil-mod u jiswew il-flus, u xi drabi jħawdu 'l dak li jkun.

2.2.10. Deher ċar li f'xi oqsma l-Ewropa tiddependi minn pajjiżi terzi, sitwazzjoni li tirrikjedi kunsiderazzjoni mill-għdid ta' ċerti pedamenti tal-Unjoni Ewropea, li trid turi kapaċità li tirreaġixxi u tirriorganizza lilha nnifisha. L-akkwist muniċipali, reġjonali u mill-Istat, u l-appoġġ għall-fornituri lokali, se jirrikjedu attenzjoni partikolari: l-akkwist pubbliku jrid isir garanzija tas-sigurtà ekonomika.

2.2.11. L-istandardizzazzjoni mmexxija mis-suq għandha rwol importanti taħt l-"approċċ il-għdid", applikat mhux biss għall-prodotti iżda wkoll għas-servizzi.

2.2.12. Għandu jkun hemm valutazzjoni preċiża tal-ħtieġa għall-miżuri li għandhom jiġu adottati, u tal-effiċjenza u l-impatt tagħhom, sabiex fir-regolamentazzjoni tas-servizzi, dawk rilevanti għas-suq uniku jiġu distinti minn servizzi oħra.

2.2.13. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-importanza tal-miżuri kollha maħsuba biex jippromovu l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni fis-suq uniku. Oqsma bħall-prodotti u s-servizzi, l-akkwist pubbliku, is-sorveljanza tas-suq, id-dritt tal-kumpaniji, id-dritt kuntrattwali u ekstrakuntrattwali, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-moviment liberu tal-kapital, is-servizzi finanzjarji, il-kompetizzjoni u l-iżvilupp ta' għodod għall-governanza, kollha jirrikjedu b'mod urġenti l-istabbiliment ta' suq uniku li jħares id-drittijiet tal-individwi, il-produtturi, il-ħaddiema u l-konsumaturi, mingħajr ma jimmina l-attività ekonomika bbilanċjata.

⁽⁵⁾ ĠU L 173, 9.7.2018, p. 25.

2.2.14. Il-KESE jitlob li suq uniku ġust iqis il-ħtieġa li jiġu rrispettati r-regoli tax-xogħol, tal-konsumatur u dawk ambjentali, f'konformità mal-Istrateġija Industrijali għall-Ewropa, li għadha kemm ġiet proposta ⁽⁶⁾ kif ukoll mal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari stabbiliti fil-programm tal-Kummissjoni. Il-KESE diġà approva b'mod sħiħ dawn il-prinċipji u jqis li l-Ewropa għandha tassumi t-tmexxija f'dan il-qasam.

2.2.15. Il-KESE jappoġġja d-deċiżjoni li titwaqqaf Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku, magħmula mill-Istati Membri u l-Kummissjoni, f'konformità mal-proposti u r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-KESE f'għadd ta' okkażjonijiet ⁽⁷⁾.

2.2.16. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jiġi miġġieled kull każ waħdieni ta' regolamentazzjoni eċċessiva u infurzar skorrett tar-regoli, li ħafna drabi mminaw il-funzjonament xieraq tas-suq. Il-KESE jitlob bil-qawwa li jiġi rappreżentat f'dan it-task force, tal-anqas bħala osservatur.

2.2.17. Kif diġà ntqal f'bosta mill-Opinjoni jiet preċedenti tiegħu ⁽⁸⁾, il-KESE jaqbel li l-Kummissjoni tidentifika r-riskji u d-dewmien fit-tlestija tas-suq uniku marbuta mal-frammentazzjoni tas-suq, id-diskrepanzi fir-regoli infurzabbli, l-inċertezza rigward il-kunfidenzjalità tad-data, l-użu mingħajr skrupli u mhux dejjem kontrollabbli tan-networks tal-IT, u l-fatt li s-servizzi illegali huma disponibbli onlajn, prinċipalment minħabba n-nuqqas ta' infurzar permezz ta' tassazzjoni u penali mill-partijiet rilevanti tal-Kummissjoni. Il-KESE jirrakkomanda li d-DG tal-Kummissjoni jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet abbażi ta' approċċ trasversali.

2.2.18. Il-KESE jiddispaċih li l-liġijiet tal-UE għadhom mhumiex qed jiġu infurzati b'mod effettiv. Iċ-ċittadini Ewropej jeħtieġ li jkollhom id-dritt għal azzjoni kollettiva sinifikanti fil-livell Ewropej, li għandha tiġi introdotta b'mod ċar u fil-pront; dan jgħin bil-bosta biex tiġi garantita, bħala l-aħħar soluzzjoni, ir-responsabbiltà għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli Ewropej u b'hekk jikkontribwixxi għall-konformità volontarja ma' dawk ir-regoli ⁽⁹⁾.

2.2.19. Il-KESE jenfasizza li ħafna drabi l-Istati Membri nnifishom kisru r-regoli maqbula tas-suq uniku jew ħolqu u ttolleraw ostakli fil-liġi nazzjonali, bil-għan li joħolqu protezzjoni addizzjonali fis-suq tagħhom u jiksbu vantaġġi għan-negozji nazzjonali. Il-kisbiet ħafna drabi jkunu għal żmien qasir ħafna, iżda dan jagħmel ħsara lill-SMEs u lin-negozji ġodda, flimkien mal-individwi u l-konsumaturi li jitpoġġew friskju minn prodotti mhux konformi jew ikollhom inqas għażla.

2.2.20. Għal din ir-raġuni, il-KESE jappoġġja s-sejħa tal-Kummissjoni biex il-Parlament Ewropej u l-Kunsill jadottaw il-proposta għal Direttiva dwar in-notifika ta' regoli nazzjonali skont id-Direttiva dwar is-Servizzi ⁽¹⁰⁾. Madankollu, il-ftehim ma għandux idgħajjef id-Direttiva eżistenti dwar is-Servizzi permezz ta' eżenzjonijiet mill-obbligu ta' notifika fir-rigward tar-restrizzjonijiet territorjali (inkluż l-ippjanar spazjali urban) jew billi lill-Kummissjoni jitneħħewlha s-setgħat attwali tagħha fit-teħid ta' deċiżjonijiet.

2.3. Kummenti speċifiċi

2.3.1. Il-kamp ta' applikazzjoni tas-suq uniku jfisser li l-UE hija kapaċi toħloq sistema kummerċjali multilaterali, miftuħa, mhux diskriminatorja u bbażata fuq ir-regoli. In-negozji ta' pajjiżi terzi jridu jikkonformaw mar-regoli tal-UE biex jiksbu aċċess għas-suq uniku, inklużi foqma bħalma huma s-saħħa, l-ambjent, is-sigurtà tal-ikel u tal-prodotti, u l-protezzjoni tal-konsumatur.

2.3.2. Il-KESE japprova d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tgħaqqad flimkien għodod li diġà huma fis-seħħ sabiex jappoġġjaw l-iżvilupp ta' suq uniku permezz ta' għodod ġodda (bħal punt ta' informazzjoni ċentrali li l-impjegati taċ-ċivil fl-Istati Membri jistgħu jirreferu għalih jekk ikollhom mistoqsijiet prattiċi, pjattaformi għall-iskambji mal-Istati Membri bħal dik użata għad-Direttivi dwar l-Akkwisti Pubbliċi, u aċċess imtejjeb għall-informazzjoni dwar ir-regoli u r-ekwiżiti għall-utenti permezz tal-Gateway Diġitali Unika).

⁽⁶⁾ COM(2020) 102 final.

⁽⁷⁾ Ara ĠU C 43, 15.2.2012, p. 14 u l-Opinjoni jiet l-oħra msemmija aktar 'il fuq.

⁽⁸⁾ Ara l-lista mehmuża.

⁽⁹⁾ Il-KESE fassal diversi Opinijoni jiet dwar din il-kwistjoni, fosthom: ĠU C 309, 16.12.2006, p. 1, ĠU C 324, 30.12.2006, p. 1, ĠU C 162, 25.6.2008, p. 1, ĠU C 228, 22.9.2009, p. 40 u ĠU C 128, 18.5.2010, p. 97.

⁽¹⁰⁾ COM(2016) 821 final.

2.3.3. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni żżid gwida dwar il-prinċipji li ġejjin:

(a) is-sussidjarjetà u s-“sussidjarjetà doppja”;

(b) ir-rikonoxximent reċiproku;

(c) l-innovazzjoni u l-prekawzjoni;

(d) l-interess ġenerali fir-rigward ta' ċerti servizzi (eż. is-servizzi bankarji u l-assigurazzjoni).

2.3.4. Il-KESE jaqbel mad-deċiżjoni ta' konċentrazzjoni fuq l-akkwist pubbliku. L-amministraturi u l-benefiċjarji tal-fondi tal-UE jridu jiġu megħjuna jtejbu l-prattiki tagħhom fir-rigward tal-akkwisti pubbliċi, sabiex jiżguraw kundizzjonijiet ekwi u jużaw l-akkwist bħala għodda strateġika biex jiġu segwiti objettivi ta' politika ewlenin, bħall-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari.

3. Rigward il-Komunikazzjoni L-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli għas-Suq Uniku (COM (2020) 93 final) — INT/908

3.1. L-ostakli għas-suq uniku

3.1.1. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni biex jiġu identifikati u mneħħija l-ostakli għas-suq uniku tiffoka fuq it-13-il ostaklu prinċipali, li juri li dawn mhumiex biss regolatorji jew amministrattivi, iżda wkoll prattiċi. In-negozji u l-konsumaturi li joperaw fl-UE ħafna drabi jiffaċċjaw diversi limitazzjonijiet fl-istess ħin. Dan jirrigwarda b'mod partikolari lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), il-professjonisti u l-konsumaturi.

3.1.2. Sabiex tippromovi soluzzjonijiet possibbli fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, il-Komunikazzjoni tidentifika ħames kawżi ewlenin: l-għażliet regolatorji fil-livell nazzjonali u tal-UE; it-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni; il-kapaċità u l-prattiki amministrattivi fl-Istati Membri; l-ambjent ġenerali tan-negozju u tal-konsumatur; u kawżi prinċipali mhux relatati mal-ordni pubbliku, bħal-lingwa u l-kultura.

3.1.3. Xi drabi jidher li l-Istati Membri jiksru r-regoli maqbula tas-suq uniku jew joħlqu u jittolleraw ostakli fil-liġi nazzjonali, bil-għan li joħlqu protezzjoni addizzjonali fis-suq tagħhom u jiksbu vantaġġi għan-negozji nazzjonali.

3.2. Kummenti ġenerali

3.2.1. Il-KESE jirrikonoxxi li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tidentifika l-ostakli ewlenin li fadal għal suq uniku reali. Dawn l-ostakli mhumiex biss regolatorji jew amministrattivi, iżda wkoll prattiċi, li jfisser li n-negozji u l-konsumaturi li joperaw fl-UE ħafna drabi jiffaċċjaw diversi limitazzjonijiet fl-istess ħin. Dan għandu impatt negattiv b'mod partikolari fuq l-SMEs u l-professjonisti liberi.

3.2.2. Il-KESE jemmen li strateġija ta' implimentazzjoni effettiva trid: 1) tkun ibbażata fuq sħubija b'saħħitha li tinvolvi lill-partijiet interessati kollha; 2) tippermetti kooperazzjoni akbar fil-livell Ewropew bejn in-networks ta' infurzar eżistenti sabiex tiżgura li l-ksur jiġi individwat u problemi kumplessi li jaffettwaw diversi setturi fl-istess ħin jiġu indirizzati; 3) tiżviluppa strateġiji u mezzi sabiex jindirizzaw b'mod effiċjenti ksur fuq skala kbira tar-regoli tal-UE, fejn tkun tista' tittieħed azzjoni unika ta' infurzar biex jiġu protetti l-partijiet interessati kollha u jiġi żgurat infurzar transnazzjonali tal-liġi; 4) tuża l-potenzjal tat-teknoloġiji l-ġodda sabiex tippromovi azzjonijiet ta' infurzar aktar effiċjenti u sorveljanza aktar mill-qrib tas-suq.

3.2.3. Il-KESE jemmen li għal wisq żmien l-applikazzjoni insuffiċjenti jew inadegwata tar-regoli tal-UE kienet il-punt debboli tad-dritt tal-Unjoni u dan kien ifisser li ħafna każijiet ta' frodi u prattiki illegali ma ġewx indirizzati. L-infurzar b'saħħtu tad-dritt tal-Unjoni huwa essenzjali sabiex tinbena l-fiducia tal-konsumatur u sabiex jiġi żgurat li n-negozji, l-impjegati u l-konsumaturi jużaw il-potenzjal sħiħ tas-suq uniku.

3.2.4. Id-dannu kkawżat lis-suq uniku mill-kriżi tal-COVID-19 se jamplifika d-dannu kkawżat mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE. Dan jista' jfisser li meta l-pandemija tintemm, id-differenzi bejn il-pajjiżi tal-UE f'termini ta' żvilupp ekonomiku, garanziji soċjali u livelli ta' prosperità se jżiedu, b'konsegwenzi għas-suq uniku u l-iżvilupp tiegħu.

3.2.5. Il-KESE jemmen li s-sitwazzjoni attwali tista' twassal biex is-suq uniku jiġi ridott għal sempliċi żona ta' kummerċ ħieles – mhux ir-riżultat naturali ta' proġett politiku sovrannazzjonali iżda sempliċement l-inqas denominatur komuni tal-interessi nazzjonali tal-pajjiżi.

3.2.6. Il-KESE għalhekk jappella lill-istituzzjonijiet Ewropej u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kkonċernati biex jinformaw b'mod ċar liċ-ċittadini Ewropej dwar il-limitazzjonijiet tas-suq uniku sabiex ikollhom idea realistika ta' x'jistgħu fil-fatt jistneww mit-twettiq u l-infurzar tiegħu. Dan jagħmilha importanti li ma jiġux imposti la miżuri li jistgħu jkunu superfluwi u mhux ġustifikati u li fir-realtà joħlqu biss ostakli għall-operat tan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs⁽¹⁾, inklużi l-professjonijiet liberi, u lanqas armonizzazzjoni sħiħa, li mhijiex difensibbli minħabba li prinċipji oħra jridu jieħdu l-preċedenza, pereżempju d-drittijiet tal-konsumatur u l-protezzjoni tal-konsumatur. Is-suq uniku jrid jirrifletti l-prinċipju tas-saħħa fid-diversità, li għandu jkun fundamentali fil-politika Ewropea flimkien mal-armonizzazzjoni.

3.2.7. L-istandardizzazzjoni għandha rwol importanti taħt l-"approċċ il-ġdid", applikat mhux biss għall-prodotti iżda wkoll għas-servizzi.

3.2.8. Pjan fit-tul bħal dak imfassal mill-Kummissjoni sabiex jitneħħew l-ostakli li fadal huwa impenn ambizzjuż u ta' min ifaħħru, iżda jrid ikun akkumpanjat minn investiment sostanzjali fi proċessi ta' informazzjoni, twissija, tagħlim, taħriġ, integrazzjoni u standardizzazzjoni.

3.3. *Id-dimensjoni soċjali tas-suq uniku*

3.3.1. Il-KESE jitlob għal darb'oħra lill-Kummissjoni biex tqis id-dimensjoni soċjali tal-UE bil-għan li tippromovi l-ħolqien ta' impjiegi effettivi u ta' kwalità tajba, tippromovi l-mobilità transkonfinali, ittejjeb il-kapaċitajiet u l-ħiliet, u żżid l-investiment f'dawk l-SMEs li jħossu li huma partikolarment limitati mir-regoli imposti mill-UE u jibbenefikaw l-anqas mill-istatus quo. Għal din ir-raġuni, il-KESE jilqa' l-adozzjoni tal-istrateġija tal-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali.

3.3.2. Il-KESE jqis li r-regoli stabbiliti għas-suq uniku huma utli biss sakemm dawn jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq soċjali b'saħħitha bil-għan li jiġu prevenuti l-faqar, l-inugwaljanza, id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali, b'enfasi partikolari fuq l-iżgurar li ż-żgħażaġh ikollhom post fis-soċjetà.

3.3.3. Hemm sentiment qawwi fost l-SMEs u l-impjegati li huma jikkostitwixxu dawk li ntaqtu l-aktar mill-kriżijiet ekonomiċi, l-introduzzjoni tal-euro u issa mill-pandemija serja ħafna li xeħtet lill-ekonomija Ewropea f'preċessjoni. Dan ifisser li kull miżura li tappoġġja suq uniku Ewropew trid tinvolvi komunikazzjoni aktar sempliċi, diretta u effettiva, anqas burokrazija, u regoli li jistgħu jinftiehem minn kulħadd.

3.3.4. Il-KESE jitlob ukoll biex il-miżuri futuri tal-ekonomija ekoloġika u l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għas-suq uniku jinkludu regoli dwar is-settur tal-ekonomija soċjali sabiex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwi għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u jiġi promoss l-iżvilupp ta' dan is-settur.

3.3.5. L-appoġġ għall-impreduturi żgħażaġh u għall-prodotti u s-servizzi innovattivi huwa aspett fundamentali tal-programm sabiex jitwassal is-suq uniku. Il-KESE japprova d-deċiżjoni li jiġu appoġġjati mudelli ġodda ta' negozju, jiġifieri l-ekonomija ċirkolari, it-teknoloġiji avvanzati, soluzzjonijiet effiċjenti fir-riżorsi, b'emissjonijiet baxxi tas-CO₂ u inizjattivi oħra maħsuba pereżempju biex jippromovu d-dimensjoni internazzjonali tan-negozji, jattiraw it-talent u jtejbu l-ħiliet tal-persunal.

3.3.6. Il-KESE jaqbel li l-SMEs li jinvestu fi proġetti diġitali għandhom jiġu appoġġjati. Il-proġetti għandhom ikunu mfassla wkoll sabiex ikunu ta' benefiċċju għan-negozji, il-konsumaturi, u s-soċjetà ċivili kollha kemm hi.

3.4. *Kummenti speċifiċi*

3.4.1. Il-KESE jenfasizza d-diffikultajiet li jiffaċċjaw il-kumpaniji Ewropej meta jikkompetu fi swieq globali b'oligopolji jew monopolji, li f'ċerti każijiet ikunu proprjetà tal-istat. L-eżempji jinkludu l-industrija ferrovjarja, it-trasport bl-ajru, u l-enerġija eolika, fejn il-kumpaniji Ewropej jiffaċċjaw kompetizzjoni ħarxa (minn pajjiżi terzi, u b'mod partikolari minn kumpaniji Ċiniżi).

⁽¹⁾ ĠU C 376, 22.12.2011, p. 51.

3.4.2. Il-KESE jappoġġja lill-Kummissjoni fil-ġlieda tagħha sabiex tiżgura l-konformità tal-prodott tal-pjattaformi onlajn sabiex ma jitpoġġewx fis-suq prodotti illegali u mhux siguri. Huwa jenfasizza l-importanza ta' kull miżura waħdanija mfassla sabiex tivverifika l-konformità tal-prodotti mibjugħa fuq pjattaformi onlajn u biex tipprova u tiżgura s-sigurtà tal-prodotti fil-katina tal-provvista onlajn globali.

3.4.3. Madankollu, il-KESE jixtieq jirrakkomanda li l-Kummissjoni tikkunsidra wkoll, bħala parti minn dan l-eżerċizzju, kwistjonijiet bħall-intelliġenza artifiċjali, il-komunikazzjonijiet kummerċjali, il-kummerċjalizzazzjoni u r-reklamar, il-garanziji legali u kuntrattwali fil-bejgħ tal-prodotti u s-servizzi, u dispożizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tas-suq intern fis-settur bankarju u dak tal-assigurazzjoni.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss”

(COM(2020) 456 final)

“Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni. Il-baġit tal-UE jmessi l-pjan ta’ rkupru għall-Ewropa”

(COM(2020) 442 final)

“Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi Strument ta’ Rkupru tal-Unjoni Ewropea insostenn tal-irkupru wara l-pandemija tal-COVID-19”

(COM(2020) 441 final/2 — 2020/0111 (NLE))

“Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027”

(COM(2020) 443 final — 2018/0166 (APP))

“Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta’ Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea”

(COM(2020) 445 final — 2018/0135 (CNS))

“Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE, EURATOM) Nru 1311/2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014–2020”

(COM(2020) 446 final — 2020/0109 (APP))

“Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu, Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali, Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi r-regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jtfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill”

(COM(2020) 459 final — 2018/0224 COD)

(2020/C 364/17)

Relatur ġenerali: **Petru Sorin DANDEA**

Relatur ġenerali: **Tommaso DI FAZIO**

Relatur ġenerali: **Petr ZAHRADNÍK**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 17.6.2020 (COM(2020) 459 final — 2018/0224 COD) Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 10.6.2020 (COM(2020) 459 final — 2018/0224 COD) Kummissjoni Ewropea, 17.6.2020: COM(2020) 441 final/2 — 2020/0111 (NLE) COM(2020) 442 final COM(2020) 443 final — 2018/0166 (APP) Kummissjoni Ewropea, 2.7.2020: COM(2020) 445 final — 2018/0135 (CNS) COM(2020) 446 final — 2020/0109 (APP) COM(2020) 456 final
Bażi legali	Artikoli 43(2), 173(3), 182(1), 188 u 304 tat-TFUE
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Deċiżjoni tal-Bureau	9.6.2020
Adottata fil-plenarja	16.7.2020
Sessjoni plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	206/4/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE huwa konxju tal-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali gravi tal-pandemija tal-COVID-19 għall-Istati Membri kollha. Huwa għalhekk li jappoġġja bil-qawwa l-proposta tal-Kummissjoni — Next Generation EU — bħala għodda speċifika għal irkupru rapidu u effettiv. Il-Kummissjoni qieset id-dissimetriji ekonomiċi u soċjali kkawżati mill-miżuri adottati wara l-kriżi tal-2008 u bbażat l-azzjonijiet tagħha fuq il-prinċipju tas-solidarjetà bejn il-pajjiżi kollha, mingħajr ma ġie eskluż l-ebda pajjiż. Il-Kummissjoni qed tmur lura għall-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea kif miksub fit-Trattat fundatur, li hija qed timplimenta b'mod deċiżiv.

1.2. Il-KESE huwa konxju sew tas-sitwazzjoni ekonomika straordinarja u serja kkawżata mill-pandemija u jaqbel mas-sett ta' miżuri adottati biex itaffu l-impatti negattivi fuq il-prestazzjoni ekonomika. L-effetti jvarjaw, inkluż mhux biss xokk bla preċedent fid-domanda u tnaqqis fil-likwidità, iżda wkoll sospensjoni tal-ktajjen tal-provvista u problemi serji min-naħa tal-provvista, fejn il-ktajjen tal-provvista ġew interrotti u ħafna kumpaniji ffaċċjaw problemi bil-komponenti, bil-forza tax-xogħol, bil-materja prima, eċċ., u kellhom iwaqqfu l-proċessi tal-produzzjoni tagħhom għal din ir-raġuni. F'dan is-sens, il-miżuri pprovduti jridu jkunu eċċezzjonali u l-KESE jitlob li jkunu komprensivi ħafna.

1.3. Għalhekk, il-KESE jilqa' d-deċiżjoni li l-Unjoni tiġi pprovduta b'għodda finanzjarja sostanzjali li tippermetti lill-Istati Membri kollha jiksbu rkupru ekonomiku u soċjali fil-pront u effettiv. Il-KESE jilqa' wkoll b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi l-fond straordinarju ta' rkupru b'kull ma huwa meħtieġ biex l-ekonomija tal-Unjoni terġa' tingħata l-ħajja u, barra minn hekk, biex tiġi affermata mill-ġdid il-pożizzjoni kompetittiva tagħha fil-livell globali, flimkien mal-kisbiet soċjali li huma karatteristiċi tal-Unjoni Ewropea, li jrid jibqgħu wkoll objettiv essenzjali.

1.4. Il-KESE jħares b'mod pożittiv ħafna lejn iż-żewġ deċiżjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni. L-ewwel wieħed huwa li jiddaħħal strument straordinarju għall-irkupru finanzjarju bħala parti mill-qafas finanzjarju pluriennali. Il-QFP huwa strument li r-regoli proċedurali tiegħu huma aċċettati mill-Istati Membri kollha, li ħadem tajjeb għal żmien twil, u li għalhekk huwa kompletament funzjonali. It-tieni deċiżjoni ewlenija hija li jiżdied id-dejn komuni, li jitħallas lura fuq perjodu twil ta' żmien, u li jiġi evitat li l-piż finanzjarju straordinarju jaqa' direttament fuq l-Istati Membri fuq perjodu qasir ta' żmien, li kollha kemm huma — mingħajr eċċezzjonijiet — sa ċertu punt qed ibatu mill-effetti ekonomiċi u soċjali negattivi tal-pandemija.

1.5. It-tieni deċiżjoni wasslet lill-Kummissjoni biex titlob awtorizzazzjoni biex tibbenefika mill-klassifikazzjoni tal-kreditu għolja tal-Unjoni Ewropea fis-suq finanzjarju sabiex tiġbor, f'segmenti suċċessivi, self Ewropew komuni fit-tul ħafna b'rati tal-imgħax baxxi għall-Istati Membri kollha. L-isforz finanzjarju għandu jgħin biex l-ekonomija Ewropea terġa' tingħata l-ħajja malajr kemm jista' jkun, terġa' tinkiseb il-fiduċja u tinbena Unjoni aktar sostenibbli u ġusta.

1.6. Il-KESE jilqa' iż-żewġ deċiżjonijiet ewlenin adottati minħabba li, kif ġie ddikjarat ripetutamente fid-dokumenti leġislattivi u mhux leġislattivi li ġew ippreżentati, l-ekonomiji tal-Istati Membri ma jistgħux jibqgħu jirreżistu l-effetti negattivi tal-kriżi waħedhom minħabba li huma kollha dipendenti ħafna fuq xulxin minħabba l-ħafna snin ta' konsolidazzjoni tas-suq uniku, li kellu l-effett pożittiv maħsub mill-fundaturi tal-UE u t-Trattati fundaturi.

1.7. B'mod ġenerali, fil-kuntest usa' tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) kollu, il-Programm Next Generation UE jagħti sinjal dwar kif għandhom jiġu mobilizzati u utilizzati r-riżorsi finanzjarji komuni tal-UE fil-futur. Barra minn hekk, għalkemm l-ammont totali ta' EUR 750 biljun jista' jidher enormi, dan żgur mhuwiex lil hinn mill-mezzi ekonomiċi tal-UE (huwa ugwali għal 4,1% biss tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-UE fl-2019), u jista' jitħallas lura kompletament sal-2058.

1.8. Il-KESE japprezza l-approċċ innovattiv u oriġinali li l-Kummissjoni Ewropea qiegħda tieħu biex iżżid il-bażi fiskali tal-UE minn 1,1% tal-PDG tal-UE għal madwar 1,7% f'termini komparabbli, jew saħansitra aktar jekk ikun meħtieġ fil-futur. Il-KESE jqis li dan ir-rispons huwa sinjal ta' kif ir-riżorsi finanzjarji komuni tal-UE jistgħu jiġu mobilizzati u utilizzati b'mod modern fil-futur.

1.9. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon kbir il-fatt li l-istrument il-ġdid propost għandu jkun ikkoordinat mill-qrib mal-proċess tas-Semestru Ewropew, li wera l-vijabbiltà tiegħu, u jappoġġja l-proposta li l-Istati Membri jispeċifikaw il-ħtiġijiet tagħhom fil-pjani nazzjonali ta' rkupru u reżiljenza.

1.10. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal baġit tal-UE li għandu l-għan li jintroduċi riżorsi proprji ġenwini addizzjonali bbażati fuq taxxi differenti (dħul mill-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, mit-tassazzjoni diġitali, mid-dħul tal-kumpaniji kbar). B'mod partikolari, il-KESE jindika li l-appoġġ finanzjarju enormi meħtieġ mill-Istati Membri tal-UE biex tingħeleb il-kriżi ekonomika għandu jkun akkumpanjat minn proġett ta' riforma fiskali aktar ambizzjuż — Unjoni Fiskali — bil-għan li jiġi stabbilit reġim tat-taxxa armonizzat ibbażat fuq il-prinċipji ta' kompetizzjoni ġusta u tas-solidarjetà u li jiġu evitati d-distorsjonijiet u d-diskriminazzjonijiet li jeżistu fil-pajjiżi tal-UE li wasslu għal imġiba opportunistika kemm fl-Istati kif ukoll fil-kontribwenti individwali u li dgħajfu l-unità tas-suq uniku.

1.11. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tħejji dokument ta' sfond konsenswali u appoġġjat bil-qawwa dwar ir-riżorsi finanzjarji proprji tal-UE; il-KESE jifhem il-perjodu twil taż-żmien għall-ħlas lura tan-Next Generation EU, iżda s-soluzzjoni finali dwar ir-riżorsi proprji trid tiġi adottata sew qabel dik id-data.

1.12. Il-KESE jitlob bil-qawwa li l-miżuri proposti mill-Kummissjoni jsiru operattivi malajr kemm jista' jkun, peress li l-fattur taż-żmien huwa essenzjali. Għalhekk jappella lill-Kunsill biex jilħaq kunsens mingħajr dewmien billi jipperswadi lil dawk l-Istati Membri li bħalissa qed jopponu l-pjan tal-valur tal-unità u l-koeżjoni f'dan iż-żmien diffiċli u jfakkarhom li l-pajjiżi kollha, mingħajr eċċezzjonijiet, huma interdipendenti ekonomikament u soċjalment.

1.13. Fl-aħħar nett, il-KESE jixtieq jinnotta li l-kriżi għal darb'oħra enfasizzat il-ħtieġa li jitħaffu r-riformi li saru għaż-żona tal-euro u li jingħelbu l-limitazzjonijiet li għadhom jimpedixxu integrazzjoni ġenwina ekonomika, soċjali, fiskali u politika. Din hija xi ħaġa li l-KESE diġà enfasizza matul il-kriżi finanzjarja preċedenti li faqqgħet fl-2008.

2. Sommarju tal-proposta tal-Kummissjoni

2.1. Bħala rispons għall-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali immedjati tagħha, fis-27 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet strument temporanju ta' rkupru ta' EUR 750 biljun, imsejjaħ Next Generation EU, biex tingħata spinta lill-kapaċità finanzjarja tal-baġit tal-UE.

2.2. L-istrument għall-irkupru huwa inkorporat fil-qafas finanzjarju pluriennali msaħħaħ ta' bejn l-2021 u l-2027 biex l-investment jgħaddi malajr fejn hu l-aktar meħtieġ, jissaħħaħ is-suq uniku, tiżdied il-koooperazzjoni foqhma bħas-saħħa u l-ġestjoni tal-kriżijiet, u biex l-Unjoni tiġi attrezzata b'baġit fit-tul biex jiġu xprunati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u tinbena ekonomija aktar ġusta u reżiljenti.

2.3. Il-pjan ta' rkupru jikkonsisti f'element ta' għotja ta' EUR 440 biljun li se jitqassam bejn l-intestaturi kollha tal-baġit. Barra minn hekk, se jiġu pprovduti EUR 60 biljun f'garanziji. Madwar EUR 250 biljun se jingħataw lill-Istati Membri bħala self.

2.4. Sabiex tiffinanzja l-miżuri ta' rkupru proposti, il-Kummissjoni se tissellef sa EUR 750 biljun fis-swieq finanzjarji fisem l-Unjoni, għal miżuri ta' rkupru matul il-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2024.

2.5. Biex tagħmel dan possibbli, il-Kummissjoni se tuża l-marġni ta' manuvra — id-differenza bejn il-limitu massimu tar-riżorsi proprji tal-baġit fit-tul (l-ammont massimu ta' fondi li l-Unjoni tista' titlob mill-Istati Membri biex tkopri l-obbligi finanzjarji tagħha) u l-limitu massimu tal-infiq attwali (il-limitu massimu tal-pagament tal-QFP).

2.6. Il-limitu massimu tar-riżorsi proprji għandu jiżdied fuq bażi eċċezzjonali u temporanja b'0,6 punti perċentwali. Din iż-żieda se tiżdied mal-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji — 1,4 % tal-introjt nazzjonali gross tal-UE, li huwa propost minħabba inċertezzi ekonomiċi u l-Brexit. Iż-żieda ta' 0,6 punti perċentwali se tiskadi meta l-fondi kollha jkunu tħallsu lura u l-obbligazzjonijiet kollha ma jkunux għadhom jeżistu.

2.7. Bil-marġni ta' manuvra tal-baġit tal-UE bħala garanzija, l-UE se tkun tista' toħroġ dejn b'termini relattivament vantaġġjużi meta mqabbla ma' ħafna Stati Membri individwali. Il-fondi migħbura se jrin jitħallsu lura mill-baġits futuri tal-UE li jibdwew wara l-2027 u sa mhux aktar tard mill-2058, mill-baġits futuri tal-UE. Is-self se jitħallas lura mill-Istati Membri li jkunu ssellu.

2.8. Billi l-element ta' self jikkonsisti f'EUR 250 biljun, l-UE kollettivament trid tħallas lura EUR 500 biljun permezz tal-mekkaniżmu tar-riżorsi proprji (madankollu, l-UE hija responsabbli wkoll għal inadempjenzi ta' self mill-Istati Membri fuq il-EUR 250 biljun li jifdal).

2.9. Biex jiġi ffaċilitat il-ħlas lura tal-finanzjament tas-suq li jkun sar u biex tkompli titnaqqas il-pessjoni fuq il-baġits nazzjonali, il-Kummissjoni se tipproponi riżorsi proprji ġodda addizzjonali — minbarra dawk diġà proposti — fi stadju aktar tard tal-perjodu finanzjarju ta' bejn l-2021 u l-2027. Dawn se jkunu marbutin mill-qrib mal-prijoritajiet tal-UE (it-tibdil fil-klima, l-ekonomija ċirkolari u t-tassazzjoni ġusta).

2.10. L-użu tal-flus mill-pakkett għall-irkupru huwa mibni fuq tliet pilastri.

2.10.1. PILASTRU 1 — Nappoġġjaw lill-Istati Membri biex jirkupraw, isewwu u joħorġu aktar b'saħħithom mill-kriżi: Dan jinkludi firxa ta' strumenti biex jappoġġjaw l-investment u r-riformi fl-Istati Membri, b'enfasi fuq fejn l-impatt tal-kriżi u l-ħtiġijiet ta' reżiljenza huma l-akbar:

— Faċilità ġdida għall-irkupru u għar-Reżiljenza ta' EUR 560 biljun li għandha tintuża għal investimenti u riformi għall-irkupru u għar-reżiljenza;

— l-inizjattiva REACT-EU se tipprovdni EUR 55 biljun ta' finanzjament addizzjonali għall-politika ta' koeżjoni bejn issa u l-2022;

— tibdil fil-Fond Soċjali Ewropew Plus;

— proposta biex jissaħħaħ il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta sa EUR 40 biljun;

— proposta biex jissaħħaħ il-baġit għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali b'EUR 15-il biljun.

2.10.2. PILASTRU 2 — Inqajmu l-ekonomija u nġhinu biex l-investment privat jerġa' jibda jiċċaqlaq:

- Strument ġdid ta' Appoġġ għas-Solvenza se juża l-garanzija baġitarja tal-UE biex jimmobilizza riżorsi privati biex jappoġġja b'mod urġenti l-ekwiżità ta' kumpaniji Ewropej vijabbli mis-setturi ekonomiċi kollha;
- InvestEU msaħħa, li hija unikament adatta biex timmobilizza l-investment u tappoġġja l-politiki tal-Unjoni matul l-irkupru f'oqsma bħall-infrastruttura sostenibbli, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni;
- fi ħdan l-InvestEU, il-Kummissjoni qed tipproponi li toħloq Faċilità għall-Investment Strateġiku biex iżżid ir-reżiljenza tal-Ewropa billi tibni awtonomija strateġika fil-ktajjen ta' provvista vitali fil-livell Ewropew.

2.10.3. PILASTRU 3 — Nitgħallmu mill-kriżi u nindirizzaw l-isfidi strateġiċi tal-Ewropa

- programm ġdid dwar is-Saħħa, EU4Health, ta' EUR 9,4 biljun biex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun mgħammra bil-kapaċitajiet kritiċi biex tirreaġixxi malajr għall-kriżijiet futuri;
- żieda ta' EUR 2 biljun għar-resceEU, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili;
- tisħiħ ta' Orizzont Ewropa għal EUR 94,4 biljun;
- żieda tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali għal EUR 86 biljun, permezz ta' Garanzija ġdida għall-Azzjoni Esterna, u EUR 1 biljun addizzjonali għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli;
- żieda ta' EUR 5 biljun għall-Istrument għall-Għajnuna Umanitarja.

2.11. Minbarra t-tisħiħ taħt in-Next Generation EU, il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ aktar programmi sabiex ikunu jistgħu jaqdu r-rwol sħiħ tagħhom biex l-Unjoni ssir aktar reżiljenti u biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-pandemija u l-konsegwenzi tagħha:

il-Programm Ewropa Diġitali; il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa; il-Programm għas-Suq Uniku u l-programmi li jappoġġjaw il-kooperazzjoni fl-oqsma tat-tassazzjoni u d-dwana; Erasmus Plus; Ewropa Kreattiva; il-Politika Agrikola Komuni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd; il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri; il-Fond għas-Sigurtà Interna; l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni tal-Unjoni.

2.12. Il-fond għall-irkupru huwa inkluż fl-istruttura tal-baġit tal-UE. B'riżultat ta' dan, l-iżborż se jkun jeħtieġ il-programmazzjoni u huwa marbut mas-Semestru Ewropew (u għalhekk il-kondizzjonalità makroekonomika). Huwa marbut ukoll mas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll baġitarji tal-Kummissjoni Ewropea, u japplika l-kontroll baġitarju tal-Parlament Ewropew.

2.13. Biex tagħmel tajjeb għall-perijodu tranżitorju sakemm tiġi rratifikata d-Deċiżjoni emendata dwar ir-riżorsi proprji, u biex il-fondi meħtieġa jkunu disponibbli għall-ħaddiema, in-negozji u l-Istati Membri diġà fl-2020, il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll li taġġusta l-baġit attwali għall-perjodu fit-tul għas-sinjuri 2014-2020 sabiex ikun hemm aktar infiq fl-2020.

2.14. L-istrateġija tal-UE għat-ktabbir, il-Patt Ekoloġiku Ewropew — inkluż il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta propost f'Jannar — u l-istrateġija diġitali u industrijali tal-Unjoni huma vitali għall-irkupru sostenibbli tal-UE u għadhom fil-qalba tal-proposti tal-Kummissjoni peress li huma kruċjali biex l-ekonomija tagħna timxi 'l quddiem u tħejji il-futur għall-ġenerazzjoni li jmiss. Għalhekk, l-investimenti u r-riformi biex dawn jiġu avvanzati se jkollhom jiġu inklużi fil-pjani nazzjonali ta' rkupru u reżiljenza.

2.15. Għalkemm f'Mejju 2018, il-Kummissjoni pproponiet li jiġu eliminati l-korrezzjonijiet kollha fuq in-naħa tad-dħul (mekkaniżmi ta' korrezzjoni), minħabba l-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni issa tieħu l-pożizzjoni li t-nehħija gradwali tal-mekkaniżmi ta' korrezzjoni u l-pjan ta' rkupru jistgħu jinvolvu żidiet sproporzjonati fil-kontribuzzjonijiet għal ċerti Stati Membri fil-baġit fit-tul li jmiss. Biex dan jiġi evitat, il-Kummissjoni tipproponi li l-mekkaniżmi ta' korrezzjoni attwali jitneħħew b'mod gradwali fuq perjodu itwal ta' żmien.

2.16. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE kontra nuqqasijiet ġeneralizzati fl-istat tad-dritt tibqa' karatteristika prinċipali tal-pakkett ta' rkupru.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Fir-rigward tal-preżentazzjoni dwar il-pjan ta' rkupru li l-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen għamlet lill-Parlament Ewropew fis-27 ta' Mejju 2020, il-KESE japprezza b'mod partikolari u jaqbel mal-motivazzjonijiet profondi u sinifikanti li wasslu għan-Next Generation EU. Dan l-istrument huwa patt ġust bejn il-ġenerazzjonijiet li se joħloq Unjoni Ewropea msaħħa u orjentata lejn il-futur. Se jkollha l-għodod xierqa biex tkun aktar b'saħħitha u aktar koeżiva sabiex il-ġenerazzjonijiet futuri jibbenefikaw ħafna minnha, minflok ma jitgħabbew biss bil-piż tad-dejn fit-tul ħafna li nħoloq illum.

3.2. Il-KESE jikkwota r-raġunijiet li ġejjin b'mod partikolari għaliex il-proposta hija straordinarja, anke revoluzzjonarja:

- għall-ewwel darba, ir-riżorsi baġitarji tal-UE għandhom jaħdmu b'dejn impliċitu, li għandu jitħallas lura matul it-30 sena li ġejjin;
- għall-ewwel darba, ir-riżorsi se jissellfu fis-swieq finanzjarji u s-soluzzjoni se tkun ittestjata fis-suq; matul dan iż-żmien, is-somma totali hija garantita mill-UE kollha kemm hi;
- is-soluzzjoni tista' twassal għal żieda futura fir-riżorsi proprji tal-UE u għal tnaqqis korrispondenti fid-dipendenza diretta tagħha fuq il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri;
- dan għandu jżid ukoll il-bażi finanzjarja tal-Unjoni minn 1,1 % tal-PDG tal-UE, kif inhi bħalissa, għal madwar 1,7 % f'termini komparabbli;
- is-soluzzjoni hija ta' appoġġ kbir, mhux biss għal dawk affettwati direttament mill-pandemija, iżda wkoll għal dawk li jeħtieġu l-assistenza bir-riformi strutturali tagħhom;
- il-proposta tiddependi ħafna fuq l-użu tal-istrumenti finanzjarji, li se jiżguraw ridistribuzzjoni aktar effiċjenti tar-riżorsi.

3.3. F'dan l-istadju huwa meħtieġ li jiġu evitati riperkussjonijiet negattivi reċiproċi billi tintwera solidarjetà mal-pajjiżi l-aktar milquta mill-pandemija u/jew ma' ekonomiji aktar dgħajfa minħabba l-iżbilanċi u l-limitazzjonijiet attwali taż-żona tal-euro.

3.4. Il-KESE jirrikonoxxi l-avviż tal-Programm tan-Next Generation EU kif ukoll il-proposta li saret fil-proposta magħmula fil-proposta emendata għal QFP 2021-2027 biex tiżdied il-bażi fiskali (baġitarja) tal-UE u tiġi adattata għall-ħtiġijiet urġenti attwali. Il-miżuri fiskali proposti jikkomplementaw ukoll il-passi li diġà ttieħdu fil-politiki monetarji u strutturali kif ukoll fl-oqfsa regolatorji.

3.5. F'għadd ta' opinjonijiet preċedenti, u b'mod partikolari fl-Opinjoni tiegħu tal-2018 dwar il-QFP 2021-2027, il-KESE appella għal baġit qawwi tal-UE u biex l-UE tkun mgħammra bir-riżorsi finanzjarji biex twassal b'mod kredibbli fl-aġenda politika tal-UE ⁽¹⁾.

3.6. F'termini ta' finanzjament tal-baġit tal-UE, il-KESE u l-Parlament Ewropew ilhom jitolbu ammont kbir biżżejjed ta' riżorsi proprji awtonomi, trasparenti u ġusti, u għal bidla lil hinn mid-dominanza tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-introjtju nazzjonali gross (ING). Il-KESE jappoġġja s-sejbiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji, presedut minn Mario Monti ⁽²⁾. Il-metodi biex jiżdied id-dħul għandhom jikkomplementaw u jsaħħu l-oġettivi tal-politika tal-UE. Għalhekk, il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal riżorsi proprji ġenwini addizzjonali ⁽³⁾.

⁽¹⁾ ĠU C 440, 6.12.2018, p. 106, ĠU C 81, 2.3.2018, p. 131, ĠU C 75, 10.3.2017, p. 63 u ĠU C 34, 2.2.2017, p. 1.

⁽²⁾ FUTURE FINANCING: Final report and recommendations of the High-Level Group on Own Resources December 2016 https://ec.europa.eu/budget/mff/hlgor/library/reports-communication/hlgor-report_20170104.pdf

⁽³⁾ ĠU C 440, 6.12.2018, p. 106 u ĠU C 81, 2.3.2018, p. 131.

3.7. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tfassal dokument ta' sfond ta' politika u test tal-fattibilità għar-riżorsi finanzjarji proprji. Il-KESE jifhem li se jgħaddi f'it żmien qabel ma tiġi adottata soluzzjoni finali. Madankollu, ikun utli ħafna jekk tiġi eliminata l-inċertezza ta' bħalissa dwar il-mod ta' finanzjament tal-baġit tal-UE. Mingħajr soluzzjoni, dan il-kunċett kollu huwa vulnerabbli ħafna.

3.8. Il-KESE jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-pjan ta' rkupru biex jiġu eliminati b'mod gradwali l-mekkaniżmi ta' korrezzjoni attwali għal ċerti Stati Membri kontributori netti fuq perjodu ta' żmien itwal minn dak propost fl-2018. Madankollu, il-KESE jżomm il-pożizzjoni li esprima fl-Opinjonijiet reċenti tiegħu, fejn fl-aħħar mill-aħħar jitlob li jintemmu l-mekkaniżmi ta' korrezzjoni kollha ⁽⁴⁾.

3.9. Minħabba li Next Generation EU ġie nkluż fil-baġit tal-UE, dan se jinvolvi rabta mas-Semestru Ewropew — f'termini ta' kundizzjonalità — u mas-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-Kummissjoni, li hija wkoll taħt il-kontroll tal-Parlament Ewropew. Il-KESE jindika li kunflitti potenzjali bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni jew bejn il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew jistgħu jwasslu għal dewmien sinifikanti fl-iżborż tal-fondi.

3.10. Il-KESE jemmen li jeħtieġ li l-Istati Membri jtejbu b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-programmazzjoni tagħhom jekk fl-ewwel tliet snin tal-qafas finanzjarju l-ġdid se jitqassmu EUR 165 biljun f'fondi addizzjonali u jintużaw b'mod effettiv. Il-Kumitat jirrakkomanda wkoll li l-Kummissjoni tikkunsidra li tagħmel ir-regoli aktar flessibbli sabiex tappoġġja lill-Istati Membri fil-programmazzjoni addizzjonali meħtieġ.

3.11. Il-KESE jilqa' l-ittra mibgħuta mill-presidenti tal-gruppi politiċi ewlenin tal-Parlament Ewropew li fiha huma jħeġġu lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill jilhq u ftehim malajr abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni. Il-KESE jaqbel ukoll mar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Mejju 2020, li fiha l-Parlament jappoġġja pakkett ta' rkupru ta' EUR 2 triljun biex jiġu indirizzati r-riperkussjonijiet tal-COVID-19 ⁽⁵⁾.

3.12. Il-KESE jirrikonoxxi li l-pakkett biex jiġi stabbilit Strument għall-Irkupru u jtfassal il-QFP 2021-2027 skont il-ħtieġijiet tal-perjodu ta' wara l-COVID-19 huwa meqjus bħala pass straordinarju fil-finanzjament tal-UE, iżda huwa wkoll neċessarju u urġenti. Il-politika baġitarja tal-UE fiċ-ċirkostanzi attwali ma kinetx tkun flessibbli biżżejjed u ma setgħetx tappoġġja kwalunkwe azzjoni li tista' b'mod viżibbli tgħin biex tissolva s-sitwazzjoni ta' kriżi.

3.13. Il-KESE jifhem ukoll li l-proposta hija l-aħjar waħda li tista' ssir fiċ-ċirkostanzi politiċi attwali.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Fir-rigward tal-Faċilità għall-Irkupru u għar-Reżiljenza, il-KESE japprezza ħafna r-rabta proposta mal-proċess tas-Semestru Ewropew kif ukoll il-Pjani ta' Rkupru u Reżiljenza li jistgħu jkunu l-bażi u l-punt ta' riferiment għall-finanzjament.

4.2. Fir-rigward tal-inizjattiva REACT-EU, il-KESE jilqa' mhux biss iż-żieda pjuttost b'saħħitha fil-bażi tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll ir-regoli eċċezzjonali ta' flessibilità mfassla biex jipprovdu appoġġ sinifikanti għal oqsma fil-bżonn u prijoritajiet urġenti.

4.3. Il-KESE jappoġġja wkoll bis-sħiħ żieda kbira fl-allokazzjoni tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-passi proposti fil-pilastri l-oħra tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta. L-iskema mfassla issa tista' b'mod aktar faċli u robust tappoġġja l-bidla strutturali lejn attivitajiet ekonomiċi ġodda u aktar diversifikati, li hija parti kruċjali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

4.4. Sabiex nerġgħu lura għas-sitwazzjoni ekonomika ta' qabel il-kriżi, huwa importanti ħafna li jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-investimenti privati. Il-KESE jilqa' l-proposta li jiġi stabbilit Strument ta' Appoġġ għas-Solvenza, li għandu tgħin negozji b'saħħithom milquta mill-pandemija.

⁽⁴⁾ ĠU C 440, 6.12.2018, p. 106.

⁽⁵⁾ http://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0124_MT.html

- 4.5. Il-KESE japprezza l-kontenut tat-tieni pilastru tal-Programm Next Generation UE, li jiffoka fuq l-irkupru tal-attività ta' investiment, li se jiġi appoġġjat minn strumenti finanzjarji innovattivi.
- 4.6. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-kontenut tat-tielet pilastru tal-Programm Next Generation UE, li jindirizza kwistjonijiet li s'issa kienu prinċipalment ir-responsabbiltà tal-Istati Membri.
- 4.7. Il-KESE jemmen li l-istruttura tal-programm Next Generation UE hija bbilanċjata tajjeb u tindirizza l-ħtiġijiet li għandhom jiġu ssodisfati mir-riżorsi komuni tal-UE, filwaqt li tirrispetta wkoll il-prinċipju tas-sussidjarjeta'.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u għar-Reżiljenza”

(COM(2020) 408 final — 2020/0104 (COD))

“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument ta’ Appoġġ Tekniku”

(COM(2020) 409 final — 2020/0103 (COD))

(2020/C 364/18)

Relatur ġenerali: **Dimitris DIMITRIADIS**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 10.6.2020 Parlament Ewropew, 17.6.2020
Bażi legali	L-Artikoli 175(3) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fil-plenarja	16.7.2020
Sessjoni plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	208/4/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza proposta (il-“Faċilità”) ⁽¹⁾.

1.2. Lil hinn mid-dimensjoni ekonomika tagħha, il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea essenzjalment qed tippromovi wkoll l-appfondiment u l-unifikazzjoni tal-familja Ewropea, peress li ssaħħa is-solidarjetà u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

1.3. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea turi, fost affarijiet oħra, li l-Unjoni Ewropea, sakemm ikun hemm ir-rieda politika xierqa, tista’ tindirizza b’mod effettiv kriżijiet kbar, tipprovi soluzzjonijiet serji u kredibbli, u tagħmel il-kompromessi meħtieġa u realistiki, u b’hekk fl-aħħar mill-aħħar tikkontribwixxi għall-promozzjoni sostanzjali tal-ideal Ewropew.

1.4. Il-KESE jemmen li l-Faċilità għandha tappoġġja t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u l-ekonomija diġitali billi tuża fondi minn Next Generation EU ⁽²⁾ biex tgħin biex jittaffa l-impatt soċjoekonomiku tat-tranżizzjoni fl-iżjed reġjuni milquta.

1.5. Fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19, il-ħtieġa ta’ rkupru sostenibbli, ekoloġiku u diġitali saret dejjem aktar urġenti, kif saret ukoll il-ħtieġa li jingħata appoġġ lill-iżjed reġjuni vulnerabli.

⁽¹⁾ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, COM(2020) 408 final, 28.5.2020.

⁽²⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni — Il-baġit tal-UE jmessi l-pjan ta’ rkupru għall-Ewropa, COM(2020) 442 final.

1.6. Il-KESE diġà għamilha ċara li huwa “favur rabta b’saħħitha bejn il-Programm ta’ Appoġġ għal Riformi⁽³⁾ u s-Semestru Ewropew”⁽⁴⁾. Għalhekk, il-pjani mressqa mill-Istati Membri jenħtieġ li jindirizzaw l-isfidi ewlenin identifikati fis-Semestru Ewropew u jenħtieġ li jiġu armonizzati mal-prinċipji tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Aġenda Diġitali.

1.7. Hija meħtieġa koordinazzjoni rapida u effettiva tal-azzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew sabiex jiġi evitat dewmien li jipperikola t-tilħiq tal-miri tal-Faċilità.

1.8. Jinħtieġ rispons immedjat u sħiħ mill-Istati Membri minħabba ż-żmien qasir li fih għandhom jitħejjew u jitlestew id-diversi pjani ta’ proġetti.

1.9. Il-KESE jqis importanti li l-Istati Membri jikkooperaw mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea biex japprovaw, jimmonitorjaw u jiżguraw it-tlestija b’suċċess tal-pjani ta’ proġetti ppreżentati taħt il-Faċilità.

1.10. Il-pjani għandhom jipprovdu appoġġ finanzjarju dirett lill-intrapriżi ż-żgħar u ta’ daqs medju.

1.11. Il-KESE jqis li huwa importanti ħafna li l-miżuri kollha mħabbrin, speċjalment dawk li jipprovdu appoġġ finanzjarju, għandhom ikunu akkumpanjati minn informazzjoni ċara u favorevoli għan-negozju dwar it-tip ta’ appoġġ offrut, kif SME tista’ effettivament ikollha aċċess għall-istrumenti finanzjarji differenti tal-UE li jeżistu, min jista’ jiġi kuntattjat fil-livell tal-UE f’każ ta’ mistoqsijiet, min huma l-korpi nazzjonali involuti fil-kanalizzazzjoni tal-fondi, min huma l-atturi nazzjonali li jistgħu jirrikorru għalihom l-SMEs, x’inhum r-rwol tal-banek nazzjonali u x’inhuma l-obbligi tagħhom.

1.12. Is-sottomissjoni, l-approvazzjoni, il-monitoraġġ u t-tlestija tal-proġetti jistgħu jitħaffu billi jiġi involut b’mod attiv is-settur privat, billi jiġu kkonsultati kumpaniji b’esperjenza globali fl-oqsma rilevanti.

1.13. Il-KESE jenfasizza għal darb’oħra l-ħtieġa li jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki fi ħdan l-UE, u li jitħaffu l-proċessi burokratiċi fir-rigward tal-allokazzjoni u l-iżborż tal-fondi disponibbli, u l-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi l-appoġġ tekniku meħtieġ⁽⁵⁾.

1.14. Ir-rwol u l-fehmiet tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jiġu integrati fil-pjani mressqa mill-Istati Membri. B’mod partikolari, il-KESE diġà appella għal rwol aktar attiv għas-soċjetà ċivili organizzata “... fir-rigward tal-ilħuq ta’ ftehim dwar il-kontenut tal-programmi ta’ riforma bejn il-viżjoni tal-Kummissjoni Ewropea u dik tal-Istati Membri”⁽⁶⁾.

1.15. L-Istrument ta’ Appoġġ Tekniku jista’ jaġixxi bħala komplement effettiv għall-pakketti ta’ miżuri li huma proposti mill-Kummissjoni biex tindirizza l-konsegwenzi ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19.

2. Introduzzjoni u kummenti ġenerali

2.1. L-oġġettiv tal-Faċilità proposta huwa li tippromovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali billi ttejjeb il-kapaċità ta’ reżiljenza u ta’ aġġustament tal-Istati Membri, ittaffi l-impatt soċjali u ekonomiku tal-kriżi, u tappoġġja t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali bil-għan li tinkiseb Ewropa newtrali għall-klima sal-2050, u b’hekk tikkontribwixxi għall-irkupru tal-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomiji tal-Istati Membri wara l-kriżi tal-COVID-19, trawwem il-ħolqien tal-impjieġ u tippromovi tkabbir sostenibbli.

2.2. Il-Faċilità se tissejjes fuq il-provvista ta’ appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u self li jgħin lill-pajjiżi — speċjalment dawk b’introjtu per capita aktar baxx u b’rati għoljin ta’ qgħad — biex jittrattaw b’mod adegwat l-effetti ekonomiċi severi tal-pandemija.

2.3. Is-self se jaqdi rwol komplementari għall-appoġġ mhux ripagabbli u se jibbenefika mill-maturitajiet twal u mir-rati tal-imgħax favorevoli li l-Unjoni tgawdi minnhom.

⁽³⁾ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ Funzjoni Ewropea ta’ Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti, COM(2018) 387 final.

⁽⁴⁾ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 121.

⁽⁵⁾ ĠU C 237, 6.7.2018, p. 53.

⁽⁶⁾ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 121.

2.4. Il-pandemija tal-COVID-19 hija l-kriżi globali tas-saħħa ewlenija ta' żmienna, u kkaġunat il-mewt ta' aktar minn 420 000 persuna sat-12 ta' Ġunju 2020 ⁽⁷⁾. COVID-19 hija ħafna aktar minn kriżi tas-saħħa: kellha impatt soċjoekonomiku enormi fid-dinja, li d-daqs tiegħu għadu diffiċli biex jiġi evalwat. Skont l-aħħar rapport dwar l-Ekonomija Globali mill-Prospetti Ekonomiċi Globali tal-Bank Dinji (Ġunju 2020), ix-xokk tal-coronavirus se jikkawża l-iktar reċessjoni globali profonda mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn.

2.5. L-ekonomija globali hija mistennija li tiċkien b'5,2 % fl-2020, li hija bejn wieħed u ieħor tliet darbiet l-iskala tal-kriżi finanzjarja globali tal-2008-09. Fost l-ekonomiji avvanzati, ir-rati ta' tkabbir tal-PDG reali għall-2020 huma mistennija li jkunu - 6,1 % fl-Istati Uniti u - 9,1 % fiż-żona tal-euro, rispettivament. Kif intqal espliċitament fir-rapport tal-Bank Dinji ta' Ġunju 2020 ⁽⁸⁾, peress li aktar minn 90 % tas-swieq emerġenti u ekonomiji li qed jiżviluppaw huma mistennija jesperjenzaw tnaqqis fl-introjtju per capita din is-sena, miljuni kbar x'aktarx se jerġgħu jsibu ruħhom fgar.

Il-konsegwenzi ekonomiċi tax-xokk tal-COVID-19 huma ⁽⁹⁾:

- 1) żieda fl-inċertezza, li żżid it-tfaddil prekawzjonarju;
- 2) tnaqqis tal-konsum;
- 3) tnaqqis tal-interess fl-investimenti produttivi;
- 4) żieda fil-qgħad, li parti minnu x'aktarx se jkun permanenti;
- 5) tnaqqis fil-volum tal-kummerċ globali kif ukoll tfixkil sinifikanti fil-ktajjen ta' provvista globali;
- 6) tnaqqis fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi (speċjalment il-prezz taż-żejt), li jwassal biex il-finanzjament tal-kontijiet kurrenti ta' esportaturi ta' prodotti bażiċi tradizzjonali jkun partikolarment diffiċli;
- 7) żieda qawwija fil-primjums tar-riskju meħtieġa biex jinżammu assi riskjużi.

2.6. Kif issa sar għarfien komuni, il-miżuri li jstgħu jgħinu biex tissolva l-kriżi tas-saħħa jstgħu jaggravaw il-kriżi ekonomika u viċi versa. L-iċċattjar tal-kurva tal-pandemija inevitabilment se jaċċellera l-kurva tar-reċessjoni makroekonomika u jqiegħed f'periklu l-ktajjen ta' provvista kollha, inklużi dawk li huma kruċjali għas-sopravivenza tal-bniedem (ikel u mediċina). Jekk l-impatt tal-pandemija jkompli jikber, jstgħu jsegwu kriżijiet finanzjarj, li jirriżultaw f'kollass fis-self, reċessjoni globali itwal, u rkupru aktar bil-mod. Kif jiddikjara r-rapport tal-Bank Dinji ta' Ġunju 2020 dwar il-Prospetti Ekonomiċi Globali, il-livelli ta' dejn qed jiżdiedu u għamlu s-sistema finanzjarja globali aktar vulnerabbli għall-istress tas-suq finanzjarju.

2.7. Għalhekk, hemm bżonn ta' intervent finanzjarju urġenti u fuq skala kbira sabiex jittrażżnu l-konsegwenzi ekonomiċi tal-kriżi reċenti u biex l-ekonomiji tal-Istati Membri jkunu aktar reżiljenti u mħejjija aħjar għall-futur.

2.8. Il-prijoritajiet ekonomiċi għandhom ikunu dawn li ġejjin:

- 1) huwa importanti li jiġi żgurat li l-forza tax-xogħol tibqa' impjegata anke jekk tkun fi kwarantina jew imġiegħla tibqa' d-dar;
- 2) il-gvernijiet għandhom jagħtu appoġġ finanzjarju lil istituzzjonijiet pubbliċi u privati li jappoġġjaw gruppi vulnerabbli fost iċ-ċittadini;
- 3) l-SMEs għandhom jiġu salvagwardjati kontra l-falliment (il-ħtieġa ta' flus il-kontribwenti tat-taxxa biex jiġu appoġġjati korporazzjonijiet kbar mhux finanzjarji hija ferm inqas ovvja);

⁽⁷⁾ <https://ourworldindata.org/grapher/total-deaths-covid-19>

⁽⁸⁾ Bank Dinji, Prospetti Ekonomiċi Globali, Ġunju 2020.

⁽⁹⁾ Koundouri, P., Athens University of Economics and Business Working Paper, 2020.

4) se jkunu meħtieġa politiki li jappoġġjaw is-sistema finanzjarja hekk kif jikber l-ammont ta' self improduttiv;

5) għandhom jiġu adottati pakketti fiskali komparabbli mat-telf tal-PDG relatat mal-kriżi.

2.9. Il-Kummissjoni issa qed tipproponi li tuża baġit tal-UE msaħħaħ biex tgħin biex tisewwa l-ħsara ekonomika u soċjali immedjata li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19, biex tingħata spinta qawwija lill-irkupru u tħejji għal futur aħjar għall-ġenerazzjoni li jmiss. Biex jiġi żgurat li l-irkupru jkun sostenibbli, uniformi, inklużiv u ġust għall-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi li jinholq strument ta' rkupru ġdid, Next Generation EU, inkorporat fi ħdan baġit fit-tul tal-UE b'saħħtu, modern u aġġornat. L-inizjattiva ewlenija ta' Next Generation EU hija l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza⁽¹⁰⁾.

3. Prinċipji ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku

3.1. Il-KESE jilqa' bi pjaċir kbir u jappoġġja l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (il-Faċilità) u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (l-Istrument), li l-għan tagħhom huwa li joffru appoġġ finanzjarju fuq skala kbira għall-investimenti pubbliċi u r-riformi, b'mod partikolari fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, li huma mistennija li mhux biss jagħmlu l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti u mħejjija aħjar għall-futur, iżda wkoll li jgħinuhom jegħlbu b'mod aktar mgħaġġel u effettiv il-konsegwenzi tal-pandemija.

3.2. Il-KESE huwa mħasseb ħafna dwar il-konsegwenzi ekonomiċi tal-pandemija fl-Istati Membri, speċjalment fir-rigward ta' żieda fil-qgħad li f'xi pajjiżi tan-nofsinar tal-UE saħansitra laħqet it-33 % fost iż-żgħażaġh kif ukoll żieda fir-rati tal-faqar.

3.3. Il-KESE jaqbel li l-pandemija tidher li qed twassal għall-aġhar xokk ekonomiku mid-Depressjoni l-Kbira 'l hawn, b'konsegwenzi devastanti għal miljuni ta' ċittadini u negozji tagħna u, naturalment, bil-potenzjal li tiġi approfondita d-diverġenza ekonomika u soċjali — ir-riskju ta' Frammentazzjoni Kbira⁽¹¹⁾.

3.4. Il-KESE diġà enfażizza li l-iżvilupp ekonomiku reċenti għadu “ma seħx b'mod uniformi fit-territorju kollu tal-Unjoni u taż-żona tal-euro u li l-progress li sar fil-konverġenza għadu mhux sodisfaċenti. Il-kwistjoni tas-sostenibbiltà hija wkoll sfida dejjem aktar kumplessa għall-UE”⁽¹²⁾.

3.5. Il-KESE jemmen li “l-integrazzjoni Ewropea tinsab fsalib it-toroq. Waħda mit-tagħlimiet li nksibet mill-kriżi ekonomika dejjiema reċenti u l-effetti soċjali profondi li din ħalliet f'diversi Stati Membri hija li n-nuqqas ta' konverġenza ekonomika u soċjali fost l-Istati Membri u r-reġjuni huwa ta' theddida għas-sostenibbiltà politika tal-proġett Ewropew u l-benefiċċji kollha li dan għab għaċ-ċittadini Ewropej”⁽¹³⁾.

3.6. Il-KESE jħoss li: “it-tisħiħ tal-kompetittività tal-ekonomija Ewropea, jiġifieri l-kapaċità tagħha li żżid il-produttività u l-livell ta' għajxien tagħha b'mod sostenibbli filwaqt li fl-istess ħin issir newtrali għall-klima, mhux l-inqas permezz tar-riċerka, l-iżvilupp kif ukoll aktar ħilet u ħilet aħjar għall-forza tax-xogħol, għandu jimxi id f'id ma' dawn l-inizjattivi”⁽¹⁴⁾.

3.7. Il-KESE jemmen li “l-iżvilupp ta' reżiljenza ekonomika u dik tas-suq tax-xogħol flimkien mas-sostenibbiltà ekonomika, soċjali, ambjentali u istituzzjonali għandhom ikunu l-politiki prinċipali ta' gwida li se jrawmu konverġenza 'l fuq u ġustizzja fit-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali għall-klima — jiġifieri ekonomija li fiha jkun hemm bilanċ bejn l-emissjonijiet u l-assorbiment tal-gassijiet serra — filwaqt li jiġu mmaniġġjati l-isfidi li jgħibu magħhom id-diġitalizzazzjoni u t-tibdil demografiku”⁽¹⁵⁾. Barra minn hekk, il-KESE jappoġġja s-sejħa biex l-Unjoni Ewropea timpenja ruħha li tikseb in-newtralità karbonika sal-2050 u, għaldaqstant, iżżid il-mira tagħha għat-tnaqqis tal-gassijiet serra għall-2030. Ir-Rapport dwar id-Diskrepanza fl-Emissjonijiet 2019 tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), jindika li l-emissjonijiet globali jeħtieġ li jitnaqqsu b'7,6 % fis-sena, li mil-lum, sabiex it-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C. Dan jirriżulta fi tnaqqis globali ta' mill-inqas 68 % sal-2030.

⁽¹⁰⁾ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u għar-Reżiljenza, COM(2020) 408 final, 28.5.2020.

⁽¹¹⁾ Kummenti mill-Kummissarju Gentiloni fil-konferenza stampa dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, Stqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni Ewropea, 28 ta' Mejju 2020 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹²⁾ ĠU C 47, 11.2.2020, p. 106.

⁽¹³⁾ ĠU C 353, 18.10.2019, p. 23.

⁽¹⁴⁾ Idem.

⁽¹⁵⁾ Idem.

3.8. Għalhekk, il-KESE jaqbel li l-oġġettiv ewlieni tal-Faċilità għandu jkun:

- 1) li tippromovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni;
- 2) li ttaffi l-impatt soċjali u ekonomiku tal-kriżi; u
- 3) li tappoġġja t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali mmirati lejn il-kisba ta' Ewropa newtrali għall-klima sal-2050, u b'hekk tikkontribwixxi biex jintradd lura l-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomiji tal-Istati Membri wara l-kriżi tal-COVID-19, u jitravwem il-ħolqien tal-impjieg u jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli.

3.9. Il-KESE jixtieq jenfasizza li dawn l-investimenti u riformi għandhom jiffukaw fuq l-isfidi u l-ħtiġijiet ta' investment relatati mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, biex b'hekk jiġi żgurat irkupru sostenibbli.

3.10. Issa huwa rikonoxxut b'mod wiesa' li l-politiki ta' stimolu ekoloġiku għandhom vantaġġi fuq l-istimoli fiskali tradizzjonali u li l-politiki pożittivi għall-klima joffru wkoll karatteristiċi ekonomiċi superjuri. Proġetti ta' kostruzzjoni ekoloġika, bħal modifiki retroattivi ta' iżolament jew infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli, jistgħu jwasslu għal effetti multiplikaturi ogħla minħabba t-tnaqqis fl-ispejjeż tal-enerġija fit-tul u l-effetti kollaterali pożittivi fuq l-ekonomija usa'.

3.11. Il-KESE jaqbel li, minbarra li l-fondi jiġu orjentati lejn il-kontroll tal-epidemija u fir-riċerka bijomedika rilevanti, u l-investment fis-sigurtà tal-fruntieri, l-ivvjaġġar sikur u l-kummerċ sikur, issa huwa ż-żmien li l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-gvernijiet iħaddnu t-tassonomija tal-UE għal investimenti sostenibbli (2019), ineħħu gradwalment il-fjuwils fossili billi jimobilizzaw teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli eżistenti, jidderieġu s-sussidji mill-fjuwils fossili għal proġetti ekoloġiċi u intelliġenti ta' infrastruttura għall-mitigazzjoni u l-adattament għall-klima, jinvestu f'ekonomiji ċirkolari u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jaqilbu minn agrikoltura industrijali għal agrikoltura riġenerattiva u jinvestu fis-sigurtà tal-ikel, jippromovu ktajjen ta' provvista Ewropej, inaqqsu l-ħtiġijiet tat-trasport u jisfruttaw il-limiti tar-rivoluzzjoni diġitali, filwaqt li jiżguraw is-sigurtà tan-networks tal-ICT⁽¹⁶⁾.

3.12. Il-KESE jaqbel mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija li t-tranżizzjonijiet għal enerġija nadifa jstgħu jgħinu biex tingħata spinta lill-ekonomija Ewropea, b'aġenda ambizzjuża għall-ħolqien tal-impjegi u għall-miri tat-tibdil fil-klima permezz tal-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija. Minħabba li l-gvernijiet, direttament jew indirettament, jixprunaw aktar minn 70 % tal-investment fl-enerġija globali, f'dan iż-żmien ta' kriżi, l-azzjonijiet tagħhom huma importanti aktar minn qatt qabel. L-orjentazzjonijiet ta' politika jstgħu jidderieġu b'mod attiv l-investimenti relatati mal-enerġija fuq perkors aktar sostenibbli, filwaqt li jagħmlu l-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli u l-ħażna tal-batteriji punti ċentrali tal-irkupru ekonomiku. Il-programmi ta' stimolu fl-industrija tal-enerġija għandhom jingħataw prijorità biex jappoġġjaw il-forzi tax-xogħol eżistenti, joħolqu impjegi ġodda u jixprunaw it-tnaqqis fl-emissjonijiet. L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija⁽¹⁷⁾ tagħti l-parir li għandna nibnu fuq dak li diġà għandna, u naħsbu kbir ("Build on what you already have — and think big"). Il-politiki bi strutturi legali u istituzzjonali eżistenti huma l-aktar faċli li jiġu estiżi.

3.13. Il-KESE jaqbel bis-sħiħ li l-Faċilità stabbilita permezz ta' dan ir-Regolament għandha tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-azzjonijiet klimatiċi u tas-sostenibbiltà ambjentali u għall-kisba ta' mira ġenerali ta' 25 % tan-nefqa tal-baġit tal-UE li tappoġġja l-oġġettivi tal-klima.

3.14. Il-KESE jemmen bil-qawwa li l-Faċilità għandha tissejjes prinċipalment fuq il-provvista ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli biex tgħin lill-pajjiżi — speċjalment dawk bi dħul per capita baxx u b'rati għoljin ta' qgħad — biex jindirizzaw b'mod adegwat l-effetti ekonomiċi severi tal-pandemija, filwaqt li s-self għandu jaqdi biss rwol komplementari għal appoġġ mhux ripagabbli u għandu jibbenefika mill-maturitajiet fit-tul u rati tal-imgħax favorevoli li l-Unjoni tgawdi minnhom.

⁽¹⁶⁾ Koundouri, P., *Never Waste a Good Crisis: For a Sustainable Recovery from COVID-19*, April 2020.

⁽¹⁷⁾ L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija: <https://www.iea.org/>

3.15. Il-KESE jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tisfrutta s-setgħa sħiħa tal-baġit tal-UE sabiex timmobilizza l-investiment u tappoġġja b'mod antiċipat l-appoġġ finanzjarju fl-ewwel snin kruċjali tal-irkupru permezz tal-adozzjoni kkombinata ta' Strument Ewropew għall-Irkupru ta' emerġenza li jammonta għal EUR 808 984,090 miljun (fi prezzijiet attwali) u qafas finanzjarju pluriennali (QFP) imsaħħaħ għall-2021-2027.

3.16. Il-KESE jappella biex "jitwettqu riformi strutturali effikaċi bi strateġiji ta' investiment immirati sew" ⁽¹⁸⁾.

3.17. Il-KESE jaqbel mal-istabbiliment ta' Strument ta' Appoġġ Tekniku indipendenti disponibbli għall-Istati Membri, bħala suċċessur għall-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali ⁽¹⁹⁾.

4. It-tnejn ta' pjani nazzjonali ta' rkupru u ta' reżiljenza, is-sottomissjoni, il-valutazzjoni u l-iskadenzi

4.1. Il-KESE jemmen li l-fondi tal-Faċilità għandhom jingħataw malajr kemm jista' jkun lill-Istati Membri, li min-naħa tagħhom għandhom jużawhom b'mod effiċjenti sabiex jimmassimizzaw il-benefiċċji tal-Faċilità.

4.2. L-Istati Membri jenħtieġ li jħejju pjani nazzjonali ta' rkupru u ta' reżiljenza li jistabbilixxu l-aġenda ta' riforma u ta' investiment għall-erba' snin li ġejjin.

4.3. Il-KESE jemmen li dawn il-pjani għandhom jindirizzaw l-isfidi ewlenin li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri kif identifikati fis-Semestru Ewropew, foqsmha bħall-kompetittività, il-produttività, l-edukazzjoni u l-ħiliet, is-saħħa, l-impjiegi u l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Għandhom jiżguraw ukoll li dawn l-investimenti u riformi jiffokaw b'mod adatt fuq l-isfidi relatati mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, biex jgħinu fil-ħolqien tal-impjiegi u t-kabbir sostenibbli u biex jagħmlu lill-Unjoni aktar reżiljenti.

4.4. Il-KESE jemmen li jeħtieġ li jissaħħaħ il-qafas attwali għall-għoti ta' appoġġ lill-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju u biex jiġu pprovduti b'appoġġ finanzjarju dirett permezz ta' għodda innovattiva sabiex jiġu ssalvagwardjati mill-falliment.

4.5. Il-miżuri kollha mħabbrin, speċjalment dawk li jipprovdu appoġġ finanzjarju, għandhom ikunu akkumpanjati minn informazzjoni ċara u favorevoli għan-negozju dwar it-tip ta' appoġġ offrut, kif SME tista' effettivament ikollha aċċess għall-istrumenti finanzjarji differenti tal-UE li jeżistu, min jista' jiġi kuntattjat fil-livell tal-UE f'każ ta' mistoqsijiet, min huma l-korpi nazzjonali involuti fil-kanalizzazzjoni tal-fondi, min huma l-atturi nazzjonali li jistgħu jirrikorru għalihom l-SMEs, x'inhu r-rwol tal-banek nazzjonali u x'inhuma l-obbligi tagħhom, eċċ.

4.6. Il-KESE jemmen li, matul dan il-proċess, għandhom jitqiesu bis-serjetà r-rwol u l-fehmiet tal-imsieħba soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

4.7. Il-KESE diġà ssuġġerixxa "l-introduzzjoni ta' regola li permezz tagħha ma jingħata l-ebda finanzjament lil Stat Membru sakemm ma jkunx adotta bis-sħiħ l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sħubija b'involvement ġenwin tal-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili meta jiġu deċiżi l-pakketti pluriennali ta' impenji ta' riforma ⁽²⁰⁾. L-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sħubija hija essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' riformi bbażati fuq l-evidenza, marbuta mas-sitwazzjoni reali fl-ekonomiji ta' kull Stat Membru" ⁽²¹⁾.

4.8. Il-KESE jaqbel li l-pjani għandhom jiġu vvalutati mill-Kummissjoni abbażi ta' kriterji trasparenti, fost l-oħrajn: jekk il-pjan huwiex mistenni jindirizza b'mod effettiv l-isfidi identifikati fil-**Proċess tas-Semestru Ewropew**, jekk jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-potenzjal ta' tkabbir u r-reżiljenza ekonomika u soċjali tal-Istat Membru, u jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; jekk il-pjan jinkludix miżuri li huma rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; u jekk l-istima tal-ispejjeż ipprovduta mill-Istat Membru hijiex raġonevoli u plawsibbli u proporzjonata mal-impatt mistenni fuq l-ekonomija.

4.9. Il-KESE jemmen li l-allokazzjoni tal-fondi għandha tqis ukoll il-kriterji ta' konverġenza ⁽²²⁾.

⁽¹⁸⁾ ĠU C 47, 11.2.2020, p. 106.

⁽¹⁹⁾ Regolament (UE) 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għall-perijodu mill-2017 sal-2020 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1305/2013 (ĠU L 129, 19.5.2017, p. 1).

⁽²⁰⁾ Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 dwar il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija fil-qafas ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ĠU L 74, 14.3.2014, p. 1).

⁽²¹⁾ ĠU C 237, 6.7.2018, p. 53.

⁽²²⁾ Idem.

4.10. Il-KESE jqis li huwa raġonevoli li:

- 1) L-appoġġ finanzjarju u l-azzjonijiet rilevanti meħuda mill-Istati Membri taħt il-Faċilità għandhom jiġu forniti minn qabel (frontloading) sa tmiem l-2024 u, fir-rigward tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, mill-inqas 60 % tat-total għandu jkun impenjat sa tmiem l-2022;
- 2) L-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-pjani ta' rkupru u ta' reżiljenza sa mhux aktar tard mit-30 ta' April, fil-forma ta' anness separat għall-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom;
- 3) L-Istati Membru għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw l-abbozz ta' pjan flimkien mal-abbozz ta' baġit għas-sena ta' wara, fil-15 ta' Ottubru tas-sena ta' qabel;
- 4) mill-2024 sa tmiem il-QFP (2027), il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jużaw is-snin li jifdal biex irawmu l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet rilevanti fuq il-post, biex jinkiseb l-irkupru mistenni fis-setturi ekonomiċi u soċjali rilevanti, u biex jiġu promossi r-reżiljenza u l-konverġenza.

4.11. Il-KESE jenfasizza l-hteġa għal perjodu ta' żmien suffiċjenti sabiex jiġu implimentati u jinkisbu b'mod effettiv l-oġettivi tal-proġett "Faċilità". Barra minn hekk, il-KESE jirrimarka li f'każ li l-maġġoranza tkun favur perjodu ta' żmien iqsar għall-implimentazzjoni tal-pjan, dan jista' fl-aħħar mill-aħħar jippreġudika l-oġettivi tal-pjan.

4.12. Il-KESE jenfasizza l-hteġa għal koordinazzjoni rapida u effettiva tal-azzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew sabiex jiġi evitat dewmien li jipperikola t-tilħiq tal-miri tal-Faċilità. Huwa meħtieġ rispons immedjat u sħiħ mill-Istati Membri minħabba ż-żmien qasir li fih għandhom jitħejjew u jitlestew id-diversi pjani ta' proġetti. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea biex japprovaw, jimmonitorjaw u jiżguraw it-tlestija b'suċċess tal-pjani ta' proġetti ppreżentati taħt il-Faċilità. Is-sottomissjoni, l-approvazzjoni, il-monitoraġġ u t-tlestija tal-proġetti jistgħu jitħaffu billi jiġi involut b'mod attiv is-settur privat, billi jiġu kkonsultati kumpaniji b'esperjenza globali fl-oqsma rilevanti.

4.13. Il-KESE jenfasizza għal darb'oħra l-hteġa li jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki fi ħdan l-UE, u li jitħaffu l-proċessi burokratiċi fir-rigward tal-allokazzjoni u l-iżborż tal-fondi disponibbli, u l-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi l-appoġġ tekniku meħtieġ ⁽²³⁾.

5. Strument ta' Appoġġ Tekniku

5.1. Il-KESE jirrakkomanda riformi strutturali sodi u stabbli mmirati lejn l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, inkluż il-bini tal-kapaċità istituzzjonali biex titjieb il-kwalità amministrattiva. Dawn ir-riformi għandhom ikunu speċifiċi għal kull pajjiż u sostnuti minn appoġġ demokratiku, filwaqt li jiġi evitat approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" għall-Istati Membri kollha ⁽²⁴⁾.

5.2. Il-KESE jaqbel li l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku għandu jkollu l-għan li jakkumpanja lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri li jkun qad jagħmlu t-talba matul l-istadji kollha jew f'fażijiet speċifiċi tal-proċess ta' riforma.

5.3. Il-KESE jenfasizza l-hteġa li l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jappoġġja lill-awtoritajiet tal-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex ifasslu r-riformi skont il-prijoritajiet tagħhom u jsaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jiżviluppaw u jimplementaw politiki u strateġiji ta' riforma, kif ukoll jibbenefikaw minn prattiki tajba u eżempji tal-pari.

5.4. Il-KESE jaqbel li l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jista' jaġixxi bħala komplement effettiv għall-pakketti ta' miżuri li huma proposti mill-Kummissjoni biex tindirizza l-konsegwenzi ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽²³⁾ Idem.

⁽²⁴⁾ Idem.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm InvestEU”*(COM(2020) 403 final — 2020/0108 (COD))***“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 fir-rigward tal-ħolqien ta’ Strument ta’ Appoġġ għas-Solvenza”***(COM(2020) 404 final — 2020/0106 (COD))**(2020/C 364/19)*Relatur ġenerali: **Ronny LANNOO**

Konsultazzjoni	Kunsill, 11.6.2020 Il-Parlament, 17/06/2020
Bażi legali	Artikoli 172, 173, 175(3), 182(1) u 304 tat-TFUE
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Deċiżjoni tal-Bureau	9.6.2020
Adottata fil-plenarja	16.7.2020
Sessjoni plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	208/0/8

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Sa mill-bidu tal-kriżi tal-COVID-19, f'diversi sqarrijiet il-KESE esprima l-konvinzjoni tiegħu li f'dawn iż-żminijiet ta' inċertezza kbira, huwa biss pjan ta' rkupru ekonomiku komprensiv għall-Ewropa li jippermettiena nittrattaw il-konsegwenzi tal-pandemija u li nibnu mill-ġdid ekonomija Ewropea aktar sostenibbli u reżiljenti.

1.2. Għalhekk, il-KESE jilqa' l-pakkett ambizzjuż għall-irkupru ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea u jenfasizza li l-irkupru jista' jkun ta' suċċess biss bi tmexxija politika b'saħħitha u unanima. Il-KESE jinsisti li l-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri tirrifletti l-urġenza tas-sitwazzjoni soċjoekonomika allarmanti.

1.3. Sabiex jiġi żgurat l-irkupru rapidu u sostenibbli tal-ekonomija Ewropea, huwa kruċjali li jsiru disponibbli r-riżorsi finanzjarji meħtieġa. Għalhekk, il-KESE jappoġġja bis-siġħ it-tisħiħ tal-baġit tal-UE u jappella lil daww li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell Ewropew biex jilhqnu ftehim rapidu kemm dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 li jmiss kif ukoll dwar l-istrument il-ġdid għall-irkupru, Next Generation EU.

1.4. Il-KESE jilqa' t-tisħiħ tal-programm InvestEU u tal-Istrument ta' Appoġġ għas-Solvenza komplementari, u jappella għal ftehim rapidu dwar dawn il-proposti sabiex jiġi żgurat li ż-żewġ programmi jkunu jistgħu jsiru operazzjonali malajr u li jkunu jistgħu jiġu żviluppati numru suffiċjenti ta' proġetti eliġibbli biex jibbenefikaw minnhom.

1.5. Minħabba li kważi l-InvestEU kollu se jiġi allokati taħt Next Generation EU u mhux taħt il-QFP 2021-2027, li jfisser li jeħtieġ li jiġi implimentat sal-aħħar tal-2026, il-KESE jitlob lil-leġislaturi jaġhmlu dispożizzjonijiet biex jiżguraw li ma jkunx hemm diskrepanza fil-finanzjament wara l-2026 u qabel il-bidu tal-QFP wara l-2027.

1.6. Il-KESE jtenni l-appoġġ tiegħu ⁽¹⁾ għall-oġġettiv tal-Kummissjoni li ssaħħa l-attività ta' investiment fl-UE fil-baġit tal-UE fit-tul li jmiss. Dan ħa importanza akbar fid-dawl tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku b'riżultat tal-pandemija tal-COVID-19.

1.7. Il-KESE jappoġġja kontinwament l-enfasi fuq proġetti ta' investiment fit-tul li huma ta' interess pubbliku kbir, filwaqt li jirrispettaw ukoll il-kriterji ta' żvilupp sostenibbli. Huwa kruċjali li l-kriżi tal-COVID-19 ma tidderiġix lill-UE 'l bogħod mill-oġġettivi tagħha fuq medda medja u twila ta' żmien, kif stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, fl-Istrateġija għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2020, u fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

1.8. Il-KESE huwa tal-fehma li l-programm InvestEU huwa f'pożizzjoni partikolarment tajba biex jipprovdi finanzjament fit-tul u jappoġġja l-politiki tal-Unjoni fl-irkupru minn kriżi ekonomika u soċjali profonda. Il-Kumitat jenfasizza l-importanza li jkun hemm definizzjoni ċara ta' liema proġetti huma eliġibbli biex jibbenefikaw mill-ħames tieqa l-ġdida, peress li dan huwa kruċjali biex tinholq komplementarjetà mal-erba' twieqi ta' politika l-oħra. Il-KESE jirrakkomanda wkoll definizzjoni usa' tal-innovazzjoni li tmur lil hinn mit-teknoloġija tal-informazzjoni u d-diġitalizzazzjoni. L-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u b'mod partikolari l-mikrointrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar, huma milqutin ħafna mill-kriżi attwali u għalhekk għandhom ikunu eliġibbli b'mod espliċitu għal appoġġ taħt il-ħames tieqa l-ġdida. Għal dan il-għan, il-kooperazzjoni strutturali bejn l-imsieħba ta' implimentazzjoni u l-awtoritajiet fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali hija essenzjali.

1.9. Il-KESE jappella għal linji gwida speċifiċi u ċari mmirati lejn l-identifikazzjoni ta' proġetti eliġibbli li jibbenefikaw mill-InvestEU, kif ukoll għal possibbiltajiet ta' sinerġiji bejn il-bosta programmi tal-UE, biex b'hekk tiġi żgurata l-implimentazzjoni adegwata u effiċjenti tagħhom.

1.10. Il-kriżi tal-coronavirus affettwat lill-Istati Membri tal-UE kollha; madankollu, xi pajjiżi ntaqtu aktar minn oħrajn. Il-KESE jenfasizza li l-irkupru wara l-kriżi tal-coronavirus m'għandux jirriżulta f'aktar diverġenza fost l-Istati Membri.

1.11. Fid-dawl ta' dan, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-Istrument il-ġdid ta' Appoġġ għas-Solvenza u jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li tassew jista' jkun ta' benefiċċju għal dawk l-Istati Membri li l-ekonomiji tagħhom ġew affettwati l-agħar mill-effetti tal-pandemija tal-COVID-19. Filwaqt li huwa essenzjali li jiġi żgurat irkupru rapidu, huwa daqstant ieħor importanti li l-fondi disponibbli jiġu allokati lil kumpaniji b'mudelli ta' negozju vijabbli. Dan jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ekonomija Ewropea sostenibbli u reżiljenti.

1.12. Il-KESE jenfasizza r-rwol tas-swieq finanzjarji Ewropej biex jiġi żgurat li dawn l-istrumenti jkunu jistgħu jimmobilizzaw l-ammonti mistennija ta' investiment, kif ukoll ir-rwol ewlieni tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u l-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) u l-ħtieġa konsiderevoli għal struttura adatta għall-imsieħba ta' implimentazzjoni, speċjalment fil-livell nazzjonali. Huwa importanti li l-fluss tal-fondi permezz tal-grupp tal-BEI u l-banek u l-istituzzjonijiet promozzjonali jkun trasparenti, ċar u aċċessibbli faċilment.

2. Kuntest

2.1. Il-kriżi tal-COVID-19, li l-ewwel u qabel kollox tirrappreżenta emerġenza għas-saħħa tal-bniedem, wasslet għal xokk ekonomiku u soċjali gravi bi tnaqqis qawwi fil-produzzjoni ekonomika, żieda rapida fil-qgħad, deterjorament fl-istandards tal-għajxien (tnaqqis fid-dħul reali, inċertezza fl-impjegi, mobilità ristretta) u tnaqqis drastiku fid-dħul mill-kummerċ barrani kemm fl-UE kif ukoll ma' pajjiżi terzi. Il-kriżi ġabet ukoll deterjorament qawwi fl-indikaturi tal-finanzi pubbliċi u tnaqqis fl-investimenti.

2.2. Fis-27 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni Ewropea ħabbret pjan ta' rkupru ambizzjuż, il-pjan Next Generation EU, u proposta riveduta għall-baġit ġenerali tal-UE għall-2021-2027 ⁽²⁾.

2.3. Għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (QFP) 2021-2027, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttiprovdi lill-ekonomija tal-UE bi programm ta' investiment li jkun kapaċi jindirizza oġġettivi trasversali mil-lat tas-semplifikazzjoni, il-flessibbiltà, is-sinerġiji u l-koerenza bejn il-politiki rilevanti tal-UE. Il-ħtieġa għal programm ta' investiment bħal dan komplet tiżdied minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

⁽¹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm InvestEU*, (ĠU C 62, 15.2.2019, p. 131).

⁽²⁾ Komunikazzjoni tal-Pjan ta' Rkupru: *Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Thejġija għall-Ġenerazzjoni li jmiss*.

2.4. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni rtirat il-proposta preċedenti tagħha ppreżentata f'Mejju 2018 għall-**Programm InvestEU** u rressqet proposta ġdida ⁽³⁾, li tirrifletti l-ftehim parzjali li kien diġà ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill f'April 2019.

2.5. Sabiex il-programm InvestEU jkun mgħammar aħjar biex iwieġeb għall-kriżi ekonomika u soċjali kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni tipproponi li jżied il-pakkett finanzjarju previst għall-Programm InvestEU oriġinali, sabiex jirrifletti l-ħtiġijiet ta' investment ġenerali ogħla u l-ambjent ta' riskju akbar.

2.6. Barra minn hekk, il-proposta l-ġdida tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Programm InvestEU billi toħloq il-ħames tieqa, il-Faċilità għall-Investment Strateġiku, li taqdi l-ħtiġijiet futuri tal-ekonomija Ewropea u tiżgura jew iżżomm l-awtonomija strateġika f'setturi ewlenin.

2.7. Il-programm InvestEU mtejjeb ikun jista' jappoġġja lill-kumpaniji fil-fażi tal-irkupru filwaqt li, f'konformità mal-għanijiet oriġinali tiegħu, jiżgura fokus qawwi mill-investituri fuq il-prijoritajiet tal-Unjoni fuq medda medja u twila ta' żmien, bħat-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

2.8. Il-Kummissjoni Ewropea rressqet ukoll proposta ⁽⁴⁾ għal strument temporanju bbażat fuq l-ekwiżità, l-**Istrument ta' Appoġġ għas-Solvenza**.

2.9. L-Istrument ta' Appoġġ għas-Solvenza se jappoġġja lill-kumpaniji li għandhom mudelli ta' negozju li altrimenti huma vijabbli, iżda li qed jiltaqgħu ma' problemi ta' solvenza minħabba l-kriżi tal-COVID-19. L-iskop huwa li jingħataw għajnuna biex jegħlbu dan il-perjodu diffiċli biex imbagħad ikunu f'pożizzjoni li jirkupraw la jasal iż-żmien. Objettiv ieħor tal-proposta huwa li jiġu kontrobalanċjati d-distorsjonijiet mistennija fis-Suq Uniku, billi ċerti Stati Membri jaf ma jkollhomx biżżejjed mezz biġitarji disponibbli biex jipprovdu appoġġ adegwat lill-kumpaniji fil-bżonn.

2.10. L-Istrument ta' Appoġġ għas-Solvenza huwa mistenni li jiġi stabbilit mill-iktar fis possibbli fl-2020, mhux iktar tard mill-bidu ta' Ottubru 2020, biex ikun jista' jintuża malajr kemm jista' jkun matul l-2021 fil-kapaċità sħiħa tiegħu.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jtenni ⁽⁵⁾ l-appoġġ tiegħu għall-programm InvestEU u l-kontinwazzjoni u l-estensjoni ta' strument finanzjarju bbażat fuq il-prinċipju tal-garanzija. Huwa jqis li huwa essenzjali mhux l-inqas fid-dawl tal-iżvilupp u l-ġestjoni fit-tul tal-baġit tal-UE.

3.2. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-kapaċità addizzjonali għall-proġett InvestEU, li se żżid il-kapaċità tiegħu għal EUR 75,2 biljun (fil-prezzijiet tal-attwali u inkluża t-Tieqa l-ġdida għall-Investment Strateġiku), bil-għan li jiġu ġġenerati EUR 1 biljun f'investment addizzjonali. Il-KESE jappella għal distribuzzjoni bilanċjata tal-fondi fost l-objettivi tal-politika.

3.3. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda tal-ħames tieqa, it-Tieqa għall-Investment Strateġiku Ewropew, li se tiġi pprovduta b'EUR 31,2 biljun tal-Garanzija tal-UE għall-appoġġ tal-investimenti f'setturi strateġiċi u ktajjen ta' valur ewlenin, inklużi dawk li huma kruċjali għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali.

3.4. Il-Kumitat jenfasizza l-importanza li jkun hemm definizzjoni ċara ta' liema proġetti huma eliġibbli biex jibbenefikaw mill-ħames tieqa, peress li din għandha l-għan li toħloq kumplimentarjetà mal-erba' twieqi l-oħra. Il-KESE jirrakkomanda wkoll definizzjoni usa' tal-innovazzjoni li tmur lil hinn mit-teknoloġija tal-informazzjoni u d-diġitalizzazzjoni. Għandu jiġi ddikjarat b'mod espliċitu li l-SMEs, b'mod partikolari l-mikrointrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar, huma eliġibbli wkoll taħt din it-tieqa. Dan huwa saħansitra aktar importanti fid-dawl tat-tnaqqis fil-garanzija tal-UE allokata għat-tieqa tal-SMEs — minn EUR 11,25-il biljun għal EUR 10,17 biljun (fi prezzijiet attwali) — meta mqabbla mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni Ewropea. Għal dan il-għan, il-kooperazzjoni strutturali bejn l-imsieħba ta' implimentazzjoni u l-intermedjarji finanzjarji, kif ukoll l-awtoritajiet fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali, hija essenzjali.

⁽³⁾ Proposta għal Regolament li jstabbilixxi l-Programm InvestEU

⁽⁴⁾ Proposta għal Regolament fir-rigward tal-ħolqien ta' Strument ta' Appoġġ għas-Solvenza

⁽⁵⁾ Opinjoni tal-KESE dwar Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm InvestEU (ĠU C 62, 15.2.2019, p. 131).

3.5. Il-KESE jenfasizza li l-investimenti fil-ħiliet huma kruċjali għat-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika u ġusta, għalhekk l-investimenti soċjali m'għandhomx jiġu ttraskurati fil-programm InvestEU.

3.6. Ħafna SMEs, b'mod partikolari l-mikrointrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar, qed ibatu sostanzjalment minħabba l-kriżi tal-COVID-19 u l-miżuri ta' lockdown adottati mill-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE. Għalhekk, huwa kruċjali li jiġi żgurat li jkun hemm disponibbli biżżejjed fondi sabiex ikunu jistgħu jirkupraw mill-kriżi. Dan l-appoġġ jeħtieġ li jopera skont id-domanda, jiġifieri kemm id-dejn kif ukoll il-prodotti ta' ekwità jeħtieġ li jkunu disponibbli. Peress li l-kapaċità ta' garanzija tat-tieqa tal-SMEs tonqos, dan it-tnaqqis għandu jiġi kkompensat billi l-portafolli tal-SMEs, u b'mod partikolari dawk tal-intrapriżi ż-żgħar u mikro, ikunu eliġibbli għat-Tieqa għall-Investment Strateġiku. Dan għandu jkun akkumpanjat minn rekwiżiti proporzjonati ta' rappurtar sabiex jiġi evitat li jinħolqu piżijiet amministrattivi eċċessivi għall-iżgħar intrapriżi b'riżorsi skarsi, peress li dan jiskoraġġihom milli jfittxu appoġġ mill-InvestEU. Ir-rwol tal-imsieħba ta' implimentazzjoni u tal-intermedjarji finanzjarji huwa kruċjali biex jiġi żgurat li l-fondi jaslu għand dawn il-kumpaniji.

3.7. Matul il-kriżi attwali, il-politiki u l-appoġġ tal-gvern saru partikolarment importanti; madankollu, il-kapaċità tal-gvernijiet tal-Istati Membri li jappoġġjaw is-setturi u n-negozji li ntaqtu l-agħar mill-kriżi tvarja ħafna fl-UE.

3.8. Għalhekk, il-KESE jilqa' l-Istrument il-ġdid ta' Appoġġ għas-Solvenza kif ukoll il-fatt li l-istrument, filwaqt li se jkun miftuħ għall-Istati Membri kollha, se jiffoka fuq dawk l-Istati Membri li l-ekonomiji tagħhom intlaqtu l-iktar mill-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 u/jew fejn id-disponibbiltà tal-appoġġ għas-solvenza mill-Istat hija iktar limitata. Il-KESE jaqbel li l-appoġġ għandu jingħata biss lil kumpaniji b'mudelli ta' negozju vijabbli li ma kinux f'diffikultà qabel il-kriżi tal-COVID-19. Barra minn hekk, jilqa' l-integrazzjoni tal-Istrument ta' Appoġġ għas-Solvenza fil-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS). Sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti tal-fondi, huwa rrakkomandat li jkun hemm lok għal ċaqliq flessibbli lejn it-twieqi ta' politika l-oħrajn tal-FEIS, u minnhom. Fl-aħħar nett, għandha tiġi prevista distribuzzjoni bbilanċjata k' imiss immotivata mis-suq tal-fondi disponibbli bejn il-prodotti ta' ekwità u kważi ekwità bħal self subordinat.

3.9. It-tranżizzjoni doppja (dik ekoloġika u dik tad-diġitalizzazzjoni) titħeġġeġ fil-qafas tal-Istrument ta' Appoġġ għas-Solvenza. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom ikunu wkoll realistiki u fattibbli għall-mikrointrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u għas-setturi tradizzjonali.

3.10. Il-kriżi tal-coronavirus affettwat lill-Istati Membri tal-UE kollha; madankollu, xi pajjiżi ntaqtu aktar minn oħrajn. Il-KESE jenfasizza li l-irkupru wara l-kriżi tal-coronavirus m'għandux jirriżulta f'aktar diverġenza fost l-Istati Membri. Filwaqt li ma hemm l-ebda kwota ġeografika stabbilita la għal InvestEU u lanqas għall-Istrument il-ġdid ta' Appoġġ għas-Solvenza, il-KESE jilqa' l-fatt li l-bord ta' tmexxija tiegħu se jiddefinixxi limiti speċifiċi ta' konċentrazzjoni ġeografika.

3.11. Is-semplifikazzjoni, it-trasparenza mtejba u l-potenzjal akbar għal sinerġiji offruti mill-ħolqien tal-InvestEU bħala strument finanzjarju globali assumew saħansitra aktar importanza fir-rigward tal-ħolqien tal-Pjan ta' Investment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-komponenti l-oħrajn tal-pjan ta' rkupru Ewropew. Il-KESE jappella għal linji gwida speċifiċi u ċari mmirati lejn l-identifikazzjoni ta' proġetti eliġibbli u possibbiltajiet ta' sinerġiji bejn il-bosta programmi tal-UE, biex b'hekk tiġi żgurata l-implimentazzjoni adegwata u effiċjenti tagħhom.

3.12. Il-kriżi tal-COVID-19 m'għandhiex tidderieġi lill-UE l bogħod mill-oġettivi tagħha fuq medda medja u twila ta' żmien, kif stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, fl-Istrateġija għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2020, u fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Fir-riżoluzzjoni⁽⁶⁾ reċenti tiegħu, il-KESE stqarr li l-Ewropa trid tiffinanzja attivitajiet li jissodisfaw żewġ kriterji: ir-ripatrijazzjoni tal-produzzjoni strateġika sabiex l-Ewropa ssir indipendenti — partikolarment rigward il-protezzjoni u r-rispons fil-qasam tas-saħħa — u l-provvista ta' impjegi ta' kwalità għolja kif ukoll l-enfasi fuq investimenti sostenibbli li jkunu soċjalment responsabbli u favur l-ambjent. L-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, l-istess bħal intrapriżi kbar u l-intrapriżi soċjali, jista' jkollhom rwol kruċjali fir-ristrutturar tas-sistema ta' produzzjoni Ewropea.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽⁶⁾ Proposti tal-KESE għar-rikostruzzjoni u l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 (“il-Liġi Ewropea dwar il-Klima”)

(COM(2020) 80 final — 2020/0036 (COD))

(2020/C 364/20)

Relatur: **Jan DIRX**

Korelatur: **Tellervo KYLÄ-HARAKKA-RUONALA**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 10.3.2020 Kunsill, 13.3.2020
Bażi legali	L-Artikoli 192(1) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	29.6.2020
Data tal-adozzjoni fis-sessjoni plenarja	16.7.2020
Sessjoni tal-plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	210/2/9

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Bħal ħafna istituzzjonijiet u individwi ewlenin tal-UE, il-KESE jenfasizza li l-azzjoni klimatika u r-rikostruzzjoni ekonomika u l-irkupru mill-kriżi tal-coronavirus jistgħu u jridu jimxu id f'id. Dan jista' jsir billi terġa' titqajjem l-ekonomija Ewropea permezz tal-promozzjoni ta' pakkett effettiv u kompletament sostenibbli ta' investimenti pubbliċi u privati. Il-KESE għalhekk iqis il-proposta għal Liġi Ewropea dwar il-Klima bħala waħda mill-istrumenti li jikkontribwixxu għall-bini mill-ġdid mixtieq u meħtieġ tal-ekonomija Ewropea.

1.2. Il-KESE jappoġġja l-approċċ ta' tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika fil-livell tal-UE b'mod ġenerali minflok f'kull Stat Membru b'mod individwali. Dan l-approċċ għandu l-vantaġġ li l-aħjar distribuzzjoni tal-isforzi tista' tinkiseb madwar l-UE kollha, filwaqt li jitqiesu d-differenzi rilevanti fost l-Istati Membri. Il-KESE huwa wkoll konvint li l-akbar appoġġ għall-politika dwar il-klima ser jinkiseb jekk l-għan ġenerali jkun li jinkiseb l-akbar tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra bl-inqas spejjeż soċjoekonomiċi.

1.3. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni tikkunsidra bis-sħiħ l-impatt tal-kriżi tal-coronavirus billi tivvaluta l-mira tal-emissjonijiet għall-2030 u tagħżel minimu ta' tnaqqis ta' 55 % sal-2030 flimkien mal-proposti leġiżlattivi korrispondenti. Il-KESE jirrimarka li r-Rapport dwar id-Diskrepanza fl-Emissjonijiet 2019 tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), jindika li hija meħtieġa mira aktar ambizzjuża għat-tnaqqis fl-emissjonijiet 2030 fil-livell globali sabiex tintlaħaq il-mira ta' 1,5 °C stabbilita fil-Ftehim ta' Pariġi.

1.4. Il-KESE jirrikonoxxi li kulħadd ser ikollu jieħu passi addizzjonali biex tintlaħaq il-mira stabbilita għal newtralità klimatika fl-2050. F'Ewrobarometru reċenti (qabel il-kriżi tal-coronavirus) ħareġ li 92 % taċ-ċittadini tal-UE jappoġġjaw l-għan tal-UE dwar in-newtralità klimatika. Iż-żamma tal-appoġġ jirrikjed li l-aċċellerazzjoni tal-azzjoni klimatika timxi id f'id mal-irkupru ekonomiku u r-rikostruzzjoni.

1.5. Il-KESE jappella lill-UE jkollha rwol ta' inizjazzjoni u ta' ispirazzjoni fis-Summit dwar il-Klima ta' Novembru 2020 fi Glasgow, li għe pospost, u fis-summits dwar il-klima sussegwenti sabiex tal-inqas l-atturi ewlenin kollha madwar id-dinja jaħdmu b'mod enerġetiku fuq in-newtralità klimatika.

1.6. L-ilħuq tal-mira tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 fil-livell Ewropew hija possibbli biss jekk kull pajjiż jagħti l-kontribut tiegħu għall-mitigazzjoni u għall-adattament b'mod sħiħ u fil-ħin. Il-KESE għalhekk jappoġġja l-fatt li l-Kummissjoni tista' tohrōg rakkomandazzjonijiet lil Stat Membru jekk il-miżuri ta' dak l-Istat Membru ma jkunux konsistenti mal-oġġettiv ta' mitigazzjoni jew ma jkunux adegwati biex jiġi żgurat il-progress fl-adattament, abbażi ta' kriterji ta' valutazzjoni ċari u trasparenti.

1.7. Il-KESE jipproponi li d-dokument ta' valutazzjoni sħiħ ta' kwalunkwe abbozz ta' miżura jew proposta leġislattiva b'rabta mal-oġġettiv tan-newtralità klimatika, ikun aċċessibbli għall-pubbliku hekk kif tiġi ffinalizzata l-valutazzjoni.

1.8. Il-proposta tal-Kummissjoni tkopri għustament kemm il-mitigazzjoni kif ukoll l-adattament, "skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi".

1.9. Il-KESE jipproponi t-twaqqif ta' Pjattaforma tal-Partijiet Interessati tal-Patt Klimatiku Ewropew, kif stabbilit fl-Opinjoni tiegħu dwar il-Patt dwar il-Klima, sabiex tiġi organizzata u ffaċilitata l-parteċipazzjoni attiva tal-"partijiet kollha tas-soċjetà".

2. Introduzzjoni

2.1. Il-kriżi attwali tal-coronavirus (COVID-19) mad-dinja kollha, għal darb'oħra tohrōg b'mod ċar kemm hi vulnerabbli l-ħajja fid-dinja tagħna. Filwaqt li huwa neċessarju li niġġieldu bis-sħiħ il-kriżi tal-coronavirus u l-impatti ekonomiċi, soċjali u ekoloġiċi konsegwenza tagħha, huwa meħtieġ ukoll li nkomplu niffukaw fuq il-prevenzjoni u, fejn meħtieġ, il-ġlieda kontra żviluppi oħra li jheddu l-kwalità tal-ħajja bħat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità⁽¹⁾. Fi kliem ieħor, kif wissiet Patricia Espinosa, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), dwar il-posponiment tas-summit ta' Glasgow dwar it-tibdil fil-klima (COP26) li kien previst li jsir f'Novembru 2020: Il-COVID-19 hija l-aktar theddida urġenti għall-umanità bħalissa, iżda m'għandniex ninsew li t-tibdil fil-klima huwa l-akbar theddida fit-tul.

2.2. Il-KESE jqis li l-azzjoni klimatika u l-irkupru ekonomiku u r-rikostruzzjoni mill-kriżi tal-coronavirus jistgħu u jridu jimxu id f'id. Il-miżuri ta' rkupru u ta' rikostruzzjoni jeħtieġ li jkunu konformi mal-oġġettiv klimatiku, u l-azzjoni klimatika jeħtieġ li tittieħed b'mod li jnaqqas l-ispejjeż u jiġġenera benefiċċji ekonomiċi.

2.3. F'dan l-ispirtu, il-KESE jinnota wkoll id-dikjarazzjonijiet li ġejjin minn istituzzjonijiet tal-UE u minn individwi ewlenin:

Fis-16 ta' April 2020, il-Parlament Ewropew vvota b'maġġoranza kbirabiex il-Patt Ekoloġiku Ewropew jitqiegħed fil-qalba tal-pakkett li jmiss ta' rkupru u rikostruzzjoni tal-UE sabiex jagħti spinta lill-ekonomija, itejjeb ir-reżiljenza tagħha u joħloq l-impjiegi, filwaqt li fl-istess ħin jgħin it-tranżizzjoni ekoloġika, irawwem żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli.

Fl-istess jum, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, ukoll qalet li l-Ewropa għandha tirdoppja l-investment fil-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, Frans Timmermans, ta l-istess messaggġ fittra miftuħa f'seba' fuljetti Ewropej. U l-President, Charles Michel, tal-Kunsill Ewropew irid juża wkoll din l-opportunità biex jagħmel l-UE aktar ekoloġika: "L-Unjoni Ewropea trid issir aħjar minn qabel, irridu nieħdu vantaġġ minn din il-kriżi."

2.4. Dan kollu jista' jsir billi l-ekonomija Ewropea terġa' tinbena permezz tal-promozzjoni ta' pakkett kompletament sostenibbli ta' investimenti pubbliċi u privati effettivi, li jkopru pereżempju kwistjonijiet bħat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija, l-enerġija sostenibbli, l-investimenti tan-network, proċessi ta' produzzjoni nadifa, jew ir-riċiklaġġ flimkien mat-tisħiħ tal-konsum sostenibbli. Barra minn hekk, it-titjib ta' bjar ta' karbonju u l-ħażna permezz ta' pereżempju l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u tal-ħamrija li huma meħtieġa biex tintlaħaq in-newtralità klimatika. Liġi Ewropea dwar il-Klima hija waħda mill-istrumenti li tikkontribwixxi għall-bini mill-ġdid mixtieq u neċessarju tal-ekonomija Ewropea.

(¹) Xi esperti jsostnu li l-bijodiversità hija ostaklu naturali għat-trażmissjoni ta' virusijiet u mard mill-organiżmi selvaġġi għall-bnedmin (żoonożi). Għalhekk, it-telf tal-bijodiversità jista' jwassal għal aktar pandemiji fil-futur. Dan huwa argument addizzjonali topiku.

2.5. Għalhekk, il-KESE jilqa' l-proposta għal Liġi Ewropea dwar il-Klima⁽²⁾ ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea fl-4 ta' Marzu 2020, li tistabbilixxi qafas legali biex tintlaħaq il-mira ta' newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050. Il-KESE japprova x-xewqa u l-ħtieġa tal-oġġettiv ta' newtralità klimatika sal-2050, u jekk possibbli aktar kmieni, li jikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan tal-Ftehim ta' Pariġi, li jesponi li t-tisħin globali jrid jibqa' sew taħt 2 °C u jeħtieġ li jiġu segwiti sforzi biex jinżamm għal inqas minn 1,5 °C.

2.6. Il-KESE jemmen li, sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, huwa imperattiv li tal-anqas l-atturi ewlenin kollha madwar id-dinja jaħdmu wkoll b'mod enerġetiku fuq in-newtralità klimatika. Minn naħa, dan jirrikjedi diplomazija attiva dwar il-klima mill-UE u, min-naħa l-oħra, miżuri — bħall-ipprezzar tal-karbonju — biex jiġu pprovduti kundizzjonijiet ekwi għall-prodotti u s-servizzi tal-UE f'termini tal-marka tal-gass serra tagħhom fir-rigward tal-kompetituri minn barra l-UE.

2.7. Il-proposta dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima hija l-pedament tal-Patt Ekoloġiku Ewropew⁽³⁾ li l-Kummissjoni ppubblikat fil-11 ta' Diċembru 2019. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jstabbilixxi kif l-Ewropa tista' tkun l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050, tagħti spinta lill-ekonomija, ittejjeb is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja tan-nies, tieħu ħsieb in-natura u ma tħalli lil ħadd jibqa' lura.

2.8. Il-KESE nnota b'sodisfazzjon li fil-livell politiku, din il-mira tan-newtralità klimatika sal-2050 diġà ġiet approvata mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2019 u mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019. Minbarra dan, fil-5 ta' Marzu 2020, il-Kunsill Ambjent tal-UE ppreżenta lill-UNFCCC, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, strateġija fit-tul għal żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha (bil-għan li tinkiseb UE newtrali għall-klima sal-2050)⁽⁴⁾.

2.9. Il-KESE jirrikonoxxi li l-ilħuq tal-għan tan-newtralità klimatika fl-2050 ser jitlob ħafna mill-gvernijiet, mill-muniċipalitajiet, min-negozji, mit-trade unions, mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u miċ-ċittadini. Dan ifisser li kulħadd ser ikollu jieħu passi addizzjonali biex jilħaq dik il-mira stabbilita għall-2050, jew kif tgħid il-Kummissjoni: "Jeħtieġ li tittieħed azzjoni addizzjonali, u kull settur se jkollu jikkontribwixxi minħabba li l-politiki attwali mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra biss b'60 % sal-2050, u għalhekk għad fadal ħafna xi jsir biex niksbu n-newtralità klimatika"⁽⁵⁾.

2.10. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jitqiesu l-punti ta' "l-iżviluppi u sforzi li jkunu saru fil-livell internazzjonali" u l-"kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni" kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) tal-proposta. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni b'mod speċjali għall-importanza tal-"ħtieġa li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ġusta" (Artikolu 3(3)(h)). Il-KESE jixtieq jenfasizza li jeħtieġ li jiġi evitat il-faqar enerġetiku b'mod partikolari, u jirrakkomanda li din il-kwistjoni għandha tkun parti mill-valutazzjoni ta' miżuri nazzjonali kif regolati fl-Artikolu 6 tal-Proposta.

2.11. Sa Settembru 2020, il-Kummissjoni tippjana li tippreżenta r-rieżami tal-mira tal-Unjoni għall-2030 fir-rigward tal-klima, fid-dawl tal-oġġettiv tan-newtralità klimatika, u tesplora alternattivi għal mira ġdida għall-2030 ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' 50 sa 55 % meta mqabbla mal-1990, kif ukoll biex tippreżenta proposti leġislattivi korrispondenti sa nofs l-2021. Il-KESE jistenna li l-mira l-ġdida tal-emissjonijiet għall-2030 se tkun ibbażata fuq rieżami wieser u valutazzjoni tal-impatt adegwata. Il-KESE jsostni wkoll li hemm argumenti deċiżivi għall-mira għal tnaqqis minimu ta' 55 % sal-2030, sabiex l-UE twieġeb min-naħa tagħha għall-ħtieġa enormi fil-livell globali għal tnaqqis fl-emissjonijiet. Pereżempju, ir-Rapport dwar id-Diskrepanza fl-Emissjonijiet 2019 tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP)⁽⁶⁾, jindika li mira aktar ambizzjuża ta' tnaqqis fl-emissjonijiet 2030 hija meħtieġa fil-livell globali sabiex tintlaħaq il-mira ta' 1,5 °C stabbilita fil-Ftehim ta' Pariġi⁽⁷⁾.

(2) Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

(3) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew.

(4) Preżentazzjoni lill-UNFCCC.

(5) Liġi Ewropea dwar il-Klima, ara per eżempju l-paġna 2.

(6) Rapport dwar id-Diskrepanza fl-Emissjonijiet 2019.

(7) Ir-Rapport dwar id-Diskrepanza fl-Emissjonijiet 2019 tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), jindika li l-emissjonijiet globali jeħtieġ li jitnaqqsu b'7,6 % fis-sena, mil-lum, sabiex it-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C. Skont il-kalkoli, dan ifisser mira għat-tnaqqis ta' mill-inqas 68 % sal-2030.

2.12. Waqt li jsiru valutazzjonijiet tal-impatt, huwa importanti li wieħed jagħraf li l-kriżi tal-coronavirus għandha konsegwenzi ekonomiċi, soċjali u ambjentali mingħajr preċedent, li min-naħa tagħhom għandhom implikazzjonijiet fuq l-impatt tal-miżuri li għandhom jittieħdu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

2.13. Il-KESE jemmen li l-impatt potenzjali tal-kriżi tal-coronavirus ma jistax u m'għandux iwassal biex tiġi llaxkata l-mira għat-tnaqqis sal-2030.

2.14. Il-KESE jappella biex dan il-proċess jiġi realizzat b'mod li jippermetti lill-UE taqdi rwol ta' inizjazzjoni u ta' ispirazzjoni waqt is-Summit dwar il-Klima fi Glasgow, li kien previst li jsir f'Novembru 2020 u li ġie pospost, u s-summits sussegwenti dwar il-klima, sabiex jiġu involuti tal-inqas l-atturi ewlenin kollha fid-dinja li jaħdmu bis-saħħa favur in-newtralità klimatika.

2.15. Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tibda tħejji għal mira klimatika intermedja għall-2040, għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050, jew qabel jekk possibbli, akkumpanjata bi proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal dan il-għan, inkluża proposta biex jiġu stabbiliti obbligi ġodda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-perjodu 2031-2040 li għandhom jiġu adottati qabel l-2028. L-iffissar ta' mira fiż-żmien dovut huwa meħtieġ biex jiggarantixxi l-oġhla grad possibbli ta' prevedibbiltà u trasparenza għas-soċjeta u s-setturi ekonomiċi kollha.

2.16. F'Ewrobarometru reċenti (qabel il-kriżi tal-coronavirus) ħareġ li 93 % taċ-ċittadini tal-UE jqisu t-tibdil fil-klima bħala problema serja, u 92 % jappoġġjaw l-għan tal-UE dwar in-newtralità klimatika⁽⁸⁾. Iż-żamma tal-appoġġ tirrikjedi li l-aċċellerazzjoni tal-azzjoni klimatika timxi id fid mar-rikostruzzjoni u l-irkupru ekonomiku.

3. Delega tas-setgħa

3.1. Il-liġi dwar il-klima proposta (l-Artikolu 3) tagħti lill-Kummissjoni setgħa delegata biex "tissupplimenta" l-liġi dwar il-klima, u b'hekk "tistabbilixxi trajettorja fil-livell tal-Unjoni biex, sal-2050, jinkiseb l-oġettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1)". Barra minn hekk, fi żmien sitt xhur minn meta jsir kull rendikont globali msemmi fl-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tirrevedi t-trajettorja.

Minflok ma jiġu adottati atti delegati, il-KESE jqis li jeħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel proposta leġiżlattiva biex tistabbilixxi u taġġusta t-trajettorja fejn tqis li dan ikun opportun b'segwitu ta' rieżami.

3.2. Fiċ-ċirkostanzi kollha, huwa meħtieġ li nkomplu nħarsu r-regoli demokratiċi tas-sistema istituzzjonali tagħna. Dan jinkludi d-dritt tal-atturi tas-soċjeta ċivili u l-organizzazzjonijiet tagħhom, bħall-KESE, li jikkontribwixxu għall-proċess demokratiku tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Fuq dan il-punt, nixtiequ nirreferu għal dak li tgħid il-Kummissjoni fl-Artikolu 8 tal-abbozz tal-Liġi dwar il-Klima: "Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha mal-partijiet kollha tas-soċjeta (...)"

4. Valutazzjoni tal-progress u tal-miżuri

4.1. Skont l-Artikolu 5, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-progress u l-miżuri tal-Unjoni. Hija ser tivvaluta "l-abbozzi ta' kull miżura jew proposta leġiżlattiva fid-dawl tal-oġettiv tan-newtralità klimatika (...) qabel ma dawn jiġu adottati, u għandha tinkludi din l-analiżi f'kull valutazzjoni tal-impatt li tkun takkumpanja lil dawn il-miżuri jew lil dawn il-proposti".

Fil-prattika dan ifisser li l-Kummissjoni tinkludi l-kunsiderazzjoni tal-impatt fuq in-newtralità klimatika fil-valutazzjonijiet tal-impatt li jakkumpanjaw il-proposti tagħha. Il-KESE jagħti parir lill-Kummissjoni tinvestiga jekk dan jistax jinkiseb taħt il-qafas eżistenti għal regolamentazzjoni aħjar mingħajr tibdil fil-leġiżlazzjoni.

4.2. L-Artikolu 5 jstipula li r-riżultat ta' dik il-valutazzjoni ser jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fil-ħin tal-adozzjoni. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja (fil-kawża C 57/16 P, Client Earth vs. il-Kummissjoni, li nqatgħet fl-4 ta' Settembru 2018) kienet ċara ħafna li anke l-abbozz ta' rapporti ta' Valutazzjoni tal-Impatt għandhom isiru "direttament aċċessibbli" f'konformità mal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001⁽⁹⁾. Għalhekk, il-KESE jipproponi li tinbidel id-diċitura fis-sens li d-dokument ta' valutazzjoni sħiħ se jkun aċċessibbli pubblikament hekk kif tiġi ffinalizzata l-valutazzjoni.

4.3. Il-KESE jemmen li l-ilħuq tal-mira tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 fil-livell Ewropew huwa possibbli biss jekk kull pajjiż jagħti l-kontribut tiegħu għall-mitigazzjoni u l-adattament b'mod sħiħ u fil-ħin.

⁽⁸⁾ L-appoġġ taċ-ċittadini favur l-azzjoni klimatika.

⁽⁹⁾ ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

Il-KESE għalhekk jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li hija tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lil Stat Membru jekk il-miżuri ta' dak l-Istat Membru ma jkunux konsistenti mal-oġġettiv ta' mitigazzjoni jew ma jkunux adegwati biex jiġi żgurat il-progress fl-adattament fir-rigward tal-pjani nazzjonali. Il-KESE jappoġġja lill-Kummissjoni f'dan ir-rigward, u jirrakkomanda li fir-rakkomandazzjonijiet tagħha l-Kummissjoni tagħżel taħlita effettiva ta' miżuri adattati għaċ-ċirkostanzi. Madankollu, il-KESE jitlob li jiġi ċċarat b'lema oġġettivi u kriterji se jiġi vvalutat il-progress fl-Istati Membri individwali.

4.4. Il-proposta mill-Kummissjoni għandha l-għan li tikseb Unjoni Ewropea newtrali għall-klima sal-2050. Dan jimplika li mhux kull Stat Membru għandu jikseb in-newtralità klimatika b'mod individwali. Il-KESE jappoġġja dan l-approċċ — li fil-fatt huwa kontinwazzjoni tal-approċċ attwali tal-leġislazzjoni tal-UE dwar il-klima — peress li dan l-approċċ għandu l-vantaġġ li l-aħjar distribuzzjoni tal-isforzi tista' tinkiseb madwar l-UE kollha, filwaqt li jitqiesu d-differenzi rilevanti fost l-Istati Membri. Madankollu, il-KESE jqis li jeħtieġ li kull Stat Membru jkun obbligat jindika fil-pjan ta' azzjoni nazzjonali tiegħu dwar l-enerġija u l-klima li għandu jippreżenta sal-1 ta' Jannar 2029 (skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1999⁽¹⁰⁾ dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika) jekk u, jekk dan ikun il-każ, meta jkun irid jikseb in-newtralità klimatika u x'tip ta' miżuri se jieħu biex jintlaħaq l-aħjar riżultat fil-livell tal-UE, inklużi miżuri li jikkontribwixxu għall-isforzi tal-Istati Membri l-oħra jew li se jitwettqu fi Stat Membru ieħor jew fi Stati Membri oħra, biex b'hekk jiġi żgurat li dawn l-arranġamenti jsiru fil-ħin u permezz ta' ftehimiet infurzabbli.

4.5. Il-KESE huwa wkoll konvint li l-akbar appoġġ għall-politika dwar il-klima ser isir jekk l-għan ġenerali jkun li jinksew l-akbar tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra bl-inqas spejjeż soċjoekonomiċi. Għaldaqstant, tpaċija/kumpens bejn l-Istati Membri għandhom ikunu possibbli jekk ikunu regolati b'qafas regolatorju solidu ssupplimentat bl-infurzar. Huwa importanti wkoll li jiġi rikonossut li fis-sistema attwali s-setturi li jaqgħu taħt l-ETS huma regolati permezz ta' skema mifruxa mal-UE kollha, filwaqt li setturi oħra jaqgħu taħt il-kondiviżjoni tal-isforzi tal-livelli massimi ta' emissjonijiet nazzjonali. Maż-żmien, jidher ċar li aktar setturi se jaqgħu fil-qafas tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet.

4.6. Minbarra l-iskema tal-ETS, hemm ħafna leġislazzjoni fil-livell tal-UE bħal rekwiżiti tekniċi li jikkontrollaw l-emissjonijiet ta' setturi differenti u għalhekk huma parti mill-implimentazzjoni tal-mira ġenerali. Ir-regolamentazzjoni fil-livell tal-UE hija rilevanti b'mod partikolari fl-oqsma relatati mal-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku.

4.7. Il-KESE jipproponi wkoll monitoraġġ kif suppost tal-implikazzjonijiet possibbli tal-miżuri tal-UE fil-kuntest globali. Dan jinkludi pereżempju l-effetti fuq l-investiment u l-kummerċ barrani u l-impatti konsegwenti fuq l-iżvilupp ta' emissjonijiet kemm direttament kif ukoll indirettament.

4.8. Il-proposta tal-Kummissjoni tgħid: "... azzjoni fil-livell tal-UE għandu jkollha l-għan li tipprevedi li jinkisbu b'mod kosteffettiv l-oġġettivi klimatiċi fit-tul, filwaqt li jiġu żgurati l-ġustizzja u l-integrità ambjentali". Il-KESE jirrikonoxxi li għad hemm ħafna mistoqsijiet, kemm proċedurali (x'inhu l-aħjar approċċ ta' teħid ta' deċiżjonijiet?) kif ukoll sostantivi (x'inhuma l-kriterji ta' distribuzzjoni ġusti u ekonomikament sodi li jiggarrantixxu livell għoli ta' protezzjoni ambjentali?) dwar kif jista' jinkiseb dan. Għalhekk l-element tal-proċess (id-diskussjoni li għaddejjja orizzontalment bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż il-KESE u l-KtR, u vertikalment mal-Istati Membri) huwa importanti. Dik li hija saħansitra aktar fundamentali hija l-kwistjoni ta' x'għandu jsir jekk l-Istati Membri jkunu jridu jiksbu newtralità klimatika f'pajjiżhom stess qabel l-2050 u dan mhux se jkun l-aktar wieħed kosteffettiv u/jew effettiv fir-rigward tal-klima fil-livell tal-UE. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipprovdu kjarifika u gwida dwar din il-kwistjoni kemm jista' jkun malajr.

5. Adattament

5.1. Il-proposta tal-Kummissjoni tkopri għustament kemm il-mitigazzjoni kif ukoll l-adattament, "skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi". B'mod partikolari fir-rigward tal-adattament, il-Kummissjoni ttipproponi li testendi l-azzjoni tal-UE lejn azzjoni ta' adattament nazzjonali.

Ġeneralment, l-adattament huwa meqjus li huwa aktar konness mal-azzjoni governattiva lokali milli mal-mitigazzjoni. Għalhekk il-KESE jemmen li, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Kummissjoni għandha tiċċara sa liema punt għandhom jiġu kkonferiti setgħat fil-livell tal-UE u l-obbligi li għandhom jiġu imposti fuq l-Istati Membri.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1.

5.2. Barra minn hekk, jonqos li jiġi eżaminat x'jinvolvi l-obbligu għall-“istituzzjonijiet rilevanti tal-UE”. Il-proposta tispeċifika li l-Istati Membri għandhom jadottaw strateġiji u pjani ta' adattament nazzjonali. L-ebda azzjoni speċifika — bħal pereżempju pjan — mhija meħtieġa għall-istituzzjonijiet tal-UE.

5.3. Il-Kummissjoni tipproponi li tikseb is-setgħa li tivvaluta mhux biss l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni, iżda wkoll l-azzjonijiet ta' adattament mill-Istati Membri (l-Artikolu 6, il-paragrafu 1(b)). Jekk il-Kummissjoni ssib li l-miżuri ta' Stat Membru “ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, hija tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru”. Din hija dispożizzjoni miftuħa ħafna. Il-KESE jqis li huwa mixtieq li l-Kummissjoni tistabbilixxi kriterji għal din il-valutazzjoni.

6. Parteċipazzjoni tal-pubbliku

6.1. Il-KESE jqis din il-ħaġa bħala ovvja u għalhekk jilqa' l-Artikolu 8 tal-Att dwar il-Klima (Parteċipazzjoni tal-pubbliku). Il-parteċipazzjoni attiva tal-“partijiet kollha tas-soċjetà” hija kundizzjoni meħtieġa biex il-politika dwar il-klima tkun ta' suċċess fl-UE, meta wieħed iqis li huma l-atturi tas-soċjetà ċivili (intrapriżi, ħaddiema, konsumaturi u ċittadini u l-organizzazzjonijiet tagħhom) li jwettqu l-għanijiet klimatiki fil-prattika.

Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jistiednu b'mod attiv lil dawn l-atturi tas-soċjetà ċivili biex jipparteċipaw u jressqu l-proposti tagħhom għal politika klimatika konkreta u azzjoni klimatika.

6.2. Għalhekk, il-KESE jilqa' l-fatt li reċentement il-Kummissjoni Ewropea fetħet konsultazzjoni pubblika biex tiġbor fehmiet dwar modi kif tista' tinvolvi ruħha mal-pubbliku dwar l-azzjoni klimatika⁽¹⁾. Dan ser iservi bħala sfond għall-Kummissjoni biex tnedi “Patt Klimatiku” fit-tielet (3) kwart tal-2020. Permezz tal-Patt Klimatiku Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea biħsiebha tlaqqa' flimkien lill-partijiet interessati, inkluż lir-reġjuni, lill-awtoritajiet lokali, lill-komunitajiet lokali, lis-soċjetà ċivili, lill-iskejjel, lin-negozji u lill-individwi.

6.3. Fid-dawl tal-esperjenzi pożittivi mal-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u f'konformità mal-proposti fl-Opinjoni tal-KESE dwar il-Patt Klimatiku (NAT/785⁽²⁾), il-KESE jipproponi li titwaqqaf Pjattaforma tal-Partijiet Interessati tal-Patt Klimatiku Ewropew bbażata fuq il-prinċipji tal-inklużjoni, it-trasparenza u l-parteċipazzjoni ġenwina u s-sjeda minn atturi lokali fil-qasam tal-klima.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹⁾ Konsultazzjoni dwar il-Patt Klimatiku Ewropew.

⁽²⁾ L-opinjoni tal-KESE: *Il-Patt Klimatiku Ewropew*, (ara l-paġna 67 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea tal-Ferroviji (2021)”

(COM(2020) 78 final)

(2020/C 364/21)

Relatur: **Alberto MAZZOLA**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 10.3.2020 Kunsill, 13.3.2020 Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 13.3.2020
Bażi legali	Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċiżjoni tal-Bureau tal-Kumitat	24.4.2020
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	23.6.2020
Adottat fil-plenarja	16.7.2020
Sessjoni plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	209/1/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni u jappoġġja l-għanijiet tagħha, b'mod partikolari li tinkoraġġixxi u tappoġġja lill-Unjoni Ewropea, lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, lill-imsieħba soċjali u l-forzi tas-suq sabiex jizjed is-sehem tal-ferroviji fil-mobilità tal-passiġġieri u l-merkanzija.

1.2. Il-KESE jqis li s-Sena Ewropea tal-Ferroviji għandu jkollha l-għan li tqarreb iktar il-pubbliku ġenerali taċ-ċittadini, il-ħaddiema ferrovjarji, l-imsieħba soċjali, in-negozji u l-komunitajiet akkademiċi, u b'mod partikolari ż-żgħażaġh Ewropej lejn id-dibattitu pubbliku tal-istituzzjonijiet tal-UE dwar il-politiki tal-UE dwar is-sostenibbiltà u l-mobilità u dwar il-futur tal-mobilità Ewropea sabiex jiġi promoss it-trasport ferrovjarju bħala mezz ta' trasport sostenibbli, innovattiv u sikur.

1.3. Għall-KESE, is-Sena tal-Ferroviji għandha tkun opportunità biex ikun hemm komunikazzjoni dwar il-kredenzjali ta' sostenibbiltà tal-ferroviji, kif ukoll, fejn disponibbli, bħala sostitut adegwat għat-titjiriet fuq distanzi qosra, dwar l-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti kif ukoll dwar il-politiki ta' investiment ferrovjarju tal-UE.

1.4. Il-KESE jirrakkomanda li matul is-Sena Ewropea tal-Ferroviji tiġi evalwata l-kwalità tas-servizzi ferrovjarji u, jekk meħtieġ, jiġu adattati għall-ħtiġijiet tal-utenti sabiex jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-Protokoll 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali anness mat-TFUE, jiġu żviluppati proġetti li jippromovu approċċ olistiku għall-aċċessibbiltà, tissaħħaħ ir-rabta bejn id-diġitalizzazzjoni u s-sostenibbiltà, isir skambju mal-komunità ta' investituri dwar inizjattivi possibbli fil-kuntast tal-pjan ta' azzjoni għall-finanzjament sostenibbli tal-Kummissjoni.

1.5. Il-KESE jappella għal inizjattivi taħt is-Sena Ewropea tal-Ferroviji biex terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-klijenti fit-trasport pubbliku, u fil-ferroviji speċjalment, sabiex titjeb il-komunikazzjoni, speċjalment maż-żgħażaġh Ewropej, dwar l-attrazzenza ta' karriera fil-ferroviji, billi jiġu appoġġjati inizjattivi konġunti mal-imsieħba soċjali, l-universitajiet, il-komunità akkademika inġenerali kif ukoll organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh Ewropej.

1.6. Il-KESE huwa konvint b'mod qawwi li s-Sena tal-Ferroviji għandha tkun opportunità biex tinħoloq sensibilizzazzjoni pubblika dwar it-turiżmu sostenibbli u biex tingħata spinta għda lill-inizjattiva DiscoverEU. Il-KESE jappoġġja b'mod qawwi l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew li mal-għeluq ta' 18-il sena, kull ċittadin Ewropew jingħata d-dritt li jkollu DiscoverEU pass bħala simbolu tal-identità Ewropea tiegħu.

1.7. Il-KESE jirrimarka li s-Sena tal-Ferroviji għandha tintuża biex tingħata aktar informazzjoni dwar il-kalendarju ta' inizjattivi tal-Europalia kif ukoll biex jiġi kkomunikat lil udjenzi usa' l-kontenut li nħoloq f'avvenimenti kulturali diġà eżistenti, bħall-festivals tal-films (ta' Cannes, ta' Venezja, ta' Berlin) u wirjiet tal-arti. Fl-istess kuntest, matul l-2021, l-istazzjonijiet ferrovjarji u l-mużewijiet jistgħu jkunu l-ambjent għal inizjattivi kbar li jgħaqqdu l-futur u l-passat tal-ferroviji ma' industriji ewlenin bħall-arkitettura u l-konstruzzjoni, id-disinn, is-settur elettromeċkaniku, l-ikel u t-turiżmu. F'dan il-kuntest, il-Kumitat jista' jinkludi wirja dwar il-ferroviji fil-programm kulturali tiegħu tal-2021.

1.8. Huwa meħtieġ li s-Sena tal-Ferroviji tfittex il-parteċipazzjoni tal-mużewijiet ferrovjarji kollha Ewropej, tistieden liċ-ċittadini jiskopru l-kollezzjonijiet tagħhom inkluż permezz tad-diġitalizzazzjoni tagħhom, tippromovi skambji bejn mużewijiet u itinerarju Ewropew ta' mużewijiet tal-ferroviji.

1.9. Il-KESE huwa konvint ħafna li s-Sena Ewropea tal-Ferroviji għandha tkun ukoll opportunità biex jiġu promossi għanijiet ambizzjużi ħafna flimkien ma' valur miżjud Ewropew soċjoekonomiku kif ukoll simboliku — ukoll bħala mod ta' reazzjoni għall-kriżi drammatika tal-COVID-19 — bħat-tnedija mill-għdid tal-pass lejn il-kisba ta' network ferrovjarju Ewropew ta' veloċità kbira kif previst mill-White Paper dwar it-Trasport (2011) sabieħ il-bliet kapitali u l-bliet kollha tal-UE jingħaqqdu ma' aktar minn 500 000 abitant.

1.10. Il-KESE jenfasizza l-importanza li s-Sena Ewropea tal-Ferroviji tintuża wkoll bħala opportunità unika għall-komunikazzjoni dwar ir-rekords tas-sikurezza ferrovjarja, li hija unika fost il-mezzi tat-trasport fuq l-art. F'dan il-kuntest, il-KESE jfakkar li kull sena, fil-11 ta' Ġunju jinfakkar l-Jum Internazzjonali ta' Sensibilizzazzjoni dwar il-Passaġġi Invell (International Level Crossing Awareness Day — ILCAD) u li fl-2020 l-ILCAD ċelebra t-tmax-il Anniversarju tiegħu. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għal dan il-jum fil-qafas tas-Sena Ewropea tal-Ferroviji.

2. Il-proposta tal-Kummissjoni

2.1. Il-proposta biex l-2021 tiġi ddikjarata "Is-Sena Ewropea tal-Ferroviji" għandha l-għan li tippromwovi t-trasport ferrovjarju f'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluż fir-rigward tal-mobilità sostenibbli u intelliġenti. Permezz ta' proġetti, dibattiti, avvenimenti, wirjiet u inizjattivi madwar l-Ewropa, is-Sena Ewropea tal-Ferroviji se tippromwovi l-ferrovija bħala mezz attraenti u sostenibbli biex tivvjaġġa madwar l-Ewropa, liċ-ċittadini, in-negozji u l-awtoritajiet, filwaqt li tenfasizza d-dimensjoni wiesgħa u innovattiva tagħha. Billi jintlaħqu ċ-ċittadini, lil hinn mis-settur ferrovjarju, permezz ta' avvenimenti speċifiċi u kampanji ta' komunikazzjoni, se tikkonvinċi aktar nies u negozji jużaw il-ferroviji ⁽¹⁾.

2.2. L-oġġettiv tas-Sena Ewropea tal-Ferroviji għandu jkun li tħeġġeġ u tappoġġja l-isforzi tal-Unjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, u organizzazzjonijiet oħra biex jiżdied is-sehem tal-passiġġieri u l-merkanzija li jivvjaġġaw u jinġarru bil-ferrovija. B'mod partikolari, is-Sena Ewropea għandha tippromwovi l-ferroviji bħala mezz ta' trasport sostenibbli, innovattiv u sikur, billi tilħaq lill-pubbliku ġenerali, speċjalment liż-zgħażaġh. Għandha tenfasizza wkoll id-dimensjoni Ewropea, transfruntiera tal-ferroviji, li tqarreb liċ-ċittadini lejn xulxin, tippermettilhom li jesploraw l-Unjoni fid-diversità kollha tagħha, trawwem il-koeżjoni u tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-suq intern tal-Unjoni. Għandha ttejjeb ukoll il-kontribuzzjoni tal-ferroviji għall-ekonomija tal-Unjoni, l-industrija u s-soċjetà iġenerali, u tippromwovi l-ferroviji bħala element importanti tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi ⁽²⁾.

3. Il-ferroviji u l-pandemija tal-COVID-19

3.1. Is-settur ferrovjarju sofra u għadu qed isofri mill-miżuri tal-lockdown meħuda mill-Istati Membri biex jiġġieldu t-tixrid tal-pandemija COVID-19 u mit-tnaqqis enormi fil-mobilità.

⁽¹⁾ COM(2020) 78 final.

⁽²⁾ COM(2020) 78 final.

3.2. Skont l-ewwel stimi approssimattivi, ikkalkulati mill-assoċjazzjonijiet settorjali b'has-CER, mill-bidu tal-kriżi d-dħul mitluf imġarrab mill-operaturi kollha tal-passiġġieri b'ħa konsegwenza tal-pandemija jlaħħaq EUR 900 miljun fil-ġimgħa. L-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 ikkawża tnaqqis medju approssimattiv fid-dħul mill-merkanzija ferrovjarja ta' 25 % fl-Unjoni Ewropea kollha (UE27) bejn Marzu u April 2020 u dħul mitluf ta' madwar EUR 78 miljun fil-ġimgħa. Minkejja li t-trasport ferrovjarju tal-merkanzija wera reżiljenza qawwija, seta' mar saħansitra aħjar li kieku l-miżuri ta' "Korsiji Ħodor" ġew applikati bis-sħiħ għall-ferroviji, li kieku t-tariffi tal-aċċess għall-binarji tnaqqsu għal zero, u li kieku l-Iżvizzera ssospendiet il-projbizzjoni introdotta fl-1 ta' Jannar 2020. Il-manigġers tal-infrastruttura ferrovjarja qed jiġu affettwati dejjem aktar mit-tifqigħa tal-COVID-19.

3.3. Minkejja t-tnaqqis drastiku fid-domanda, l-operaturi u l-ħaddiema ferrovjarji xorta baqgħu jipprovdu servizzi kull fejn kien possibbli, u dan ippermetta lill-persunal mediku u lill-ħaddiema essenzjali jivvjaġġaw għax-xogħol. Barra minn hekk, l-operaturi pprovdew ferroviji mediċi biex persuni milquta mill-virus fir-reġjuni l-aktar milquta setgħu jiġu trasportati lejn sptarijiet inqas iffullati.

3.4. Il-qawmien tal-Ewropa wara l-COVID-19 se jkun ukoll okkażjoni għat-tnedija mill-ġdid u t-titjib tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija bil-ferrovija. Il-pjan ta' rkupru tal-UE orjentat lejn il-Patt Ekoloġiku u l-Aġenda Diġitali se jipprovdi appoġġ fuq perjodu qasir għas-servizzi ferrovjarji u jiffoka fuq finanzjament fuq medda qasira sa twila ta' żmien, possibbilment bl-inklużjoni tal-Għajnuna mill-Istat biex il-qasam ferrovjarju jerġa' lura fuq saqajh wara t-telf enormi ta' dħul ikkawżat mill-kriżi tal-virus.

3.5. Jekk, wara l-kriżi tal-COVID-19, il-ferroviji mistennija jissostitwixxu ċerti rotot tal-ajru, dawn għandhom jibbenefikaw mill-għajnuna mill-Istat li kienet allokata għal dawk ir-rotot, b'mod partikolari biex jiġi evitat telf ta' impjegji u għat-taħriġ mill-ġdid tal-individwi kkonċernati.

3.6. Il-ħaddiema tat-trasport kienu u għadhom f'kuntatt dirett mal-passiġġieri fl-ewwel linja u jinsabu friskju li jieħdu l-virus waqt il-qadi ta' dmirijiethom ta' kuljum. Huma wkoll dawk li ġew affettwati mill-konsegwenzi ekonomiċi diżastrużi tal-virus — kemm b'mod operattiv b'ħa impjegati fis-settur ferrovjarju kif ukoll b'ħa ċittadini. Il-ħaddiema ferrovjarji jżommu lill-Ewropa miexja fi żminijiet diffiċli billi jiżguraw li l-kura medika u l-prodotti essenzjali jiġu kkonsejnti fil-postijiet fejn ikunu meħtieġa.

3.7. Ir-rinaxximent tal-Ewropa wara l-COVID-19 se jkun ukoll rinaxximent tal-ferroviji tal-passiġġieri u l-konferma tal-ferroviji tal-merkanzija. Ir-riżorsi li saru disponibbli mill-QFP 2021-2027 rivedut u li se jiġu ġestiti kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali se jkollhom jiġu allokati wkoll għall-ferroviji jekk mhux se jiġu mwarrba l-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Aġenda Diġitali.

3.8. Hemm varjetà wiesgħa ta' proġetti ferrovjarji li jistgħu jassorbu r-riżorsi addizzjonali tal-QFP u tal-inizjattiva Next Generation EU: proġetti ta' infrastruttura ferrovjarja — għall-passiġġieri u għall-merkanzija, nazzjonali u transfruntiera, konvenzjonali kif ukoll linji ta' veloċità għolja — proġetti relatati ma' vetturi ferrovjarji kif ukoll il-proġetti kollha relatati mal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tas-sistema ferrovjarja, li jinkludu teknoloġiji tal-Akkoppjament Awtomatiku Diġitali, l-eletrifikazzjoni ulterjuri tan-network Ewropew, l-implimentazzjoni tal-ERTMS (is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju), it-titjib tal-vaguni bit-teknoloġija tal-blokok tal-brejkijiet li tqis kull klima u skemi ta' skrappjar għat-tiġdid tal-vetturi ferrovjarji. L-aġġornamenti tal-istazzjonijiet ferrovjarji (speċifikament il-pjattaformi li jinkludu aċċess għall-PRM) huwa qasam ieħor fejn hemm b'żonn ta' fondi u jinkisbu effetti ekonomiċi pożittivi fuq perjodu qasir. Żieda fl-investimenti fit-TEN-T kif ukoll il-manutenzjoni u r-rinnovazzjoni ta' linji eżistenti jistgħu jikkontribwixxu ferm u malajr għall-irkupru ekonomiku tal-UE.

3.9. L-oġġettivi globali li jtejbu l-kapaċità u l-effiċjenza tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u tal-passiġġieri, li huma parti minn sistema intelliġenti tat-trasport multimodali, kif deskritti fil-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku, jistgħu maż-żmien jipprovdu kontribut sinifikanti għall-irkupru ekonomiku, u jnaqqsu s-sehem mis-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u l-impronta ambjentali tat-trasport.

3.10. Inizjattivi taħt is-Sena Ewropea tal-Ferroviji għandhom jagħtu attenzjoni partikolari biex terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-klijenti fit-trasport pubbliku, u fil-ferroviji speċjalment. Għandhom jiġu stabbiliti inizjattivi mmirati lejn is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-miżuri ta' iġjene addizzjonali meħuda mill-impriżi ferrovjarji, il-politiki dwar l-ilbies ta' maskra u l-politiki ta' tbeġhid soċjali. Fir-rigward tad-drittijiet tal-passiġġieri, għandha tiġi pprovduta ċarezza dwar ir-rimbors obligatorju u vawċers volontarji. Tali miżuri għandhom jimxu id f'id ma' applikazzjoni komprensiva tad-drittijiet tal-passiġġieri għas-servizzi ferrovjarji kollha, u li jkun assigurati tul il-vjaġġi kollha, spjegati sew lill-pubbliku u infurzati b'mod effettiv permezz ta' skemi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim alternattivi u korpi nazzjonali tal-infurzar.

4. Kummenti ġenerali

Sfond storiku

4.1. L-istorja twila tal-ferroviji u tat-teknoloġija ferrovjarja se tiċċelebra ħafna anniversarji fl-2021. Kif enfasizzat mill-Europalia fil-katalgu tal-festival tal-arti tal-2021 tagħha, fl-2021 il-linji ferrovjarji Belġjani u Franċiżi se jiċċelebraw il-175 anniversarju tal-link ferrovjarju bejn Pariġi u Brussell. Fl-1846, dawn il-bliet kapitali saru l-ewwel fid-dinja li kienu kkollegati b'linja ferrovjarja. Dik l-istess sena, anke Brussell u Londra ġew ikkollegati b'link ferrovjarju permezz tat-trunk ta' Ostend-Dover. L-2021 se tikkoinċidi wkoll mal-25 anniversarju tat-Thalys u l-170 anniversarju tal-ewwel servizz fuq il-linja ferrovjarja bejn is-Sassonia u l-Bohemia, jiġifieri bejn Praga u Dresden. Anniversarji ferrovjarji oħrajn fl-2021 huma l-50 anniversarju tal-Mużew tal-Ferrovija ta' Mulhouse u l-75 anniversarju tal-Ferroviji tal-Lussemburgu. Ta' min insemmu wkoll li l-2021 se tkun ukoll is-sena li fiha jiġi ċċelebrat il-45 anniversarju tal-ewwel Pendolino fl-Italja, l-40 anniversarju tat-TGV fi Franza u t-30 anniversarju tal-ICE fil-Ġermanja. Hija wkoll l-20 anniversarju tal-pubblikazzjoni tal-ewwel white paper tal-Unjoni Ewropea dwar il-ferroviji fl-Ewropa.

4.2. Is-Sena tal-Ferroviji se tkun opportunità biex tiġi ċċelebrata l-istorja tal-ferroviji, l-istorja tal-avvanz teknoloġiku tagħha kif ukoll l-istorja ta' kontinent Ewropew progressivament eqreb permezz tal-konnessjonijiet ferrovjarji. Fl-istess ħin, hija wkoll opportunità biex jiġu evalwati l-iżviluppi s'issa.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew

4.3. Fl-2019, il-Kummissjoni ppreżentat il-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-Komunikazzjoni thegħeġġ lill-UE tiddekarbonizza progressivament l-ekonomija tagħha lejn il-kisba ta' newtralità klimatika sal-2050, u tiddekrivi strateġija politika biex tintlaħaq din il-mira. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jikkontribwixxi għall-istrateġija tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

4.4. Fost inizjattivi oħra, il-Patt Ekoloġiku Ewropew jitlob li titħaffet il-bidla lejn mobilità sostenibbli u intelliġenti, peress li t-trasport huwa responsabbli għal kwart tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni, u dawn għadhom qed jiżdiedu. Kull mezz ta' trasport se jkollu jikkontribwixxi għat-tnaqqis. Skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, fost azzjonijiet oħra previsti, parti sostanzjali mill-75 % tal-merkanzija interna li llum tinġarr bit-triq għandha tiġi ttrasferita għall-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni. Hija meħtieġa azzjoni rapida biex jiġi implimentat dan il-pjan ambizzjuż u jiġi żgurat li jikber is-sehem modali tal-ferroviji, bl-għoti ta' inċentivi aktar b'saħħithom għall-promozzjoni tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija.

4.5. Sabiex jiġu implimentati l-oġettivi ġenerali stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku, il-Kummissjoni se tippreżenta Strateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti fl-aħħar tliet xhur tal-2020. Dik l-istrateġija se tiffoka, fost l-oħrajn, fuq inizjattivi li għandhom l-għan li jżidu l-kapaċità u jtejbju l-immaniġġjar tal-kapaċità għal merkanzija fil-ferroviji u fil-passaġġi fuq l-ilma interni u li toħloq sistema tat-trasport multimodali intelliġenti, bla xkiel u attraenti għall-utent bil-għan li jitnaqqas is-sehem mis-suq tat-trasport bit-triq u tissaħħaħ l-attrazzenza tal-multimodalità inkluż il-ferrovija. Inizjattivi f'dan is-sens huma fil-fatt diġà ppjanati għall-2021.

4.6. Is-Sena tal-Ferroviji se tkun opportunità biex jiġu enfassizzati u jiġu kkomunikati l-kredenzjali ta' sostenibbiltà tal-ferroviji, kif ukoll dwar l-istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti u dwar il-politiki ta' investiment ferrovjarju tal-UE. L-investimenti fl-infrastruttura ferrovjarja huma kapaċi jagħtu spinta lill-ekonomija, joħlqu impjegi ta' kwalità li huma sostenibbli soċjalment u ambjentalment u jagħmlu s-servizzi ferrovjarji aktar attraenti għall-klijenti. Is-sensibilizzazzjoni pubblika dwar dan is-suġġett jikkontribwixxi biex tinfluwenza l-imġiba u l-għażliet modali tal-klijenti fir-rigward tat-trasport pubbliku u l-mobilità b'emissjonijiet baxxi.

4.7. Is-Sena Ewropea tal-Ferroviji se tkun ukoll opportunità biex tiġi vvalutata l-kwalità tas-servizzi ferrovjarji u, jekk meħtieġ, biex jiġu adattati għall-ħtiġijiet tal-utenti sabiex jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-Protokoll 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali annessi mat-TFUE.

L-Aġenda Diġitali Ewropea

4.8. L-Aġenda Diġitali tal-UE għandha tagħmel sforzi kbar biex tinkludi s-settur ferrovjarju fir-rivoluzzjoni diġitali u fil-miżuri kollha ta' appoġġ maħsuba għal dak il-għan. Għandha tgħin biex tagħti spinta lill-implimentazzjoni tal-ERTMS, l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' Mobilità bħala Servizz, soluzzjonijiet ġodda għall-ħruġ ta' biljetti, flimkien mal-implimentazzjoni tal-5G fuq in-network ewlieni u komprensiv tat-TEN-T. Dan se jippermetti lil-linji ferrovjarji jissodisfaw id-domanda tal-klijenti attwali u futuri tagħhom.

4.9. L-impjegati għandhom jingħataw appoġġ adegwat fil-proċess ta' diġitalizzazzjoni li għaddej bħalissa u l-impjegati tagħhom iridu jiġu żgurati. Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-ġeneru jridu jingħataw kunsiderazzjoni speċjali biex tiġi garantita l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. It-tassib tal-impjegati f'dan il-proċess ta' trasformazzjoni għandu jiġi ssalvagwardjat b'mod xieraq billi jiġu involuti r-rappreżentanti tal-impjegati u t-trade unions. L-impjegati għandu jkollhom aċċess għal taħriġ u edukazzjoni ulterjuri sabiex jibqgħu f'impjegati ta' kwalità għolja u sabiex l-impjegat tagħhom ikun sostenibbli.

4.10. Peress li l-5G ser tgħolli t-teknoloġija tat-telefonija ċellulari u tal-internet għall-istatus ta' Teknoloġija għal Użu Ġenerali, il-KESE jhegġegħ lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex ilestu s-Suq Uniku Diġitali, inkluż l-iżvilupp ta' kapaċitajiet biex jintegraw u jużaw is-servizzi tal-5G biex jiddefendu u jtejbju l-kompetittività tal-industriji Ewropej bħat-trasport, u l-ferroviji b'mod partikolari. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tara li jitwettaq studju tal-impatt bijoloġiku tar-radjazzjoni tal-5G u tar-riskju ta' interferenza ma' firxiet oħrajn tal-frekwenza⁽³⁾.

4.11. Ix-xejriet demografiċi, ekonomiċi u politiċi se jsawru modi ġodda ta' vvjaġġar f'żoni urbani u dawk mhux urbani, u l-ferroviji jqsu li huwa kruċjali li jadattaw biex ikunu jistgħu jintegraw ruħhom f'katina tat-trasport multimodali u dejjem aktar diġitalizzata. B'mod partikolari, għadd dejjem jikber ta' anzjani u żgħażaġħ jistgħu jitħajru jużaw il-ferroviji aktar ta' spiss kemm f'żoni urbani kif ukoll għal vjaġġi fuq distanza twila, jekk il-ferroviji se jagħtu aktar każ li jaqdu l-ħtiġijiet ġodda f'termini ta' kumdità u aċċessibilità. Fl-istess ħin, ġenerazzjoni ta' klijenti midħla sew tat-teknoloġija moderna se tidpendi ħafna inqas mit-trasport privat, fejn il-preferenza xxaqleb favur soluzzjonijiet ta' mobilità kondiviża u t-trasport pubbliku, sakemm ikun hemm livell adegwat ta' kwalità tas-servizz.

4.12. Se jkun partikolarment kruċjali li l-linji ferrovjarji jtejbju t-teknoloġiji tal-ħruġ tal-biljetti tagħhom, u jiffaċilitaw ix-xiri tal-biljetti bil-possibilità li segmenti ta' vvjaġġar differenti jiġu kkombinati f'biljett uniku, kif ukoll biex tiġi prevista l-possibilità futura ta' biljetti multimodali. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġja inizzjattivi mmirati lejn il-kisba ta' dan l-għan, pereżempju permezz ta' gwida esperta, kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki, għotjiet, eċċ.

4.13. Peress li l-multimodalità hija essenzjali speċjalment għat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, huwa importanti li s-Sena Ewropea tal-Ferroviji tintuża biex jiġi promoss id-djalogu bejn il-klijenti tat-trasport, is-settur ferrovjarju u setturi oħrajn tat-trasport, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, biex jiġu definiti problemi Prattiki li jxekklu l-iżvilupp tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija u biex jinstabu soluzzjonijiet li jagħmlu s-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija attraenti għall-klijenti. Il-KESE jenfasizza li huwa importanti li jiġu involuti s-setturi kollha tat-trasport fi djalogu bħal dan. Tista' tkun aspett importanti ta' tali djalogu s-sejba ta' mudelli li ma jmorrux kontra l-liġi tal-kompetizzjoni għall-kooperazzjoni bejn kumpaniji.

4.14. Id-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji se tippermetti wkoll lill-ferroviji biex ikomplu jadattaw is-servizzi tagħhom biex jakkomodaw il-ħtiġijiet tal-ispedituri b'mod dejjem aktar effiċjenti, pereżempju billi jimmassimizzaw l-użu tal-kapaċità tal-ferroviji disponibbli u jħalltu tipi differenti ta' servizzi tal-merkanzija. Minħabba x-xejra negattiva attwali tas-sehem mis-suq tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, għandhom jiġu enfasizzati l-possibilitajiet li tiġi pprovduta effiċjenza u flessibilità aħjar fis-servizzi offruti.

4.15. Il-manijers tal-infrastruttura ferrovjarja se jkollhom isiru dejjem aktar diġitalizzati, sabiex itejbu l-prestazzjoni operattiva tagħhom f'termini ta' puntwalità aħjar u żieda fil-kapaċità. Spinta qawwija f'din id-direzzjoni se tkun it-tnedija tal-ERTMS, is-sistema awtomatika tal-kontroll tal-ferroviji. B'mod partikolari, il-KESE jemmen li t-tnedija tal-ERTMS għandha tiġi aċċellerata bil-kbir. L-investment meħtieġ (aktar minn EUR 100 biljun, inklużi lokkjtaturi diġitali) għandu jiġi segwit fil-pjan ta' rkupru u l-KESE jhegġegħ lill-ferroviji jiżviluppaw qafas komprensiv u interoperabbli għal Mobilità bħala Servizz (MaaS) flimkien ma' modi oħra ta' trasport.

4.16. Biex titwettaq it-trasformazzjoni diġitali tal-ferroviji, il-fluss liberu tad-data huwa essenzjali. Għalhekk, il-KESE jappella li jinstabu soluzzjonijiet effettivi li jeliminaw il-problemi assoċjati mal-aċċessibilità, l-interoperabilità u t-trasferiment tad-data, filwaqt li jiġu żgurati protezzjoni xierqa tad-data u l-privatezza, kompetizzjoni ġusta u għażla usa' għall-konsumatur kif ukoll informazzjoni statika u dinamika għall-passiġġieri. L-istess kundizzjonijiet għandhom japplikaw għall-kumpaniji pubbliċi u privati b'kundizzjonijiet ta' reċiproċità għall-iskambji tad-data u l-kumpens tal-ispejjeż⁽⁴⁾.

⁽³⁾ ĠU C 353, 18.10.2019, p. 79.

⁽⁴⁾ ĠU C 353, 18.10.2019, p.79.

4.17. Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, is-suġġett tad-diġitalizzazzjoni ferrovjarja għandu jkun wieħed mill-punti fokali tas-Sena tal-Ferroviji. B'mod partikolari, ir-rabta bejn id-diġitalizzazzjoni u s-sostenibbiltà għandha tiġi enfazzzata permezz ta' inizjattivi ta' komunikazzjoni approprijati.

Ħaddiema tal-ferroviji

4.18. Il-linji ferrovjarji Ewropej jimpjegaw madwar 1,3 miljun ċittadin Ewropew b'mod dirett, u bejn wieħed u ieħor milljun ċittadin Ewropew addizzjonali b'mod indirett, u dan jagħmilhom wieħed mill-akbar impjegaturi fl-Unjoni Ewropea. L-impriżi ferrovjarji huma fattur essenzjali fit-taħriġ taż-żgħażaġh u b'hekk jikkontribwixxu għall-għieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa, speċjalment fi żminijiet ekonomikament diffiċli.

4.19. Is-Sena Ewropea tal-Ferroviji hija wkoll is-Sena tal-Ħaddiema tal-Ferroviji. Impjegi ta' kwalità għolja għall-ħaddiema tat-trasport u servizz sikur u affidabbli għall-klijenti għandhom jiġu garantiti. Fl-ispirtu ta' Ewropa soċjali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati għandhom ikunu fiċ-ċentru tal-attenzjoni. Id-dumping soċjali u tal-pagi m'għandhomx post fis-settur ferrovjarju u għandhom jiġu eliminati.

4.20. Il-ħaddiema ferrovjarji jistħoqqilhom rikonoxximent pubbliku. Għal dan il-għan, huwa importanti li l-kisbiet tagħhom isiru viżibbli u li jiġu rikonoxxuti l-isfidi tagħhom. Azzjonijiet madwar l-Ewropa għandhom jgħinu biex juru rikonoxximent għall-kisbiet tal-ħaddiema u jenfasizzaw it-talbiet għal impjegi ta' kwalità. Il-ħaddiema ferrovjarji kollha għandhom jiġu protetti mid-dumping soċjali u tal-pagi sabiex l-operazzjonijiet ferrovjarji jinżammu sikuri fl-Ewropa. Dan jista' jkun garantit biss minn sħubija soċjali attiva fis-settur.

4.21. Ovvjament, id-diġitalizzazzjoni hija kemm opportunità għall-ferroviji kif ukoll aspett kummerċjali imperattiv. L-uniku mod kif il-ferroviji jistgħu jwieġbu għall-isfidi tal-preżent huwa billi jiddiġitalizzaw il-proċessi interni tagħhom kif ukoll il-mod li bih jipprovdu s-servizzi. Fl-istess ħin, madankollu, l-implimentazzjoni tad-diġitalizzazzjoni trid issir b'kawtela kbira, sabiex jiġu evitati tranżizzjonijiet ta' tfixkil u diżgwid soċjali. Huwa assolutament essenzjali li l-imsieħba soċjali Ewropej jiltaqgħu bħala parti mid-djalogu soċjali settorjali tal-UE dwar il-ferroviji biex jiddeċiedu dwar proġetti konġunti sabiex jidentifikaw u jantiċipaw aħjar l-impatt tal-awtomatizzazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni biex jinżamm livell għoli ta' impjegi u garanziji soċjali bħala parti minn tranżizzjoni soċjalment ġusta⁽⁵⁾.

4.22. Il-mod ewlieni biex tiġi indirizzata din l-isfida huwa li jsir enfasi fuq it-tranżizzjonijiet professjonali, appoġġjati b'taġħlim tul il-ħajja u investimenti fil-kapaċità għall-impjeg tal-persunal biex jiġi evitat li jingħataw is-sensji. Fis-settur ferrovjarju hemm żewġ sfidi importanti, li huma piramida tal-etajiet żbilanċjata tal-forza tax-xogħol u diffikultajiet fir-reklutaġġ, speċjalment fost iż-żgħażaġh u n-nisa⁽⁶⁾.

4.23. Is-Sena tal-Ferroviji għandha tkun opportunità biex tiġi kkomunikata aħjar, speċjalment liż-żgħażaġh Ewropej, l-attrazzenza ta' karriera fil-qasam ferrovjarju, permezz tal-appoġġ ta' inizjattivi konġunti mal-imsieħba soċjali, mal-universitajiet, mal-komunità akkademika inġenerali kif ukoll mal-organizzazzjonijiet Ewropej taż-żgħażaġh.

Infrastruttura

4.24. Il-qafas tat-TEN-T ikkontribwixxa ferm għall-identifikazzjoni tar-riżorsi finanzjarji sostanzjali meħtieġa għall-infrastruttura ferrovjarja l-ġdida, madwar EUR 500 biljun unikament għan-network ewlieni sal-2030, minkejja li r-riżorsi disponibbli għadhom mhumiex biżżejjed biex ikopru l-ħtiġijiet kollha. L-ikkompletar tan-network ewlieni għandu jwassal għal network Ewropew ta' veloċità kbira li jaqdi kważi l-bliet kapitali kollha u l-bliet Ewropej ewlenin (b'aktar minn 500 000 abitant). Barra minn hekk, il-manutenzjoni tal-infrastrutturi tat-TEN-T hija kwistjoni li kienet sottovalutata ħafna f'bosta pajjiżi, fejn issa qed tidher bħala problema serja, filwaqt li f'oħrajn twettqet kif suppost.

4.25. Jekk, minn naħa, il-KESE japprova l-promozzjoni ta' konnessjonijiet ferrovjarji bejn bliet kbar permezz ta' ferroviji b'veloċità għolja u n-network TEN-T, infakkru l-importanza li jinżammu livelli adegwati ta' finanzjament għal-linji nazzjonali u reġjonali.

4.26. Il-KESE jappella biex jiżdied l-investiment għall-ikkompletar tan-network, inklużi ż-żoni rurali u reġjonali, u sabiex il-finanzjament għall-manutenzjoni ordinarju u straordinarju għan-network sħiħ tat-TEN-T jiġi kopert mill-pjan ta' rkupru tal-UE. Huma meħtieġa aktar fondi addizzjonali għall-iżvilupp tal-ferroviji, investimenti fl-infrastruttura u network ta' passiġġieri u merkanzija aktar konċentrat. Kull euro investit fit-trasport ferrovjarju joħloq u jżomm l-impjegi, inkluż fl-industrija tal-provvista ferrovjarja u fir-reġjuni.

⁽⁵⁾ ĠU C 47, 11.02.2020, p. 23.

⁽⁶⁾ ĠU C 47, 11.02.2020, p. 23.

Finanzjament Sostenibbli

4.27. L-għan tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli (COM(2018) 97 final) huwa r-riorjentament tal-flussi kapitali lejn investimenti sostenibbli sabiex jinkiseb tkabbir sostenibbli u inklużiv, jiġu mmaniġġjati r-riskji finanzjarji bħala riżultat tat-tibdil fil-klima, it-tnaqqis tar-riżorsi, id-degradazzjoni ambjentali u minn kwistjonijiet soċjali u titrawwem it-trasparenza u l-perspettiva fit-tul fl-attività finanzjarja u ekonomika.

4.28. Is-sistema ta' klassifikazzjoni unifikata tal-UE (tassonomija), li se ttiprovdi ċarezza dwar liema attivitajiet jistgħu jitqiesu bħala sostenibbli, hija partikolarment importanti.

4.29. Filwaqt li tibni fuq l-iżvilupp tat-tassonomija tas-sostenibbiltà tal-UE u fuq ir-riżultati miksuba s'issa mill-Pjan ta' Azzjoni, il-Kummissjoni ħabbret reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni fil-Patt Ekoloġiku Ewropew.

4.30. Il-KESE laqa' l-proposti relatati mat-tassonomija, bħala l-ewwel pass lejn l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzjament ta' Tkabbir Sostenibbli (7). Il-Kumitat laqa' wkoll il-proposta relatata mal-iżvilupp ta' parametri referenzjarji ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u parametri referenzjarji ta' impatt pożittiv b'rabta mal-karbonju. Barra minn hekk dak il-pedament għandu jkun konformi mal-ambizzjonijiet kbar stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni, li jgħid "l-Ewropa tinsab f'pożizzjoni tajba biex tassumi r-rwol ta' mexxej dinji". Issa wasal iż-żmien li tittieħed azzjoni skont dik l-ambizzjoni u li tiġi żviluppata t-tassonomija skont dan.

4.31. Minħabba l-kredenzjali ta' sostenibbiltà tagħhom, il-ferroviji għandhom ikunu jistgħu jsibu opportunitajiet fl-inizjattivi kollha ta' finanzjament sostenibbli. Filwaqt li ma hemm l-ebda dubju li l-finanzjament għall-manutenzjoni u għall-espansjoni ulterjuri tal-infrastruttura ferrovjarja bħala tali huwa komputu pubbliku u għandu jiġi mill-baġit pubbliku, hemm bżonn li jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet ta' finanzjament tas-sistema ferrovjarja ta' għada, b'mod partikolari għall-vetturi ferrovjarji u l-istazzjonijiet ferrovjarji, kif ukoll tiġi investigata l-possibbiltà li fil-proġetti ferrovjarji jipparteċipaw investituri privati.

4.32. Sabiex tiġi żgurata l-vjabbiltà tal-qafas ta' politika pprovdu mill-inizjattivi tal-Kummissjoni dwar il-finanzi sostenibbli, huwa importanti li l-Istati Membri tal-UE jlestu malajr kemm jista' jkun il-proċess ta' ratifika tal-Protokoll tal-Lussemburgu tal-2007 għall-konvenzjoni ta' Cape Town tal-2001 dwar l-interessi internazzjonali fl-apparat mobbli f'dak li jirrigwarda kwistjonijiet speċifiċi għall-vetturi ferrovjarji (magħruf ukoll bħala l-Protokoll dwar il-Ferroviji tal-Lussemburgu).

4.33. Hemm bżonn li l-ferroviji u l-komunità ta' investituri privati jiltaqgħu u jiskambjaw sinerġiji possibbli, anke fl-isfond tal-inizjattivi ta' finanzjament sostenibbli tal-Kummissjoni. Is-Sena Ewropea tal-Ferroviji għandha tippjana attivitajiet li jippermettu li jsiru dawn l-iskambji, li jinvolvu kemm lill-komunità ferrovjarja kif ukoll lill-komunità ta' investituri privati, b'mod partikolari investituri fit-tul bħall-assigurazzjoni, l-investimenti u l-fondi tal-pensjonijiet.

Aċċessibilità

4.34. Il-promozzjoni ta' aċċess universali kif stipulat fil-Protokoll 26 dwar is-SIĠ (servizz ta' interess ġenerali) u r-referenzi tiegħu għal SIEĠ (servizz ta' interess ekonomiku ġenerali) jimplikaw aċċess xieraq għall-utenti kollha fit-territorju kollu (aċċessibilità territorjali), waqt li jkun mifhum li l-kundizzjonijiet ta' aċċess (ħinijiet ta' stennija, densità ta' punti ta' aċċess, infrastruttura, eċċ.) jistgħu jvarjaw skont il-ħtiġijiet tal-utent. It-ttrattament ugwali u l-promozzjoni ta' aċċess universali jfissru wkoll li tiġi miġġielda kull forma ta' diskriminazzjoni.

4.35. Sabiex l-ivvjaġġar fuq il-ferroviji jsir aktar attraenti għall-vjaġġi ta' kuljum kif ukoll għall-vjaġġi fuq distanzi twal u transfruntiera, se jkun importanti li jissaħħu d-drittijiet tal-passiġġieri, il-passiġġieri jsiru konxji minn dawn il-protezzjonijiet, kif ukoll li tinżamm u possibbilment tittejjeb l-affordabbiltà tat-trasport ferrovjarju u l-kwalità tas-servizz.

4.36. L-impriżi ferrovjarji Ewropej, il-manigiers tal-istazzjonijiet ferrovjarji u l-manigiers tal-infrastruttura qegħdin kontinwament itejbu l-esperjenza ta' vvjaġġar ta' persuni b'mobilità mnaqsa jew b'diżabilità. Is-servizzi ferrovjarji huma bil-bosta aktar aċċessibbli milli kienu fil-passat u ħafna passiġġieri b'diżabilità jistgħu jaqdbu l-ferroviji mingħajr assistenza. L-operaturi ferrovjarji jikkontribwixxu ħafna għat-tisħiħ tal-inklużjoni soċjali ta' persuni b'diżabilità u impenjati li jonoraw l-impenji tagħhom f'dan il-qasam flimkien mal-awtoritajiet pubbliċi u mal-assoċjazzjonijiet tal-passiġġieri.

(7) ĠU C 62, 15.2.2019, p. 103.

4.37. Saru investimenti sabiex matul l-għaxar snin li ġejjin ikompli jitneħħew l-ostakli fl-istazzjonijiet ferrovjarji u fuq il-ferroviji sabiex tiġi ffaċilitata l-esperjenza ta' vvaġġar tal-passiġġieri b'mobilità mnaqqsa jew b'diżabilità.

4.38. Għalhekk, se jkun hemm bżonn finanzjament kontinwu minn partijiet terzi, kemm mill-gvernijiet nazzjonali jew direttament mill-UE, biex l-aċċessibilità tan-network ferrovjarju tittejjeb b'mod kontinwu skont il-linji previsti fil-legalizzazzjoni eżistenti tal-UE dwar l-aċċessibilità ferrovjarja.

4.39. Is-Sena Ewropea tal-Ferroviji għandha tkun ukoll opportunità biex jiġu żviluppati proġetti li jippromovu approċċ olistiku fir-rigward tal-aċċessibilità, fejn jiġu indirizzati mhux biss l-inizjattivi meħuda mis-settur ferrovjarju kemm fl-istazzjonijiet ferrovjarji kif ukoll fuq il-ferroviji biex tittejjeb l-assistenza u l-aċċessibilità, iżda wkoll kulma hemm bżonn biex jiġi żgurat li l-ewwel u qabel kollox il-passiġġieri kollha jkunu jistgħu jilhqqu ċ-ċentri tat-trasport.

Turiżmu sostenibbli

4.40. L-Unjoni Ewropea hija waħda mir-reġjuni turistiċi l-iktar żviluppata u l-aktar miżjura fid-dinja. L-UE tirrappreżenta 40 % tal-wasliet ta' turisti internazzjonali fid-dinja u 31 % tan-nefqa fuq it-turiżmu internazzjonali lejn l-UE. L-UE tospita wħud mill-ikbar swieq tat-turiżmu barrani fid-dinja kif ukoll hija waħda mid-destinazzjonijiet l-iktar miżjura fid-dinja. Fl-2016, kważi 270 miljun resident tal-UE (żewġ terzi tal-popolazzjoni residenti dak iż-żmien) għamlu mill-inqas vjaġġ wieħed għal skopijiet ta' divertiment, fejn aktar minn nofshom kienu vjaġġi internazzjonali. Ġeneralment, it-trasport jirrappreżenta 27 % tan-nefqa għal vjaġġ ta' divertiment.

4.41. L-indirizzar tal-impatt ambjentali tat-trasport marbut mat-turiżmu huwa wieħed mill-isfidi ewlenin identifikati fl-Aġenda tal-KE għal turiżmu Ewropew sostenibbli u kompetittiv (COM2007/621).

4.42. Il-moviment madwar "Fridays for Future" kif ukoll iż-żieda fl-avvenimenti estremi tat-temp u klimatiċi qegħdin iġieghu ċ-ċittadini jergħu jivvalutaw il-pjani tradizzjonali ta' vvaġġar tagħhom u jqisu l-ferroviji bħala mod kif jivvjaġġaw lejn id-destinazzjoni tagħhom. Persuni li jivvjaġġaw għad-divertiment u għall-vaganzi jirrappreżentaw l-akbar kategorija ta' passiġġieri ferrovjarji li jixtru biljett uniku wieħed minn punt sa punt.

4.43. Illum il-ġurnata, it-turiżmu Ewropew qed jiffaċċja fażi ta' tranżizzjoni, b'destinazzjonijiet stabbiliti sew jiżviluppaw viżjonijiet ġodda għall-iżvilupp ta' turiżmu b'aktar rispett għall-prinċipji ta' sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali. Hemm bżonn ta' xejriet ġodda fl-iżvilupp tat-turiżmu biex jiġi indirizzat l-impatt ambjentali tat-turiżmu u t-turiżmu eċċessiv.

4.44. Għal ħafna Stati Membri, reġjuni u bliet Ewropej, it-turiżmu huwa kontributor ewleni għan-nisġa ekonomika u soċjali, u aktar minn hekk jipprovdi impjiegi u introjtu. Madankollu, din l-ekosistema ntlaqet ħażin mill-pandemija tal-COVID-19.

4.45. F'dan il-kuntest, hemm bżonn li tittieħed azzjoni biex tgħin lit-turiżmu internazzjonali, kontinentali u nazzjonali jerġa' jquom fuq saqajh għall-benefiċċju ta' setturi wesgħin tal-ekonomija tal-UE. Il-ferroviji jistgħu jgħinu fl-iżvilupp ta' destinazzjonijiet turistiċi li mhumiex servuti tajjeb mill-avjazzjoni, jiftħu rotot ġodda u jrawmu katini ta' valur ġodda. Għal-linji ferrovjarji Ewropej din hija opportunità biex tiġi sodisfatta d-domanda dejjem tikber ta' turisti konxji mill-klima fis-suq.

4.46. Is-Sena tal-Ferroviji għandha tkun opportunità biex jiżdied l-għarfien pubbliku dwar it-turiżmu sostenibbli u r-rotot turistiċi ġodda li ċ-ċittadini Ewropej jistgħu jiskopru grazzi għall-konnessjonijiet ferrovjarji. Il-bidla modali fit-turiżmu għandha tkun kunċett li jiġi żviluppata u kkomunikata permezz ta' inizjattivi ta' komunikazzjoni xierqa, bl-appoġġ konġunt tal-komunità ferrovjarja, tal-industrija kulturali Ewropea u tar-rappreżentanti nazzjonali u Ewropej tal-industrija tat-turiżmu.

4.47. F'dan il-kuntest, is-Sena Ewropea tal-Ferroviji għandha tkun ukoll opportunità sabiex tingħata viżibbiltà aħjar u titrawwem is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar ir-rotot ferrovjarji storiċi u xeniċi madwar l-Ewropa, bħall-Orient Express minn Pariġi għal Venezja, ir-rotta ferrovjarja ta' Creusot li taqsam mil-Lvant san-Nofsinhar ta' Franza, ir-rotta ferrovjarja minn Munich sa Neuschwanstein fil-Ġermanja, l-itinerarju ferrovjarju tal-wied d'Orcia fil-Italja, ir-Rotot Ferrovjarji ta' Malopolska fil-Polonja u ħafna oħrajn madwar il-kontinent.

DiscoverEU

4.48. Għal diversi raġunijiet għadd sostanzjali ta' żgħażagħ Ewropej qatt ma vvjaġġaw fl-Ewropa jew rarament għamlu dan. Għalkemm jeżistu programmi ta' skambju edukattivi, l-UE għadha kif nediet strument li jippermetti lil kull Ewropew jikseb esperjenza ta' vjaġġar li jgħaqqad aħjar liż-żgħażagħ mal-identità Ewropea, li jżid l-għarfien dwar il-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jiffamiljarizzahom ma' mezz ta' trasport sostenibbli u nadif. DiscoverEU hija inizjattiva tal-Unjoni Ewropea li tagħti lin-nies l-opportunità li jiskopru l-Ewropa permezz ta' esperjenzi ta' tagħlim. Meta jivvjaġġaw predominantement permezz tal-ferroviji (hemm eċċezzjonijiet biex jippermettu lil dawk li jgħixu fuq gżejjer jew f'żoni remoti jipparteċipaw), iż-żgħażagħ Ewropej jistgħu jiskopru l-Ewropa, il-bliet u l-irħula tagħha.

4.49. Ir-rwol tal-ivvjaġġaw fil-ħolqien ta' identità Ewropea ilu rikonoxxut minn meta bdiet il-ħidma preparatorja għall-inklużjoni tas-settur fit-Trattat ta' Lisbona. Riċentement il-Professor Richard Jobs wera r-rwol aktar speċifiku tal-Interrail Pass fit-tfassil tal-valuri komuni Ewropej⁽⁸⁾.

4.50. Is-Sena tal-Ferroviji għandha tkun opportunità biex tingħata spinta ġdida lill-inizjattiva DiscoverEU, jiġu appoġġjati l-għanijiet tagħha u jintlaħqu ż-żgħażagħ Ewropej li għadhom ma pparteċipawx fil-proġett. Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew li mal-ghelug tat-18-il sena, kull ċittadin Ewropew jingħata d-dritt li jkollu DiscoverEU pass bħala simbolu tal-identità Ewropea tiegħu.

Europalia u mużewijiet tal-ferroviji oħrajn fl-Ewropa

4.51. Kull sentejn, l-Europalia tippreżenta lill-pubbliku fil-Belġju u fil-pajjiżi ġirien programm ta' avvenimenti u wirjiet dwar temi b'dimensjoni u perspettiva Ewropea qawwija. Tradizzjonalment, l-Europalia tattira għadd kbir ta' viżitaturi, ħafna minnhom minn barra l-pajjiż.

4.52. It-tema tal-edizzjoni li jmiss (li tibda f'Ottubru 2021) se tkun il-ferroviji u l-influenza li kellhom u li għad għandhom fuq il-mod kif nivvjaġġaw, naħdmu, nikkomunikaw u ngħixu fl-Ewropa. L-enfasi se tkun fuq il-ferroviji bħala l-"prekursuri" għall-isforzi tal-UE biex iġġib flimkien lin-nazzjonijiet u liċ-ċittadini u fuq il-bidla radikali li l-ferroviji jistgħu jgħibu favur il-mobilità ekoloġika, billi tibni fuq l-ideat stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-influenza tal-ferroviji fuq l-arti u billi tenfasizza r-rwol tal-ferroviji bħala promotur qawwi tal-bidla soċjali, ekonomika u industrijali.

4.53. F'dan il-kuntest, ikun utli li s-Sena tal-Ferroviji tintuża biex tingħata aktar informazzjoni dwar il-kalendarju ta' inizjattivi tal-Europalia kif ukoll biex jiġi kkomunikat lil udjenzi usa' l-kontenut li nħoloq f'avvenimenti kulturali diġà eżistenti, bħall-festivals tal-films (ta' Cannes, ta' Venezia, ta' Berlin) u wirjiet tal-arti. Fl-istess kuntest, matul l-2021, l-istazzjonijiet ferrovjarji u l-mużewijiet jistgħu jkunu l-ambjent għal inizjattivi kbar li jgħaqqdu l-futur u l-passat tal-ferroviji ma' industrij ewlenin bħall-arkitettura u l-kostruzzjoni, id-disinn, it-turiżmu, is-settur elettromeġġaniku, l-ikel u t-turiżmu.

4.54. Jenħtieġ li s-Sena tal-Ferroviji tftitex il-parteeċipazzjoni tal-mużewijiet tal-ferroviji kollha Ewropej, tistieden liċ-ċittadini jiskopru l-kollezzjonijiet tagħhom inkluż permezz tad-diġitalizzazzjoni tagħhom, tippromovi skambji bejn mużewijiet u tour Ewropew ta' mużewijiet ferrovjarji.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽⁸⁾ Ara Jobs, R.I. (2017). *Backpack Ambassador — How Youth Travel Integrated Europe*, University of Chicago Press, p. 249 (mhux disponibbli bil-Malti).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal suq ferrovjarju sostenibbli fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19”

(COM(2020) 260 final — 2020/0127 (COD))

(2020/C 364/22)

Relatur Ġenerali: **Alberto MAZZOLA**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 8.7.2020 Kunsill, 30.6.2020
Bażi legali	Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
L-approvazzjoni tal-President tal-KESE	25.6.2020 (proċedura b'urġenza, Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura)
Adottata fil-plenarja	16.7.2020
Sessjoni plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	211/2/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea u jqis li huwa konformi mal-punt 3.2 tal-opinjoni tal-KESE TEN/710 ⁽¹⁾, Is-Sena Ewropea tal-Ferroviji (2021), fejn, fost il-kummenti dwar ir-reżiljenza murija mis-settur ferrovjarju anke matul l-egħel żmien tat-tifqigħa tal-COVID-19, il-KESE argumenta li “minkejja li t-trasport ferrovjarju tal-merkanzija wera reżiljenza qawwija, seta' mar saħansitra aħjar [...] li kieku t-tariffi tal-aċċess għall-binarij tnaqqsu għal zero [...]”.

1.2. Il-KESE jenfasizza l-importanza li l-Istati Membri u l-amministraturi tal-infrastruttura japplikaw malajr kemm jista' jkun id-derogi mogħtija mill-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għall-perjodu kollu indikat mill-proposta. Il-KESE jqis li l-miżuri proposti se jkunu utli fuq medda qasira ta' żmien u matul il-perjodu tal-applikazzjoni tagħhom.

1.3. Madankollu, il-KESE jissuġġerixxi li qabel tmiem il-perjodu ta' validità tad-derogi proposti, il-Kummissjoni Ewropea u l-leġislaturi għandhom jikkunsidraw l-estensjoni tal-validità ta' dawn il-miżuri, speċjalment fil-każ li l-irkupru ekonomiku tas-settur ikun aktar kajman milli mistenni.

1.4. Il-KESE jenfasizza l-importanza tad-dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-Istati Membri jikkompensaw lill-amministraturi tal-infrastruttura għal kwalunkwe telf ekonomiku kkawżat mill-applikazzjoni tad-derogi mid-Direttiva 2012/34/UE ⁽²⁾ proposta mill-Kummissjoni.

2. Il-proposta tal-Kummissjoni

2.1. Il-proposta tal-Kummissjoni hija mmirata, bħal proposti reċenti oħra, li toffri miżuri ta' għajjnuna ekonomika lis-settur ferrovjarju Ewropew. F'dan il-każ, il-miżuri jikkonċernaw l-eżenzjoni, it-tnaqqis jew id-differiment tat-tariffi għall-aċċess għall-binarij għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja, kif ukoll l-eżenzjoni tal-imposti ta' riżerva. Huma jkopru perjodu ta' referenza mill-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020, li fir-rigward tiegħu l-imposti jistgħu jinbidlu, b'deroga mill-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34/UE. Id-dikjarazzjoni dwar in-network, li turi l-imposti kollha applikabbli, għandha għalhekk tiġi ppubblikata mhux inqas minn erba' xhur qabel l-iskadenza għal talbiet għall-kapaċità infrastrutturali.

⁽¹⁾ Ara l-paġna 149 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32.

2.2. B'mod speċifiku, huwa propost li ssir deroga mill-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 31(3) tad-Direttiva li jesiġi li l-imposti għall-pakkett ta' aċċess minimu jiġu stabbiliti fil-livell tal-ispiża direttament imġarrba minħabba t-tħaddim tas-servizz ferrovjarju. Permezz ta' deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/34/UE, l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu aġġustamenti 'l isfel meta jimponu mark-ups matul l-iskeda ta' ħidma attwali. B'deroga mill-Artikolu 36 tad-Direttiva 2012/34/UE, l-amministratturi tal-infrastruttura jkunu jistgħu jiddeċiedu li jneħħu l-imposti għal mogħdijiet ferrovjarji kkanċellati minħabba t-tfixkil ikkawżat mill-pandemija.

2.3. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li l-Istati Membri jkunu awtorizzati li jikkumpensaw lill-amministratturi tal-infrastruttura għat-telf ekonomiku kkawżat minn kull waħda mid-derogi mid-Direttiva 2012/34/UE msemmija hawn fuq (ħlasijiet ibbażati fuq spejjeż diretti, mark-ups u imposti ta' riżerva). B'deroga mid-Direttiva 2012/34/UE, l-amministratturi tal-infrastruttura jistgħu jiġu rimborżati fi żmien perjodu iqsar minn dak stabbilit fl-Artikolu 8(4) ta' dik id-Direttiva, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara s-sena li fiha jkun sar it-telf.

2.4. Id-dikjarazzjoni dwar in-network tistabbilixxi fid-dettall ir-regoli ġenerali, l-iskadenzi, il-proċeduri u l-kriterji għall-imposti u l-iskemi għall-allokazzjoni tal-kapaċità, inkluża l-informazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-kapaċità tal-infrastruttura. Qed jiġi propost li jiġi stabbilit li d-dikjarazzjonijiet dwar in-network jinżammu aġġornati u emendati mingħajr dewmien.

2. Kummenti ġenerali

2.5. Il-ferroviji esperjenzaw tfixkil sinifikanti u mhux mistenni fil-kontinwità tan-negozju minħabba t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, bi tnaqqis kbir fil-mobilità. Fl-eqel żmien tal-kriżi, l-ammont ta' passiġġieri naqas b'aktar minn 90 % f'diversi pajjiżi u anke wara t-tmiem tal-lockdown, iċ-ċifri tal-passiġġieri bil-ferrovija għadhom ma laħqux 50 % tal-livell ta' qabel il-kriżi.

2.6. Skont l-ewwel stimi approssimattivi, ikkalkulati mill-assoċjazzjonijiet settorjali bħas-CER, mill-bidu tal-kriżi d-dħul mitluf imġarrab mill-operaturi kollha tal-passiġġieri bħala konsegwenza tal-pandemija jlaħħaq EUR 900 miljun fil-ġimgħa. L-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 ikkawża tnaqqis medju approssimattiv fid-dħul mill-merkanzija ferrovjarja ta' 25 % fl-Unjoni Ewropea kollha (UE27) bejn Marzu u April 2020 u dħul mitluf ta' madwar EUR 78 miljun fil-ġimgħa. L-amministratturi tal-infrastruttura ferrovjarja qed jiġu affettwati dejjem aktar mit-tifqigħa tal-COVID-19 minħabba t-tnaqqis fit-traffiku u d-dħul li jiġġenera.

2.7. It-tnaqqis tal-imposti għall-aċċess għall-binarij taħt il-livell previst mid-Direttiva 2012/34/UE u ż-żieda fil-flessibilità għall-amministratturi tal-infrastruttura biex jallokaw mogħdijiet ferrovjarji se jtaffu parzjalment l-impatt tal-kriżi fuq l-operaturi ferrovjarji.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-Implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta’ Kummerċ Ħieles 1 ta’ Jannar 2018-31 ta’ Diċembru 2018”

(COM(2019) 455 final)

(2020/C 364/23)

Relatur: **Tanja BUZEK**

Korelatur: **Alberto MAZZOLA**

Konsultazzjoni	Kummissjoni, 19.12.2019
Bażi legali	Artikolu 32(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Relazzjonijiet Esterni
Adottata fis-sezzjoni	16.6.2020
Adottata fil-plenarja	16.7.2020
Sessjoni plenarja Nru	553
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	203/0/7

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-COVID-19 kellha impatt profond u bla preċedent fuq id-dinja globalizzata tagħna u n-nies tagħha, u fuq il-kummerċ u l-investment. L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) tistma li fl-2020 il-kummerċ dinji se jonqos bi 13 % sa 32 % ⁽¹⁾. Bħala xprun importanti tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp sostenibbli, il-kummerċ se jkollu rwol importanti biex jippromovi rkupru ekonomiku sostenibbli mill-kriżi u jippermetti lill-kumpaniji jibnu mill-ġdid u jorganizzaw mill-ġdid il-ktajjen tal-valur tagħhom, li sofrew tfixkil. L-Ewropa teħtieġ b'mod urġenti Pjan ta' Rkupru tal-UE b'saħħtu, soċjali, sostenibbli u inklużiv li se jappoġġja lill-kumpaniji u lin-nies biex tingħeleb din il-kriżi u biex jiġu ssalvagwardjati l-impjiegi deċenti, inkluż permezz tal-ingranaġġ tal-kummerċ internazzjonali. Dan il-Pjan għandu jiġi ffinanzjat billi jintużaw il-Eurobonds jew dejn fit-tul Ewropew komuni ieħor.

1.2. Din il-kriżi tenfasizza kemm huma importanti l-kooperazzjoni globali u l-proċess tar-riforma tad-WTO biex tiġi żgurata organizzazzjoni b'saħħitha u effettiva li tista' taġixxi kontra l-protezzjoniżmu u l-unilateraliżmu. Wasal iż-żmien li d-WTO taqdi r-rwol tagħha biex tippromovi b'mod attiv standards ewlenin tax-xogħol u l-Ftehim ta' Pariġi ⁽²⁾.

1.3. Ir-rieżami mħabbar kmieni tal-Istrateġija tal-UE għall-Kummerċ jeħtieġ li jislet tagħlimiet importanti minn din il-kriżi. L-UE mhijiex awtosuffiċjenti u tiddependi fuq l-aċċess għas-swieq internazzjonali. Il-ktajjen tal-provvista globali jeħtieġ li jsiru aktar reżiljenti, diversifikati u responsabbli. Strumenti aktar b'saħħithom jeħtieġ li jagħtu riżultati f'termini ta' aġenda dwar il-kummerċ u l-investment sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tagħha. Jeħtieġ li din tkun konsistenti mal-Patt Ekoloġiku u turi ambizzjoni indaqs dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tad-dispożizzjonijiet dwar ix-xogħol. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) li saru f'sensiela ta' Opinjonijiet ewlenin reċenti u kontinwi dwar il-kummerċ tal-UE għandhom inkunu ta' informazzjoni għal dan ir-rieżami ⁽³⁾. L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Kummerċ għandha tmur lil hinn mill-mudelli kummerċjali antiki, filwaqt li tibni mudell ġdid li jkun ekonomikament reżiljenti, aktar ekoloġiku, soċjalment sostenibbli u responsabbli.

⁽¹⁾ Tbassir tal-Kummerċ tad-WTO, April 2020.

⁽²⁾ ĠU C 159, 10.5.2019, p. 15.

⁽³⁾ Opinjonijiet reċenti msemmija fil-ĠU C 47, 11.2.2020. REX/529 “A post COVID-19 emergency: designing a New Multilateral Matrix” (Emerġenza ta' wara l-COVID-19: it-tfassil ta' Matriċi Multilaterali Ġdid) (ara l-paġna xx ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali), il-ħidma kontinwa fuq NAT/791 “Il-kompatibbiltà tal-politika kummerċjali tal-UE mal-Patt Ekoloġiku Ewropew” u REX/532 “Ktajjen ta' provvista sostenibbli u xogħol deċenti fil-kummerċ internazzjonali”.

1.4. Is-soċjetà ċivili għandha rwol importanti biex tqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali tal-UE. Din tista' tgħin tikkomunika l-benefiċċji tagħha u hija kruċjali biex jiġu identifikati t-tħassib u n-nuqqasijiet. Għalhekk, il-KESE jiddispjaċih b'mod partikolari dwar il-fatt li l-ħidma u l-vuċi tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi (DAGs) fil-parti l-kbira tagħhom għadhom ma ġewx inklużi fir-rapport ta' implimentazzjoni. Il-kontribut tal-programmi ta' ħidma tad-DAG u d-Dikjarazzjonijiet Konġunti mad-DAGs fil-pajjiżi msieħba għandhom jiġu riflessi aktar fir-rapporti futuri.

1.5. Fi ftehimiet futuri, il-kamp ta' applikazzjoni tal-monitoraġġ tad-DAGs se jkopri l-ftehim kollu, filwaqt li dawn għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-impatt fuq il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli (TSD). L-impatt tar-rakkomandazzjonijiet tad-DAG, b'mod partikolari iżda mhux esklużivament fuq l-investigazzjoni tal-ksur tat-TSD, jeħtieġ li jissaħħaħ b'mod konsiderevoli. Il-grupp ta' esperti mal-Istati Membri dwar it-TSD, l-Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ (CTEO) il-ġdid u l-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE għandhom jistabbilixxu skambju ta' segwitu strutturat mad-DAGs u l-laqgħat konġunti ta' bejn id-DAGs għandhom jiġu kkomunikati fin-negozjati ta' ftehim.

1.6. Il-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles joħlqu qafas għall-kumpaniji biex jiżviluppaw relazzjonijiet fit-tul ma' klijenti u fornituri ġodda, jisfruttaw l-opportunitajiet f'pajjiżi ġodda u jibnu kapaċità lokali biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom. Aġenda kummerċjali bilaterali u multilaterali ambizzjuża li tirrifletti t-tagħlimiet imsemmija hawn fuq, u l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE eżistenti, jeħtieġ li jistabbilixxu l-pedament.

1.7. Ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' kummerċ ħieles jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva u viżibbli tan-network kummerċjali tal-UE. Dan ikejjel il-progress u l-prestazzjoni tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles individwali, u jidentifika n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni. Madankollu, dan jeħtieġ li jtejjeb il-potenzjal informattiv tiegħu u johlqo rabtiet aħjar ma' rapporti preċedenti u ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-politika tal-evalwazzjoni kummerċjali. Il-valutazzjonijiet tal-impatt għas-sostenibbiltà (VIS) għandhom jintużaw b'mod partikolari bħala sorsi ta' informazzjoni. Meta tabbozza r-rapporti futuri, il-Kummissjoni Ewropea (KE) għandha tikkonsulta mas-soċjetà ċivili bħala kwistjoni ta' prijorità.

1.8. Is-sigurtà u t-tqassim tad-data jidhru li jippreżentaw l-akbar sfida. Ir-rapport għandu juża d-data nazzjonali b'mod aktar konsistenti, filwaqt li juri r-realtajiet differenti għal kull Stat Membru jew reġjun tal-UE, u, fejn ikun meħtieġ, jinvesti fi ġbir attiv ta' data. L-istabbiliment ta' kriterji jagħmel it-tqabbil aktar tanġibbli. Sorsi oħra, bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-ksur relatat max-xogħol, għandhom jikkompletaw l-istampa.

1.9. Ir-rapporti futuri għandhom jirriflettu b'mod aktar sistematiku dwar il-kummerċ fis-servizzi u l-evoluzzjoni tiegħu. Hemm bżonn ta' data aktar dettaljata, għal kull settur u mod ta' provvista, biex jiġi evalwat il-punt sa fejn in-negozji tad-daqsijiet kollha jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet tal-ftehim ta' kummerċ ħieles tal-UE. Biex jiġu appoġġjati l-esportaturi tas-servizzi, il-Bażi tad-Data rieżaminata dwar l-Aċċess għas-Suq għandha tkopri s-servizzi b'mod konsistenti u għandha tiġi ssupplimentata bi gwida tal-UE għall-esportaturi u l-investituri tas-servizzi Ewropej.

1.10. Biex jikseb valur miżjud għall-partijiet interessati kollha, ir-rapport annwali għandu jagħti attenzjoni akbar lil oqsma u gruppi speċifiċi. Jeħtieġ li l-konsumaturi jaraw kif iż-żidiet fil-flussi kummerċjali jistgħu jimmaterializzaw f'benefiċċji konkreti. Jeħtieġ li d-data turi simetrija aħjar bejn għanijiet ta' negozjar ambizzjużi għall-konsumaturi u l-implimentazzjoni aktar tard tagħhom.

1.11. Ir-rata ta' utilizzazzjoni ta' preferenza (PUR) hija indikatur importanti għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles. Ir-rapport juri li l-PUR hija b'mod ġenerali aktar baxxa għall-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-pajjiżi msieħba milli għall-impportazzjonijiet fl-UE. Jeħtieġ li l-KE u l-Istati Membri jieħdu azzjoni konġunta biex itejbu l-utilizzazzjoni ta' preferenzi kummerċjali u jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji kummerċjali, b'mod partikolari fost il-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju (SMEs). F'kooperazzjoni mal-komunità tan-negozju tal-UE, dawn għandhom jippromovu l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles fil-lingwa nazzjonali tagħhom u jiżviluppaw pjani ta' azzjoni nazzjonali għall-implimentazzjoni għal kull ftehim ta' kummerċ ħieles. L-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni jeħtieġ li jqisu wkoll l-impportaturi fil-pajjiżi msieħba.

1.12. It-trasparenza hija kruċjali biex jittejjeb l-aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku għall-kumpaniji Ewropej fil-pajjiżi msieħba fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles. Il-pubblikazzjoni tal-offerti tal-pajjiżi terzi f'taqsimha ddedikata tal-bażi tad-data tal-Offerti Elettroniċi ta' Kuljum tal-UE ttejjeb bil-bosta l-kapaċità tal-kumpaniji Ewropej ta' kull daqs biex jibbenefikaw mill-kapitolu tal-akkwist. Barra minn hekk, l-UE għandha tippromovi l-aħjar prattiki dwar kif għandhom jiġu inklużi kriterji ambjentali u soċjali fl-akkwist pubbliku.

1.13. Il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles joffru potenzjal konsiderevoli għall-esportazzjonijiet tal-UE fil-prodotti agricoli filwaqt li l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (GI) iżidu l-kompetittività tal-produtturi agroalimentari tal-UE kemm fl-UE kif ukoll 'il hinn minnha. Madankollu, l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet agroalimentari tidher li ma tilħaqx l-għanijiet ambizzjużi tagħha. It-traċċabbiltà tal-prodotti u l-kapaċità li jinfurzar il-prinċipju ta' prekawżjoni huma essenzjali biex jiġi żgurat li jkun hemm ikel ta' kwalità tajba u provvista sigura kemm f'termini ta' kwantità, kif ukoll ta' kwalità. Il-monitoraġġ effiċjenti tal-Istandards Sanitarji u Fitosanitarji (SPS) jitlob li jsiru spezzjonijiet b'riżorsi xierqa.

1.14. Bosta snin wara li ġew konklużi l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, għadna naraw nuqqas ta' progress fil-konformità mal-impenji tat-TSD f'xi pajjiżi msieħba. Filwaqt li jappoġġja bis-sħiħ il-fatt li finalment il-KE qed tieħu azzjoni legali fit-tilwima dwar id-drittijiet tal-ħaddiema tal-Korea, il-KESE, minkejja dan, jesprimi tħassib dwar l-impatt attwali tar-rapport tal-bord, minħabba li l-kapitoli tat-TSD bħalissa m'għandhomx għodod ta' infurzar vinkolanti. F'dan ir-rigward, il-KESE jappella għal progress sinifikanti fir-rieżami tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) tal-eżegwibbiltà effettiva tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħaddiema u l-ambjent⁽⁴⁾. Il-proċess ta' rieżami għandu jinvolvi u jikkonsulta mill-qrib id-DAGs taż-żewġ partijiet.

1.15. Il-KESE jilqa' bil-qawwa l-inizjattivi reċenti mill-KE u l-Istati Membri biex jiżdiedu l-isforzi dwar il-kummerċ u s-sostenibbiltà. Fin-negozjati mar-Renju Unit, l-UE qed tibda perkors ġdid, filwaqt li qed tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni sostenibbli u tapplika l-kapitolu tat-tilwim ġenerali b'aċċess għar-rimedji, li jirrifletti r-relazzjoni unika tal-partijiet. Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku titlob li l-Ftehim ta' Pariġi jsir element essenzjali għall-ftehimiet kummerċjali komprensivi kollha futuri – pass pożittiv li għandu jiġi estż biex jiġu koperti l-Konvenzjonijiet fundamentali u aġġornati tal-ILO li ġew irratifikati mill-Istati Membri kollha tal-UE. Bħala l-korp rikonoxxut fil-livell internazzjonali, l-ILO għandha tkun involuta fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjonijiet tal-ILO fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles. Il-KESE jistenna bil-ħerqa li jsir dibattitu ġdid fost l-Istati Membri dwar kif għandhom jissaħħu l-kapitoli tat-TSD biex jissodisfaw bis-sħiħ l-impenji legalment vinkolanti tagħhom⁽⁵⁾. Dan id-dibattitu jeħtieġ li jagħti l-istess prijorità lill-istandards ambjentali u tax-xoġhol fuq l-aġenda ta' implimentazzjoni u infurzar.

2. Sfond

2.1. Fil-komunikazzjoni tagħha Kummerċ għal Kulħadd tal-2015, il-KE impenjat ruħha li tirrapporta kull sena dwar l-implimentazzjoni tal-aktar ftehimiet kummerċjali sinifikanti tal-UE. Dan huwa t-tielet rapport dwar din il-kwistjoni, u l-ewwel darba li l-KESE għamel rakkomandazzjonijiet.

2.2. Il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles jirrappreżentaw sehem dejjem akbar tal-kummerċ tal-UE. Fl-2018, 31 % tal-kummerċ tal-UE fil-prodotti mal-bqija tad-dinja kien kopert minn ftehimiet kummerċjali preferenzjali u din iċ-ċifra hija mistennija li tiżdied għal aktar minn 40 % meta jitqiesu l-ftehimiet kummerċjali li ġew konklużi minn dakinhar 'il hawn.

2.3. Bħalissa, l-UE għandha l-aktar network kummerċjali fid-dinja, b'44 ftehim kummerċjali preferenzjali li jkopri 76 pajjiż. Ir-rapport annwali ta' implimentazzjoni jkopri tipi differenti ta' ftehimiet kummerċjali tal-UE:

— ftehimiet tal-“ewwel ġenerazzjoni”, li ġew innegozjati qabel l-2006 u li jiffukaw fuq l-eliminazzjoni tat-tariffi;

— ftehimiet tal-“ġenerazzjoni l-ġdida” li jestendu għal oqsma ġodda, inklużi s-servizzi, l-investimenti, l-akkwist pubbliku, il-kompetizzjoni, is-sussidji, il-kwistjonijiet regolatorji u l-iżvilupp sostenibbli;

— Iż-Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi (DCFTA) li jgħolqu rabtiet ekonomiċi aktar b'saħħithom bejn l-UE u l-pajjiżi tal-viċinat tagħha;

— Il-ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) li jiffukaw fuq il-ħtiġijiet ta' żvilupp tar-reġjuni Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku.

⁽⁴⁾ Strument Interpretattiv Kongunt dwar is-CETA, Ottubru 2016.

⁽⁵⁾ Dokument informali min-Netherlands u Franza dwar il-kummerċ, l-effetti ekonomiċi soċjali u l-iżvilupp sostenibbli, Mejju 2020.

2.4. Mill-2015 'il hawn, l-UE wettqet evalwazzjonijiet ex post fuq il-ftehimiet kummerċjali tagħha mal-Messiku, iċ-Ċili u l-Korea t'Isfel. L-evalwazzjonijiet ex post fuq CARIFORUM u sitt pajjiżi tal-Mediterran, kif ukoll il-ftehim UE-Moldova u UE-Georgia, il-ftehim UE-Kolombja, Ekwador u Perù u l-ftehim UE-Amerika Ċentrali għadhom għaddejjin.

2.5. Dan ir-rapport tal-2019 jipprovdi aġġornament dwar l-implimentazzjoni ta' 35 ftehim kummerċjali ewlieni ma' 62 insieħeb, inkluż l-ewwel rapport ta' sena sħiħa dwar is-CETA. Barra minn hekk, ir-rapport jiddeskrivi l-ħidma mwettqa qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Ġappun u jinkludi kapitoli ddedikati dwar l-SMEs, is-servizzi u l-kummerċ agroalimentari.

2.6. Ir-rapport ifittex li jinvestiga l-impatt tad-dispożizzjonijiet inklużi fil-kapitoli ddedikati għat-TSD, li jagħmlu parti mill-ftehimiet kummerċjali kollha tal-ġenerazzjoni ġdida tal-UE, u jirrapporta dwar azzjonijiet ta' infurzar legali meħuda skont il-ftehimiet kummerċjali tal-UE. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal komprensiv tiegħu jipprovdi informazzjoni ddetaljata għal kull ftehim individwali.

3. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-kummerċ globali u tal-UE

3.1. Il-COVID-19 se jkollha impatt profond u bla preċedent fuq id-dinja kummerċjali globalizzata tagħna. Sa issa, il-KE tistma li se jkun hemm rekord ta' tnaqqis ta' 9,7 % fil-kummerċ globali, tnaqqis possibbli ta' 9,2 % fl-esportazzjonijiet tal-prodotti u s-servizzi 'l hinn mill-EU27, u tnaqqis ta' 8,8 % fl-importazzjonijiet 'il hinn mill-EU27 għall-2020 ⁽⁶⁾. Aħna rajna tfixkil fuq skala kbira fil-ktajjen tal-provvista, restrizzjonijiet ad hoc fuq l-esportazzjonijiet fi prodotti rilevanti għall-kriżi bħal provvisti mediċi, kontrolli doganali u fil-fruntieri aktar stretti, u restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu tal-ħaddiema u l-fornituri tas-servizzi. Din il-kriżi ħarġet fid-dieher fraġilità u riskji inkwetanti relatati ma' ktajjen tal-provvista fframmentati ħafna u mhux iddiversifikati. Din tenfasizza wkoll l-importanza li l-ekonomiji jkunu msejsa fuq servizzi pubbliċi li jiffunzjonaw tajjeb u b'saħħithom mil-lat finanzjarju, b'mod partikolari s-servizzi tas-saħħa pubblika, biex il-kummerċ jibqa' "b'saħħtu" u għaddej.

3.2. Din il-kriżi tenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni globali u turi li s-soluzzjonijiet nazzjonali u unilaterali mhumiex it-tweġiba, la fil-livell Ewropew u lanqas fil-livell globali. Għalhekk, il-proċess tar-riforma tad-WTO għandu jibqa' għaddej sabiex tiġi żgurata organizzazzjoni b'saħħitha u effettiva li tkun tista' taġixxi kontra l-protezzjoniżmu u l-unilateraliżmu. Wasal iż-żmien li d-WTO taqdi r-rwol tagħha biex tippromovi b'mod attiv l-istandards tax-xogħol ewlenin u l-ftehim ta' Pariġi ⁽⁷⁾.

3.3. Il-KESE jirrikonoxxi li, bl-adozzjoni ta' qafas ta' politika xieraq, il-kummerċ jista' jkun jista' jkun xprun effettiv tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp sostenibbli. Fl-2017, wieħed minn kull seba' impjiegi tal-UE kien jiddependi fuq l-esportazzjonijiet, b'36 miljun impjieg u 15,3 % tal-impjiegi tal-UE. Barra minn hekk, l-importanza tas-Suq Uniku għall-kummerċ tal-UE u l-"effetti kollaterali" pożittivi tiegħu, jintwerew mill-fatt li 20 % tal-impjiegi appoġġjati mill-esportazzjoni kienu jinsabu fi Stat Membru differenti ⁽⁸⁾.

3.4. Il-kummerċ se jkollu rwol essenzjali biex jippromovi rkupru ekonomiku sostenibbli u jippermetti lill-kumpaniji jibnu mill-ġdid u jorganizzaw mill-ġdid il-ktajjen tal-valur tagħhom, li sofrew tfixkil. Pjan ta' Rkupru tal-UE għandu jkun b'saħħtu, soċjali, sostenibbli u inklużiv, filwaqt li għandu joffri lill-kumpaniji l-opportunitajiet biex isaħħu l-pożizzjoni tagħhom fil-kummerċ internazzjonali u biex jissalvagwardjaw l-impjiegi deċenti. Dan il-Pjan għandu jiġi ffinanzjat billi jintużaw il-Eurobonds jew dejn fit-tul Ewropew komuni ieħor.

3.5. Ir-rapporti tal-2020 u l-2021 li jmiss għandhom iwettqu valutazzjoni tal-politika komprensiva dwar l-ambjent kummerċjali ta' wara l-COVID, u kif għandu jiġi żgurat li dan iġib benefiċċji għal kulħadd. Il-KE għandha tikkonsulta mas-soċjetà ċivili bħala kwistjoni ta' prijorità għal rapporti ta' implimentazzjoni futuri tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, u l-KESE jinsab lest li jikkontribwixxi bl-esperjenza Prattika tiegħu. L-Istrateġija l-ġdida għall-Kummerċ immirata lejn l-irkupru mill-COVID u t-tisħiħ tal-kummerċ dinji għandha tqis il-fatturi li ġejjin — fatturi li oriġinaw mill-kriżi, iżda anke mill-impenn tal-UE għal ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju. Il-politika industrijali Ewropea għandha ssaħħa is-sovranità industrijali f'setturi ewlenin bħall-farmaċewtiċi u l-apparat għal użu mediku. Dan għandu jsir fil-livell tal-UE.

⁽⁶⁾ "The impact of the Covid-19 pandemic on global and EU trade" (L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-kummerċ globali u tal-UE – mhux disponibbli bil-Malti), It-tim tal-Ekonomista Prinċipali, DG TRADE, April 2020.

⁽⁷⁾ ĠU C 159, 10.5.2019, p. 15.

⁽⁸⁾ ĠU C 47, 11.2.2020, p. 38.

3.6. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-KESE li saru f'sensiela ta' Opinjonijiet ewlenin reċenti u li għadhom għaddejjin dwar il-kummerċ tal-UE⁽⁹⁾ għandhom ikunu ta' informazzjoni għar-rieżami bikri tal-istrateġija kummerċjali. In-negozjati bilaterali u tad-WTO li għadhom għaddejjin għandhom iqisu b'mod urġenti l-impatti tal-COVID biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati, b'mod partikolari r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni u s-sostenibbiltà tal-ktajjen tal-provvista, u jirrieżaminaw il-mandati kummerċjali b'mod ġenerali.

3.7. Filwaqt li n-network kbir tal-UE ta' regoli kummerċjali preferenzjali jipprovdi prevedibbiltà u ċertezza importanti għan-negozji tal-UE, din il-kriżi turi l-ħtieġa urġenti ta' strumenti aktar b'saħħithom li jkunu jinkludu s-sostenibbiltà tal-kummerċ fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, jiġifieri dawk ekonomiċi, soċjali u ambjentali. F'dan il-kuntest, il-KESE jixtieq jirreferi għall-ħidma li għadha għaddejjja fir-rigward ta' Opinjoni ddedikata dwar ktajjen tal-provvista sostenibbli⁽¹⁰⁾, li għandha tiġi adottata f'Settembru 2020.

3.8. Se jkun meħtieġ li l-ktajjen tal-provvista globali jsiru aktar reżiljenti u responsabbli. Relazzjonijiet kummerċjali ddiversifikati jikkostitwixxu element importanti ta' sostenibbiltà ekonomika peress li jipprovdu assigurazzjoni kontra t-tfixkil f'pajjiżi u reġjuni speċifiċi. Il-politika kummerċjali tal-UE għandha rwol essenzjali x'taqdi f'dan ir-rigward. Il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles joħlqu qafas għall-kumpaniji biex jiżviluppaw relazzjonijiet fit-tul ma' fornituri ġodda, jibdw joperaw f'pajjiżi ġodda u jibnu kapaċità lokali biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom.

3.9. L-irkupru tal-flussi kummerċjali għandu jibnu fuq impenji b'saħħithom fir-rigward ta' standards soċjali u tax-xogħol u l-infurzar effettiv tagħhom. It-tfixkil tal-proċessi tal-provvista u l-produzzjoni wera l-importanza li jkunu stabbiliti miżuri tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u li dawn ikunu infurzati b'mod effettiv, u li l-ħaddiema jinżammu sikuri u b'saħħithom biex jiprovdu lid-dinja bil-prodotti u s-servizzi. Ir-ratifika, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv jikkostitwixxu gateway essenzjali biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u deċenti, flimkien mal-Konvenzjonijiet fundamentali u aġġornati kollha tal-ILO.

3.10. Minħabba l-miżuri ta' rkupru finanzjarju enormi li għandhom jittieħdu fl-UE u fuq livell globali, il-Patt Ekoloġiku m'għandux jitwarrab, iżda għandu jsir prijorità rapida fir-relazzjonijiet kummerċjali eżistenti u futuri tal-UE, biex jagħti riżultati f'termini ta' tranżizzjoni soċjalment u ambjentalment ġusta. Il-miżuri tal-Patt Ekoloġiku jeħtieġ li jiġu indirizzati fl-elementi kollha tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, inkluża l-promozzjoni tal-aħjar prattiki fir-rigward ta' kif għandhom jiġu inklużi l-kriterji ambjentali u soċjali fl-akkwist pubbliku.

4. Kummenti ġenerali dwar ir-rapport annwali

4.1. Il-KESE jilqa' b'mod wiesa' r-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, li l-KE nediet għall-ewwel darba fl-2017, peress li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva u viżibbli tan-network kummerċjali tal-UE. Dan jippermetti li jiġu mkejla l-progress u l-prestazzjoni tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles individwali. Bħala tali, dan għandu jidentifika n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni, inklużi dawk, bħall-kapitoli tat-TSD, li ma jistgħux jitkejlu bi statistika ekonomika. Għalhekk, ir-rapporti futuri għandhom jibnu b'mod aktar ċar fuq il-konklużjonijiet ta' rapporti preċedenti u jużaw miżuri ta' segwitu traċċabbli.

4.2. Iż-żmien huwa fattur rilevanti għall-implimentazzjoni u l-kejl tal-prestazzjoni tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles. F'dan ir-rigward, ir-rapporti annwali jagħtu biss stampa tax-xejriet sostnuti li jistgħu jimmaterializzaw maż-żmien jew li jkunu jeħtieġu investigazzjoni ulterjuri, u li ħaqqhom jiġu indirizzati f'politika ta' evalwazzjoni interkonnessa aħjar. Kull ftehim kummerċjali huwa soġġett għal evalwazzjoni sostanzjali f'diversi mument fiċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. Għaldaqstant, il-KESE jissuġġerixxi li r-rapporti futuri jiġu indirizzati b'mod aktar olistiku, billi jiġu riveduti s-sejbiet ta' valutazzjonijiet tal-impatt preċedenti li jkunu twettqu qabel jew matul in-negozjati. Il-VIS għandhom jintużaw b'mod partikolari bħala sors ta' informazzjoni u għandhom jinqraw b'mod trasversali flimkien max-xogħol ta' implimentazzjoni.

4.3. L-informazzjoni hija kruċjali biex tiġi rfinata l-politika kummerċjali u ta' investment tal-UE u jiġu mmassimizzati l-benefiċċji tagħha. L-iżgurar u t-tqassim tad-data jidhru li jippreżentaw l-akbar sfida. Għaldaqstant, l-UE għandha tuża d-data nazzjonali b'mod aktar konsistenti, filwaqt li turi r-realtajiet differenti għal kull Stat Membru jew reġjun tal-UE, u, fejn ikun meħtieġ, tinvesti fi ġbir attiv ta' data. L-istabbiliment tal-kriterji jista' jagħmel il-paragun tar-riżultati aktar tanġibbli. Fir-rigward tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, u b'mod partikolari s-sitwazzjoni tal-istandards tax-xogħol fil-pajjiżi, sorsi oħra ta' data bħall-ILO jeħtieġ li jikkompletaw l-istampa.

⁽⁹⁾ Ara nota 3 f'qiegħ il-paġna.

⁽¹⁰⁾ L-opinjoni REX/532 Ktajjen ta' provvista sostenibbli u xogħol deċenti fil-kummerċ internazzjonali (mistennija għal Settembru 2020).

4.4. Il-PUR hija indikatur tal-implimentazzjoni importanti. Madankollu, din tanalizza biss il-kummerċ fil-prodotti, u mhux il-benefiċċji kollha bħall-aċċess għas-suq fl-akkwist jiġu verament espressi permezz ta' preferenzi tariffarji. Il-PUR medja għall-importazzjonijiet mill-pajjiżi msieħba kummerċjali preferenzjali tal-UE fl-UE kienet ta' 87 % fl-2018; din kienet b'mod ġenerali aktar baxxa għall-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-pajjiżi msieħba. Madankollu, kalkolu preċiż tal-PUR medja mhuwiex disponibbli peress li l-UE tiddependi fuq data li tinġabar mill-pajjiż importatur u din l-istatistika mhijiex armonizzata. Biex tiġi pprovduta stampa aktar komprensiva, jeħtieġ li jiġu żviluppati indikaturi oħrajn biex jiġi evalwat il-punt sa fejn in-negozji tad-daqsijiet kollha jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet tal-ftehim ta' kummerċ ħieles tal-UE.

4.5. Fl-2018, l-esportazzjonijiet tas-servizzi ammontaw għal 32 % tal-valur totali tal-esportazzjonijiet tal-UE, u kważi 59 % meta tqiesu bħala kummerċ fil-valur miżjud (TiVA)⁽¹¹⁾. Sfortunatament, is-sehem mir-rapport iddedikat għall-kummerċ fis-servizzi ma jirriflettix b'mod xieraq il-valur għoli tal-kummerċ fis-servizzi għall-UE (25,2 % tal-PDG tagħha) u mhuwiex spjegat fid-dettall. Ir-rapporti futuri għandhom jirriflettu b'mod aktar sistematiku dwar il-kummerċ fis-servizzi u l-evoluzzjoni tiegħu, mhux biss bħala aggregat, iżda anke fuq livell settorjali u skont il-mod tal-provvista. Pereżempju, parti dejjem akbar tas-servizzi professjonali hija koperta minn ftehimiet kummerċjali. Il-professjonijiet liberali bħall-avukati, l-inġiniera jew il-periti jipprovdu servizzi speċjalizzati ħafna li ta' spiss ikunu marbuta ma' servizzi u akkwisti oħra relatati, iżda mhumiex riflessi fir-rapport.

4.6. Il-KESE jappella li r-rapporti futuri jiġbdu aktar attenzjoni għal oqsma u gruppi speċifiċi li fil-parti l-kbira tagħhom mhumiex inklużi fir-rapport. Il-benefiċċji tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE għall-SMEs u l-kummerċ agroalimentari diġà ġew enfazzjati tajjeb. Fir-rigward tal-agrikoltura, l-analiżi tal-impatt kumulattiv tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles fuq setturi speċifiċi hija importanti u għandha tiġi riflessa qabel ma jibdew negozjati ġodda. B'mod partikolari għall-konsumaturi, żieda fil-flussi kummerċjali jeħtieġ li tiġi mmaterjalizzata f'benefiċċji konkreti. Għal din ir-raġuni, il-KESE appella għal "kapitolu speċifiku għall-konsumaturi dwar 'kummerċ u konsumaturi' fil-qafas tat-TSD, li jinkorpora standards internazzjonali rilevanti dwar il-konsumatur u jsahha il-kooperazzjoni dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-konsumatur"⁽¹²⁾.

4.7. Il-KESE jappoġġja bil-qawwa l-fatt li jiġi inkluż kapitolu ddedikat dwar l-implimentazzjoni tat-TSD fir-rapport. Il-fokus tiegħu għandu jhars lil hinn mill-attivitajiet imwettqa u jikkonkretizza l-eżiti tagħhom, il-fehmiet u l-opinjoni jiet espressi kif ukoll il-miżuri ta' segwitu. Il-KESE jiddispaċih b'mod partikolari li l-ħidma u l-vuċi tad-DAGs fil-monitoraġġ tal-impatt tal-ftehimiet fuq l-impenji tat-TSD ġew fil-parti l-kbira tagħhom injorati fir-rapport, minkejja l-kontribut istituzzjonali tagħhom skont il-ftehimiet kollha tal-ġenerazzjoni l-ġdida. Il-kontribut tal-programmi ta' ħidma tad-DAG u d-Dikjarazzjonijiet Konġunti mad-DAGs fil-pajjiżi msieħba għandhom jiġu riflessi aktar fir-rapporti futuri.

5. Kummenti speċifiċi dwar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles

5.1. Is-soċjetà ċivili taqdi rwol importanti biex tqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali tal-UE, tista' tgħin biex tikkomunika l-benefiċċji tagħha u hija kruċjali biex jiġu identifikati t-tħassib u n-nuqqasijiet. Il-KESE jaqdi parti attiva f'dan kollu, permezz tal-Opinjoni jiet tiegħu u bħala membru tad-DAGs. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-DAGs futuri biex jiġu mmonitorjati l-aspetti kollha tal-ftehim, b'enfasi speċjali fuq il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, jistgħu jikkomplementaw l-isforzi tal-KE biex tippromovi implimentazzjoni aħjar tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles futuri tal-UE. Għaldaqstant, il-KESE jappoġġja din l-estensjoni⁽¹³⁾.

5.2. Id-DAGs huma kisba ewlenija tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-ġenerazzjoni l-ġdida, iżda dawn għandhom jissaħħu biex ikunu jistgħu jwettqu b'suċċess il-kompiti ta' monitoraġġ tagħhom, b'mod partikolari dwar it-TSD, fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles futuri tal-UE, u lil hinn minn dan. Il-grupp ta' esperti stabbilit mal-Istati Membri dwar it-TSD, u s-CTEO l-ġdid, għandhom ikunu marbuta mill-qrib mal-ħidma tad-DAGs, filwaqt li għandhom jiġu stabbiliti strutturi ta' rapportar u skambju. Dan għandu jiġi kkomplementat bi skambju ta' informazzjoni mal-ILO dwar implimentazzjoni tat-TSD relatati max-xogħol. Għal aktar viżibbiltà u segwitu interistituzzjonali, jeħtieġ li jsir djalogu strutturali bejn id-DAGs tal-UE, il-KE, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), il-Parlament Ewropew (PE) u l-Istati Membri. Sabiex isir l-aħjar użu mid-djalogu mas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi msieħba, il-laqgħat konġunti bejn id-DAGs huma imperattivi u għandhom jiġu inklużi meta jiġi nnegozjat it-test tal-ftehim. Tabilħaqq, id-DAGs jistgħu jikkontribwixxu

⁽¹¹⁾ Minħabba li s-servizzi jammontaw ukoll għal sehem sinifikanti ta' 34 % fl-esportazzjonijiet ta' prodotti manifatturati. Id-data kollha mill-bażi tad-data dwar il-Kummerċ fil-Valur Miżjud (TiVA), 2016.

⁽¹²⁾ ĠU C 227, 28.6.2018, p. 27.

⁽¹³⁾ ĠU C 159, 10.5.2019, p. 28.

b'mod utli permezz ta' proġetti konġunti u rakkomandazzjonijiet konġunti. Bl-għadd dejjem jikber ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles, u konsegwentement tad-DAGs, hemm hteġġa urġenti li jiġu implimentati soluzzjonijiet sistemiċi b'rizzorsi xierqa stabbiliti, kemm umani kif ukoll finanzjarji. Ma hemmx soluzzjoni waħda tajba għal kulħadd. Kwalunkwe approċċ ġdid potenzjali, bħar-reġjonalizzazzjoni tad-DAGs, se jkollu jiggarrantixxi l-funzjonament effettiv tagħhom biex jiġu indirizzati l-isfidi fl-implimentazzjoni tal-ftehim speċifiku u jiġu involuti d-DAGs stess fit-tfassil tiegħu.

5.3. Il-KESE jilqa' bil-qawwa sensiela ta' sforzi reċenti biex jittejjbu l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles. Il-ħatra ta' CTEO turi impenn u strateġija politiċi ċari. Dan għandu jirriżulta f'implimentazzjoni u infurzar aktar effettivi tal-elementi kollha tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, u fit-tisħiħ tar-rwol tas-soċjetà ċivili għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet, inkluż billi tressaq l-ilmenti. Id-dokument informali reċenti tal-ministri kummerċjali Franċiżi u Netherlandiżi⁽¹⁴⁾ huwa inizzjattiva milqugħa tajjeb biex jitnieda dibattitu ġdid dwar kif għandu jiġi żgurat li l-kapitoli tat-TSD jissodisfaw bis-sħiħ l-impenji legalment vinkolanti tagħhom. Dan id-dibattitu jeħtieġ li jagħti l-istess importanza lill-istandards ambjentali u tax-xogħol fuq l-aġenda ta' implimentazzjoni u infurzar. Filwaqt li jirrifletti r-relazzjoni unika tagħhom, l-abbozz tat-test tal-UE għal ftehim kummerċjali futur tar-Renju Unit jistabbilixxi perkors ġdid biex ipoġġi quddiem nett il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u s-sostenibbiltà, u b'mod partikolari, għal kwalunkwe ksur, japplika l-mekkaniżmu ġenerali għas-soluzzjoni tat-tilwim b'aċċess għal rimedji⁽¹⁵⁾. Il-fatt li r-rispett għall-ftehim ta' Pariġi jsir element essenzjali għall-ftehimiet kummerċjali komprensivi kollha futuri, kif imħabbar fil-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku⁽¹⁶⁾, huwa pass pożittiv li għandu jiġi estiż biex jiġu inklużi wkoll ir-rispett u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjonijiet fundamentali u aġġornati tal-ILO li rratifikaw l-Istati Membri kollha tal-UE. F'konformità mal-inizzjattiva l-ġdida tagħha, l-ILO għandha tkun involuta fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjonijiet tal-ILO fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, peress li hija rikonoxxuta fil-livell internazzjonali, biex timmonitorja, tassisti, tinvestiga l-ksur u tipproponi soluzzjonijiet.

5.4. Bosta snin wara li ġew konklużi l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, għadna naraw nuqqas ta' progress fil-konformità mal-impenji tat-TSD f'xi pajjiżi msieħba. F'Diċembru 2018, l-UE talbet għat-twaqqif ta' Bord ta' Esperti biex iwettaq inkjesta dwar it-tilwima bejn l-UE u l-Korea dwar id-drittijiet tal-ħaddiema, b'mod partikolari n-nuqqas ta' ratifika tal-Konvenzjonijiet fundamentali u aġġornati tal-ILO. Il-KESE jilqa' dan l-ewwel użu li qatt sar tal-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim relatat mat-TSD⁽¹⁷⁾; jiddispijaċih biss dwar it-tul tal-proċedura fid-dawl tal-fatt li l-ftehim ġie rratifikat tmien snin ilu. Għaldaqstant, il-KESE rakkomanda li jissaħħu aktar il-mekkaniżmi tal-monitoraġġ tas-soċjetà ċivili billi dawn jitħallew "[i]wasslu għat-tneđija b'mod indipendenti ta' investigazzjonijiet fir-rigward tal-ksur ta' impenji ċari tat-TSD"⁽¹⁸⁾. Sfortunatament, il-kamp ta' applikazzjoni tal-bord ma kienx jinkludi diversi dispożizzjonijiet u ksur leġislativi addizzjonali tad-dritt tal-libertà ta' assoċjazzjoni, li l-ILO talbet lill-Korea biex tirratifika⁽¹⁹⁾. Il-preżentazzjoni orali tal-atturi tas-soċjetà ċivili, lil hinn mis-sottomissjonijiet amicus curiae bil-miktub, għandha tiffirma parti integrali mis-seduta ta' smieġ tal-bord. L-eżitu tar-rapport tal-bord u l-impatt vinkolanti tiegħu għadhom iridu jiġu eżaminati, peress li l-kapitoli attwali tat-TSD m'għandhomx għodod ta' infurzar b'kopertura usa'. F'dan ir-rigward, il-KESE jitlob li jsir progress b'saħħtu fir-rieżami tas-CETA tal-eżegwibbiltà effettiva tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħaddiema u l-ambjent⁽²⁰⁾. Il-proċess ta' rieżami għandu jinvolti u jikkonsulta mill-qrib id-DAGs taż-żewġ partijiet⁽²¹⁾.

5.5. Il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles joffru potenzjal konsiderevoli għall-esportazzjonijiet tal-UE fil-prodotti agrikoli filwaqt li l-GIs iżidu l-kompetittività tal-produtturi agroalimentari tal-UE kemm fi ħdan l-UE kif ukoll barra minnha. B'importazzjonijiet u esportazzjonijiet ikkombinati ta' EUR 254 biljun fl-2018, l-UE hija n-negozjant ewlieni dinji fil-prodotti agroalimentari⁽²²⁾. Filwaqt li l-kummerċ agroalimentari ta' spiss jiġi skrutinizzat ħafna matul in-negozjati,

⁽¹⁴⁾ Ara nota 5 f'qiegħ il-paġna.

⁽¹⁵⁾ L-abbozz tat-test tal-ftehim dwar is-Sħubija l-Ġdida mar-Renju Unit, 18 ta' Marzu 2020.

⁽¹⁶⁾ COM(2019) 640 final.

⁽¹⁷⁾ Jieħu nota ta' żewġ soluzzjonijiet għat-tilwim li tnedew fl-2019, b'mod partikolari mal-Ukrajna u l-Unjoni Doganali tal-Afrika t'Isfel, skont il-mekkaniżmu ġenerali għas-soluzzjoni tat-tilwim tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles.

⁽¹⁸⁾ ĠU C 227, 28.6.2018, p. 27.

⁽¹⁹⁾ Amicus curiae għall-attenzjoni tal-Bord ta' Esperti li jivvaluta l-aderenza tar-Repubblika tal-Korea mal-kapitolu tas-sostenibbiltà, Jannar 2020.

⁽²⁰⁾ Ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna.

⁽²¹⁾ Dikjarazzjoni Konġunta tad-DAGs tal-UE u l-Kanada, Novembru 2019.

⁽²²⁾ Agri-food trade in 2018 (Il-kummerċ agroalimentari fl-2018 — mhux disponibbli bil-Malti), DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali, 2019.

l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tidher li m'għandhiex għanijiet ambizzjużi. It-traċċabbiltà tal-prodotti u l-kapaċità li jinfurzwaw il-prinċipju ta' prekawżjoni huma essenzjali biex jiġi żgurat li jkun hemm ikel ta' kwalità tajba u provvista sigura kemm f'termini ta' kwantità, kif ukoll ta' kwalità. Il-monitoraġġ effiċjenti tal-Istandards Sanitarji u Fitosanitarji (SPS) jitlob li jsiru spezzjonijiet b'rizzorsi xierqa.

5.6. Minkejja l-opportunitajiet sinifikanti għall-kumpaniji, għad m'hemmx sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, b'mod partikolari l-ewwel ftit snin tal-implimentazzjoni tagħhom. Il-KE u l-Istati Membri għandhom jippromovu l-ftehimiet, f'kooperazzjoni mal-komunità kummerċjali tal-UE fil-lingwi nazzjonali rispettivi tagħhom fost l-esportaturi potenzjali biex jiġu eliminati d-diskrepanzi fl-għarfien, b'mod partikolari fost l-SMEs. L-azzjoni tista' tinkludi l-iżvilupp ta' pjani ta' azzjoni nazzjonali għall-implimentazzjoni għal kull ftehim ta' kummerċ ħieles qabel ma jidħol fis-seħħ.

5.7. Bħala benefiċjarji diretti mill-iffrankar tad-dazji, l-importaturi fil-pajjiżi msieħba kummerċjali huma atturi ewlenin fl-użu tal-preferenzi tariffarji skont ftehim ta' kummerċ ħieles. Dawn għandhom jitqiesu fi kwalunkwe sforz tal-UE biex iżżid il-PUR għall-esportazzjonijiet tagħha. L-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni jistgħu jinkludu seminars dwar l-opportunitajiet offruti mill-ftehim ta' kummerċ ħieles rispettiv u dwar kif wieħed għandu japplika għal preferenzi tariffarji. Is-sensibilizzazzjoni tal-UE fil-pajjiżi msieħba fil-ftehim ta' kummerċ ħieles għandha titwettagħ f'kooperazzjoni mill-qrib bejn id-delegazzjonijiet tal-UE, ir-rappreżentanti nazzjonali u r-rappreżentanti tan-negożju, inklużi l-kmamar tal-kummerċ.

5.8. Is-servizzi jikkostitwixxu volum kbir mid-dispożizzjonijiet moderni tal-ftehim ta' kummerċ ħieles, iżda l-vantaġġi tagħhom huma diffiċli aktar biex jinqraw mit-tnaqqis fit-tariffi. Hawnhekk, it-trasparenza dwar ir-rekwiżiti regolatorji fis-swieq terzi hija essenzjali biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ. Il-fużjoni li jmiss tal-Bażi tad-Data dwar l-Aċċess għas-Suq tal-UE u l-Helpdesk Kummerċjali tipprovdi opportunità biex ma jiġux koperti biss il-prodotti, iżda anke s-servizzi b'mod konsistenti. Portal ġdid għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-aċċess għas-suq u r-restrizzjonijiet tiegħu skont il-mod ta' provvista għal kull Kodiċi CPC⁽²³⁾, kif ukoll informazzjoni dwar id-dokumentazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni, il-liċenzjar, l-ittejtjar u rekwiżiti oħra skont is-settur. Barra minn hekk, gwida għall-esportaturi u l-investituri tas-servizzi Ewropej għall-aktar imsieħba kummerċjali preferenzjali importanti tal-UE għas-servizzi, bħall-Ġappun jew il-Kanada, tista' tkun ta' għajnunha.

5.9. L-UE hija l-aktar suq tal-akkwist pubbliku miftuħ fid-dinja u l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles jipprovdu regoli komprensivi u opportunitajiet sinifikanti ta' aċċess għas-suq tal-akkwist għall-kumpaniji Ewropej fil-pajjiżi msieħba. Madankollu, hemm nuqqas ta' trasparenza u nuqqas ta' miżuri koerenti biex jiġu integrati l-klawżoli tax-xogħol fl-ikkuntrattar, il-politiki u l-prattiki pubbliċi⁽²⁴⁾, li għandhom jiġu riflessi fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles. Il-pubblikazzjoni tal-offerti tal-pajjiżi terzi f'taqsimha ddedikata tal-bażi tad-data tal-Offerti Elettroniċi ta' Kuljum tal-UE ttejjeb bil-bosta l-kapaċità tal-kumpaniji Ewropej ta' kull daqs biex jibbenefikaw mill-kapitolu tal-akkwist. Barra minn hekk, għodda ta' traduzzjoni awtomatika speċjalizzata fil-lingwi kollha tal-UE għall-offerti pubbliċi tista' tgħin biex jingħeleb l-ostakolu tal-lingwa.

5.10. Biex jibbenefikaw minn dazji preferenzjali skont il-ftehim ta' kummerċ ħieles, il-prodotti għandhom jikkonformaw mar-regoli tal-orijini (ROOs). It-tnaqqis tal-ispiża amministrattiva li tirriżulta mill-applikazzjoni tat-tariffi preferenzjali jeħtieġ li jitqies bħala fattur ewleni biex tiżded il-PUR, b'mod partikolari għal tranżazzjonijiet ta' valur baxx. Is-semplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-ROOs bejn ftehimiet ta' kummerċ ħieles differenti jistgħu jkunu kruċjali f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, l-approċċ il-ġdid għall-verifika tal-orijini li ġie miftiehem fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles mal-Kanada u l-Ġappun, bl-awtorità tal-importazzjoni tiddetermina jekk il-prodotti jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' orijini, jista' de facto jirrikjedi lill-esportatur jitransferixxi data kummerċjalment sensitiva.

5.11. Il-kapitolu tal-investment fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles jipprovdu ċertezza legali għal Investment Dirett Barrani (FDI) eżoġenu u endoġenu u jneħħu l-ostakoli għall-investment. Il-kumpaniji Ewropej huma l-mexxejja fir-rigward tal-provvista ta' investimenti sostenibbli u fit-tul fuq livell globali. Madankollu, li wieħed jattira dawn l-investimenti għadha sfida. Il-Pjan ta' Investment Estern (PIE) tal-UE, li jiffoka fuq l-iżvilupp sostenibbli, l-impjiegi u t-tkabbir, huwa pass promettenti f'dan ir-rigward, iżda huwa limitat iżżejjed ġeografikament, tematikament u f'termini ta' finanzjament disponibbli. L-UE tista' tappoġġja din l-istrateġija billi tagħti prijorità politika lill-kwistjonijiet relatati mal-investment sostenibbli rilevanti matul żjarat uffiċjali, laqgħat u missjonijiet ta' livell għoli f'dawn il-pajjiżi, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri tagħha u l-komunità tan-negożju tal-UE.

⁽²³⁾ Kodiċi tal-Klassifikazzjoni tal-Prodotti Ċentrali skont il-lista tal-klassifikazzjoni settorjali tas-servizzi tad-WTO.

⁽²⁴⁾ Stħarriġ Ġenerali tal-ILO 2008, Labour clauses in public contracts. Integrating the social dimension into procurement policies and practices (Klawżoli tax-xogħol fil-kuntratti pubbliċi. L-integrazzjoni tad-dimensjoni soċjali fil-politiki u l-prattiki tal-akkwist — mhux disponibbli bil-Malti).

5.12. Il-kumpaniji Ewropej li joperaw fil-pajjiżi terzi huma xpruni u infurzaturi ewlenin tal-Imġiba Responsabbli fin-Negozju (RBC). Il-KESE jinnota li d-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltajiet tan-negozju fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment qed jiżdedu u qed imorru f'diversi direzzjonijiet ⁽²⁵⁾. Filwaqt li l-kumpaniji Ewropej huma mexxejja dinjija f'dan il-qasam, l-UE tinsab f'pożizzjoni unika biex tieħu t-tmexxija fir-rigward tad-diliġenza dovuta; b'konsegwenza ta' dan, il-KESE jilqa' l-fatt li l-KE qed issegwi r-rakkomandazzjoni tiegħu biex tipproponi leġiżlazzjoni tal-UE f'dan il-qasam ⁽²⁶⁾.

Brussell, is-16 ta' Lulju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽²⁵⁾ "Business Responsibilities and Investment Treaties" (Ir-Responsabbiltajiet tan-Negozju u t-Trattati dwar l-Investiment – mhux disponibbli bil-Malti), Dokument ta' diskussjoni mis-Segretarjat tal-OECD, Jannar 2020.

⁽²⁶⁾ ĠU C 47, 11.2.2020, p. 38.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT